- (16) Jeħtieġ li jitkejjel il-progress miksub **fil-prevenzjoni ta' l-użu ta' pestiċidi u tar-riskji** u l-impatti negattivi **tagħhom** fuq saħħet il-bniedem u l-ambjent. Il-mezzi xierqa huma indikaturi **ta' l-użu u tar-riskju** armonizzati li se jiġi stabbiliti fil-livell Komunitarju. L-Istati Membri għandhom jużaw dawn l-indikaturi għall-ġestjoni **tat-tnaqqis fl-użu tal-pestiċidi u tat-tnaqqis tar-riskju** fil-livell nazzjonali u għal skopijiet ta' rappurtar, filwaqt li l-Kummissjoni għandha tikkalkula l-indikaturi biex tevalwa l-progress fil-livell Komunitarju. Sakemm isiru disponibbli l-indikaturi komuni, l-Istati Membri għandhom ikunu intitolati jużaw l-indikaturi nazzjonali tagħhom, **li għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u jirrelataw kemm mar-riskji għas-saħħa u għall-ambjent mill-użu tal-pestiċidi.**
- (17) **Bil-għan li tapplika l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, il-Kummissjoni għandha teżamina metodi xierqa ta' kif tinvolvi l-manifatturi tal-pestiċidi u/jew is-sustanzi attivi tagħhom fil-ħidma tat-trattament ta' u l-irranġar tal-ħsara li tista' tkun ikkawżata lis-saħħa tal-bniedem jew lill-ambjent permezz ta' l-użu ta' pestiċidi.**
- (18) L-Istati Membri għandhom jstabbilixxu regoli dwar il-penalitajiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penalitajiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.
- (19) Minħabba li l-għanijiet tad-Direttiva, jiġifieri biex titħares saħħet il-bniedem u l-ambjent mir-riskji possibbli marbuta ma' l-użu tal-pestiċidi, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u għalhekk jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju, minħabba d-daqs u l-effetti ta' l-azzjoni, il-Komunità ti sta' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu daww il-għanijiet.
- (20) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tresserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, għandha l-għan li tipromwovi l-integrazzjoni ta' livell għoli ta' protezzjoni ambjentali fil-politiki tal-Komunità, f'konformità mal-prinċipju ta' l-iżvilupp sostenibbli kif stipulat fl-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9.

(²) ĠU L 377, 31.12.1991, p. 20. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 166/2006 (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- (21) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għal eżerċizzju ta' poteri ta' implementazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni⁽¹⁾.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Kapitolu I Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas *sabiex jintlaħaq* użu iktar sostenibbli tal-pestiċidi billi tnaqqas ***l-użu u r-riskji u l-impatti ta' l-użu tal-pestiċidi fuq saħħet il-bniedem u l-ambjent f'mod li huwa konsistenti mal-ħtiġijiet tal-protezzjoni tal-pjanti f'konformità mal-prinċipju ta' prekawżjoni u tinkoraġġixxi l-promozzjoni u l-adozzjoni ta' alternattivi mhux kimiċi għalpestiċidi.***

Artikolu 2

Kamp t' applikazzjoni

- Din id-Direttiva għandha tapplika għall-pestiċidi f'għamla ta':
 - prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif definiti fir-Regolament (KE) Nru ... [dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti], ***għall-użu f'kuntesti agrikoli u mhux agrikoli,***
 - prodotti bijoloġiċi kif definiti fid-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq⁽²⁾ ta' prodotti bijoloġiċi li jagħmlu parti mit-tip ta' prodotti 14 sa 19 kif definiti fl-Anness V tagħha.***
- Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe leġislazzjoni Komunitarja oħra ***jew għal kwalunkwe miżuri fiskali nazzjonali li jinkoraġġixxu l-użu ta' pestiċidi li jagħmlu anqas ħsara.***
- L-Istati Membri jistgħu jipprovdu sussidji jew jieħdu miżuri fiskali biex jinkoraġġixxu l-użu ta' pestiċidi li jagħmlu inqas ħsara. Dan jista' jinkludi l-introduzzjoni ta' imposta fuq il-pestiċidi għall-prodotti kollha ħliet il-prodotti mhux kimiċi jew prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'livell ta' riskju baxx kif definit fl-Artikolu [50(1)] tar-Regolament (KE) Nru ... [rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti].***
- Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva m'għandhomx iżommu lill-Istati Membri milli japplikaw il-prinċipju ta' prekawżjoni fit-tnaqqis jew fil-projbizzjoni ta' l-użu tal-pestiċidi.***

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "użu" tfisser l-operazzjonijiet kollha mwettqa b'pestiċidju, bħall-ħzin, it-tqandil, id-dilwizzjoni, it-tahlit u l-applikazzjoni;

⁽¹⁾ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. *Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, tat-22.7.2006, p. 11).*

⁽²⁾ ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1. *Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2007/47/KE (ĠU L 247, 21.9.2007, p. 21).*

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- (2) “**utent**” tfisser kwalunkwe persuna naturali jew ġuridika li tuża l-pestiċidi fil-qafas ta' l-attività tagħha, **kemm jekk taħdem għal rasha, impjegata jew imqabba għal kompitu speċjali; rigward “l-utenti professjonali”, l-Istati Membri jistgħu jiddistingwu bejn daww intitolati li jużaw il-pestiċidi biss fl-intrapriżi tagħhom u daww intitolati li jipprovdu servizzi ta' pestiċidi lil holdings li huma propjetà ta' terzi;**
- Barra minn hekk, faċilitajiet għall-mogħdija taż-żmien bħal golf courses, kortes tat-tennis, kif ukoll awtoritajiet lokali b' u parks pubbliċi, kif ukoll infrastruttura bħal żoni ta' parkeġġ ta' karozzi, toroq, ferroviji, u oħrajn, għandhom jitqiesu bħala utenti;**
- (3) “distributtur” tfisser kwalunkwe persuna naturali jew ġuridika li tagħmel pestiċida disponibbli fis-suq inklużi l-bejjiegħa bl-ingrossa u bl-imnut, vendituri u fornituri;
- (4) “konsulent” tfisser kwalunkwe persuna naturali jew ġuridika li **għandha l-livell ta' edukazzjoni u taħriġ stipulat mill-Istati Membri li jawtorizzaha sabiex tipprovi pariri dwar l-użu tal-pestiċidi, fil-qafas ta' l-użi awtorizzati mill-pajjiż fejn hu magħmul il-pestiċida u tal-limiti tar-residwi massimi stipulati mill-Komunità;**
- (5) “tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi” tfisser kwalunkwe apparat **użat** għall-applikazzjoni tal-pestiċidi jew ta' prodotti li fihom il-pestiċidi;
- (6) “aċċessorji għall-applikazzjoni tal-pestiċidi” tfisser apparat li ji sta' jitwaxx fuq tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi, li huma essenzjali għat-tħaddim tajjeb tiegħu, bħal żnienen, manometri, filters, pas-saturi u apparat għat-tindif tat-tank;
- (7) “bexx mill-ajru” tfisser kwalunkwe applikazzjoni tal-pestiċidi permezz ta' **inġenju li jtir;**
- (8) “għestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara” tfisser għestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara kif definita fl-Artikolu [3(23)] tar-Regolament (KE) Nru ...[rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti];
- (9) “indikatur tar-riskju” tfisser parametru li ji sta' jintuża biex jiġu evalwati l-impatti ta' l-użu tal-pestiċidi fuq saħħet il-bniedem u l-ambjent;
- (10) “**metodi mhux kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti u għall-għestjoni ta' organiżmi ta' ħsara u ta' l-uċuħ tar-raba**” tfisser l-użu ta' tekniki għall-kontroll u l-għestjoni ta' organiżmi ta' ħsara li ma jiddipendux fuq karatteristiċi kimiċi. **Metodi mhux kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti u għall-għestjoni ta' l-organiżmi ta' ħsara u ta' l-uċuħ tar-raba** jinkludu n-newba ta' l-uċuħ tar-raba', il-kontroll fiżiku u mekkaniku u l-għestjoni ta' predaturi naturali;
- (11) “**frekwenza ta' l-applikazzjoni**” tirreferi għall-indikatur ta' l-użu li jesprimi n-numru medju ta' drabi li art agrikola tista' tkun trattata bid-doża preskritta, ikkalkulata fuq il-bażi ta' kwantitajiet totali ta' kull pestiċida mibjugħ;
- (12) “**pestiċida**” tfisser prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kif definit fir-Regolament (KE) Nru ... [li jikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti];
- (13) “**tnaqqis fl-użu**” tfisser tnaqqis fl-applikazzjonijiet ta' pestiċidi u mhux neċessarjament jiddependi fuq il-volum;
- (14) **L'indiċi ta' frekwenza ta' trattament** huwa bbażat fuq doża standard fissa ta' sustanza attiva kull ettaru li hi meħtieġa għat-trattament kontra l-organiżmu ta' ħsara ikkonċernat. **Għalhekk, dan mhux neċessarjament huwa dipendenti fuq il-volum u jista' jintuża sabiex jevalwa t-tnaqqis fl-użu.**

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Artikolu 4

Pjanijiet nazzjonali ta' azzjoni biex inaqqsu r-riskji u l-użu tal-pestiċidi

1. Mhus aktar tard minn ...⁽¹⁾, l-Istati Membri għandhom jadottaw rapport ta' riferenza skond l-Anness III, bil-għan li jidentifikaw tendenzi nazzjonali fl-użu tal-pestiċidi u fir-riskji, u l-oqsma u l-uċuh tar-raba' ta' prijorità li għandhom ikunu indirizzati fil-pjan ta' azzjoni nazzjonali.

2. L-Istati Membri, wara li jikkonsultaw l-assoċjazzjonijiet tal-bdiewa u tal-koltivaturi ta' l-għeneb għall-inbid, l-organizzazzjonijiet ta' protezzjoni ambjentali u s-settur industrijali u setturi konċernati oħra, għandhom jadottaw u jimplimentaw mingħajr dewmien żejjed. Il-pjanijiet nazzjonali ta' azzjoni għandhom bħala minimu jinkludu:

- a) għal affarijiet oħra apparti pestiċidi bijoloġiċi u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ta' riskju baxx kif definiti fl-Artikolu [50(1)] tar-Regolament...[rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti], użu kwantitattiv ta' objettivi għal tnaqqis imkejla bħala indiċi ta' trattament. L-indiċi ta' trattament se jkun adattat għall-kundizzjonijiet speċifiċi ta' kull Stat Membru. L-indiċi ta' trattament se jkollu jiġi komunikat immedjatament lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tagħha. Għal sustanzi attivi ta' tħassib kbir, il-mira ta' tnaqqis tal-anqas se tkun għal tnaqqis ta' 50 % meta mqabbla ma' l-indiċi ta' frekwenza kkalkulat għas-sena 2005 sa l-aħħar ta' 2013, sakemm l-Istat Membru ma jippruvax li diġà laħaq mira komparabbli jew ogħla bbażata fuq sena oħra ta' referenza mill-perjodu 1995-2004;
- b) għal formulazzjonijiet ta' pestiċidi klassifikati bħala tossiċi jew tossiċi ħafna skond id-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 1999 rigward l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni, l-ippakkettar u t-tikkettar ta' preparazzjonijiet perikolużi⁽¹⁾, mira ta' tnaqqis ta' użu kwantitattiv imkejla bħala volumi solidi. Din il-mira tal-anqas se tkun għal tnaqqis ta' 50 % meta mqabbla mas-sena 2005 sa l-aħħar ta' 2013, sakemm l-Istat Membru ma jippruvax li diġà laħaq mira komparabbli jew ogħla bbażata fuq sena oħra ta' referenza mill-perjodu 1995-2004.

L-Istati membri jistgħu wkoll jagħżlu li jiddeċiedu li jiffissaw l-istess objettivi għat-tnaqqis tar-riskju, minflok objettivi għat-tnaqqis ta' l-użu. It-tnaqqis tar-riskju jista' jitkejjel bl-użu ta' l-indikaturi tar-riskju kif provdut fl-Artikolu 15 u l-Istati Membri li jagħżlu t-tnaqqis tar-riskju għandhom jagħżlu sena ta' riferenza mill-perjodu 1995-2005.

Pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għandhom jinkludu l-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara skond l-Artikolu 14, bi prijorità lil metodi mhux kimiċi ta' protezzjoni ta' l-uċuh tar-raba' u bdiewa li jagħżlu li jużaw prodotti għall-protezzjoni ta' l-uċuh li mhumiex kimiċi.

3. Is-sena ta' referenza għandha tkun il-medja ta' l-użu u tar-riskji fl-aħħar tliet snin kalendarji "Jannar sa Diċembru" qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

4. Fit-tfassil u r-reviżjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali, l-Istati Membri għandhom iqisu kif jixraq l-impatti fuq is-saħħa pubblika, l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali tal-miżuri previsti, il-kundizzjonijiet speċifiċi nazzjonali, reġjonali u lokali u l-gruppi interessati rilevanti kollha. Ir-rekwiżiti minimi għall-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali jinsabu mniżżla fid-dokument ta' gwida fl-Anness IV.

Il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għandhom jinkludu, jekk meħtieġ, informazzjoni dwar l-aspetti elenkati fl-Artikoli 5 sa 14. Għandhom jikkunsidraw pjanijiet taħt leġiżlazzjoni Komunitarja oħra dwar l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, bħall miżuri ppjanati skond id-Direttiva 2000/60/KE.

⁽¹⁾ Sena wara d-dħul fis-seħħ.

⁽¹⁾ ĠU L 200, 30.7.1999, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Il-miżuri fil-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali jistgħu jkunu, partikolarment, ta' natura leġiżlattiva, fiskali jew volontarja u għandhom ikunu bbażati fuq is-sejbiet tal-valutazzjonijiet rilevanti ta' riskju.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu biex jiffinanzjaw l-introduzzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali.

5. Mhux aktar tard minn... (*), l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw il-pjanijiet nazzjonali ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

Il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għandhom jiġu riveduti mill-inqas kull tliet snin u aġġornati skond l-ilhug ta' l-oġettivi. Il-monitoraġġ jinkludi wkoll analiżi dwar jekk ir-riskji ġewx meqjusa b'mod xieraq jew jekk iridux jergħu jiġu evalwati. Kull bdil fil-pjani ta' azzjoni nazzjonali kif ukoll ir-riżultati essenzjali tal-monitoraġġ għandhom jiġu rrapportati lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-pubbliku, fuq websajt, l-informazzjoni rrapportata skond dan il-paragrafu.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli lill-pajjiżi terzi u lill-pubbliku l-informazzjoni ikkomunikata skond dan il-paragrafu.

6. Kull sentejn, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport li jippreżenta r-riżultati ta' l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi portal ta' l-Internet sabiex tinforma lill-pubbliku dwar il-pjani ta' azzjoni nazzjonali, kwalunkwe tibdil u r-riżultati essenzjali ta' l-implimentazzjoni tagħhom.

7. Id-dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni pubblika kif stipulata fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/35/KE għandhom japplikaw għall-preparazzjoni u l-modifika tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali.

8. L-Istati Membri se jsaħħu l-isforzi tagħhom biex jimmonitorjaw u jimpedixxu l-użu illegali ta' pestiċidi, f'kollaborazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti.

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw fuq bażi regolari dwar il-kontrolli fis-seħħ rigward l-użu illegali.

Kapitolu II

Taħriġ, Programmi ta' għarfien u Bejgħ tal-pestiċidi

Artikolu 5

Taħriġ

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-utenti professjonali, id-distributuri u l-konsulenti kollha jkollhom aċċess għal formazzjoni, taħriġ u taħriġ avvanzat li jkunu xierqa u organizzati indipendentement, inkluż l-aġġornament regolari dwar l-informazzjoni ġdida disponibbli dwar l-użu sostenibbli u tajjeb ta' pestiċidi li jirriflettu l-livell ta' responsabilità ta' dawk ikkonċernati u r-rwol speċifiku tagħhom rigward il-ġestjoni integrata ta' l-organiżmi ta' ħsara. Għal dan il-għan se jkunu stipulati rekwiżiti minimi li jorbtu madwar il-Komunità kollha.

Fil-każ ta' mikrointrapriżi agricoli jew ta' l-inbid l-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna waħda li taħdem bħala utent professjonali fis-sens ta' l-Artikolu 3(2) jkollha l-aċċess għal dan it-taħriġ.

(*) Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva..

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

It-tahriġ **jew it-tahriġ avvanzat** għandu jiġi ddizinjat sabiex ikun żgurat li jinkiseb biżżejjed għarfien dwar is-suġġetti elenkati fl-Anness I.

2. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-utenti professjonali, id-distributuri u l-konsulenti jkunu konxji mill-eżistenza u r-riskji tal-pestiċidi illegali (ffalsifikati), u li jkunu mħarrġa kif xieraq biex jidentifikaw dawn il-prodotti.**

3. Mhux aktar tard minn...^(*), l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu **sistema ta' valutazzjoni. Għandhom jinħarġu ċertifikati adegwati li juru għarfien tal-kontenut ta' l-Anness I. Is-sistema għandha tinkorpora regoli dwar l-kundizzjonijiet minn qabel għall-għoti, il-perjodu ta' validità u l-irtirar ta' ċertifikati.**

Iċ-ċertifikat maħruġ lil wieħed li jitħarreġ (sakemm dan ikun utent professjonali minn mikrointrapriża agrikola jew ta' l-inbid) għandu jkun validu għal dik l-intrapriża agrikola jew ta' l-inbid, b'referenza partikulari għad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 6(2).

4. Il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura **ta' regolazzjoni bi skrutinju** msemmija fl- **Artikolu 20(2)**, temenda l-Anness I, sabiex jiġi adattat għall-progress tekniku u xjentifiku.

Bħala konsegwenza, kif u meta l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli jqisu li huwa meħtieġ, id-detenturi ta' ċertifikati msemmija fl-Anness I għandhom jintalbu jattendu għal taħriġ ta' aġġornament.

Artikolu 6

Rekwiżiti għall-bejgħ tal-pestiċidi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-distributuri li jbigħu l-pestiċidi **jkollhom mill-inqas** persuna waħda fl-impjeg tagħhom li għandha iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 5(3) u li għandha tkun preżenti u disponibbli fil-post tal-bejgħ biex tipprovdi **informazzjoni** lill-klijenti rigward l-użu tal-pestiċidi **kif ukoll dwar ir-riskji għas-saħħa u għall-ambjent u dwar l-impatti negattivi potenzjali assoċjati magħhom. Iċ-ċertifikat ma jistax ikun eqdem minn 7 snin.**

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-bejgħ tal-pestiċidi **awtorizzati jkun ristrett** għal utenti professjonali li jkollhom fil-pussess tagħhom iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 5(3) **u, skond il-parir ta' professjonisti kompetenti u kwalifikati b'mod xieraq maħtura mill-Istati Membri.**

3. L-Istati Membri għandhom jobbligaw lid-distributuri li jqiegħdu fis-suq il-pestiċidi mhux għal użu professjonali biex jipprovdu **informazzjoni** ġenerali dwar ir-riskji **u l-impatti negattivi potenzjali fuq is-saħħa u l-ambjent** ta' l-użu tal-pestiċidi, partikolarment il-perikli, l-esponiment, il-ħżin tajjeb, it-tqandil u l-applikazzjoni, kif ukoll ir-rimi. **Dan għandu japplika wkoll għall-bejgħ minn fuq l-internet. Jekk ix-xerrej ikollu ċertifikat maħruġ skond l-Artikolu 5(3), il-preżentazzjoni ta' dan iċ-ċertifikat hija biżżejjed sabiex ikun jista' jakkwista l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.**

Il-miżuri previsti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu stabbiliti mhux aktar tard minn...^(**).

4. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri eżistenti ta' spezzjoni u infurzar ikunu użati biex ikun żgurat li ma jinbiegħux prodotti illegali (folz) għall-protezzjoni tal-pjanti.**

Artikolu 7

Programmi ta' informazzjoni, monitoraġġ u riċerka

1. L-Istati Membri għandhom jipromwovu u jiffaċilitaw programmi ta' **informazzjoni** u d-disponibilità ta' **informazzjoni maħsuba għall-pubbliku ġenerali** dwar l-użu u r-riskji tal-pestiċidi u l-effetti **potenzjalment qawwija u kroniċi** fuq is-saħħa u l-ambjent **kkawżati mill-użu tagħhom. Barra minn hekk, se tingħata informazzjoni dwar ir-rwol tal-pestiċidi fl-agrikoltura u fil-produzzjoni ta' l-ikel, l-użu responsabbli tal-pestiċidi, perikli u alternattivi li mhumiex kimiċi.**

^(*) **Ħames snin** mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

^(**) **Erba' snin** mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

2. *L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi obbligatorji biex tinġabar informazzjoni rigward inċidenti ta' avvelenament qawwi u kroniku mill-pestiċidi, speċjalment fost operaturi tal-pestiċidi, haċ-diema, residenti u gruppi oħra li jistgħu jkunu esposti għal pestiċidi b'mod regolari.*
3. *L-Istati Membri għandhom iwettqu monitoraġġ regolari u jiġbru informazzjoni dwar speċijiet indikaturi li jkunu esposti għal pestiċidi u ta' pestiċidi fl-ambjent, bħal fl-ilma ħelu u tal-baħar, fil-ħamrija u fl-arja, u jirrappurtaw dwar din l-informazzjoni b'mod regolari lill-Kummissjoni.*
4. *L-Istati Membri għandhom iwettqu programmi ta' riċerka fit-tul fir-rigward ta' sitwazzjonijiet speċifiċi fejn il-pestiċidi jkunu ġew konnessi ma' impatti fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, inklużi studji fuq gruppi b'riskju għoli, id-diversità bijoloġika u l-effetti kombinati.*
5. *Biex tittejjeb il-komparabilità ta' l-informazzjoni, il-Kummissjoni, f'koperazzjoni ma' l-Istati Membri, għandha tiżviluppa dokument ta' gwida strateġika dwar il-monitoraġġ u l-istħarriġ ta' l-impatti ta' l-użu tal-pestiċidi fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent mhux aktar tard minn ...⁽¹⁾.*

Kapitolu III

Tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi

Artikolu 8

Spezzjoni tat-tagħmir li qed jintuża diġà

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tagħmir u l-aċċessorji għall-applikazzjoni tal-pestiċidi li jintużaw professjonalment ikunu soġġetti għal spezzjonijiet **obbligatorji** f'intervalli regolari **li ma jaqbżux il-ħames snin**.

Għal dak il-għan, għandhom jistabbilixxu sistemi ta' ċertifikazzjoni maħsuba biex jippermettu l-verifika ta' l-ispezzjonijiet.

2. L-ispezzjonijiet għandhom jivverifikaw li t-tagħmir u l-aċċessorji għall-applikazzjoni tal-pestiċidi jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sikurezza u dawk għall-ambjent elenkati fl-Anness II.

It-tagħmir u l-aċċessorji għall-applikazzjoni tal-pestiċidi li huma konformi ma' l-istandards armonizzati żviluppatti skond l-Artikolu 19(1) għandhom jiġu preżunti li huma konformi mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sikurezza u għall-ambjent koperti minn standard armonizzat bħal dan.

3. *Mhux aktar tard minn...⁽²⁾*, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tagħmir u l-aċċessorji għall-applikazzjoni tal-pestiċidi li jintużaw professjonalment ikunu ġew spezzjonati *mill-inqas* darba u li tagħmir u aċċessorji għall-applikazzjoni tal-pestiċidi li għaddew mill-ispezzjoni biss ikunu qed jintużaw professjonalment. **Sussegwentement iridu jsiru spezzjonijiet obbligatorji mill-inqas kull ħames snin.**

4. L-Istati Membri għandhom jaħtru korpi responsabbli għat-twettiq ta' l-ispezzjonijiet u jikkomunikawhom lill-Kummissjoni.

5. Il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura **ta' regolazzjoni bi skrutinju** msemmija fl-Artikolu 20(2), *temenda* l-Anness II skond il-progress tekniku u xjentifiku li jseħħ.

⁽¹⁾ *Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*

⁽²⁾ *Seba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Kapitolu IV

Prattiki u Użijiet Speċifiċi

Artikolu 9

Bexx mill-ajru

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-bexx mill-ajru soġġett għall-paragrafi 2-6.
2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku tagħrif dwar l-uċuh tar-raba', iż-żoni u r-rekwiżiti partikolari għall-applikazzjoni fejn, b'deroga mill-paragrafu 1, jista' jiġi awtorizzat il-bexx mill-ajru.
3. L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet kompetenti għall- **monitoraġġ tal-bexx mill-ajru**, u għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bihom ¶.
4. Id-derogi jistgħu jingħataw biss meta jkun sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - a) ma għandux ikun hemm alternattivi vijabbli oħrajn, jew għandu jkun hemm vantaġġi ċari f'termini ta' impatti mnaqqsqa fuq is-saħħa **tal-bniedem** u l-ambjent meta mqabbel ma' l-applikazzjoni tal-pestiċidi mill-art;
 - b) il-pestiċidi użati għandhom ikunu awtorizzati espliċitament għall-bexx mill-ajru; **sustanzi kklassifikati bħala tossiċi ħafna (R50) għall-organiżmi akkwatiċi m'għandhomx ikunu awtorizzati għall-bexx mill-ajru**;
 - c) **il-bdot jew** l-operatur li **jipprepara u jwettaq il-bexx** mill-ajru għandu jkollu ċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 5(3);
 - d) **il-bexx mill-ajru għandu jkun innotifikat bil-quddiem lill-awtorità kompetenti u awtorizzat minn dik l-awtorità**;
 - e) **għandhom jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tingħata twissija minn kmieni biżżejjed għar-residenti**, u persuni li jinzertaw fl-inħawi u għall-protezzjoni ta' l-ambjent fil-viċinat taż-żona mbexxa;
 - f) **iż-żona li trid tiġi mbexxa m'għandhiex tkun viċin żoni pubbliċi jew residenzjali u m'għandu jkun hemm l-ebda effett fuq is-saħħa tar-residenti jew ta' persuni li jinzertaw fl-inħawi**;
 - g) **l-inġenju ta' l-ajru għandu jkun mġhammar bl-aħjar teknoloġija disponibbli biex jitnaqqas it-tifrix tal-bexx (e.g. żennuni li ma jferrxux ħafna); meta jintużaw elikopters, il-pajpijiet tal-bexx għandhom ikunu mġhammra b''injection jets' li jnaqqsu t-tifrix**.
 - h) **il-benefiċċji soċjoekonomiċi u ambjentali għandhom ikunu akbar mill-effetti potenzjali fuq is-saħħa tar-residenti u tal-persuni li jinzertaw fl-inħawi**.
5. Utent professjonali li jixtieq japplika l-pestiċidi permezz tal-bexx mill-ajru għandu jressaq talba lill-awtorità kompetenti akkumpanjata minn *data* ta' *ġustifikazzjoni* li turi li l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4 huma sodisfatti. **In-notifika għandu jkollha informazzjoni dwar il-ħin tal-bexx u l-ammonti u t-tip tal-pestiċidi applikati.**
6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżżommu reġistru tad-derogi mogħtija **u għandhom jagħmluhom disponibbli għall-pubbliku.**

Artikolu 10

Informazzjoni għall-pubbliku

Fil-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet dwar avviżi lill-ġirien li jistgħu jkun esposti għat-tifrix tal-bexx.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Artikolu 11

Miżuri speċifiċi ta' emerġenza għall-protezzjoni ta' l-ambjent akkwatiku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jintużaw pestiċidi qrib l-ilmijiet, **partikolarment l-ilma għax-xorb**, tingħata preferenza lil:

- a) prodotti li **ma jgħibux magħhom riskju għoli li jidħlu fl-ambjent akkwatiku**;
- b) l-iktar metodi ta' applikazzjoni effiċjenti, inkluż l-użu ta' tagħmir għall-applikazzjoni b'tifrix minimu (*low-drift*).

2. L-Istati Membri għandhom **jieħdu l-azzjoni meħtieġa sabiex jiproteġu l-ilmijiet, b'mod partikolari billi jiżguraw** li jiġu stabbiliti żoni bafer **■**, fejn il-pestiċidi ma għandhomx jintużaw jew jinħażnu, fuq għelieqi ma' ġenb mogħdijiet ta' l-ilma, u partikolarment biex jiġu mħarsa żoni fejn jittella' ilma għax-xorb stabbiliti skond l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2000/60/KE.

Id-dimensjonijiet taż-żoni bafer għandhom jiġu definiti bħala funzjoni tar-riskji ta' tniġġis u l-karatteristiċi agrikoli **u klimatiċi** taż-żona kkonċernata.

Barra minn hekk l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'żoni ta' salvagwardja għall-estrazzjoni ta' l-ilma għax-xorb f'konformità ma' l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2000/60/KE, jittieħdu miżuri ulterjuri għall-prevenzjoni tal-kontaminazzjoni ta' l-ilma bil-pestiċidi inklużi, fejn ikunu meħtieġa, restrizzjonijiet iktar stretti fuq l-użu ta' xi prodotti b'riskju għoli, użu aħjar ta' żoni bafer, taħriġ speċifiku u għarfien min-naħa tal-konsulenti u l-operaturi tal-bexx, u infurzar strett ta' l-aħjar Prattika fil-mili, it-taħlit u r-rimi tal-pestiċidi.

Stati Membri jistgħu jistabbilixxu kwalunkwe żoni li huma ħielsa mill-pestiċidi li jħossu li huma neċessarji sabiex jiġu salvagwardjati r-riżorsi ta' l-ilma tajjeb għax-xorb. Dawn iż-żoni ħielsa mill-pestiċidi jistgħu jkopru l-Istat Membru kollu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri xierqa biex jillimitaw it-tifrix bl-arja **u t-trasportazzjoni fuq distanzi twal** tal-pestiċidi, talanqas f'għelejjel vertikali, inklużi msaġar tas-siġar tal-frott, dwieli, u ħops direttament ma' ġenb **jew qrib** mogħdija ta' l-ilma, **billi jiżguraw li l-użu tal-pestiċidi f'tali żoni jiġi limitat għal minimu u jintużaw alternattivi mhux kimiċi.**

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjoni tal-pestiċidi titnaqqas kemm jista' jkun jew tiġi eliminata **■** fuq jew mal-ġenb ta' toroq, linji tal-ferrovija, **■** uċuh **magħmula minn blat permeabbli, f'inħawi b'art imżerżqa** jew infrastruttura oħra qrib ta' ilmijiet fil-wiċċ jew tal-pjan, jew fuq uċuh issiġillati b'riskju għoli ta' skular ġo l-ilma tal-wiċċ jew is-sistemi tad-dranaġġ. **F'dawn iż-żoni kollha għandu jiġi promoss l-użu ta' alternattivi mhux kimiċi.**

Artikolu 12

Tnaqqis ta' l-użu tal-pestiċidi f'żoni sensitivi

1. L-Istati Membri għandhom, huma u jqisu r-rekwiżti meħtieġa ta' l-iġjene u s-sikurezza pubblika, jiżguraw li l-miżuri li ġejjin jiġu adottati:

- a) l-użu tal-pestiċidi għandu jiġi pprojbit jew ristrett sa l-inqas punt meħtieġ **fiż-żoni kollha** użati mill-pubbliku ġenerali jew minn popolazzjoni sensittiva, **tal-anqas f'żoni residenzjali, parks, f'parkijiet, ġonna pubbliċi u grawnds ta' l-isport, ta' rikreazzjoni, ta' l-iskejjel, u fejn jilagħbu t-tfal, u qrib faċilitajiet ta' saħħa pubblika (kliniki, sptarijiet, ċentri ta' rijabilitazzjoni, villaġġi tas-saħħa, ospizji), kif ukoll f'żoni sostanzjali fejn ma jistax isir bexx inklużi l-għelieqi madwar dawn iż-żoni, partikolarment, għalkemm mhux esklussivament, għall-protezzjoni ta' gruppi sensittivi bħat-trabi, it-tfal, in-nisa tqal, l-anzjani u daww b'kundizzjonijiet mediċi u daww li jistgħu jkun qed jieħdu medikamenti;**

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- b) l-użu tal-pestiċidi għandu jiġi pprojbit jew ristrett **b'mod rigoruż** f'żoni ta' konservazzjoni jew żoni oħra identifikati għall-iskopijiet ta' l-istabbiliment tal-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa skond l-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 79/409/KEE u l-Artikoli 6, 10, u 12 tad-Direttiva 92/43/KEE.
2. Il-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni **għandha** tkun ibbażata fuq ir-riżultati ta' l-evalwazzjonijiet tar-riskju rilevanti.

Artikolu 13

It-tqandil u l-ħżin ta' pestiċidi u l-imballaġġ u l-fdalijiet tagħhom

1. **Bħala parti mill-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom**, l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri **li jirriżultaw li jkun meħtieġa fuq il-bażi ta' valutazzjonijiet ta' riskju rilevanti** sabiex ikun żgurat li l-operazzjonijiet sussegwenti **mwettqa mill-utenti** ma jipperikolawx is-saħħa u s-sikurezza tal-bnedmin u l-ambjent:
- il-ħżin **sikur**, it-tqandil, id-dilwizzjoni u t-taħlit tal-pestiċidi qabel l-applikazzjoni;
 - it-tqandil **sikur** ta' l-imballaġġ u l-fdalijiet tal-pestiċidi;
 - it-trattament tat-taħlitiet li jifdal wara l-applikazzjoni;
 - il-preparazzjoni, it-tqandil, it-tindif u l-ħażna** tat-tagħmir li jintuża għall-applikazzjoni **u kwalunkwe aċċessorju, inklużi apparat għall-bexx u sustanzi kimiċi**.
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa fir-rigward tal-pestiċidi awtorizzati għal użu mhux professjonali biex jevitaw operazzjonijiet perikolużi waqt l-użu.
3. **Fil-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom**, l-Istati Membri għandhom **jieħdu l-miżuri li jirriżultaw li jkun meħtieġa fuq il-bażi ta' valutazzjonijiet ta' riskju adegwati** sabiex jiżguraw li ż-żoni ta' ħżin għall-pestiċidi jkun mibnija b'tali mod li ma jkunx hemm **ħruġ fl-ambjent** mhux intenzjonat.

Artikolu 14

Ġestjoni Integrata ta' Organiżmi ta' Ħsara

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, **inkluż l-użu ta' strumenti ekonomiċi**, biex jipromwovu biedja b'użu baxx tal-pestiċidi, inkluża l-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara **bil-prijoritizzazzjoni ta' metodi mhux kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti u għall-ġestjoni ta' l-organiżmi ta' ħsara u ta' l-uċuħ tar-raba'**, u biex jiżguraw li l-utenti professjonali tal-pestiċidi **jaqilbu mill-aktar fis għall-użu** mill-miżuri kollha disponibbli għall-protezzjoni ta' l-uċuħ tar-raba' li jiffavorixxu aktar l-ambjent u jagħtu prijorità lil alternattivi b'riskju baxx kulfejn possibbli, u f'kull każ ieħor lill-prodotti bl-inqas impatt fuq saħħet il-bniedem u l-ambjent fost dawk disponibbli għall-istess organizzmu ta' ħsara.
2. **L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'livell baxx ta' riskju kif definit fl-Artikolu [50(1)] tar-Regolament (KE) Nru ... [dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti].**
3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jappoġġaw l-istabbiliment tal-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara, **u metodi mhux kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti u l-ġestjoni ta' l-organiżmi ta' ħsara u ta' l-uċuħ tar-raba'**, u għandhom ifasslu **desk-rizzjonijiet ta' l-aħjar Prattiki integrati għall-protezzjoni ta' l-uċuħ tar-raba'**, billi tingħata prijorità lil **protezzjoni mhux kimika ta' l-uċuħ tar-raba'**.
4. **B'mod partikulari**, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bdiewa jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom, sistemi, inklużi taħriġ skond l-Artikolu 5, u għodod għall-monitoraġġ ta' organiżmi ta' ħsara u t-teħid tad-deċizzjonijiet, kif ukoll servizzi ta' konsulenza dwar **metodi mhux kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti u għall-ġestjoni** ta' organiżmi ta' ħsara **u ta' l-uċuħ tar-raba'**.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

5. Sat-30 ta' Ġunju **2011**, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafi 3 u 4, u partikolarment, jekk il-kundizzjonijiet neċessarji għall-implimentazzjoni tal-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara humiex fis-seħħ.

6. Ir-reqwiżiti minimi għall-iżvilupp ta' standards ġenerali għall-Ġestjoni Integrata ta' Organiżmi ta' Ħsara huma definiti fl-Anness V.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sa l-1 ta' Jannar 2014, l-utenti professjonali kollha tal-pestiċidi jimplementaw l-istandards ġenerali għall-Ġestjoni Integrata ta' Organiżmi ta' Ħsara.

8. L-emendi għall-Anness V għandhom ikunu adottati skond il-proċeduri regolatorji regolazzjoni bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 20(2).

9. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l- **taħriġ u miżuri finanzjarji xierqa biex jassistu lill-utenti sabiex jimplementaw linji gwida speċifiċi għall-wiċċ tar-raba' jew għas-settur għall-Ġestjoni Integrata ta' Organiżmi ta' Ħsara li jirrispettaw il-kriterji ġenerali msemmija fl-Anness V. Fil-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom skond l-Artikolu 4, l-Istati Membri għandhom jagħmlu referenza għal-linji gwida xierqa.**

10. L-istandards ġenerali għall-Ġestjoni Integrata ta' Organiżmi ta' Ħsara għandhom jiġu żviluppatti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu [58] tar-Regolament (KE) Nru ... **[rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti], bil-parteċipazzjoni pubblika tal-partijiet interessati.**

11. L-istandards speċifiċi għall-wiċċ tar-raba' għal Ġestjoni Integrata ta' Organiżmi ta' Ħsara msemmija fil-paragrafu 9 għandhom jiġu żviluppatti skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura dwar l-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u rregolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-soċjetà ta' l-informatika⁽¹⁾.

Kapitolu V

Indikaturi, Rappurtar u Skambju ta' Tagħrif

Artikolu 15

Indikaturi

1. Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura **regolatorja bi skrutinju** msemmija fl-**Artikolu 20(2)**, tiżviluppa indikaturi **armonizzati tar-riskju u ta' użu**. Sakemm jiġu adottati dawk l-indikaturi, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jużaw indikaturi nazzjonali eżistenti jew jadottaw indikaturi xierqa oħra.

2. L-Istati Membri għandhom jużaw **data** statistika miġbura skond ir-Regolament (KE) Nru... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... **rigward l-istatistika dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti**⁽²⁾ għall-iskopijiet li ġejjin:

(a) il-kalkolu ta' l-indikaturi komuni u armonizzati **tar-riskju u ta' l-użu**, fil-livell nazzjonali;

(b) l-identifikazzjoni ta' xejriet fl-użu ta' sustanzi attivi individwali, partikolarment meta jkunu ġew stabbiliti restrizzjonijiet fuq l-użu fil-livell Komunitarju skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru [...] **[statistika dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti]**;

⁽¹⁾ ĠU L 204, 21.7.1998, p.37. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 81).

⁽²⁾ ĠU L....

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- (c) *l-identifikazzjoni ta' tendenzi fl-incidenta ta' organiżmi ta' ħsara u ta' mard u ta' l-iżvilupp ta' fungi;*
- (d) *l-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi ta' prijorità jew uċuħ tar-raba' ta' prijorità jew prattiki insostenibbli li jirrikjedu attenzjoni partikolari, jew prattiki tajbin li jistgħu jiġu stabbiliti bħala eżempju sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-Direttiva fir-rigward **tal-prevenzjoni tar-riskji għas-saħħa u għall-ambjent, inklużi l-perikli, u dipendenza fuq il-pestiċidi; il-promozzjoni u l-inkoraġġiment ta' l-adozzjoni ta' alternattivi mhux kimiċi għall-pestiċidi;***
- (e) *l-evalwazzjoni u l-adattament ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali.*

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw ir-riżultati ta' l-evalwazzjonijiet imwettqa skond il-paragrafu 2 lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, **u għandhom jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.**

Ir-riżultati għandhom jiġu ppubblikati permezz tal-portal ta' l-Internet msemmi fl-Artikolu 4(6).

4. Il-Kummissjoni għandha tuża d-data statistika miġbura skond ir-Regolament (KE) Nru ... [statistika dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti] u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 biex tikkalkula l-indikaturi tar-riskju **u ta' l-użu** fil-livell Komunitarju, sabiex tagħmel stima *tat-tendenzi* fir-riskji mill-użu tal-pestiċidi.

Din id-data u l-informazzjoni għandha tintuża wkoll mill-Kummissjoni biex tevalwa l-progress fl-ilħiq ta' l-għanijiet ta' politiki Komunitarji oħra bil-għan li jnaqqsu l-impatt tal-pestiċidi fuq saħħet il-bniedem u ta' l-annimali u fuq l-ambjent.

Ir-riżultati għandhom jitpoġġew għad-disponibilità tal-pubbliku ġenerali permezz tal-portal ta' l-Internet imsemmi fl-Artikolu 4(6).

5. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 2(a) u l-paragrafu 3, l-indikaturi tar-riskju **u ta' l-użu** għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi tad-data mdaħħla rigward il-perikli u l-esponiment, rekords dwar l-użu tal-pestiċidi, data dwar il-karatteristiċi tal-pestiċidi, dwar it-temp u dwar il-ħamrija.

6. **Il-ġbir tad-data bl-iskop li l-informazzjoni tkun disponibbli ma jistax jimponi kwalunkwe rekwiżiti ta' dokumenti addizzjonali jew kwalunkwe rekwiżit mhux raġonevoli fuq il-bdiewa Komunitarji u fuq il-produtturi ta' l-inbid.**

Artikolu 16

Iż-żamma ta' reġistri u l-irrapportar

1. **In-negozjanti fil-pestiċidi għandhom iżommu reġistri li juru l-irċevuti, il-bejgħ, il-konsenja jew ir-rimi tal-pestiċidi kollha jew tat-tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidji għal perjodu ta' sentejn.**
2. **Kull tliet snin** il-Kummissjoni għandha tressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva **u valutazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali**, akkumpanjat fejn xieraq minn proposti għal emendi.
3. **Kull sena, l-Istati Membri għandhom iħejju rapport lill-Kummissjoni dwar il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom.**

Artikolu 17

Skambju ta' informazzjoni u ta' l-aħjar prattika

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjattaforma għall-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattika fil-qasam ta' l-użu sostenibbli tal-pestiċidi u l-ġestjoni integrata ta' l-organiżmi ta' ħsara.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Kapitolu VI

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 18

Pieni

1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw is-sanzjonijiet applikabbli għal każijiet tal-ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati bis-saħħa ta' din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha biex jiżguraw li dawn ikunu infurzati. Il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnottifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk id-dispożizzjonijiet, *mhux aktar tard minn...* (*), u għandhom jinfurmawha mingħajr dewmien dwar kull emenda sussegwenti li taffettwahom.

Artikolu 19

L-istandardizzazzjoni

1. L-istandards imsemmija fl-Artikolu 8(2) ta' din id-Direttiva għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 98/34/KE.

It-talba għall-iżvilupp ta' dawn l-istandards ti sta' tiġi stabbilita f'konsultazzjoni mal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 20(1).

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-referenzi ta' l-istandards armonizzati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

3. Meta Stat Membru jew il-Kummissjoni jqisu li standard ma jissodisfax kompletament ir-rekwiżiti essenzjali li jkopri, il-Kummissjoni jew l-Istat Membru kkonċernat għandhom iressqu l-kwistjoni quddiem il-Kumitat imwaqqaf mid-Direttiva 98/34/KE u jagħtu l-argumenti tagħhom. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu mingħajr dewmien.

Fid-dawl ta' l-opinjoni ta' dak il-Kumitat, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li tippubblika, li ma tippubblikax, li tippubblika bir-restrizzjonijiet, li żżomm, li żżomm bir-restrizzjonijiet jew li tirtira r-referenzi għall-istandard armonizzat ikkonċernat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 20

Kumitati

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali stabbilit mill-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l- **Artikoli 5a (1) sa (4) u l-Artikolu 7** tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, *wara li jiġu meqjusa d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.*

■

(*) *Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Artikolu 21

Nefqa

Sabiex ikun appoġġat l-istabbiliment ta' politika armonizzata u sistemi armonizzati fil-qafas ta' l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, il-Kummissjoni ti sta' tiffinanzja:

- a) l-iżvilupp ta' sistema armonizzata inkluża *bażi ta' data* għall-ġbir u l-ħżin *informazzjoni kollha marbuta* ma' l-indikaturi tar-riskju **u ta' l-użu** tal-pestiċidi, u biex *din l-informazzjoni tkun* disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti, partijiet interessati oħrajn u l-pubbliku ġenerali;
- b) it-tweqqif ta' l-istudji neċessarji għall-preparazzjoni u l-iżvilupp ta' leġislazzjoni, inkluż l-adattament ta' l-Annessi ta' din id-Direttiva għall-progress tekniku;
- c) l-iżvilupp ta' gwida u l-aħjar prassi biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva;
- d) *il-ħolqien ta' portal ta' data skond l-Artikolu 4(6).***

Artikolu 22

It-traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jimxu ma' din id-Direttiva mhux aktar tard minn ... (*). Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva, jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza, fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 23

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ *fil-jum wara dak* tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 24

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi ||,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

(*) *Sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*

ANNEX I

PROGRAMMI TA' TAĦRIĠ U TA' TAĦRIĠ AVVANZAT

Il-programmi ta' taħriġ **u ta' taħriġ avvanzat** għandhom jiġu ddiżinjati sabiex jiżguraw li jkun akkwistat biżżejjed *għarfien* dwar is-suġġetti li ġejjin:

1. il-*leġiżlazzjoni* rilevanti kollha rigward il-pestiċidi u l-użu tagħhom, **it-tikketti tal-pestiċidi u s-sistema ta' ttikkettar, it-terminoloġija dwar il-pestiċidi, is-sikurezza tal-pestiċidi, it-tossiċità u t-tossiċità ekoloġika;**
2. il-perikli u r-riskji assoċjati mal-pestiċidi, u kif jiġu identifikati u kkontrollati, partikolarment:
 - a) riskji lill-bnedmin (operaturi, residenti, persuni fil-qrib, persuni *fl-inħawi* ttrattati u dawk li jmissu jew jieklu l-oġġetti ttrattati) **u l-effetti potenzjali negattivi kollha għas-saħħa ta' l-espożizzjoni, li jistgħu jkunu qawwija u kroniċi fuq tul ta' żmien**, u kif dawn jiġġravaw *ruħhom* b'fatturi bħat-tipijp, **l-ikel jew nuqqas ta' użu ta' tagħmir protettiv xieraq;**
 - b) sintomi ta' avvelenament bil-pestiċidi u miżuri ta' l-ewwel għajna **u sintomi ta' effetti kroniċi fuq is-saħħa;**
 - c) riskji għal pjanti mhux fil-mira, insetti li jagħmlu l-ġid, il-flora u l-fawna selvaġġa, il-bijodiversità u l-ambjent in ġenerali, **b'attenzjoni speċjali għall-effetti negattivi ta' l-użu tal-pestiċidi fl-agrikoltura, eżempju it-telf ta' għedewwa naturali u t-tnaqqis tat-tidkir mill-insetti;**
3. kunċetti dwar strateġiji u *tekniki* għall-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara, strateġiji u *tekniki* għall-ġestjoni integrata ta' l-uċuħ tar-raba', **il-prinċipji tal-biedja organika u protezzjoni mhux kimika ta' l-uċuħ tar-raba', partikolarment metodi ta' prevenzjoni u metodi ta' kontroll bijoloġiku;** informazzjoni dwar standards ġenerali u speċifiċi għall-wiċċ tar-raba', **metodi u prattiki ta' alternattivi mhux kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti u l-ġestjoni ta' organiżmi ta' ħsara u ta' l-uċuħ tar-raba';**
4. inizjazzjoni għal *valutazzjoni* komparattiva fil-livell ta' l-utent biex l-utenti professjoni jiġu meġġuna jagħmlu l-iktar għażla xierqa minn fost il-prodotti kollha awtorizzati għal problema speċifika ta' organiżmu ta' ħsara f'sitwazzjoni speċifika, **billi jagħżlu l-prodott l-anqas perikoluż għas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent;**
5. miżuri biex jitnaqqsu kemm ji sta' jkun ir-riskji lill-bnedmin, lil speċijiet mhux fil-mira u lill-ambjent: **prattiki ta' ħidma sikura għall-ħżin, it-tqandil u t-taħlit tal-pestiċidi, u r-rimi ta' imballaġġ vojta, materjal ieħor ikkontaminat u pestiċidi li jifdal** (inklużi t-taħlitiet li jibqgħu fit-tank) kemm f'għamla ta' konċentrat kif ukoll f'għamla dilwita; mod rakkomandat għall-kontroll ta' l-esponiment ta' l-operatur (tagħmir għall-protezzjoni personali); **għarfien dwar il-fatturi potenzjali kollha ta' l-espożizzjoni inkluża l-espożizzjoni fit-tul għall-pestiċidi fl-arja, l-espożizzjoni għall-fwar wara l-applikazzjoni, l-attivazzjoni mill-ġdid, il-preċipitazzjoni, il-pestiċidi li jinġarru minn applikazzjonijiet fuq barra u mifruxa mill-ġdid f'arja fuq ġewwa, l-espożizzjoni għal taħlitiet, residwi ta' pestiċidi li jinġarru mad-dakra jew mat-trab ta' l-uċuħ tar-raba' (per eżempju waqt il-ħsad), it-tifrix ta' ħamrija kkontaminata u trasportazzjoni fuq distanzi twal;**
6. proċeduri biex it-tagħmir għall-applikazzjoni jitlestha għat-tħaddim, inkluż l-ikkalibrar tiegħu, u għat-tħaddim tiegħu b'riskji minimi għall-utenti, bnedmin oħra, speċijiet ta' animali u pjanti mhux fil-mira, il-bijodiversità, l-ambjent **u r-riżorsi ta' l-ilma;**
7. l-użu ta' tagħmir għall-applikazzjoni u l-manutenzjoni tiegħu, u metodi speċifiċi ta' bexx **biex jitnaqqsu l-użu, it-tifrix u r-riskju tal-pestiċidi** (eż. bexx b'volum żgħir, żnienen li ma jferrux ħafna) kif ukoll l-għanijiet tal-kontroll tekniku tal-bexxiexa fl-użu u l-modi kif tittejjeb il-kwalità tal-bexx;
8. azzjoni ta' emerġenza għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, l-ambjent **u riżorsi ta' l-ilma** f'każ ta' tixrid u kontaminazzjoni aċċidentali **u kundizzjonijiet meteoroloġiċi estremi li jirriżultaw f'riskji ta' lissija tal-pestiċidi;**
9. monitoraġġ tas-saħħa u faċilitajiet ta' aċċess għar-rappurtar ta' kwalunkwe inċident jew tħassib;

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

10. żamma ta' reġistru għal kull użu li jsir mill-pestiċidi, skond il-leġiżlazzjoni rilevanti;
11. *kura speċjali f'żoni protetti stabbiliti skond l-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2000/60/KE;*
12. *il-kategoriji speċifiċi li fihom operatur tal-pestiċidi jista' jkun liċenzjat, li jistgħu jinkludu:*
 - a) *kontroll agrikolu ta' l-organiżmi ta' ħsara,*
 - b) *kontroll ta' l-organiżmi ta' ħsara tal-foresti,*
 - c) *trattament taż-żrieragħ,*
 - d) *kontroll ta' l-organiżmi ta' ħsara ta' l-ilma,*
 - e) *kontroll ta' organiżmi ta' ħsara għal skopijiet ta' jeddijiet ta' mogħdija,*
 - f) *kontroll ta' organiżmi ta' ħsara għal skopijiet ta' saħħa pubblika,*
 - g) *kontroll ta' l-organiżmi ta' ħsara tar-regolamentazzjoni ta' annimali gerriema;*
13. *metodi bbażati fuq ir-riskju li jqisu l-varjazzjonijiet lokali tal-ġbir ta' l-ilma tax-xita bħall-klima, il-ħamrija u tipi ta' uċuħ tar-raba', u l-art imżerżqa.*

ANNEX II

SAĦĦA U SIKUREZZA KIF UKOLL REKWIŻITI AMBJENTALI RIGWARD L-ISPEZZJONI TAT-TAGĦMIR GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-PESTIĊIDI

L-ispezzjoni tat-tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi għandha tkopri l-aspetti importanti kollha biex jitlaħaq livell għoli ta' sikurezza u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent u effettività sħiħa ta' l-operazzjoni ta' l-applikazzjoni billi jkun żgurat tħaddim tajjeb ta' l-apparat u l-funzjonijiet li ġejjin, fejn ikun xieraq:

- (1) L-apparat għat-trażmissjoni ta' l-enerġija
Il-parti protettiva tal-*power take-off drive shaft* u l-parti protettiva tal-*power input connection* għandhom jiġu ffitjtati u jkunu f'kundizzjoni tajba u l-parts ta' sikurezza u kull part tat-trażmissjoni ta' l-enerġija li tiċċaqlaq jew iddur ma għandhomx ikunu affettwati fit-tħaddim tagħhom sabiex tkun żgurata l-protezzjoni ta' l-operatur.
- (2) Il-Pompa
Il-kapaċità tal-pompa għandha tkun adatta għall-ħtiġijiet tat-tagħmir u l-pompa għandha taħdem sewwa sabiex tiżgura rata ta' applikazzjoni stabbli u affidabbli. Ma għandu jkun hemm l-ebda nixxija mill-pompa.
- (3) Aġitazzjoni
It-tagħmir għall-aġitazzjoni għandu jiżgura riċirkolazzjoni tajba sabiex tinkiseb konċentrazzjoni uniformi fil-volum kollu tat-taħlita likwida tal-bexx fit-tank.
- (4) It-tank tal-bexx likwidu
It-tankijiet tal-bexx, inklużi l-indikatur tal-kontenut tat-tank, it-tagħmir għall-mili, il-passaturi u l-filtri, l-apparat għall-iżvujtar, u l-apparat għat-taħlit, għandhom joperaw b'tali mod li jkunu mmini-mizzati t-tixridiet aċċidentali, id-distribuzzjonijiet mhux uniformi tal-konċentrazzjoni, l-esponiment ta' l-operatur u kontenut residwu.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- (5) Is-sistemi ta' kejl u sistemi ta' kontroll u regolazzjoni
 Il-parts kollha għall-kejl, biex titfi u tixgħel u għall-aġġustament tal-pressjoni u/jew ir-rata tal-fluss għandhom jaħdmu b'mod affidabbli u ma għandu jkun hemm l-ebda nixxija. Il-kontroll tal-pressjoni u l-operazzjoni tal-parts għall-aġġustament tal-pressjoni għandu jkun possibbli faċilment matul l-applikazzjoni. It-tagħmir għall-aġġustament tal-pressjoni għandu jżomm pressjoni kostanti ta' ħidma b'revoluzzjonijiet kostanti tal-pompa, sabiex ikun żgurat li tiġi applikata rata stabbli tal-volum ta' l-applikazzjoni.
- (6) Pajpijiet u manek
 Il-pajpijiet għandhom ikunu f'kundizzjoni tajba biex jevitaw id-disturbi tal-fluss tal-likwidu jew tixri-diet aċċidentali fil-każ ta' falliment. Ma għandu jkun hemm l-ebda nixxija mill-pajpijiet jew mill-manek meta jitħaddmu bil-pressjoni massima ottenibbli għas-sistema.
- (7) Filtri
 Sabiex ikunu evitati t-turbolenza u l-eteroġeneità fil-mod kif joħroġ il-bexx, il-filtri għandhom ikunu f'kundizzjoni tajba u d-daqs tax-xibka tal-filtru għandu jikkorrispondi għad-daqs taż-żnienen iffittjati fuq l-isprejer. Is-sistema li tindika meta l-filter ikun imblukkat għandha taħdem sewwa.
- (8) Id-driegħ tal-bexxiexa (għal tagħmir li jbexxex il-pestiċidi permezz ta' driegħ ippożizzjonat orizzontalment, li jinsab qrib il-wiċċ tar-raba' jew il-materjali li jrid jiġi ttrattat)
 Id-driegħ tal-bexxiexa għandha tkun f'kundizzjoni tajba u stabbli fid-direzzjonijiet kollha. Is-sistema fejn titwaħħal u s-sistema għall-aġġustament u t-tagħmir għat-tnaqqis ta' movimenti mhux intenzjonati u s-sistema li tikkumpensa għal niżla għandhom jaħdmu b'mod affidabbli.
- (9) Żnienen
 Iż-żnienen għandhom jaħdmu sewwa biex jikkontrollaw it-taqtir meta jieqaf il-bexx. Biex tkun żgurata l-omoġeneità ta' kif joħroġ il-bexx, ir-rata ta' fluss ta' kull żennuna individwali ma għandhiex tiddevja b'iktar minn 5 % mid-*data* fit-tabelli tar-rata tal-fluss ipprovduti mill-manifattur.
- (10) Tqassim
 It-tqassim trasversali u vertikali (fil-każ ta' applikazzjonijiet lil uċuh vertikali) tad-distribuzzjoni tat-taħlita tal-bexx u t-tqassim fid-direzzjoni tas-sewqan għandhom ikunu uniformi. Għandhom ikunu żgurati l-kwantità u d-distribuzzjoni xierqa tat-taħlita tal-bexx fuq iż-żona fil-mira.
- (11) Blower (għal tagħmir li jbexxex il-pestiċidi permezz ta' l-arja)
 Il-blower għandu jkun f'kundizzjoni tajba u għandu jiżgura fluss stabbli u affidabbli ta' arja.

ANNEX III

ELEMENTI MINIMI TA' RAPPORTI TA' RIFERENZA NAZZJONALI

Parti A: Elementi li għandhom jiddaħħlu fl-istudji tal-bidu dwar it-tnaqqis fl-użu nazzjonali tal-pestiċidi

Deskrizzjoni tal-kundizzjonijiet attwali:

- **Informazzjoni magħrufa dwar il-produzzjoni, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, il-bejgħ u d-distribuzzjoni tal-pestiċidi;**
- **It-tendenzi kurrenti ta' konsum tal-pestiċidi (ammonti globali ta' ingredjenti attivi użati; ammonti speċifiċi ta' pestiċidi użati f'applikazzjonijiet speċifiċi fuq l-uċuh tar-raba' ewlenin kollha u f'użi mhux agrikoli, partikularment fi spazji pubbliċi; il-kalkolu ta' l-indiċi tal-frekwenza tat-trattamenti);**

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- *Deskrizzjoni ta' l-impatti ta' tendenzi kurrenti fl-użu tal-pestiċidi fuq l-ambjent, fuq il-katina ta' l-ikel u fuq is-saħħa tal-bniedem, ibbażata fuq data miġbura permezz ta' programmi ta' monitoraġġ eżistenti;*
- *Ħarsa ġenerali lejn il-leġiżlazzjoni kurrenti u l-istrumenti tal-politika u l-effettività tagħhom;*
- *L-ewalwazzjoni tal-ħtieġa tal-pestiċidi;*
- *Lakuni identifikati fi kwalunkwe mill-informazzjoni hawn fuq.*

Xenarji għat-tnaqqis tal-pestiċidi:

- *30 % u 50 % tnaqqis fl-użu mkejjel bl-indiċi tal-frekwenza tat-trattamenti.*

Valutazzjoni tal-konsegwenzi ta' l-implimentazzjoni ta' xenarji varji:

- *L-effetti fuq l-ambjent (inklużi l-konsum ta' l-enerġija, il-gassijiet b'effett ta' serra);*
- *L-effetti fuq is-saħħa pubblika (il-ħaddiema, ir-residenti, il-persuni fl-inħawi, ir-residwi fuq l-ikel);*
- *L-effetti fuq il-produzzjoni agrikola;*
- *L-ispejjeż u l-benefiċċji ekonomiċi (inkluż it-tnaqqis fl-ispejjeż moħbija) tad-diversi xenarji.*

L-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' l-elementi meħtieġa biex jintlaħqu x-xenarji:

- *L-impatt ta' l-elementi speċifikati fid-Direttiva fil-kisba ta' tnaqqis fl-użu;*
- *Data xjentifika ulterjuri meħtieġa u l-metodu ta' kif tinġabar, per eżempju aktar kapacià ta' monitoraġġ, faċilitajiet ta' riċerka;*
- *Kapacià ulterjuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tat-tnaqqis fl-użu tal-pestiċidi, per eżempju servizzi ta' estensjoni agrikola, spetturi għall-kontroll ta' l-użu;*
- *Għejun possibbli ta' ffinanzjar, inklużi l-levies, għall-implimentazzjoni tad-diversi xenarji.*

Konklużjonijiet

- *Miri ta' tnaqqis fl-użu tal-pestiċidi li jstgħu jintlaħqu għal uċuħ tar-raba' speċifiċi u sitwazzjonijiet ta' kontroll mhux agrikolu ta' organiżmi ta' ħsara kif ukoll fuq livell nazzjonali, li mill-inqas jilhq u l-miri obbligatorji ta' tnaqqis stipulati fl-Artikolu 4 u li jimmiraw li biż-żmien jinkiseb aktar tnaqqis fl-użu.*

Parti B: Elementi li għandhom jiġu inklużi fi studji sussegwenti dwar it-tnaqqis fl-użu nazzjonali tal-pestiċidi

- *L-ewalwazzjoni ta' l-esperjenzi tat-tliet snin preċedenti li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-programm ta' tnaqqis tal-pestiċidi.*
- *Elementi oħra bħal fil-Parti A.*
- *L-istabbiliment ta' miri ġodda għall-perjodu li ġej.*

ANNEX IV

ELEMENTI MINIMI FIL-PJANIJET TA' AZZJONI NAZZJONALI
DWAR IT-TNAQQIS TAR-RISKJI U TA' L-UŻU TAL-PESTIĊIDI

Miri kwalitattivi u kwantitattivi:

- Miri temporanji għat-tnaqqis tar-riskji u ta' l-użu mkejla bl-indiċi tal-frekwenza tat-trattamenti;
- Miri għal gruppi speċifiċi fil-mira jew użi, per eżempju awtoritajiet pubbliċi, bdiewa, jeddijiet ta' mogħdija għat-trasportazzjoni;
- Miri għat-tnaqqis ta' l-użu f'żoni sensitivi għall-pestiċidi;
- Miri għat-tneħħija progressiva tal-pestiċidi u tar-residwi tagħhom mill-ilma ta' taħt l-art u minn ambjenti fiżiċi oħra;
- Miri għal uċuħ tar-raba' u/jew reġjuni problematiċi.

Kontrolli fuq l-użi:

- Miżuri sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni ta' prattiki ta' Ġestjoni Integrata ta' l-Organiżmi ta' Ħsara;
- Kontrolli bħall-projbizzjonijiet fuq l-applikazzjonijiet għal pestiċidi viċin bjar ewlenin ta' ilma għax-xorb jew f'żoni sensitivi għall-pestiċidi, bħal siti naturali u żoni buffer;
- Miżuri ta' kontroll, inkluża projbizzjoni ta' l-applikazzjonijiet ta' pestiċidi f'żoni ta' riskju għoli ta' espożizzjoni, per eżempju fi skejjel, parks u spazji pubbliċi oħra, ġniebi tat-toroq eċċ.

Riċerka u estensjoni:

- Riċerka f'alternattivi mhux kimiċi għall-pestiċidi;
- Programmi ta' dimostrazzjoni dwar kif titnaqqas il-frekwenza ta' l-applikazzjoni permezz ta' l-użu ta' metodi u sistemi mhux kimiċi għall-kontroll ta' organiżmi ta' ħsara;
- It-taħriġ ta' konsulenti agrikoli f'metodi u sistemi mhux kimiċi ta' kontroll ta' organiżmi ta' ħsara;
- Riċerka fi tnaqqis possibbli fl-użu permezz ta' l-applikazzjoni ta' tagħmir, metodi u tekniki ta' bexx aħjar.

Informazzjoni, edukazzjoni u taħriġ:

- L-edukazzjoni ta' l-operaturi kollha tal-pestiċidi dwar il-perikli għas-saħħa mill-użu tal-pestiċidi kif ukoll dwar metodi u sistemi ta' kontroll mhux kimiċi ta' organiżmi ta' ħsara;
- Gwida għall-operaturi ta' pestiċidi, per eżempju dwar il-ħażna u t-tqandil tal-pestiċidi.

Tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi:

- Spezzjoni tat-tagħmir użat.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Strumenti finanzjarji:

- Appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' l-istandards u prattiki ta' Ġestjoni Integrata ta' l-Organiżmi ta' Ħsara;
- Appoġġ finanzjarju għal miżuri oħra għat-tnaqqis ta' l-użu tal-pestiċidi;
- Applikazzjoni akbar ta' mekkaniżmi ta' konformità reċiproka.

ANNEX V

ELEMENTI GĦAL KRITERJI ĠENERALI U DAWK SPEĊIFIĊI GĦALL-UĊUH TAR-RABA' TA' ĠESTJONI INTEGRATA TA' ORGANIŻMI TA' ĦSARA

Il-Ġestjoni Integrata ta' Organiżmi ta' Ħsara bħala minimu tinkludi l-kriterji li ġejjin:

- (a) Il-prevenzjoni u/jew it-trażżin ta' organiżmi ta' ħsara għandha tintlaħaq jew tiġi appoġġjata fost għażliet oħra, speċjalment:
- bl-użu ta' l-aħjar newba ta' l-uċuh tar-raba' li tikseb popolazzjoni bbilanċjata ta' organiżmi tal-ħamrija u żżomm il-ħamrija b'saħħitha, sabiex ikun evitat it-tifrix ta' organiżmi ta' ħsara tal-ħamrija u sabiex jitneħħa l-użu ta' sustanzi kimiċi li jiffumigaw il-ħamrija u kimiċi oħra tal-ħamrija;
 - il-bini ta' struttura tal-ħamrija li tista' ssostni uċuh tar-raba' b'saħħithom, per eżempju bl-istimolu tal-ħolqien ta' materja organika, bil-limitazzjoni tal-fond tal-ħart, bil-prevenzjoni ta' l-erożjoni, bl-applikazzjoni ta' l-aħjar sekwenza ta' newba għall-uċuh tar-raba';
 - l-użu ta' tekniki xierqa ta' koltivazzjoni, eżempju t-teknika ta' l-użu ta' ħammiela mhux friska, l-għażla taż-żmien għaż-żriġ u l-għażla ta' densitajiet, iż-żriġ fil-ftit, l-aħjar distanza bejn il-pjanti, il-tiħdim konservattiv tal-ħamrija, miżuri ta' iġene, iż-żbir;
 - l-użu ta' l-aħjar varjetajiet resistenti/tolleranti disponibbli u ta' l-aħjar żrieragħ u materjal tat-tħawwil approvati/ċertifikati;
 - l-użu ta' fertilizzazzjoni bbilanċjata bbażata fuq informazzjoni rigward in-nutrijenti diġà preżenti fil-ħamrija u fl-istruttura tal-ħamrija, prattiki ta' kisi bl-ixkomp u irrigazzjoni/skular ta' l-ilma, li jnaqqsu s-suxxettibilità għall-organiżmi ta' ħsara u għall-mard. L-użu ta' ilma ta' taħt l-art għall-irrigazzjoni għandu jkun evitat;
 - il-prevenzjoni tat-tixrid ta' organiżmi ta' ħsara permezz tal-makkinarju u tat-tagħmir;
 - il-protezzjoni u t-titjib ta' organiżmi importanti ta' benefiċċju, bħall-utilizzazzjoni ta' infrastrutturi ekoloġiċi ġewwa u barra siti ta' produzzjoni, billi jitwarrab perċentwal minimu taż-żona kollha ta' għelieqi, it-tħawwil ta' speċijiet ta' pjanti li jattiraw l-għedewwa naturali ta' l-organiżmi ta' ħsara.
- (b) L-organiżmi ta' ħsara għandhom ikunu mmonitorjati b'metodi u b'għodda xierqa. Dawn l-għodod għandhom jinkludu twissijiet xjentifikament tajba, sistemi ta' tbassir u ta' djanjosi minn kmieni, fejn possibbli, kif ukoll konsulenti kwalifikati professjonalment, bħal dawk provduti mill-istat u mis-servizzi privati ta' estensjoni.
- (c) Fuq il-bażi tar-riżultati tal-monitoraġġ, l-utent professjonali għandu jiddeċiedi jekk u meta japplika l-miżuri ta' protezzjoni tal-pjanti. Valuri minimi xjentifikament validi u affidabbli huma komponenti essenzjali għat-teħid ta' deċiżjonijiet. Fejn ikun possibbli, fil-każ ta' organiżmi ta' ħsara għandhom jitqiesu l-livelli minimi stipulati għar-reġjun qabel ma jsir trattament.
- (d) Metodi bijoloġiċi, fiżiċi, mekkaniċi u metodi oħrajn mhux kimiċi għandhom ikunu ppreferuti fuq metodi kimiċi, kull meta dan ikun possibbli. Rigward il-ħaxix selvaġġ, għandha tkun preferuta t-tnaqqija mekkanika jew metodi oħra mhux kimiċi bħall-użu tas-sħana. Għandu jkun hemm eċċezzjonijiet fil-każ ta' kundizzjonijiet meteoroloġiċi ħżiena li jdumu li jagħmlu t-tnaqqija mekkanika diffiċli ħafna.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- (e) Il-pestiċidi applikati għandhom ikun speċifiċi kemm jista' jkun għall-iskop u għandu jkollhom l-anqas effetti kollaterali possibbli fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambejnt, bħall-estratti tal-pjanti u tas-siġar, sustanzi minerali għall-prevenzjoni ta' trobbija ta' fungi.
- (f) L-utent professjonali għandu jżomm l-użu ta' pestiċidi u ta' forom oħra ta' intervenzjoni fil-livelli meħtieġa, per eżempju billi jnaqqas id-dożi, inaqqas il-frekwenza ta' l-applikazzjoni jew ta' applikazzjoni parzjali, filwaqt li jżomm preżenti li l-livell ta' riskju fil-veġetazzjoni għandu jibqa' aċċettabbli u m'għandux iżid ir-riskju li jiġu żviluppata reżistenzi f'popolazzjonijiet ta' organiżmi ta' ħsara.
- (g) Fejn ir-riskju ta' reżistenza kontra miżura għall-protezzjoni tal-pjanti huwa magħruf u fejn il-livell ta' organiżmi ta' ħsara jitlob applikazzjoni ripetuta ta' pestiċidi fuq l-uċuh tar-raba', għandhom ikunu applikati strateġiji kontra r-reżistenza sabiex tinżamm l-effettività tal-prodotti. Dan jista' jinkludi l-użu ta' prodotti multipli għall-protezzjoni tal-pjanti b'metodi differenti ta' azzjoni.
- (h) L-utenti professjonali għandhom iżommu reġistri tal-pestiċidi kollha użati, għal kull għalqa. Skond ir-reġistri dwar l-użu ta' pestiċidi u dwar il-kontroll ta' organiżmi ta' ħsara, l-utent professjonali għandu jivverifika s-suċċess tal-miżuri applikati għall-protezzjoni tal-pjanti.

P6_TA(2007)0445

It-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti ***I

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti (COM(2006)0388 — C6-0245/2006 — 2006/0136(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0388),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikoli 37(2) u 152(4)(b) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0245/2006),
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 35 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (A6-0359/2007),

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TC1-COD(2006)0136

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Ottubru 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru .../2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 152 (4)(b) u 175 (1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251⁽²⁾ tat-Trattat,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti⁽³⁾ tipprovdi regoli li jiggvernaw il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u s-sustanzi attivi li jinsabu f'dawk il-prodotti.
- (2) Fil-konklużjonijiet tagħhom dwar ir-rapport ta' progress⁽⁴⁾ li kien ippreżentat mill-Kummissjoni skond id-Direttiva 91/414/KEE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill talbu lill-Kummissjoni biex tirrevedi d-Direttiva u identifika numru ta' kwistjonijiet biex tindirizzahom il-Kummissjoni.
- (3) Fid-dawl ta' l-esperjenza li nkisbet mill-applikazzjoni tad-Direttiva 91/414/KEE u l-iżviluppi xjentifiċi u tekniċi reċenti, id-Direttiva 91/414/KEE għandha tiġi sostitwita.
- (4) Sabiex ikun hemm iktar semplifikazzjoni, *l-att il-ġdid* għandu jirrevoka wkoll id-Direttiva tal-Kunsill 79/117/KEE tal-21 ta' Diċembru 1978 li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom ċerti sustanzi attivi⁽⁵⁾. **Madankollu, il-prinċipji ewlenin tad-Direttiva 79/117/KEE għandhom jinżammu fl-att il-ġdid.**

⁽¹⁾ ĠU C 175, 27.7.2007, p. 44.

⁽²⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2007.

⁽³⁾ ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/52/KE (ĠU L 214, 17.8.2007, p. 3).

⁽⁴⁾ COM(2001)0444.

⁽⁵⁾ ĠU L 33, 8.2.1979, p. 36. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7, verżjoni kkorregguta fil-ĠU L 229, 29.6.2004, p. 5).

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- (5) Sabiex tiġi ssemplifikata l-applikazzjoni ta' l-att il-ġdid u sabiex tkun żgurata l-konsistenza fl-Istati Membri kollha għandu jieħu l-forma ta' Regolament.
- (6) Il-produzzjoni tal-pjanti għandha post importanti ħafna fil-Komunità. Wieħed mill-aktar modi importanti sabiex jiġu mħarsa l-pjanti u l-prodotti li ġejjin mill-pjanti mill-organiżmi li jagħmlu l-ħsara, inkluż il-ħaxix ħażin, u sabiex tittejjeb il-produzzjoni agrikola huwa l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.
- (7) **Tipi differenti ta' uċuħ tar-raba' huma importanti għall-Komunità kemm għall-produzzjoni fuq skala kbira u anki għal dik fuq skala żgħira. Dawn it-tipi differenti ta' produzzjoni għandhom jiġu mħarsa billi jkun permess l-użu ta' prodotti differenti għall-protezzjoni tal-pjanti.**
- (8) Il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ji sta' jkollhom ukoll effett mhux ta' ġid fuq il-produzzjoni tal-pjanti. L-użu tagħhom ji sta' jinvolvi riskji u perikli għall-bniedem, għall-annimali u għall-ambjent, speċjalment jekk jitqiegħdu fis-suq mingħajr ma jkunu ttestjati u awtorizzati uffiċjalment u jekk jin-tużaw b'mod mhux korrett. Għalhekk, għandhom jiġu adottati regoli armonizzati dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.
- (9) L-iskop ta' dan ir-Regolament huwa li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni kemm għas-saħħa tal-bniedem kif ukoll għas-saħħa ta' l-annimali u għall-ambjent **u fl-istess ħin biex tkun żgurata l-kompetittività ta' l-agrikultura Ewropea**. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni, inklużi nisa tqal **u li jreddgħu, embriji u feti**, trabi u tfal. Għandu jkun applikat il-prinċipju tal-prekawżjoni u għandu jkun żgurat li l-industrija turi li s-sustanzi jew il-prodotti magħmula jew imqiegħda fis-suq ma jaffettwawx b'mod negattiv is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent **u ma jkunx hemm xi suspett li qegħdin jagħmlu dan**.
- (10) **Sabiex ma jsirux testijiet fuq l-annimali, it-testijiet fuq l-annimali vertebrati għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom isiru biss wara li jkunu fallaw it-tentattivi l-oħra kollha. Dan ir-Regolament u l-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi l-ħtieġa ta' data għas-sustanzi attivi, għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, sustanzi li jnaqqsu l-ħsara fil-pjanti kkawżata minn sustanzi oħra (safeners) u sustanzi li jaħdmu ma' sustanzi oħra (synergists) għandhom jiżguraw li t-testijiet fuq l-annimali vertebrati jsiru mill-inqas u li testijiet doppji jkunu evitati, u jipprovvovv t-testijiet li ma jinvolvu l-annimali u l-istrateġiji ta' l-ittestjar intelliġenti. Ir-riżultati eżistenti minn testijiet fuq annimali vertebrati għandhom jinqasnu bejn kulħadd waqt il-proċess ta' l-iżvilupp ta' prodotti ġodda għall-protezzjoni tal-pjanti. Skond id-Direttiva tal-Kunsill 86/609/KEE ta' l-24 ta' Novembru 1986 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-protezzjoni ta' l-annimali użati għal finijiet sperimentali u finijiet xjentifiċi oħra ⁽¹⁾, anki t-testijiet fuq l-annimali vertebrati għandhom jiġu sostitwiti, jiġu limitati jew jiġu mtejba. L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha, fejn ikun possibbli, tiġi bbażata fuq l-użu ta' metodi xierqa ta' ttestjar alternattiv. Mhux aktar tard ... ⁽²⁾, il-Kummissjoni għandha tirrevedi r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data tar-riżultati li jkunu ħarġu mit-testijiet dwar l-annimali vertebrati u fejn meħtieġ tibdel dawn ir-regoli.**
- (11) Is-sustanzi għandhom jiġu inklużi biss fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn ikun intwera li dawn jippreżentaw benefiċċju ċar għall-produzzjoni tal-pjanti **fejn ikun ġie stabbilit li m'għandhom l-ebda** effett ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali jew kwalunkwe influwenza inaċċettabbli fuq l-ambjent. Sabiex jinkiseb **livell għoli u identiku** ta' protezzjoni fl-Istati Membri kollha, id-deċiżjoni dwar l-aċċettabilità jew in-nuqqas ta' aċċettabilità ta' sustanzi bħal dawn għandha tittieħed fuq il-livell Komunitarju.
- (12) **Biex tapplika l-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", il-Kummissjoni għandha teżamina kif il-manifatturi tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew tas-sustanzi attivi li jkun fihom għandhom ikunu involuti kif xieraq biex jieħdu ħsieb jew isewwu l-ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent li tista' tirriżulta mill-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.**

⁽¹⁾ ĠU L 358, 18.12.1986, p. 1. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2003/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 230, 16.9.2003, p. 32).

⁽²⁾ *Seba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- (13) Fl-interess tal-prevedibbiltà, ta' l-effiċjenza u tal-konsistenza, għandha tiġi stabbilita proċedura ddetaljata biex jiġi vvalutat jekk sustanza attiva tistax tiġi approvata. Għandha tiġi speċifikata l-informazzjoni li trid titressaq mill-partijiet interessati għall-iskop ta' l-approvazzjoni ta' sustanza. Fid-dawl ta' l-ammont ta' xogħol marbut mal-proċedura ta' approvazzjoni, huwa xieraq li l-evalwazzjoni ta' informazzjoni bħal din titwettaq minn Stat Membru li jaġixxi bħala *rapporteur* għall-Komunità. Sabiex tkun żgurata l-konsistenza fl-evalwazzjoni, għandha titwettaq revizzjoni xjentifika indipendenti mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel li ġiet stabbilita skond l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u li jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel⁽¹⁾ (minn hawn 'il quddiem se *tissejjaħ* "l-Awtorità"). Għandu jkun iċċarat li l-Awtorità ttwettaq valutazzjoni tar-riskju filwaqt li l-Kummissjoni għandha ttwettaq il-ġestjoni tar-riskji u tiegħu d-deċizzjoni finali dwar sustanza attiva. Għandhom jiġu inklużi dispożizzjonijiet li jiżguraw it-trasparenza tal-proċess ta' evalwazzjoni.
- (14) Għal raġunijiet ta' etika, il-valutazzjoni ta' sustanza attiva jew ta' prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti m'għandhiex tkun ibbażata fuq testijiet jew studji li jinvolvu l-amministrazzjoni deliberata tas-sustanza attiva jew tal-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti lil bnedmin bl-iskop li jiġi ddeterminat Livell ta' Ebda Effett Osservat uman ta' sustanza attiva. Bl-istess mod, l-istudji tossikoloġiċi mwettqa fuq il-bnedmin m'għandhomx jintużaw biex jitbaxxew il-marġnijiet ta' sikurezza għal sustanzi attivi jew għal prodotti għall-*protezzjoni* tal-pjanti.
- (15) ***L-iżvilupp tal-metodi ta' l-ittestjar in vitro (test tube) mhux fuq l-annimali għandu jiġi promoss biex tinħoloq data ta' sikurezza aktar rilevanti għall-bniedem milli r-riżultati ta' studji fuq l-annimali użati bħalissa.***
- (16) Sabiex titħaffef l-approvazzjoni tas-sustanzi attivi, għandhom ikunu stabbiliti skadenzi stretti għall-passi proċedurali differenti.
- (17) Fl-interessi tas-sikurezza, il-perjodu ta' approvazzjoni għas-sustanzi attivi għandu jkun limitat fiż-żmien. Il-perjodu ta' approvazzjoni għandu jkun proporzjonat għar-riskji inerenti possibbli fl-użu ta' sustanzi bħal dawn ***u għandu jkun limitat għal massimu ta' 15-il sena għal sustanzi b'riskju baxx, 5 snin għall-kandidati għas-sostituzzjoni u 10 snin għal sustanzi oħra.*** L-esperjenza miksuba mill-użu effettiv ta' prodotti għall-*protezzjoni* tal-pjanti li jkun fihom is-sustanzi kkonċernati u għandu jitqies kwalunkwe żvilupp fix-xjenza u fit-teknoloġija meta tittieħed kwalunkwe deċizzjoni dwar it-tiġdid ta' approvazzjoni. Wara l-ewwel tiġdid, ***għandha ssir revizzjoni regolari tas-sustanzi.***
- (18) Għandha tkun provduta l-possibbiltà li ssir emenda jew li tiġi rtirata l-approvazzjoni ta' sustanza attiva f'każijiet fejn il-kriterji għall-approvazzjoni ma jibqgħux jiġu sodisfatti ***jew fejn il-konformità mad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għall-azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika dwar l-ilma⁽²⁾ u d-direttivi mnissla minnha tista' tiġi kompromessa.***
- (19) L-evalwazzjoni ta' sustanza attiva ti sta' tiżvela li tippreżenta riskju konsiderevolment iżgħar minn sustanzi oħra. Sabiex tkun iffavorita l-inklużjoni ta' sustanza bħal din fi prodotti għall-*protezzjoni* tal-pjanti, huwa xieraq li jiġu identifikati sustanzi bħal dawn u li jkun iffaċilitat it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-*protezzjoni* tal-pjanti li jkun fihom dawn is-sustanzi.
- (20) ***Sabiex wieħed jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' prodotti għall-*protezzjoni* tal-pjanti, għandhom jiddaħħlu inċentivi għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti b'riskju żgħir jew b'inqas riskju minn prodotti li diġà jinsabu fis-suq. Għandhom jiġu stabbiliti kriterji ċari u oġġettivi sabiex jiġi definit liema prodotti jistgħu jistqarru li għandhom tali profil.***

⁽¹⁾ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat *l-aħħar* bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 575/2006 (ĠU L 100, 8.4.2006, p. 3).

⁽²⁾ ĠU L 327, 22.12.2000, p 1. *Id-Direttiva kif emendata bid-Deċiżjoni* Nru 2455/2001/KE (ĠU L 331, 15.12.2001, p. 1).

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- (21) Ċerti sustanzi li m'humhiex użati b'mod predominanti bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jistgħu ikunu ta' valur għall-protezzjoni tal-pjanti, iżda l-interess ekonomiku biex issir applikazzjoni għall-approvazzjoni ji sta' jkun limitat. Għalhekk, dispożizzjonijiet speċifiċi għandhom jiżguraw li sustanzi bħal dawn, sakemm ir-riskji tagħhom huma **meġjusa** aċċettabbli **mill-partijiet interessati kollha**, jistgħu jkunu approvati wkoll għall-użu fil-protezzjoni tal-pjanti.
- (22) Uħud mis-sustanzi attivi **li joħlqu tħassib partikulari, li bħalissa huma approvati**, għandhom ikunu identifikati fil-livell Komunitarju **u nazzjonali bħala kandidati għas-sostituzzjoni**. L-Istati Membri għandhom **jeżaminaw** il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom sustanzi attivi bħal dawn **bil-għan li dawn jiġu sostitwiti** bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom sustanzi attivi li jeħtieġu **ħafna** inqas mitigazzjoni tar-riskju **jew xejn jew bi Prattiki alternattivi ta' l-agrikultura mhux kimiċi u b'metodi ta' protezzjoni ta' l-uċuħ tar-raba'**. Wara kontroll pożittiv, **is-sustanzi attivi għandhom jiġu sostitwiti immedjatament**.
- (23) **L-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jipprojbixxu jew ma jawtorizzawx prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti sabiex iqisu l-kondizzjonijiet naturali, agrikulturali jew klimatiċi speċifiċi tagħhom, jew jekk l-użu ta' dawn il-prodotti ma jkunx konformi mal-pjan ta' azzjoni tagħhom biex jitnaqqsu r-riskji assoċjati ma' u d-dipendenza fuq l-użu tal-pestiċidi adottat skond id-Direttiva 2008/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... [li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli ta' pestiċidi] (*)**.
- (24) Minbarra s-sustanzi attivi, il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ji sta' jkun fihom ukoll **safeners** jew **synergists** li għalihom għandhom ikunu provduti **leġiżlazzjoni** simili. Għandhom ikunu stabbiliti **d-dispożizzjonijiet** meħtieġa għar-reviżjoni ta' sustanzi bħal dawn **fuq il-bażi ta' proposta leġiżlattiva mill-Kummissjoni**. Is-sustanzi li qegħdin fis-suq bħalissa għandhom ikunu riveduti biss wara li jkunu ġew stabbiliti daww id-dispożizzjonijiet.
- (25) Il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ji sta' jkun fihom ukoll ko-formulanti. Huwa xieraq li tkun **adottata u tkun disponibbli għall-pubbliku** lista **pożittiva** ta' ko-formulanti li **jistgħu jkunu** inklużi fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti **u r-raġunijiet għalihom. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli għall-pubbliku. Id-dettalji tal-ko-formulanti kollha li huma inklużi fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom ukoll ikunu disponibbli għall-pubbliku**.
- (26) Il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi attivi jistgħu ikunu formulati b'ħafna modi u jistgħu jintużaw fuq firxa ta' uċuħ tar-raba', f'kondizzjonijiet agrikoli, ekoloġiċi u klimatiċi differenti. L-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom għalhekk jingħataw mill-Istati Membri.
- (27) Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-awtorizzazzjoni jridu jiżguraw standard għoli ta' **protezzjoni**. B'mod partikolari, meta jingħataw l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, l-għan li jitħarsu s-saħħa tal-bniedem u dik ta' l-annimali u li jitħares l-ambjent **u r-riżorsi ta' l-ilma** għandu jieħu prijorità fuq l-għan li tittejjeb il-produzzjoni tal-pjanti. Għalhekk, qabel ma l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jitqiegħdu fis-suq, għandu jintwera li jippreżentaw benefiċċju ċar għall-produzzjoni tal-pjanti u li m'għandhom l-ebda effett ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem, **inkluża dik ta' gruppi vulnerabbli**, jew ta' l-annimali jew kwalunkwe influwenza inaċċettabbli fuq l-ambjent **u fuq ir-riżorsi ta' l-ilma. L-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jipprojbixxu jew ma jawtorizzawx prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li ma jippreżentawx benefiċċju ċar għall-produzzjoni tal-pjanti fil-kondizzjonijiet speċifiċi tat-territorju tagħhom**.
- (28) Fl-interess tal-prevedibbiltà, ta' l-effiċjenza u tal-konsistenza, il-kriterji, il-proċeduri u l-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom ikunu armonizzati, waqt li jitqiesu l-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali u tal-protezzjoni ta' l-ambjent.
- (29) Is-sustanzi attivi li jinsabu fi prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jistgħu ikunu prodotti permezz ta' proċessi ta' manifattura differenti, li jwasslu għal differenzi fl-ispeċifikazzjonijiet. Differenzi bħal dawn ji sta' jkollhom implikazzjonijiet għas-sikurezza. Għal raġunijiet ta' effiċjenza, għandha tkun provduta proċedura armonizzata fil-livell Komunitarju għall-valutazzjoni ta' daww id-differenzi.

(*) ĠU L

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- (30) Biex tiġi evitata **l** duplikazzjoni tax-xogħol **bla bżonn**, biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-industrija u għall-Istati Membri u biex tiġi żgurata disponibiltà iktar armonizzata ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, l-awtorizzazzjonijiet mogħtija minn Stat Membru wieħed għandhom ikunu **notifikati lill-Istati Membri l-oħra. L-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jikkonfermaw, jirrifjutaw jew jirrestrinġu l-awtorizzazzjoni li tkun inġatata minn Stat Membru ieħor fuq il-bażi tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' l-agrikultura tagħhom jew biex iżommu livell ta' protezzjoni ogħla b'konformità mal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom.**
- (31) **Koperazzjoni amministrattiva tajba bejn l-Istati Membri għandha tiżdied tul il-fażijiet kollha tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni u għandha tkun faċilitata minn Helpdesk Ewropew.**
- (32) L-interess ekonomiku għall-industrija biex issir applikazzjoni għal awtorizzazzjoni huwa limitat f'ċerti użi. Sabiex ikun żgurat li d-diversifikazzjoni ta' l-agrikultura u ta' l-ortikultura ma titqiegħed f'periklu minħabba n-nuqqas ta' disponibiltà tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, għandhom ikunu stabbiliti regoli speċifiċi għal użi minuri.
- (33) F'każijiet eċċezzjonali, **għandha tkun permessa** l-Istati Membri għandhom jitħallew jawtorizzaw prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li ma jikkonformawx mal-kondizzjonijiet provduti f'dan ir-Regolament, fejn ikun meħtieġ li jsir dan minħabba periklu jew theddida għall-produzzjoni tal-pjanti **u l-ekosistemi** li ma tistax titrażżan permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor. Awtorizzazzjonijiet **temporanji** bħal dawn għandhom ikunu riveduti fil-livell Komunitarju.
- (34) Sabiex tingħata spinta lill-innovazzjoni, għandhom ikunu stabbiliti regoli speċjali li jippermettu l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti f'esperimenti anki meta dawn ikunu għadhom ma ġewx awtorizzati.
- (35) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent, il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom jintużaw kif suppost, **skond l-awtorizzazzjoni tagħhom**, b'rispett għall-prinċipji ta' kontroll integrat ta' insetti u annimali li jagħmlu l-ħsara **waqt li tingħata prijorità lill-alternattivi naturali jew mhux kimiċi, fejn ikun possibbli**. Il-Kunsill se jinkludi fir-rekwiżit ta' kontroll statutorju msemmi fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 **tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għall-iskemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrkola komuni u jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa** ⁽¹⁾ l-prinċipji ta' kontroll integrat ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara, inkluża prattika tajba ta' protezzjoni tal-pjanti u **metodi ta' protezzjoni tal-pjanti mhux kimiċi kif ukoll il-ġestjoni ta' l-organiżmi li jagħmlu l-ħsara u ta' l-uċuħ tar-raba'**. Għandu għalhekk jiġi previst perjodu tranżizzjonali li fih l-Istati Membri jistabbilixxu l-istrutturi meħtieġa sabiex min juża prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti japplika l-prinċipji ta' kontroll integrat ta' insetti u annimali li jagħmlu l-ħsara **kif ukoll l-alternattivi mhux kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti u għall-kontroll ta' l-organiżmi li jagħmlu l-ħsara u ta' l-uċuħ tar-raba'**.
- (36) Għandha tiġi stabbilita sistema għall-iskambju ta' l-informazzjoni. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għal xulxin, għall-Awtorità u għall-Kummissjoni il-partikolaritajiet u d-dokumentazzjoni xjentifika mressqa b'konnessjoni ma' applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. **L-istudji u d-data relevanti għall-evalwazzjoni tossikoloġika u ekotossikoloġika tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku.**
- (37) Jistgħu jintużaw *adjuvants* biex tiżdied l-effikaċja ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. It-tqegħid fis-suq jew l-użu tagħhom għandu jkun ipprojbit meta dawn ikun fihom ko-formulant li kien ipprojbit.
- (38) L-istudji jirrappreżentaw investment kbir. Dan l-investment għandu jkun imħares sabiex tiġi stimolata r-riċerka. Għal din ir-raġuni, l-istudji **minbarra dawk li jinvolvu testijiet fuq l-annimali vertebrati u studji oħra li jistgħu jevitaw li jsiru testijiet fuq l-annimali**, depożitati ma' Stat Membru minn applikant wieħed għandhom ikunu mħarsa mill-użu minn applikant ieħor. Dan il-protezzjoni għandu, madankollu, ikun limitat fiż-żmien sabiex jippermetti l-kompetizzjoni. Għandu jkun limitat ukoll għal studji li huma ġenwinament meħtieġa għal skopijiet regolatorji, biex jiġi evitat li l-applikanti jstendju b'mod artifiċjali l-perjodu ta' protezzjoni billi jressqu studji ġodda li ma jkunux meħtieġa.

⁽¹⁾ ĠU L 270, 21.10.2003, p.1. *Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1276/2007 (ĠU L 284, 30.10.2007, p.11).*

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- (39) Għandhom ikunu stabbiliti regoli biex tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' testijiet u studji. B'mod partikolari, għandha tkun ipprobita r-ripetizzjoni ta' studji li jinvolvu l-vertebrati. F'dan il-kuntest, għandu jkun hemm obbligu li jkun permess l-aċċess għal studji fuq l-vertebrati **u studji oħra li jistgħu jevitaw li jsiru testijiet fuq l-annimali**. Sabiex l-operaturi jitħallew ikunu jafu liema studji saru minn oħrajn, l-Istati Membri għandhom **iressequ quddiem l-Awtorità l-istudji kollha** bħal dawn anki meta ma jkunux koperti mis-sistema ta' aċċess obbligatorju li ssemmiet aktar 'il fuq. **L-Awtorità għandha tistabbilixxi bażi ċentrali tad-data għal studji bħal dawn**.
- (40) Billi l-Istati Membri, l-Awtorità jew il-Kummissjoni japplikaw regoli differenti f'relazzjoni għall-aċċess għal u għall-kunfidenzjalità tad-dokumenti, huwa xieraq li jkunu ċċarati d-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-informazzjoni li tinsab fid-dokumenti li jkunu fil-pussess ta' dawn l-awtoritajiet u dwar il-kunfidenzjalità ta' dawn id-dokumenti.
- (41) Id-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 1999 li tirrigwarda l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikettjar tal-preparazzjonijiet perikolużi⁽¹⁾ tapplika għall-klassifikazzjoni, għall-imballaġġ u għall-ittikettjar tal-pestiċidi. Madankollu, biex jittejjeb aktar il-protezzjoni ta' l-utenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, **kif ukoll tar-residenti u ta' persuni li jinzertaw fl-inħawi li jistgħu jiġu esposti għall-pestiċidi mill-bexx ta' l-uċuħ tar-raba'**, tal-konsumaturi tal-pjanti u tal-prodotti ġejjin mill-pjanti u ta' l-ambjent, **ikun xieraq li tiġi adottata leġiżlazzjoni speċifika fuq il-bażi ta' proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni li tqis** il-kondizzjonijiet speċifiċi ta' l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.
- (42) Biex ikun żgurat li reklami ma jqarrqux lill-utenti ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti **jew bil-pubbliku**, huwa xieraq li jkunu provduti regoli ir-reklamar ta' dawk il-prodotti.
- (43) Għandhom ikunu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar iż-żamma tar-rekords u l-informazzjoni dwar l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, sabiex jiżdied il-livell ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali u l-livell ta' protezzjoni ta' l-ambjent billi tkun żgurata t-traċċabilità ta' l-espożizzjoni potenzjali, tiżdied l-effiċjenza tal-monitoraġġ u tal-kontroll u jitnaqqsu l-ispejjeż tal-monitoraġġ tal-kwalità ta' l-ilma.
- (44) **L-Istati Membri għandhom jagħmlu kontrolli u spezzjonijiet** fir-rigward tat-tqegħid fis-suq u ta' l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti **biex** jiżguraw **li jkun hemm konformità** mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni kemm għas-saħħa tal-bniedem u dik ta' l-annimali kif ukoll livell għoli ta' protezzjoni ta' l-ambjent.
- (45) **L-operaturi għandu jkollhom l-istess opportunitajiet fir-rigward ta' l-aċċess għas-suq b'mod partikolari sabiex intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jkunu jistgħu joperaw, sabiex jiżguraw li prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkunu sikuri u effettivi jkunu disponibbli għall-bdiewa**.
- (46) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mas-saħħa ta' l-annimali, u mar-regoli dwar il-welfare ta' l-annimali⁽²⁾ jipprovdi għal miżuri ta' kontroll għall-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-istadji kollha tal-produzzjoni ta' l-ikel, inkluż iż-żamma tar-rekords dwar l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Regoli simili għandhom **ikunu stabbiliti fuq il-bażi ta' proposta leġiżlattiva mill-Kummissjoni għall-ħażna** u għall-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li mhumiex koperti mir-Regolament (KE) Nru 882/2004.
- (47) **Il-piż burokratiku fuq il-bdiewa għandu jkun limitat kemm ji sta' jkun**.

⁽¹⁾ ĠU L 200, 30.7.1999, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, il-verżjoni ikkorreġuta f'ĠU L 136, 29.5.2007, p. 3).

⁽²⁾ ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- (48) **Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw bla preġudizzju għal-leġiżlazzjoni Komunitarja eżistenti, b'mod partikolari d-Direttiva 2008/.../KE [li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi] ⁽¹⁾, id-Direttiva 2000/60/KE, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE3, u leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema u ta' kulmin huwa kkonċernat mill-użu mraġżan u r-rilaxx volontarju ta' organiżmi modifikati ġenetikament.**
- (49) Huwa meħtieġ li jkunu stabbiliti proċeduri għall-adozzjoni ta' miżuri ta' emerġenza f'sitwazzjonijiet fejn huwa probabbli li sustanza attiva, *safener*, *synergist* jew prodott għall-protezzjoni tal-pjanti approvata tikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali jew għall-ambjent.
- (50) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati.
- (51) Għandha tibqa' tapplika r-responsabbiltà ċivili u kriminali ġenerali fl-Istat Membru tal-manifattur u, fejn applikabbli, tal-persuna responsabbli għat-tqegħid fis-suq jew għall-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti.
- (52) L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jirkupraw l-ispejjeż tal-proċeduri li huma assoċjati ma' l-applikazzjoni tar-Regolament mingħand dawk li qed jipprovaw iqiegħdu, jew li qed iqiegħdu, fis-suq prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u mingħand dawk li japplikaw għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi, *safeners* jew *synergists*.
- (53) L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet nazzjonali meħtieġa.
- (54) Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu provduti r-riżorsi finanzjarji meħtieġa u l-possibbiltà li jiġu emendati ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament fid-dawl ta' l-esperjenza jew ta' l-iżvilupp ta' noti tekniċi bħala gwida.
- (55) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ⁽²⁾. Huwa xieraq li jiġu adottati miżuri purament tekniċi, amministrattivi jew urġenti billi tintuża l-proċedura tal-kumitati konsultattivi.
- (56) **B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandu jingħatalha s-setgħa biex tapprova sustanzi attivi, biex iġġedded jew terġa' tikkunsidra l-approvazzjoni tagħhom, biex tapprova ko-formulanti, biex tadotta metodi armonizzati li jistabbilixxu n-natura u l-kwantità tas-sustanzi attivi, *safeners* u *synergists*, u fejn xieraq ta' l-impurità u l-ko-formulanti rilevanti, biex tistabbilixxi regoli li jwasslu għal soluzzjoni għan-nuqqas ta' qbil bejn l-Istati Membri dwar l-evalwazzjoni ta' l-ekwi-valenza, biex tadotta linji gwida dwar l-organizzazzjoni tal-verifiki ta' konformità għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni, biex tadotta regoli dettaljati biex ikunu permessi derogi dwar l-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għar-riċerka u l-iżvilupp, u timplimenta miżuri li jiżguraw l-applikazzjoni uniformi taż-żamma tar-rekords fuq il-produzzjoni, il-ħażna u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, id-dokumenti ta' gwida teknika jew xort'oħra għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-lista ta' sustanzi attivi approvati. Billi dawn il-miżuri ta' firxa ġenerali huma mfassla biex jemendaw elementi li m'humix essenzjali ta' dan ir-Regolament jew biex iżidulu elementi ġodda li m'humix essenzjali, il-miżuri għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.**
- (57) Ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/414/KEE għandhom jibqgħu japplikaw matul il-perjodi tranżitorju,

⁽¹⁾ ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 178/2006 (ĠU L 29, 2.2.2006, p. 3).

⁽²⁾ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I

Id-Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1

Is-suġġett **u l-iskop**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti f'forma kummerċjali u għat-tqegħid fis-suq, għall-użu u għall-kontroll tagħhom ġewwa l-Komunità.
2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi kemm regoli għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi, *safeners* u *synergists*, li jkunu fi jew li jikkostitwixxu prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, kif ukoll regoli għall-*adjuvants* u għall-ko-formulanti.
3. **L-iskop ta' dan ir-Regolament huwa li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni kemm għas-saħħa tal-bniedem kif ukoll għas-saħħa ta' l-annimali u għall-ambjent.**
4. **Dan ir-regolament huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni sabiex ikun żgurat li s-sustanzi jew il-prodotti mqiegħda fis-suq ma jaffettwawx b'mod negattiv is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent.**
5. **Barra minn hekk, l-iskop ta' dan ir-Regolament hu li jarmonizza r-regoli dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti sabiex tiġi armonizzata d-disponibilità tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bejn il-bdiewa fl-Istati Membri differenti.**
6. **L-Istati Membri ma jistgħux ma jitħallewx japplikaw il-prinċipju prekawzjonarju biex jillimitaw jew jipprojbixxu l-pestiċidi.**
7. **L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu skond il-ħtiġijiet tagħhom żoni li jkunu ħielsa mill-pestiċidi sabiex jissalvagwardaw ir-riżorsi ta' l-ilma tax-xorb. Tali żoni ħielsa mill-pestiċidi jistgħu jkopru Stat Membru kollu kemm hu.**
8. **L-Istati Membri jistgħu jimponu projbizzjoni fuq l-użu u t-tqegħid fis-suq ta' pestiċidi awtorizzati mill-UE fejn dawn ikunu jinstabu fi kwantitajiet li jistgħu jitkejlu barra ż-żona ta' l-għeruq.**

Artikolu 2

L-ambitu

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal prodotti, fil-forma li fiha jiġu forniti lill-utent, li jikkonsistu fi jew li fihom sustanzi attivi, *safeners* jew *synergists*, u li huma maħsuba għal wieħed mill-użi li ġejjin:
 - a) il-protezzjoni tal-pjanti jew tal-prodotti li ġejjin mill-pjanti mill-organiżmi li jagħmlu l-ħsara, jew il-prevenzjoni ta' l-azzjoni ta' organiżmi bħal dawn, ħliet meta l-iskop prinċipali ta' dawn il-prodotti jitqies bħala li huwa għal raġunijiet ta' iġjene pjuttost milli għall-protezzjoni tal-pjanti jew tal-prodotti li ġejjin mill-pjanti;
 - b) l-influenza fuq il-proċessi vitali tal-pjanti, bħal sustanzi li jinfluwenzaw it-tkabbir tagħhom, iżda mhux bħala nutrijent;

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- c) il-preservazzjoni ta' prodotti li ġejjin mill-pjanti, sakemm sustanzi jew prodotti bħal dawn ma jkunux soġġetti għal dispożizzjonijiet Komunitarji speċjali dwar il-preservattivi;
- d) il-qerda ta' pjanti jew ta' partijiet ta' pjanti mhux mixtieqa, ħlief l-alki;
- e) il-kontroll jew il-prevenzjoni tat-tkabbir mhux mixtieq ta' pjanti, ħlief l-alki.

Dawn il-prodotti minn hawn 'il quddiem se jissejħu "prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti".

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għal sustanzi, inklużi mikro-organiżmi u vajrusijiet, li għandhom azzjoni ġenerali jew speċifika kontra organiżmi li jagħmlu l-ħsara jew fuq pjanti, partijiet ta' pjanti jew prodotti li ġejjin mill-pjanti, li minn hawn 'il quddiem se jissejħu "sustanzi attivi". **Madankollu ma jibqax japplika għall-mikro organiżmi, vajrusijiet, feromoni u prodotti bijoloġiċi jekk jiġi adottat regolament speċifiku dwar il-prodotti għall-kontroll bijoloġiku.**

3. Dan ir-Regolament għandu japplika għal dawn li ġejjin:

- a) sustanzi jew preparazzjonijiet li jiġu miżjuda ma' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti biex jiġu eliminati jew imnaqqsa l-effetti fitotossiċi tal-preparazzjoni fuq ċerti pjanti, li minn hawn 'il quddiem se jissejħu "safeners";
- b) sustanzi jew preparazzjonijiet li, filwaqt li ma juru l-ebda attività jew li juru biss attività dgħajfa fis-sens tal-paragrafu 1, jistgħu jagħtu attività mtejba lis-sustanza(i) attiva(i) fi prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ "synergists";
- c) sustanzi jew preparazzjonijiet li jintużaw jew li huma maħsuba biex jintużaw fi prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jew *adjuvant*, iżda li la huma sustanzi attivi u lanqas *safeners* jew *synergists*, li minn hawn 'il quddiem se jissejħu "ko-formulanti";
- d) sustanzi jew preparazzjonijiet li jikkonsistu minn ko-formulanti jew preparazzjonijiet li fihom ko-formulant wieħed jew iktar, fil-forma li fiha jiġu forniti lill-utent u mqiegħda fis-suq biex jiġu mħalltin mill-utent ma' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti bl-iskop li jibdlu l-proprjetajiet jew l-effetti tiegħu, li minn hawn 'il quddiem se jissejħu "*adjuvants*".

Artikolu 3**Id-definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- 1) "residwi": Sustanza waħda jew aktar preżenti fi jew fuq pjanti jew prodotti li joriġinaw mill-pjanti, prodotti tajbin għall-ikel li joriġinaw mill-annimali, jew fi bnadi oħra fl-ambjent u li jirriżultaw mill-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, inklużi l-metaboliti tagħhom, il-prodotti ta' diżintegrazzjoni jew ta' reazzjoni;
- 2) "sustanzi": Elementi kimiċi u l-komposti tagħhom, kif jeżistu b'mod naturali jew minħabba li ġew manifatturati, inkluża kwalunkwe impurità li inevitabbilment tirriżulta mill-proċess ta' manifattura **użat**;
- 3) "**sustanzi attivi**": **Is-sustanzi, inklużi l-metaboliti tagħhom preżenti fil-fażi ta' l-użu, il-mikro-organiżmi u l-vajrusijiet li għandhom azzjoni ġenerali jew speċifika kontra organiżmi fil-mira tagħhom, jew fuq pjanti, partijiet ta' pjanti jew prodotti li ġejjin mill-pjanti;**
- 4) "preparazzjonijiet": Taħlitiet **jew soluzzjonijiet** magħmulin minn żewġ sustanzi jew iktar, **li ta' l-inqas waħda minnhom tkun sustanza attiva**, maħsuba biex jintużaw bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jew bħala awżiljari;
- 5) "sustanza ta' tħassib": Kwalunkwe sustanza li għandha kapaċità inerenti li tikkawża effett negattiv fuq il-bnedmin, l-annimali jew l-ambjent ■ .

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Sustanzi bħal dawn jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, sustanzi kklassifikati bħala perikolużi skond id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-klassifika, il-pakkettar u t-tikkettar ta' sustanzi perikolużi⁽¹⁾ jiqies bħala perikoluż fit-tifsira ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 1999/45/KE.

Kwalunkwe sustanza li għandha jew potenzjalment għandha kapaċitajiet karċinoġeniċi, mutaġeniċi, newrotossiċi, immunotossiċi, reprotossiċi, ġenotossiċi, jew li toħloq taqlib endokrinali, għandha titqies bħala sustanza ta' tħassib;

- (6) **“oġġett”**: Oġġett li fil-produzzjoni tiegħu jingħata għamla, wiċċ jew disinn speċjali li jiddeterminaw il-funzjoni tiegħu aktar milli tagħmel il-kompożizzjoni kimika tiegħu;
- (7) **“riklam”**: Mezz li jippromwovi l-bejgħ jew l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti permezz tal-midja stampata jew elettronika lil kwalunkwe persuna oħra li ma tkunx la d-detentur ta' l-awtorizzazzjoni u lanqas il-persuna li tkun qiegħda tqiegħed fis-suq il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti u l-aġenti tagħha;
- (8) **“pjanti”**: Pjanti ħajjin u partijiet ħajjin minn pjanti, **flimkien ma' żrieragħ għaż-żriġħ, b'mod partikulari**: il-frott frisk, il-ħaxix, **il-fjuri, il-weraq, ir-rimjiet, il-pollen ħaj, in-nebbiet, il-basal u l-għeruq**;
- (9) **“prodotti li ġejjin mill-pjanti”**: Prodotti fi stat mhux ipproċessat jew li għaddew biss minn preparazzjoni sempliċi, bħal tħin, tnixxif jew ippressar, li ġejjin mill-pjanti, imma esklużi l-pjanti kif iddefiniti fil-punt (8);
- (10) **“organiżmi li jagħmlu l-ħsara”**: Kwalunkwe speċi, varjanti jew bijotip li jappartjeni għar-renju ta' l-annimali jew tal-pjanti jew kwalunkwe aġent patoġeniku li jagħmel ħsara lill-pjanti jew lill-prodotti li ġejjin mill-pjanti;
- (11) **“riskju baxx”**: Ta' natura li titqies li b'mod inerenti m'għandhiex tikkawża **effett negattiv fuq il-bnedmin, l-annimali jew l-ambjent**;
- (12) **“annimali”**: Annimali li jappartjenu lil speċijiet li normalment huma domestikati, mgħalfa, miżmuma jew ikkonsmati mill-bnedmin;
- (13) **“tqegħid fis-suq”**: Iż-żamma ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti bl-iskop ta' bejgħ fil-Komunità, inkluża l-offertà għall-bejgħ jew kwalunkwe forma oħra ta' trasferiment, sew jekk bla hłas u sew jekk le, u l-bejgħ, id-distribuzzjoni, u forom oħra ta' trasferiment infushom. Il-permess ta' ċirkolazzjoni ħielsa ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti ġewwa t-territorju tal-Komunità **kif ukoll l-importazzjonijiet** għandu jtitqies li jikkostitwixxi tqegħid fis-suq għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament;
- (14) **“kummerċ parallel”**: L-importazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti minn Stat Membru fejn il-prodott ikun ġie awtorizzat skond il-kondizzjonijiet tad-Direttiva 91/414/KEE jew ta' dan ir-Regolament bl-intenzjoni li jitqiegħed fis-suq fl-Istat Membru li jkun qiegħed jimporta, fejn il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jew prodott b'referenza identika jkun ġie awtorizzat skond il-kondizzjonijiet tad-Direttiva 91/414/KEE jew ta' dan ir-Regolament;
- (15) **“identiku”**: Il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom jtitqiesu li jkunu identiki meta:
- i) ikunu ta' l-istess oriġini,
 - ii) ikunu ġew manifatturati mill-istess kumpanija jew minn intrapriża assoċjata jew bil-liċenzja (“**identità tal-produttur**”), u
 - iii) ikunu għall-inqas ġew manifatturati skond l-istess formolazzjoni u bl-istess ingredjent attiv, u jkollhom l-istess **effett**, waqt li jtitqiesu b'mod xieraq u b'mod partikolari d-differenzi li jeżistu fil-kondizzjonijiet li għandhom x'jaqsma ma' l-agrikultura, mas-saħħa tal-bniedem, mas-saħħa tal-pjanti u l-ambjent, u b'mod partikulari mal-kondizzjonijiet klimatiċi;

⁽¹⁾ ĠU 196, 16.8.1967, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 851, il-verżjoni ikkorreġuta f'ĠU L 136, 29.5.2007, p. 281).

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- (16) “awtorizzazzjoni ta’ prodott għall-protezzjoni tal-pjanti”: Att amministrattiv li permezz tiegħu l-awtorità kompetenti ta’ Stat Membru tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta’ prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fit-territorju tagħha;
- (17) “produttur”: Persuna li timmanifattura sustanzi attivi, *safeners*, *synergists*, ko-formulanti, prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew *adjuvants* waħdu, jew li jagħti b’kuntratt din il-manifattura lil parti oħra, jew persuna magħżula mill-manifattur bħala r-rappreżentant uniku tiegħu għall-iskop tal-konformità ma’ dan ir-Regolament;
- (18) **“importatur”**: *Persuna li timporta prodotti għall-protezzjoni tal-bniedem għal skopijiet kummerċjali*;
- (19) “ittra ta’ aċċess”: Dokument li permezz tiegħu il-proprietarju ta’ data mħarsa skond dan ir-Regolament jaqbel li data bħal din tintuża mill-awtorità kompetenti bl-iskop li tingħata awtorizzazzjoni ta’ prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jew approvazzjoni ta’ sustanza attiva, *synergist* jew *safener* għall-benefiċċju ta’ persuna oħra;
- (20) “ambjent”: Ilmijiet (inkluż ta’ l-art, tal-wiċċ, tranżitorji, u tal-kosta), ħamrija, arja, art, speċijiet slavaġ ta’ fawna u ta’ flora, u kwalunkwe interrelazzjoni bejniethom, kif ukoll kwalunkwe relazzjoni ma’ organiżmi oħra ħajjin;
- (21) **“saħħa”**: *Stat ta’ benesseri fiżiku, mentali u soċjali sħiħ, u mhux biss in-nuqqas ta’ mard jew ta’ xi infermità*;
- (22) **“gruppi vulnerabbli”**: *Persuni li jinħtieġu konsiderazzjoni speċifika meta jitqiesu l-effetti akuti u kroniċi tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fuq is-saħħa. Fost dawn hemm in-nisa tqal u li jreddgħu, l-embriji u l-feti, it-trabi u t-tfal, l-anzjani, in-nies morda u dawk li jieħdu l-mediċini, il-ħaddiema u r-residenti li jkunu esposti sewwa għall-pestiċidi għal żmien twil*;
- (23) “għestjoni integrata ta’ pesti”: Konsiderazzjoni attenta tat-tekniki kollha disponibbli għall-kontroll ta’ l-organiżmi ta’ ħsara u l-integrazzjoni sussegwenti ta’ miżuri xierqa li jiskoraġġixxu l-iżvilupp ta’ popolazzjonijiet ta’ pesti u li jżommu l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u forom oħra ta’ intervent flivelli li huma ġustifikati ekonomikament u **ekoloġikament** u li jnaqqsu jew jimminimizzaw ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. Il-għestjoni integrata ta’ l-organiżmi ta’ ħsara tenfasizza t-tkabbir ta’ l-uċuħ tar-raba’ b’saħħithom bl-inqas taħwid possibbli ta’ l-agro-ekosistemi **billi tingħata prijorità lill-miżuri preventivi tat-tkabbir ta’ l-uċuħ tar-raba’ u lill-użu ta’ varjetajiet adattati u lill-metodi mhux kimiċi ta’ protezzjoni tal-pjanti u ta’ kontroll ta’ l-uċuħ tar-raba’**;
- (24) **“metodi li mhux kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti u għall-għestjoni ta’ l-organiżmi ta’ ħsara u ta’ l-uċuħ tar-raba’”**: *L-użu ta’ tekniki għall-kontroll u għall-għestjoni ta’ l-organiżmi ta’ ħsara li ma jkollhomx kwalitajiet kimiċi. Metodi mhux kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti u l-għestjoni ta’ l-organiżmi ta’ ħsara u l-uċuħ tar-raba’ jinkludu r-rotazzjoni, il-kontroll fiżiku u mekkaniku u l-għestjoni permezz ta’ predaturi naturali*;
- (25) “mikro-organiżmi”: Kwalunkwe entità mikrobijoloġika, inklużi fungi fi stadju bikri ta’ l-evoluzzjoni (*lower fungi*) u wajrusijiet, ċellulari jew mhux ċellulari, li hija kapaċi tagħmel replikazzjoni jew titrasferixxi l-materjal ġenetiku;
- (26) “mikro-organiżmi modifikati ġenetikament”: Mikro-organiżmi li fihom il-materjal ġenetiku tagħhom ġie modifikat fit-tifsira ta’ l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Marzu 2001 dwar ir-rilaxx deliberat fl-ambjent ta’ organiżmi ġenetikament modifikati⁽¹⁾;
- I**
- (27) “Prattika Tajba **għall-Użu tal-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti**”: Prattika li permezz tagħha it-trattamenti bil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti applikati lil wiċċ tar-raba’ partikolari, skond il-kondizzjonijiet ta’ l-użi awtorizzati tagħhom, jiġu magħżula, iddożati u ttajmjati sabiex ikun żgurat **li l-kwantità minima meħtieġa biss tiġi użata**, wara li jitqiesu b’mod xieraq il-kondizzjonijiet lokali, **il-bżonn li jiġi evitat il-ħolqien ta’ resistenza** u l-possibilitajiet għall-kontroll kulturali u bijoloġiku, u **billi tingħata prijorità lill-metodi mhux kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti u għall-għestjoni ta’ l-organiżmi ta’ ħsara u ta’ l-uċuħ tar-raba’**;

(1) ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1830/2003 (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 24).

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- (28) "Prattika Ambjentali Tajba": Prattika fil-*protezzjoni* tal-pjanti li tinkludi l-immaniġġjar u l-applikazzjoni ta' prodotti għall-*protezzjoni* tal-pjanti b'mod li l-ambjent jiġi ikkontaminat biss bl-iċken ammont pratikabbli;
- (29) "Prattika Tajba tal-Laboratorju": Prattika kif iddefinita fid-Direttiva 2004/10/KE⁽¹⁾;
- (30) "**Prattika Sperimentali tajba**": **Prattika skond id-Direttiva 2004/10/KE**;
- (31) "Protezzjoni tad-data": Rapport ta' test jew ta' studju, **barra dawk li jinvolve testijiet fuq l-animalli vertebrati u testijiet oħra jew studji li jistgħu jevitaw it-testijiet fuq l-animalli**, huwa kopert mill-*protezzjoni* tad-data fejn il-proprjetarju tiegħu għandu d-dritt li ma jħallix li jintuża għall-benefiċċju ta' persuna oħra.
- (32) "**Stat Membru Rapporteur**": **L-Istat Membru li jaqbel li jieħu r-responsabilità biex jevalwa s-sustanzi attivi, jew is-safeners, jew is-synergists. Dan ix-xogħol għandu jagħmlu b'mod professjonali u għandu jippubblika rapport li jevalwa l-effetti fi żmien speċifiku.**
- (33) "**testijiet u studji**": **Investigazzjoni jew esperiment li l-għan tagħhom huwa li jkunu determinati l-proprjetajiet u l-aġir ta' sustanza attiva jew ta' prodotti għall-*protezzjoni* tal-pjanti, li tkun prevista l-espożizzjoni għal sustanzi attivi u/jew il-metaboliżmi rilevanti tagħhom, li jkunu determinati livelli sikuri ta' espożizzjoni u li jkunu stabbiliti kondizzjonijiet ta' użu sikur għal prodotti għall-*protezzjoni* tal-pjanti;**
- (34) "**effett inaċċettabbli fuq l-ambjent**": **Kull effett li jista' jaltera l-bijodiversità u l-biotopes, inter alia permezz ta' tfixkil għal ċerti speċi, li jista' jwassal finalment biex dawn isiru estinti.**
- (35) "**użi limitati ta' prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti**": **L-użu ta' dak il-prodott, fi Stat Membru partikolari, fuq wiċċ tar-raba' li ma jkunx ikkultivat b'mod wiesa' f'dak l-Istat Membru jew fuq wiċċ tar-raba' li jkun ikkultivat b'mod wiesa' sabiex jintlaħaq b'żonn limitat jew sporadiku u eċċezzjonali.**

Kapitolu II

Is-sustanzi attivi, is-safeners, is-synergists u l-ko-formulanti

TAQSIMA 1

Is-sustanzi attivi

Sottotaqsima 1

Ir-rekwiżiti u l-kondizzjonijiet għall-approvazzjoni

Artikolu 4

Il-kriterji għall-approvazzjoni tas-sustanzi attivi

1. Sustanza attiva għandha tkun approvata skond l-Anness I, jekk ji sta' jkun mistenni, fid-dawl ta' l-għarfien xjentifiku u tekniku korrenti, li, meta jitqiesu l-kriterji għall-approvazzjoni li ġew stabbiliti fil-punti 2 u 3 ta' dak l-Anness, il-prodotti għall-*protezzjoni* tal-pjanti li fihom dik is-sustanza attiva se jissodisfaw il-kondizzjonijiet provduti fil-paragrafi 2 u 3.

⁽¹⁾ Direttiva 2004/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-armonizzazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi relatati ma' l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' prattika laboratorja tajba u l-verifika ta' l-applikazzjonijiet tagħhom għal testijiet fuq sustanzi kimiċi (ĠU L 50, 20.2.2004, p. 44).

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

2. Ir-residwi tal-prodotti għall-*protezzjoni* tal-pjanti, b'konsegwenza għal applikazzjoni li hija konsistenti ma' prattika tajba tal-*protezzjoni* tal-pjanti, għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

- a) m'għandu jkollhom l-ebda effett ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem, ***b'mod partikulari dik ta' min jużahom u li huma f'kuntatt dirett mal-prodotti, residenti, persuni li jinzertaw fl-inħawi u*** gruppi vulnerabbli, jew fuq is-saħħa ta' l-annimali, meta jitqiesu l-effetti kumulattivi u sinerġistiċi magħrufa, ***li*** jew fuq *l-ilma ta' l-art*;
- b) m'għandu jkollhom l-ebda effett inaċċettabbli fuq l-ambjent ***meta jitqiesu l-effetti kumulattivi u sinerġistiċi u r-rotot rilevanti kollha ta' espożizzjoni għall-organiżmi fl-ambjent; metodi biex issir evalwazzjoni ta' effetti bħal dawn se jitressqu mill-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel (minn haw 'il quddiem imsejħa l-Awtorità')***;
- c) għal residwi ***tas-sustanzi approvati kollha***, għandu jkun hemm *metodi standardizzati* fużu ġenerali sabiex jitkejlu ***li jkunu sensitivi biżżejjed għal kwalunkwe livell li jkun jista' jiġi identifikat b'mod tekniku u li jista' jkun preżenti fi kwalunkwe midja ambjentali u bijoloġika. Ir-residwi għandhom ikunu osservabbli permezz ta' metodi ta' ħafna fdalijiet komuni li jintużaw mil-laboratorji ta' referenza tal-Komunita'.***

3. L-użu tal-prodotti għall-*protezzjoni* tal-pjanti, b'konsegwenza għal applikazzjoni li hija konsistenti ma' prattika tajba tal-*protezzjoni* tal-pjanti u meta jitqiesu l-kondizzjonijiet normali għall-użu, għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

- a) għandu jkun effettiv b'mod suffiċjenti;
- b) m'għandu jkollu l-ebda effett ta' ħsara immedjata jew ittardjata fuq is-saħħa tal-bniedem, ***b'mod partikulari dik ta' residenti u persuni li jinzertaw fl-inħawi u ta' gruppi vulnerabbli***, jew ta' l-annimali, b'mod dirett jew permezz ta' l-ilma tax-xorb, l-ikel, l-għalf jew l-arja, ***inkluż f'postijiet 'il bogħod mill-użu tiegħu wara trasport fit-tul***, jew konsegwenzi fil-post tax-xogħol jew permezz ta' ***li*** effetti indiretti oħra, meta jitqiesu l-effetti kumulattivi u sinerġistiċi ***li***; jew ***li*** ***fil-ilma fil-wiċċ u l-ilma ta' l-art***;
- c) m'għandu jkollu l-ebda effett inaċċettabbli fuq pjanti jew prodotti li ġejjin mill-pjanti;
- d) m'għandu jikkawża l-ebda tbatija u uġigħ bla bżonn lill-vertebrati li jridu jiġu kkontrollati;
- e) m'għandu jkollu l-ebda effett inaċċettabbli fuq l-ambjent, meta jitqiesu b'mod partikolari l-konsiderazzjonijiet li ġejjin:
 - i) dak li ji sta' jseħħ minnu u d-distribuzzjoni tiegħu fl-ambjent, partikolarment il-kontaminazzjoni ta' l-ilmijiet tal-wiċċ, inklużi l-ilmijiet ta' l-estwarji u tal-kosta, l-ilma tax-xorb, l-ilma ta' taħt l-art, l-arja u l-ħamrija, ***waqt li jitqiesu l-postijiet imbiegħda mill-użu tiegħu wara trasport ambjentali fit-tul***;
 - ii) l-impatt tiegħu fuq l-ispeċijiet li mhumiex immirati, ***inkluż il-mod kif iġibu ruħhom dawn l-ispeċijiet***;
 - iii) l-impatt tiegħu fuq il-bijodiversità ***u l-ekosistema***;
 - iv) ***l-impatt distruttiv tiegħu fuq l-ispeċijiet mhedda bl-estinzjoni.***

4. Għall-*approvazzjoni* ta' sustanza attiva, il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom jitqiesu li ġew sodisfatti meta dan ġie stabbilit fir-rigward ta' wieħed jew iktar mill-użi rappreżentattivi ta' mill-inqas prodott wieħed għall-*protezzjoni* tal-pjanti li jkun fih dik is-sustanza attiva.

5. Frelazzjoni mas-saħħa tal-bniedem, l-ebda data miġbura dwar il-bnedmin m'għandha tintuża biex jitnaqqsu l-marġnijiet ta' sikurezza li jirriżultaw minn testijiet jew minn studji fuq l-annimali.

Artikolu 5**L-Ittestjar fuq l-animali**

Sabiex ikunu evitati t-testijiet fuq l-animali, għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, it-testijiet fuq l-animali vertebrati għandhom isiru biss meta ma jeżistux alternattivi. L-użu ta' testijiet mhux fuq l-animali kif ukoll l-istrateġiji ta' l-ittestjar intelliġenti għandhom jiġu promossi, u l-ittestjar idduplikat fuq l-animali vertebrati għandu jiġi pprojbit.

Artikolu 6**L-ewwel approvazzjoni**

L-ewwel approvazzjoni għandha tkun għal perjodu ta' mhux iktar minn għaxar snin.

Artikolu 7**Il-kondizzjonijiet u r-restrizzjonijiet**

L-approvazzjoni ti sta' tkun soġġetta għal kondizzjonijiet u restrizzjonijiet li jinkludu:

- a) il-grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva;
- b) in-natura u l-kontenut massimu ta' ċerti impuritajiet;
- c) ir-restrizzjonijiet li jirriżultaw mill-evalwazzjoni ta' l-informazzjoni li tisemmma fl-Artikolu 9 meta jit-qiesu l-kondizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u ambjentali, inklużi dawk klimatiċi, ikkonċernati;
- d) it-tip ta' preparazzjoni;
- e) il-mod **u l-kondizzjonijiet** ta' l-applikazzjoni;
- f) is-sottomissjoni ta' iktar informazzjoni ta' konferma lill-Istati Membri u lill- ||Awtorità, || fejn jiġu stabbiliti rekwiżiti ġodda matul il-proċess ta' evalwazzjoni bħala riżultat ta' l-għarfien xjentifiku u tekniku ġdid;
- g) l-għażla ta' kategoriji ta' utenti, bħal professjonali u mhux professjonali;
- h) l-għażla ta' postijiet fejn il-prodotti għall-*protezzjoni* tal-pjanti li fihom is-sustanza attiva jistgħu jiġu awtorizzati skond kondizzjonijiet speċifiċi;
- i) il-ħtieġa li jiġu imposti miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju u għal monitoraġġ wara l-użu;
- j) restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet għall-użu li ma jaqbilx ma' l-iskemi integrati dwar il-kontroll ta' l-organiżmi ta' ħsara, jew li jkunu ta' ħsara għal dawn l-iskemi, bħat-trattament kimiku tal-ħamrija;**
- k) kwalunkwe kondizzjoni partikolari oħra li tirriżulta mill-evalwazzjoni ta' l-informazzjoni li saret disponibbli fil-kuntest ta' dan ir-Regolament.

Sottotaqsima 2**Il-proċedura ta' l-approvazzjoni****Artikolu 8****L-applikazzjoni**

1. **L-Awtorità għandha tkun responsabbli biex tikkoordina l-proċedura approvata.**

B'hekk, l-Awtorità tkun qiegħda tistrieħ fuq l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' sustanza attiva jew għal emenda għall-kondizzjonijiet ta' approvazzjoni għandha titressaq mill-produttur tas-sustanza attiva tas-sustanza attiva **lill-Awtorità** flimkien ma' *dossier* komplet u sommarju, kif provdut fl-Artikolu 9(1) u (2), jew ittra ta' aċċess għal *dossiers* bħal dawn jew ġustifikazzjoni rraġunata b'mod xjentifiku għala ma ġewx provduti ċerti partijiet minn daww id-*dossiers*, fejn jintwera' li s-sustanza attiva tissodisfa l-kriterji ta' approvazzjoni provduti fl-Artikolu 4. **L-Awtorità għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti ta' l-Istati Membri bl-applikazzjonijiet li tkun irċeviet.**

Stat Membru jista' jagħżel sustanza attiva li għaliha l-Awtorità tkun irċeviet applikazzjoni għall-approvazzjoni, bil-għan li jsir l-Istat Membru rapporteur għall-iskopijiet ta' l-Artikoli 10 u 12.

Fil-każijiet meta żewġ Stati Membri jew aktar ikunu urew li huma interessati li jsiru Stat Membru rapporteur u ma jkunux jistgħu jaqblu dwar min għandha tkun l-awtorità kompetenti, l-Istat Membru rapporteur għandu jintgħażel skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 83(3).

Id-deċizzjoni għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi bħal kondizzjonijiet ġeografiċi, agrikoli u klimatiċi, b'mod speċjali fir-rigward ta' l-organiżmi ta' mira, il-prestazzjoni u l-imparzjalità ta' l-awtorità kompetenti u l-laboratorju ta' referenza, u n-nuqqas ta' interessi marbuta mal-kumpaniji produtturi.

Ti sta' titressaq applikazzjoni konġunta minn assoċjazzjoni ta' produtturi indikata mill-produtturi għall-iskop ta' konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Persuna fiżika jew legali stabbilita barra l-Komunità li ttipprezenta applikazzjoni għandha taħtar persuna fiżika jew legali stabbilita fil-Komunità biex tilħaq, bħala l-uniku rappreżentant tagħha, l-obbligi tal-produtturi skond dan ir-Regolament.

3. Valutazzjoni ta' l-applikazzjoni ti sta' ssir minn diversi Stati flimkien fil-qafas tas-sistema ta' ko-rapporteur.

4. Fi żmien 14-il ġurnata mill-wasla ta' l-applikazzjoni, l-Istat Membru rapporteur għandu jibgħat lill-applikant rikonnoxximent bil-miktub, fejn tiġi ddikjarata d-data li fiha rċieva l-applikazzjoni.

5. Meta jressaq l-applikazzjoni tiegħu, l-applikant ji sta', skond l-Artikolu 66, jitlob li ċerti partijiet tad-*dossiers* li jissemmew fil-paragrafu 1 jinżammu kunfidenzjali. Huwa għandu jispjega għal kull dokument jew għal kull parti minn dokument, għaliex għandu jitqies bħala kunfidenzjali.

Fl-istess ħin għandu jressaq kwalunkwe talba għall-protezzjoni tad-data skond l-Artikolu 62.

Wara li l-Istat Membru rapporteur jagħti lill-applikant il-possibbiltà li jressaq kummenti dwar id-deċizzjoni li biħsiebu jadotta, l-Istat Membru rapporteur għandu jiddeċiedi liema informazzjoni għandha tinżamm kunfidenzjali. Għandu jinforma lill-applikant u lill-Awtorità bid-deċizzjoni tiegħu.

Artikolu 9

Id-dossiers

1. Id-*dossier* sommarju għandu jinkludi dawn li ġejjin:

(a) Data rigward użu rappreżentattiv wieħed jew iktar dwar wiċċ tar-raba' li jitkabbar ħafna f'kull żona ta' mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva, li turi li r-rekwiżiti ta' l-Artikolu 4 ġew sodisfatti; fejn id-data mressqa ma tkoprix iż-żoni kollha jew tikkonċerna wiċċ tar-raba' li ma jitkabbarx ħafna, għandha tingħata ġustifikazzjoni għal dan il-metodu;

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- b) għal kull punt tar-rekwiżiti tad-data għas-sustanza attiva li tissemma fil-**paragrafu 3**, is-sommarji u r-riżultati tat-testijiet u ta' l-istudji, l-isem tal-proprjetarju tagħhom u tal-persuna jew ta' l-istitut li wettqet it-testijiet u l-istudji;
- c) għal kull punt tar-rekwiżiti tad-data għall-prodott għall-**protezzjoni** tal-pjanti li jissemma **fil-paragrafu 3**, is-sommarji u r-riżultati tat-testijiet u ta' l-istudji, l-isem tal-proprjetarju tagħhom u tal-persuna jew ta' l-istitut li wettaq it-testijiet u l-istudji, rilevanti għall-valutazzjoni tal-kriterji li jisemmew fl-Artikolu 4 għal prodott wieħed jew iktar għall-**protezzjoni** tal-pjanti, li huma rappreżentattivi ta' l-użi li jisemmew fil-punt (a), meta jitqies il-fatt li **kwalunkwe** lakuni fid-data fid-dossier, kif provdut fil-paragrafu 2, li jirriżultaw mill-medda limitata proposta ta' użi rappreżentattivi tas-sustanza attiva, **għandhom jwasslu għal nuqqas ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva**;
- d) **għal kull test jew studju li jinvolti annimal vertebrat, ġustifikazzjoni tal-passi li ttieħdu sabiex jiġu evitati t-testijiet fuq l-annimali u t-testijiet ripetuti fuq l-annimali vertebrati**;
- (e) lista ta' kontroll li turi li d-dossier provdut fil-paragrafu 2 huwa komplut;
- (f) ir-raġunijiet għaliex ir-rapporti tat-testijiet u ta' l-istudji mressqa huma meħtieġa għall-ewwel approvazzjoni tas-sustanza attiva jew għall-emendi għall-kondizzjonijiet ta' approvazzjoni;
- (g) valutazzjoni ta' l-informazzjoni kollha mressqa.

2. Id-dossier komplut għandu jkun fih it-test sħiħ tar-rapporti individwali tat-testijiet u ta' l-istudji li jikkonċernaw l-informazzjoni kollha li tissemma fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1. ■

3. Il-format tad-dossier sommarju u tad-dossier komplut għandu jkun stabbilit skond il-proċedura ta' konsulenza li tissemma fl-Artikolu 83(2).

Ir-rekwiżiti tad-data li jisemmew fil-**paragrafu 1** għandhom ikunu **stabbiliti** fir-Regolamenti li ġew adottati skond il-proċedura ta' konsulenza li tissemma fl-Artikolu 83(2), fejn **jittrasferixxu** r-rekwiżiti għas-sustanzi attivi u għall-prodotti għall-**protezzjoni** tal-pjanti fl-Annessi II u III għad-Direttiva 91/414/KEE bi kwalunkwe modifika meħtieġa **minħabba l-bidla minn direttiva għal regolament**. Rekwiżiti simili tad-data għandhom ikunu definiti għas-**safeners** u għas-**synergists** skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu **251 tat-Trattat**.

4. Kull informazzjoni pubblika xjentifika li ġiet riveduta minn awtoritajiet ta' l-istess importanza dwar sustanza attiva u l-metaboliti tagħha li għandhom x'jaqsmu ma' l-effetti kollaterali negattivi fuq is-saħħa u l-ambjent għandha titniżżel mill-applikant fuq id-dossier.

Artikolu 10

L-ammissibilità ta' l-applikazzjoni

1. Fi żmien 30 ġurnata minn meta tasal l-applikazzjoni, l-Istat Membru *rapporteur* għandu jikkontrolla jekk id-dossiers li tressqu ma' l-applikazzjoni fihomx l-elementi kollha provduti fl-Artikolu 9, billi juża l-lista ta' kontroll li tissemma fl-Artikolu 9(1)(e).

2. Fejn wieħed jew iktar mill-elementi provduti fl-Artikolu 9 huma neqsin, l-Istat Membru *rapporteur* għandu jinforma lill-applikant, fejn jiffissa perjodu ta' żmien **ta' mhux aktar minn tliet xhur** biex dawn jitressqu. **Għandu japplika l-Artikolu 8(5)**.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Fejn fi tmiem dak il-perjodu, l-applikant ma jkunx ressaq l-elementi neqsin, l-Istat Membru *rapporteur* għandu jinforma lill-applikant li l-applikazzjoni hija inammissibbli.

Ti sta' titressaq applikazzjoni ġdida għall-istess sustanza fi kwalunkwe ħin.

3. Fejn id-*dossiers* li tressqu ma' l-applikazzjoni ikun fihom l-elementi kollha provduti fl-*Artikolu 9*, l-Istat Membru *rapporteur* għandu jinnotifika lill-applikant, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Awtorità bl-ammissibilità ta' l-applikazzjoni u għandu jibda l-valutazzjoni tas-sustanza attiva.

Wara li jirċievi dik in-notifika, l-applikant għandu jibgħat immedjatament *dossier* sommarju u *dossier* komplut lill-Istati Membri l-oħra, lill-Awtorità u lill-Kummissjoni.

Artikolu 11

L-aċċess għad-dossier sommarju

L-Awtorità għandha bla dewmien tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku id-*dossier* sommarju li jissemma fl-*Artikolu 9*(1), bl-esklużjoni ta' kwalunkwe informazzjoni li hija kunfidenzjali skond l-*Artikolu 66*.

Artikolu 12

L-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni

1. **L-Istat Membru *rapporteur* ji sta' jibda bl-*evalwazzjoni tar-rapporti tat-test u ta' l-istudji dritt wara li jiġu mressqa mill-applikant, anke qabel id-data tan-notifika imsemmija fl-*Artikolu 10*, paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu.*** Fi żmien tnax-il xahar mid-data tan-notifika || , l-Istat Membru *rapporteur* għandu jipprepara u jressaq quddiem l-Awtorità rapport (li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ "abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni") li jivvaluta jekk jistax jiġi mistenni li s-sustanza attiva tissodisfa r-rekwiżiti ta' l-*Artikolu 4*.

Fejn l-Istat Membru jeħtieġ informazzjoni addizzjonali, għandu jiffissa perjodu ta' żmien ***raġjonevoli*** għall-applikant biex jipprovdih ***flimkien ma' kwalunkwe klejm għal protezzjoni tad-data skond l-*Artikolu 62*.*** F'dak il-każ, il-perjodu ta' tnax-il xahar għandu jiġi estiż bil-perjodu ta' żmien addizzjonali mogħti mill-Istat Membru. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Awtorità. ***Meta jipprovdli l-informazzjoni addizzjonali, l-applikant għandu fl-istess ħin jissottometti kwalunkwe klejm għal protezzjoni ta' data skond l-*Artikolu 62*. Għandu japplika l-*Artikolu 8*(5).***

L-Istat Membru ji sta' jikkonsulta lill-Awtorità.

2. Il-format ta' l-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni għandu jiġi stabbilit skond il-proċedura *ta' konsulenza* li tissemma fl-*Artikolu 83*(2).

Artikolu 13

Il-konklużjoni ta' l-Awtorità

1. L-Awtorità għandha tiċċirkola l-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni li rċeviet mingħand l-Istat Membru *rapporteur* lill-applikant, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

Għandha tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, wara li tagħti ġimgħatejn lill-applikant biex jitlob, skond l-*Artikolu 66*, li ċerti partijiet mill-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni jinżammu kunfidenzjali.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

L-Awtorità għandha tħalli perjodu ta' **sittin jum** biex jitressqu l-kummenti bil-miktub.

Fejn huwa xieraq, l-Awtorità għandha torganizza konsultazzjoni ma' l-esperti, inklużi l-esperti mill-Istat Membru *rporteur*.

2. Fi żmien disgħin ġurnata mit-tmiem tal-perjodu provdut fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Awtorità għandha tadotta konklużjoni dwar jekk hux mistenni li s-sustanza attiva tissodisfa r-rekwiżiti ta' l-Artikolu 4, **b'ġustifikazzjoni xierqa, li tinkludi referenza għal kull tip ta' kummenti pubbliċi**, u għandha tikkomunikaha lill-applikant, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni. **Il-konklużjoni għandha tiġi pubblikata mill-Awtorità fi żmien ġimgħa mill-adozzjoni tagħha.**

Fejn l-Awtorità **teħtieġ konsultazzjonijiet addizzjonali ma' l-esperti kif provdut fil-paragrafu 1, hija għandha tistabbilixxi perjodu ta' żmien biex ikunu konklużi l-konsultazzjonijiet. F'dan il-każ, il-perjodu ta' disgħin jum għandu jiġi estiż bil-perjodu ta' żmien addizzjonali mogħti mill-Istat Membru. Hija għandha tinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.**

3. Fejn l-Awtorità teħtieġ informazzjoni addizzjonali, għandha tiffissa perjodu ta' żmien *biex l-applikant jipprovidiha*. F'dak il-każ, il-perjodu ta' **sittin ġurnata** provdut fil-paragrafu 2 għandu jiġi estiż bil-perjodu addizzjonali mogħti mill-Awtorità **u saż-żmien meħtieġ għall-evalwazzjoni ta' din l-informazzjoni mill-Istat Membru rporteur fl-abbozz tar-rapport ta' analiżi tiegħu. L-Awtorità għandha tinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.**

Fejn l-Awtorità teħtieġ li torganizza konsultazzjonijiet ta' esperti, il-perjodu ta' disgħin jum provdut fil-paragrafu 2 għandu jkun estiż biż-żmien meħtieġ għal dawn il-konsultazzjonijiet. L-Awtorità għandha tinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

L-Awtorità ti sta' ssaqsi lill-Kummissjoni biex tikkonsulta laboratorju ta' referenza Komunitarju, magħżul skond ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 sabiex jiġi vverifikat jekk il-metodu analitiku propost mill-applikant għad-determinazzjoni tar-residwi huwiex sodisfaċenti u jissodisfax ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 30(1)(h) ta' dan ir-Regolament. L-applikant għandu, jekk mitlub mil-laboratorju ta' referenza Komunitarju, jipprovidi kampjuni u standards analitiċi.

4. L-Awtorità għandha tistabbilixxi l-format tal-konklużjoni tagħha li għandha tinkludi dettalji tal-proċedura ta' l-evalwazzjoni u l-proprjetajiet tas-sustanza attiva kkonċernata.

Artikolu 14

Ir-Regolament ta' Approvazzjoni

1. Fi żmien **tliet** xhur minn meta tirċievi l-konklużjoni provduta fl-Artikolu 13(2) mill-Awtorità, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport, (li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ "ir-rapport ta' revizzjoni"), lill-Kumitat li jissemma fl-Artikolu 83(1), fejn tqis l-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni ta' l-Istat Membru *Rporteur* skond l-Artikolu 12 u l-konklużjoni ta' l-Awtorità skond l-Artikolu 13.

L-applikant **u kull min ressaq kummenti bil-miktub skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 13(1) għandhom jingħataw l-oportunità** li jressqu kummenti dwar ir-rapport ta' revizzjoni.

Ir-rapport ta' revizzjoni għandu jkun disponibbli għall-pubbliku u mressaq lill-Parlament Ewropew.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

2. Fuq il-bażi tar-rapport ta' reviżjoni provdut fil-paragrafu 1, fatturi oħra li huma leġittimi għall-kwistjoni meqjusa u għall-prinċipju ta' prekawzjoni fejn ikunu rilevanti l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, għandu jiġi adottat Regolament **b'ġustifikazzjoni xierqa** skond il-proċedura **regolatorja bi skrutinju** li tissemma fl-**Artikolu 83(4)**, li jipprovdi li:

- a) sustanza attiva ġiet approvata, bla ħsara għall-kondizzjonijiet u għar-restrizzjonijiet, kif jissemma fl-Artikolu 7, fejn huwa xieraq **u inkluż fl-Anness II**;
- b) sustanza attiva ma ġietx approvata; jew
- c) il-kondizzjonijiet ta' l-approvazzjoni ġew emendati.

3. Il-Kummissjoni għandha żżomm lista **aġġornata** tas-sustanzi attivi approvati **fl-Anness II u tippubblika din il-lista fuq l-Internet**.

Sottotaqsima 3

It-tiġdid u r-reviżjoni

Artikolu 15

It-tiġdid ta' l-approvazzjoni

1. Ma' l-applikazzjoni, l-approvazzjoni ta' sustanza attiva għandha tiġi mġedda fejn jiġi stabbilit li l-kriterji li jissemmew fl-Artikolu 4 ġew sodisfatti.

L-Artikolu 4 għandu jitqies li ġie sodisfatt meta dan ġie stabbilit fir-rigward ta' użu rappreżentattiv wieħed jew iktar ta' mill-inqas prodott wieħed għall-*protezzjoni* tal-pjanti li fih dik is-sustanza attiva.

Tiġdid ta' l-approvazzjoni bħal dan jista' jinkludi kondizzjonijiet u restrizzjonijiet, kif jissemma fl-**Artikolu 7**.

2. **L-approvazzjoni tista' tiġi mġedda darba jew ripetuta għal akar minn darba għal perjodu li ma jaqbiżx l-10 snin.**

Artikolu 16

L-applikazzjoni għat-tiġdid

1. L-applikazzjoni provduta fl-**Artikolu 15** għandha titressaq minn produttur tas-sustanza attiva quddiem **l-istat** Membri **kkonċernat**, flimkien ma' kopja għall-Istati Membri l-oħra, għall-Kummissjoni u għall-Awtorità, mhux iktar tard minn tliet snin qabel l-iskadenza ta' l-ewwel approvazzjoni.

2. Meta japplika għat-tiġdid, l-applikant għandu jidentifika d-data l-ġdida li bi ħsiebu jressaq u għandu juri li hija meħtieġa, minħabba r-rekwiżiti jew il-kriterji tad-datali ma kinux japplikaw meta ingħatat l-ewwel approvazzjoni tas-sustanza attiva jew minħabba li t-talba tiegħu hija għal approvazzjoni emendata. Fl-istess ħin għandu jressaq programm ta' kwalunkwe studju ġdid u li jkun għaddej.

L-applikant għandu jidentifika, fejn jagħti r-raġunijiet, il-partijiet ta' l-informazzjoni mressqa li għandhom jinżammu kunfidenzjali skond l-**Artikolu 66**.

Artikolu 17

L-aċċess għall-applikazzjoni għat-tiġdid

L-Awtorità għandha, bla dewmien, tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-informazzjoni provduta mill-applikant skond l-**Artikolu 16**, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe informazzjoni ddikjarata kunfidenzjali skond l-**Artikolu 66**.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Artikolu 18

L-estensjoni tal-perjodu ta' approvazzjoni għat-tul ta' żmien tal-proċedura

Fejn għal raġunijiet li mhumiex fil-kontroll ta' l-applikant jidher li huwa probabbli li l-approvazzjoni se tiskadi qabel ma' tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġdid, għandu jiġi adottat Regolament skond il-proċedura *regolatorja* li tissemma fl-*Artikolu 83 (3)*, li jipposponi l-iskadenza għal perjodu suffiċjenti sabiex tiġi eżaminata l-applikazzjoni. B'mod partikolari, Regolament bħal dan għandu jiġi adottat fejn l-applikanti ma setgħux jagħtu l-avviż ta' tliet snin meħtieġ skond l-*Artikolu 16(1)* billi s-sustanza attiva kienet inkluża fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE għal tul ta' żmien li skada inqas minn tliet snin wara d-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

It-tul ta' dak il-perjodu għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi ta' dawn li ġejjin:

- a) iż-żmien meħtieġ biex tkun provduta l-informazzjoni mitluba;
- b) iż-żmien meħtieġ biex tkun ikkompletata l-proċedura;
- c) il-ħtieġa li jiġi żgurat l-istabbiliment ta' programm koerenti ta' ħidma, kif provdut fl-*Artikolu 19*.

Artikolu 19

Il-programm ta' ħidma

Il-Kummissjoni ti sta' tistabbilixxi programm ta' ħidma li jiġbor flimkien sustanzi attivi simili. Dan il-programm ji sta' jeħtieġ li l-partijiet interessati iressqu d-data kollha meħtieġa quddiem il-Kummissjoni, l-Awtorità u l-Istati Membri f'perjodu provdut fil-programm.

Il-programm għandu jinkludi dawn li ġejjin:

- a) il-proċeduri li jikkonċernaw is-sottomissjoni u l-valutazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għat-tiġdid ta' l-approvazzjonijiet;
- b) id-data meħtieġa li għandha titressaq ***inklużi l-miżuri biex jitnaqqsu kemm jista' jkun it-testijiet fuq l-annimali, partikolarment l-użu ta' metodi fejn ma jsirux testijiet fuq l-annimali u strateġiji ta' ttestjar intelliġenti***;
- c) il-perjodi ta' żmien għas-sottomissjoni ta' data bħal din;
- d) ir-regoli dwar is-sottomissjoni ta' informazzjoni ġdida;
- e) ir-regoli dwar talbiet għal kunfidenzjalità skond l-*Artikolu 66*.

Artikolu 20

Il-miżuri implimentattivi

Regolament, li ġie adottat skond il-proċedura *regolatorja bi skrutinju* li tissemma fl-*Artikolu 83(4)*, għandu jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid u ta' revizzjoni, li tinkludi, fejn rilevanti, l-implimentazzjoni ta' programm ta' ħidma, kif provdut fl-*Artikolu 19*.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Artikolu 21

Ir-Regolament ta' Tiġdid

1. Għandu jiġi adottat Regolament **b'ġustifikazzjoni xierqa** skond il-proċedura **regolatorja bi skrutinju** li tissemma fl-**Artikolu 83(4)**, li jipprovdi li:
 - a) l-approvazzjoni ta' sustanza attiva tiġġedded, fejn huwa xieraq, bla ħsara għall-kondizzjonijiet u għar-restrizzjonijiet; jew
 - b) l-approvazzjoni ta' sustanza attivi ma tiġix imġedda.
2. Fejn ir-raġunijiet biex ma tiġġeddidx approvazzjoni **ma jikkonċernawx il-protezzjoni tas-saħħa u l-ambjent**, ir-Regolament li jissema fil-paragrafu 1 għandu jipprovdi perjodu ta' fuq ir-riħ biex jintużaw il-ħażniet tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati, li **m'għandux ikun itwal minn sena. Wara dan il-perjodu, il-produtturi għandhom jiżguraw it-tneħħija u r-rimi b'mod sikur tal-ħażniet li jifdal.**
3. **Fil-każ ta' projbizzjoni jew l-irtirar ta' l-approvazzjoni fuq bażijiet ta' saħħa jew ambjent, il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat għandu jintrema b'mod immedjat.**

Artikolu 22

Ir-reviżjoni ta' l-approvazzjoni

1. Il-Kummissjoni ti sta' tirrevedi l-approvazzjoni ta' sustanza attiva fi kwalunkwe ħin **u għandha tagħti l-attenzjoni xierqa lit-talbiet għal reviżjoni ta' l-Istati Membri, tal-Parlament Ewropew u ta' partijiet interessati oħra, ibbażati fuq taġħrif xjentifiku u tekniku attwali u data ta' monitoraġġ.**

Fejn tqis li hemm indikazzjonijiet li s-sustanza m'għadhiex tissodisfa l-kriterji provduti fl-Artikolu 4, jew fejn ma ġietx provduta aktar informazzjoni meħtieġa skond il-punt (f) ta' l-Artikolu 7, għandha tinforma lill-Istati Membri, lill-Awtorità u lill-produttur tas-sustanza attiva, filwaqt li tiffissa perjodu ta' żmien għall-produttur biex iressaq il-kummenti tiegħu.

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-approvazzjoni ta' sustanza attiva fejn hemm indikazzjonijiet li jistgħu jiġu kompromessi l-kisbiet ta' l-oġettivi stabbiliti skond l-Artikolu 4(1)(a)(iv) u (b)(i) u l-Artikolu 7 (2) u (3) tad-Direttiva 2000/60/KE.

2. Il-Kummissjoni ti sta' titlob lill-Awtorità għal opinjoni, jew għal għajnuna xjentifika jew teknika. L-Awtorità għandha tagħti l-opinjoni tagħha jew ir-riżultati tax-xogħol tagħha lill-Kummissjoni fi żmien 3 xhur mit-talba.

3. Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kriterji li jissemmew fl-Artikolu 4 m'għadx għadhom jiġu sodisfatti, jew li ma ġietx provduta aktar informazzjoni meħtieġa skond il-punt (f) ta' l-Artikolu 6, għandu jiġi adottat Regolament għall-irtirar jew għall-emenda ta' l-approvazzjoni skond proċedura **regolatorja bi skrutinju** li tissema fl-**Artikolu 83(4)**.

Għandu japplika l-Artikolu 21(2).

4. **Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li l-oġettivi biex jitnaqqas it-tniġġis mis-sustanzi prijoritarji li ġew stabbiliti b'konformità ma' l-Artikolu 4(1)(a)(iv) u (b)(i) u l-Artikolu 7(2) u (3) tad-Direttiva 2000/60/KE ma jistgħux jintlaħqu, Regolament li jirtira jew jemenda l-approvazzjoni għandu jiġi adottat skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju li tissema fl-Artikolu 83(4) ta' dan ir-Regolament.**

Sottotaqsima 4

Id-derogi

Artikolu 23

Is-sustanzi attivi b'riskju żgħir

1. Bħala deroga mill-Artikolu 6, sustanza attiva li tikkonforma mal-kriterji provduti fl-Artikolu 4 għandha tiġi approvata għal perjodu li ma jaqbiżx il-15-il sena, fejn **hija ma jkollhiex effett negattiv fuq** is-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali u l-ambjent, kif provdut fl-Artikolu 50(1).

Din id-deroga m'għandhiex tapplika għas-sustanzi attivi klassifikati skond id-Direttiva 67/548/KEE bħala:

- **karċinoġeniċi,**
- **mutaġeniċi,**
- **tossiċi għar-riproduzzjoni,**
- **kimiċi li jissensibilizzaw,**

jew għal sustanzi li huma deskritti bħala:

- **persistenti b'half-life ta' aktar minn 60 jum,**
- **sustanzi li jħawdu s-sistema endokrinali li jidhru fil-lista ta' l-UE ta' sustanzi li huma suspettati li jħawdu s-sistema endokrinali,**
- **tossiċi,**
- **bijoakkumulattivi u li ma jiddizintegrawx faċilment.**

Mhux aktar tard minn ...⁽¹⁾, il-Kummissjoni għandha taġmel reviżjoni u jekk huwa meħtieġ tispeċifika il-kriterji sabiex sustanza attiva tiġi trattata bħala sustanza b'riskju baxx u, jekk huwa xieraq, tressaq proposti.

2. **Minkejja l-Artikolu 6, sustanzi attivi bbażati fuq aġenti ta' kontroll bijoloġiku li jikkonformaw mal-kriterji ta' l-Artikolu 4 għandhom jingħataw l-approvazzjoni għal perjodu li ma jaqbiżx 15-il sena fejn prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom dawn l-aġenti ta' kontroll bijoloġiku huma mistennija li jkunu ta' riskju baxx biss għas-saħħa tal-bniedem kif ukoll għas-saħħa ta' l-annimali u għall-ambjent kif previst fl-Artikolu 50(1).**

3. Għandhom japplikaw l-Artikolu 4(4) u l-Artikoli 7 sa 22.

Artikolu 24

Il-kriterji ta' approvazzjoni għas-sustanzi bażiċi

1. Is-sustanzi bażiċi għandhom jiġu approvati skond il-paragrafi 2 sa 6. **█** Għall-iskopijiet ta' dawk il-paragrafi, sustanza bażika hija sustanza attiva li

- a) mhix użata b'mod predominanti bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti iżda
- b) madankollu għandha xi użu bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, jew b'mod dirett jew fi prodott li jikkonsisti mis-sustanza u minn dilwent sempliċi,
- c) mhix sustanza ta' tħassib, u
- d) ma titqiegħedx fis-suq direttament għall-użu bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti.

⁽¹⁾ **Sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.**

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, sustanza attiva li tissodisfa l-kriterji ta' "sustanza li tintuża fl-ikel" kif definita fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 għandha titqies bħala sustanza bażika.

2. **Sustanza bażika għandha tiġi approvata b'konformità ma' l-Artikolu 4 u** fejn kwalunkwe evalwazzjoni rilevanti li titwettaq skond leġiżlazzjoni Komunitarja oħra, li tirregola l-użu ta' dik is-sustanza għal skopijiet oħra li mhumiex bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, turi li s-sustanza la għandha effett ta' ħsara immedjat u lanqas ittardjat fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali u lanqas effett inaċċettabbli fuq l-ambjent, **bil-kondizzjoni li jingħata kull punt tar-rekwiżiti tad-data għas-sustanzi attivi li jinsabu fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u jiġu applikati l-istess proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet.**

3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' sustanza bażika għandha titressaq minn kwalunkwe parti interessata jew minn Stat Membru quddiem il-Kummissjoni.

Ma' l-applikazzjoni għandha jkun hemm l-informazzjoni li ġejja:

- a) kwalunkwe evalwazzjoni li twettqet skond leġiżlazzjoni Komunitarja oħra li tirregola l-użu tas-sustanza; jew
- b) informazzjoni li tindika li s-sustanza la għandha effett ta' ħsara immedjat u lanqas ittardjat fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali u lanqas effett inaċċettabbli fuq l-ambjent.

4. Il-Kummissjoni ti sta' ssaqsi lill-Awtorità għal opinjoni, jew għal għajnuna xjentifika jew teknika. L-Awtorità għandha tagħti l-opinjoni tagħha jew ir-riżultati tax-xogħol tagħha lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mit-talba.

5. Għandhom japplikaw l-Artikoli 7 u 14.

6. Il-Kummissjoni ti sta' tirrevedi l-approvazzjoni ta' sustanza bażika fi kwalunkwe ħin.

Fejn tqis li hemm indikazzjonijiet li dik is-sustanza m'għadhiex tissodisfa il-kriterji provduti fil-paragrafi 1 u 2 għandha tinforma lill-Istati Membri, lill-Awtorità u lill-parti interessata, filwaqt li tiffissa perjodu ta' żmien li matulu jitressqu l-kummenti tagħhom.

Il-Kummissjoni għandha ssaqsi lill-Awtorità għal opinjoni jew għal għajnuna xjentifika jew teknika. L-Awtorità għandha tagħti l-opinjoni tagħha jew ir-riżultati tax-xogħol tagħha lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mit-talba.

Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kriterji li jissemmew fil-paragrafu 1 m'għadx jiġu sodisfatti, għandu jiġi adottat Regolament għall-irtirar jew għall-emenda ta' l-approvazzjoni, skond il-proċedura *regolatorja* li tisemmi fl-Artikolu 83(3). Għandu japplika l-Artikolu 21(2).

Artikolu 25

Il-kriterji ta' approvazzjoni għall-kandidati għas-sostituzzjoni

1. Bħala deroga mill-Artikolu 6 u mill-Artikolu 15(2), sustanza attiva li tikkonforma mal-kriterji provduti fl-Artikolu 4 għandha tiġi approvata **darba** għal perjodu li ma jaqbix **il-ħames snin**, fejn sustanzi attivi oħra li diġà ġew approvati **jew metodi jew Prattiki alternattivi ta' agrikoltura** huma ferm inqas tossiċi għall-konsumaturi jew għall-operaturi jew li jippreżentaw ferm inqas riskji għall-ambjent. Il-valutazzjoni għandha tqis il-kriterji stabbiliti fil-punt 4 ta' l-Anness I.

Sustanza bħal din minn hawn il quddiem se tissejjaħ "kandidat għas-sostituzzjoni".

2. Għandhom japplikaw l-Artikolu 4(4) u l-Artikoli 7 sa 22.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

TAQSIMA 2

is-safeners u s-synergists

Artikolu 26

L-approvazzjoni tas-safeners u tas-synergists

1. Safener jew synergist għandu jiġi approvat, meta jikkonforma ma' l-Artikolu 4.
2. **Għall-approvazzjoni ta' safener jew synergist, il-paragrafu 1 għandu jitqies li ġie sodisfatt fejn il-konformità ma' l-Artikolu 4 ġiet stabbilita skond l-użu rappreżentattiv ta' wieħed jew aktar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għal kull sustanza attiva li s-safener jew is-synergist għandhom magħhom.**
3. Għandhom japplikaw l-Artikoli 6 sa 22.

Artikolu 27

Is-safeners u s-synergists li diġà qegħdin fis-suq

Mhux iktar tard minn ...⁽¹⁾, għandu jiġi adottat Regolament skond il-proċedura li tisemma **fl-Artikolu 251 tat-Trattat** li jistabbilixxi programm ta' ħidma għar-reviżjoni gradwali tas-synergists u tas-safeners fis-suq meta jidħol fis-seħħ dak ir-Regolament. Ir-Regolament għandu jinkludi l-istabbiliment tar-rekwiżiti tad-data, **bl-inklużjoni ta' miżuri li jnaqqsu kemm jista' jkun l-ittesterjar fuq l-annimali**, notifika, evalwazzjoni, valutazzjoni u teħid ta' deċiżjonijiet. Għandu jeħtieġ li l-partijiet interessati jressqu d-data kollha meħtieġa quddiem il-Kummissjoni, l-Awtorità u l-Istati Membri f'perjodu ta' żmien speċifikat.

TAQSIMA 3

approvazzjoni ta' ko-formulanti

Artikolu 28

Approvazzjoni ta' Ko-Formulanti

1. Ko-formulant għandu jiġi **approvat** fejn ġie stabbilit li:
 - a) **il-ko-formulant jew** ir-residwi tiegħu, b'konsegwenza għal applikazzjoni li hija konsistenti ma' **kundizzjonijiet realistiċi għall-użu, m'għandhomx** effett ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali jew fuq l-ilma ta' l-art jew effett inaċċettabbli fuq l-ambjent; **kif ukoll**
 - b) l-użu tiegħu, b'konsegwenza għal applikazzjoni li hija konsistenti ma' prattika tajba ta' **prodott** tal-protezzjoni tal-pjanti u wara li jitqiesu l-kondizzjonijiet **realistiċi ta' l-użu, m'għandux** effett ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali, jew effett inaċċettabbli fuq pjanti, prodotti li ġejjin mill-pjanti jew l-ambjent.
2. Il-ko-formulanti **approvati** skond il-paragrafu 1 għandhom ikunu inklużi fl-Anness III skond il-proċedura **regolatorja bi skrutinju** li tisemma fl-**Artikolu 83(4)**.
3. **Fejn ko-formulant ikun użat fi prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun ġie awtorizzat minn din id-Direttiva, l-użu speċifiku tiegħu fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandu jitqies li jkun reġistrat f'konformità ma' l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjonijiet dwar il-Kimiċi (REACH) ⁽¹⁾.**

⁽¹⁾ Sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

⁽²⁾ ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1. Verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 136, 29.5.2007, p. 3.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Kapitolu III

Il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

TAQSIMA 1

L-awtorizzazzjoni

Sottotaqsima 1

Ir-rekwiżiti u l-kontenut

Artikolu 29

L-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u għall-użu

1. Prodott għall-protezzjoni tal-pjanti m'għandux jitqiegħed fis-suq jew jintuża ħlief jekk ikun ġie awtorizzat fl-Istat Membru kkonċernat skond dan ir-Regolament.
2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, l-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tkun meħtieġa fil-każijiet li ġejjin:
 - a) l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom esklużivament sustanza bażika waħda jew iktar;
 - b) l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għal skopijiet ta' rikerka jew ta' żvilupp skond l-Artikolu 57;
 - c) il-produzzjoni, il-ħażna, jew il-moviment ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li huwa maħsub biex jintuża fi Stat Membru ieħor, sakemm dak il-prodott ikun awtorizzat f'dak l-Istat Membru u li l-Istat Membru tal-produzzjoni, tal-ħażna jew tal-moviment għandu għal-lest rekwiżiti ta' spezzjoni sabiex ikun żgurat li l-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti ma jintużax fit-territorju tiegħu.

Artikolu 30

Ir-rekwiżiti

1. Prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għandu jiġi awtorizzat biss meta jikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:
 - a) is-sustanzi attivi, is-safeners u s-synergists tiegħu ġew approvati;
 - b) meta s-sustanza attiva, is-safener jew is-synergist tiegħu tiġi prodotta minn persuna jew skond proċess ta' manifattura li mhux dak speċifikat fid-dossier li fuq il-bażi tiegħu dik is-sustanza, dak is-safener jew dik is-synergist ġiet approvata, is-sustanza attiva, is-safener jew is-synergist li tinsab fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti ma titbiegħedx b'mod sinifikanti mill-ispeċifikazzjoni inkluża fir-Regolament li japprova dik is-sustanza, dak is-safener jew dik is-synergist u m'għandiex aktar effetti ta' ħsara fit-tifsira ta' l-Artikolu 4(2) u (3), minħabba l-impuritajiet tagħha, milli kieku kienet prodotta skond il-proċess ta' manifattura speċifikat f'dak id-dossier;
 - c) il-ko-formulanti tiegħu ġew **approvati** skond l-Artikolu 28;
 - d) **il-formulazzjoni (teknika) tiegħu hija tali li l-espożizzjoni ta' l-utent jew riskji oħrajn ikunu limitati kemm jista' jkun mingħajr ma jikkompromettu l-iffunzjonar tal-prodott;**
 - e) fid-dawl ta' l-għarfien xjentifiku u tekniku korrenti, jikkonforma mar-rekwiżiti provduti fl-Artikolu 4(3);

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- (f) in-natura u l-kwantità tas-sustanzi attivi, tas-*safeners* u tas-*synergists* tiegħu u, fejn huwa xieraq, kwalunkwe impurità u ko-formulant li huma sinifikanti mil-lat tossikoloġiku, ekotossikoloġiku jew ambjentali jistgħu jiġu determinati b'metodi addattati;
- g) **il-metaboliti kollha tas-sustanz(a)i attivi preżenti fil-fażi ta' l-użu ġew determinati u jikkonformaw mal-kriterji tal-prinċipji uniformi msemmija fil-paragrafu 5;**
- (h) ir-residwi tiegħu, li jirriżultaw minn użi awtorizzati, jistgħu jiġu determinati b'metodi **standardizzati** fl-użu ġenerali **fl-Istati Membri kollha, li huma sensitivi b'mod suffiċjenti fir-rigward ta' kwalunkwe livell li jista' jkun identifikat b'mod tekniku li jista' jkun preżenti fi kwalunkwe mezz ambjentali u bijoloġiku. Ir-residwi jistgħu jkunu osservati bil-metodi komuni pluriresidwali kif applikati mil-laboratorji ta' referenza tal-Komunita'**;
- (i) il-proprietajiet fiżiċi u kimiċi tiegħu kienu determinati u meqjusa aċċettabbli għall-iskopijiet ta' l-użu u tal-ħażna xierqa tal-prodott;
- (j) għall-għalf u għall-uċuħ tar-raba' għall-ikel, fejn huwa xieraq, il-livelli massimi tar-residwi għall-prodotti agrikoli affettwati mill-użu li jissema fl-awtorizzazzjoni ġew iffissati jew immodifikati skond ir-Regolament (KE) Nru 396/2005;
- k) **L-awtorizzazzjoni tiegħu ma tostakolax il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali żviluppata skond id-Direttiva 2008/.../KE [li tistabbilixxi qafas għal azzjoni tal-Komunita' biex jinkiseb użu sostenibbli ta' pestiċidi].**

I

2. L-applikant għandu juri li r-rekwiżiti provduti fil-paragrafu 1 ġew sodisfatti.
3. Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (b) u fil-punti (d) sa (i) tal-paragrafu 1 għandha tiġi stabbilita permezz ta' testijiet u analiżijiet uffiċjali jew rikonnoxxuti uffiċjalment, imwettqa f'kondizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u ambjentali rilevanti għall-użu tal-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti kkonċernat u li jirrappreżentaw il-kondizzjonijiet prevalenti fiż-żona fejn il-prodott mistenni jintuża.
4. Fir-rigward tal-punt (f) tal-paragrafu 1, jistgħu jiġu adottati metodi armonizzati skond il-proċedura **regolatorja bi skrutinju** li tissemma fl-**Artikolu 83(4)**.
5. Għandhom jiġu definiti l-prinċipji uniformi għall-*evalwazzjoni* u għall-*awtorizzazzjoni* tal-prodotti għall-*protezzjoni* tal-pjanti **fir-Regolament adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat**, fejn jinkorporaw ir-rekwiżiti fl-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE bi kwalunkwe modifika meħtieġa.

Il-prinċipji uniformi għandhom iqisu kif jixraq l-interazzjoni bejn is-sustanza attiva, is-*safeners*, is-*sinerġists* u l-ko-formulanti.

6. **Bħala deroga mill-paragrafu 1(a), l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw minn qabel prodott li jkun ġie evalwat minn Stat Membru rapporteur fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament. Tista' tingħata awtorizzazzjoni minn qabel għal perjodu ta' mhux iktar minn tliet snin sakemm, sa sentejn u nofs wara l-preżentazzjoni ta' l-applikazzjoni skond l-Artikolu 8, ma tkun għadha ttieħdet l-ebda deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni tas-sustanza attiva. Stat Membru jista' jibda l-*evalwazzjoni* tiegħu dwar l-awtorizzazzjoni minn qabel malli jkun hemm x'juri li l-iskadenzi għall-awtorizzazzjoni tas-sustanza ma jkunux se jinżammu. L-awtorizzazzjoni minn qabel għandha tkun limitata għal uċuħ speċifiċi:**

- a) li jkunu ġew evalwati mill-Istat Membru rapporteur, u meta l-Istat Membru rapporteur iqis li l-użu fuq dawn l-uċuħ ma jagħmilx ħsara, li s-sustanza attiva tissodisfa r-rekwiżiti ta' l-Artikolu 4(2) u (3) u li l-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti jissodisfa r-rekwiżiti tal-punti (b) sa (i) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu; u
- b) meta l-MRLs ikunu saru skond ir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u jkunu ġew inklużi fl-Anness II jew III ta' dak ir-Regolament.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Artikolu 31

Il-kontenut ta' l-awtorizzazzjoni

1. L-awtorizzazzjoni, **li għandha tuża forma standardizzata**, għandha tiddefinixxi l-uċuh tar-raba' fuq liema u l-iskopijiet li għalihom ji sta' jintuża l-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti.
2. L-awtorizzazzjoni għandha tistabbilixxi r-rekwiżiti li jirrelataw mat-tqegħid fis-suq u ma' l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. **Bħala minimu**, dawk ir-rekwiżiti għandhom jinkludu:
 - a) il-kundizzjonijiet ta' l-użu meħtieġa għall-konformità mal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stipulati fir-Regolament li japprova s-sustanzi attivi, is-safeners u s-synergists **u r-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet ta prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti stipulati f'Artikolu 4(3)**;
 - b) klassifikazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti **skond id-Direttiva 1999/45/KE**;
 - c) **indikazzjonijiet għall-użu xieraq skond il-prinċipji tal-Kontroll Integrat ta' l-Organiżmi li jagħmlu ħsara, li japplikaw mill-2012 'il quddiem.**

Dawn ir-rekwiżiti għandhom f'kull każ ikopru:

- **l-ogħla doża għal kull ettaru f'kull applikazzjoni;**
- **il-perjodu bejn l-aħħar applikazzjoni u l-ħsad;**
- **l-għadd ta' applikazzjonijiet fis-sena;**

3. Ir-rekwiżiti li jissemew fil-paragrafu 2 jistgħu jinkludu:
 - a) restrizzjoni tal-prodott fir-rigward tad-distribuzzjoni u ta' l-użu tal-prodott għall-ħarsien tal-pjanti biex tiġi mħarsa s-saħħa tad-distributori, ta' l-utenti, **il-tal-ħaddiema, ir-residenti, persuni li jinżertaw fl-inħawi u l-konsumaturi** kkonċernati, **is-saħħa ta' l-annimali jew l-ambjent;**
 - b) l-obbligu li jiġi informat kwalunkwe ġar li ji sta' jkun espost għal sprej drift qabel ma jintuża l-prodott u li talab li jiġi informat;
 - c) **kwalunkwe restrizzjoni jew projbizzjoni ta' użu ta' pestiċida ġo jew madwar żoni użati mill-pubbliku ġenerali jew minn gruppi vulnerabbli, bħal żoni residenzjali, parkijiet, għonja pubbliċi, grawnds għall-isports, grawnds ta' l-iskejjel, żoni għar-rikreazzjoni tat-tfal, eċċ;**
 - d) **restrizzjonijiet u kundizzjonijiet oħra rilevanti għall-kwistjoni ta' awtorizzazzjoni u l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, b'mod partikulari fejn dawn ikunu mahsubu sabiex jipproteġu s-saħħa tad-distributori, l-utenti, il-ħaddiema, ir-residenti, persuni li jkunu jinsabu fuq il-post u konsumaturi jew is-saħħa ta' l-annimali jew l-ambjent.**

Artikolu 32

It-tul ta' żmien

1. Il-perjodu ta' l-awtorizzazzjoni għandu jkun stabbilit fl-awtorizzazzjoni. It-tul ta' żmien ta' awtorizzazzjoni għandu jkun iffissat sakemm is-sustanzi attivi, is-safeners u s-synergists kollha li jinsabu fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti ikunu approvati.
2. Jistgħu jingħataw awtorizzazzjonijiet għal perjodi iqsar sabiex tiġi sinkronizzata l-evalwazzjoni mill-ġdid ta' prodotti simili għall-iskopijiet ta' valutazzjoni komparattiva tal-prodotti li fihom kandidati għas-sostituzzjoni kif provdut fl-Artikolu 53.
3. Wara li tiġi mġedda l-approvazzjoni ta' sustanza attiva, ta' safener jew ta' synergist li tinsab fi prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, għandu jingħata perjodu addizzjonali ta' awtorizzazzjoni ta' disa' xhur sabiex jippermetti li jitwettaq l-eżami provdut fl-Artikolu 44.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Sottotaqsima 2

Il-proċedura

Artikolu 33

L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni

1. Persuna li tixtieq tqiegħed fis-suq prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti għandha tapplika għal awtorizzazzjoni, hija stess jew permezz ta' rappreżentant, għand kull Stat Membru fejn hemm il-*ħsieb* li dak il-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti jitqiegħed fis-suq.

Persuna li tixtieq tqiegħed fis-suq prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti għandha tinforma lill-Kummissjoni. Din in-notifika għandha tinkludi l-informazzjoni msemmija f'paragrafu 2 u d-dossier sommarju msemmi f'paragrafu 3(a).

2. L-applikazzjoni għandha tinkludi dawn li ġejjin:

a) lista ta' l-Istati Membri fejn l-applikant għamel applikazzjoni;

■

(b) kopja ċċertifikata ta' kwalunkwe awtorizzazzjoni li nġhatat diġà għal dak il-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti fi Stat Membru.

3. L-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn dawn li ġejjin:

a) għall-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti kkonċernat, *dossier* komplut u *dossier* sommarju għal kull punt tar-rekwiżiti tad-data tal-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti;

b) għal kull sustanza attiva, *safener* u *synergist*, **ko-formulant u awżiljari** li jinsab fil-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti, *dossier* *sħiħ* u *dossier* sommarju għal kull punt tar-rekwiżiti tad-data tas-sustanza attiva tas-*safener* u tas-*synergist*, **ko-formulant, kif ukoll dossier sħiħ u ieħor sommarju dwar l-effett kombinat tas-sustanza(i) attivi, safener(s) u synergist(s), ko-formulant(i) u awżiljari li fih il-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti.**

c) għal kull test jew studju li jinvolvi annimali vertebrati, *ġustifikazzjoni* tal-passi li ttieħdu biex jiġi evitat ***l-ittestjar fuq l-annimali*** u *l-ittestjar* idduplikat ***fuq annimali vertebrati***;

d) ir-raġunijiet għaliex ir-rapporti tat-testijiet u ta' l-istudji mressqa huma meħtieġa għall-ewwel awtorizzazzjoni jew għal emendi għall-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni.

4. Meta jressaq l-applikazzjoni tiegħu, l-applikant, skond l-*Artikolu 66*, ji sta' jitlob li ċerti partijiet tad-*dossiers* li jissemmew fil-paragrafu 3 jinżammu kunfidenzjali. Huwa għandu jispjega għal kull dokument jew għal kull parti minn dokument għaliex għandu jitqies bħala kunfidenzjali.

Fl-istess ħin għandu jressaq kwalunkwe talba għall-*protezzjoni* tad-data skond l-*Artikolu 62 (4)*.

Wara li jagħti lill-applikant il-possibbiltà li jressaq kummenti dwar id-deċizzjoni li biħsiebu jadotta, l-Istat Membru *rappporteur* għandu jiddeċiedi liema informazzjoni għandha tinżamm kunfidenzjali. Għandu jinforma lill-applikant u lill-Awtorità bid-deċizzjoni tiegħu.

5. Fejn mitlub mill-Istat Membru, l-applikant għandu jressaq l-applikazzjoni tiegħu bil-lingwi nazzjonali jew uffiċjali ta' dak l-Istat Membru jew b'waħda minn dawk il-lingwi.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Meta jintalab jagħmel dan, l-applikant għandu jipprovdi lill-**Istati Membri involuti fl-analiżi** b'kampjuni tal-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti u bi standards analitiċi ta' l-ingredjenti tiegħu.

6. Fuq talba, l-applikant għandu jipprovdi lil kull Stat Membru ieħor dossier sħiħ imsemmi f'paragrafu 3(a).

7. Fl-Istati Membri kollha jiġu utilizzati formoli ta' applikazzjoni uniformi.

Artikolu 34

L-eżenzjoni

1. L-applikanti għandhom ikunu eżentati milli jipprovdi r-rapporti tat-testijiet u ta' l-istudji li jissemmew fl-**Artikolu 33(3)** fejn juru li ngħataw aċċess skond l-**Artikolu 62, 64 jew 65** jew li kwalunkwe perjodu tal-*protezzjoni* tad-data skada.

2. Madankollu, applikanti li għalihom japplika l-paragrafu 1 għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:

- a) l-informazzjoni meħtieġa biex tiġi identifikata s-sutanza attiva, is-*safener* jew is-*synergist*, meta dawn ġew approvati, u biex jiġi stabbilit jekk il-kondizzjonijiet għall-*approvazzjoni* ġew sodisfatti u humiex konformi ma' l-**Artikolu 30(1)(b)**, fejn huwa xieraq;
- b) id-data meħtieġa biex jintwera li l-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti għandu effetti komparabbli għall-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti li għalih juru l-aċċess għad-data mħarsa.

Artikolu 35

L-Istat Membru li jeżamina l-applikazzjoni

L-applikazzjoni għandha tiġi eżaminata mill-Istat Membru **fejn l-applikant iressaq l-applikazzjoni**, ħlief meta Stat Membru ieħor **joffri** li jeżaminaha. L-Istat Membru li se jeżamina l-applikazzjoni għandu jinforma lill-applikant.

Fuq it-talba ta' l-Istat Membru li qed jeżamina l-applikazzjoni, l-Istati Membri l-oħra **għandhom** jikkoopearaw biex tkun żgurata diviżjoni ġusta ta' l-ammont ta' xogħol.

L-Istati Membri l-oħrajn **għandu jkollhom id-dritt li jibagħtu l-kummenti tagħhom** lill-Istat Membru li qed jeżamina l-applikazzjoni.

Artikolu 36

Il-bażi tad-data ta' l-Awtorità

Meta jiġi infurmat dwar liema Stat Membru ser jeżamina l-applikazzjoni, l-applikant għandu jressaq immedjatament id-dossier sħiħ u d-dossier sommarju msemmija fl-**Artikolu 33(3)(a) u (b)** lill-Awtorità u l-informazzjoni msemmija fl-**Artikolu 33(3)(c)**.

Mingħajr dewmien l-Awtorità għandha tagħmel id-dossier sommarju disponibbli għall-pubbliku, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe informazzjoni li hija kunfidenzjali skond l-**Artikolu 66**, u l-informazzjoni msemmija fl-**Artikolu 33(3)(c)**.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Artikolu 37

L-eżami

1. L-Istat Membru li qed jeżamina l-applikazzjoni għandu jagħmel valutazzjoni indipendenti, oġġettiva u trasparenti fid-dawl **tal-linji gwida** xjentifiċi u tekniċi **aċċettati u rekwiżiti eżistenti fiż-żmien ta' applikazzjoni mingħajr ħsara għall-Artikolu 22.**

Għandu japplika l-prinċipji uniformi għall-evalwazzjoni u għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jissemmew fl-Artikolu 30(5), biex jistabbilixxi jekk il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jissodisfax ir-rekwiżiti provduti fl-Artikolu 30, fejn intuża skond l-Artikolu 58, u fil-kondizzjonijiet **realistiċi** kollha ta' l-użu, u l-konsegwenzi ta' l-użu tiegħu fil-kondizzjonijiet awtorizzati.

L-Istat Membru li jkun qed jeżamina l-applikazzjoni għandu jqiegħed il-valutazzjoni tiegħu għad-dispożizzjoni ta' l-Istati Membri **.**

2. **Bla ħsara għall-Artikoli 31 u 32, fejn prodott għall-protezzjoni tal-pjanti ġie awtorizzat fi Stat Membru, l-Istati Membri l-oħra għandhom jiddeċiedu jekk u taħt liema kondizzjonijiet jawtorizzaw il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat fi żmien 180 ġurnata mill-wasla ta' l-applikazzjoni.**

3. Bħala deroga mill-paragrafu 2 u bla ħsara għal-liġi Komunitarja:

(a) **L-Istati Membri jistgħu jissuġġettaw l-approvazzjoni għal kondizzjonijiet speċifiċi u għal restrizzjoni ta' l-użu, jekk hemm evidenza xjentifika sustanzjata li minħabba kondizzjonijiet speċifiċi ta' użu, ritmi ta' użu, drawwiet nutrizzjonali jew ċirkustanzi oħra rilevanti l-kondizzjonijiet u r-restrizzjoni fl-awtorizzazzjoni oriġinali m'humiex suffiċjenti;**

b) jistgħu jiġu imposti kondizzjonijiet addizzjonali fir-rigward tar-rekwiżiti li jissemmew fl-Artikolu 31(3).

Artikolu 38

Il-perjodu ta' żmien għall-eżami

1. L-Istat Membru li qed jeżamina l-applikazzjoni għandu jiddeċiedi, fi żmien tnax-il xahar minn meta jirċeviha, jekk ir-rekwiżiti għall-awtorizzazzjoni humiex sodisfatti.

Fejn l-Istat Membru jeħtieġ informazzjoni addizzjonali, għandu jiffissa perjodu ta' żmien għall-applikant biex jipprovdiha. F'dak il-każ, il-perjodu ta' tnax-il xahar għandu jiġi estiż bil-perjodu ta' żmien addizzjonali mogħti mill-Istat Membru, **li ma jistax ikun aktar minn erba' xhur.**

2. Il-limiti ta' żmien provduti fil-paragrafu 1 għandhom jiġu sospiżi filwaqt li tkun qiegħda tiġi applikata l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 39.

3. Għal applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih sustanza attiva li għadha ma ġietx awtorizzata, l-Istati Membri għandhom jibdeu l-evalwazzjoni hekk kif jirċievu l-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni li jissemma fl-Artikolu 13(1). F'każ bħal dan, l-Istat Membru għandu jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni mhux iktar tard minn sitt xhur minn meta tiġi approvata s-sustanza attiva.

Artikolu 39

Il-valutazzjoni ta' ekwivalenza skond l-Artikolu 30(1)(b)

1. Fejn ikun meħtieġ li jiġi stabbilit jekk prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jikkonformax ma' l-Artikolu 30(1)(b), dan għandu jiġi vvalutat mill-Istat Membru li aġixxa bħala *rappporteur* għas-sustanza attiva, għas-safener jew għas-synergist kif jissemma fl-Artikolu 8(1) **||** . L-applikant għandu jressaq id-data kollha meħtieġa quddiem dak l-Istat Membru.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

2. Wara li jagħti l-opportunità lill-applikant biex iressaq il-kummenti tiegħu, li l-applikant għandu jgħad-dihom ukoll lill-Istat Membru li qed jeżamina l-applikazzjoni, l-Istat Membru *rappporteur* għandu jadotta konklużjoni li għandu jikkomunikaha lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra u lill-applikant.

3. Fejn l-Istat Membru li qed jeżamina l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ma jaqbilx mal-konklużjoni ta' l-Istat Membru *rappporteur*, huwa għandu jinforma lill-applikant, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni fejn jiddikjara r-raġunijiet tiegħu.

L-Istat Membru li qed jeżamina l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni u l-Istat Membru *rappporteur* għandhom jippruvaw jilhqqu ftehim dwar jekk hemmx konformità ma' l-*Artikolu 30(1)(b)*. Għandhom jagħtu opportunità lill-applikant biex iressaq il-kummenti tiegħu.

4. Fejn l-Istati Membri kkonċernati ma jilħqux ftehim fi żmien **180** ġurnata, l-Istat Membru li qed jeżamina l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandu jressaq il-kwistjoni quddiem il-Kummissjoni. Għandha tiġi adottata deċiżjoni dwar jekk hemmx konformità mal-kondizzjonijiet li jissemmew fl-*Artikolu 30(1)(b)* skond il-proċedura *regolatorja* li tissemma fl-*Artikolu 83(3)*. Il-perjodu ta' **180 jum** jibda fid-data li fiha l-Istat Membru li qed jeżamina l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni informa lill-Istat Membru *rappporteur* li ma jaqbilx mal-konklużjoni ta' dan ta' l-aħħar, skond il-paragrafu 3.

Qabel ma tiġi adottata deċiżjoni bħal din, il-Kummissjoni ti sta' ssaqsi lill-Awtorità għal opinjoni, jew għal għajnuna xjentifika jew teknika li għandha tingħata fi żmien tliet xhur mit-talba.

5. Jistgħu jiġu stabbiliti regoli dettalljati għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 sa 4 skond il-proċedura *regolatorja bi skrutinju* li tissemma fl-*Artikolu 83(4)*, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità.

Artikolu 40

Ir-rappurtaġġ u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jikkompilaw fajl dwar kull aplikazzjoni. Kull fajl għandu jkun fih dawn li ġejjin:

- a) kopja ta' l-applikazzjoni;
- b) rapport li jkun fih informazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' u d-deċiżjoni dwar il-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti;
- c) rekord tad-deċiżjonijiet amministrattivi meħuda mill-Istat Membru dwar l-applikazzjoni u d-dokumentazzjoni provduta fl-*Artikolu 33(3)* flimkien ma' sommarju ta' din ta' l-aħħar.

Mhux aktar tard minn ...⁽¹⁾, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta li tintroduċi format standardizzat għad-dokumentazzjoni, ipprovduta fil-punti (a), (b) u (c).

2. **Mingħajr dewmien, l-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' l-Awtorità fajl li fih id-dokumentazzjoni pprovduta fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1. L-Awtorità għandha iżżomm reġistru li fih l-awtorizzazzjonijiet kollha fl-Istati Membri differenti jiġu rreġistrati.**

3. **Sabiex ikun iffaċilitat il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet deskritt fl-*Artikolu 37(2)*, l-Istati Membri li jkunu taw awtorizzazzjoni għandhom, mingħajr dewmien, iqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' l-Istati Membri l-oħra u tal-Kummissjoni fajl li fih id-dokumentazzjoni provduta fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu*.**

⁽¹⁾ 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

4. Fi żmien 12-il ġimgħa mid-deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, l-Istati Membri għandhom jagħmlu għad-dispożizzjoni fuq websajt pubblika, rekord tad-deċiżjoni amministrattiva kif imsemmi f'punt (c) tal-paragrafu 1.

5. Meta jintalbu jagħmlu dan, l-applikanti għandhom jipprovdu kopja tad-dokumentazzjoni li għandha titressaq ma' applikazzjoni skond l-Artikolu 33(2) u l-Artikolu 34 quddiem l-Istati Membri, l-Awtorità u l-Kummissjoni.

Sottotaqsima 3

L-għarfien reċiproku ta' l-awtorizzazzjonijiet

Artikolu 41

L-għarfien reċiproku

1. Id-detentur ta' awtorizzazzjoni ji sta' japplika għal awtorizzazzjoni għall-istess prodott għall-protezzjoni tal-pjanti u għall-istess użu fi Stat Membru ieħor skond il-proċedura ta' għarfien reċiproku, provduta f'din is-sottotaqsima .

2. L-għarfien reċiproku m'għandux japplika għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom kandidat għas-sostituzzjoni.

Artikolu 42

L-awtorizzazzjoni

1. L-Istat Membru li quddiemu titressaq applikazzjoni skond l-Artikolu 41 għandu **jeżamina bir-reqqa l-valutazzjoni magħmula mill-Istat Membru tar-referenza fid-dawl ta' ċirkustanzi fit-territorju tiegħu.**

2. **L-Istat Membru għandu jagħti l-awtorizzazzjoni skond kondizzjonijiet rilevanti għal dak l-Istat Membru jew jirrifjuta li jagħti l-awtorizzazzjoni jekk l-Artikolu 30 ma jgix sodisfatt f'dak l-Istat Membru.**

3. **L-awtorizzazzjoni tista' tkun suġġetta għad-dispożizzjonijiet li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' miżuri oħra skond il-liġi Komunitarja, rigward il-kondizzjonijiet għad-distribuzzjoni u għall-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti intiżi biex jiproteġu s-saħħa tad-distributuri, ta' l-utenti u tal-ħaddiema kkonċernati.**

4. **L-awtorizzazzjoni tista' tkun suġġetta għal aktar rekwiżiti meta l-kondizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u ta' l-ambjent (fošhom dawk klimatiċi) fl-Istat Membru jagħmlu dawn ir-rekwiżiti neċessarji sabiex ikun hemm konformità ma' l-Artikolu 30.**

Dawn il-kondizzjonijiet ta' użu għandhom f'kull każ ikopru:

- id-doża għal kull ettaru f'kull applikazzjoni;
- il-perjodu bejn l-aħħar applikazzjoni u l-ħsad;
- kemm-il applikazzjoni ssir fis-sena;
- preskrizzjoni tal-ħtieġa tal-bexx;
- il-livell ta' periklu/riskju għas-saħħa tal-bniedem (effetti kumulattivi);
- il-protezzjoni ta' l-ilma ta' taħt l-art u tal-bijodiversità.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

5. ||Bla ħsara għal-liġi Komunitarja, jistgħu ikunu imposti kondizzjonijiet addizzjonali fir-rigward tar-rekwiżiti li jissemmew fl-Artikolu 31(3).

6. Fejn Stat Membru jemmen li prodott għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzat minn Stat Membru ieħor ma jistax jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 30 jew li jikkontradixxi l-objettivi tal-jan ta' azzjoni nazzjonali dwar il-Pestiċidi, u bħala konsegwenza jipproponi li jirrifuta l-awtorizzazzjoni, għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra u lill-applikant.

Artikolu 43

Il-proċedura

1. Flimkien ma' l-applikazzjoni għandu jkun hemm:
 - a) kopja ċċertifikata ta' l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Istat Membru ta' referenza;
 - b) dikjarazzjoni formali li l-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti huwa identiku għal dak li ġie awtorizzat mill-Istat Membru ta' referenza;
 - c) sommarju tad-dossier kif meħtieġ fl-Artikolu 33(3);

d) fuq it-talba ta' l-Istat Membru dossier sħiħ kif jirrikjedi l-Artikolu 33(3).
2. L-Istat Membru li quddiemu tressqet applikazzjoni skond l-Artikolu 41 għandu jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni fi żmien **180 jum**.

Sottotaqsima 4

It-tiġdid, **l-emenda** u l-irtirar

Artikolu 44

It-tiġdid ta' l-awtorizzazzjoni

1. Awtorizzazzjoni għandha tiġġedded fuq applikazzjoni mid-detentur ta' l-awtorizzazzjoni, sakemm il-kondizzjonijiet provduti fl-Artikolu 30 għadhom jiġu sodisfatti.

L-applikazzjoni għandha titressaq mill-inqas sena qabel l-iskadenza ta' l-awtorizzazzjoni ħlief fejn l-applikanti ma jistgħux jikkonformaw ma' din l-iskadenza għaliex is-sustanza attiva kkonċernata kienet inkluża fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE għal tul ta' żmien li skada inqas minn sena wara d-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Flimkien ma' l-applikazzjoni għandu jkun hemm l-informazzjoni li ġejja:
 - a) kopja ta' l-awtorizzazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti,
 - b) rapport dwar ir-riżultati tal-monitoraġġ, meta l-awtorizzazzjoni kienet soġġetta għal monitoraġġ.
3. Fi żmien tliet xhur mit-tiġdid ta' l-approvazzjoni ta' sustanza attiva, *safener* jew *synergist* li tinsab fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, l-applikant għandu jressaq l-informazzjoni li ġejja:
 - a) kwalunkwe informazzjoni ġdida **msemija fir-Regolament li jirrigwarda t-tiġdid ta' awtorizzazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 21, jew** meħtieġa bħala riżultat ta' l-emendi fir-rekwiżiti jew fil-kriterji tad-data;

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- b) ġustifikazzjoni li d-data l-għdida mressqa hija r-riżultat ta' rekwiżiti jew ta' kriterji tad-data li ma kinux fis-seħħ meta ngħatat l-awtorizzazzjoni tal-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti **jew hija meħtieġa sabiex jinbidlu l-kondizzjonijiet ta' l-approvazzjoni;**
- c) kwalunkwe informazzjoni meħtieġa biex jintwera li l-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament dwar it-tiġdid ta' l-approvazzjoni tas-sustanza attiva, tas-*safener* jew tas-*synergist* li jkun fih.

4. L-Istati Membri għandhom jikkontrollaw li l-prodotti kollha għall-*protezzjoni* tal-pjanti li fihom is-sustanza attiva, is-*safener* jew is-*synergist* ikkonċernata jikkonformaw ma' kwalunkwe kondizzjoni u restrizzjoni provduta fir-Regolament li jġedded l-approvazzjoni skond l-**Artikolu 21**.

L-Istat Membru li aġixxa bħala *rappporteur* għas-sustanza attiva, għas-*safener* jew għas-*synergist* għandu jikkoordina t-tweqqif tal-kontroll tal-konformità u tal-valutazzjoni tar-riżultati. Il-kontroll tal-konformità għandu jitwettaq fil-perjodu ta' żmien ffissat fir-Regolament mat-tiġdid ta' l-approvazzjoni.

5. Il-linji ta' gwida dwar l-organizzazzjoni tal-kontrolli ta' konformità jistgħu jiġu stabbiliti skond il-proċedura **regolatorja bl-iskrutinju** li tissemma fl-**Artikolu 83(4)**.

6. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar it-tiġdid ta' l-awtorizzazzjoni mhux iktar tard minn disa' xhur wara t-tiġdid ta' l-approvazzjoni tas-sustanza attiva, tas-*safener* jew tas-*synergist* li jkun fih.

7. Fejn, għal raġunijiet li mhumiex fil-kontroll tad-detentur ta' l-awtorizzazzjoni, ma tittieħed l-ebda deċiżjoni dwar it-tiġdid ta' l-awtorizzazzjoni qabel l-iskadenza tagħha, l-Istat Membru kkonċernat għandu jestendi l-awtorizzazzjoni għall-perjodu meħtieġ sabiex ikun ikkompletat l-eżami u tiġi adottata deċiżjoni dwar it-tiġdid.

Artikolu 45

L-irtirar jew l-emenda ta' awtorizzazzjoni

1. L-Istati Membri jistgħu jirrevedu awtorizzazzjoni fi kwalunkwe ħin fejn ikun hemm indikazzjonijiet li rekwiżit li jissema fl-**Artikolu 30** m'għadux jiġi sodisfatt.

2. L-Istati Membri għandhom jirrevedu awtorizzazzjoni fejn ikun hemm indikazzjonijiet li l-kisba ta' l-oġettivi stabbiliti skond l-Artikolu 4(1)(a)(iv)** u **(b)(i)** u l-**Artikolu 7(2)** u **(3)** tad-**Direttiva 2000/60/KE** tista' tiġi kompromessa.**

3. Fejn Stat Membru jkollu l-ħsieb li jirtira jew jemenda awtorizzazzjoni, għandu jinforma lid-detentur ta' l-awtorizzazzjoni u jagħtih il-possibbiltà li jressaq il-kummenti.

L-Istat Membru ji sta' jitlob lid-detentur ta' l-awtorizzazzjoni biex iressaq iktar informazzjoni.

4. L-Istat Membru għandu jirtira jew jemenda l-awtorizzazzjoni, kif huwa xieraq, fejn:

- a) ir-rekwiżiti li jissemmew fl-**Artikolu 30** mhumiex jew m'għadhomx jiġu sodisfatti;

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- b) tkun ingħatat informazzjoni falza jew qarrieqa dwar il-fatti li fuq il-bażi tagħhom ingħatat l-awtorizzazzjoni;
- c) kondizzjoni inkluża fl-awtorizzazzjoni ma ġietx sodisfatta;
- d) **fuq il-bażi ta' l-iżviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku, il-mod kif jintużaw u l-ammonti li jintużaw jistgħu jiġu modifikati.**

5. Fejn Stat Membru jirtira jew jemenda awtorizzazzjoni skond il-paragrafu 4, għandu jinforma immedjament lid-detentur ta' l-awtorizzazzjoni, lill-Istati Membri l-oħra, lill-Awtorità u lill-Kummissjoni. █

Artikolu 46

L-irtirar jew l-emenda ta' awtorizzazzjoni fuq it-talba tad-detentur ta' l-awtorizzazzjoni

1. Awtorizzazzjoni tista' tiġi rtirata jew emendata fuq it-talba tad-detentur ta' l-awtorizzazzjoni, li għandu jiddikjara r-raġunijiet għat-talba tiegħu.
2. Jistgħu jingħataw emendi biss fejn jiġi stabbilit li r-rekwiżiti ta' l-Artikolu 30 għadhom jiġu sodisfatti.

Artikolu 47

Il-perjodu fuq ir-riħ

Fejn Stat Membru jirtira jew jemenda awtorizzazzjoni jew ma jgeddidhiex, huwa ji sta' jagħti perjodu ta' fuq ir-riħ għar-rimi, għall-ħażna, għat-tqegħid fis-suq u għall-użu ta' ħażniet eżistenti.

Fejn ir-raġunijiet għall-irtirar, għall-emenda jew għan-nuqqas ta' tiġdid ta' l-awtorizzazzjoni **ma jkunux relatati mal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali u ta' l-ambjent**, perjodi ta' fuq ir-riħ biex jintużaw il-ħażniet tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati għandhom **jingħataw għal żmien mhux itwal minn staġun wieħed. Jekk ir-raġunijiet għall-irtirar, għall-emenda jew għan-nuqqas ta' tiġdid ta' l-awtorizzazzjoni huma relatati mal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali u ta' l-ambjent, allura m'għandux ikun hemm perjodu ta' żmien biex jintużaw il-ħażniet tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati u l-bejgħ kollu u l-użu kollu ta' dawn il-prodotti għandhom jieqfu b'effett immedjat hekk kif tittieħed id-deċiżjoni dwar l-irtirar jew in-nuqqas ta' tiġdid.**

Artikolu 48

Rimi u qerda ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mhux awtorizzati

Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 47, il-ħażniet ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mhux awtorizzati għandhom jintremew u jinqerdu b'mod sikur taħt ir-responsabilità tad-detentur ta' l-awtorizzazzjoni preċedenti.

Artikolu 49

Importazzjonijiet

Materjal jew oġġetti importati li mhumiex ikel m'għandux ikun fihom fdalijiet ta' sustanzi attivi li ma kinux ġew approvati skond id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Sottotaqsima 5

Il-każijiet speċjali

Artikolu 50

It-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju żgħir

1. Fejn is-sustanzi attivi kollha li jinsabu fi prodott għall-protezzjoni tal-pjanti huma sustanzi kif jissemmew fl-Artikolu 23 ("sustanzi attivi b'riskju żgħir"), dak il-prodott, b'halo deroga mill-Artikolu 30, għandu jiġi awtorizzat b'halo prodott għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju żgħir sakemm jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) is-sustanzi attivi, is-safeners u s-synergists b'riskju żgħir li jinsabu fih ġew approvati skond il-Kapitolu II;
- b) is-sustanzi attivi b'riskju żgħir li jinsabu fih m'għandhomx effett negattiv fuq il-bnedmin, l-annimali jew l-ambjent;**
- (c) ma fihx sustanza ta' tħassib;
- (d) huwa effettiv b'mod suffiċjenti;
- (e) ma jikkawżax uġiġ u tbatija bla bżonn lill-vertebrati li għandhom jiġu kkontrollati;
- (f) huwa konformi ma' l-Artikolu 30(1)(b), (c) u (f) sa (j).

Dawn il-prodotti minn hawn 'il quddiem se jissejħu "prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju żgħir".

2. Applikant għall-awtorizzazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju żgħir għandu juri li r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 qed jiġu sodisfatti u għandu jagħti, flimkien ma' l-applikazzjoni, dossier komplut u dossier sommarju għal kull punt tar-rekwiżiti tad-data tas-sustanza attiva u tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti.

3. L-Istat Membru għandu jiddeċiedi fi żmien 90 ġurnata dwar jekk għandux japprova applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju żgħir.

Il-perjodu għandu jkun ta' 60 ġurnata fejn tkun diġà nġhatat awtorizzazzjoni għall-istess prodott għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju żgħir minn Stat Membru ieħor ■ .

Fejn l-Istat Membru jeħtieġ informazzjoni addizzjonali, għandu jiffissa limitu ta' żmien għall-applikant biex jipprovdiha. F'dak il-każ, il-perjodu ta' 90 ġurnata għandu jiġi estiż bil-limitu ta' żmien addizzjonali mogħti mill-Istat Membru. **Il-perjodu sħiħ m'għandux jaqbeż l-erba' xhur.**

4. Ħlief jekk ma jiġix provdut mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet kollha li jirrelataw ma' l-awtorizzazzjonijiet skond dan ir-Regolament.

Artikolu 51

It-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti b'riskju mnaqqas għall-protezzjoni tal-pjanti

1. **Minkejja l-Artikolu 30, prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għandu jiġi awtorizzat b'halo prodott b'riskju mnaqqas jekk ikun jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:**

- (a) **mill-inqas waħda mis-sustanzi attivi li jkun fih tkun sustanza kif definita fl-Artikolu 23 ("Is-sustanzi attivi b'riskju żgħir");**
- (b) **is-sustanzi attivi, is-safeners u s-synergists kollha b'riskju żgħir li jkun fih jiġu approvati skond il-Kapitolu II;**

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- (c) *fil-kuntest ta' l-għerf xjentifiku jew tekniku jkun jippreżenta, b'mod konsiderevoli, inqas riskji għas-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali jew għall-ambjent minn prodott paragonabbli għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun diġà awtorizzat;*
- (d) *ikun attiv biżżejjed;*
- (e) *huwa konformi ma' l-Artikolu 30(1)(b), (c), (f) u (h) sa (j).*

2. *L-applikanti għall-awtorizzazzjoni ta' prodott b'riskju mnaqqas għall-protezzjoni tal-pjanti għandu juri li jissodisfa l-kondizzjonijiet imniżżla fil-paragrafu 1 u jippreżenta ma' l-applikazzjoni fajl dettaljat u ieħor fil-qosor għal kull punt tad-dettalji miġħuba għas-sustanza attiva u għall-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti.*

3. *L-Istat Membru għandu jiddeċiedi fi żmien 120 jum dwar jekk għandux japprova applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott b'riskju mnaqqas għall-protezzjoni tal-pjanti.*

Dan il-perjodu għandu jkun ta' 90 jum jekk Stat Membru mill-istess żona jkun diġà ħareġ awtorizzazzjoni għall-istess prodott b'riskju mnaqqas għall-protezzjoni tal-pjanti.

Jekk l-Istat Membru jkun jeħtieġ tagħrif addizzjonali, għandu jiffissa skadenza biex l-applikant jipprovdi t-tagħrif. F'każ bħal dan, il-perjodu ta' 120 jum għandu jiġi estiż bil-perjodu addizzjonali mogħti mill-Istat Membru.

4. *Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet kollha li huma relatati ma' l-awtorizzazzjonijiet.*

Artikolu 52

It-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom mikro-organiżmu modifikat ġenetikament

1. *Prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fih mikro-organiżmu li jaqa' fl-ambitu tad-Direttiva 2001/18/KE għandu jiġi eżaminat fir-rigward tal-modifika ġenetika skond dik id-Direttiva, minbarra l-valutazzjoni skond dan il-Kapitolu.*

Awtorizzazzjoni skond dan ir-Regolament m'għandhiex tingħata għal prodott għall-protezzjoni tal-pjanti bħal dan ħlief jekk ikun ingħata kunsens għalih bil-miktub, kif jissemma fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 2001/18/KE.

2. *Ħlief jekk ma jiġix speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet kollha li jirrelataw ma' l-awtorizzazzjonijiet skond dan ir-Regolament.*

Artikolu 53

Il-valutazzjoni komparattiva tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-kandidati għas-sostituzzjoni

1. *L-Istati Membri m'għandhomx jawtorizzaw għall-użu f'wiċċ tar-raba' speċifiku prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fih jew kandidat għas-sostituzzjoni jew li jkun ta' riskju akbar fejn valutazzjoni komparattiva li tiżen ir-riskji u l-benefiċċji, kif stabbilit fl-Anness IV, turi li:*

- a) *għall-użi li ġew speċifikati fl-applikazzjoni diġà hemm awtorizzazzjoni għal prodott għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzat, jew metodu ta' kontroll jew ta' prevenzjoni mhux kimiku daqstant effettiv, li jkollu effikacija ekwivalenti u li huwa ferm inqas perikoluż għas-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali jew għall-ambjent;*
- b) *is-sostituzzjoni skond il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew il-metodi ta' kontroll jew ta' prevenzjoni mhux kimiċi li jissemmew fil-punt (a) ma tippreżentax żvantaġġi ekonomiċi jew prattiċi sinifikanti;*

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- c) id-diversità kimika tas-sustanzi attivi, **fejn rilevanti, jew metodi u prattiki ta' ġestjoni ta' wċuħ tar-raba' u prevenzjoni ta' organiżmi ta' ħsara huma** adegwati biex tiġi mminimizzata l-okkorrenza tar-reżistenza fl-organiżmu mmirat.

Filwaqt li l-Istati Membri m'għandhom jawtorizzaw l-ebda prodott għall-protezzjoni tal-pjanti meta valutazzjoni komparattiva turi l-eżistenza ta' alternattivi aktar sikuri, il-prijorità fil-valutazzjoni komparattiva u fis-sostituzzjoni għandha tingħata lill-kandidati għal sostituzzjoni.

2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih kandidat għas-sostituzzjoni għandu jiġi awtorizzat mingħajr valutazzjoni komparattiva f'każijiet fejn huwa meħtieġ li tiġi akkwistata l-esperjenza l-ewwel permezz ta' l-użu fil-prattika ta' dak il-prodott.

Awtorizzazzjonijiet bħal dawn għandhom jingħataw għal perjodu li ma jaqbiżx it-tliet snin.

3. L-Istati Membri għandhom jirrepetu l-valutazzjoni komparattiva provduta fil-paragrafu 1 b'mod regolari u mhux iktar tard minn er ba' snin wara li nġatad l-awtorizzazzjoni jew ġiet imġedda l-awtorizzazzjoni.

L-Istati Membri għandhom iżommu, jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjoni, fuq il-bażi tar-riżultati ta' dik il-valutazzjoni komparattiva.

4. Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jirtira jew jemenda awtorizzazzjoni skond il-paragrafu 3, dak l-irtirar jew dik l-emenda għandu jidħol fis-seħħ **sentejn** wara d-deċiżjoni ta' l-Istat Membru jew fi tmiem il-perjodu ta' approvazzjoni tal-kandidat għas-sostituzzjoni fejn dak il-perjodu jispiċċa qabel.

5. Ħlief jekk ma ma jiġix speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet kollha li jirrelataw ma' l-awtorizzazzjonijiet skond dan ir-Regolament.

Artikolu 54

L-estensjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet għal użi minuri

1. Għall-iskop ta' dan l-Artikolu, użu minuri ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fi Stat Membru partikolari jfisser l-użu ta' dak il-prodott fuq wiċċ tar-raba' li ma jtkabbarx ħafna f'dak l-Istat Membru jew fuq wiċċ tar-raba' li jtkabbar ħafna biex tiġi sodisfatta hteġa eċċezzjonali.

2. Id-detentur ta' l-awtorizzazzjoni, il-korpi uffiċjali jew xjentifiċi involuti f'attivitajiet agrikoli jew l-organizzazzjonijiet agrikoli professjonali u l-utenti professjonali jistgħu jitolbu biex l-awtorizzazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun diġà ġie awtorizzat fl-Istat Membru kkonċernat tiġi estiża għal użi minuri li għadhom mhumiex koperti minn dik l-awtorizzazzjoni.

3. L-Istati Membri jistgħu, bl-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni, jadottaw miżuri speċifiċi biex jiffaċilitaw il-preżentazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għall-estensjoni ta' l-awtorizzazzjoni u għall-preżentazzjoni ta' l-applikazzjonijiet relatati ma' l-użi minuri.

4. L-Istati Membri għandhom jestendu l-awtorizzazzjoni sakemm:

- l-użu maħsub huwa ta' natura minuri;
- il-kondizzjonijiet li jissemmew fl-Artikolu 4(3)(b), (d) u (e) u fl-Artikolu 30(1)(j) ġew issodisfatti;
- l-estensjoni hija fl-interess pubbliku;
- id-dokumentazzjoni u l-informazzjoni biex isostnu estensjoni ta' l-użu tressqu mill-persuni jew mill-korpi li jissemmew fil-paragrafu 2. **L-istudji neċessarji sabiex jiġu ddeterminati l-livelli massimi ta' residwi jistgħu jitwettqu minn istituti xjentifiċi jew korpi uffiċjali.**

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

5. L-estensjoni ti sta' tieħu l-forma ta' emenda għall-awtorizzazzjoni eżistenti jew ti sta' tkun awtorizzazzjoni separata, skond il-proċeduri amministrattivi ta' l-Istat Membru kkonċernat.

Estensjonijiet fuq il-bażi ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu identifikati separatament u għandha ssir indikazzjoni separata għal restrizzjonijiet fir-responsabilità.

6. Meta l-Istati Membri jagħtu estensjoni ta' awtorizzazzjoni għal użu minuri, għandhom jinformat lid-detentur ta' l-awtorizzazzjoni **li għandu** ibiddel l-ittikkettjar skond dan.

Fejn id-detentur ta' l-awtorizzazzjoni jirrifjuta, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-utenti jkunu informati b'mod sħiħ u speċifikament dwar l-istruzzjonijiet għall-użu, permezz ta' pubblikazzjoni uffiċjali jew websajt uffiċjali.

It-tikketta għandha turi li dawn l-użi ma jkunux ġew evalwati għall-effikaċja jew għall-fitotossiċità. Bla ħsara għall-Artikolu 76, id-detentur ta' l-awtorizzazzjoni m'għandux ikun responsabbli għal xi telf li jirriżulta minn użu li jkun konformi ma' l-estensjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni.

7. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jaġġornaw b'mod regolari lista ta' użi minuri. **Din il-lista għandha tkun disponibbli għall-pubbliku fuq il-websajts uffiċjali ta' l-Istati Membri u tal-Kummissjoni.**

8. **Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar minn ...⁽¹⁾, tressaq proposta lill-Parlament u lill-Kunsill għall-istabbiliment ta' fond Ewropew ta' promozzjoni għal użi minuri. Il-Fond għandu jkun intitolat ukoll li jiffinanzja testijiet reżidwi addizzjonali għal użi minuri.**

9. Ħlief jekk ma jiġix speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet kollha li jirrelataw ma' l-awtorizzazzjonijiet skond dan ir-Regolament.

Artikolu 55

Kummerċ parallel

1. **Prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li hu awtorizzat fi Stat Membru (Stat Membru ta' l-orijini) jista', suġġett għal applikazzjoni għal permess ta' kummerċ parallel, jiddaħħal, jitqiegħed fis-suq u jintuża fi Stat Membru ieħor (Stat Membru tad-dħul) jekk dak l-Istat Membru jistabbilixxi li l-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti huwa identiku fil-kompożizzjoni għal prodott għall-protezzjoni tal-pjanti diġà awtorizzat fl-Istat Membru tad-dħul (prodott ta' referenza). L-applikazzjoni għandha tiġi preżentata lill-awtorità regolatorja fl-Istat Membru tad-dħul (awtorità kompetenti).**

2. **Permess għal kummerċ parallel għandu jidher fi żmien 90 ġurnata tax-xogħol minn meta tasal applikazzjoni mimlija kif jixraq. L-Istati Membri, meta jiġu mitluba, għandhom jgħaddu t-tagħrif meh-tieġ lil xulxin biex jevalwaw l-identiċità fi żmien 10 ġranet tax-xogħol minn meta tasal it-talba. Il-proċedura biex jidher permess għal kummerċ parallel għandha titwaqqaf mill-ġurnata li fiha t-talba għat-tagħrif tintbagħat lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-orijini sakemm it-tagħrif sħiħ meh-tieġ jintbagħat lill-awtorità kompetenti.**

3. **L-Istati Membri għandhom jidher permess għal kummerċ parallel bi proċedura simplifikata jekk il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li għandu jidher ikun identiku għall-prodott ta' referenza fl-ispeċifikazzjoni u l-kontenut tas-sustanzi attivi, is-safeners u s-synergists, fit-tip ta' formolazzjoni u fil-kompożizzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti.**

4. **Is-sustanzi attivi, is-safeners u s-synergists għandhom jitqiesu li jkunu identiċi skond il-Paragrafu 3 jekk:**

- a) **ikunu ġew immanufatturati mill-istess kumpanija jew minn intrapriża assoċjata jew bil-liċenzja skond l-istess proċess ta' manifattura ' kif ukoll;**
- b) **ikollhom jew l-istess speċifikazzjoni, jew speċifikazzjonijiet approvati li jkunu ekwivalenti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 39.**

⁽¹⁾ Sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

5. Il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li għandu jidħol u l-prodott ta' referenza għandhom jitqiesu li jkunu identiċi fil-kompożizzjoni skond il-Paragrafu 3 jekk:

- a) il-koformulanti jkunu identiċi f'kull rigward; jew
- b) il-koformulanti li jvarjaw ma jkollhomx aktar effetti negattivi skond it-tifsira ta' l-Artikolu 4(3) b'kunsiderazzjoni xierqa, b'mod partikolari, għad-differenzi li jista' jkun hemm fil-kundizzjonijiet marbuta ma' l-agrikultura, mas-saħħa tal-pjanti u ma' l-ambjent, u b'mod partikolari, mal-kundizzjonijiet klimatiċi, li jkunu rilevanti għall-użu tal-prodott.

6. L-kriterji u l-proċeduri biex jiġi evalwat kemm il-kompożizzjonijiet ikunu identiċi jistgħu jiġu deskritti bid-dettalji skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 83(3).

7. L-applikazzjoni għall-permess għal kummerċ parallel għandha tinkludi dan li ġej:

- l-Istat Membru ta' l-orijini,
- l-isem u l-indirizz ta' l-applikant,
- l-isem u l-indirizz ta' persuna ta' kuntatt fl-Istat Membru tad-dħul, jekk l-applikant ma jkunx stabbilit hemmhekk,
- l-isem li jkun se jingħata lill-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun se jitqassam fl-Istat Membru tad-dħul,
- l-isem u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fl-Istat Membru ta' l-orijini,
- l-isem u l-indirizz tad-detentur ta' l-awtorizzazzjoni fl-Istat Membru ta' l-orijini,
- l-istruzzjonijiet oriġinali għall-użu li bihom, il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun se jidħol, ikun se jitqassam fl-Istat Membru ta' l-orijini jekk jitqies li jkunu meħtieġa għall-analiżi ta' l-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti jista' jkollha bżonn traduzzjoni tal-partijiet rilevanti ta' l-istruzzjonijiet oriġinali għall-użu,
- l-isem u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-prodott ta' referenza,
- l-isem u l-indirizz tad-detentur ta' l-awtorizzazzjoni tal-prodott ta' referenza,
- l-abbozz tat-tikketta tal-prodott li jkun intiż li jitqiegħed fis-suq,
- kampjun tal-prodott li jkun intiż għad-dħul jekk jitqies li jkun meħtieġ mill-awtorità kompetenti.

8. L-applikant għall-permess għal kummerċ parallel jista' juri permezz tat-tagħrif kollu disponibbli u aċċessibbli li l-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti intiż għad-dħul huwa identiku skond il-Paragrafi 3,4 u 5 għall-prodott ta' referenza.

9. Prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun inħariġlu permess għal kummerċ parallel għandu jitqiegħed fis-suq u jintuża b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni tal-prodott ta' referenza. Biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' l-Artikolu 30 u biex jitħaffu l-monitoraġġ u l-kontrolli skond l-Artikolu 71, l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi rekwiżiti oħra biex il-prodott ikun jista' jidħol.

10. Il-permess għal kummerċ parallel għandu jkun validu għat-tul ta' l-awtorizzazzjoni tal-prodott ta' referenza. Jekk id-detentur ta' l-awtorizzazzjoni tal-prodott ta' referenza japplika biex tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni b'konformità ma' l-Artikolu 46(1) u r-rekwiżiti ta' l-Artikolu 30 ikunu għadhom ma ġewx sodisfatti, il-validità tal-permess għal kummerċ parallel tiskadi mad-data li fiha l-awtorizzazzjoni tal-prodott ta' referenza tiskadi normalment.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

11. **Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' dan l-Artikolu, l-Artikoli 45 sa 47, 58 u 59(4) u Kapitoli VI sa X japplikaw bl-istess mod għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bil-kummerċ parallel.**
12. **Bla ħsara għall-Artikolu 45, permess għal kummerċ parallel jista' jiġi rtirat jekk**
 - **l-awtorizzazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun daħal tiġi rtirata fl-Istat Membru ta' l-orijini għal raġunijiet ta' sikurezza jew effikaċja,**
 - **il-permess għal kummerċ parallel jintuża ħażin mill-applikant sabiex jidħlu jew jitqiegħdu fis-suq prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li ma jkunux awtorizzati f'xi Stat Membru.**
13. **Fejn, b'kunsiderazzjoni għall-kriterji mogħtija fil-Paragrafi 3,4 u 5, l-evalwazzjoni li ssir mill-Istat Membru tad-dħul turi li l-prodott intiż għad-dħul ma jkunx identiku skond il-Paragrafi 3, 4 u 5 għall-prodott ta' referenza, l-Istat Membru tad-dħul jista' jagħti l-awtorizzazzjoni biss għat-tqegħid fis-suq u għall-użu skond l-Artikolu 29.**
14. **Id-dsipożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma japplikawx għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li jkunu awtorizzati fl-Istat Membru ta' l-orijini skond l-Artikolu 56 jew 57.**

Sottotaqsima 6

Derogi

Artikolu 56

Awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza

1. Bħala deroga mill-Artikolu 29, f'ċirkostanzi speċjali Stat Membru ji sta' jawtorizza, għal perjodu li ma jaqbiżx il-120 ġurnata, it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, għal użu limitat u kkontrollat, fejn miżura bħal din tidher li hija meħtieġa minħabba periklu għas-saħħa tal-pjanti li ma jistax jiġi mrażżan permezz ta' kwalunkwe mezz raġonevoli ieħor.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma immedjatament lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bil-miżura li ttieħdet, fejn jipprovi informazzjoni dettaljata dwar is-sitwazzjoni u kwalunkwe miżura meħuda biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-konsumatur.

2. Il-Kummissjoni ti sta' ssaqsi lill-Awtorità għal opinjoni, jew għal għajnuna xjentifika jew teknika.

L-Awtorità għandha tagħti l-opinjoni tagħha jew ir-riżultati tax-xogħol tagħha lill-Kummissjoni fi żmien xahar mit-talba.

3. Jekk ikun meħtieġ, għandha tittieħed deċiżjoni, skond il-proċedura regolatorja li tissemma fl-Artikolu 83(3), dwar

- a) jekk il-wiċċ tar-raba' trattat jistax jitqiegħed fis-suq bla periklu, u
- b) jekk u f'liema kondizzjonijiet l-Istat Membru
 - i) ji sta' jestendi t-tul ta' żmien tal-miżura jew jirrepetiha; jew
 - ii) għandu jirtira jew jemenda l-miżura tiegħu.

4. Il-paragrafi 1 sa 3 m'għandhomx japplikaw għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom jew li huma magħmulin minn mikro-organiżmi modifikati ġenetikament.

Arikolu 57

Ir-riċerka u l-iżvilupp

1. Bħala deroga mill-Artikolu 29, esperimenti jew testijiet għal skopijiet ta' riċerka jew ta' żvilupp li jinvolvu r-rilaxx fl-ambjent ta' prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti mhux awtorizzat jistgħu jitwettqu jekk l-Istat Membru li l-esperiment jew it-test għandu jitwettaq fit-territorju tiegħu ikun iġva l-*data* disponibbli u jkun ta awtorizzazzjoni għall-iskopijiet ta' prova. **Kwalunkwe wieħed minn dawn l-esperimenti jew testijiet irid ikun ikkontrollat b'mod strett ħafna sabiex ikun żgurat li ma jkunx hemm effett ħażin immedjat jew maż-żmien fuq is-saħħa tal-bniedem, inklużi residenti, persuni li jinżertaw fl-inħawi u gruppi vulnerabbli, bħalma huma t-trabi, it-tfal, in-nisa tqal, ix-xjuħ, persuni morda jew li qed jirċievu kura, jew fuq is-saħħa ta' l-annimali, b'mod dirett jew permezz ta' ilma tax-xorb, ikel, għalf jew arja, inkluż f'inħawi li huma 'l bogħod mill-użu tiegħu, wara trasportazzjoni fit-tul, jew konsegwenzi fil-post tax-xogħol jew permezz ta' effetti indiretti oħra, filwaqt li jitqiesu effetti kumulattivi u sinerġistiċi; jew fuq l-ilma ta' taħt l-art.** L-awtorizzazzjoni ti sta' tillimita l-kwantitajiet li għandhom jintużaw u l-inħawi li għandhom ikunu trattati u ti sta' timponi iktar kondizzjonijiet biex ikun ipprevenut kwalunkwe effett ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali jew kwalunkwe effett negattiv inaċċettabbli fuq l-ambjent, bħall-ħtieġa li jiġi pprevenut id-dħul fil-katina alimentari ta' għalf u ikel li jkun fih residwi ħlief jekk ma tkunx diġà ġiet stabbilità dispożizzjoni rilevanti skond ir-Regolament (KE) Nru 396/2005.

L-Istat Membru ji sta' jawtorizza programm ta' esperimenti jew testijiet bil-quddiem jew jeħtieġ awtorizzazzjoni għal kull esperiment jew test.

2. Għandha titressaq applikazzjoni quddiem l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu għandu jitwettaq l-esperiment jew it-test, flimkien ma' *dossier* li fih id-*data* kollha disponibbli biex tkun permessa valutazzjoni ta' l-effetti possibbli fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali jew l-impatt possibbli fuq l-ambjent.

3. M'għandhiex tingħata awtorizzazzjoni għal skopijiet ta' prova għal esperimenti jew testijiet li jinvolvu r-rilaxx fl-ambjent ta' mikro-organiżmu modifikat ġenetikament ħlief meta rilaxx bħal dan ma jkunx ġie aċċettat skond id-Direttiva 2001/18/KE.

4. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, b'mod partikolari l-kwantitajiet massimi ta' prodotti għall-*protezzjoni* tal-pjanti li jistgħu jiġu rilaxxati matul l-esperimenti jew it-testijiet u d-*data* minima li għandha titressaq skond il-paragrafu 2, jistgħu jiġu adottati skond **regolatorja bi skrutinju** li tissemma fl-**Artikolu 83(4)**.

TAQSIMA 2

L-użu u l-informazzjoni

Artikolu 58

L-użu tal-prodotti għall-*protezzjoni* tal-pjanti

Il-prodotti għall-*protezzjoni* tal-pjanti għandhom jintużaw kif suppost.

L-użu kif suppost għandu jinkludi l-konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti skond l-**Artikolu 31** u speċifikati fuq l-ittikkettjar, u l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-prattika tajba tal-*protezzjoni* tal-pjanti kif ukoll, kull meta jkun possibbli, il-prinċipji tal-ġestjoni integrata ta' l-organiżmi ta' ħsara ■.

Mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2014 l-użu kif suppost ta' prodotti għall-*protezzjoni* tal-pjanti għandu jkun konformi mal-prinċipji tal-kontroll integrat ta' insetti u annimali li jagħmlu l-ħsara, inklużi l-prattika tajba tal-*protezzjoni* tal-pjanti u l-prattika tajba ta' l-ambjent.

Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi r-rekwiżiti minimi għal dawn il-prinċipji, jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura *regolatorja* li tissemma fl-**Artikolu 83(3)**.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Artikolu 59

L-informazzjoni dwar l-effetti potenzjalment ta' ħsara

1. Id-detentur ta' awtorizzazzjoni għal prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti għandu jinnotifika immedjatement lill-Istati Membri **■** bi kwalunkwe informazzjoni ġdida li tikkonċerna dak il-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti, jew sustanza attiva, *safener* jew *synergist* li tinsab fil-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti, li tissuġġerixxi li l-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti għandu effetti ta' ħsara li jistgħu jfissru li l-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti jew is-sustanza attiva, is-*safener* jew is-*synergist* m'għadiex konformi mal-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 30 u 4 rispettivament.

B'mod partikolari, għandhom jiġu notifikati effetti potenzjalment ta' ħsara ta' dak il-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti, jew ta' residwi ta' sustanza attiva, *safener* jew *synergist* li tinsab fih, fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali jew fuq l-ilma **tal-wiċċ u ta' taħt** l-art, jew l-effetti potenzjalment inaċċettabbli tagħhom fuq pjanti jew prodotti li ġejjin mill-pjanti **u fuq *aspetti oħra ta'*** l-ambjent.

Għal dan il-għan, id-detentur ta' l-awtorizzazzjoni għandu jżomm rekord u jirrapporta r-reazzjonijiet negattivi ssuspettati kollha fil-bnedmin **fl-annimali u fl-ambjent** li jirrelataw ma' l-użu tal-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti.

L-obbligu tan-notifika għandu jinkludi informazzjoni rilevanti dwar deċiżjonijiet jew valutazzjonijiet minn korpi pubbliċi li jawtorizzaw il-prodotti għall-*protezzjoni* tal-pjanti jew is-sustanzi attivi f'pajjiżi terzi.

2. In-notifika għandha tinkludi valutazzjoni ta' jekk u kif l-informazzjoni l-ġdida tfisser li l-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti jew is-sustanza attiva, is-*safener* jew is-*synergist* m'għadiex konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 30 u fl-Artikolu 4 rispettivament.

3. **L-Istat Membru li jirċievi din in-notifika għandu immedjatement jgħaddiha lill-Istati Membri l-oħra. Bla ħsara għad-dritt ta' l-Istati Membri li jadottaw miżuri protettivi temporanji**, l-Istat Membru li jkun ta' awtorizzazzjoni **■** għandu jevalwa l-informazzjoni li rċieva u għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra, **■ meta** jiddeċiedi li jirtira jew jemenda l-awtorizzazzjoni skond l-Artikolu 45.

Għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra, lill-Awtorità u lill-Kummissjoni fejn iqis li l-kondizzjonijiet ta' l-approvazzjoni tas-sustanza attiva, tas-*safener* jew tas-*synergist* li jinsabu fil-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti m'għadhomx jiġu sodisfatti u għandu jipproponi li l-approvazzjoni tiġi rtirata jew li l-kondizzjonijiet jiġu emendati.

4. Id-detentur ta' awtorizzazzjoni ta' prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti għandu jirrapporta kull sena lill-**awtoritajiet** kompetenti ta' l-Istati Membri, kwalunkwe informazzjoni disponibbli li tirrelata man-nuqqas ta' l-effikaċja mistennija, ma' l-iżvilupp ta' reżistenza u ma' kwalunkwe effett mhux mistenni fuq il-pjanti, il-prodotti li ġejjin mill-pjanti jew l-ambjent.

Artikolu 60

L-obbligu li l-informazzjoni tinżamm disponibbli

1. L-Istati Membri għandhom **jgħaddu lill-Awtorità, li għandha tagħmel disponibbli lill-pubbliku** b'mod elettroniku, **informazzjoni** dwar prodotti għall-*protezzjoni* tal-pjanti li ġew awtorizzati jew irtirati skond dan ir-Regolament, li għandha tinkludi għall-inqas:

- a) l-isem jew l-isem kummerċjali tad-detentur ta' l-awtorizzazzjoni,
- b) l-isem tan-negozju tal-prodott,
- c) it-tip ta' preparazzjoni,
- d) l-isem u l-ammont ta' kull sustanza attiva, *safener* jew *synergist* li jkun fih,
- e) l-użu jew l-użi li għalihom huwa maħsub,

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- f) *l-Istat(i) Membru(i) fejn il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jkun ġie awtorizzat,*
- g) *informazzjoni dwar riskji bażiċi għall-ambjent u għas-saħħa,*
- h) fejn ikun rilevanti, ir-raġunijiet għall-irtirar ta' awtorizzazzjoni.
2. L-informazzjoni li tisemmma fil-paragrafu 1 għandha tkun aċċessibbli fiil-pront u għandha tiġi aġġornata mill-inqas darba kull tliet xhur.
3. Skond il-proċedura ta' konsulenza li tisemmma fl-Artikolu 83(2), ti sta' tiġi stabbilita sistema standardizzata ta' informazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

Kapitolu IV

L-Adjuvants

Artikolu 61

It-tqegħid fis-suq u l-użu ta' l-*adjuvants*

Adjuvant m'għandux jitqiegħed fis-suq jew jintuża jekk ikun fih ko-formulant li ma ġiex approvat skond l-Artikolu 28.

Kapitolu V

Il-protezzjoni tad-data u l-qsim tad-data

Artikolu 62

Il-protezzjoni tad-data

1. Ir-rapporti tat-testijiet u ta' l-istudji għandhom jibbenefikaw mill-protezzjoni tad-data fil-kondizzjonijiet li ġew stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Il-protezzjoni tapplika għar-rapporti tat-testijiet u ta' l-istudji li tressqu quddiem Stat Membru minn applikant għal awtorizzazzjoni skond dan ir-Regolament (li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ "l-ewwel applikant"), sakemm dawk ir-rapporti tat-testijiet u ta' l-istudji kienu

- a) meħtieġa għall-awtorizzazzjoni jew għall-emenda ta' awtorizzazzjoni sabiex jiġi permess l-użu fuq wiċċ tar-raba' ieħor, u
- b) iċċertifikati bħala li huma konformi mal-prinċipji ta' Prattika Tajba tal-Laboratorju jew Prattika Sperimentali Tajba skond ir-rekwiżiti tad-data għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jissemmev fl-Artikolu 9(1)(c).

Fejn rapport ikun imħares, jista' jintuża, mill-Istat Membru li rċevieh, għall-benefiċċju ta' applikanti oħrajn għall-**pestiċidi**, ħlief kif provdut fil-paragrafu 3, fl-Artikolu 65 jew fl-Artikolu 84.

Il-perjodu tal-protezzjoni tad-data **għandu jkun** ta' għaxar snin li jibda mid-data ta' l-ewwel awtorizzazzjoni f'dak l-Istat Membru, ħlief kif provdut fil-paragrafu 3, fl-Artikolu 65 jew fl-Artikolu 84. Dan il-perjodu **għandu** jitwal għal **15-il sena** għall-**pestiċidi** koperti mill-Artikolu 50 u **għal 12-il sena għal dawk koperti mill-Artikolu 51**.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Studju **preżentat għat-tiġdid jew għar-reviżjoni ta' awtorizzazzjoni** m'għandux ikun imħares **hlied jekk ikun hemm bżonn ta' modifika tal-leġislazzjoni**.

Il-protezzjoni tad-data għandha tapplika wkoll għal terzi persuni li jippreżentaw rapporti tat-testijiet u ta' l-istudji għal skopijiet ta' użi minuri.

2. **Il-perjodu ta' protezzjoni tad-data għall-prodott konċernat għandu jitwal jekk l-ewwel applikant japplika għal awtorizzazzjoni għal prodotti derivati għall-protezzjoni tal-pjanti għal użi limitati kif definiti fl-Artikolu 54(1). Il-perjodu ta' protezzjoni tad-data għandu jitwal bi tliet xhur għal kull prodott għid għal użu limitat. Il-perjodu ta' protezzjoni tad-data jista' jitwal b'massimu ta' tliet snin.**

3. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika:

- a) għal rapporti ta' testijiet u ta' studji li għalihom l-applikant ressaq ittra ta' aċċess; jew
- b) fejn kwalunkwe perjodu ta' protezzjoni tad-data li ngħata għar-rapporti tat-testijiet u ta' l-istudji kkonċernati fir-rigward ta' prodott ieħor għall-protezzjoni tal-pjanti skada.

4. Il-protezzjoni tad-data skond il-paragrafu 1 għandu jingħata biss fejn l-ewwel applikant ikun talab il-protezzjoni tad-data meta ressaq id-dossier **jew aktar informazzjoni** u pprovda lill-Istat Membru kkonċernat għal kull rapport ta' test jew ta' studju l-informazzjoni li ġejja:

- a) ġustifikazzjoni li r-rapporti tat-testijiet jew ta' l-istudji mressqa huma meħtieġa għall-ewwel awtorizzazzjoni, **tiġdid jew reviżjoni**, jew għall-emenda ta' l-awtorizzazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti; **jew b'riżultat ta' tibdil fil-leġislazzjoni;**
- b) konferma li kwalunkwe perjodu ta' protezzjoni tad-data li ngħata għar-rapport tat-test jew ta' l-istudju ma skadiex.

5. **Permezz tad-deroga mill-paragrafu 1, fejn ir-rapporti tat-testijiet u l-istudji jkunu diġà ntużaw biex tingħata awtorizzazzjoni għal prodott ieħor u l-perjodu tal-protezzjoni ikun għadu ma skadiex, daww ir-rapporti għandhom ikunu mħarsa għall-bqija tal-perjodu.**

Artikolu 63

Il-lista tar-rapporti tat-testijiet u ta' l-istudji

1. Għal kull sustanza attiva, *safener* u *synergist*, l-Istati Membri rapporteur għandhom **jibgħatu lill-Awtorità, li għandha tqegħdhom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku meta jiġi ppubblikat l-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni skond l-Artikolu 13**, lista tar-rapporti tat-testijiet u ta' l-istudji meħtieġa għall-ewwel approvazzjoni, għall-emenda tal-kondizzjonijiet ta' l-approvazzjoni jew għat-tiġdid ta' l-approvazzjoni, **fimkien ma' sommarju tar-riżultati tat-testijiet u rapporti ta' studji biex tiġi stabbilita l-effikaċja tas-sustanza u li din ma tagħmilx ħsara lill-bnedmin, lill-annimali, lill-pjanti u lill-ambjent.**

2. Għal kull prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li jawtorizzaw, l-Istati Membri għandhom **jibgħatu lill-Awtorità, li għandha tqegħdhom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku meta jiġi ppubblikat l-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni skond l-Artikolu 13:**

- a) lista tar-rapporti tat-testijiet u ta' l-istudji meħtieġa għall-ewwel awtorizzazzjoni, għall-emenda tal-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni jew għat-tiġdid ta' l-awtorizzazzjoni; **■**
- b) lista tar-rapporti tat-testijiet u ta' l-istudji li għalihom intalbet il-protezzjoni skond l-Artikolu 62 u kwalunkwe ġustifikazzjoni mressqa skond dak l-Artikolu; **kif ukoll**

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

c) **sommarju tar-riżultati tat-testijiet u rapporti ta' studji biex tiġi stabbilita l-effikaċja tal-prodott u li dan ma jagħmilx ħsara lill-bnedmin, lill-annimali, lill-pjanti u lill-ambjent.**

3. Il-listi provduti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jinkludu informazzjoni dwar jekk dawk ir-rapporti tat-testijiet u ta' l-istudji kinux iċċertifikati bħala konformi mal-prinċipji ta' Prattika Tajba tal-Laboratorju jew mal-prinċipji ta' Prattika Sperimentali Tajba.

Artikolu 64

Ir-regoli ġenerali biex jiġu evitati testijiet idduplikati

1. **Kull persuna li tkun bi ħsiebha tfittex awtorizzazzjoni għal prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għandha, qabel tagħmel testijiet jew studji, tikkonsulta mal-bażi tad-data msemmija fl-Artikoli 36, 60 u 63.**

2. Kull persuna li tkun bi ħsiebha tfittex, **iġġedded jew tirrevedi** awtorizzazzjoni għal prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, qabel ma twettaq testijiet jew studji, għandha **tinforma** lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li quddiemha bi ħsiebha tagħmel l-applikazzjoni, **li** f'dak l-Istat Membru **jew f'ieħor** diġà **ngħatat** awtorizzazzjoni għal prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih l-istess sustanza attiva, **safener** jew **synergist**, **waqt li tagħmel referenza għall-informazzjoni relevanti fil-bażi tad-data.**

L-applikant prospettiv għandu jressaq id-data kollha rigward l-identità u l-impurità tas-sustanza attiva li qed jipproponi l-użu tagħha. Il-mistoqsija għandha tkun appoġġat minn evidenza li l-applikant prospettiv biħsiebu japplika għal awtorizzazzjoni.

3. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru, fejn tkun sodisfatta li l-applikant prospettiv biħsiebu japplika għal awtorizzazzjoni, **jew għat-tiġdid jew ir-reviżjoni tagħha**, għandha tagħti l-isem u l-indirizz tad-detentur jew tad-detenturi ta' l-awtorizzazzjonijiet rilevanti preċedenti u għandha fl-istess ħin tinforma lid-detenturi ta' l-awtorizzazzjonijiet bl-isem u l-indirizz ta' l-applikant.

4. L-applikant prospettiv għall-awtorizzazzjoni, **jew għat-tiġdid jew ir-reviżjoni tagħha**, u d-detentur jew id-detenturi ta' l-awtorizzazzjonijiet rilevanti għandhom jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jilhqg ftehim dwar il-qsim ta' kwalunkwe rapport ta' testijiet u studji mħares skond l-Artikolu 62 li huwa meħtieġ mill-applikant għall-awtorizzazzjoni, **jew għat-tiġdid jew ir-reviżjoni** ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. **Ftehimha bħal din ti sta' tinbidel billi l-kwistjoni titressaq quddiem bord ta' arbitraġġ u l-ordni ta' l-arbitraġġ tiġi aċċettata. Fi sforz biex jiġi żgurati li l-ispejjeż tal-qsim tat-tagħrif jiġu determinati b'mod ġust, trasparenti u mhux diskriminatorju, il-Kummissjoni ti sta', skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 83(3), tadotta linji gwida għall-qsim ta' l-ispejjeż li jkun msejsa fuq dawk il-prinċipji.**

5. **Fil-każ li Stat Membru jqis li ji sta' jinħoloq monopolju, u l-applikant prospettiv u d-detentur jew detenturi ta' l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkollhom l-istess sustanza attiva, safener jew synergist ma jkunux jistgħu jilhqg ftehim fuq il-qsim tar-rapporti u l-istudji dwar l-annimali vertebrati, l-applikant prospettiv għandu jinforma b'dan lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru. Madankollu, iż-żewġ partijiet għandhom jiftiehem dwar liema qrati u tribunali għandhom ġurisdizzjoni għall-iskopijiet tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 65(3).**

Artikolu 65

Il-qsim tat-testijiet u ta' l-istudji li jinvolvu l-annimali vertebrati

1. It-testijiet u l-istudji li jinvolvu l-annimali vertebrati m'għandhomx ikunu ripetuti għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament. Kwalunkwe persuna li biħsiebha twettaq testijiet u studji li jinvolvu annimali vertebrati għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tivverifika li dawk it-testijiet u l-istudji ma twettqux jew ma nbdewx diġà **b'mod partikolari billi tikkonsulta l-bażi tad-data.**

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

2. L-applikant prospettiv u d-detentur jew id-detenturi ta' l-awtorizzazzjonijiet rilevanti għandhom jagħmlu kull sforz biex jiżguraw irwieħhom li jaqsmu t-testijiet u l-istudji li jinvolvu l-annimali vertebrati. L-ispejjeż tal-qsim tar-rapporti tat-testijiet u ta' l-istudji għandhom ikunu determinati b'mod ġust, trasparenti u mhux diskriminatorju. L-applikant prospettiv huwa meħtieġ **li jaqsam fl-ispejjeż li jakkumulaw matul il-proċess kollu ta' ġbir** ta' l-informazzjoni li huwa meħtieġ iressaq sabiex jissodisfa r-rekwiżiti ta' l-awtorizzazzjoni.

3. Fejn l-applikant prospettiv u d-detentur jew id-detenturi ta' l-awtorizzazzjonijiet rilevanti ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom l-istess sustanza attiva, *safener* jew *synergist* ma jkunux jistgħu jilhqqu ftehim dwar il-qsim tar-rapporti tat-testijiet u ta' l-istudji li jinvolvu annimali vertebrati, l-applikant prospettiv għandu jinforma lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru. Madankollu, iż-żewġ partijiet għandhom jifhemu dwar liema qrati għandhom ġurisdizzjoni għall-iskop tat-tieni sottoparagrafu.

In-nuqqas ta' ftehim, kif provdut fil-paragrafu 2, m'għandux jipprevjeni lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru milli tuża r-rapporti tat-testijiet u l-istudji li jinvolvu annimali vertebrati għall-iskop ta' l-applikazzjoni ta' l-applikant prospettiv. Id-detentur jew id-detenturi ta' l-awtorizzazzjoni rilevanti għandu jkollu pretensjoni fuq l-applikant prospettiv għal sehem indaqs ta' l-ispejjeż li kellu, li għandha tkun ti sta' tiġi infurzata quddiem il-qrati ta' Stat Membru, kif magħżul mill-partijiet skond l-ewwel sottoparagrafu. Dawk il-qrati għandhom jqisu l-prinċipji fil-paragrafu 2.

4. Sa mhux aktar tard minn ...⁽¹⁾, il-Kummissjoni għandha tagħmel reviżjoni tad-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data għal testijiet u studji li jinvolvu annimali vertebrati. Il-Kummissjoni għandha tressaq din l-evalwazzjoni, u l-emendi proposti biex jillimitaw il-protezzjoni tad-data fir-rigward ta' l-esperimenti fuq l-annimali, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Kapitolu VI**L-aċċess pubbliku għall-informazzjoni**

Artikolu 66

Il-kunfidenzjalità

1. Persuna li tagħmel talba skond l-Artikoli 8(5), 13(1), 16(2), 17 jew 33(4) biex l-informazzjoni mressqa minn dik il-persuna skond dan ir-Regolament tkun trattata bħala kunfidenzjali għandha tipprovdi ġustifikazzjoni verifikabbli biex turi li l-iżvelar ta' l-informazzjoni ji sta' jdghajef l-interessi kummerċjali tagħha, kif jissemma fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni⁽¹⁾, jew kwalunkwe interess imħares mill-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament.

2. L-applikant għandu jingħata l-oppurtunità li jikkummenta qabel ma l-awtorità kompetenti tadotta deċiżjoni dwar il-kunfidenzjalità tad-data li torbot lill-Istati Membri kollha, lill-Awtorità u lill-Kummissjoni. Id-deċiżjoni, li trid tkun notifikata lill-applikant, għandu jkun fiha ġustifikazzjoni xierqa. L-applikant għandu jkollu d-dritt li jisfida deċiżjoni bħal din fil-qorti qabel ma tkun implimentata, bil-għan li l-evalwazzjonijiet li jkunu saru u d-deċiżjoni li tkun ittieħdet mill-awtorità kompetenti jiġu riveduti mill-qorti u ma jitħallix li tinkixef id-data konċernata.

3. Fir-rigward ta' l-interessi kummerċjali li jissemmew fil-paragrafu 1, l-elementi li ġejjin biss għandhom jitqiesu kunfidenzjali:

- a) il-metodu tal-manifattura;
- b) l-ispeċifikazzjoni tal-purità tas-sustanza attiva ħliet għall-impurità li jitqiesu rilevanti mil-lat tossikoloġiku, ekotossikoloġiku jew ambjentali;
- c) l-informazzjoni dwar il-kompożizzjoni kompluta ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti;
- d) ismijiet u indirizzi ta' istituzzjonijiet u persuni involuti fit-testijiet fuq l-annimali vertebrati.**

⁽¹⁾ *Seba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*

⁽¹⁾ ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

4. *Fil-każ tad-data tat-testijiet, inklużi rapporti ta' studji, li jkunu ġew provduti minn applikant sabiex jappoġġja deċiżjoni biex tkun awtorizzata jew emendata awtorizzazzjoni għal prodott għall-protezzjoni tal-pjanti skond dan ir-Regolament, din ikunu jistgħu jarawha l-partijiet interessati f'postijiet speċifiċi identifikati mill-Kummissjoni, mill-Awtorità jew mill-Istati Membri. Din id-data m'għandhiex toħroġ fil-pubbliku permezz ta' kopji jew xi mezz ieħor ta' pubblikazzjoni (fosthom il-pubblikazzjoni elettronika).*

5. Dan l-Artikolu huwa bla preġudizzju għad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għal informazzjoni ambentali ⁽¹⁾.

Kapitolu VII

L-imballaġġ, l-ittikkettjar u r-reklamar tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u ta' l-adjuvants

Artikolu 67

L-imballaġġ u l-preżentazzjoni

1. Il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-adjuvants li bi żball wieħed ji sta' jaħsibhom ikel, xorb jew għalf għandhom ikunu imballati b'tali mod li tiġi mminimizzata l-probabbiltà li jsir żball bħal dan.
2. Il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-adjuvants li huma disponibbli għall-pubbliku ġenerali li bi żball wieħed ji sta' jaħsibhom ikel, xorb jew għalf għandu jkun fihom komponenti li jiskoraġġixxu jew jipprevjenu l-konsum tagħhom.
3. L-Artikolu 9 tad-Direttiva 1999/45/KE għandu japplika wkoll għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u għal adjuvants li mhumiex koperti minn dik id-Direttiva.

Artikolu 68

L-ittikkettjar

1. L-ittikkettjar tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandu jikkonforma mar-rekwiżiti provduti f'Regolament li ġie adottat skond il-proċedura ta' konsulenza li tissemma fl-Artikolu 83(2).

Dak ir-Regolament għandu jkun fih ukoll frażijiet standard għal riskji speċjali u prekawzjonijiet ta' sikurezza li jissupplementaw il-frażijiet provduti mid-Direttiva 1999/45/KE. Għandu **jitransferixxi** t-test ta' l-Annessi IV u V għad-Direttiva 91/414/KEE bi kwalunkwe modifika **meħtieġa minħabba l-bidla minn direttiva għal regolament**.

2. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu kampjuni jew provi ta' l-imballaġġ u abbozzi tat-tikketti u tal-fuljetti li għandhom jittressqu **għall-evalwazzjoni qabel ma tingħata l-awtorizzazzjoni**.
3. Fejn Stat Membru jqis li huma meħtieġa frażijiet addizzjonali biex titħares is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali jew jitħares l-ambjent, għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni immedjatement u għandu jgħaddilhom il-frażi jew il-frażijiet addizzjonali u r-raġunijiet għal dawn ir-rekwiżiti.

Frażijiet bħal dawn għandhom jiġu inklużi fir-Regolament li jissema fil-paragrafu 1.

Sakemm issir dik l-inklużjoni, l-Istat Membru ji sta' jeħtieġ l-użu tal-frażi jew tal-frażijiet addizzjonali.

4. **Prodotti ta' l-ikel li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE tal-5 ta' Diċembru 2006 dwar ikel ipproċessat b'bażi ta' ċereali u ikel għat-trabi u t-fal żgħar** ⁽²⁾, għandhom jiġu ttikkettati "mhux adattat għat-trabi u t-fal żgħar".

⁽¹⁾ ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26.

⁽²⁾ ĠU L 339, 6.12.2006, p 16.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Artikolu 69

Ir-reklamar

1. Kull reklam għal prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għandu jkun akkumpanjat mis-sentenzi "Uża l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mingħajr periklu. Għandek dejjem taqra t-tikketta u l-informazzjoni dwar il-prodott qabel ma tużah". Dawn is-sentenzi għandhom ikunu jistgħu jingħarfu b'mod ċar f'relazzjoni għar-reklam kollu. Il-kliem "prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti" jistgħu jiġu sostitwiti b'deskrizzjoni iktar preċiża tat-tip ta' prodott, bħal fungicida, insettiċida jew erbiċida.

2. Ir-reklam m'għandux jinkludi informazzjoni li ti sta' tkun qarrieqa fir-rigward tar-riskji possibbli għas-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali u għall-ambjent, bħat-termini "riskju żgħir", "mhux tossiku" jew "li ma jagħmilx ħsara".

3. **L-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu jew jirrestrinġu r-riklamar ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti f'ċerti midja.**

Kapitolu VIII

Il-kontrolli

Artikolu 70

Iż-żamma tar-rekords

1. Produtturi, fornituri, distributuri u utenti professjonali ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom iżommu rekords tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jipproduċu, jaħżnu jew jużaw **għal mill-inqas 10 snin wara tmiem il-produzzjoni jew l-użu tagħhom.**

Għandhom iqiegħdu l-informazzjoni li tinsab f'dawn ir-rekords għad-dispożizzjoni ta' l-awtorità kompetenti. Għandhom ukoll iżommu din l-informazzjoni disponibbli għall-ġirien u għar-residenti, għall-bejjiegħa bl-innut jew għall-industrija ta' l-ilma tax-xorb li jitolbu aċċess dirett għaliha. **L-informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet kollha tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fuq prodott agrikolu partikolari għandha tingħata lill-bejjiegħa bl-innut u bl-ingrossa fil-forma ta' passaport tal-pestiċidi.**

2. **Il-produtturi tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom jagħmlu l-monitoraġġ ta' wara r-reġistrazzjoni. Huma għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti b'kull informazzjoni rilevanti u jżommuha disponibbli għall-partijiet interessati meta din tintalab.**

3. **Il-produtturi tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar.**

- **l-ammonti tal-produzzjoni ta' sustanza jew prodott partikolari,**
- **l-ammonti ta' sustanza jew prodott partikolari kkonsenjat lill-proċessuri jew bejjiegħa bl-ingrossa fl-UE,**
- **l-ammonti esportati ta' sustanza jew prodott partikolari.**

Din l-informazzjoni għandha tiġi valutata u ppubblikata mill-awtoritajiet kompetenti.

4. Il-miżuri implimentattivi li jiżguraw l-applikazzjoni uniformi tal-paragrafi 1 u 3 jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura **regolatorja bi skrutinju** li tissemma fl-**Artikolu 83(4).**

Artikolu 71

Il-monitoraġġ u l-kontrolli

L-Istati membri għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali sabiex jinfurzaw il-konformità ma' dan ir-Regolament. **Dawn il-kontrolli għandhom jinkludu kontrolli fuq ir-razzett, biex jiġi vverifikat hemmx konformità mar-restrizzjonijiet ta' l-użu. L-Istati Membri għandhom jiffinalizzaw u jittrażmettu lill-Kummissjoni, rapport dwar l-ambitu u r-riżultati ta' dawn il-kontrolli fi żmien sitt xhur minn tmiem is-sena li għaliha jirreferu r-rapporti.**

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

L-esperti tal-Kummissjoni għandhom iwettqu verifiki ġenerali u speċifiċi fl-Istati Membri sabiex jivverifikaw il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri.

Regolament, adottat skond il-proċedura li tisemma fl-**Artikolu 251 tat-Trattat**, , għandu jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-kontrolli fuq il-produzzjoni, l-imbagg, l-ittikkettjar, il-ħażna, it-trasport, it-tqegħid fis-suq, il-formulazzjoni u l-użu tal-prodotti għall-*protezzjoni* tal-pjanti. Dak ir-Regolament għandu jkun fih dispożizzjonijiet ekwivalenti għall-Artikoli 1 sa 13, 26, 27 (1), 27(4)(a) u (b) u 27(5) sa (12), 28, 29, 32 sa 45, 51, 53, 54, 66 u għall-Annessi I, II, III, VI, u VII għar-Regolament (KE) Nru 882/2004. Għandu wkoll ikun fih dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-ġbir ta' informazzjoni u r-rappurtaġġ dwar avvenimenti ssuspettati u għandu jagħti fid-dettall it-tagħrif li għandu jkun disponibbli fuq talba medika.

Kapitolu IX

L-emerġenzi

Artikolu 72

Il-miżuri ta' emerġenza

Fejn ikun ċar li sustanza attiva, *safener*, *synergist* jew ko-formulant jew prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti li kien awtorizzat skond dan ir-Regolament huwa probabbli li jikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali jew għall-ambjent, u li riskju bħal dan ma jstax jitrażżan b'mod sodisfaċenti permezz tal-miżuri meħuda mill-Istat(i) Membru(i) kkonċernat(i), għandhom jittieħdu immedjatament miżuri biex jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-użu u/jew il-bejgħ ta' dik is-sustanza jew ta' dak il-prodott skond il-proċedura li tisemma fl-**Artikolu 83(3)**, jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess jew fuq it-talba ta' Stat Membru. Qabel ma tiegħu miżuri bħal dawn il-Kummissjoni għandha teżamina l-evidenza u ti sta' titlob opinjoni mingħand l-Awtorità. Il-Kummissjoni ti sta' tiffissa limitu ta' żmien li fih għandha tkun provduta opinjoni bħal din.

Artikolu 73

Il-miżuri ta' emerġenza f'każijiet ta' urġenza estrema

Bħala deroga mill-**Artikolu 72**, il-Kummissjoni ti sta' tadotta b'mod provviżorju l-miżuri li jissemmew fl-**Artikolu 72** wara li tikkonsulta lill-Istat Membru kkonċernat jew lill-Istati Membri kkonċernati u wara li tinforma lill-Istati Membri l-oħra.

Malajr kemm ji sta' jkun, u mhux iktar tard minn wara 10 ġranet ta' xogħol, dawk il-miżuri għandhom jiġu kkonfermati, emendati, revokati jew estiżi skond il-proċedura *regolatorja* li tisemma fl-**Artikolu 83(3)**.

Artikolu 74

Miżuri oħra ta' emerġenza

1. Fejn Stat Membru jinforma uffiċjalment lill-Kummissjoni bil-ħtieġa għal miżuri ta' emerġenza, u ma tittieħed l-ebda azzjoni skond l-**Artikoli 72** jew **73**, l-Istat Membru ji sta' jadotta miżuri temporanji ta' *protezzjoni*. F'dan il-każ, għandu jinforma immedjatament lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

2. Fi żmien 30 ġurnata ta' xogħol, il-Kummissjoni għandha tressaq il-kwistjoni quddiem il-Kumitat li jissemma fl-**Artikolu 83(1)** skond il-proċedura *regolatorja* provduta fl-**Artikolu 83(3)** bil-għan ta' l-estensjoni, l-emenda jew l-abrogazzjoni tal-miżura nazzjonali temporanja ta' *protezzjoni*.

3. L-Istat Membru ji sta' jżomm il-miżuri nazzjonali temporanji ta' *protezzjoni* tiegħu sakemm jiġu adottati l-miżuri Komunitarji.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Kapitolu X

Id-dispożizzjonijiet amministrattivi u finanzjarji

Artikolu 75

Il-penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali li japplikaw għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali provduti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn ir-regoli u kwalunkwe emenda sussegwenti lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

Artikolu 76

Ir-responsabbiltà ċivili u kriminali

L-għotja ta' awtorizzazzjoni u kwalunkwe miżura oħra skond dan ir-Regolament għandha tkun bla preġudizzju għar-responsabbiltà ċivili u kriminali ġenerali fl-Istati Membri tal-produttur u, fejn japplika, tal-persuna responsabbli mit-tqegħid fis-suq tal-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti jew mill-użu tiegħu.

Artikolu 77

Fond għar-rimi sikur ta' pestiċidi li m'għadhomx jintużaw

Il-produtturi u d-detenturi ta' l-awtorizzazzjonijiet għandhom jikkontribwixxu għal fond li jkopri l-ispejjeż assoċjati mar-rimi u l-qerda ta' ħażniet ta' pestiċidi li m'għadhomx jintużaw fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi. Il-kontribut għall-fond għandu jitqassam b'mod ġust u trasparenti.

Artikolu 78

It-tariffi u l-ħlasijiet

1. L-Istati Membri jistgħu jirkupraw l-ispejjeż assoċjati ma' kwalunkwe xogħol li jwettqu **b'rabta ma' l-approvazzjonijiet jew l-awtorizzazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-obbligi, jew** li jirriżulta mill-obbligi skond dan ir-Regolament, permezz ta' tariffi jew ħlasijiet.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tariffa jew il-ħlas li tisemma fil-paragrafu 1:
 - a) tkun stabbilita b'mod trasparenti; u
 - b) tikkorrispondi għall-ispiża effettiva tax-xogħol involut.

It-tariffa jew il-ħlas ji sta' jinkludi skala ta' ħlasijiet iffissati bbażata fuq l-ispejjeż medji għax-xogħol li jisemma fil-paragrafu 1.

Artikolu 79

L-awtorità ta' l-Istat Membru

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità jew awtoritajiet kompetenti biex twettaq l-obbligi ta' l-Istati Membri kif iddefiniti f'dan ir-Regolament.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

2. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità nazzjonali ta' koordinazzjoni biex tikkoordina u tiżgura ruħha mill-kuntatti kollha meħtieġa ma' l-applikanti, ma' l-Istati Membri l-oħra, mal-Kummissjoni u ma' l-Awtorità.
3. Kull Stat Membru għandu jagħti d-dettalji dwar l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tiegħu lill-Kummissjoni, lill-Awtorità u lill-awtoritajiet nazzjonali ta' koordinazzjoni ta' l-Istati Membri l-oħra u għandu jinformatom bi kwalunkwe modifika fiha jew fihom.
4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u żżomm aġġornata fuq il-websajt tagħha lista ta' l-awtoritajiet li jissemmew fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 80

In-nefqa tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni ti sta' tidħol f'nefqa għall-attivitajiet li jikkontribwixxu għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament inkluża l-organizzazzjoni ta' dawn li ġejjin:
 - a) l-iżvilupp ta' sistema armonizzata, inkluż *database* xierqa, għall-ġbir u għaż-żamma ta' l-informazzjoni kollha dwar sustanzi attivi, *safeners*, *synergists*, ko-formulanti, prodotti għall-*protezzjoni* tal-pjanti u *adjuvants* u biex informazzjoni bħal din titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' l-Istati Membri, tal-produtturi u ta' partijiet interessati oħrajn;
 - b) it-tweqqif ta' studji meħtieġa biex tiġi ppreparata u żviluppata iktar leġiżlazzjoni dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti għall-*protezzjoni* tal-pjanti u ta' l-*adjuvants*;
 - c) it-tweqqif ta' studji meħtieġa biex jiġu armonizzati proċeduri, kriterji għat-teħid tad-deċiżjonijiet u rekwiżiti tad-data;
 - d) il-koordinazzjoni, jekk ikun meħtieġ permezz ta' mezzi elettroniċi, tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, l-Awtorità u l-Kummissjoni u miżuri li jiffaċilitaw il-qsim tax-xogħol;
 - e) l-iżvilupp u ż-żamma ta' sistema elektronika kkoordinata għas-sottomissjoni u għall-evalwazzjoni bil-għan li tagħti spinta l-iskambju elektroniku tad-dokumenti u l-qsim tax-xogħol bejn l-applikanti, l-Istati Membri, l-Awtorità u l-Kummissjoni;
 - f) l-iżvilupp ta' gwida biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' kuljum ta'dan ir-Regolament;
 - g) l-ispejjeż ta' l-ivjaġġar u tas-sussistenza li jidħlu għalihom l-esperti ta' l-Istati Membri bħala riżultat tal-ħatra tagħhom mill-Kummissjoni biex jgħinu lill-esperti tagħha fil-qafas ta' l-attivitajiet ta' kontroll li ġie stabbilit skond l-*Artikolu 71*;
 - h) it-taħriġ ta' l-istaff ta' kontroll;
 - i) il-finanzjament ta' miżuri oħra meħtieġa biex tkun żgurata l-applikazzjoni tar-Regolament li ġie adottat skond l-*Artikolu 71*.
2. Kull sena finanzjarja, l-appropriazzjonijiet meħtieġa skond il-paragrafu 1 għandhom ikunu soġġetti għall-awtorizzazzjoni mill-awtorità baġitarja.

Artikolu 81

Id-dokumenti ta' gwida

Skond il-proċedura **regolatorja bi skrutinju** li tissemma fl-**Artikolu 83(4)**, il-Kummissjoni ti sta' tadotta jew temenda dokumenti ta' gwida tekniċi jew oħrajn għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni ti sta' titlob lill-Awtorità biex tipprepara jew tikkontribwixxi għal dokumenti ta' gwida bħal dawn. **L-Awtorità tista' tibda t-tħejjija jew ir-reviżjoni ta' dokumenti ta' gwida għall-valutazzjoni tar-riskju ta' sustanzi attivi.**

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Artikolu 82

L-emendi u l-miżuri implimentattivi

1. *Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament* għandhom jiġu adottati skond il-proċedura *regolatorja* msemmija fl-Artikolu 83(3):

Mhux aktar tard minn ...^(*), il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti leġiżlattivi bbażati fuq l-Artikolu 251 tat-Trattat dwar:

█

- (a) █ ir-rekwiżiti tad-data għal sustanzi attivi u għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, kif jissemmew fl-Artikolu 9(1)(b) u (c), **inklużi l-miżuri biex jitnaqqas kemm jista' jkun l-ittestjar fuq l-annimali, b'mod partikulari l-użu tal-metodi ta' l-ittestjar li ma jużawx l-annimali u l-istrateġji ta' l-ittestjar intelliġenti, filwaqt li jitqies l-għarfien xjentifiku u tekniku;**
- (b) █ il-prinċipji uniformi għall-evalwazzjoni u għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, kif jissemmew fl-Artikolu 30(5), fejn jitqies l-għarfien xjentifiku u tekniku;
- (c) █ ir-rekwiżiti ta' l-ittikkettjar tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif jissemmew fl-Artikolu 68(1);

█

2. Skond il-proċedura *regolatorja bi skrutinju* li tisemma fl-Artikolu 83(4), għandu jiġi adottat Regolament, li *jkun* fih il-lista tas-sustanzi attivi inklużi fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE. Dawk is-sustanzi għandhom jitqiesu li *jkunu* ġew approvati skond dan ir-Regolament.

Artikolu 83

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali, kif stabbilit mill-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ "il-Kumitat".

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun iffissat għal tliet xhur.

4. **Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.**

█

5. **Il-laqgħat tal-Kumitat u tal-Gruppi ta' Ħidma tiegħu għandhom ikunu miftuħa għall-Membri tal-Parlament Ewropew fuq talba tagħhom.**

(*) *Sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Kapitolu XI**Id-dispożizzjonijiet tranżitorji u finali**

Artikolu 84

Il-miżuri tranżitorji

1. Id-Direttiva 91/414/KEE ("id-Direttiva") għandha tkompli tapplika, rigward il-proċedura u l-kondizzjonijiet għall-approvazzjoni, għas-sustanzi attivi li għalihom ġiet adottata deċiżjoni skond l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva qabel id-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Fuq il-bażi ta' l-eżami mwettaq skond id-Direttiva, għandu jiġi adottat Regolament dwar l-approvazzjoni ta' sustanza bħal din skond l-Artikolu 14(2) ta' dan ir-Regolament.

2. L-Artikolu 13 (1) sa (4) tad-Direttiva u l-Annessi II u III għad-Direttiva għandhom ikomplu japplikaw rigward is-sustanzi attivi inklużi fl-Anness I għad-Direttiva u s-sustanzi attivi approvati skond il-paragrafu 1:

- Għal perjodu ta' ħames snin mid-data ta' l-inklużjoni jew l-approvazzjoni tagħhom, għas-sustanzi attivi koperti mill-Artikolu 8(2) tad-Direttiva.
- Għal perjodu ta' għaxar snin mid-data ta' l-inklużjoni jew l-approvazzjoni tagħhom, għas-sustanzi attivi li ma kinux fis-suq sentejn wara d-data tan-notifika tad-Direttiva.
- Għal perjodu ta' ħames snin mid-data tat-tiġdid ta' l-inklużjoni jew it-tiġdid ta' l-approvazzjoni, għal sustanzi attivi li l-inklużjoni tagħhom fl-Anness I għad-Direttiva tiskadi mhux iktar tard minn sentejn wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika biss għad-data meħtieġa għat-tiġdid ta' l-approvazzjoni u li kienet iċċertifikata bħala konformi mal-prinċipji tal-Prattika Tajba tal-Laboratorju mhux iktar tard minn sentejn wara l-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

3. Fejn l-Artikolu 13 tad-Direttiva japplika permezz tal-paragrafu 1 jew tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għandu jkun soġġett għal kwalunkwe regola speċjali li tikkonċerna d-Direttiva li ġiet stabbilita fl-Att ta' l-Adeżjoni li permezz tiegħu l-Istat Membru issieħeb mal-Komunità.

4. Għal sustanzi attivi li l-ewwel approvazzjoni tagħhom tiskadi mhux iktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-applikazzjoni provduta fl-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament għandha titressaq minn produttur tas-sustanza attiva quddiem Stat Membru, b'kopja lill-Istati Membri l-oħra, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità, mhux iktar tard minn sentejn qabel l-iskadenza ta' l-ewwel approvazzjoni.

5. L-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva li għadhom pendenti fl-Istati Membri fid-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu deċiżi fuq il-bażi tal-liġi nazzjonali li tkun fis-seħħ f'dik id-data.

Wara dik id-deċiżjoni, għandu japplika dan ir-Regolament.

6. Il-prodotti ttikkettjati skond l-Artikolu 16 tad-Direttiva jistgħu ikomplu jitqiegħdu fis-suq għal er ba' snin mid-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Artikolu 85

Ir-revoka

Id-Direttivi 79/117/KEE u 91/414/KEE, kif ġew emendati permezz ta' l-atti elenkati fl-Anness V, huma revokati b'effett mid-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, bla preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi provduti f'dak l-Anness.

Ir-referenzi għad-Direttivi revokati għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 86

Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni għandha, mhux iktar tard minn ... (*) tadotta r-Regolamenti li ġejjin:

- Regolament li jkun fih il-lista tas-sustanzi attivi li diġà ġew approvati fil-waqt tal-pubblikazzjoni ta' dak ir-Regolament,
- Regolament dwar ir-reqwiziti tad-data għas-sustanzi attivi, kif jissewma fl-Artikolu 9(1)(b),
- Regolament dwar ir-reqwiziti tad-data għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, kif jissewma fl-Artikolu 9(1)(c),
- Regolament li fih ir-reqwiziti ta' l-ittikkettjar tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif jissewma fl-Artikolu 68(1).

Il-Kummissjoni għandha, mhux iktar tard minn ... (), tadotta r-Regolament li ġej:**

- **Regolament dwar il-prinċipji uniformi għall-valutazzjoni tar-riskju għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, kif jissewma fl-Artikolu 37.**

Dan ir-Regolament għandu japplika minn ... (*).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

(*) 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(**) 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

ANNEX I

IL-PROCĊEDURA U L-KRITERJI GĦALL-APPROVAZZJONI TAS-SUSTANZI
ATTIVI, TAS-SAFENERS U TAS-SYNERGISTS SKOND IL-KAPITOLU II

1. L-evalwazzjoni
 - 1.1. Matul il-proċess ta' evalwazzjoni u ta' teħid ta' deċiżjonijiet provdut fl-Artikoli 4 sa 22, l-Istat Membru *rporteur* u l-Awtorità għandhom jikkooperaw ma' l-applikanti biex isolvu kwalunkwe kwistjoni dwar id-*dossier* malajr jew biex jidentifikaw fi stadju bikri kwalunkwe studju addizzjonali li huwa meħtieġ għall-evalwazzjoni tad-*dossier*, inkluża l-informazzjoni biex tkun eliminata l-ħtieġa għal restrizzjoni ta' l-approvazzjoni, jew biex tiġi emendata kwalunkwe kondizzjoni proposta għall-użu tal-prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti jew biex tiġi mmodifikata n-natura jew il-kompożizzjoni tiegħu sabiex ikun żgurat li r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jiġu sodisfatti għal kollox.
 - 1.2. L-evalwazzjoni ta' l-Awtorità u ta' l-Istat Membru *rporteur* trid tkun ibbażata fuq prinċipji xjentifiċi u trid titwettaq bil-benefiċċju ta' pariri esperti.
 - 1.3. Matul il-proċess ta' evalwazzjoni u ta' teħid ta' deċiżjonijiet provdut fl-Artikoli 4 sa 22, l-Istati Membri u l-Awtorità għandhom iqisu kwalunkwe gwida addizzjonali li ġiet żviluppata fil-qafas tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali għall-iskopijiet ta' rfinar, fejn ikun rilevanti, tal-valutazzjonijiet tar-riskju.
2. Il-kriterji ġenerali tat-teħid tad-deċiżjonijiet
 - 2.1. L-Artikolu 8(1) għandu jitqies bħala li kien hemm konformità miegħu biss, fejn, fuq il-bażi tad-*dossier* imressaq, l-awtorizzazzjoni f'mill-inqas Stat Membru wieħed hija mistennija li tkun possibbli għal mill-inqas prodott wieħed għall-*protezzjoni* tal-pjanti li fiha dik is-sustanza attiva għal mill-inqas wieħed mill-użi rappreżentattivi.
 - 2.2. Is-sottomissjoni ta' iktar informazzjoni
Fil-prinċipju, sustanza attiva għandha tiġi approvata biss meta jitressaq *dossier* komplet.
F'każijiet eċċezzjonali, sustanza attiva ti sta' tiġi approvata anki jekk ċerta informazzjoni għad trid titressaq fejn:
 - a) ir-rekwiżiti tad-data ġew emendati jew irfinati wara s-sottomissjoni tad-*dossier* jew;
 - b) l-informazzjoni titqies bħala li hija ta' natura konfermanti, kif meħtieġ biex tizzied il-kunfidenza fid-deċiżjoni.F'każijiet bħal dawn l-informazzjoni addizzjonali għandha titressaq quddiem l-Istat Membru *rporteur* għall-evalwazzjoni fl-iskadenza ffixxata mill-Kummissjoni. L-Istat Membru għandu jirrapporta lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni.
 - 2.3. Ir-restrizzjonijiet fuq l-approvazzjoni
Ir-restrizzjonijiet fuq l-approvazzjoni, fejn ikunu meħtieġa, jistgħu ikunu marbuta ma':
 - l-identifikazzjoni ta' riskji inaċċettabbli f'kondizzjonijiet partikolari
 - lakuni fil-valutazzjoni tar-riskju li jirriżultaw mill-firxa limitata ta' użi rappreżentattivi u ta' preparazzjonijiet notifikati mill-applikant.Fejn l-Istat Membru *rporteur* iqis li d-*dossier* provdut jonqsu ċerta informazzjoni, bl-effett li sustanza attiva ti sta' tiġi approvata biss soġġetta għar-restrizzjonijiet, għandu jikkuntattja lill-applikant fi stadju bikri sabiex jikseb iktar informazzjoni li possibbilment ti sta' tippermetti li jitnehew dawn ir-restrizzjonijiet.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

3. Il-kriterji għall-approvazzjoni ta' sustanza attiva

3.1. Id-dossier

Id-dossiers imressqa skond l-Artikolu 8(1) għandu jkun fihom l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi stabbilit, fejn ikun rilevanti, il-Konsum Aċċettabbli ta' Kuljum (ADI), il-Livell Aċċettabbli ta' l-Esposizzjoni ta' l-Operaturi (AOEL) u Doża ta' Referenza Akuta (ARfD).

Fil-każ ta' sustanza attiva li għaliha l-firxa limitata ta' użi rappreżentattivi tinkludi l-użu fuq l-għalf jew fuq l-uċuħ tar-raba' għall-ikel jew twassal indirettament għal residwi fl-ikel jew fl-għalf, id-dossier imressaq skond l-Artikolu 8(1) għandu jkun fih l-informazzjoni meħtieġa biex titwettaq valutazzjoni tar-riskju u għal skopijiet ta' l-infurzar.

B'mod partikolari id-dossier għandu:

- a) jippermetti d-definizzjoni ta' kwalunkwe residwu ta' tħassib;
- b) jipprevedi b'mod li ti sta' toqgħod fuqu, ir-residwi fl-ikel u fl-għalf, inklużi l-uċuħ tar-raba' sussegwenti;
- c) jipprevedi b'mod li ti sta' toqgħod fuqu, fejn ikun rilevanti, il-livell korrispondenti ta' residwi li jirrifletti l-effetti ta' l-ipproċessar u/jew tat-taħlit;
- d) jippermetti li jiġi definit Livell Massimu ta' Residwi (MRL) għall-komodità u, fejn ikun xieraq, għal prodotti li joriġinaw mill-annimali fejn il-komodità jew partijiet minnha jingħata lill-annimali bħala għalf;
- e) jippermetti, fejn ikun rilevanti, li jiġu definiti l-fatturi ta' konċentrazzjoni jew ta' dilwizzjoni minħabba l-ipproċessar u/jew it-taħlit;

Id-dossier imressaq skond l-Artikolu 8(1) għandu jkun suffiċjenti biex jippermetti, fejn ikun rilevanti, stima tad-destin u tad-distribuzzjoni tas-sustanza attiva fl-ambjent, u ta' l-impatt tagħha fuq speċi mhux immirata.

3.2. L-effikaċja

Sustanza attiva għandha tiġi approvata biss fejn ikun ġie stabbilit għal firxa **estensiva** ta' użi rappreżentattivi li l-prodott għall-**protezzjoni** tal-pjanti, b'konsegwenza għal applikazzjoni li hija konsistenti **mal**-prattika tajba tal-**prodott għall-protezzjoni** tal-pjanti u wara li jitqiesu l-kondizzjonijiet realistiċi ta' l-użu, huwa effettiv b'mod suffiċjenti. Dan ir-rekwiżit għandu jkun evalwat fid-dawl tal-prinċipji uniformi għall-evalwazzjoni u għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-**protezzjoni** tal-pjanti li jissemmew fl-Artikolu 30(5).

3.3. Ir-rilevanza tossika tal-prodotti tad-diżintegrazzjoni

Fejn il-firxa limitata ta' użi rappreżentattivi tinkludi l-użu fuq uċuħ tar-raba' għall-ikel jew għall-għalf, id-dokumentazzjoni mressqa għandha tkun suffiċjenti biex tippermetti li tiġi stabbilita r-rilevanza tossikoloġika tal-prodotti tad-diżintegrazzjoni li ma kinux preżenti fl-annimali użati fit-testijiet jew fl-istudji mwettqa fuq is-sustanza attiva iżda li jiffurmaw fi jew fuq pjanti trattati, bħala riżultat ta' l-ipproċessar jew jinstabu fl-istudji mwettqa fuq bhejjem ta' l-irziezet.

3.4. Il-kompożizzjoni tas-sustanza attiva

3.4.1. L-ispeċifikazzjoni għandha tiddefinixxi l-grad minimu ta' purità, l-identità u l-kontenut massimu ta' l-impurità, u fejn rilevanti, ta' l-isomeri / isomeri-distereo u ta' l-addittivi, u l-kontenut ta' impurità, ta' tħassib tossikoloġiku, ekotossikoloġiku jew ambjentali fil-limiti aċċettati.

3.4.2. L-ispeċifikazzjoni għandha tkun f'konformità ma' l-ispeċifikazzjoni rilevanti tal-FAO fejn teżisti speċifikazzjoni bħal din. Madankollu, fejn ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' **protezzjoni** tas-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali jew ta' **protezzjoni** ta' l-ambjent, jistgħu jiġu adottati speċifikazzjonijiet iktar stretti.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- 3.5. Il-metodi ta' l-analiżi
- 3.5.1. Il-metodi ta' l-analiżi tas-sustanza attiva kif manifatturata u tad-determinazzjoni ta' l-impurità ta' tħassib tossikoloġiku, ekotossikoloġiku jew ambjentali jew li huma preżenti fi kwantitajiet akbar minn 1 g/kg fis-sustanza attiva kif manifatturata, għandhom ikunu ġew invalidati u murija li huma speċifiċi, lineari, eżatti u preċiżi b'mod suffiċjenti.
- 3.5.2. Il-metodu ta' l-analiżi f'matriciġiet ambjentali, kif ikun xieraq, għandhom ikunu ġew invalidati u murija li huma sensitivi b'mod suffiċjenti fir-rigward tal-livelli ta' tħassib.
- 3.5.3. L-evalwazzjoni twettqet skond il-prinċipji uniformi għall-evalwazzjoni u għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jissemmew fl-Artikolu 30(5).
- 3.6. L-impatt fuq is-saħħa tal-bniedem
- 3.6.1. Fejn ikun rilevanti, għandhom jiġu stabbiliti ADI, AOEL u ARfD. Meta jiġu stabbiliti valuri bħal dawn għandu jkun żgurat marġini ta' sikurezza **xieraq ta' 100 mill-inqas** li jqis it-tip u s-serjetà ta' l-effetti, **il-possibilità ta' effetti magħqudin** u l-vulnerabbiltà ta' gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni **li huma partikolarment fir-riskju**.
- 3.6.2. Sustanza attiva għandha tiġi approvata biss, jekk, fuq il-bażi ta' l-evalwazzjoni ta' testijiet ta' ġenotossicità ta' livell oġhla mwettqa skond ir-rekwiżiti tad-data għas-sustanzi attivi u għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u d-data l-oħra disponibbli **inkluża revizzjoni tad-dokumentazzjoni xjentifika**, mhix ikklassifikata **jew ma kellhiex tiġi kklassifikata**, skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 67/548/KEE, bħala kategorija ta' mutaġeni 1 jew 2. **Sustanzi attivi ta' dan it-tip jistgħu jiġu approvati biss jekk** l-espożizzjoni tal-bnedmin għal dik is-sustanza attiva fi prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, f'kondizzjonijiet **realistiċi ta' użu ma tkunx negliġibbli, peress li l-prodott jintuża f'sistemi magħluqa jew f'kundizzjonijiet oħra li jeskludu l-kuntatt ma' umani u fejn ir-reżidwi tas-sustanza attiva kkonċernata fl-ikel u fl-għalf ma jaqbżux il-limitu ta' determinazzjoni bl-użu ta' l-iktar metodi sensibbli**.
- 3.6.3. Sustanza attiva għandha tiġi approvata biss, jekk, fuq il-bażi ta' l-evalwazzjoni ta' testijiet tal-karċinoġeniċità mwettqa skond ir-rekwiżiti tad-data għas-sustanzi attivi u għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u d-data l-oħra disponibbli **inkluża revizzjoni tad-dokumentazzjoni xjentifika**, mhix ikklassifikata **jew ma kellhiex tiġi kklassifikata**, skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 67/548/KEE, bħala kategorija karginoċena 1 jew 2. **Sustanzi attivi ta' dan it-tip jistgħu jiġu approvati biss jekk** l-espożizzjoni tal-bnedmin għal dik is-sustanza attiva fi prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, f'kondizzjonijiet **realistiċi ta' użu ma tkunx negliġibbli, peress li l-prodott jintuża f'sistemi magħluqa jew f'kundizzjonijiet oħra li jeskludu l-kuntatt ma' umani u fejn ir-reżidwi tas-sustanza attiva kkonċernata fl-ikel u fl-għalf ma jaqbżux il-limitu ta' determinazzjoni bl-użu ta' l-iktar metodi sensibbli**.
- 3.6.4. Sustanza attiva għandha tiġi approvata biss, jekk, fuq il-bażi ta' l-evalwazzjoni ta' testijiet tat-tossiċità riproduttiva mwettqa skond ir-rekwiżiti tad-data għas-sustanzi attivi u għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u d-data l-oħra disponibbli **inkluża revizzjoni tad-dokumentazzjoni xjentifika**, mhix ikklassifikata **jew ma kellhiex tiġi kklassifikata**, skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 67/548/KEE, bħala kategorija tossika għar-riproduzzjoni 1 jew 2. **Sustanzi attivi ta' dan it-tip jistgħu jiġu approvati biss jekk** l-espożizzjoni tal-bnedmin għal dik is-sustanza attiva fi prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, f'kondizzjonijiet **realistiċi ta' użu ma tkunx negliġibbli, peress li l-prodott jintuża f'sistemi magħluqa jew f'kundizzjonijiet oħra li jeskludu l-kuntatt ma' umani u fejn ir-reżidwi tas-sustanza attiva kkonċernata fl-ikel u fl-għalf ma jaqbżux il-limitu ta' determinazzjoni bl-użu ta' l-iktar metodi sensibbli**.
- 3.6.5. Sustanza attiva għandha tiġi approvata biss, jekk, fuq il-bażi ta' l-evalwazzjoni tal-linji ta' gwida tat-testijiet miftiehma mill-Komunità jew internazzjonalment **jew ta' data jew informazzjoni oħra disponibbli inkluża revizzjoni tad-dokumentazzjoni xjentifika** ma titqiesx li għandha proprjetajiet li jħawdu s-sistema endokrinali **li jkun ssuspettati li huma ta' sinifikat tossikoloġiku fil-bnedmin**, inkluża meta hu probabbli li l-esponiment jiġri waqt il-

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

haja embrijonika/fetali u/jew waqt it-tfulija, waqt li jitqiesu l-effetti magħquda li jkunu probabbli. Sustanzi attivi ta' dan it-tip jistgħu jiġu approvati biss jekk l-espożizzjoni tal-bnedmin għal dik is-sustanza attiva fi prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, f'kondizzjonijiet **realistiċi ta' użu ma tkunx negliġibbli, peress li l-prodott jintuża f'sistemi magħluqa jew f'kundizzjonijiet oħra li jeskludu l-kuntatt ma' umani u fejn ir-reżidwi tas-sustanza attiva kkonċernata fl-ikel u fl-għalf ma jaqbżux il-limitu ta' determinazzjoni bl-użu ta' l-iktar metodi sensibbli.**

3.6.6 Sustanza attiva għandha tiġi approvata biss jekk, fuq il-bażi ta' l-evalwazzjoni jew tad-data jew l-informazzjoni l-oħra disponibbli, inkluża reviżjoni tad-dokumentazzjoni xjentifika, ma titqiesx li tikkawża riskju ta' proprjetajiet newrotossiċi jew immunotossiċi relatati ma' l-iżvilupp fil-bnedmin, waqt li jitqiesu l-esponiment waqt il-haja embrijonika/fetali u/jew waqt it-tfuli, u kif ukoll l-effetti magħquda li jkunu probabbli. Sustanzi attivi ta' dan it-tip jistgħu jiġu approvati biss jekk l-espożizzjoni tal-bnedmin għal dik is-sustanza attiva fi prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, f'kondizzjonijiet realiċi ta' użu ma tkunx negliġibbli, peress li l-prodott jintuża f'sistemi magħluqa jew f'kundizzjonijiet oħra li jeskludu l-kuntatt ma' umani u fejn ir-reżidwi tas-sustanza attiva kkonċernata fl-ikel u fl-għalf ma jaqbżux il-limitu ta' determinazzjoni bl-użu ta' l-iktar metodi sensibbli.

3.7. Id-destin u l-imġiba fl-ambjent

3.7.1. Sustanza attiva għandha tiġi approvata biss fejn hi **u l-prodotti jew residwi transformattivi tagħhom**, ma **jitqisux** li **huma pollutanti** organiċi persistenti.

Pollutant organiku persistenti jiġi definit kif ġej:

(a) Il-persistenza:

- (i) Evidenza li d-DT50 tiegħu fl-ilma huwa ta' iktar minn xahrejn, jew li d-DT50 tiegħu fil-ħamrija huwa ta' iktar minn sitt xhur, jew li d-DT50 tiegħu fis-sediment huwa ta' iktar minn sitt xhur; **■**
- (ii) **Evidenza li s-sustanza attiva hi b'xi mod ieħor persistenti biżżejjed sabiex tiġi tikkawża l-esklużjoni tagħha mill-Anness I ta' Direttiva 91/414/KEE, jew li tiġi kkunsidrata fil-kuntest tal-Konvenzjoni tal-POPs; jew**

(b) Il-bijoakkumulazzjoni:

- (i) Evidenza li l-fattur ta' bijokonċentrazzjoni tiegħu jew il-fattur ta' bijoakkumulazzjoni tiegħu fi speċijiet akwatiċi huwa akbar minn **2 000** jew, fin-nuqqas ta' data bħal din, li l-log Ko/w **jew il-log Ko/a** huwa ikbar minn 5;
- (ii) Evidenza li kimika tippreżenta raġunijiet oħra għal tħassib, bħal bijoakkumulazzjoni għolja fi speċijiet oħra li mhumiex immirati, tossiċità jew ekotossiċità għolja; **jew**
- (iii) **Data ta' monitoraġġ fil-biota li tindika li l-potenzjal ta' bijoakkumulazzjoni tas-sustanza attiva hija suffiċjenti sabiex tiġi kkunsidrata skond il-Konvenzjoni POPs;**

(c) Il-potenzjal għal trasport ambjentali fuq firxa twila:

- (i) Livelli mkejla tas-sustanza attiva f'lokalitajiet 'il bogħod mis-sorsi tar-rilaxx tagħha li huma potenzjalment ta' tħassib;
- (ii) Data ta' monitoraġġ li turi li t-trasport ambjentali fuq firxa twila tas-sustanza attiva, bil-potenzjal għat-trasferiment għal ambjent riċeventi, ji sta' jkun li seħħ permezz ta' l-arja, ta' l-ilma jew ta' speċijiet migratorji; jew
- (iii) Proprjetajiet tad-destin ambjentali u/jew riżultati mudell li juru li s-sustanza attiva għandha potenzjal għal trasport ambjentali fuq firxa twila permezz ta' l-arja, ta' l-ilma jew ta' speċijiet migratorji, bil-potenzjal għal trasferiment għal ambjent riċeventi f'lokalitajiet 'il bogħod mis-sorsi tar-rilaxx tagħha. Għal sustanza attiva li temigra b'mod sinifikanti fl-arja, id-DT50 tagħha fl-arja għandu jkun ta' iktar minn jumejn.]

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

- 3.7.2. Sustanza attiva għandha tiġi approvata biss jekk **hi u l-prodotti jew ir-residwi ta' trasformazzjoni tagħha** ma **jitqisux li huma sustanzi** persistenti, bijoakkumulanti u **tossiċi** (PBT).

Sustanza li tissodisfa it-tliet kriterji kollha tat-taqsimiet t'aktar 'l isfel hija sustanza PBT.

3.7.2.1. Il-persistenza

Sustanza attiva tissodisfa l-kriterju tal-persistenza fejn:

- il-half-life fl-ilma baħar hija ta' akbar minn 60 ġurnata, jew
- il-half-life fl-ilma ħelu jew ta' l-estwarji hija akbar minn 40 ġurnata, jew
- il-half-life fis-sediment tal-baħar hija akbar minn 180 ġurnata, jew
- il-half-life fis-sediment ta' l-ilma ħelu jew ta' l-ilma ta' l-estwarji hija akbar minn 120 ġurnata, jew
- il-half-life fil-ħamrija hija akbar minn 120 ġurnata.

Il-valutazzjoni tal-persistenza fl-ambjent għandha tkun ibbażata fuq id-data disponibbli dwar il-half-life li nġabret f'kondizzjonijiet xierqa, li għandhom ikunu deskritti mill-applikant.

Hi tissodisfa wkoll il-kriterju tal-persistenza fejn ikun hemm evidenza li s-sustanza hija filfatt persistenti biżżejjed li tqajjem tħassib.

3.7.2.2. Il-bijoakkumulazzjoni

Sustanza attiva tissodisfa l-kriterju tal-bijoakkumulazzjoni fejn il-fattur tal-bijokonċentrazzjoni (BCF) huwa għola minn 2000.

Il-valutazzjoni tal-bijoakkumulazzjoni għandha tkun ibbażata fuq data mkejla dwar il-bijokonċentrazzjoni fl-ispeċijiet akwatiċi. Ti sta' tintuża data kemm minn speċijiet ta' l-ilma ħelu kif ukoll minn speċijiet ta' l-ilma baħar.

Hi tissodisfa wkoll il-kriterju ta' bijoakkumulazzjoni fejn ikun hemm evidenza ta' bijoakkumulazzjoni għolja fi speċijiet oħra, jew id-data ta' monitoraġġ fil-bijota tindika li l-potenzjal tal-bijoakkumulazzjoni tas-sustanza hu biżżejjed biex iqajjem tħassib.

3.7.2.3. It-tossiċità

Sustanza attiva tissodisfa l-kriterju tat-tossiċità fejn:

- il-konċentrazzjoni ta' bla effett osservat għal żmien twil (NOEC) għall-organiżmi marini jew ta' l-ilma ħelu hija inqas minn 0.01 mg/l, jew
- is-sustanza hija kklassifikata bħala karċinoġenika (kategorija 1, **2 jew 3**), mutaġenika (kategorija 1, **2 jew 3**), jew tossika għar-riproduzzjoni (kategorija 1, 2, jew 3), jew
- hemm evidenza oħra ta' tossiċità kronika, kif ġiet identifikata mill-klassifikazzjonijiet: T, R48 jew Xn, R48 skond id-Direttiva 67/548/KEE.

- 3.7.3. Sustanza attiva m'għandhiex titqies bħala konformi ma' l-Artikolu 4 fejn tkun **hi jew il-prodotti jew ir-residwi ta' trasformazzjoni tagħha jkunu** persistenti ħafna, bioakkumulanti ħafna (vPvB).

Sustanza li tissodisfa ż-żewġ kriterji tat-taqsimiet t'aktar 'l isfel hija sustanza vPvB.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

3.7.3.1. Il-persistenza

Sustanza attiva tissodisfa l-kriterju ta' *ħafna persistenza (vP-)* fejn **hemm evidenza li:**

- *il-half-life* fl-ilma baħar, fl-ilma ħelu jew fl-ilma ta' l-estwarji hija akbar minn 60 ġurnata, jew
- *il-half-life* fis-sediment ta' l-ilma baħar, ta' l-ilma ħelu jew ta' l-ilma ta' l-estwarji hija akbar minn 180 ġurnata, jew
- *il-half-life* fil-ħamrija hija akbar minn 180.

Hi tissodisfa wkoll il-kriterju tal-persistenza fejn ikun hemm evidenza li s-sustanza hija filfatt persistenti ferm biżżejjed li tqajjem tħassib.

3.7.3.2. Il-bijoakkumulazzjoni

Sustanza attiva tissodisfa l-kriterju ta' bijoakkumulattiva *ħafna* fejn il-fattur tal-bijokonċentrazzjoni ikun akbar minn 5000.

Il-valutazzjoni tal-bijoakkumulazzjoni għandha tkun ibbażata fuq data mkejla dwar il-bijokonċentrazzjoni fl-ispeċijiet akwatiċi. Ti sta' tintuża data kemm minn speċijiet ta' l-ilma ħelu kif ukoll minn speċijiet ta' l-ilma baħar.

Hi tissodisfa l-kriterju veru ta' bijoakkumulazzjoni meta hemm evidenza ta' bijoakkumulazzjoni għolja fi speċijiet oħra, jew id-data ta' monitoraġġ fil-bijota tindika li l-potenzjal tal-bijoakkumulazzjoni tas-sustanza hi biżżejjed biex tqajjem tħassib.

3.8. L-ekotossikoloġija

3.8.1. Sustanza attiva għandha titqies bħala li tikkonforma ma' l-Artikolu 4 biss jekk il-valutazzjoni tar-riskju turi li r-riskji huma aċċettabbli skond il-kriterji stabbiliti fil-prinċipji uni-formi għall-evalwazzjoni u għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jissemmew fl-Artikolu 35 f'kondizzjonijiet proposti realistċi ta' użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva. Il-valutazzjoni trid tqis is-serjetà ta' l-effetti **fuq il-bijodiversità** l-inċertezza tad-data, u n-numru ta' gruppi ta' organiżmi li huwa mistenni li s-sustanza attiva taffetwa b'mod negattiv bl-użu li għalih hija maħsuba.

3.8.2. Sustanza attiva għandha titqies bħala li tikkonforma ma' l-Artikolu 4 biss jekk, fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-linji ta' gwida tat-testijiet miftiehma mill-Komunità jew internazzjonalment, ma titqiesx li għandha proprjetajiet li jħawdu s-sistema endokrinali li jstgħu jkunu ta' sinifikat tossikoloġiku fuq organiżmi mhux immirati ħlief jekk l-espożizzjoni ta' l-organiżmi mhux immirati għal dik is-sustanza attiva fi prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, f'kondizzjonijiet proposti realistċi ta' użu tkun neglġibbli.

3.8.3. **Sustanza attiva għandha tkun approvata biss jekk, fuq il-bażi tal-valutazzjoni ta' linji gwida għat-testijiet miftiehma fil-Komunità jew internazzjonalment u d-data u l-informazzjoni l-oħra disponibbli, inkluża r-reviżjoni tad-dokumentazzjoni xjentifika, ma titqiesx bħala tossika għan-naħal u jkollha Kwozjent tal-Periklu (HQ) ta' anqas minn 50.**

3.9. Id-definizzjoni tar-residwi

Sustanza attiva għandha tiġi approvata biss jekk **■** ti sta' tiġi stabbilita definizzjoni tar-residwi **u jekk metodi analitiċi fl-użu ġenerali jstgħu jidentifikawhom** għall-iskopijiet tal-valutazzjoni tar-riskju u għall-iskopijiet ta' l-infurzar.

3.10. Effetti fil-katina ta' l-ikel

Sustanza attiva għandha tiġi approvata biss jekk l-impatt tagħha fuq il-katina ta' l-ikel ta' l-organiżmi l-aktar għolja titqies bħala aċċettabbli fuq il-bażi tal-metodoloġija tal-valutazzjoni tar-riskji approvata xjentifikament u, jekk tiġi approvata, l-impatt tal-valutazzjoni fuq l-ekosistema jonqos permezz ta' sistema ta' mitigazzjoni u kumpens.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

3.11. Politika dwar l-ilma

Is-sustanzi fil-lista tas-sustanzi perikolużi ta' prijorità għall-politika dwar l-ilma annessa mad-Direttiva 2000/60/KE, m'għandhomx ikunu approvati.

4. Il-kriterji għall-approvazzjoni bħala kandidat għas-sostituzzjoni

Sustanza attiva għandha tiġi **definita** bħala kandidat għas-sostituzzjoni skond l-Artikolu 25 fejn **jintlaħqu xi waħda jew aktar mill-kondizzjonijiet li ġejjin:**

- l-ADI, l-ARfD jew l-AOEL tagħha huwa **iktar baxx minn dak tal-biċċa l-kbira tas-sustanzi attivi approvati, meta wieħed iqis ir-residenti, persuni li jinzertaw fl-inħawi u l-gruppi tal-popolazzjoni l-aktar vulnerabbli;**
- tissodisfa **wieħed** mill-kriterji biex titqies bħala sustanza PBT;
- **hi suġġetta għal tnixxija fl-ilma ta' taħt l-art;**
- hemm raġunijiet għal tħassib marbutin man-natura ta' l-effetti kritiċi **u proprjetajiet li jistgħu jwasslu għal** miżuri ta' ġestjoni tar-riskju restrittivi ħafna (bħal apparat estensiv għall-protezzjoni personali jew żoni kbar ħafna biex jitnaqqas l-effett);
- **għandha karatteristiċi newrotossiċi, immunotossiċi jew li jistgħu jħarbtu s-sistema endokrinali fl-adulti jew waqt l-iżvilupp, fuq il-bażi tal-valutazzjoni u tad-data u l-informazzjoni l-oħra disponibbli, inkluża r-reviżjoni tad-dokumentazzjoni xjentifika;**
- fiha proporzjon sinifikanti ta' isomeri mhux attivi.

 ANNESS II

LISTA TA' SUSTANZI ATTIVI APPROVATA GĦALL-INKLUŻJONI FI PRODOTTI GĦALL-PROTEZZJONI TAL-PJANTI

 ANNESS III

IL-LISTA TA' KOFORMULANTI, SAFENERS U SYNERGISTS APPROVATI GĦALL-INKLUŻJONI FIL-PRODOTTI GĦALL-PROTEZZJONI TAL-PJANTI

 ANNESS IV

IL-VALUTAZZJONI KOMPARATTIVA SKOND L-ARTIKOLU 53

1. Il-kondizzjonijiet għall-valutazzjoni komparattiva

Valutazzjoni komparattiva għandha titwettaq mill-Istati Membri meta jkunu qegħdin jevalwaw applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti **F'dan il-proċess, għandha tingħata prijorità lill-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti** li jkun **fihom xi** sustanza attiva approvata bħala kandidat għas-sostituzzjoni.

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

Fejn ikun qed jitqies rifjut jew irtirar ta' awtorizzazzjoni ta' prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti favur prodott alternattiv għall-*protezzjoni* tal-pjanti (li minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ "sostituzzjoni"), l-alternattiva, fid-dawl ta' l-għarfien xjentifiku u tekniku, triduri riskju ferm iżgħar għas-saħħa jew għall-ambjent. Għandha titwettaq valutazzjoni tal-prodott alternattiv għall-*protezzjoni* tal-pjanti biex jintwera jekk jistax jintuża b'effett simili fuq l-organiżmu mmirat u mingħajr żvantaġġi ekonomiċi u prattiċi sinifikanti għall-utent jew le.

Aktar kondizzjonijiet għal rifjut jew irtirar ta' awtorizzazzjoni huma:

- a) is-sostituzzjoni għandha tiġi applikata biss fejn id-diversità tas-sustanzi attivi **u ta' metodi mhux kimiċi oħra ta' protezzjoni tal-pjanti u ta' ġestjoni ta' l-organiżmi li jagħmlu l-ħsara u l-uċuħ tar-raba'** hija suffiċjenti biex timminimizza l-okkorrenza ta' reżistenza fl-organiżmu immirat;
- b) is-sostituzzjoni **tista'** tiġi applikata **mill-Istati Membri għas-sustanzi attivi kollha** li, fejn jintużaw fi prodotti awtorizzati għall-*protezzjoni* tal-pjanti, jippreżentaw livell ogħla ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent.

1.

2. Differenza sinifikanti fir-riskju

Differenza sinifikanti fir-riskju, **l-aktar friskji għas-saħħa**, għandha tiġi identifikata fuq bażi ta' każ b'każ mill-awtoritajiet kompetenti, **waqt li jitqiesu l-effetti kumulattivi u sinerġistiċi magħrufa**. Għandhom jitqiesu l-proprietajiet tas-sustanza attiva, u l-possibbiltà ta' l-espożizzjoni ta' sottogrupperi differenti tal-popolazzjoni (utenti professjonali jew mhux professjonali, persuni fil-viċin li ma jkunux involuti f'dak li qed jiġri, ħaddiema, residenti, gruppi vulnerabbli speċifiċi jew konsumaturi) direttament jew indirettament permezz ta' l-ikel, ta' l-għalf, ta' l-ilma jew ta' l-ambjent. Iridu jitqiesu wkoll fatturi oħra bħal kemm huma stretti r-restrizzjonijiet imposti fuq l-użu u l-apparat preskritt għall-*protezzjoni* personali.

Għall-ambjent, **waqt li jitqiesu l-effetti kumulattivi u sinerġistiċi magħrufa**, fattur ta' **mill-inqas 3** bejn il-proporzjonijiet tal-Konċentrazzjoni Ambjentali Prevista (KAP) u l-Konċentrazzjoni Prevista ta' Bla Effett (KPBE) ta' sustanzi attivi differenti jitqies bħala differenza sinifikanti fir-riskju.

3. L-iżvantaġġi prattiċi jew ekonomiċi sinifikanti

Żvantaġġ prattiku jew ekonomiku sinifikanti għall-utent huwa definit bħala ħsara kbira kwantifikabbli fil-prattiki tax-xogħol jew fl-attività kummerċjali li twassal għal inabbiltà li jinżamm kontroll suffiċjenti fuq l-organiżmu mmirat. Ħsara kbira bħal din ti sta' tkun, pereżempju, fejn ma tkun disponibbli jew ekonomikament probabbli l-ebda faċilità teknika għall-użu tas-sustanza(i) alternattiva(i).

Fejn valutazzjoni komparattiva tindika li restrizzjonijiet/projbizzjonijiet fuq l-użu ta' prodott għall-*protezzjoni* tal-pjanti jstgħu jikkawżaw żvantaġġ bħaldan, mela dan se jitqies fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Din is-sitwazzjoni trid tkun issostanzjata.

L-evalwazzjoni komparattiva għandha tqis l-użi minuri awtorizzati.

ANNEX V

ID-DIRETTIVI REVOKATI U L-EMENDI SUĊĊESSIVI TAGĦHOM

A. Id-Direttiva 91/414/KEE

L-atti li jemendaw id-Direttiva 91/414/KEE	L-iskadenza għat-traspożizzjoni
Id-Direttiva 93/71/KEE	it-3 ta' Awissu 1994
Id-Direttiva 94/37/KE	il-31 ta' Lulju 1995
Id-Direttiva 94/79/KE	il-31 ta' Jannar 1996
Id-Direttiva 95/35/KE	it-30 ta' Ġunju 1996
Id-Direttiva 95/36/KE	it-30 ta' April 1996
Id-Direttiva 96/12/KE	il-31 ta' Marzu 1997
Id-Direttiva 96/46/KE	it-30 ta' April 1997
Id-Direttiva 96/68/KE	it-30 ta' Novembru 1997
Id-Direttiva 97/57/KE	l-1 ta' Ottubru 1997
Id-Direttiva 2000/80/KE	l-1 ta' Lulju 2002
Id-Direttiva 2001/21/KE	l-1 ta' Lulju 2002
Id-Direttiva 2001/28/KE	l-1 ta' Awissu 2001
Id-Direttiva 2001/36/KE	l-1 ta' Mejju 2002
Id-Direttiva 2001/47/KE	il-31 ta' Diċembru 2001
Id-Direttiva 2001/49/KE	il-31 ta' Diċembru 2001
Id-Direttiva 2001/87/KE	il-31 ta' Marzu 2002
Id-Direttiva 2001/99/KE	l-1 ta' Jannar 2003
Id-Direttiva 2001/103/KE	l-1 ta' April 2003
Id-Direttiva 2002/18/KE	it-30 ta' Ġunju 2003
Id-Direttiva 2002/37/KE	il-31 ta' Awissu 2003
Id-Direttiva 2002/48/KE	il-31 ta' Diċembru 2002
Id-Direttiva 2002/64/KE	il-31 ta' Marzu 2003
Id-Direttiva 2002/81/KE	it-30 ta' Ġunju 2003
Id-Direttiva 2003/5/KE	it-30 ta' April 2004
Id-Direttiva 2003/23/KE	il-31 ta' Diċembru 2003
Id-Direttiva 2003/31/KE	it-30 ta' Ġunju 2004
Id-Direttiva 2003/39/KE	it-30 ta' Settembru 2004
Id-Direttiva 2003/68/KE	il-31 ta' Marzu 2004
Id-Direttiva 2003/70/KE	it-30 ta' Novembru 2004
Id-Direttiva 2003/79/KE	it-30 ta' Ġunju 2004
Id-Direttiva 2003/81/KE	il-31 ta' Jannar 2005
Id-Direttiva 2003/82/KE	it-30 ta' Lulju 2004
Id-Direttiva 2003/84/KE	it-30 ta' Ġunju 2004
Id-Direttiva 2003/112/KE	it-30 ta' April 2005
Id-Direttiva 2003/119/KE	it-30 ta' Settembru 2004
Ir-Regolament (KE) Nru 806/2003	-

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2007

L-atti li jemendaw id-Direttiva 91/414/KEE	L-iskadenza għat-traspożizzjoni
Id-Direttiva 2004/20/KE	il-31 ta' Lulju 2005
Id-Direttiva 2004/30/KE	it-30 ta' Novembru 2004
Id-Direttiva 2004/58/KE	il-31 ta' Awissu 2005
Id-Direttiva 2004/60/KE	it-28 ta' Frar 2005
Id-Direttiva 2004/62/KE	il-31 ta' Marzu 2005
Id-Direttiva 2004/66/KE	l-1 ta' Mejju 2004
Id-Direttiva 2004/71/KE	il-31 ta' Marzu 2005
Id-Direttiva 2004/99/KE	it-30 ta' Ġunju 2005
Id-Direttiva 2005/2/KE	it-30 ta' Settembru 2005
Id-Direttiva 2005/3/KE	it-30 ta' Settembru 2005
Id-Direttiva 2005/25/KE	it-28 ta' Mejju 2006
Id-Direttiva 2005/34/KE	it-30 ta' Novembru 2005
Id-Direttiva 2005/53/KE	il-31 ta' Awissu 2006
Id-Direttiva 2005/54/KE	il-31 ta' Awissu 2006
Id-Direttiva 2005/57/KE	il-31 ta' Ottubru 2006
Id-Direttiva 2005/58/KE	il-31 ta' Mejju 2006
Id-Direttiva 2005/72/KE	il-31 ta' Diċembru 2006
Id-Direttiva 2006/5/KE	il-31 ta' Marzu 2007
Id-Direttiva 2006/6/KE	il-31 ta' Marzu 2007
Id-Direttiva 2006/10/KE	it-30 ta' Settembru 2006
Id-Direttiva 2006/16/KE	il-31 ta' Jannar 2007
Id-Direttiva 2006/19/KE	it-30 ta' Settembru 2006
Id-Direttiva 2006/39/KE	il-31 ta' Lulju 2007

B. Id-Direttiva 79/117/KEE

L-atti li jemendaw id-Direttiva 79/117/KEE	L-iskadenza għat-traspożizzjoni
Id-Direttiva 83/131/KEE	l-1 ta' Ottubru 1984
Id-Direttiva 85/298/KEE	l-1 ta' Jannar 1986
Id-Direttiva 86/214/KEE	-
Id-Direttiva 86/355/KEE	l-1 ta' Lulju 1987
Id-Direttiva 87/181/KEE	l-1 ta' Jannar 1988 u l-1 ta' Jannar 1989
Id-Direttiva 87/477/KEE	l-1 ta' Jannar 1988
Id-Direttiva 89/365/KEE	il-31 ta' Diċembru 1989
Id-Direttiva 90/335/KEE	l-1 ta' Jannar 1991
Id-Direttiva 90/533/KEE	il-31 ta' Diċembru 1990 u t-30 ta' Settembru 1990
Id-Direttiva 91/118/KEE	il-31 ta' Marzu 1992
Ir-Regolament (KE) Nru 807/2003	-
Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004	-

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

MINUTI

(2008/C 263 E/03)

PROĊEDURI TAS-SEDUTI

IPPRESIEDA: Hans-Gert PÖTTERING

*President***1. Ftuħ tas-Seduta**

Ħin tal-ftuħ tas-seduta: 09.00.

2. Kompożizzjoni tal-Parlament

Il-President għarraf li Alessandro Battilocchio u Gianni De Michelis issiehbhu fil-grupp PSE mill-24.10.2007.

3. Dikjarazzjonijiet bil-miktub (tressiq)

Il-Membri li jissemmew hawn taħt bagħtu dikjarazzjonijiet bil-miktub sabiex jiddaħħlu fir-reġistru (Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura):

— Csaba Sándor Tabajdi, István Szent-Iványi, Péter Olajos, Mikel Irujo Amezaga u Kristian Vigenin dwar l-attivitajiet tal-gruppi parlamentari estremisti fl-Unjoni Ewropea (93/2007).

4. Relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u t-Turkija (dibattitu)

Dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni: Relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u t-Turkija

Manuel Lobo Antunes (President fil-kariga tal-Kunsill) u Olli Rehn (Membru tal-Kummissjoni) għamlu d-dikjarazzjonijiet.

Tkellmu: Ria Oomen-Ruijten fisem il-grupp PPE-DE, Hannes Swoboda fisem il-grupp PSE, Alexander Lambsdorff fisem il-grupp ALDE, Sebastiano (Nello) Musumeci fisem il-grupp UEN, Joost Lagendijk fisem il-grupp Verts/ALE, Kyriacos Triantaphyllides fisem il-grupp GUE/NGL, Georgios Georgiou fisem il-grupp IND/DEM, Philip Claeys fisem il-grupp ITS, Jim Allister Membru mhux affiljat, Werner Langen, Jan Marinus Wiersma, Marco Cappato, Feleknas Uca, Bastiaan Belder, Andreas Mølzer, Ioannis Kasoulides, Béatrice Patrie, Marios Matsakis, Mario Borghezio, Gerard Batten, Koenraad Dillen u Charles Tannock.

IPPRESIEDA: Miguel Angel MARTÍNEZ MARTÍNEZ

Viċi-President

Tkellmu: Maria Eleni Koppa, Giorgos Dimitrakopoulos, Richard Howitt, Josef Zieleniec, Vural Öger, Yiannakis Matsis, Carlos Carnero González, Emine Bozkurt, Manuel Lobo Antunes u Olli Rehn.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni biex jiġi konkluż id-dibattitu skond l-Artikolu 103 (2) tar-Regoli ta' Proċedura:

- Ria Oomen-Ruijten, fisem il-Kumitat AFET, dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija (B6-0376/2007);
- Philip Claeys, Frank Vanhecke u Koenraad Dillen fisem il-grupp ITS, dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u t-Turkija (B6-0398/2007).

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 8.27 tal-Minuti ta' 24.10.2007.*

5. Laqgħa Għolja UE/Russja (dibattitu)

Dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni: Laqgħa Għolja UE/Russja

Manuel Lobo Antunes (President fil-kariga tal-Kunsill) u Benita Ferrero-Waldner (Membru tal-Kummissjoni) għamlu d-dikjarazzjonijiet.

Tkellmu: José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra fisem il-grupp PPE-DE, Jan Marinus Wiersma fisem il-grupp PSE, Graham Watson fisem il-grupp ALDE, Konrad Szymański fisem il-grupp UEN, Bart Staes fisem il-grupp Verts/ALE, Helmuth Markov fisem il-grupp GUE/NGL, Jana Bobošíková Membru mhux affiljata, Reino Paasilinna, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Inese Vaidere u Héléne Flautre.

IPPRESIEDA: Mechtild ROTHE

Viċi-President

Tkellmu: Vladimír Remek, Ria Oomen-Ruijten, Hannes Swoboda, Bronisław Geremek, Hanna Foltyn-Kubicka, Christopher Beazley, li talbu l-assigurazzjoni, kif esprimew fil-ġurnata ta' qabel (*punt 8 tal-Minuti ta' 23.10.2007*), li l-pożizzjonijiet preżentati mill-Parlament se jitressqu b'mod xieraq lill-President Putin waqt is-sammit, Libor Rouček, Georgios Papastamkos, Józef Pinior, Elmar Brok, Ana Maria Gomes, Roberta Alma Anastase, Katrin Saks, Tunne Kelam, Manuel Lobo Antunes u Benita Ferrero-Waldner.

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni biex jiġi konkluż id-dibattitu skond l-Artikolu 103 (2) tar-Regoli ta' Proċedura:

- Jan Marinus Wiersma, Hannes Swoboda u Reino Paasilinna fisem il-grupp PSE, dwar is-Samit UE-Russja f'Mafra, fis-26 ta' Ottubru 2007 (B6-0423/2007);
- José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Charles Tannock, Ria Oomen-Ruijten, Michael Gahler, Christopher Beazley, Tunne Kelam u Bogdan Klich fisem il-grupp PPE-DE, dwar il-Laqgħa Għolja UE-Russja li se ssir f'Mafra fis-26 ta' Ottubru 2007 (B6-0424/2007);
- Graham Watson, Annemie Neyts-Uyttebroeck u Janusz Onyszkiewicz fisem il-grupp ALDE, dwar it-tħejjijiet għall-10 Samit UE-Russja f'Mafra, fis-26 ta' Ottubru 2007 (B6-0425/2007)
- Esko Seppänen, Gabriele Zimmer u André Brie fisem il-grupp GUE/NGL, dwar is-Samit bejn l-UE u r-Russja (B6-0426/2007);
- Ryszard Czarnecki, Inese Vaidere u Ġirts Valdis Kristovskis fisem il-grupp UEN, dwar il-Laqgħa Għolja UE-Russja li se ssir f'Mafra fis-26 ta' Ottubru 2007 (B6-0427/2007);
- Daniel Cohn-Bendit, Bart Staes, Milan Horáček, Marie Anne Isler Béguin, Angelika Beer u Héléne Flautre fisem il-grupp Verts/ALE, dwar it-tħejjijiet għall-għaxar Samit ta' bejn l-UE u r-Russja, f'Mafra, fis-26 ta' Ottubru 2007 (B6-0428/2007).

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 3.22 tal-Minuti ta' 14.11.2007.*

(Is-seduta, sospiża fil-11:40 fl-okkażjoni ta' l-għoti tal-premjju Lux, u tkomplet f'12:00)

IPPRESIEDA: Gérard ONESTA

Viċi-President

Tkellem Martin Schulz fisem il-grupp PSE, li talab li l-President tal-Parlament jikkundanna b'mod uffiċjali l-insulti kontra l-Lhud imwettqa f'laqgħa tal-Prim Ministru Ungeriż Ferenc Gyurcsány ma' parteċipanti f'manifestazzjoni f'Budapest (Il-President wiegħeb li huwa se jressaq din it-talba lill-President tal-Parlament).

Tkellem Graham Watson fisem il-grupp ALDE, irringrazzja lill-President ta' l-organizzazzjoni fil-bini tal-Parlament taċ-ċerimonja ta' l-għoti tal-premjju Lux.

6. Dikjarazzjoni tal-President

Il-President wettaq dikjarazzjoni qasira fl-okkażjoni tat-62 anniversarju mit-twaqqif ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti. Huwa għarraf b'mod partikulari it-tnehdija uffiċjali, illum fil-Parlament, tar-rapport annwali dwar il-koperazzjoni bejn l-UE u n-NU fir-rigward ta' l-immaniġġjar tal-kriżijiet, ta' l-iżvilupp u tal-promozzjoni tad-demokrazija u tal-libertajiet fundamentali.

7. Merħba uffiċjali

Il-President, fisem il-Parlament, ta merħba lill-membri tad-delegazzjoni mauritanienne, immexxija minn Son Excellence le Dr Abderrahmane Ould Tolba, li ħadu posthom fil-gallarija uffiċjali.

8. Ħin tal-votazzjonijiet

Ir-riżultati ddettaljati tal-votazzjonijiet (emendi, votazzjonijiet separati u votazzjonijiet maqsumin, eċċ) jidhru fl-Anness 'Riżultati tal-Votazzjonijiet', meħmuż mal-Minuti.

8.1. Notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali ***II (Artikolu 131 tar-Regoli ta' Proċedura) (votazzjoni)

Rakkomandazzjoni għat-tieni qari fir-rigward tal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti), u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1348/2000 tal-Kunsill [08703/5/2007 — C6-0217/2007 — 2005/0126(COD)] — Kunitat għall-Affarjiet Legali.

Rapporteur: Jean-Paul Gauzès (A6-0366/2007)

(Maġġoranza kwalifikata)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 1)

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL

Dikjarata approvata (P6_TA(2007)0446)

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

8.2. Ftehim dwar l-ammissjoni mill-ġdid bejn il-Bożnja u Herzegovina * (Artikolu 131 tar-Regoli ta' Proċedura) (votazzjoni)

Rapport dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Bożnja u Herzegovina dwar l-ammissjoni mill-ġdid [COM(2007)0425 — C6-0299/2007 — 2007/0142(CNS)] — Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern.
Rapporteur: Claudio Fava (A6-0385/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 2)

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata b'votazzjoni unika (P6_TA(2007)0447)

8.3. Viżi għal żjajjar qosra bejn il-KE u l-Bożnja u Herzegovina * (Artikolu 131 tar-Regoli ta' Proċedura) (votazzjoni)

Rapport dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Bożnja u Herzegovina dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra [COM(2007)0423 — C6-0296/2007 — 2007/0140(CNS)] — Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern.
Rapporteur: Claudio Fava (A6-0384/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 3)

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata b'votazzjoni unika (P6_TA(2007)0448)

8.4. Ftehim dwar l-ammissjoni mill-ġdid bejn il-KE u s-Serbja * (Artikolu 131 tar-Regoli ta' Proċedura) (votazzjoni)

Rapport dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubbika tas-Serbja dwar l-ammissjoni mill-ġdid [COM(2007)0438 — C6-0298/2007 — 2007/0153(CNS)] — Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern.
Rapporteur: Claudio Fava (A6-0386/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 4)

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata b'votazzjoni unika (P6_TA(2007)0449)

8.5. Viżi għal żjajjar qosra bejn il-KE u s-Serbja * (Artikolu 131 tar-Regoli ta' Proċedura) (votazzjoni)

Rapport dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubbika tas-Serbja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra [COM(2007)0422 — C6-0295/2007 — 2007/0144(CNS)] — Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern.
Rapporteur: Claudio Fava (A6-0387/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 5)

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata b'votazzjoni unika (P6_TA(2007)0450)

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

8.6. Ftehim dwar l-ammissjoni mill-ġdid bejn il-KE u l-Montenegro * (Artikolu 131 tar-Regoli ta' Proċedura) (votazzjoni)

Rapport dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Montenegro dwar l-ammissjoni mill-ġdid [COM(2007)0431 — C6-0301/2007 — 2007/0146(CNS)] — Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern.
Rapporteur: Adina-Ioana Vălean (A6-0380/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 6)

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata b'votazzjoni unika (P6_TA(2007)0451)

8.7. Viżi għal żjajjar qosra bejn il-KE u l-Montenegro * (Artikolu 131 tar-Regoli ta' Proċedura) (votazzjoni)

Rapport dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Montenegro dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra [COM(2007)0426 — C6-0297/2007 — 2007/0149(CNS)] — Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern.
Rapporteur: Adina-Ioana Vălean (A6-0379/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 7)

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata b'votazzjoni unika (P6_TA(2007)0452)

8.8. Ftehim dwar l-ammissjoni mill-ġdid bejn il-KE u l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja * (Artikolu 131 tar-Regoli ta' Proċedura) (votazzjoni)

Rapport dwar il-Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar l-ammissjoni mill-ġdid [COM(2007)0432 — C6-0300/2007 — 2007/0147(CNS)] — Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern.
Rapporteur: Adina-Ioana Vălean (A6-0381/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 8)

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata b'votazzjoni unika (P6_TA(2007)0453)

8.9. Viżi għal żjajjar qosra bejn il-KE u l-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja* (Artikolu 131 tar-Regoli ta' Proċedura) (votazzjoni)

Rapport dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra [COM(2007)0421 — C6-0294/2007 — 2007/0159(CNS)] — Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern.
Rapporteur: Adina-Ioana Vălean (A6-0383/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 9)

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata b'votazzjoni unika (P6_TA(2007)0454)

8.10. Viżi għal żjajjar qosra bejn il-KE u l-Albanija * (Artikolu 131 tar-Regoli ta' Proċedura) (votazzjoni)

Rapport dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubbika ta' l-Albanija dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra [COM(2007)0413 — C6-0293/2007 — 2007/0148(CNS)] — Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern.
Rapporteur: Adina-Ioana Vălean (A6-0382/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 10)

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata b'votazzjoni unika (P6_TA(2007)0455)

8.11. L-immunità u l-privileġġi tas-Sur Gian Paolo Gobbo (Artikolu 131 tar-Regoli ta' Proċedura) (votazzjoni)

Rapport dwar it-talba għal konsultazzjoni dwar l-immunità u l-privileġġi tas-Sur Gian Paolo Gobbo [2007/2014(IMM)] — Kumitat għall-Affarijiet Legali.
Rapporteur: Diana Wallis (A6-0367/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 11)

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI

Tkelllem Bruno Gollnisch fisem il-grupp ITS, li talab li r-rapport jerġa' jkun preżentat fil-kumitat bi qbil ma' l-Artikolu 168, paragrafu 2, tar-Regoli ta' Proċedura.

Tkellmu: dwar din it-talba Francesco Enrico Speroni (viċi-Chairman tal-Kumitat JURI) u Diana Wallis (rapporteur).

Il-Parlament ma laqax din it-talba.

Adottata b'votazzjoni unika (P6_TA(2007)0456)

8.12. mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE (Artikolu 131 tar-Regoli ta' Proċedura) (votazzjoni)

Rapport dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE skond il-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba [COM(2007)0526 — C6- 0286/2007 — 2007/2179(ACI)] — Kumitat għall-Baġit.
Rapporteur: Reimer Böge (A6-0393/2007)

(maġġoranza kwalifikata meħtieġa: 3/5 tal-voti mitfugħa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 12)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata b'votazzjoni unika (P6_TA(2007)0457)

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

8.13. Abbozz ta' Baġit ta' rettifika Nru 6/2007 (Artikolu 131 tar-Regoli ta' Proċedura) (votazzjoni)

Rapport dwar l-abbozz ta' Baġit ta' rettifika Nru 6/2007 għas-sena finanzjarja 2007 ta' l-Unjoni Ewropea, Taqsima III — Kummissjoni [13851/2007 — C6-0351/2007 — 2007/2178(BUD)] — Kumitat għall-Baġit. Rapporteur: James Elles (A6-0401/2007)

(Maġġoranza kwalifikata)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 13)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Tkellem Benita Ferrero-Waldner (Membru tal-Kummissjoni) biex tippreċiża l-pożizzjoni tal-Kummissjoni.

Adottata b'votazzjoni unika (P6_TA(2007)0458)

8.14. Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar aspetti relatati mal-Kummerċ tad-Drittijiet tal-Propjetà Intellettwali (TRIPS) *** (Artikolu 131 tar-Regoli ta' Proċedura) (votazzjoni)

Rakkomandazzjoni dwar il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li taċċetta, fisem il-Komunità Ewropea, il-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar Aspetti, Relatati mal-Kummerċ, tad-Drittijiet tal-Propjetà Intellettwali (TRIPS), magħmul f'Ġinevra fis-6 ta' Diċembru 2005 [08934/2006 — C6-0359/2006 — 2006/0060(AVC)] — Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali. Rapporteur: Gianluca Susta (A6-0403/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 14)

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Tkellmu: Carl Schlyter li talab biex ikun jaf il-pożizzjoni tal-Kunsill u Manuel Lobo Antunes (President fil-kariga tal-Kunsill) li preċiża din il-pożizzjoni.

Adottata b'votazzjoni unika (P6_TA(2007)0459)

B'hekk il-Parlament ta l-kunsens tiegħu.

8.15. Modifika ta' l-Artikolu 173 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew dwar ir-rapporti verbatim (votazzjoni)

Rapport dwar il-Modifika ta' l-Artikolu 173 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew dwar ir-rapporti verbatim [2007/2137(REG)] — Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali. Rapporteur: Richard Corbett (A6-0354/2007)

(Maġġoranza kwalifikata mitluba għall-adozzjoni ta' l-emendi)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 15)

TEST TAR-REGOLI TA' PROĊEDURA

Emendi adottati: ara l-anness "Riżultat tal-votazzjonijiet"

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI

Adottata (P6_TA(2007)0460)

Il-karigi l-ġodda jidħlu fis-seħħ mill-ewwel ġurnata tas-sessjoni li jmiss.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

Tkellmu:

— Anna Záborská dwar il-konsegwenzi ta' din il-votazzjoni.

8.16. Bord Kunsultattiv Ewropew għall-Governanza ta' l-Istatistika *I (votazzjoni)**

Rapport dwar Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li twaqqaf Bord Ewropew Kunsultattiv tal-Governanza ta' l-Istatistika [COM(2006)0599 — C6-0348/2006 — 2006/0199(COD)] — Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji.
Rapporteur: Sharon Bowles (A6-0327/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 16)

PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Approvazzjoni bl-emendi (P6_TA(2007)0461)

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata (P6_TA(2007)0461)

8.17. Kumitat Kunsultattiv Ewropew dwar il-Politika Komunitarja ta' Tagħrif Statistiku *I (votazzjoni)**

Rapport dwar il-Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Kumitat Ewropew ta' Kunsultazzjoni dwar il-Politika Komunitarja ta' Tagħrif Statistiku [COM(2006)0653 — C6-0379/2006 — 2006/0217(COD)] — Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji.
Rapporteur: Ieke van den Burg (A6-0328/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 17)

PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Approvazzjoni bl-emendi (P6_TA(2007)0462)

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata (P6_TA(2007)0462)

8.18. Qafas ta' kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja *I (votazzjoni)**

Rapport dwar proposta għal rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' Qafas Ewropew għall-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja [COM(2006)0479 — C6-0294/2006 — 2006/0163(COD)] — Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali.
Rapporteur: Mario Mantovani (A6-0245/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 18)

PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Approvazzjoni bl-emendi (P6_TA(2007)0463)

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata (P6_TA(2007)0463)

Tkellmu:

— Gerard Batten dwar it-tmexxija tal-votazzjoni.

8.19. Batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi (setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni) *I (votazzjoni)**

Rapport dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni [COM(2007)0093 — C6-0088/2007 — 2007/0036(COD)] — Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel.
Rapporteur: Johannes Blokland (A6-0232/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 19)

PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Approvazzjoni bl-emendi (P6_TA(2007)0464)

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata (P6_TA(2007)0464)

8.20. Infrastruttura ta' komunikazzjoni għall-ambjent tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen (SIS) (regolament) * (votazzjoni)

Rapport dwar il-Proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-installazzjoni, l-operazzjoni u l-ġestjoni ta' Infrastruttura ta' Komunikazzjoni għall-ambitu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) [COM(2007)0311 — C6-0216/2007 — 2007/0108(CNS)] — Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern.

Rapporteur: Carlos Coelho (A6-0358/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 20)

PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Approvazzjoni bl-emendi (P6_TA(2007)0465)

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata (P6_TA(2007)0465)

8.21. L-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Konvenzjoni tat-18 ta' Diċembru 1997 dwar l-għajnuna u l-kooperazzjoni reċiproka bejn l-amministrazzjonijiet tad-dwana * (votazzjoni)

Rapport dwar ir-Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Konvenzjoni tat-18 ta' Diċembru 1997, imfassla fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna u l-kooperazzjoni reċiproka bejn l-amministrazzjonijiet tad-dwana [COM(2007)0216 — C6-0170/2007 — 2007/0073(CNS)] — Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur.

Rapporteur: Horia-Victor Toma (A6-0352/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 21)

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata (P6_TA(2007)0466)

8.22. Strateġija Tematika dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi (votazzjoni)

Rapport dwar l-Istrateġija Tematika dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi [2007/2006(INI)] — Kunitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel.

Rapporteur: Irena Belohorská (A6-0291/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 22)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata (P6_TA(2007)0467)

8.23. Sorsi ta' enerġija konvenzjonali u teknoloġiji fil-qasam ta' l-enerġija (votazzjoni)

Rapport dwar sorsi konvenzjonali ta' l-enerġija u teknoloġiji dwar l-enerġija [2007/2091(INI)] — Kunitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija.

Rapporteur: Herbert Reul (A6-0348/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 23)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata (P6_TA(2007)0468)

8.24. Strateġija tal-Komunità sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief (votazzjoni)

Rapport dwar l-Istrateġija tal-Komunità sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief [2007/2119(INI)] — Kunitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel.

Rapporteur: Chris Davies (A6-0343/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 24)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata (P6_TA(2007)0469)

Tkellmu:

— Martin Schulz u Chris Davies (rapporteur) dwar l-ordni tal-votazzjoni ta' l-emendi.

8.25. Il-kontribut tal-politika fiskali u tad-dwana għall-istrateġija ta' Liżbona (votazzjoni)

Rapport dwar il-kontribut tal-politika fiskali u tad-dwana għall-istrateġija ta' Liżbona [2007/2097(INI)] — Kunitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji.

Rapporteur: Sahra Wagenknecht (A6-0391/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 25)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata (P6_TA(2007)0470)

Tkellmu:

- Piia-Noora Kauppi preżentat emenda orali mal-paragrafu 37, li ġiet aċċettata;
- qabel il-votazzjoni finali, Sahara Wagenknecht (rapporteur) innutat li r-riżoluzzjoni ma tirriflettix aktar il-pożizzjoni tagħha u indikat li hija neħħiet isimha mir-rapport, u stiednet lill-membri biex jivvutaw kontra r-rapport.

8.26. Green Paper: Lejn Ewropa libera mid-duħħan tat-tabakk, għażliet ta' politika fil-livell ta' l-UE (votazzjoni)

Rapport dwar il-Green Paper: Lejn Ewropa libera mid-duħħan tat-tabakk, għażliet ta' politika fil-livell ta' l-UE [2007/2105(INI)] — Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel.

Rapporteur: Karl-Heinz Florenz (A6-0336/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 26)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata (P6_TA(2007)0471)

Tkellmu:

- Marios Matsakis preżenta emenda orali ma' l-emenda 10, li ġiet aċċettata.

8.27. Relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u t-Turkija (votazzjoni)

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0376/2007 u B6-0398/2007

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 27)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI B6-0376/2007

Adottata (P6_TA(2007)0472)

(Il-mozzjoni għal riżoluzzjoni B6-0398/2007 waqgħet.)

Tkellmu:

- Ria Oomen-Ruijten preżentat emenda orali mal-paragrafu 19, li ġiet aċċettata.

IPPRESIEDA: Diana WALLIS

Viċi-President

9. Spjegazzjonijiet tal-vot

Spjegazzjonijiet tal-vot bil-miktub:

L-ispegazzjonijiet tal-vot li tressqu skond l-Artikolu 163(3) tar-Regoli ta' Proċedura jidhru fir-rapport verbatim ta' din is-seduta.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

Spjegazzjonijiet tal-vot orali:

- Rapport Richard Corbett — A6-0354/2007: Richard Corbett
- Rapport Mario Mantovani — A6-0245/2007: Roberta Alma Anastase
- Rapport Carlos Coelho — A6-0358/2007: Laima Liucija Andrikienė
- Rapport Irena Belohorská — A6-0291/2007: Zita Pleštinská, Zuzana Roithová u Laima Liucija Andrikienė
- Rapport Herbert Reul — A6-0348/2007: Danutė Budreikaitė, Romano Maria La Russa u Karin Scheele
- Rapport Chris Davies — A6-0343/2007: Zuzana Roithová, Zita Pleštinská, Karin Scheele, Jan Březina, Christoph Konrad, Kurt Joachim Lauk u Linda McAvan
- Rapport Sahra Wagenknecht — A6-0391/2007: Danutė Budreikaitė
- Rapport Karl-Heinz Florenz — A6-0336/2007: Miroslav Mikolášik, Roberta Alma Anastase, Ryszard Czarnecki, Hannu Takkula, Christoph Konrad, Renate Sommer, Daniel Hannan u Marcin Libicki
- B6-0376/2007— Relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u t-Turkija: Miroslav Mikolášik, Christoph Konrad, Philip Claeys, Frank Vanhecke u Eija-Riitta Korhola

10. Korrezzjonijiet u intenzjonijiet għall-vot

Il-korrezzjonijiet u l-intenzjonijiet għall-vot jidhru fil-websajt “Séance en direct” “Résultats des votes (appels nominaux) / Results of votes (roll-call votes)” u fil-verżjoni stampata ta' l-anness “Riżultati tal-Votazzjonijiet b'sejħa ta' l-Ismijiet”.

Il-verżjoni elettronika fuq il-Europarl tiġi aġġornata regolarment sa ta' l-anqas ġimgħatejn wara l-ġurnata tal-votazzjoni.

Wara li tgħaddi din l-iskadenza l-korrezzjonijiet u l-intenzjonijiet tal-vot jiġu ffinalizzati sabiex isiru t-traduzzjonijiet u jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

*
* *

Elisa Ferreira għarrfet wara l-votazzjoni finali dwar ir-rapport Sahra Wagenknecht li l-apparat tagħha tal-votazzjoni ma ffunzjonax.

Othmar Karas għarraf li l-apparat tal-votazzjoni tiegħu ma ffunzjonax waqt ċerti votazzjonijiet dwar ir-rapport Karl-Heinz Florenz.

Hans-Peter Martin għarraf b'xi problemi ta' interpretazzjoni, il-votazzjonijiet kienu veloċi wisq.

(Ħin li fih ġiet sospiża s-seduta: 14.00 Ħin li fih tkomplet is-seduta: 15.00)

IPPRESIEDA: Luigi COCILOVO

Viċi-President

11. Approvazzjoni tal-Minuti tas-seduta ta' qabel

Il-Minuti tas-seduta ta' qabel ġew approvati.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

12. Relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u s-Serbja (dibattitu)

Rapport li fih proposta għal rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u s-Serbja [2007/2126(INI)] — Kumitat għall-Affarijiet Barranin.
Rapporteur: Jelko Kacin (A6-0325/2007)

Jelko Kacin ippreżenta r-rapport.

Tkellmu: Manuel Lobo Antunes (President fil-kariga tal-Kunsill) u Olli Rehn (Membru tal-Kummissjoni).

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubbika tas-Serbja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra (COM(2007)0422 — C6-0295/2007 — 2007/0144(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2007)0422),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 62(2)(b)(i) u (ii) u 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza, tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE skond liema artikolu ġie kkon-sultat mill-Kunsill (C6-0295/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0387/2007),
1. Japprova l-konklużjoni tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u tar-Repubblika tas-Serbja.

P6_TA(2007)0451

Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Montenegro dwar ir-riammissjoni *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Montenegro dwar ir-riammissjoni (COM(2007)0431 — C6-0301/2007 — 2007/0146(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2007)0431),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 63(3) u (ii) u 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza, tat-Trattat KE,

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

- wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema artikolu l-Kunsill kkonsulta l-Parlament (C6-0301/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0380/2007),
1. Japprova l-konklużjoni tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Montenegro.

P6_TA(2007)0452

Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Montenegro dwar il- viżi għal żjajjar qosra *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Montenegro dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra (COM(2007)0426 — C6-0297/2007 — 2007/0149(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2007)0426),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 62(2)(b)(i) u (ii) u 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE skond liema artikolu ġie kkon-sultat mill-Kunsill (C6-0297/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0379/2007),
1. Japprova l-konklużjoni tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u tar-Repubblika ta' Montenegro.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

P6_TA(2007)0453

Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja dwar ir-riammissjoni *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar ir-riammissjoni (COM(2007)0432 — C6-0300/2007 — 2007/0147(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2007)0432),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 63(3)(b) u 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza, tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema artikolu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0300/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0381/2007),
1. Japprova l-konklużjoni tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kommissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u ta' l-ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja.

P6_TA(2007)0454

Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar il-viżi għal żjajjar qosra *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra (COM(2007)0421 — C6-0294/2007 — 2007/0159(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2007)0421),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 63(3)(b)(i) u (ii) u 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza, tat-Trattat KE,

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

- wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkon-
 - sultat mill-Kunsill (C6-0294/2007)
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u l-Opin-
 - joni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0383/2007),
1. Japprova l-konklużjoni tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kum-
 - missjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u ta' l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

P6_TA(2007)0455

Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-viżi għal żjajjar qosra *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra (COM(2007)0413 — C6-0293/2007 — 2007/0148(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2007)0413),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 62(2)(b)(i) u (ii) u 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkon-
 - sultat mill-Kunsill (C6-0293/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u l-opin-
 - joni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0382/2007),
1. Japprova l-konklużjoni tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-
 - Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u tar-Repubblika ta' l-Albanija.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

P6_TA(2007)0456

Immunità u privileġġi ta' Gian Paolo Gobbo

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar it-talba għal konsultazzjoni dwar l-immunità u l-privileġġi ta' Gian Paolo Gobbo (2007/2014(IMM))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-talba magħmula mill-Imhalef fis-smiġh preliminari quddiem il-Qorti Distrettwali ta' Verona (l-Italja) għal konsultazzjoni dwar l-immunità parlamentari ta' Gian Paolo Gobbo, b'konnessjoni mal-proċedura kriminali Nru. 81/96 R.G.N.R, mħabbra fis-seduta plenarja tat-18 ta' Jannar 2007,
 - wara li sema' lil Gian Paolo Gobbo skond l-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, tat-8 ta' April 1965, u l-Artikolu 6(2) ta' l-Att dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, ta' l-20 ta' Settembru 1976,
 - wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tat-12 ta' Mejju 1964 u ta' l-10 ta' Lulju 1986 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 68 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Taljana,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tal-Liġi Taljana Nru. 140 ta' l-20 ta' Ġunju 2003,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 6(1) u 7(13) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0367/2007),
- A. billi Gian Paolo Gobbo huwa membru tal-Parlament Ewropew u l-kredenzjali tiegħu ġew ivverifikati mill-Parlament fil-15 ta' Jannar 2007,
- B. B billi s-Sur Gobbo huwa mixli — flimkien ma' ħafna persuni oħra, li wħud minnhom ġew identifikati u oħrajn le — bir-reat li ppromwova, waqqaf, mexxa u pparteċipa f'assoċjazzjoni parlamentari b'objettivi politiċi, bl-isem ta' "Greenshirts",
- C. billi, skond l-Uffiċċju tal-Prosekuturi Taljan, l-għan tal-Greenshirts kien li jwaqqfu korp organizzat b'ġerarkija mħarreġ biex jieħu azzjoni kollettiva ta' natura vjolenti jew ta' theddid u ntuża biex ibeżża kwalunkwe membri tal-moviment li kienu kontra d-direttivi politiċi maħruġa mill-mexxejja tiegħu u jzomhom milli jidħlu fi djalogu fi ħdan il-moviment, u b'hekk jgħin biex tiġi imponuta linja politika definittiva fuq il-moviment "Lega Nord" billi tissikket kwalunkwe espressjoni ta' nuqqas ta' qbil magħha,
- D. billi l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet jagħti biss lill-Membri protezzjoni sħiħa mill-proċeduri legali fir-rigward ta' opinjonijiet espressi u voti mogħtija minnhom fil-qadi ta' dmirijiet-hom,
- E. billi l-parteċipazzjoni f'assoċjazzjoni uniformi bi stil kważi militari li tidher li tat l-impressjoni li se tfittex li tilħaq l-objettivi tagħha permezz ta' użu potenzjali jew attwali ta' forza hija b'mod ċar kontra-dittorja u inkompatibbli ma' l-irwol u r-responsabbilitajiet li jgħib miegħu mandat parlamentari u għal-hekk ma jstax ikunu meqjus bħala eżerċizzju liberu tal-libertà tal-kelma jew b'mod ġenerali, bħala qadi normali tad-dmirijiet ta' membri li jagħmlu parti minn assemblea eletta li tirrappreżenta ċ-ċittadini,

⁽¹⁾ Każ 101/63 *Wagner v Fohrmann u Krier* [1964] ECR 195, u Każ 149/85 *Wybot v Faure u oħrajn* [1986] ECR 2391.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

- F. billi, skond l-Artikolu 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, li hija l-unika dispożizzjoni applikabbli, matul is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew il-Membri jgawdu, fit-territorju ta' l-Istat tagħhom, mill-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-Parlament Nazzjonali tagħhom; billi dan ma jwaqqafx lill-Parlament Ewropew milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jneħħi l-immunità ta' wieħed mill-Membri tiegħu,
- G. G billi skond l-Artikolu 68 tal-Kostituzzjoni Taljana, il-membri tal-Parlament Taljan ma jgawdux minn immunità fir-rigward ta' proċeduri kriminali, ħlief fir-rigward ta' opinjonijiet espressi jew voti mitfugħa fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, li mhux il-każ fl-istanza attwali;
1. Jikkunsidra li l-immunità parlamentari fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej u, sa fejn huwa relevanti, l-Artikolu 68, l-ewwel subparagrafu, tal-Kostituzzjoni Taljana ma jkoprix il-fatti allegati kontra s-Sur Gian Paolo Gobbo, u għalhekk jiddeċidi li ma jiddifendix l-immunità u l-privileġġi tiegħu;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, u r-rappor tal-kumitat responsabbli, immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Taljana.

P6_TA(2007)0457

Il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE *

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE skond il-punt 26 tal-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Meju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (COM(2007)0526 — C6-0286/2007 — 2007/2179(ACI))

Il-Parlament Ewropew,

- Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2007)0526 — C6-0286/2007),
 - Wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Meju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punt 26 tagħha,
 - Wara li kkunsidra r-rappor tal-Kumitat għall-Baġit (A6-0393/2007),
1. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jagħmel l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, inkluż l-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

(¹) ĠU C 139, 14.6.2006, p.1.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

ANNEX

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' l-24 ta' Ottubru 2007

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE skond il-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punt 26 tagħha,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea ⁽²⁾,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea ħolqot il-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea (il-“Fond”) sabiex turi solidarjetà mal-popolazzjonijiet ta' reġjuni milquta b'diżastri.
- (2) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 tippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sa limitu massimu annwali ta' EUR biljun.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 jinkludi d-dispożizzjonijiet li permezz tagħhom il-Fond jista' jiġi mobilizzat.
- (4) Il-Ġermanja u Franza ressqu applikazzjonijiet sabiex jiġi mobilizzat il-Fond, fir-rigward ta' żewġ diżastri kkawżati minn maltemplata kbira u minn ċiklun tropikali rispettivament,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, il-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea għandu jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 172 195 985 f'appropriazzjonijiet għall-impjenji u għall-ħlasijiet.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Strasburgu, 24 ta' Ottubru 2007

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

⁽¹⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

P6_TA(2007)0458

Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 6/2007

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 6/2007 ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima III — Kummissjoni (13851/2007 — C6-0351/2007 — 2007/2178(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 272 tat-Trattat KE u l-Artikolu 177 tat-Trattat Euratom,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li japplika għall-budget ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, kif ġie adottat b'mod finali fl-14 ta' Diċembru 2006 ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-immaniġġjar finanzjarju sod ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-abbozz preliminari ta' baġit ta' emenda Nru 6/2007 ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, ippreżentat mill-Kummissjoni fil-13 Settembru 2007 (COM(2007)0527),
 - wara li kkunsidra l-Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 6/2007, li l-Kunsill stabbilixxa fit-17 ta' Ottubru 2007 (13851/2007 — C6-0351/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 69 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0401/2007),
- A. billi l-Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 6/2007 jkopri l-punti li ġejjin:
- Il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE għal ammont ta' 172 200 000 EUR f'appropriazzjonijiet ta' impenn relatati mal-maltempata kbira li seħħet fil-Ġermanja f'Jannar 2007, u maċ-ċiklun tropikali li seħħ fi Franza (La Réunion) fi Frar 2007.
 - Il-ħolqien ta' punt baġitarju ġdid 14 03 03 sabiex jappoġġja l-obbligi finanzjarji li joħorġu mill-adeżjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-Organizzazzjoni Doganali Dinjija.
 - Il-mobilizzazzjoni ta' fondi ġodda għal ammont ta' EUR 35 500 000 f'appropriazzjonijiet ta' impenn f'Punt 26 01 50 07 sabiex jitħallsu danni lill-atturi wara s-sentenzi finali tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-Kawżi T-45/01 u T-144/02, Sanders u oħrajn u Eagle u oħrajn vs Il-Kummissjoni tat-12 ta' Lulju 2007. L-appropriazzjonijiet ta' ħlas li jikkorrispondu għandhom jiġu mqassmin mill-ġdid.

⁽¹⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 77, 16.3.2007, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

- L-integrazzjoni fil-baġit 2007 ta' l-aġġustamenti tekniċi neċessarji wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/162/KE, Euratom tal-5 ta' Marzu 2007 li twaqqaf Strument Finanzjarju tal-Protezzjoni Ċivili ⁽¹⁾, u l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 614/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE +) ⁽²⁾.
- B. billi l-iskop ta' l-Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 6 huwa biex jiddaħħlu formalment dawn ir-riżorsi baġitarji u aġġustamenti tekniċi fil-baġit 2007,
 1. Jinnota l-Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 6/2007;
 2. Japprova bla emendi l-Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 6/2007;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 71, 10.3.2007, p.9.

⁽²⁾ ĠU L 149, 9.6.2007, p. 1.

P6_TA(2007)0459**Protokoll li jemenda l-Ftehim TRIPS *****

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill fuq l-aċċettazzjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim TRIPS, magħmul f'Ġinevra fis-6 ta' Diċembru 2005 (8934/2006 — C6-0359/2006 — 2006/0060(AVC))

(Proċedura ta' kunsens)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (8934/2006),
- wara li kkunsidra l-Protokoll li jemenda l-Ftehim TRIPS, magħmul f'Ġinevra fis-6 ta' Diċembru 2005,
- wara li kkunsidra t-talba għall-kunsens ippreżentata mill-Kunsill skond l-Artikolu 300(3), it-tieni subparagrafu, flimkien ma' l-Artikolu 133(5) u l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza, tat-Trattat tal-KE (C6-0359/2006),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 75 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0403/2007),
 1. Jagħti l-kunsens tiegħu għall-emenda għall-aċċettazzjoni tal-protocoll;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jippreżenta l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

P6_TA(2007)0460

Rapporti verbatim (emenda ta' l-Artikolu 173)

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar l-emenda għall-Artikolu 173 u ż-żjeda ta' l-Artikolu 173a tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament dwar ir-rapporti verbatim u r-rekord awdjoviżiv tal-proċeduri (2007/2137(REG))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-ittra tal-President tiegħu tat-12 ta' April 2007,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 201 u 202 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A6-0354/2007),
1. Jiddeċiedi li jemenda r-Regoli ta' Proċedura kif jidher hawn taħt;
 2. Jiġbed l-attenzjoni li dawn l-emendi jidhru fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tas-sessjoni parzjali li jmiss;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.

TEST PREŻENTI

EMENDI

Emendi 2, 7 u 8

Artikolu 173

1. Għandu jsir rapport "*verbatim*" fil-lingwi uffiċjali tal-proċeduri ta' kull seduta
2. Il-kelliema għandhom jirritornaw it-test tad-diskorsi tagħhom lis-Segretarjat **sa mhux aktar tard mill-għada li jirċevuhom.**
3. Ir-rapport verbatim għandu jkun ippubblikat bħala anness mal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

1. Għandu jsir rapport *verbatim* fil-lingwi uffiċjali **kollha tad-diskussjonijiet** ta' kull seduta
2. Il-kelliema għandhom jintalbu jirritornaw il-**korrezzjonijiet għat-test ittajpjat** tad-diskorsi tagħhom lis-Segretarjat **fi żmien ġimgħa.**
3. Ir-rapport verbatim għandu jkun ippubblikat bħala anness mal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.
4. **Il-Membri jistgħu jitolbu traduzzjoni ta' malajr ta' siltiet mir-rapport verbatim.**

Emendi 3, 6 u 9

Artikolu 173 a (ġdid)

Artikolu 173a

Rekord awdjoviżiv tad-diskussjonijiet

Eżatt wara s-seduta għandu jsir rekord awdjoviżiv tad-diskussjonijiet li jkun jinkludi s-"soundtracks" minn kull kabina ta' l-interpretazzjoni, u li għandu jkun aċċessibbli fuq l-internet.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

P6_TA(2007)0461

Bord Ewropew Konsultattiv tal-Governanza ta' l-Istatistika *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li twaqqaf Bord Ewropew Konsultattiv tal-Governanza ta' l-Istatistika (COM(2006)0599 — C6-0348/2006 — 2006/0199(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0599),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 251(2) u 285 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0348/2006),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0327/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TC1-COD(2006)0199

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta' Ottubru 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni Nru .../2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li twaqqaf Bord Ewropew Konsultattiv tal-Governanza ta' l-Istatistika

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari taqbel ma' l-att leġislattiv finali, Deċiżjoni Nru 235/2008/KE.)

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

P6_TA(2007)0462

Kumitat Ewropew ta' Konsultazzjoni dwar l-Istatistika *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Kumitat Ewropew ta' Konsultazzjoni dwar il-Politika Komunitarja ta' Tagħrif Statistiku (COM(2006)0653 — C6-0379/2006 — 2006/0217(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0653),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 285 tat-Trattat KE, skond liema Artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0379/2006),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0328/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din il-pożizzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TC1-COD(2006)0217

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta' Ottubru 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru .../2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Kumitat Ewropew ta' Konsultazzjoni dwar l-Istatistika u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/116/KEE

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari taqbel ma' l-att leġislattiv finali, Deċiżjoni Nru 234/2008/KE.)

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

P6_TA(2007)0463

Qafas Ewropew għall-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar il-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' Qafas Ewropew għall-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja (COM(2006)0479 — C6-0294/2006 — 2006/0163(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0479),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikoli 149(4) u 150(4) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0294/2006),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0245/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TC1-COD(2006)0163

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta' Ottubru 2007 bil-ħsieb li tiġi adottata r-Rakkomandazzjoni 2008/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew għall-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari taqbel ma' l-att leġislattiv finali, Rakkomandazzjoni 2008/.../KE.)

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

P6_TA(2007)0464

Batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni (COM(2007)0093 — C6-0088/2007 — 2007/0036(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0093),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0088/2007),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0232/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TC1-COD(2007)0036

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta' Ottubru 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2008/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari taqbel ma' l-att leġislattiv finali, Direttiva 2008/12/KE.)

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

P6_TA(2007)0465

Infrastruttura ta' Komunikazzjoni għall-ambitu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (regolament) *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-installazzjoni, l-operazzjoni u l-ġestjoni ta' Infrastruttura ta' Komunikazzjoni għall-ambitu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) (COM(2007)0311 — C6-0216/2007 — 2007/0108(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (COM(2007)0311),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 66 tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tat-Trattat KE, li b'konformità miegħu l-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0216/2007),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0358/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Iqis li l-ammont finanzjarju indikattiv ta' referenza msemmi fil-proposta tal-Kummissjoni jrid ikun kompatibbli mal-limitu massimu ta' l-intestatura 3a tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (MFF) u jirrimarka li l-ammont annwali se jġi deċiż fi ħdan il-proċedura baġitarja annwali bi qbil mad-dispożizzjonijiet tal-punt 38 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba tas-17 ta' Mejju 2006⁽¹⁾;
3. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex temenda konsegwentement il-proposta tagħha, b'konformità ma' l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
4. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
5. Jistieden lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;
6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p.1.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 1

Premessa 7

(7) Il-Ftehim SISNET jipprovdi wkoll servizzi ta' netwerking u servizzi ta' sigurtà konnessi għal VISION, netwerk li jappoġġja proċeduri ta' konsultazzjoni tal-viża bejn l-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istati Membri skond l-Artikolu 17(2) tal-Konvenzjoni ta' Schengen, ***iżda dan*** ma jaqax fl-ambitu ta' din il-proposta minħabba li l-Kunsill, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 789/2001 ta' l-24 ta' April 2001 li jirriserva lill-Kunsill il-poteri ta' implimentazzjoni rigward ċerti disposizzjonijiet dettaljati u proċeduri prattiċi sabiex jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet għall-viżi, huwa l-korp li għandu l-kompetenza li jimplementa l-emendi neċessarji għall-migrazzjoni tal-VISION għal infrastruttura tal-komunikazzjoni oħra.

(7) Il-Ftehim SISNET jipprovdi wkoll servizzi ta' netwerking u servizzi ta' sigurtà konnessi għal VISION, netwerk li jappoġġja proċeduri ta' konsultazzjoni tal-viża bejn l-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istati Membri skond l-Artikolu 17(2) tal-Konvenzjoni ta' Schengen. ***Fil-fatt, il-VISION, fil-prinċipju,*** ma jaqax fl-ambitu ta' din il-proposta minħabba li l-Kunsill, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 789/2001 ta' l-24 ta' April 2001 li jirriserva lill-Kunsill il-poteri ta' implimentazzjoni rigward ċerti disposizzjonijiet dettaljati u proċeduri prattiċi sabiex jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet għall-viżi, huwa l-korp li għandu l-kompetenza li jimplementa l-emendi neċessarji għall-migrazzjoni tal-VISION għal infrastruttura tal-komunikazzjoni oħra. ***Minkejja r-Regolament (KE) Nru 789/2001 u sabiex tiġi preservata l-koerenza u l-konsistenza ta' SIS1+, il-Kummissjoni għandha tintegra l-VISION fin-netwerk il-ġdid tal-komunikazzjoni tagħha s-TESTA u teżerċita poteri ta' implimentazzjoni.***

Emenda 9

Artikolu 1, paragrafu 5

5. L-ispejjeż ta' l-istallazzjoni, l-operazzjoni u l-ġestjoni ta' l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni għandhom ikunu sostnuti mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

5. L-ispejjeż ta' l-istallazzjoni, l-operazzjoni u l-ġestjoni ta' l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni għandhom ikunu sostnuti mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. ***Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli biex ikopri l-ispejjeż tad-database nazzjonali u tal-konnessjoni tagħha ma' l-infrastruttura ta' komunikazzjoni SIS jew S-Testa.***

Emenda 2

Artikolu 1, paragrafu 5 a (ġdid)

5a. Is-SIS twaqqfet taħt it-Titolu IV tal-Konvenzjoni ta' Schengen. Madankollu, wara l-integrazzjoni ta' l-acquis ta' Schengen fit-Trattati u l-allokazzjoni tal-bażi legali tiegħu, kwalunkwe modifika tkun teħtieġ strument legali ġdid li jkollu jiġi adottat skond l-Artikolu 67(2), inċiż 2, tat-Trattat KE.

Emenda 3

Artikolu 3, paragrafu 3

3. Il-Kunsill għandu jikkoordina l-attivitajiet ta' eżami ta' l-Istati Membri u jivvalida r-riżultati ta' l-eżamijiet u jżomm lill-Kummissjoni infurmata.

3. Il-Kunsill għandu jikkoordina l-attivitajiet ta' eżami ta' l-Istati Membri u jivvalida r-riżultati ta' l-eżamijiet, u jżomm lill-Kummissjoni ***u lill-Parlament Ewropew*** infurmata.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 10

Artikolu 5, paragrafu 1 a (ġdid)

1a. Il-kuntratt imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 88 sa 107 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

Emenda 4

Artikolu 5, paragrafu 2

2. L-ispejjeż li jagħmlu l-korpi msemmija fil-paragrafu 1 għat-twettiq tal-ħidmiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

2. L-ispejjeż li jagħmlu l-korpi msemmija fil-paragrafu 1 għat-twettiq tal-ħidmiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea, **skond ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 kif emendata mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006.**

Emenda 5

Artikolu 5, paragrafu 2 a (ġdid)

2a. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-termini tal-kuntratt imsemmija fil-paragrafu 1 u dwar liema entità nazzjonali hija l-kuntrattur.

Emenda 6

Artikolu 5 a (ġdid)

Artikolu 5a**Sigurtà**

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri neċessarji (inklużi l-adozzjoni ta' pjan ta' sigurtà) fir-rigward ta' l-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni.

Emenda 11

Artikolu 7, paragrafu 2

2. Il-bqija tal-baġit stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/265/KE, mid-data stabbilita skond l-Artikolu 4 (1), għandu jiġi mħallas lura lill-Istati Membri. **L-ammonti li għandhom jitħallsu lura għandhom ikunu kalkolati fuq il-bażi tal-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri kif stabbiliti fl-Artikolu 26 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/265/KE.**

2. Il-bqija tal-baġit stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/265/KE, mid-data stabbilita skond l-Artikolu 4(1), għandu **jintuża mill-Kummissjoni biex tiżviluppa l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni.**

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 7

Artikolu 9, paragrafu 2

2. **L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament hu soġġett għal** notifika tad-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill lill-Kummissjoni li l-ebda ftehim jew kuntratt ma jkun ġie konkluż għall-forniment ta' networking u servizzi ta' sigurtà għall-bdil ta' data msemmija fl-Artikolu 1 (1) skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/149/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/265/KE.

2. **Dan ir-Regolament għandu japplika mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu u wara** notifika tad-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill lill-Kummissjoni li l-ebda ftehim jew kuntratt ma jkun ġie konkluż għall-forniment ta' networking u servizzi ta' sigurtà għall-bdil ta' data msemmija fl-Artikolu 1 (1) skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/149/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/265/KE.

P6_TA(2007)0466

L-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Konvenzjoni tat-18 ta' Diċembru 1997 dwar l-għajnuna u l-kooperazzjoni reċiproka bejn l-amministrazzjonijiet tad-dwana *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar ir-rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Konvenzjoni tat-18 ta' Diċembru 1997, imfassla fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna u l-koperazzjoni reċiproka bejn l-amministrazzjonijiet tad-dwana (COM(2007)0216 — C6-0170/2007 — 2007/0073(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0216),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 3(4) ta' l-Att dwar l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, skond liema Att il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0170/2007),
 - filwaqt li jfakkar fl-isforzi li l-gvernijiet konsekuttivi tal-Bulgarija u tar-Rumanija għamli biex jilhqqu l-“benchmarks” rispettivi pprovduti għall-attivazzjoni tal-proċedura ta' adeżjoni simplifikata,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A6-0352/2007),
1. Japprova r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni;
 2. Jistieden lill-Kunsill sabiex javżah jekk ikollu l-intenzjoni li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 3. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-Gvernijiet tal-Bulgarija u tar-Rumanija.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

P6_TA(2007)0467

Strateġija Tematika dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-24 ta' Ottubru 2007 dwar Strateġija Tematika dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi (2007/2006(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: "Strateġija Tematika dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi" (COM(2006)0372),
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi s-Sitt Programm Komunitarju ta' Azzjoni għall-Ambjent ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għat-twaqqif ta' qafas għall-Azzjoni Komunitarja sabiex jintlaħaq użu sostenibbli tal-pestiċidi (COM(2006)0373),
- wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (COM(2006)0388),
- wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika dwar il-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti (COM(2006)0778),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 175 tat-Trattat,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 6 tat-Trattat, li bis-saħħa tiegħu l-ħarsien ta' l-ambjent irid ikun integrat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Komunità b'mod partikulari bil-ħsieb li jkun promoss l-iżvilupp sostenibbli,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fl-ikel jew fuq l-ikel u fl-għalf jew fuq l-għalf liema ikel jew għalf joriġina minn pjanti jew annimali ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li twaqqaf qafas għall-azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika dwar l-ilma ⁽³⁾ ('Direttiva qafas dwar il-politika ta' l-ilma'), id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità ta' l-ilma għall-konsum mill-bniedem ⁽⁴⁾, id-Direttiva tal-Kunsill 75/440/KEE tas-16 ta' Ġunju 1975 rigward il-kwalità meħtieġa ta' l-ilma tal-wiċċ maħsub għall-astrazzjoni għall-ilma għax-xorb fl-Istati Membri ⁽⁵⁾, u d-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni ta' l-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorazzjoni ⁽⁶⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32.

⁽⁵⁾ ĠU L 194, 25.7.1975, p. 26.

⁽⁶⁾ ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 rigward ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Kimiċi (REACH) u t-twaqqif ta' Aġenzija Ewropea għall-Kimiċi⁽¹⁾ u d-Direttiva 2006/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-klassifikazzjoni, l-ippakkettar u l-ittikkettar ta' sustanzi perikolużi sabiex jaddattawha għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali rigward il-prevenzjoni u t-tiswija tad-dannu ambjentali⁽³⁾, id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-ambjenti naturali u ta' fauna u flora selvaġġi⁽⁴⁾, u d-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni tat-tjur selvaġġi⁽⁵⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport ta' sinteżi tal-Kummissjoni u tal-Ministeri Olandiżi tad-Djar, l-Ippjanar ta' l-Ispazji u l-Ambjent, u ta' l-Agrikoltura, l-Immanniġġar tan-Natura u s-Sajd bit-titlu "Possibilitajiet għal Politika Ambjentali futura ta' l-UE dwar Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti" (1997),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali (A6-0291/2007),
- A. billi l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (PPPs) fl-UE bejn l-1992 u l-2003 baqa' sinifikanti u għadu ma naqasx minkejja l-politiki proattivi segwiti b'suċċess minn uħud mill-Istati Membri sabiex inaqqsu l-użu tal-pestiċidi fl-irziezet,
- B. billi għadhom jinstabu ammonti mhux mixtieqa ta' ċertu pestiċidi fl-ambjent, partikularment fil-ħamrija u fil-ilma; billi residwi f'valuri li jaqbuż l-limitu regolamentarju għadhom jinstabu fil-prodotti agrikoli,
- C. billi, minkejja li ma jistgħux jinċaħdu l-benefiċċji li joffru mill-użu tal-pestiċidi u l-irwol li għandhom fl-iżgurar ta' produzzjoni agrikola kompetittiva u sostenibbli, il-pubbliku ġenerali għandu jkun infurmat aħjar dwar il-possibiltà ta' riskji għas-saħħa u ambjentali u dwar l-effetti tagħhom, fil-qosor u fit-tul, relatati ma' l-użu tagħhom;
- D. billi l-użu kontinwu ta' pestiċidi għandu jkun possibbli biss jekk il-prinċipju ta' prekawzjoni jinżamm kemm fir-rigward tas-saħħa tal-bniedem u kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni ta' l-ekosistema ta' l-ilma u ta' l-art; billi dan ifisser li l-pestiċidi m'għandhomx jintużaw qabel ma jkunu saru l-istudji kollha dwar l-impatti fuq is-saħħa u l-ambjent; u billi t-tqabbil tad-data u ta' l-aqwa Prattiki għat-tnaqqis ta' l-użu fl-Istati Membri differenti għandu jkun inkoraġġit u jitqies bħala punt ta' riferenza,
- E. billi hemm in-nuqqas ta' sistema trasparenti għar-rappurtar ta' l-immonitorjar ta' l-użu tal-pestiċidi u tal-livelli tar-residwi fil-prodotti, inkluż l-iżvilupp ta' indikaturi xierqa;
1. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li jkun hemm qafas legali Ewropew fil-qasam ta' l-użu tal-pestiċidi peress li l-leġiżlazzjoni fis-seħħ ma wrietx li hija biżżejjed sabiex tikseb il-prevenzjoni tal-perikli u tar-riskji għall-ħajja u l-ambjent li jippreżenta l-użu tal-pestiċidi;
2. Jikkunsidra li huwa imporanti li tkun adottata leġiżlazzjoni bbażata fuq approċċ aktar iffukat b'mod sod fuq it-tnaqqis ta' l-użu tal-pestiċidi u aktar ambizzjuż f'termini ta' prestazzjoni ambjentali permezz ta' l-għoti ta' appoġġ sinifikanti lill-biedja organika u lill-metodi ta' produzzjoni integrati;

(1) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

(2) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 851. Corrigendum ippublikat fil-ĠU L 136, 29.5.2007, p. 281.

(3) ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56.

(4) ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.

(5) ĠU L 103, 25.4.1979, p.1.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

3. Jilqa' l-Istrateġija Tematika dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi ('Strateġija Tematika') li tidentifika n-nuqqasijiet tal-leġiżlazzjoni Komunitarja attwali u jipproponi li jirregola l-fażi ta' l-użu sabiex "jintela l-vojt" bejn it-tqegħid tal-PPPs fis-suq, min-naħa l-waħda u t-tmiem taċ-ċiklu tal-ħajja ta' tali prodotti, min-naħa l-oħra;
4. Jiġbed l-attenzjoni li l-UE issa adottat aktar minn tużżana atti legali li direttament jew indirettament jirregolaw l-użu tal-PPPs; madankollu jenfasizza li d-dispożizzjonijiet proposti sabiex jirregolaw l-użu tal-PPPs qed iwasslu lejn id-direzzjoni tajba;
5. Jinnota li l-Istrateġija Tematika tkopri biss il-PPPs, li jiffurmaw biss parti mill-pestiċidi; jistieden immedjatament lill-Kummissjoni sabiex tinkludi l-prodotti għall-kontroll ta' l-insetti jew l-annimali li jeqirdu l-pjanti (prodotti bijoloġiċi tat-tip 14-19) kif definiti fl-Anness V tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 rigward it-tqegħid ta' prodotti bijoloġiċi fis-suq⁽¹⁾ fi ħdan l-Istrateġija Tematika, minħabba li jippreżentaw riskji simili għas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex testendi l-ambitu ta' l-Istrateġija Tematika sabiex tinkludi bijoċidji oħra mill-aktar fis possibbli;
6. Jikkunsidra li huwa essenzjali li l-imġieba ta' l-utenti tal-pestiċidi titjeb sabiex ikunu evitat l-użu ħażin, l-użu eċċessiv u l-inċidenti ta' vvalenar; jilqa' l-ħolqien ta' sistema ta' taħriġ u edukazzjoni għall-utenti professjonali tal-pestiċidi, li għaliha l-Kummissjoni għandha tfassal linji gwida li jqisu d-differenzi li jeżistu bejn ir-reġjunijiet Ewropej varji; iqis li ċ-ċertifikazzjoni u t-taħriġ iridu jkunu prerekwiżit għall-impjegar ta' utenti professjonali tal-pestiċidi u li jrid ikun hemm ukoll żvilupp professjonali kontinwu sabiex jiġu aġġornati l-ħila u l-għerf tekniku tagħhom u biex jiġi żgurat użu sikur u effettiv tal-pestiċidi; jissuġġerixxi li jitwaqqfu jew jittejjbu servizzi konsultattivi għall-bdiewa sabiex jiżdied l-għerf tagħhom rigward l-użu sikur tal-pestiċidi u sabiex ikun inkoraġġut l-iskambju ta' prassi tajba;
7. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra, skond il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, metodi xierqa sabiex dawk li jimmanifatturaw il-PPPs u/jew l-ingredjenti attivi tagħhom ikunu involuti fil-ħidma ta' trattar jew rimedjar tad-dannu għas-saħħa tal-bniedem jew ta' l-ambjent li tista' tkun ikkawżata mill-użu tal-PPPs;
8. Jirrakomanda li l-bejgħ u d-distribuzzjoni tal-pestiċidi għandu jsir taħt is-sorveljanza ta' professjonist jew Prattikant ikkwalifikat, u li dawn it-tranżazzjonijiet għandhom jiġu rreġistrati f'reġistru sabiex jiġi żgurat li jkun hemm kontroll adegwat tat-tqegħid fis-suq u ta' l-użu ta' prodotti bħal dawn;
9. Jenfasizza li l-imminimizzar tal-perikli u r-riskji għas-saħħa u għall-ambjent mill-użu tal-pestiċidi ma jstgħax jintlaħaq b'mod effettiv mingħajr djalogu kostruttiv u bini ta' kapaċità, inkluż stimolu finanzjarju, ma' pajjiżi terzi flimkien ma' kontrolli stretti fuq il-prodotti importati fl-UE sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet ugwali fil-kompetizzjoni;
10. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tifformula politika ta' protezzjoni u koperazzjoni fil-konfront tal-ġirien ta' l-UE, dwar l-użu tal-pestiċidi u l-PPPs;
11. Jenfasizza l-importanza ta' l-irwol tal-midja biex il-pubbliku ġenerali, u utenti tal-pestiċidi li m'humix professjonisti, ikunu infurmati dwar kwistjonijiet ta' pestiċidi; u jissuġġerixxi li jitfasslu kampanji ta' informazzjoni pubblika u ta' ħolqien ta' kuxjenza;
12. Jilqa' b'mod ġenerali l-miżuri magħżula mill-Kummissjoni; jisħaq, madankollu, li Pjani ta' Azzjoni Nazżjonali ambizzjoni mill-Istati Membri huwa elementi ewlenin fil-proċess sħiħ;
13. Barra minn hekk, jiddispjaċih li l-Kummissjoni għażlet li teskludi l-kriterji kwantitattivi u kwalitattivi fil-Pjani ta' Azzjoni Nazżjonali, u b'hekk jitnaqqas il-livell ta' l-ambizzjoni tagħhom;
14. Jenfasizza li mingħajr miri ta' tnaqqis kwantitattiv fl-użu fil-Pjanijiet Nazżjonali ta' Azzjoni, it-terminu "tnaqqis ta' perikli, riskji u dipendenza fuq il-pestiċidi" huwa definit b'mod impreċiż u ambigwu ħafna, u mhux se jwassal lill-Istati Membri sabiex inaqqsu l-ammont ta' pestiċidi wżati jew sabiex jagħtu prijorità lil alternattivi mhux kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti u għall-imaniġġjar ta' organiżmi ta' ħsara u ta' uċuh tar-raba';

(¹) ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

15. Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha tikkombina t-tneħħija ta' perikli, riskji u dipendenza fuq il-pestiċidi ma' kriterji kwantitattivi fil-Pjanijiet Nazzjonali ta' Azzjoni, billi tistipula li l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-miri nazzjonali, l-iskedi u l-kriterji tagħhom sabiex inaqqsu l-użu tal-pestiċidi, billi jikkunsidraw l-esperjenza pożittiva minn uħud mill-Istati Membri li diġà jużaw miri ta' tnaqqis kwantitattiv, li wrew li l-użu tal-pestiċidi jista' jkun imnaqqas mingħajr spejjeż għall-bdiewa;
16. Jenfasizza li mpenn biex jitwaqqaf l-użu tal-PPPs, biex isiru anqas perikolużi u biex jifittxu prodotti alternattivi għall-protezzjoni tal-pjanti, riżorsi u metodi alternattivi li jirrispettaw aktar l-ambjent u jagħmlu anqas ħsara lill-bniedem u lill-annimali, għandu, barra milli joffri benefiċċi għall-ambjent u għas-saħħa pubblika, itejjeb il-kwalità tal-prodotti agrikoli Ewropej u jżid il-valur miżjud tagħhom bħala riżultat ta' kuxjenza tal-pubbliku u sensitività tal-konsumatur aktar mifruxa fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet;
17. Jaqbel li l-Pjanijiet Nazzjonali ta' Azzjoni għandhom ikunu adattati għal kondizzjonijiet speċifiċi ta' klima, ta' agrikoltura u ta' kundizzjonijiet ta' organiżmi ta' ħsara ta' kull Stat Membru, fejn ċertu trattamenti speċifiċi huma neċessarji u partikularment fil-każ ta' uċuh tar-raba' minuri;
18. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tispeċifika l-għajjnuna finanzjarja tal-Komunità li tista' tintuża mill-Istati Membri sabiex jagħmlu studji, jiġbru bażijiet tad-data u jżidu l-għerf rigward il-pestiċidi;
19. Jilqa' l-istqarrija tal-Kummissjoni li r-riżultat mistenni l-aktar importanti ta' l-Istrateġija Tematika huwa t-tnaqqis ta' l-impatti negattivi ta' l-użu tal-pestiċidi fuq is-saħħa tal-bniedem;
20. Jiddispyaċih li, minkejja li l-pestiċidi huma konnessi ma' effetti immunoloġiċi, effetti li jfjixxu l-endokrina, disturbu newrotossiċi u mal-kanċer⁽¹⁾, is-saħħa hija msemmija ftit li xejn fl-Istrateġija Tematika;
21. Jenfasizza li s-sustanzi li huma karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni, jew persistenti, bijo-akkumulattivi jew tossiċi, jew li juru karatteristiċi li jħawdu s-sistema endokrinali, m'għandhomx jiġu approvati bħala sustanzi attivi fil-pestiċidi;
22. Jirrimarka li l-feti, it-trabi, it-tfal kif ukoll in-nisa tqal, l-anzjani, dawk li għandhom mard kroniku u dawk li għandhom problemi mediċi diġà eżistenti, kif ukoll l-utenti ta' pestiċidji u residenti u komunitajiet rurali, huma aktar vulnerabbli u aktar esposti għall-pestiċidi, speċjalment għall-effetti kumulattivi ta' tipi differenti ta' pestiċidi, milli hija l-bqija tal-popolazzjoni;
23. Jissottolinea li awtorizzazzjoni minn qabel ta' PPP hija kundizzjoni minn qabel għall-użu tiegħu u li tali awtorizzazzjoni hija bbażata fuq evalwazzjoni xjentifika tal-PPP u ta' l-ingredjenti attivi tiegħu fejn il-prodott ikunu ittestjat sabiex ikunu ddeterminati r-riskji li joffri għas-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali u għall-ambjent, meta wżat kif suppost;
24. Iqis li hu essenzjali li ssir aktar riċerka dwar l-effetti fuq is-saħħa ta' l-użu tal-pestiċidi, u b'mod partikulari dwar l-użu kumbinat u kumulattiv tiegħu;
25. Jilqa' tajjeb il-projbizzjoni ta' sustanzi fuq il-bażi tal-perikli intrinsiċi tagħhom u dak li jissejjaħ "prinċipju ta' sostituzzjoni" fejn is-sustanzi l-aktar perikolużi jitneħħew mis-suq meta jkun jeżistu alternattivi aktar sikuri, inklużi dawk mhux kimiċi;
26. Jistieden lill-Kummissjoni, f'bidma ma' l-Istati Membri u ma' l-industrija, sabiex tieħu miżuri biex tipprevjeni l-importazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' PPPs foloz u/jew mhux awtorizzati;
27. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li meta jinstabu livelli ta' pestiċidi li jaqbz u l-valuri rilevanti ta' limitu fi jew fuq ikel impurtat, jittieħdu l-istess miżuri u jkunu imposti l-istess penali bħal fil-każ ta' prodotti mmanifatturati fl-UE; jistieden sabiex jittieħdu passi immedjati sabiex jiżguraw li jsiru kontrolli frekwenti biżżejjed fuq merkanzija impurtata (li ġeneralment ikunu suġġetti għal leġislazzjoni anqas stretta fuq l-użu tal-PPPs, li jfisser li hemm riskju akbar ta' livelli ta' residwu illegali) fl-Istati Membri kollha bl-istess mod, sabiex il-bdiewa u l-manifatturi Ewropej ma jkunux fi żvantaġġ u jkun stabbiliti kondizzjonijiet ugwali fl-UE;

(¹) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Strateġija Ewropea Ambjentali u Sanitarja", (COM(2003)0338, p.5.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

28. Jistieden sabiex ikun hemm kontrolli xierqa u sabiex ikun hemm projbizzjoni fuq l-importazzjoni fl-UE ta' prodotti ta' l-ikel magħmula bl-użu ta' PPPs u ta' pestiċidi li l-użu u l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom mhumiex permessi fl-UE;
29. Jistieden sabiex ikun hemm sistemi koordinati għall-għbir ta' informazzjoni dwar il-produzzjoni, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, il-bejgħ, id-distribuzzjoni u l-użu ta' pestiċidi disponibbli b'mod ġenerali;
30. Jemmen li denominazzjonijiet ta' żoni, inklużi żoni protetti ta' għbir ta' l-ilma għax-xorb, b'użu mnaqqas jew mingħajr użu ta' pestiċidi u protezzjoni mtejba ta' l-ambjent akwatiku mit-tniġġis tal-pestiċidi, huma meħtieġa sabiex tkun evitata l-espożizzjoni mhux mixtieqa; jikkunsidra li għandhom ikunu stabbiliti "żoni buffer" ta' wiśa' xierqa b'kunsiderazzjoni tal-kondizzjonijiet agrikoli, ġeografiċi u meteoroloġiċi differenti; iqis li l-użu tal-pestiċidi f'żoni residenzjali u urbani u madwarhom, f'parkijiet pubbliċi, fi grawnds ta' l-isport, fi grawnds ta' l-iskola u f'postijiet fejn jilgħabu t-tfal għandu jkun ipprobit, minħabba li l-Kummissjoni rrikonoxxiet li r-riskji għall-pubbliku iġenerali kkawżati mill-esponiment għall-pestiċidi f'żoni bħal dawn huma għoljin;
31. Jinnota l-kontaminazzjoni mill-pestiċidi ta' l-ilma ta' taħt l-art u ta' l-ilma tal-wiċċ fl-Ewropa u jenfasizza l-bżonn li l-koeżjoni ta' l-Istrateġija Tematika tissaħħaħ bid-Direttiva Qafas dwar il-politka ta' l-ilma; jirrimarka li l-purifikazzjoni ta' l-ilma, iżda, issir fil-biċċa l-kbira biss għall-konsum mill-bniedem, waqt li l-bqija ta' l-ilma mniġġes jidħol fil-ġisem tal-bniedem mill-flora u mill-fawna, u jwassal għal spejjeż għoljin ta' trattament;
32. Jirrikonoxxi li l-projbizzjoni fuq il-bexx mill-ajru hija inevitabbli; iqis, madankollu, li l-bexx jista' jintuża fejn jagħti vantaġġi ċari għall-ambjent jew fejn m'hemmx alternattivi vijabbli, iżda fl-istess ħin għandu jkun obligatorju li l-pubbliku ġenerali jkun mgħarraf dwar il-ħin tal-bexx, l-ammonti u t-tip ta' pestiċida;
33. Jitlob lill-Kummissjoni tħaffef l-armonizzazzjoni komunitarja tal-livelli minimi ta' residwu, billi s-sitwazzjoni attwali tfisser li ma jeżistux kundizzjonijiet ugwali fi ħdan l-UE, u dan ifixkel il-kummerċ u jħawwad il-konsumaturi;
34. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tistabilixxi r-residwi massimi fl-iktar livell baxx possibbli sakemm ma jstax ikun ippruvat li anke l-aħjar tekniċi u metodi disponibbli ma jstgħux jevitaw residwi sa inqas minn ċertu livell; f'dan ir-rigward jistieden lill-Istati Membri biex itejjbu l-monitoraġġ tal-konċentrazzjoni ta' pestiċidi fi prodotti ta' l-ikel u mezzi ambjentali;
35. Jilqa' l-istedina proposta lill-Istati Membri biex ineħħu dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Istati Membri biex japplikaw rati ta' VAT imnaqqsa għall-pestiċidi; jikkunsidra li l-Kummissjoni għandha tgħin lill-Istati Membri biex jintroduċu miżuri ta' appoġġ xierqa għall-bdiewa, iffinanzjati taħt l-iżvilupp rurali;
36. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tappoġġa lill-Istati Membri fit-twaqqif ta' sistema ta' taxxi jew imposti biex ikun influenzat — b'mod kwantitattiv u kwalitattiv — l-użu tal-pestiċidi;
37. Jinsisti li l-Kummissjoni tipproponi definizzjonijiet ċari u kriterji minimi għall-IPM, filwaqt li tqis il-persentaġġ li dejjem qed jiżdied ta' żoni fl-Ewropa wżati għall-biedja organika u tapplika standards IPM ġenerali u speċifiċi obligatorji għall-art ikkultivata kollha, ħlief art kkultivata skond il-biedja organika;
38. Jirrikonoxxi li diversi preokkupazzjonijiet dwar l-ambjent kienu integrati fir-regolamenti varji li flimkien jagħmlu l-Politika Komuni għall-Agrikultura, u b'hekk jagħmlu l-metodi ta' produzzjoni agrikola aktar favur l-ambjent;
39. Jissottolinea l-ħtieġa għat-tixrid ta' prattiċi ta' biedja li jippromwovu użu ta' dożi aktar baxxi ta' pestiċidi (fost affarijiet oħra, produzzjoni itegrata u biedja organika), li għandhom jikkontribwixxu għal tnaqqis globali fl-użu tal-pestiċidi;

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

40. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex jipromwovu metodi tal-kultivazzjoni bi ftit użu tal-pestiċidi u agrikultura organika, u biex jiżguraw li l-utenti professjonali tal-pestiċidi jersqu lejn użu aktar favur l-ambjent tal- metodi disponibbli kollha għall-protezzjoni ta' l-uċuħ, u jagħtu prijorità lill-alternattivi mhux kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti u għall-ġestjoni ta' l-organiżmu ta' ħsara u ta' l-uċuħ tar-raba', eżempju linnewba ta' l-uċuħ u lit-tnaqqija aktar milli lill-użu sistematiku tal-pestiċidi;
41. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jagħmlu disponibbli riżorsi xierqa għar-riċerika dwar ir-resistenza, għall-kultivazzjoni u l-forniment ta' firxa wiesgħa ta' uċuħ tar-raba' ma' karatteristiċi ta' resistenza varji, għar-riċerika dwar metodi ta' rotazzjoni ta' uċuħ tar-raba' u ta' kultivazzjoni tal-ħamrija li jiġġieldu l-organiżmi ta' ħsara u l-mard tal-pjanti u għall-innovazzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-pjanti, inklużi alternattivi mhux kimiċi;
42. Jenfasizza li ż-żieda fit-temperatura globali x'aktarx se twassal għal popolazzjonijiet ikbar ta' l-organiżmi ta' ħsara li jistgħu jżidu l-frekwenza u l-intensità ta' epidemiji; f'dan ir-rigward jitlob li jsir eżami ta' l-impatti tal-bidla fil-klima mhux biss fuq il-produzzjoni agrikola iżda wkoll fil-kuntest tal-ħarsien ambjentali;
43. Jisiteden lill-Istati Membri biex jiżguraw il-ħażna u l-maniġġar sikuri tal-pestiċidi, u li pestiċidi li ma ntużawx u li skadew u l-materjal ta' l-imballaġġ vojti jinġabru b'mod kontrollat u li l-pestiċidi li ma għandhomx jintużaw ikunu ttrattati skond ir-regoli dwar l-iskart perikoluż;
44. Jitlob li jintużaw fondi Komunitarji għar- rimi bla periklu tal-pestiċidi li m'għadhomx jintużaw, peress li fl-UE aktar minn 200,000 tunnellata ta' pestiċidii għadhom qed jinħażnu taħt l-art u f'kumuli fil-miftuħ;
45. Jirrikonoxxi li t-tagħmir ta' l-applikazzjoni tal-pestiċidi miżmum tajjeb huwa essenzjali biex jitnaqqsu l-impatti negattivi tal-pestiċidi fuq is-saħħa u l-ambjent, b'mod partikulari fir-rigward tal-ħaddiema, il-bdiewa u r-residenti konċernati, u jenfasizza li t-tagħmir ta' l-applikazzjoni għandu jkun iċċekkjat regolarment;
46. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tqis il-kwistjoni ferm inkwetanti tal-mortalità fost in-naħal domestiku — problema li hi assoċjata ma' l-użu ta' ċerti insettiċidi sistematiki (li fihom is-sustanzi attivi Fipronil u Imidaclopride) sabiex jiġu kkurati ż-żerriegħ tal-ward tax-xemx u tal-qamħirrum;
47. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu emendati l-istandards Ewropej tan-negożju konnessi mal-forma, mad-daqs u mal-kwalitajiet estetiki tal-frott u l-ħxejjex friski, filwaqt li jinkuraġġixxi l-użu intensiv tal-pestiċidi;
48. Ihegġegħ lill-Kummissjoni sabiex tiddisinja Strateġija Tematika li tiġbor taħtha leġiżlazzjoni eżistenti u futura; jissuġġerixxi li tkun proposta taħlita ta' strumenti li jistgħu jkunu infurzati li ma jkunux kuntradittorji iżda kumplimentari għal xulxin;
49. Jilqa' l-fatt li, fuq il-bażi ta' Strateġija Tematika, il-Kummissjoni ressqet qafas legali Komunitarju komprensiv għal miżuri ddisinjati biex joħlqu użu sostenibbli tal-PPPs;
50. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri.
-

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

P6_TA(2007)0468

Sorsi ta' l-enerġija konvenzjonali u t-teknoloġija ta' l-enerġija

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar is-sorsi ta' l-enerġija konvenzjonali u t-teknoloġija ta' l-enerġija (2007/2091(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ntitolata "Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa" (COM(2007)0001),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ntitolata "Produzzjoni sostenibbli ta' enerġija minn fjuwils fossili: nimmiraw biex wara l-2020 l-emissjonijiet mill-faħam ikunu fit li xejn" (COM(2006) 0843),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ntitolata "Programm Indikattiv Nukleari ppreżentat, għall-opinjoni tiegħu, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, skond l-Artikolu 40 tat-Trattat Euratom" (COM(2006)0844),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ntitolata "Lejn Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija ta' l-Enerġija" (COM(2006)0847),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-10 ta' Mejju 2007 dwar l-Evalwazzjoni ta' l-Euratom — 50 sena ta' Politika Nukleari Ewropea ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Diċembru 2006 dwar strateġija Ewropea għal enerġija sostenibbli, kompetittiva u sikura – Green Paper ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Ġunju 2006 dwar l-Effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija jew li jsir aktar b'inqas – Green Paper ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Marzu 2006 dwar is-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija fl-Unjoni Ewropea ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill għat-Trasport, it-Telekomunikazzjoni u l-Enerġija tat-23 ta' Novembru 2006 dwar "Pjan ta' Azzjoni għall-Effiċjenza Enerġetika",
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007 dwar l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill Ewropew għall-perjodu 2007-2009, intitolat "Politika ta' l-Enerġija għall-Ewropa",
- wara li kkunsidra l-mozzjoni għal Riżoluzzjoni dwar teknoloġija nadifa għall-faħam imressqa minn Salvador Garriga Polledo, skond l-artikolu 113 tar-Regoli ta' Proċedura (B6-0143/2007),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0348/2007),

⁽¹⁾ Testi Adottati, P6_TA(2007)0181.

⁽²⁾ Testi Adottati, P6_TA(2006)0603.

⁽³⁾ ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 273.

⁽⁴⁾ ĠU C 292 E, 1.12.2006, p. 112.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

- A. billi d-dipendenza kbira ta' l-UE fuq l-importazzjoni ta' enerġija tagħti dejjem aktar importanza lill-kwistjonijiet tas-sigurtà tal-provvista, tas-sorsi ta' enerġija li jiġġeddu, ta' l-iffrankar ta' enerġija, ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija u tad-diversifikazzjoni tal-provvista ta' l-enerġija fi ħdan il-politika dwar l-enerġija,
- B. billi s-sorsi ta' enerġija konvenzjonali, jiġifieri l-faħam, iż-żejt, il-gass u l-enerġija nukleari, se jibqa' jkollhom irwol importanti fil-provvista ta' l-enerġija,
- C. billi, sakemm ma jittiħdux miżuri preventivi, id-dipendenza ta' l-UE fuq l-importazzjoni tal-fjuwils fossili se tiżdied għal 65 % tal-konsum totali sa l-2030, u billi l-provvisti tal-gass u taż-żejt huma mħarbta mill-inċertezza minħabba r-riskji ġeopolitiċi u ż-żieda fil-kompetizzjoni fir-rigward tad-domanda,
- D. billi t-tibdil li qed isir fil-qasam tal-faħam qed ikollu effetti ekonomiċi u soċjali sinifikanti f'reġjuni li għandhom ftit alternattivi fir-rigward tad-diversifikazzjoni ta' l-attività ekonomika u tal-ħolqien ta' impjiegi,
- E. billi karrozzi b'magna ta' l-elettriku joffru potenzjal għal titjib sinifikanti fl-effiċjenza meta ċċarġjati b'elettriku minn sors ta' karbonju baxx,
- F. billi d-dipendenza miż-żejt ti sta' titnaqqas b'mod inċidentali minħabba l-adozzjoni ta' miżuri biex jiġu ttrattati l-emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-karrozzi,
- G. billi l-produzzjoni totali ta' enerġija fl-UE ġejja mid-diversi sorsi ta' enerġija kif ġej: enerġija nukleari 31 %, faħam 29 %, gass 19 %, sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu 14 % u żejt 5 %, u
- H. billi l-użu kontinwu ta' fjuwils fossili jirrikjedi li jsiru aktar sforzi fil-ġlieda kontra l-bidla fil-klima,
- I. billi l-UE ffissat miri ambizzjużi ta' tnaqqis ta' gassijiet b'effett ta' serra bħala parti ewlenija mill-politika tagħha għall-ġlieda kontra l-bidla fil-klima,
- J. billi s-sorsi ta' enerġija konvenzjonali jistgħu jintużaw għall-produzzjoni ta' fjuwils,
- K. billi, fil-kuntest tar-ristrutturar tal-minjieri tal-faħam iebes fl-UE, jaġħmel sens, anke mil-lat tas-sigurtà tal-provvista, li jinżamm il-livell preżenti ta' aċċess għar-riżervi nazzjonali sostanzjali li jeżistu,
- L. billi l-leġiżlazzjoni Komunitarja bħad-Direttiva 2001/77/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 dwar il-promozzjoni ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli fis-suk intern ta' l-elettriku⁽¹⁾ kienet strumentali biex tixpruna l-iżvilupp teknoloġiku u l-investiment tas-settur privat fir-riċerka u l-iżvilupp (R&D),

Ħarsa ġenerali

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni msemmijin hawn fuq dwar il-produzzjoni sostenibbli ta' l-enerġija mill-fjuwils fossili, dwar il-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija Enerġetika u dwar il-Programm Indikattiv Nukleari;
2. Jenfasizza li titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija jagħti kontribut sinifikanti favur l-għan tas-sostenibbiltà u favur is-sigurtà tal-provvista u fl-istess waqt iżid il-kapaċità ta' l-esportazzjoni għall-produtturi Ewropej;
3. Jikkunsidra li huwa importanti li jkun hemm diversifikazzjoni tas-sorsi ta' l-enerġija minħabba l-iskar-sezza ta' riżorsi; jinnota wkoll l-importanza tal-fissjoni nukleari għas-sigurtà tal-provvista u l-importanza possibbli fil-ġejjieni, għal xi pajjiżi, tal-fużjoni nukleari; jiġbed l-attenzjoni dwar l-importanza ta' l-użu reġjonali tar-riżorsi għas-sigurtà tal-provvista;

(¹) ĠU L 283, 27.10.2001, p. 33.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

4. Jemmen li aktar titjib fl-effiċjenza tat-teknoloġija ta' impjanti ta' l-enerġija mill-fjuwils fossili huwa essenzjali, kif inhuma essenzjali aktar titjib fl-istandards ta' sigurtà ta' impjanti ta' enerġija nukleari, fl-iżvilupp malajr tat-teknoloġija tal-fużjoni nukleari u żiedet korrispondenti fil-fondi għar-riċerka;
5. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jiddiversifikaw u jiddecentralizzaw il-produzzjoni ta' l-enerġija billi jużaw ir-riżorsi l-aktar xierqa fid-diversi reġjuni kollha ta' l-UE, filwaqt li jikkunsidraw il-karatteristiċi reġjonali speċifiċi;
6. Jinnota li aktar aċċess għall-enerġija sostenibbli huwa essenzjali għall-ħila ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw li jilhqgħu l-Għanijiet tagħhom ta' Żvilupp għall-Millennju u li bħalissa madwar 2 biljun ruħ ibatu minn nuqqas ta' enerġija li jillimita l-opportunitajiet tagħhom għal żvilupp ekonomiku u għal standard ta' għajxien aħjar;
7. Jenfasizza li distorsjonijiet tas-suq se jibqgħu jseħħu fis-suq intern ta' l-enerġija sakemm il-prinċipju li min iniġġes iħallas, stipulat fl-Artikolu 174(2) tat-Trattat KE ma jiġix applikat għall-politika dwar l-enerġija; għalhekk, jerġa' jhegġegħ lill-Istati Membri biex fil-prezzijiet ta' l-enerġija jinkludu l-ispejjeż esterni kollha, inklużi l-ispejjeż kollha ambjentali u addizzjonali;
8. Jiġbed l-attenzjoni li l-prezzijiet ta' l-enerġija għandhom jieħdu kont ta' l-ispejjeż esterni veri tal-produzzjoni ta' l-enerġija, anke dawk marbuta mal-ħarsien ta' l-ambjent;
9. Jikkunsidra li t-tnaqqis b'suċċess ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-qasam ta' l-enerġija ji sta' jinkiseb biss fuq il-bażi ta' aktar użu ta' teknoloġiji li jużaw livell baxx ta' karbonju bħall-enerġija nukleari, il-faħam nadif u s-sorsi li jiġġeddu;

It-teknoloġija ta' l-enerġija

10. Jinsisti li provvisti ta' enerġija sostenibbli għall-UE jistgħu jkunu garantiti biss bi sforzi ta' riċerka sinifikanti u b'bidliet fl-imġiba tal-konsumaturi;
11. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku bejn l-UE u l-Istati Uniti, parti mis-Sħubija Ekonomika Transatlantika bejn l-UE u l-Istati Uniti, iffirmata f'Washington DC fit-30 ta' April 2007, li se jgħin biex jikber il-fehim transatlantiku fir-rigward ta' suġġetti marbuta ma' l-enerġija; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu r-relazzjonijiet fir-rigward ta' suġġetti marbuta ma' l-enerġija, filwaqt li jkunu inklużi wkoll l-aspetti leġiżlattivi;
12. Jinnota li l-Ewropa hija minn ta' quddiem fid-dinja fir-rigward ta' R&D fit-teknoloġiji ta' l-enerġija innovattivi, inklużi l-effiċjenza enerġetika u s-sorsi li jiġġeddu, u hija, b'mod partikulari, minn ta' quddiem fil-qasam tat-teknoloġiji tal-fużjoni nukleari;
13. Ihegġegħ lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lill-partijiet interessati oħra biex jużaw l-opportunitajiet mogħtija mill-politika ta' koeżjoni biex jinvestu f'teknoloġiji ta' l-enerġija ġodda, kemm f'sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu kif ukoll f'teknoloġiji sostenibbli tal-fjuwils fossili ("impjanti ta' l-enerġija b'emissjonijiet baxxi");
14. Ihegġegħ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali biex ifasslu miżuri għat-titjib tas-sigurtà ta' l-enerġija permezz ta' koperazzjoni diretta msaħħa fil-qasam ta' l-enerġija, partikolarment f'reġjuni mal-fruntieri;
15. Jirrakkomanda investment qawwi fl-innovazzjoni u fir-riċerka applikata u investment kapitali f'networks ta' l-enerġija intelliġenti u f'teknoloġiji smart grid;
16. Jinnota li bħalissa, stati u reġjuni li m'humieq fl-UE qed jagħmlu investimenti enormi fir-riċerka u l-iżvilupp li jistgħu f'perjodu medju ta' żmien jgħeddu l-pożizzjoni ta' l-Ewropa u bħalla mexxejja fit-teknoloġija, iżda jinnota wkoll li għandu jkun evitat li jitqiegħed ammont żejjed ta' fondi f'xi qasam partikulari; jenfasizza li bħala konsegwenza tar-responsabilità dinjija għall-ġlieda kontra l-bidla fil-klima, ma jkunx xieraq li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw jibqgħu lura fl-iżvilupp tal-qbid u l-ħażna tal-karbonju (CCS) u jenfasizza l-importanza ewlenija ta' koperazzjoni mill-qrib f'dan ir-rigward maċ-Ċina u ma' l-Indja;

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

17. Jenfasizza li l-fatt li l-UE hija minn ta' quddiem fit-teknoloġija, bħala riżultat ta' l-isforzi ta' riċerka li saru mill-UE u mill-Istati Membri, isaħħaħ il-kompetittività ta' l-industrija tagħha u joħloq l-impjiegi fl-UE;
18. Jistieden lill-UE, lill-Istati Membri u lin-negozji, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, biex jirduppjaw l-isforzi tagħhom għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam ta' l-enerġija, partikolarment bil-għan li tiżdied l-effiċjenza tal-produzzjoni u tal-provvista ta' l-enerġija, jitnaqqsu l-konsegwenzi ambjentali, tiżdied is-sikurezza ta' teknoloġiji eżistenti, jiġu żviluppanti teknoloġiji għall-ħażna ta' enerġija minn sorsi li jiġġeddu u jiġu żviluppanti ġenerazzjonijiet ġodda ta' reatturi nukleari u teknoloġiji ta' l-enerġija ġodda, inkluża l-fużjoni nukleari;
19. Jirrakkomanda, fir-rigward tar-riżorsi li huma limitati u li se jibqgħu essenzjali għas-sikurezza enerġetika u l-indipendenza enerġetika ta' l-Istati Membri fis-snin li ġejjin, li l-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija ta' l-Enerġija li se jiffassal dalwaqt għandu jiffavurixxi żviluppi teknoloġiċi li jisfruttaw il-potenzjal tagħhom bl-aħjar mod sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet globali ta' gassijiet b'effett ta' serra;
20. Jinnota li l-oġettivi għall-2020 ta' minimu ta' 20 % ta' enerġija minn sorsi li jiġġeddu fil-konsum ta' l-enerġija ta' l-UE u titjib ta' 20 % fl-effiċjenza enerġetika se jwasslu lill-Ewropa biex tikseb livell ta' penetrazzjoni ħafna akbar ta' enerġija minn sorsi li jiġġeddu u użu akbar ta' teknoloġija enerġetika effiċjenti għall-futur imbiegħed; iqis li huwa vitali li l-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija Enerġetika jqis għalkollox din il-bidla, għall-futur imbiegħed, għall-użu ta' teknoloġija ta' l-enerġija minn sorsi li jiġġeddu u għal rendiment enerġetiku aħjar fl-oqsma kollha ta' l-ekonomija,
21. Jilqa' b'sodisfazzjon it-tħabbira tal-Kummissjoni li bi ħsiebha tippreżenta Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija ta' l-Enerġija lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2008; madankollu, jistaqsi minn fejn se jiġu l-fondi għall-Pjan;
22. Jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja t-teknoloġija ta' fjuwils sintetiċi, minħabba l-potenzjal tagħha li ssaħħaħ is-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija u tnaqqas l-emissjonijiet mis-settur tat-trasport fit-toroq ta' l-UE;
23. Jinnota li l-fondi pubbliċi biex jappoġġjaw start-ups fil-qasam tat-teknoloġiji ta' l-enerġija ġodda għandhom ikunu fammont xieraq, għandhom jieħdu kont tal-livell ta' vijabilità ekonomika tagħhom u għandhom jieqfu jingħataw tard kemm ji sta' jkun ladarba t-teknoloġiji ġodda appoġġjati b'dan il-mod ikunu saru kompetittivi;
24. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa, enfasizzata mill-Kunsill, li jkun żgurat li tintuża t-teknoloġija disponibbli l-aktar effiċjenti meta tinbena kapaċi'ta' ġdida u li tintuża aktar it-taħlita ta' sħana u enerġija (CHP), it-tisħin u t-kessih distrettwali u s-sħana residwa industrijali;
25. Jenfasizza li jkun fl-interess tal-għlieda kontra l-bidla fil-klima li, bħala rekwiżit minimu, jintlaħqu l-oġettivi ta' Liżbona u li jiġi propost li persentaġġ minimu mill-baġit miftiehem internazzjonalment jitwarrab għar-riċerka;

Il-Fjuwils Fossili

26. Jenfasizza li l-fjuwils fossili se jibqgħu importanti ħafna biex tkun garantita s-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija ta' l-UE u jisħaq fuq il-valur tal-gass naturali bħala l-fjuwil fossili bl-inqas kontenut ta' karbonju;
27. Jenfasizza li l-fjuwils fossili jkollhom jintużaw għall-futur imbiegħed għall-produzzjoni ta' l-elettriku sakemm il-ħtiġijiet bażiċi jkunu jistgħu jiġu ssodisfati mis-sorsi ta' enerġija li jiġġeddu;
28. Jisħaq fuq il-kontribut li jistgħu jagħtu s-sorsi interni ta' l-enerġija lis-sigurtà tal-provvista, b'mod partikulari r-riżervi kbar tal-faħam u r-riżervi sostanzjali mhux użati ta' żejt u ta' gass f'xi Stati Membri u fin-Norveġja; jirrakkomanda li fil-ġejjieni l-impjanti li jipproduċu l-enerġija jkollhom teknoloġija CCS meta jkun teknikament possibbli; jemmen li regoli applikabbli legali u amministrattivi għandhom ikunu proporzjonati ma' l-aqwa kundizzjonijiet ta' produzzjoni;

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

29. Jikkunsidra li jridu jsiru sforzi akbar biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-produzzjoni ta' l-enerġija mill-fjuwils fossili u biex tiżdied l-effiċjenza ta' din il-produzzjoni, inter alia, billi jkun appoġġjat l-iżvilupp tas-CHP; madankollu, jinnota li xi impjanti ta' l-enerġija Ewropej diġà huma fost l-iktar effiċjenti fid-dinja;
30. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinkuraġġixxi l-investimenti fil-koproduzzjoni tas-sħana u l-enerġija; jinnota li permezz ta' CHP effiċjenti ħafna, tista' tirdoppja l-effiċjenza ta' impjant normali ta' kondensazzjoni li juża l-faħam;
31. Jikkunsidra li m'huwiex għaqli, mil-lat tas-sigurtà tal-provvista u tal-proporzjon spiża-effiċjenza, li jiġi ostakolat il-bini ta' l-impjanti ta' l-enerġija li jużaw il-faħam l-iktar moderni u effiċjenti billi jingħataw inċentivi tas-suq żbaljati;
32. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li s-sistema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ma tostakolax is-sostituzzjoni ta' impjanti eżistenti b'impjanti moderni — inklużi impjanti ta' l-enerġija nukleari — li għandhom inqas impatt fuq il-klima;
33. Jitlob li jittejjeb aktar il-Mekkaniżmu ta' Żvilupp Nadif tal-Protokoll ta' Kyoto biex ikun jista' jintlaħaq l-iskop tiegħu li jkun garantit it-trasferiment ta' teknoloġiji ta' enerġija effiċjenti, nodfa u xierqa lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw;
34. Jistieden lill-Kummissjoni biex, waqt li tiċċekkja t-tħaddim tas-sistema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet, tiżgura li jittieħed kont xieraq tal-problema speċifika tas-suq tal-produzzjoni tas-sħana, li fil-biċċa l-kbira jikkonsisti minn boilers individwali li jaħdmu bil-fjuwils fossili u li, billi l-bojlers huma żgħar, m'huwiex kopert mis-sistema ta' skabju ta' kwoti ta' emissjonijiet;
35. Jitlob li impjanti ta' l-enerġija li jaħdmu bil-fjuwils fossili jitjiebu l-effiċjenza enerġetika u r-rendiment ambjentali tagħhom;
36. Jinnota li t-teknoloġija CCS hija marbuta ma' telf ta' effiċjenza fl-impjanti ta' l-enerġija u li, kwistjonijiet tekniċi, ambjentali u legali marbuta mal-ħażna tas-CO₂ jirrappreżentaw sfidi li jistgħu jingħelbu biss permezz tar-riċerka u ta' inizjattivi politiċi; madankollu, jemmaen li huwa importanti li jingħalmit ta' teknoloġija CCS għandu jiġi installat f'impjanti ta' fjuwils fossili ma' l-ewwel opportunità Prattika;
37. Huwa konvint li l-mod l-iktar effettiv li jggarantixxi li l-gassijiet b'effett ta' serra ma jkollhomx impatt fuq il-bidla fil-klima huwa li jkun hemm tnaqqis malajr u sostanzjali tal-produzzjoni ta' gassijiet bħal dawn; f'dak ir-rigward, jemmaen li t-teknoloġija CCS tirrappreżenta biss wieħed mill-mezzi li jistgħu jintużaw biex tiġi trattata l-kwistjoni tal-bidla fil-klima;
38. Jinnota li s-CCS m'hijiex neċessarjament għażla vijabbli għal impjanti ta' l-enerġija żgħar, li jipproduċu biss ammonti ta' enerġija relattivament żgħar u jeżistu l-aktar għal raġunijiet ta' sigurtà tal-provvista;
39. B'rabta mat-teknoloġija CCS, jitlob li ssir riċerka wkoll sabiex it-telf ta' effiċjenza jitnaqqas kemm ji sta' jkun, is-CO₂ jibda jinħażen b'mod sikur u jiġu ċċarati proċessi kimiċi u bijoloġiċi għall-qbid tas-CO₂;
40. Iħeġġeġ li tiġi kkummissjonata mappa ġeoloġika dettaljata sabiex ikunu identifikati l-potenzjal għall-ħażna ta' CO₂ u s-siti l-aktar xierqa għall-ħażna;
41. Jenfasizza li, filwaqt li t-teknoloġija CCS hija bbażata parzjalment fuq komponenti teknoloġiċi li diġà ġew ippruvati u ttestjati, m'hijiex ibbażata fuq pjan globali ppruvat fuq skala industrijali;
42. Jiġbed l-attenzjoni dwar in-nuqqas ta' informazzjoni xierqa dwar l-effetti tal-ħażna tas-CO₂ fuq l-istrata ġeoloġiċi;

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

43. Jikkunsidra li ma jkunx ta' għajnuna li jiġu imposti rekwiżiti obbligatorji għall-produzzjoni ta' l-enerġija mingħajr emissjonijiet ta' CO₂ fl-impjanti ta' l-enerġija kollha peress li, sakemm it-teknoloġija tkun żviluppata u tkun lesta biex tintuża, is-sistema ta' l-UE ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet tkun qed tmexxi l-iżvilupp tat-teknoloġija CCS; madankollu jinkoraġġixxi l-industrija żżomm f'moħħha l-kunċett ta' "capture ready" meta tiżviluppa impjanti ġodda ta' enerġija mill-fjuwils fossili;
44. Jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposta malajr għal leġislazzjoni dwar is-CCS sabiex issolvi l-kwistjonijiet legali marbuta mal-ħażna u t-trasportazzjoni ta' CO₂ u għaldaqstant tistabbilixxi l-bażi għal sigurtà ta' l-investiment b'konnessjoni ma' proġetti bħal dawn;
45. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa r-riskji potenzjali mis-CCS u tfassal rekwiżiti għal-liċenzjar ta' attivitajiet ta' CCS u għall-immaniġġjar xieraq tar-riskji u l-konsegwenzi identifikati;
46. Jinsisti li, filwaqt li qed ikunu studjati l-possibilitajiet għal ħażna ġeoloġika bħala parti mit-teknoloġija CCS, irid ikun żgurat li s-CO₂ jinħażen b'mod sikur u permanenti f'postijiet li ma jippermettux li l-karbonju jerġa' jinxtered fl-atmosfera;
47. Huwa tal-fehma li proġetti ta' dimostrazzjoni marbuta ma' teknoloġiji ta' faħam nadif iridu jsiru f'żoni fejn hemm tradizzjoni ta' tħaffir għall-faħam, li qed ibatu l-konsegwenzi ta' pjanijiet ta' konverżjoni u li kenu affettwati mill-qafas finanzjarju 2007-2013;
48. Jistieden lill-Kummissjoni biex mill-aktar fis possibbli tfassal linji gwida politiċi ċari għal aktar promozzjoni tar-riċerka dwar it-teknoloġija CCS, sabiex ikunu studjati modi li bihom is-CCS ti sta' tintuża b'rabta mal-produzzjoni ta' l-elettriku kummerċjali u biex tressaq proposti biex ikunu evitati inkonsistenzi bejn l-applikazzjoni ta' proċeduri CCS u s-sistema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet, filwaqt li fl-istess ħin ikun żgurat li dawn il-linji gwida u l-proposti ma jostakolawx l-iżvilupp ta' enerġija minn sorsi li jiġġeddu jew l-isforzi biex tiżdied l-effiċjenza ta' l-enerġija;
49. Jisħaq fuq l-importanza li r-residenti f'żoni b'impjanti li jaħdmu bil-faħam jiġu infurmati dwar il-perikli inerenti tagħhom u juri l-valur tal-pubblikazzjoni ta' pjanijiet għall-immodernizzar ta' impjanti ta' l-enerġija eżistenti u għat-tnaqqs ta' l-impatt ambjentali tagħhom;
50. Jirrikonoxxi l-fatt li, fl-istadju kurrenti ta' progress teknoloġiku, huwa stmat li l-elettriku minn soluzzjonijiet CCS se jkun għali daqs l-elettriku minn sorsi li jiġġeddu;
51. Jisħaq fuq l-importanza ta' koperazzjoni eqreb bejn il-Kummissjoni u s-settur privat biex it-teknoloġija ta' faħam nadif issir aktar fattibbli;
52. Jenfasizza li, filwaqt li huwa meħtieġ aktar iffinanzjar għar-riċerka u l-iżvilupp għas-CCS, dan m'għandux isir għas-spejjeż ta' l-iffinanzjar għar-riċerka dwar sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu;
53. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iniedu kampanji ta' informazzjoni dwar teknoloġiji CCS filwaqt li jinvolvu lill-partijiet interessati u lil min ifassal il-politika;
54. Iwissi kontra d-dipendenza unilaterali fuq fornituri partikulari tal-gass jew fuq rotot partikulari tal-provvista, u jisħaq fuq l-importanza tal-gass naturali likwefatt fil-kuntest tad-diversifikazzjoni ta' l-importazzjoni tal-gass;
55. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel aktar riċerka ġeoloġika estensiva bil-għan li jinstabu riżervi ġodda ta' fjuwils fossili fit-territorju ta' l-Istati Membri;
56. Jiddispaċiħ għall-fatt li l-Kummissjoni ma ddiskutiex f'aktar dettall is-sigurtà tal-provvista taż-żejt fil-kuntest tal-pakkett dwar l-enerġija, u jistedinha toħroġ komunikazzjoni dwar dan is-suġġett;

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

57. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-fjuwils fossili jirrappreżentaw sottostrat li ji sta' jkun il-bażi għall-produzzjoni fuq skala kbira ta' l-idroġenu, kemm bħala ġarrier ta' l-enerġija kif ukoll bħala fjuwil;
58. Huwa preokkupat minħabba l-bini estensiv ta' impjanti ta' l-enerġija li jaħdmu bil-faħam fiċ-Ċina u fl-Indja (li, bħala pajjiżi li qed jiżviluppaw, m'humiex marbuta bil-Protokoll ta' Kyoto), filwaqt li jenfasizza li ċ-Ċina mistennija tipproduċi iktar emiżsjonijiet ta' CO₂ mill-Istati Uniti matul l-2007; madankollu, jinnota li ċ-Ċina u l-Indja qed jippruvaw jiddiversifikaw is-sorsi ta' l-enerġija; jenfasizza l-potenzal ta' esportazzjoni ta' teknoloġiji ta' enerġija nadifa; jenfasizza li, sabiex jiġi mħeġġeġ it-tnaqqis ta' l-emiżsjonijiet ta' karbonju, filwaqt li jkun appoġġjat it-tkabbir ekonomiku, jeħtieġ li t-teknoloġija ta' enerġija nadifa, flimkien mal-ħolqien ta' kapaċi'ta', ikunu prijorità ta' l-investment ta' l-UE fl-infrastrutturi fid-dinja li qed tiżviluppa;
59. Jappoġġja l-kollaborazzjoni tal-Kummissjoni maċ-Ċina, l-iktar is-Sħubija ta' l-2005 bejn l-UE u ċ-Ċina dwar il-Bidla fil-Klima u l-Memorandum ta' Ftehim sussegwenti ta' l-2006 dwar il-Koperazzjoni dwar Teknoloġija ta' Produzzjoni ta' Enerġija b'Emissjonijiet Kważi Zero, liema kollaborazzjoni għandha tinkuraġġixxi l-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' enerġija nadifa; jistieden lill-Kummissjoni biex taħdem maċ-Ċina biex jifassal pjan direzzjonali għat-teknoloġija ta' l-enerġija nadifa fiċ-Ċina u biex jiġu identifikati l-azzjonijiet ewlenin u l-oġettivi għall-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji ta' l-enerġija nadifa f'dak il-pajjiż; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi relazzjonijiet simili ma' ekonomiji oħra li qed jiżviluppaw, l-iktar dawk ta' l-Indja u tal-Brażil, li ji sta' jkollhom ukoll riżervi kbar tal-faħam;
60. Jinnota r-riżultati ta' studju li sar fl-2005 mill-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija, skond liema l-użu ta' xi teknoloġiji f'pajjiżi li m'humiex fl-OECD ji sta' jkun ħafna iktar effikaċji f'sens ta' nfiq u dan jista' jkun partikolarment iktar sinifikanti fejn hemm differenzi kbar bejn il-ġeoloġija u r-riżorsi naturali tal-pajjiżi; jikkunsidra li, meta jkun il-każ, il-pajjiżi għandhom jikkunsidraw jinkludux appoġġ finanzjarju għal pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jgħinuhom jissodisfaw l-oġettivi ta' tqassim nazzjonali; jenfasizza li għalhekk il-ħila li jiġu skambjati strumenti ta' tqassim bejn il-fruntieri ttejjeb l-effiċjenza, filwaqt li jkun żgurat li t-tqassim isir fejn skond l-effiċjenza f'sens ta' nfiq;
61. Jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-isforzi tal-Bank Dinji u tal-Bank għall-Iżvilupp Reġjonali biex jinħoloq qafas ta' investment fl-enerġija, filwaqt li jiġu ttrattati l-ispiża, ir-riskju u l-ostakoli istituzzjonali u ta' informazzjoni għat-tisħiħ tas-sħubijiet bejn il-gvern u l-privat li jappoġġjaw teknoloġija li tuża f'tit karbonju u li ma tużax karbonju; jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa d-diversi mekkaniżmi mfassla biex tkun iffaċilitata l-kollaborazzjoni tar-riċerka u l-iżvilupp, bħas-Sħubija bejn l-Asja u l-Paċifiku dwar l-Iżvilupp Nadif u l-Klima u l-Forum Direzzjonali għall-Qbid tal-Karbonju, kif ukoll oġettivi oħra ta' trasferiment ta' teknoloġiji; jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa kriterji ta' evalwazzjoni għall-iffinanzjar internazzjonali, għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-mekkaniżmi ta' riċerka u żvilupp, fuq il-bażi tal-ħila tagħhom li jikkontribwixxu għall-iżvilupp għall-futur imbiegħed ta' teknoloġija li tuża f'tit karbonju u li ma tużax karbonju;
62. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkejjel l-impatt territorjali tal-proposti tagħha għal politika dwar l-enerġija u biex tgħaddi r-riżultati lill-Istati Membri;
63. Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, jitlob żieda immedjata fl-appoġġ għal pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-użu ta' teknoloġiji tal-faħam nadif li kien pruvat li huma vijabbli u effettivi;
64. Jappoġġja l-promozzjoni ta' proġetti u teknoloġiji li jtejjbu l-effiċjenza ta' l-enerġija u s-sigurtà ta' l-enerġija f'pajjiżi li qed jiżviluppaw u li huma aġġustati speċifikament għall-ħtiġijiet u l-kundizzjonijiet f'dawk il-pajjiżi, bħal proġetti ta' tagħlim għall-pubbliku dwar kif jipproduċu l-fuklari tagħhom stess li jkunu effiċjenti f'sens ta' enerġija, billi dan jista' jgħin kemm biex jinħoloq aktar xogħol kif ukoll il-ġlieda kontra aktar deżertifikazzjoni u l-bidla fil-klima u ji sta' ukoll itejjeb il-kundizzjonijiet tas-saħħa;

L-Enerġija Nukleari

65. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Programm Nukleari Illustrattiv għall-Komunità, li huwa l-bażi għal diskussjoni komprensiva dwar l-għażla nukleari għall-Ewropa;
66. Jenfasizza li l-enerġija nukleari hija indispensabbli biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi ta' enerġija fl-Ewropa għal perjodu medju ta' żmien;

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

67. Jappoġġja l-proposta tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2007 biex isir dibattitu oġġettiv dwar l-oportunitajiet u r-riskji marbuta ma' l-enerġija nukleari;
68. Jiġbed l-attenzjoni li llum l-iffinanzjar għar-riċerka fil-qasam nukleari jmur l-iktar għall-qasam tat-teknoloġija marbut mas-sikurezza;
69. Jirrikonoxxi l-fatt li l-enerġija nukleari hija element importanti tal-provvista ta' enerġija fi ħmistax mis-27 Stat Membru, u għalhekk għall-Unjoni kollha kemm hi, peress li tipprovdi terz mill-provvista totali ta' elettriku ta' l-UE;
70. Jinnota li, fl-UE, il-produzzjoni ta' l-enerġija nukleari ġiet żviluppat industrijalment fuq skala kbira matul l-aħħar erba' deċennji, b'livelli dejjem jitjiebu ta' affidabilità u sikurezza;
71. Jinnota li l-Finlandja, Franza, il-Bulgarija, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Litwanja (bil-kollaborazzjoni tal-Latvja u ta' l-Estonja), ir-Renju Unit, il-Polonja u r-Repubblika Ċeka qed jibnu impjanti ġodda ta' enerġija nukleari, jew qed jipplanaw li jibnuhom jew qed jinvestigaw din il-possibiltà;
72. Jinnota li l-enerġija nukleari bħalissa hija l-akbar sors ta' enerġija b'livell baxx ta' karbonju u jshaq fuq l-irwol importanti tagħha fil-ġlieda kontra l-bidla fil-klima;
73. Jirreferi għat-3et rapport ta' l-IPCC (Panel Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima) li elenka l-enerġija nukleari bħala mod biex titnaqqas il-bidla fil-klima;
74. Jinnota li d-deċiżjoni li jieħu kull Stat Membru favur jew kontra l-enerġija nukleari għadha fil-kompetenza esklussiva tiegħu, iżda jista' jkollha impatt fuq il-prezzijiet ta' l-elettriku fi Stati Membri oħra;
75. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi miżuri mfassla biex fl-UE jinżamm livell għoli ta' ħilet meħtieġa biex l-enerġija nukleari tibqa' għażla vijabbli;
76. Jinnota li deċiżjonijiet għall-futur qarib u għal perjodu medju ta' żmien dwar l-użu ta' l-enerġija nukleari se jaffettwaw direttament ukoll l-oġġettivi klimatiċi li l-UE ti sta' tiffissa b'mod realistiku; jinnota li l-abbandun ta' l-enerġija nukleari tagħmilha impossibbli li jintlaħqu l-oġġettivi ffixati fir-rigward tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u tal-ġlieda kontra l-bidla fil-klima;
77. Ifakkar li l-Istati Membri li jużaw l-enerġija nukleari ntrabtu li jżommu ma' l-istandards internazzjonali fir-rigward tas-sigurtà u n-non-proliferazzjoni, u għaldaqstant jirrikonoxxi l-importanza partikulari tat-Trattat Euratom;
78. Jilqa' b'sodisfazzjon it-twaqqif ta' grupp ta' livell għoli dwar is-Sikurezza Nukleari u l-Immaniġġjar ta' l-Iskart u huwa tal-fehma li t-twaqqif ta' Forum Ewropew għall-Enerġija Nukleari huwa bażi importanti għall-partijiet interessati biex jiddiskutu pjan direzzjonali għall-investiment nukleari li jħaddan djalogu trasparenti, iddokumentat sew u bbilanċjat dwar il-kwistjonijiet kollha marbuta ma' l-użu u t-tqassim ta' dik il-forma ta' enerġija;
79. Jilqa' b'sodisfazzjon it-talba tal-Kummissjoni biex fl-UE jkunu imposti livelli komuni ta' referenza għas-sikurezza nukleari; f'dak ir-rigward, iħeġġeġ li, fuq il-bażi ta' reviżjoni bejn il-pari ta' l-aħjar Prattika, dawn il-livelli ta' referenza għandhom jirriflettu l-ogħla standards ta' sikurezza possibbli;
80. Jenfasizza l-importanza tal-Pjattaforma Teknoloġika ta' l-Enerġija Nukleari Sostenibbli mnedija f'Settembru 2007 għat-twaqqif ta' aġenda strateġika Ewropea għar-riċerka dwar il-fissjoni nukleari;
81. Jenfasizza li huwa stmat li r-riżervi dinjin magħrufa ta' l-uranju huma biżżejjed għal aktar minn 200 sena, u li permezz ta' dawn ir-riżervi, fil-ġejjieni jsiru fattibbli xi għażliet biex ikunu diversifikati r-riskji politiċi li jikkonċernaw is-sigurtà tal-provvista u jkun possibbli li jintlaħqu kompromessi bejn ir-riskji, il-prezz u l-post meta jintgħażlu sorsi ta' fjuwils nukleari;

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

82. Jenfasizza li l-iżviluppi previsti fil-qafas tal-Forum Internazzjonali dwar ir-IV Ġenerazzjoni, li l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika hija membru fih, juru li l-enerġija nukleari għandha futur twil minħabba l-fatt li tiddependi ħafna minn użu kbir ta' riżorsi li jippermetti żmien biżżejjed biex jiġu żviluppati l-applikazzjonijiet potenzjali ta' l-enerġija nukleari fuq medda ta' eluf ta' snin u li se tnaqqas b'mod sinifikanti ħafna l-volum u r-radjuattività ta' l-iskart prodott;
83. Jappoġġja l-istqarrijiet tal-Kummissjoni dwar il-kompetittività ta' l-enerġija nukleari u jinnota li l-parti kbira tal-fondi tal-Komunità mis-Seba' Programm ta' Qafas ta' l-Euratom għar-Riċerka twarrbet għass-sikurezza u l-fużjoni nukleari; jiġbed l-attenzjoni li, sabiex jiġu ssodisfati l-kriterji strateġiċi ta' l-UE bl-aħjar mod, l-isforzi Komunitarji għandhom jimxu id f'id ma' riċerka mfassla biex tkun żviluppata ġenerazzjoni ġdida ta' teknoloġija nukleari sostenibbli;
84. Jiġbed l-attenzjoni li l-produzzjoni ta' l-enerġija nukleari ma tkunx affettwata daqshekk minn tibdil fil-prezz ta' l-uranju, peress li l-ispiża għal dak il-fjuwil ma tantx għandu impatt fuq il-prezz ta' l-elettriku;
85. Minħabba ż-żmien twil ta' investment, jisħaq fuq il-ħtieġa ta' qafas legali u politiku stabbli.
86. Jirreferi għall-istħarriġ ta' l-Eurobarometer tas-sena 2006, li wera li livell għoli ta' għarfien kellu influwenza ewlenija fuq l-attitudni tal-pubbliku lejn l-enerġija nukleari; għalhekk jisħaq fuq l-importanza ta' djalogu pubbliku miftuħ dwar l-enerġija nukleari f'kull Stat Membru sabiex tkun imħeġġa l-kuxjenza pubblika dwar l-effetti pożittivi u negattivi ta' l-enerġija nukleari qabel ma jittieħdu xi deċiżjonijiet politiċi;
87. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex fl-aħħar isir progress dawr il-kwistjoni tar-rimi aħħari sabiex tintemm il-ħażana interim ta' skart qrib wiċċ l-art;
88. Ifakkar li r-reatturi tal-ġenerazzjoni IV huma mistennija li jtejbu l-użu effiċjenti tal-fjuwil u jnaqqsu l-kwantità ta' l-iskart; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiffukaw fuq l-iżvilupp ta' materjali strutturali u fuq it-titjib ta' l-użu tal-fjuwil nukleari, kif ukoll biex jappoġġjaw proġetti bil-għan li jkunu żviluppati prototipi ta' reatturi tal-ġenerazzjoni IV;
89. Jinnota li l-użu ta' l-enerġija nukleari jista' joħloq sinerġiji ma' sorsi ta' enerġija li jiġġeddu, pereżempju billi jipprovdi metodi oriġinali għall-produzzjoni effikaċji u ekonomika ta' l-idroġenu jew tal-bijofjuwils;
90. Ifakkar li numru kbir ta' impjanti ta' l-enerġija nukleari qed ikunu pjanati jew mibnija mad-dinja kollha, u li huwa vitali għall-kumpaniji Ewropej li jkunu involuta fil-bini tagħhom, kemm mil-lat ta' l-istrateġija industrijali kif ukoll biex ikunu promossi l-prinċipji ta' sikurezza l-iktar stretti possibbli fid-dinja kollha;
91. Fl-aħħarnett, jinnota l-irwol tas-Self mill-Euratom u jistieden lill-Istati Membri biex jibqgħu jippermettu l-użu ta' dan l-istrument importanti fil-ġejjieni;
- *
- * *
92. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.
-

P6_TA(2007)0469

L-emissjonijiet tas-CO₂ minn karożżi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar l-Istrateġija Komunitarja sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ minn karożżi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief (2007/2119(INI))***Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar ir-riżultati tar-reviżjoni ta' l-Istrateġija Komunitarja biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ minn karożżi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief (COM(2007)0019),
- wara li kkunsidra l-evalwazzjoni ta' l-impatt (IA) relatat mal-Komunikazzjoni hawn fuq imsemmija (SEC(2007)0060),
- wara li kkunsidra s-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Komunità (is-Sitt EAP) ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra s-Sitt ⁽²⁾ u s-Seba' ⁽³⁾ Programmi ta' Qafas għal Riċerka, Żvilupp Teknoloġiku u Attivitajiet ta' Dimostrazzjoni,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Novembru 2005 dwar "Ir-Rebħ tal-Ġlieda kontra l-Bidla fil-Klima Globali" ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-limitazzjoni tal-Bidla fil-Klima Globali għal 2 gradi Celsius: It-triq 'il quddiem għall-2020 u lil hinn" (COM(2007)0002),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Frar 2007 dwar il-bidla fil-klima ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet Presidenzjali tal-Kunsill Ewropew tat-8 u tad-9 ta' Marzu 2007 dwar l-Istrateġija Mġedda ta' l-EU għall-Iżvilupp Sostenibbli (Ġunju 2006) u dwar l-irwol tat-teknoloġiji ambjentali u ta' l-eko-innovazzjoni biex jintlaħqu l-miri ta' l-Istrateġija ta' Liżbona għat-Tkabbir u għall-Impjiegi,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Programm Ewropew dwar il-Bidla fil-Klima tal-31 ta' Ottubru 2006 bl-isem "Reviżjoni u analiżi tat-tnaqqis u l-ispejjeż potenzjali ta' miżuri teknoloġiċi u oħrajn sabiex jonqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-karożżi tal-passiġġieri" ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 1999/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 li tirrigwardja d-disponabbiltà ta' l-informazzjoni għall-konsumatur dwar l-ekonomija tal-fjuwils u l-emissjonijiet tas-CO₂ fir-rigward tal-promozzjoni ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri ⁽⁷⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 232, 29.8.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 280 E, 18.11.2006, p.120.

⁽⁵⁾ *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0038.

⁽⁶⁾ http://ec.europa.eu/enterprise/automotive/projects/report_co2_reduction.pdf.

⁽⁷⁾ ĠU L 12, 18.1.2000, p. 16. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

- wara li kkunsidra d-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 rigward il-kwalità tal-fjuwils tal-petrol u tad-diżil⁽¹⁾ u l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 98/70/KE u tintroduċi mekkaniżmu li jissorvelja u jnaqqas l-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra mill-użu tal-fjuwil għat-trasport bit-triq (COM(2007) 0018),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A6-0343/2007),
- A. billi madwar 19 % ta' l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' l-Unjoni Ewropea huwa prodott minn karożżi tal-passiġġieri u minn vetturi kummerċjali ħfief, b'volumi assoluti jkomplu jikbru prinċiparjament minħabba n-numru dejjem jiżdied u l-qawwa dejjem tiżdied tal-karożżi ġodda;
- B. billi l-aktar għażla politika effettiva u ekonomikament effiċjenti biex jitnaqqas l-ammont ġenerali ta' emissjonijiet tas-CO₂ mit-trasport tal-passiġġieri hija li jiżdied is-sehem tat-trasport pubbliku; billi għalhekk huwa importanti li jittieħdu miżuri biex jistimulaw u jtejbu l-kwalità u l-ambitu tat-trasport pubbliku, sabiex il-bidla mill-vetturi personali għat-trasport pubbliku ssir aktar attraenti u b'hekk jonqos it-total ta' l-emissjonijiet tas-CO₂ prodott minn min jivvjaġa;
- C. billi l-imġieba tas-sewwieqa u l-miżuri ta' infrastruttura s'issa ġew traskurati fl-istrateġija ta' l-UE għat-naqqis tas-CO₂ mill-karożżi, iżda għandhom potenzjal għoli fis-sens ta' evitar tas-CO₂,
- D. billi 60 % taż-żejt kollu użat fl-UE jintuża fit-trasport bit-triq, bl-użu ineffiċjenti tal-fjuwil ikompli jżid it-teddida għas-sigurtà ta' l-enerġija u jikkontribwixxi għall-ispejjeż kurrenti għoljin u għat-naqqis fir-riżervi taż-żejt fid-dinja,
- E. billi issa huma meħtieġa miżuri leġiżlattivi biex jipromwovu t-tfassil u l-bidliet teknoloġiċi meħtieġa jekk is-settur se jgħin lill-UE tilħaq il-mira tagħha li tnaqqas l-emissjonijiet tas-CO₂ b'mill-inqas 20 % sa l-2020 meta mqabbla mal-livelli ta' l-1990,
- F. billi l-approċċ volontarju rriżulta li kien falliment minħabba li jidher ċar li l-industrija awtomobilistika mhux se jirnexxielha tissodisfa l-impenn volontarju tagħha għal 140g CO₂/km fl-2008; filwaqt li l-mira ta' 120g CO₂/km kienet proposta għall-ewwel darba fl-1995 u approvata mill-Kunsill u mill-Parlament fl-1996, bi skadenza għat-tweġiq fl-2005 u l-aktar tard sa l-2010,
- G. billi, fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Qafas Regolatorju Kompetittiv tal-Karożżi għas-Seklu 21" (COM(2007)0022), il-Kummissjoni tagħti deskrizzjoni qasira ta' l-elementi ewlenin ta' l-istrateġija futura għat-naqqis ta' l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-vetturi bil-mutur, ibbażata fuq approċċ integrat li għandu l-għan li jilħaq il-mira ta' l-UE ta' 120g/km ta' CO₂ sa l-2012 permezz ta' taħlita ta' interventi mill-Unjoni u mill-Istati Membri,
- H. billi tinħtieġ azzjoni sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-karożżi tal-passiġġieri permezz ta' approċċ integrat li jinkludi miżuri tal-magni, miżuri kumplimentari, bijofjuwils, eko-sewqan u miżuri infrastrutturali,
- I. billi l-emissjonijiet assoluti tas-CO₂ mill-karożżi jiddependu mill-interazzjoni kumplessa bejn l-effiċjenza tal-magna, l-intensità tal-karbonju tal-fjuwils, l-imġieba tas-sewwieq, id-distanza f'kilometri misjuqa, il-konġestjoni/kwalità ta' l-infrastruttura u l-effiċjenza tas-CO₂ tal-partijiet komponenti,

(¹) ĠU L 350, 28.12.1998, p.58. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

- J. billi ntwera li ji sta' jinkiseb tnaqqis sinifikanti ta' l-emissjonijiet tas-CO₂ permezz tar-rispett konsistenti tal-limiti tal-veloċità fl-Istati Membri kollha,
- K. billi l-aċċessibilità ekonomika u t-tiġdid tal-flotta huma assolutament fundamentali għat-titjib tal-pres-tazzjoni tal-karozzi li qegħdin fit-toroq fir-rigward tas-CO₂, tal-kwalità ta' l-arja u tas-sikurezza,
- L. billi t-tassazzjoni u l-ittikkettar naqsu milli jikkontribwixxu għall-istrateġija fuq tliet pilastru ta' l-UE għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet mill-karozzi,
- M. billi huwa ta' importanza fundamentali li jiġu adottati objettivi li jorbtu u definiti b'mod ċar fir-rigward ta' emissjonijiet tas-CO₂ mill-karozzi tal-passiġġieri kemm fl-interess tat-tħaddim mingħajr xkiel tas-suq intern fl-industrija tal-muturi kif ukoll biex il-konsumaturi jkunu pprovduti b'informazzjoni li tinftiehem li tippermettilhom jagħmlu deċiżjoni infurmata dwar ix-xiri tal-vettura, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tas-CO₂,
- N. billi d-Direttiva 1999/94/KE ma kinetx effettiva biżżejjed u l-Istati Membri naqsu milli jittrasponuha b'mod uniformi,
- O. billi ji sta' jiġi nnotat li għal numru ta' prodotti (bħal apparat elettriku u domestiku) ġew introdotti b'suċċess kategoriji ta' effiċjenza enerġetika, li joffru lill-konsumaturi Ewropej assistenza Prattika fid-deċiżjonijiet biex jixtru permezz ta' kodiċi li jinftehem ta' ittri jew kuluri, biex b'hekk ikunu jistgħu jiffrankaw l-enerġija u jnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂,
- P. billi għandha ssir kontribuzzjoni għat-tnaqqis tas-CO₂ mill-klassijiet kollha tal-kategoriji tal-vetturi, min-ħabba li l-volum tas-suq ukoll, fuq kollox, huwa sinifikanti f'termini tat-tnaqqis tas-CO₂,
- Q. billi l-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Liżbona dwar it-tkabbir sostenibbli u l-impjieġ għandhom jiġu mfittxa bis-sħiħ billi jiġu evitati miżuri li jżidu l-pressjoni fuq it-tnaqqis ta' l-impjieġ fl-industrija tal-karozzi fl-Ewropa jew li jpoġġu l-kompetittività tagħha fil-periklu,

Skeda u miri

1. Jirrikonoxxi li l-produtturi jeħtieġu bejn ħames u seba' snin biex jagħmlu bidliet fid-disinn tal-vettura bl-iktar mod ekonomiku u, filwaqt li jirrikonoxxi li l-emissjonijiet medji mill-karozzi li se jitpoġġew fis-suq ta' l-UE fl-2008 x'aktarx se jkunu iktar minn 150g CO₂/km, għaldaqstant jilqa' b'sodisfazzjon il-pjan tal-Kummissjoni li tissottometti qafas leġiżlattivi ta' l-UE għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tas-CO₂ inklużi miżuri li jorbtu għal titjib fl-ekonomija tal-fjuwil ta' vetturi ħfief permezz ta' titjib fit-teknoloġija tal-magni, titjib teknoloġiku ieħor u l-użu tal-bijofjuwils; ifakkar li l-mira medja tal-flotta ta' l-UE ta' 120g CO₂/km għal kull vettura privata kienet aċċettata mill-Kunsill fl-1996 u mill-Parlament fl-1997, fil-bidu, b'data tal-mira ta' l-2005 u skadenza finali fl-2010;
2. Jinsisti li għandu jsir possibbli, permezz ta' standards kwantifikabbli, l-użu propost ta' "miżuri kumpli-mentari" biex tintlaħaq il-mira ta' l-emissjonijiet li kienet miftehma qabel ta' 120g CO₂/km, u jemmen li l-leġiżlazzjoni għandha tistipula miri ċari u li jkunu jistgħu jitkejlu għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet li għandhom jintlaħqu permezz ta' mezzi tekniċi;
3. Jipproponi li miri ta' l-emissjonijiet annwali li jorbtu għandhom jiġu stabbiliti b'seħħ mill-2011 bil-għan li jiġi promoss it-titjib tekniku tal-vetturi, biex ikun assigurat li, b'dawn il-mezzi biss, l-emissjonijiet medji mill-karozzi tal-passiġġieri kollha mpoġġija fis-suq ta' l-UE fl-2015 ma jaqbżux il-120g CO₂/km;
4. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti leġiżlattivi u miżuri konkreti li jiżguraw li t-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' mill-inqas 10g ta' CO₂/km jista' jinkiseb permezz tal-miżuri kumpli-mentari meħuda fil-qafas ta' l-approċċ integrat, sabiex jintlaħaq il-valur ta' limitu ġenerali ta' 120g CO₂/km;

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

5. Jinsisti li mill-1 ta' Jannar 2020, emissjonijiet medji bħal dawn m'għandhomx jaqbżu 1-95g CO₂/km u jemmen li l-UE għandha tippovdi appoġġ għall-promozzjoni meħtieġa ta' l-innovazzjoni permezz tas-Se ba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka; jenfasizza l-ħtieġa għall-promozzjoni intensiva ta' riċerka u żvilupp ta' vetturi li ma jarmux emissjonijiet, bħal vetturi mħaddma bid-dawl;
6. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu hawn fuq imsemmija tas-16 ta' Novembru 2005 li titlob "limiti obbligatorji għal emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi ġodda ta' madwar 80-100 g/km fil-każ ta' vetturi ġodda f'perjodu ta' żmien medju"; jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex tippromwovi r-riċerka, l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni ta' teknoloġiji avvanzati, b'mod partikolari biex jinkisbu aktar miri ambizzjużi fl-2020; jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa l-possibiltà ta' tnaqqis gradwali lil hinn mill-2012 permezz ta' l-użu ta' materjali eħfef fil-produzzjoni tal-vetturi, filwaqt li jiġi żgurati li tiġi mħarsa l-liġi attwali u li ma tiġix kompromessa s-sikurezza fit-toroq għall-passiġġieri u għall-utenti vulnerabbli;
7. Jinnota li diġà hemm produzzjoni f'volum għoli ta' serje ta' karozzi li jiffrankaw l-ispazju, b'emissjonijiet baxxi u għall-użu lokali ('Gentlecars'), b'valuri ta' inqas minn 90g CO₂/km, u għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja, flimkien mal-miżuri l-oħra kollha, azzjoni biex jiġi żgurati li l-'Gentlecars' jiġu użati kemm jista' jkun ta' spiss minflok vetturi b'emissjonijiet għolja ta' CO₂;
8. Jemmen li miri iktar fit-tul għandhom jiġu kkonfermati jew riveduti mill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-2016, wara evalwazzjoni ta' l-impatt dettaljata dwar ir-relazzjoni bejn l-ispjiza u l-benefiċċju u minħabba l-fteħima post-Kyoto, u jantiċipa li dawn il-miri possibilmnt se jkunu jeħtieġu aktar tnaqqis fl-emissjonijiet għal 70g CO₂/km jew inqas sa l-2025;
9. Jistieden lill-Kummissjoni biex tqis il-fattibiltà teknika, l-effiċjenza ta' l-infiq, l-impatt ambjentali u kemm jistgħu jintlaħqu l-prezzijiet fuq iċ-ċiklu tal-ħajja tal-karozzi l-ġodda meta tkun qed tadotta kwalunkwe miżura leġiżlattiva li torbot li għandha mnejn tinfluwenza l-pass tat-tiġdid tal-flotta tal-vetturi;
10. Jinnota li l-liġi Komunitarja tirregola suq ta' bejn 17 u 18-il miljun vettura fis-sena, li hu daqs is-suq tal-vetturi privati fl-Istati Uniti; jistenna li politika ambizzjuża ta' l-UE għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra se tistimula t-tkabbir ekonomiku bbażat fuq l-għarfien u ħolqien ta' impjiegi fl-industrija tal-forniment tal-vetturi u se jkollha influwenza pożittiva madwar id-dinja kollha f'termini ta' tnaqqis ta' l-emissjonijiet tat-trasport;
11. Jirrakkomanda, fid-dawl tad-diffikultà li xi produttori speċjalizzati jista' jkollhom biex inaqqsu l-emissjonijiet medji fis-sensjela limitata ta' karozzi li jipproduċu fi żmien il-perjodi maħsuba, li kull produttur jew importatur ikollu d-dritt li jeskludi 500 vettura identifikata kull sena mill-inklużjoni fid-data użata biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet medji, bil-kundizzjoni li l-emissjonijiet u l-ekonomija tal-fjuwil ta' vetturi bħal dawn jingħataw tikketta u jiġu reklamati lill-konsumaturi skond ir-reqwiżiti legali tas-soltu;
12. Jirrakkomanda, minbarra dan, li minħabba li xi produttori b'volum baxx (mass. 300,000 unitajiet ta' produzzjoni) u produttori oħrajn ġodda li daħlu fis-suq u li għandhom sehem ta' inqas minn 0.5% jista' jkollhom diffikultà biex inaqqsu, fi żmien il-perjodi maħsuba, l-emissjonijiet medji fuq il-firxa limitata ta' karozzi li jipproduċu, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tinkorpora proposti fil-leġiżlazzjoni li jipprovdu lil dawn il-produttori speċjalizzati b'miri ta' tnaqqis ambizzjużi;
13. Jinnota l-irwol importanti tal-produttori speċjalizzati ta' karozzi lussużi jew ta' qawwa kbira bħala pijuniera tat-teknoloġiji avvanzati, biex jibqgħu joffru impjiegi ta' kwalità għolja, biex jiġġeneraw bejgħ globali u jikkontribwixxu fl-ekonomija Ewropea, u jinnota li l-għarfien speċjalizzat ta' produttori ta' dan it-tip għandu jikkontribwixxi b'mod sostanzjali fit-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tas- CO₂ mill-karozzi;
14. Jisħaq dwar il-fatt li kwalunkwe regola għandha tissalvagwardja s-suq intern u li l-Istati Membri għandhom jimplementaw ir-regoli ta' l-UE f'data komuni u b'metodi komuni sabiex jiġu evitati t-tfikkil tas-suq u l-frammentazzjoni tas-suq.

It-tqassim tal-kompitu bejn il-produtturi

15. Jirrikonoxxi l-varjazzjoni kbira fil-preferenzi tal-konsumatur fir-rigward ta' karożżi tal-passiġġieri u l-kompożizzjoni differenti tal-flotot tal-produtturi; jinsisti li t-tnaqqis tas-CO₂ għandu jintlaħaq fil-karożżi kollha mpoġġija fis-suq u għaldaqstant għandha tiġi permessa xi differenzazzjoni bbażata fuq parametru ta' utilità, iżda din m'għandhiex tinnewtralizza l-inċentiv għal ċaqliqa lejn vetturi b'inqas emissjonijiet jew tiż-vantaġġja lil dawk li jilħqu l-miri kmieni;
16. Jenfasizza l-importanza li ċerti vetturi jitħallew jaqbu l-limiti ta' l-emissjonijiet biex jiġi evitat tfixkil eċċessiv tas-suq tal-karożżi, iżda jfittex li jipprovdi inċentivi qawwija biex jintlaħaq tnaqqis fl-emissjonijiet, u għaldaqstant jipproponi li t-twaqqif tal-miri ta' l-2012 u ta' l-2020 għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet medji, u ta' miri annwali temporanji, għandu jsir b'referenza għal "limit value curve" għall-karożżi kollha mibjugħa mill-produtturi u mill-importaturi, u li għandu jieħu, bħala l-punt ta' partenza tiegħu, il-profil tal-flotta l-ġdida tal-karożżi tal-passiġġieri mill-1 ta' Jannar 2009;
17. Jirrakkomanda li l-limit value curve' għandha tkun definita b'formula matematika espressa bħala funzjoni li torbot l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' kull vettura mal-marka (footprint) tagħha (il-wisa' tat-tyre immultiplikata bit-tul tat-tyre li jmiss ma' l-art);
18. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura sforzi xierqa għall-produtturi kollha u inċentivi għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra għall-flotta sħiħa ta' vetturi; madankollu, jikkunsidra li kwalunkwe skema fil-futur m'għandhiex tippremja b'mod dirett jew indirett lill-produtturi ta' vetturi li tradizzjonalment iniġġsu aktar, u li l-vetturi b'emissjonijiet ogħla ta' CO₂ għandhom ukoll jintalbu jagħmlu kontribuzzjoni akbar għat-tnaqqis tas-CO₂, u li l-iskema għandha tippremja t-teknoloġiji l-aktar avvanzati u l-fjuwils alternattivi skond ir-rendiment tagħhom fir-rigward tal-gassijiet b'effett ta' serra (fjuwils ibridi, ta' l-idroġenu, vetturi elettroniċi jew fjuwils alternattivi oħra);
19. Jistieden lill-Kummissjoni wara li tikkunsidra l-opinjoni tal-persuni kkonċernati biex tippreżenta proposti għall-kunsiderazzjoni mill-Parlament u mill-Kunsill biex tiżgura li d-disinn tal-kurva jikkunsidra d-differenzi bejn id-daqsijiet tal-karożżi u l-ispejjeż teknoloġiċi involuti biex jintlaħaq it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet u l-aċċessibilità ekonomika ta' karożżi ġodda għal tipi differenti ta' konsumatur filwaqt li jassigura kemm id-diversità kif ukoll l-ekwità soċjali;
20. Jinnota l-possibilitajiet leġiżlattivi differenti għal kisba tal-mira; jikkunsidra li huwa essenzjali, kif tiddikjara l-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha, "li jiġu żgurati ... il-miri tat-tnaqqis li jkunu ekwi għad-diversità tal-produtturi tal-karożżi Ewropej" iżda wkoll biex effettivament jiġi ppremjat l-aħjar rendiment fl-effikaċja tal-vettura;
21. Jipproponi li fl-1 ta' Jannar 2011 jiġi introdott mekkaniżmu ġdid ta' suq magħluq, is-Sistema tat-Tnaqqis tal-Konċessjonijiet tal-Karbonju (CARS), li permezz tiegħu l-produtturi u l-importaturi jiġu meħtieġa jħallsu penali finanzjarji fi proporzjon ma' kwalunkwe qbiż tal-limiti ta' l-emissjonijiet għal kull karożza mibjugħa, u li dawn il-penali jkunu jistgħu jiġu paċuti bi krediti li jkunu jistgħu jinfedew, li jingħataw lil karożżi tal-passiġġieri ta' l-istess produttur li jkunu għadhom kif ġew irreġistrati u li jkollhom emissjonijiet taħt il-"limit value curve"; jikkunsidra li l-penali/qbiż g CO₂/km għandu jkun ogħla mill-premjijiet;
22. Jinsisti li kwalunkwe sistema ta' kwoti negozjabbli bejn il-produtturi tal-vetturi għandha tinżamm separata mill-iskema ta' l-UE għall-iskambju ta' l-emissjonijiet, jew minn kwalunkwe skema esterna oħra għall-kreditu jew għall-kumpens tal-karbonju;
23. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi krediti speċifiċi għal azzjoni bikrija għall-introduzzjoni ta' teknoloġija b'CO₂ ultra baxx bħala vetturi bl-idroġenu, biċ-ċelluli tal-fjuwil u plug-in li għandhom jippermettu li kull vettura ta' dan it-tip introdotta bejn issa u l-ewwel sena ta' implimentazzjoni titqies skond il-proċedura ta' sorveljar tas-CO₂ bħala ekwivalenti (per eżempju) għal erbgħin vettura konvenzjonali, bi krediti li jonqsu għas-snin ta' wara;
24. Jemmen li l-penali għandhom jiġu stabbiliti b'mod prevedibbli u strett għall-industrija u jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha tagħmel proposti xierqa għal-livell tal-penali/krediti espressi f'EUR/g CO₂;

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

25. Jaċċetta li l-“limit value curve” u l-livell tal-penali jista' jkollhom jiġu aġġustati perjodikament, kemm biex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi fit-teknoloġija tal-vetturi kif ukoll biex jiġi mrażżan kwalunkwe llaxkar fir-rata ta' tnaqqis ta' l-emissjonijiet;
26. Jirrakkomanda li d-dħul mill-penali finanzjarji jintuża kemm għar-riċerka u l-iżvilupp għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tas-CO₂ kif ukoll biex jiġi mgħejjun it-trasport pubbliku lokali;
27. Jemmen li l-prezz tal-krediti, wara t-twaqqif inizjali mill-Kummissjoni, għandu jkun iddeterminat mis-suq, u li sabiex il-produtturi u l-importaturi jiġu pprovduti b'aktar flessibilità u b'firxa aktar wiesgħa ta' għażliet, il-krediti jkunu jistgħu jinġarru 'l quddiem fis-snin li jkun imiss jew mibjugħa jew trasferiti lil kumpaniji jew unitajiet ta' negozju oħra fl-iskema;
28. Jitlob li l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni ta' l-emissjonijiet ta' kull vettura u ta' kull produttur tkun disponibbli għall-pubbliku f'format faċilment aċċessibbli, biex tiġi żgurata t-trasparenza u jiġi ffaċilitat it-tqabbil bejn il-vetturi u l-produtturi;
29. Jirrakkomanda li l-produtturi u l-importaturi għandhom ikunu jistgħu jagħmlu użu minn elementi ta' flessibilità bħat-tehdid ta' medja fuq bażi ta' gruppi, krediti għal vetturi li jużaw fjuwils li jiġġeddu u servizzi bankarji, u jiddeterminaw jekk jixtiequx li l-entità tan-negozju rikonoxxuta tkun il-kumpanija ewlenija jew id-diversi kumpaniji sussidjarji jew unitajiet ta' negozju responsabbli direttament mill-produzzjoni tal-karozzi kkonċernati;

L-ittestjar, is-sorveljanza tad-data u l-ispeċifikazzjonijiet tal-vettura

30. Jinsisti li għandhom jiġu indirizzati l-emissjonijiet totali ta' gass b'effett ta' serra għal kull karozza, inklużi emissjonijiet li ġejjin mis-sistemi ta' l-arja kkundizzjonata; barra minn hekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħmel proposti biex taġġorna ċ-ċikli ta' l-ittestjar biex jirriflettu aħjar il-kundizzjonijiet reali tas-sewqan;
31. Hu favur ir-reviżjoni tal-proċeduri ta' ttestjar biex jimitaw aħjar il-kundizzjonijiet attwali tas-sewqan u jitlob għal emendi għaċ-ċiklu tas-sewqan Ewropew biex jikkunsidra l-iżviluppi teknoloġiċi bħall-installazzjoni tas-sitt gear;
32. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tintroduċi qisien u standards ġodda li jistgħu jippermettu li jiġi stabbilit valur fiss li jassoċja t-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tas-CO₂ ma' titjib utli bħall-indikaturi ta' tibdil tal-gear, l-użu ta' l-ekonometri, arja kkundizzjonata b'effiċjenza għolja, lubrikanti mtejba, “sistemi startja/itfi meta l-karozza ma tkunx miexja”, tyres b'reżistenza baxxa mat-triq waqt is-sewqan u sistemi ta' monitoraġġ tal-pressjoni fit-tyre, li l-użu tagħhom jista' jiddependi mill-imġieba tas-sewwieq individwali; jirrakkomanda wkoll l-introduzzjoni ta' teknoloġija fil-vetturi sabiex tinkorraġġixxi mgħiba li tkun konxja mill-ambjent min-naħa tas-sewwieqa, bħal disinnji viżibbli li juru l-konsum tal-fjuwil u l-ispejjeż għall-vjaġġ attwali flimkien ma' figuri korrispondenti għal rotot li spiss jintużaw għall-vjaġġ, tagħmir li b'mod attiv iwissi dwar il-limiti tal-veloċità u għajnuniet għas-sewwieq sabiex jikkontrollaw il-veloċità, inklużi limitaturi tal-veloċità;
33. Jistieden lill-Kunsill biex jirrevedi l-proċeduri ta' ttestjar biex jiddetermina jekk l-konformità mar-regoli tal-produzzjoni hux qed tiġi rispettata u sabiex jiżgura li ma jista' jkun hemm l-ebda differenza fl-approċċ meħud mill-korpi ċċertifikati fi Stati Membri differenti;
34. Jenfasizza l-prijorità li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet urġenti tas-sigurtà ta' l-enerġija u l-ħtieġa li titnaqqas id-dipendenza Ewropea fuq il-fjuwil impurtat, li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ permezz ta' titjib fl-effiċjenza tal-vetturi, u t-titjib tas-sigurtà fit-triq;
35. Jikkunsidra li kwalunkwe miżura għall-iffrankar ta' l-enerġija li tinvolvi konsum ta' fjuwil inqas ikollha effetti tajbin ħafna għas-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija, billi jonqsu kemm id-dipendenza tal-Komunità fuq l-importazzjoni ta' sorsi ta' enerġija primarja kif ukoll l-prezzijiet internazzjonali ta' l-idro-karbonji;

Reklamar u ttikkettar

36. Filwaqt li m'għandu l-ebda fiduċja fl-effettività probabbli tal-proposta għal ftehma volontarja dwar ir-reklamar ta' karożżi ġodda, jistieden lill-Kummissjoni biex temenda d-Direttiva 1999/94/KE u tintroduċi rekwiżiti legali għall-ittikkettar, ir-reklamar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' karożżi tal-passiġġieri ġodda fis-suq intern ta' l-UE, b'mod partikolari bil-għan li jkun żgurat li tiġi trasposta kif suppost sabiex tipprovdi informazzjoni komprensiva u li tiftiehem lill-konsumatur;

37. Jirrakkomanda li għandhom jiġu stipulati rekwiżiti minimi uniformi u obbligatorji għall-wiri ta' informazzjoni dwar l-ekonomija tal-fjuwil (l/100 km) u l-emissjonijiet tas-CO₂ (g/km) ta' karożżi ġodda fuq il-vetturi u fir-reklamar, fil-letteratura kummerċjali u promozzjonali kollha u fix-showrooms b'format li jolqot l-għajn malajr, hu ħafif biex jintuża u possibilment b'kodiċi ta' kuluri sabiex wieħed ikun jista' jqabbel; jikkunsidra il-format A-G użat biex tiġi mqabbla l-effiċjenza ta' l-enerġija ta' ċerti prodotti ta' l-elettriku bħala mudell għall-wiri ta' l-informazzjoni rikjesta;

38. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi regoli b'għanijiet simili biex jiġu koperti oqsma li mhux koperti mil-leġiżlazzjoni attwali, bħat-TV, ir-radju u l-materjal ibbażat fuq l-internet kif ukoll ir-reklami għal karożżi kważi ġodda;

39. Jissuġġerixxi li l-leġiżlazzjoni li titlob li avviżi dwar is-saħħa jiġu murija fuq il-pakketti tas-sigaretti hija eżempju utli, u jipproponi li minimu ta' 20 % ta' l-isparju ddedikat għall-promozzjoni ta' karożżi ġodda permezz tar-reklamar, il-letteratura tal-promozzjoni, jew il-wiri fil-punt tal-bejgħ fix-showrooms, għandu jipprovdi informazzjoni dwar l-ekonomija tal-fjuwil u l-emissjonijiet tas-CO₂ f'format approvat;

40. Jirrakkomanda li r-riżultati tat-testijiet ta' l-arja kkundizzjonata jkunu inklużi fl-informazzjoni dwar il-konsum tal-fjuwil fil-letteratura kummerċjali u promozzjonali u fix-showrooms kollha;

41. Jissuġġerixxi li jiġi introdott kodiċi li jorbot għar-reklamar li jipprojbixxi legalment dikjarazzjonijiet ħodor foloz u sabiex jiġu promossi aktar talbiet mill-konsumatur għal vetturi b'emissjonijiet baxxi tas-CO₂, jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' sistema ta' gradi ta' rendiment ambjentali "green star", li tqis l-aspetti kollha tar-rendiment ambjentali, inklużi l-emissjonijiet tas-CO₂ (g/km) u l-emissjonijiet ta' sustanzi oħra ta' tniġġis, il-konsum tal-fjuwil (l/100km), it-toqol, l-ajrodinamika, l-effikaċja ta' spazju, l-istorbju u l-għajnuniet favur sewqan ambjentali;

Il-promozzjoni tat-talba tal-konsumatur

42. Jirrikonoxxi l-irwol konsiderevoli li l-Istati Membri jista' jkollhom biex jinkoraġġixxu d-domanda tal-konsumatur għal vetturi privati u tat-trasport pubbliku b'inqas emissjonijiet, u jitlob il-preparazzjoni ta' pjani ta' azzjoni nazzjonali li jindikaw il-miżuri li mistennija jittieħdu f'dan ir-rigward;

43. Jappoġġja b'mod partikolari l-użu ta' miżuri fiskali, u jinkoraġġixxi l-Istati Membri biex jintroduċu taxxi, kemm fuq il-bejgħ kif ukoll fuq iċ-ċirkolazzjoni, fuq vetturi b'emissjonijiet ogħla mill-medja;

44. Jirrikonoxxi li l-età tal-flotot ta' vetturi u s-sewqan b'veloċitajiet eċċessivi jaffettwaw l-emissjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jintroduċu inċentivi ekonomiċi għall-irtirar ta' vetturi qodma u biex jiżguraw li parti mit-taxxi tal-vetturi tkun tvarja skond l-emissjonijiet tas-CO₂ u skond sustanzi li jniġġsu oħrajn; jinnota li, bl-introduzzjoni gradwali tat-teknoloġiji mingħajr emissjonijiet tas-CO₂, il-komponent tat-taxxa relatat mas-CO₂, għandu jinqata' fuq perjodu ta' żmien twil;

45. Jitlob, bil-għan li jevita l-frammentazzjoni tas-suq intern, li jiġu stabbiliti definizzjonijiet għall-UE kollha tal-valuri ta' emissjonijiet tas-CO₂ li jistgħu jintużaw mill-Istati Membri meta jiffissaw inċentivi ta' taxa relatati ma' l-emissjonijiet;

46. Jappoġġja taxa fuq il-karożżi u fuq il-fjuwils alternattivi li tkun ibbażata fuq is-CO₂ sabiex ikun hemm l-inċentivi t-tajba għall-konsumaturi u għall-industrija;

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

Vetturi kummerċjali ħfief (N1) u kategoriji oħra

47. Jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirregola l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' vetturi kummerċjali ħfief, u jhegġegħ lill-Kummissjoni biex tressaq proposti fl-istess waqt ma' dawk li huma pplanati għall-karozzi tal-passiġġieri;

48. Jirrikonoxxi li l-vetturi kummerċjali ħfief għandhom karatteristiċi differenti u suq differenti meta mqabbla mal-karozzi tal-passiġġieri; jinnota n-nuqqas ta' data dwar l-emissjonijiet medji f'dan is-settur u l-ispejjeż biex jintlaħaq tnaqqis, iżda jemmen li sa fejn hu possibbli l-istandards u r-rekwiżiti għandhom jaqblu ma' dawk mitluba mill-karozzi tal-passiġġieri;

49. Ifakkar li l-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni diversi drabi biex tikkunsidra miżuri li jillimitaw is-CO₂ għall-kategoriji kollha tal-vetturi fit-toroq, u għaldaqstant ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tressaq proposti regolatorji xierqa, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2009, għall-vetturi kummerċjali tqal u għal dawk b'żewġ roti;

Miżuri kumplimentari

50. Jemmen li miżuri li jistgħu jgħinu fit-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-vetturi iżda li magħhom ma jistax jintrabat valur assolut, għandhom jitqiesu bħala kompletament supplimentari u m'għandhomx jiġu inklużi fi ħdan il-leġiżlazzjoni proposta bħalissa;

51. Jemmen li miżuri ta' akkompanjament li jinvolvu l-inkoraġġiment ta' sewqan aktar effiċjenti, tal-bijofjuwils u, b'mod partikolari, tat-titjib tas-sistemi għall-ġestjoni tat-traffiku jistgħu jagħtu kontribut biex jiġu minimizzati l-emissjonijiet tas-CO₂;

52. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex inaqqsu l-volum ta' l-oġġetti li jinġarru minn vetturi li jgħorru merkanzija tqila biex jinġarru minflok bi trasport ferrovjarju jew fl-ilmijiet interni, liema tnaqqis ikollu impatt f'termini ta' emissjonijiet li jniġġsu iktar baxxi u jnaqqas ukoll id-domanda għaż-żejt;

53. Jibża' li l-użu akbar tal-bijofjuwils jinvolvi r-riskju li jżid il-prezz ta' l-ikel u l-alimentari, li jaffetwa serjament lin-nies bi dħul baxx ħafna u li jaċċelera l-qerda tal-foresti tropikali, u jstieden lill-Kummissjoni biex tipproponi regoli stretti dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-bijofjuwils importati sabiex jiġi evitat kwalunkwe impatt soċjali u ekonomiku negattiv;

54. Jemmen xorta li l-benefiċċji tal-bijofjuwils fit-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tas-CO₂ għandhom jiġu kkunsidrati fil-kuntest tar-reviżjonijiet tad-Direttiva 98/70/KE;

55. Jinsisti li għandha tiġi żviluppata ċertifikazzjoni għall-bijofjuwils prodotti b'mod sostenibbli; jstieden lill-Kummissjoni, fi proposta leġiżlattiva tagħha, biex tippermetti li bijofjuwils ċertifikati bi stejtu sostenibbli biss ikunu jgħoddu biex jintlaħqu l-miri ta' l-emissjonijiet; jenfasizza li bijofjuwils tat-tieni ġenerazzjoni li ġejjin minn pjanti jew minn komponenti ta' pjanti li mhumiex f'kompetizzjoni diretta ma' użi għal raġunijiet ta' ikel u li joffru aktar effiċjenza għandhom jiġu estenzi u mogħtija saħansitra aktar appoġġ;

56. Jirrakkomanda li aktar miri ta' effiċjenza ta' fjuwil jiġu ffissati lil hinn mill-2012 sabiex ikomplu jtnaqqsu l-emissjonijiet filwaqt li tingħata ċertezza akbar lil kull min hu kkonċernat;

57. Jstieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-irwol u l-potenzjal ta' fjuwils alternattivi ta' gass, bħall-gass likwidizzat taż-żejt mhux raffinat u l-gass naturali, li jistgħu jikkontribwixxu għal tnaqqis immedjat ta' l-emissjonijiet tas-CO₂ u għad-diversifikazzjoni tal-provvista ta' l-enerġija;

58. Jstieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iżommu f'moħħom il-bżonn ta' għarfien dettaljat tat-teknoloġiji l-ġodda għal vetturi bil-mutur u, b'mod partikolari, biex jipprovdu korsijiet ta' taħriġ għal gruppi speċifiċi (bħal "workshops" ta' l-inġinerija u servizzi tekniċi);

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

59. Jistieden lill-Kummissjoni biex tibda tipprepara immedjatament kampanja madwar l-UE kollha dwar l-ekosewqan, bħala parti mill-istrateġija biex jitnaqqas is-CO₂ mill-karozzi;

60. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirraporta lill-Parlament Ewropew dwar kif il-benefiċċji tas-CO₂ mill-ekosewqan ikunu jistgħu jiġu sorveljati u, jekk il-Kummissjoni temmen li dan mhux il-każ, tispjega għalfejn il-Kummissjon qiegħda tiffinanzja l-proġett ECODRIVEN li jimmira lejn tnaqqis kwantifikat tas-CO₂ permezz ta' l-ekosewqan;

61. Jappoġġja l-prinċipju li għandu jsir rekwiżit obligatorju għall-pussess ta' liċenzja tas-sewqan li wieħed jagħmel kors fl-ekosewqan;

*
* *

62. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

P6_TA(2007)0470

Politika ta' tassazzjoni u dwana u l-Istrateġija ta' Liżbona

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar il-kontribut ta' politika ta' tassazzjoni u dwana lill-Istrateġija ta' Liżbona (2007/2097(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-kontribut ta' politika ta' tassazzjoni u dwana lill-Istrateġija ta' Liżbona (COM(2005)0532),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi fiskali diretti ta' l-Istati Membri fis-Suq Intern (COM(2006)0823),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar it-tassazzjoni tal-ħruġ u l-bżonn għal koordinazzjoni tal-politiki dwar it-taxxa ta' l-Istati Membri (COM(2006)0825),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew intitolata "Lejn użu aktar effikaċi ta' inċentivi fiskali favur ir-riċerka u l-iżvilupp" (COM(2006)0728),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-Implimentazzjoni tal-Programm Komunitarju ta' Liżbona: il-progress s'issa u l-passi li jmiss lejn Bażi ta' Taxxa tal-kumpanji Komuni u Kkonsolidata (CCCTB) (COM(2006)0157),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Trattament fiskali tat-telf f'sitwazzjonijiet transkonfinali" (COM(2006)0824),

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu ta' l-10 ta' Marzu 2004 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 90/434/KEE tat-23 ta' Lulju 1990 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika għall-inkorporazzjonijiet, id-diviżjonijiet, it-trasferimenti ta' l-attivi u l-iskambji ta' l-ishma li jirrigwardaw il-kumpaniji ta' Stati Membri differenti⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2005 dwar it-tassazzjoni ta' l-intrapriżi fl-Unjoni Ewropea: bażi ta' taxxa tal-kumpaniji komuni u kkonsolidata⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Marzu 2007 dwar il-futur tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-laqgħat informali tal-Kunsill Ecofin ta' l-10 u l-11 ta' Settembru 2004 u tas-7 u t-8 ta' April 2006,
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Jiġu megħluba d-diffikultajiet marbuta ma' l-ostakli tat-taxxa fuq il-kumpaniji ta' l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju fis-Suq Intern — il-punti prinċipali ta' skema pilota possibbli għal Tassazzjoni fl-Istat ta' Residenza(COM(2005)0702),
 - wara li kkunsidra l-“Istħarriġ dwar it-Tassazzjoni fl-UE” tal-Kummissjoni (SEC(2004)1128),
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza wara l-Kunsill Ewropew ta' Liżbona tat-23 u l-24 ta' Marzu 2000, tal-Kunsill Ewropew ta' Stokkolma tat-23 u l-24 ta' Marzu 2001, tal-Kunsill Ewropew ta' Barċellona tal-15 u s-16 ta' Marzu 2002 u tal-Kunsilli Ewropej ta' Brussell tat-22 u t-23 ta' Marzu 2005, tal-15 u s-16 ta' Diċembru 2005 u tat-23 u l-24 ta' Marzu 2006,
 - wara li kkunsidra r-rapport ta' l-OECD dwar il-kompetizzjoni fiskali ta' ħsara: Kwistjoni Globali Emerġenti, 1998, ,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni: Strutturi ta' tassazzjoni fl-Unjoni Ewropea,2006,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0391/2007),
- A. billi s-sistemi nazzjonali tat-taxxa jridu jieħdu kont dejjem aktar tal-globalizzazzjoni ta' l-ekonomija u billi l-ħtieġa li jidded il-kapital uman f'soċjetà bbażata fuq l-għerf,
- B. billi l-eżistenza ta' 27 sistema fiskali differenti fl-Unjoni Ewropea hija ostaklu għas-suq intern biex jaħdem mingħajr problemi, , tikkawża spejjeż addizzjonali sinifikanti għall-kummerċ u n-negozju transkonfinali fis-sens ta' amministrazzjoni u konformità, ixekkel ir-ristrutturar tal-kumpaniji, tagħmel l-intrapriżi ta' l-UE inqas kompetittivi flivell dinji, u twassal għal każijiet ta' tassazzjoni doppja,
- C. billi r-risoluzzjoni tal-Parlament tad-29 ta' Marzu 2007 dwar il-futur tar-riżorsi proprji ta' l-Unjoni Ewropea tenfasizza li kwalunkwe sistema futura tar-riżorsi proprji fl-Unjoni Ewropea trid tirrispetta l-prinċipji tas-sovranià fiskali ta' l-Istati Membri kif ukoll in-newtralità fiskali, u ssemmi wkoll, bħala għażla possibbli għall-futur imbiegħed għall-ġejjieni tar-riżorsi proprji ta' l-Unjoni Ewropea, l-impożizzjoni ta' taxxa Komunitarja jew ta' taxxi nazzjonali ġodda li jkun ta' benefiċċju għall-Unjoni Ewropea b'mod dirett,
- D. billi l-kompetizzjoni fiskali fl-UE wasslet — u għadha twassal — għal gwadanji ekonomiċi fl-UE kollha permezz ta' ambjent korporattiv dinamiku, iżda billi koordinazzjoni xierqa tat-taxxi flivell ta' l-UE, li ma tippruvax tarmonizza r-rati tat-taxxa, tista' tikkontribwixxi sabiex il-benefiċċji tal-kompetizzjoni fiskali jkun maqsuma b'mod usa' bejn l-intrapriżi, il-ħaddiema tagħhom u l-konsumaturi,

(1) ĠU C 102 E, 28.4.2004, p. 569.

(2) ĠU C 286 E, 23.11.2006, p.229.

(3) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0098.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

- E. billi hemm ċerti pajjiżi fl-Unjoni Ewropea fejn id-dħul mit-taxxa fuq il-kapital żdied minħabba tkabbir ekonomiku ġenerali akbar u, b'mod partikolari, minħabba li twaqqfu ħafna kumpaniji ġodda li żiedu l-qligħ tagħhom b'mod sinifikanti, b'kuntrast ma' dawk il-pajjiżi fejn il-kapaċità ta' dħul naqset minħabba tkabbir anqas mgħaġġel;
- F. billi l-livelli globali tat-tassazzjoni fl-Istati Membri differenti jvarjaw bejn it-28,4 u l-50,5 % tal-GDP, u billi l-konsegwenza ta' dan hu li hemm livelli differenti ta' impatt fir-rigward ta' l-ekonomija,
- G. billi minħabba l-impatt ta' l-R&D fuq it-tkabbir u l-impjeggi, huwa neċessarju li jiġi eżaminat użu aktar effettiv ta' l-inċentivi fiskali għall-R&D,
- H. billi biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' l-Istrateġija ta' Liżbona tinħtieġ aktar koordinazzjoni tal-politika fiskali ta' l-Istati Membri; billi l-Ewropa trid tibni qafas ekonomiku u soċjali li jingħaraf, li jbidel vantaġġ kompetittiv minħabba diversità tal-wirt kulturali u tal-kapital intellettuali, fi tkabbir tal-produttività mmexxi mill-innovazzjoni,
- I. billi elementi fil-frammentazzjoni attwali tas-sistemi fiskali jikkostitwixxu metodi li jippermettu l-evalazzjoni tat-taxxa; billi d-dħul mit-taxxa mitluf minħabba l-frodi u l-evalazzjoni tat-taxxa huwa smat li hu bejn 200 u 250 biljun euro fir-rigward tal-VAT biss,
- J. billi l-kejl eżatt ta' piż fiskali huwa r-rata fiskali effettiva, li tinkludi r-rata fiskali nominali u bażi fiskali
- K. billi t-tassazzjoni ta' l-enerġija hija għodda utli kemm biex jiġi applikat il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", kif ukoll biex jinkiseb tnaqqis tat-tniġġis mis-sors; billi jeħtieġ urġentement li jsir xi ħaġa dwar l-impatt ambjentali tat-traffiku li kulma jmur qed jiżdied għall-ġlieda kontara l-bidla fil-klima,
- L. billi t-tassazzjoni ta' l-enerġija u s-Sistema ta' l-UE għall-Iskambju ta' l-Emissjonijiet huma żewġ strumenti ekonomiċi sinifikanti li qed jintużaw biex jindirizzaw il-konsum ta' l-enerġija u l-emissjonijiet tas-CO₂,

Il-kontribut tal-politika tat-tassazzjoni għall-Istrateġija ta' Liżbona

1. Ifakkar li deċiżjonijiet marbuta mal-politika fiskali, bħall-ġodda ta' inċentivi fiskali lill-intrapriżi, huma l-istrument ewlieni għall-iżvilupp u ż-żieda tan-numru ta' impjeggi, iżda wkoll għaż-żieda ta' l-investiment fl-R&D u fit-teknoloġiji li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent; jenfazizza, madankollu, li jekk il-politika fiskali għandha tagħti kontribut sostanzjali lill-Istrateġija ta' Liżbona, hemm bżonn ta' sorveljanza kostanti tal-mod kif jerġa' jitqassam dħul addizzjonali ġenerat minn din l-eżenzjoni mit-taxxa għall-intrapriżi, sabiex jiġi żgurat li d-dħul addizzjonali tabilħaqq jiġi użat biex jagħti spinta fl-innovazzjoni u f'teknoloġiji li huma aktar effiċjenti mil-lat ta' l-enerġija;
2. Jinnota t-tendenza għat-tnaqqis tar-rati tat-taxxa għall-intrapriżi fl-Unjoni Ewropea kif ukoll f'pajjiżi oħra ta' l-OECD, u dan jirrifletti kompetizzjoni dinjija li qed tiżdied, tibdil strutturali u żvilupp tas-swieq finanzjarji; madankollu, jinnota li l-livell globali ta' tassazzjoni fl-Ewropa għadu għoli meta mqabbel mal-livell ta' pajjiżi oħra ta' l-OECD; jiġbed l-attenzjoni wkoll għall-fatt li d-dħul pubbliku b'mod ġenerali żdied minkejja t-tnaqqis fir-rati effettivi tat-taxxa għall-intrapriżi; jinnota l-bżonn ta' qafas fiskali kkoordinat, inklużi arranġamenti tat-taxxa għall-intrapriżi, li għandu jkun favorevoli għall-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, bil-għan li jiġġedded it-tkabbir u li jinħolqu l-impjeggi;
3. Jikkunsidra li huwa meħtieġ li jinħolqu ambjent ta' politika finanzjarja pubblika li jgħin it-tkabbir u l-impjeggi fl-ekonomija, u li tkun promossa l-kompetizzjoni fiskali soda fl-Unjoni Ewropea sabiex il-piż tat-taxxa jitqassam sew bejn l-impjegati u l-konsumaturi, in-negozji u dawk li għandhom dħul mill-kapital; jirrimarka li, l-Unjoni Ewropea għandha tippromwovi arranġamenti fiskali biex jitħeġġew il-ħolqien ta' negozji ġodda u l-innovazzjoni teknoloġika;

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

4. Jenfasizza li, b'mod ġenerali, is-sistemi fiskali fl-Istati Membri jesaġeraw fl-applikazzjoni ta' rati relattivament għoljin għal kategoriji ta' taxa baxxi, u dan jiskoraġġixxi t-teħid ta' riskji u t-twaqqif ta' start-ups;
5. Jikkunsidra li hu possibbli li jkun hemm arranġamenti fiskali kompetittivi mingħajr ma' jiddgħajef il-finanzjament mill-istat, kif intwera f'dawk il-pajjiżi Ewropej li fl-aħħar għaxar snin irnexxielhom iżidu d-dħul mit-taxxa tagħhom permezz ta' tnaqqis tat-taxxi flimkien ma' twessigħ tal-bażijiet fiskali, filwaqt li kkontrollaw in-nefqa, biex b'hekk naqqsu d-defiċits tagħhom;
6. Jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssib soluzzjonijiet għall-problemi marbuta mar-regoli dwar it-transfer pricing fl-Unjoni Ewropea;
7. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni għal proġett pilota sabiex il-prinċipju tat-tassazzjoni ta' l-istat ta' residenza jiġi applikat għat-taxxa tal-kumpaniji mħallsa mill-SMEs;
8. Jirrikonoxxi d-diffikultajiet li qed iħabbtu wiċċhom magħhom l-SMEs fl-Unjoni Ewropea u f'pajjiżi oħra ta' l-OECD biex jifinanzjaw il-proġetti tagħhom, u japprova l-għoti ta' inċentivi fiskali biex l-SMEs jiġu inkoraġġiti jisfruttaw aħjar il-mekkaniżmi intermedjarji ta' ffinanzjar, bħal, inter alia, il-kapital azzjonarju intraprendista, u networks ta' "business angels";
9. Jiġbed l-attenzjoni għat-tnaqqis tad-dħul pubbliku fl-Unjoni Ewropea kkawżat mill-frodi fiskali u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu aktar azzjoni biex jikkumbattu l-frodi fiskali;
10. Huwa tal-fehma li għal għlieda effettiva kontra l-evazzjoni u l-frodi fiskali, hija meħtieġa bidla radikali fil-mod kif joperaw is-servizzi fiskali, ibbażata fuq prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u prinċipji organizzattivi moderni, u jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tiegħu inizjattivi sinifikanti biex tappoġġja l-koordinazzjoni fuq livell Komunitarju f'dan is-settur;
11. Jikkunsidra li l-eżenzjoni mill-VAT għal intrapriżi pubbliċi jew parastatali orjentati lejn il-komunità għandha tibqa'; jemmen li jrid jitwaqqaf "one-stop-shop" biex il-kumpaniji jissodisfaw l-obbligu tagħhom fir-rigward tal-VAT fl-Ewropa kollha;
12. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw id-distribuzzjoni aktar ġusta tal-piż tat-taxxa ta' piżijiet fiskali u permezz ta' strutturar u ffukalizzar aħjar ta' l-ispiża tal-baġit;
13. Jikkritika t-tendenza għaż-żieda fir-rati tal-VAT fl-Unjoni Ewropea, peress li din għandha effett rigressiv u tnaqqas id-domanda; jenfasizza li l-esperjenza f'xi Stati Membri wriet li jiġi ġġenerat dħul akbar meta l-bażi fiskali titwessa', meta t-tkabbir ta' l-impjeg jikkawża żieda fil-konsum u meta l-kundizzjonijiet ikunu tajba biex l-attivitatijiet tas-suq l-iswed jiġu rregolarizzati, proċess li ji sta' jispiċċa minħabba żieda fir-rati tal-VAT;
14. Itenni l-appoġġ tiegħu għal sperimentar b'rati aktar baxxi ta' VAT fuq servizzi b'intensità għolja ta' xogħol bħala element strutturali tas-sistema tal-VAT, bi flessibilità għall-Istati Membri biex japplikaw dawn ir-rati f'setturi ta' servizzi forniti mill-qrib li huma primarjament lokali u ma jgħolqux distorsjoni fil-kompetizzjoni transkonfinali;
15. Jappoġġja lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha li torjenta l-politika fiskali lejn objettivi ambjentali aktar ambizzjużi; jikkunsidra li tali azzjoni tista' tippromwovi kemm aktar riċerka f'teknoloġiji ambjentali, kif ukoll l-applikazzjoni tagħhom, u b'hekk jiġi żvilupp il-potenzjal kompetittiv ta' l-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam; madankollu jenfasizza li għandha tittieħed azzjoni biex jiġi evitat li jitpoġġja piż akbar fuq households aktar fqar;
16. Jinnota li hemm bżonn ta' approċċ kompletament ġdid fir-rigward tal-politika tat-taxxa tas-sisa; jenfasizza li linja politika li hija orjentata lejn l-iffissar tar-rata minima ta' taxa fil-livell Komunitarju għandha tiġi rifjutata u minflok għandu jiġi adottat kodiċi ta' prassi ġeneriku, bl-għan li l-Istati Membri jiġu inkoraġġiti li jqarrbu r-rati tat-taxxi tas-sisa tagħhom, li huma differenti ħafna minn xulxin;

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

17. Jemmen li l-politika fiskali għandha tikkontribwixxi b'mod ġenerali sabiex l-industrija tintalab tinter-nalizza l-ispejjeż esterni, iżda jikkunsidra li huwa xieraq li jinżammu jew jiġu introdotti inċentivi fiskali u inċentivi oħra biex jiġu promossi sorsi ta' l-enerġija nodfa u mhux fossili;
18. Jikkunsidra li żieda tat-taxxi fuq il-fjuwil ikollha impatt ambjentali pożittiv jekk ikunu disponibbli mezzi ekonomiċi u attraenti ta' trasport pubbliku;
19. Jemmen li l-pajjiżi li qegħdin fil-proċess li jlaħħqu ma' l-oħrajn qed ikollhom iħabbtu wiċċhom ma' spejjeż esterni oġhla, u m'għandhomx jiġu ppenalizzati minħabba fihom;
20. Jenfasizza l-bżonn li t-taxxi fuq l-impjieġ ikomplu jitnaqqsu, minħabba li dan huwa l-aħjar mod kif jintlaħaq l-għan ta' Liżbona ta' rata ta' impjieġ ta' 70 %;
21. Jikkunsidra li huwa importanti, sabiex jitlestha s-suq intern, li tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni tad-dwana u li jiġu razzjonalizzati l-proċeduri tad-dwana, bl-għan li titnaqqas l-ispiża amministrattiva għall-intrapriżi involuti fi tranżazzjonijiet transkonfinali, filwaqt li tinżamm is-simplifikazzjoni ta' l-obbligi ta' l-intrapriżi ta' konformità transkonfinali; jappoġġja tranżizzjoni lejn sistema simplifikata għall-impożizzjoni tal-VAT fuq bejgħ transkonfinali fl-Unjoni Ewropea, pereżempju, billi jiġi implimentat il-mekkaniżmu tal-ħlasijiet reversibbli;

Bażi ta' taxxa tal-kumpaniji komuni u kkonsolidata

22. Jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni biex tohq bażi **ta' taxxa** tal-kumpaniji pan-Ewropea, uniformi, komuni u kkonsolidata (CCCTB); jinnota li s-CCCTB se twassal għal trasparenza akbar billi tippermetti lill-kumpaniji joperaw skond l-istess regoli kemm meta jkunu barra minn pajjiżhom kif ukoll meta jkunu fih, se żżid il-kummerċ u l-investment transkonfinali, u se tnaqqas b'mod sinifikanti l-ispejjeż amministrattivi u l-possibilità ta' evażjoni u frodi fiskali; jikkunsidra li jinħtieġ li jiġu introdotti miżuri, bħal dispożizzjonijiet tat-tassazzjoni ta' l-istat domiċiljarju, imfassla b'mod speċifiku biex jitnaqqsu l-ispejjeż ta' konformità mat-taxxa li jiffaċċjaw l-SMEs;
23. Jinnota li s-CCCTB hija politika li tista' titmexxa bil-mekkaniżmu mtejjeb ta' koperazzjoni, kif diġà hemm stipulat fit-Trattati;
24. Ifakkar li s-CCCTB għandha tinvolvi regoli komuni dwar il-bażi fiskali u bl-ebda mod m' għandha taffettwa l-libertà ta' l-Istati Membri li jkomplu jstabilixxu r-rati fiskali tagħhom;
25. Jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tnedi s-CCCTB fil-qafas tal-koperazzjoni iktar mill-qrib; jirrimarka, madankollu, li din hija t-tieni l-aħjar soluzzjoni, minħabba li fin-nuqqas ta' sistema komprensiva madwar l-Komunità kollha, il-benefiċċji tat-trasparenza u ta' spejjeż amministrattivi aktar baxxi jistgħu jintilfu parzjalment;
26. Jilqa' b'sodisfazzjon l-opinjoni tal-Kummissjoni li s-CCCTB trid tkun uniformi u tissimplifika s-sitwazzjoni u jirakkomanda, filwaqt li jfassal qafas ta' standards komuni, l-iżvilupp ta' mekkaniżmu biex jiġi allokat dħul mit-taxxa lill-Istati Membri kkonċernati; minbarra dan, jikkunsidra li sabiex tiġi stabbilita bażi ta' taxxa ġenwinament komuni, huwa wkoll importanti li tinholq dokumentazzjoni ta' reġistrazzjoni komparabbli jew, fl-aħjar każ, komuni, għall-attivitajiet ekonomiċi transkonfinali;
27. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Lejn użu iktar effettiv ta' l-inċentivi tat-taxxa li jiffavorixxu r-riċerka u l-iżvilupp" u jenfasizza l-bżonn li tinqasam l-aħjar Prattika u li tiġi kkjarifikata, kemm ji sta' jkun, il-kompatibilità ta' tali inċentivi mal-liġi Komunitarja;
28. Jenfasizza li t-tassazzjoni ħadra hija strument flessibbli ta' politika biex jintlaħaq objettiv partikulari mabut mat-tniġġis, biex jiġu pprovduti inċentivi għall-innovazzjoni teknoloġika u biex jitnaqqsu aktar l-emissjonijiet li jniġġsu;
29. Jinkoraġġixxi l-Kummissjoni biex tieħu ħsieb il-kwistjonijiet li marbuta mal-konsolidazzjoni tal-kontijiet, it-tassazzjoni u l-amministrazzjoni fiskali tal-gruppi l-kbar li joperaw b'mod transkonfinali;

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

Lejn użu iktar effikaċi ta' inċentivi fiskali favur ir-riċerka u l-iżvilupp

30. Jikkunsidra li inċentivi fiskali li jinkuraġġixxu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp huma importanti ħafna biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, b'ħaż-żieda fin-nefqa għar-riċerka u l-iżvilupp fl-Ewropa, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-iffaċilitar ta' attivitajiet R&D+i għall-SMEs; madankollu, jinnota li inċentivi fiskali bħal dawn m'għandhomx jintużaw bħala sussidji indiretti lil kumpaniji nazzjonali;

31. Huwa konvint li l-politika fiskali għandha tiġi mfassla b'mod li twassal għal tkabbir immexxi mill-produttività fis-setturi kollha ta' l-ekonomija billi tippermetti lil min iħallas it-taxxa li jew inaqqas jew jitlob lura d-deprezzament fiskali fir-rigward ta' l-ispiża ta' l-R&D;

32. Jemmen li d-differenza teknoloġika bejn l-Istati Membri ta' l-UE tfisser li hemm differenzi fil-politika fiskali, u jemmen li għandha tittieħed azzjoni f'livell Komunitarju meta azzjoni minn Stati Membri individwali ma tistax tipprovi soluzzjoni effettiva; huwa ta' l-opinjoni li l-promozzjoni ta' prattiki tajba għat-tfassil ta' inizzjattivi tat-taxxa ta' l-R&D u l-koordinazzjoni aħjar tal-politika fiskali jgħinu lill-Istati Membri jilhqqu l-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Liżbona;

Tassazzjoni tal-ħruġ

33. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tadotta strateġija aktar proattiva fir-rigward ta' ċentri finanzjarji offshore;

34. Jappoġġja l-opinjoni tal-Kummissjoni li, fil-każ ta' trasferiment ta' assi f'pajjiż terz, in-nuqqas ta' koperazzjoni amministrattiva transkonfinali jiġġustifika l-għbir immedjat ta' taxxi hekk kif l-assi joħorġu mill-pajjiż;

Trattament fiskali tat-telf f'sitwazzjonijiet transkonfinali

35. Jinnota li każijiet dwar tassazzjoni jitressqu ta' spiss quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u li dan jiġri l-aktar minħabba n-nuqqas ta' trasparenza u l-livell għoli ta' kumplessità tas-sistemi tat-tassazzjoni fl-Ewropa u, għaldaqstant, jitlob simplifikazzjoni tal-kodiċi fiskali fl-Unjoni Ewropea kollha kemm hi; jemmen li, f'sitwazzjonijiet li jinvolvu telf transkonfinali minn sussidjarji barranin, it-tassazzjoni doppja tal-kumpaniji prinċipali għandha tiġi evitata, il-kompetenza fiskali għandha tkun imqas b'mod ġust bejn l-Istati Membri, it-telf m'għandux jitpatta darbtjen u m'għandux ikun permess l-evitar tat-taxxa;

36. Jinnota li mingħajr mezzi ta' kumpens għat-telf transkonfinali, il-kumpaniji se jippruvaw jiżguraw li l-profitti tagħhom jiġu ntaxxati f'pajjiżi fejn id-daqs tas-suq nazzjonali huwa kbir biżżejjed li jiġġenera biżżejjed profitt biex ipatti għal telf possibbli barra mill-pajjiż;

37. Jikkunsidra li jeħtieġ li ssir ħidma għal sistema ta' kumpens għat-telf transkonfinali, kemm għall-kumpaniji kif ukoll għall-gruppi b'unitajiet barra mill-pajjiż; jieħu nota tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar trattament fiskali tat-telf f'sitwazzjonijiet transkonfinali;

38. Jikkunsidra il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar trattament fiskali tat-telf f'sitwazzjonijiet transkonfinali bħala bażi għal aktar diskussjoni, speċifikament fir-rigward ta' soluzzjonijiet possibbli sakemm tkun applikata s-CCCTB li ġew identifikati fil-komunikazzjoni rigward l-implimentazzjoni ta' sistema ta' kumpens u rkupru tat-telf mill-Istat Membru ospitanti;

*

* *

39. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TA(2007)0471

Dħaħen tat-tabakk: għażliet politiċi fuq livell ta' l-UE**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar il-Green Paper Lejn Ewropa ħielsa mid-dħaħen tat-tabakk: għażliet politiċi fuq livell ta' l-UE (2007/2105(INI))***Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni "Lejn Ewropa ħielsa mid-dħaħen tat-tabakk: għażliet politiċi fuq livell ta' l-UE" (COM(2007)0027),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tad-WHO ta' l-2003 dwar il-Kontroll tal-Konsum tat-Tabakk (FCTC),
- wara li kkunsidra l-istrateġija Ewropea tad-WHO ta' l-2004 dwar il-politika għall-waqfien mit-tipjip,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tad-WHO għall-politiki ta' l-2007 dwar il-ħarsien mill-espożizzjoni għad-dħaħen tat-tabakk permezz ta' tipjip passiv,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni quddiem il-Parlament dwar addittivi tat-tabakk fil-kontest tan-negozjati tar-REACH u dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew dwar l-addittivi tat-tabakk⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0336/2007),
- A. billi d-dħaħen tat-tabakk jikkostitwixxu taħlita tossika kumplessa ta' aktar minn 4,000 sustanza, fost-hom veleni bħaċ-ċjanur idroġenu, l-ammonijaka u l-monossidu karboniku kif ukoll aktar minn 50 sustanza li ġie ppruvat li jistgħu jikkawżaw il-kanċer,
- B. billi fl-Unjoni Ewropea biss kull sena jiġu rreġistrati għall-inqas 650,000 vittma tal-konsegwenzi tat-tipjip,
- C. billi huwa xjentifikament ippruvat li d-dħaħen tat-tabakk u l-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħnux jikkawżaw ħsara serja għas-saħħa u mewt bikrija,
- D. billi d-dħaħen tat-tabakk jagħmlu ħsara lill-passaġġi tan-nifs, b'konsegwenza ta' irritazzjoni fil-membrana mukuża, ta' sogħla, ħanqa, qtugħ ta' nifs, iffunzjonar batut tal-pulmuni, l-iżvilupp u l-aggravar ta' l-ażżma u ta' pulmonite, bronkite u mard kroniku-ostruttiv fil-pulmuni, u billi wkoll il-ħsara fl-arterji hija tant qawwija li tista' twassal għal attakk tal-qalb u puplesija, kif ukoll aktar milli tirdoppja r-riskju ta' nuqqas ta' dawl minħabba d-deġenerazzjoni tal-makula marbuta ma' l-età (AMD),
- E. billi huwa ppruvat li jeżisti riskju sostanzjalment akbar ta' kanċer tal-pulmun bħala konsegwenza ta' l-espożizzjoni għad-dħaħen tat-tabakk b'mod ġenerali jew fuq il-post tax-xogħol u impjegati ta' stabbilimenti ta' l-ikel fejn huwa permess it-tipjip għandhom, per eżempju, 50% iktar ċans li jiżviluppaw kanċer tal-pulmun minn impjegati li m'humix esposti għad-dħaħen tat-tabakk,
- F. billi huwa stmat li fl-Unjoni Ewropea kull sena imutu madwar 80,000 persuna b'konsegwenza tat-tipjip passiv,
- G. billi t-tfal huma partikolarment vulnerabbli għat-tniġġis mit-tipjip, pereżempju, fid-dar u fit-trasport privat,

⁽¹⁾ *Testi Adottati* tat-13 ta' Diċembru 2006, P6_TA(2006)0552.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

- H. billi t-tniġġis mid-dħaħen tat-tabakk waqt it-tqala jwassal għal żieda fir-riskju ta' malformazzjonijiet, ta' korrimenti, ta' ħlas prematur u mortalità fit-twelid, tnaqqis fil-kobor tal-fetu, ċirkonferenza iżgħar tar-ras u piż anqas fit-twelid, filwaqt li teżisti relazzjoni bejn it-tipjip passiv u l-infjammazzjoni tat-tambur tal-widna, iffunzjonar difettuż tal-pulmuni, l-ażma kif ukoll is-sindromu ta' mewt għal għarrieda tat-trabi,
- I. billi l-Unjoni Ewropea u 25 mis-27 Stati Membri tagħha diġà ffirmaw u rratifikaw il-Konvenzjoni Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk (FCTC), li fil-preambolu tirreferi gal Kostituzzjoni tad-WHO li tiddikjara li t-tgawdija ta l-ogla standard ta saa li jista' jintlaħaq huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem, filwaqt li l-Artikolu 8 tagħha jistabilixxi l-obbligu ta' ħarsien mad-dħaħen tat-tabakk,
- J. billi l-akbar benefiċċju għas-soċjetà u għall-ekonomija jinkiseb l-aħjar meta ż-żoni ta' bla tipjip ikunu kumplimentati minn politiki effettivi għall-waqfien mit-tipjip fil-livell ta' l-UE u/jew ta' l-Istati Membri, bħalma huma: (a) programmi effettivi għall-promozzjoni tal-waqfien mit-tipjip fl-istituzzjonijiet edukattivi, fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa, fil-postijiet tax-xogħol u fl-ambjenti sportivi, u aktar aċċess għal terapiji għal waqfien (kemm mil-lat ta' mġieba kif ukoll mil-lat farmakoloġiku) għal persuni li jixtiequ jiefqu jpejpu, (b) dijanjosi u trattament tad-dipendenza fuq it-tabakk fil-programmi nazzjonali tas-saħħa u ta' l-edukazzjoni, u (c) kollaborazzjoni għall-iffaċilitar ta' l-aċċessibilità u prezzijiet raġonevoli kif ġie miftiehem fl-Artikolu 14 ta' l-FCTC,
- K. billi politika responsabbli għandha l-obbligu li toħloq ambjent fejn it-tipjip mhuwiex aktar ikkunsidrat bħala normali, u li tinkuraġġixxi lil dawk li jpejpu biex ipejpu inqas jew jiefqu għal kollox, li tagħtihom l-appoġġ fil-proċess tal-waqfien u li żżomm lit-tfal u liż-żgħażaġh milli jibdedw ipejpu,
- L. billi hija biss projbizzjoni komprensiva tat-tipjip fl-ambjenti tax-xogħol magħluqin kollha, inklużi l-istabbilimenti ta' l-ikel u tax-xorb, u l-bini pubbliki u l-mezzi ta' trasport pubbliki kollha li tista' tħares is-saħħa ta' l-impjegati u ta' dawk li ma jpejpu, u billi dan jagħmilha kunsiderevolment aktar faċli għal dawk li jpejpu li jiefqu mit-tipjip,
- M. billi fl-Istati Membri fejn ġiet introdotta projbizzjoni sħiħa fir-ristoranti ma nħass l-ebda tnaqqis notevoli fid-dħul,
- N. billi l-Bank Dinji wera bil-provi l-effettività meta mqabbla man-nefqa tal-miżuri ta' tassazzjoni biex tonqos id-domanda għal prodotti tat-tabakk u biex jonqos globalment il-konsum tat-tabakk fir-rapport tiegħu ta' l-1999 "Biex titrażżan l-epidemja: il-gvernijiet u l-ekonomija tal-kontroll tat-tabakk", u billi d-WHO enfasizzat ukoll li t-tassazzjoni tħalli l-akbar effett,
- O. billi l-Istrateġija Ewropea tad-WHO dwar il-Politika għall-Waqfien mit-Tipjip tafferma li l-interventi għall-waqfien mit-tipjip (kemm mil-lat ta' mġieba kif ukoll mil-lat farmakoloġiku) huma komponent importanti u effettiv meta mqabbel man-nefqa ta' l-istrateġija komprensiva għall-kontroll tat-tabakk li fil-ġejjieni tista' tiffranka spiża konsiderevoli lis-sistemi tas-saħħa,
- P. billi huwa magħruf li l-konsum tat-tabakk kull sena jwassal għal danni għall-ekonomiji Ewropej, liema danni huma stmati li jlaħħqu l-mijiet tal-biljuni,
- Q. billi l-prezz għas-sistemi tas-saħħa li jirriżulta mill-konsum tat-tabakk jitħallas minn kulħadd u mhux minn dawk responsabbli,
- R. billi m'huwiex aċċettabbli li xi Stati Membri jinkoraġġixxu x-xiri tal-prodotti tat-tabakk permezz ta' rati baxxi ta' tassazzjoni f'pajjiżhom sabiex jikbrilhom id-dħul globali mit-taxxi,
- S. billi kważi 70 % tal-popolazzjoni ta' l-UE ma jpejpu, 27 % jpejpu s-sigaretti, 5 % jpejpu s-sigaretti tal-brim u 1 % s-sigarri jew il-pipa,

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

- T. billi 86 % taċ-ċittadini ta' l-UE huma favur il-projbizzjoni tat-tipjip fuq il-post tax-xogħol, 84 % huma favur il-projbizzjoni tat-tipjip f'postijiet pubbliċi oħra, 77 % favur projbizzjoni fir-ristoranti u 61 % huma favur projbizzjoni fil-bars u l-'pubs',
- U. billi l-edukazzjoni li timmira għal gruppi speċifiċi, b'mod partikolari ż-żgħażaġh, in-nisa tqal u l-ġenituri, tgħin sewwa biex jonqos il-konsum tat-tabakk,
1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Green Paper tal-Kummissjoni bħala l-punt tat-tluq ta' politika Ewropea responsabbli li tipproteġi liċ-ċittadini mid-duħħan tat-tabakk li huwa periklu għas-saħħa;
 2. Jilqa' b'sodisfazzjon l-azzjoni ta' dawk l-Istati Membri li diġà adottaw miżuri effettivi għall-ħarsien mit-tipjip passiv;
 3. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni, kif maħruġa fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Ambjent u s-Saħħa 2004-2010⁽¹⁾, biex id-duħħan tat-tabakk fl-ambjent jiġi klassifikat fid-Direttiva dwar is-Sustanzi Perikolużi⁽²⁾ kemm jista' jkun malajr bħala sustanza karċinoġenika tal-Kategorija I sabiex id-duħħan tat-tabakk fl-ambjent jaqa' fl-ambitu tad-Direttiva dwar il-Karċinoġeni u l-Mutaġeni⁽³⁾;
 4. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel lista u tikkwantifika l-effetti konkreti ta' ħsara għas-saħħa tat-tipjip fost iż-żgħażaġh fl-Istati Membri, bil-ħsieb li wara jiġu fformulati objettivi Ewropej għall-Istati Membri mmirati biex irażżnu l-użu u l-konsum tat-tabakk fost iż-żgħażaġh, bl-Istati Membri jikkommettu ruħhom li jnaqqsu t-tipjip fost iż-żgħażaġh b'mill-inqas 50 % sa l-2025,
 5. Bla ħsara għal kwalunkwe obbligi imposti mil-leġiżlazzjoni Komunitarja, jenfasizza li l-Istati Membri huma liberi li jiddeċiedu x'tip ta' miżuri jittieħdu fil-livell nazzjonali, imma li għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni, kemm fin-nofs kif ukoll fit-tmiem tal-perjodu stabbilit imsemmi fil-paragrafu 4, dwar il-progress li jkun sar biex jonqsu l-effetti ta' ħsara tat-tipjip fost iż-żgħażaġh,
 6. Jinnota li sehem il-Kummissjoni huwa wieħed ta' appoġġ biex jintlaħqu l-objettivi Ewropej billi tgħin lill-Istati Membri biex jaqsmu l-għerf u l-aħjar Prattiki u biex issir riċerka Ewropea dwar il-ġlieda kontra l-effetti ta' ħsara tat-tipjip fost iż-żgħażaġh;
 7. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għal emenda għad-Direttiva ta' Qafas dwar is-Sikurezza u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol⁽⁴⁾ li tesiġi li kull min iħaddem jiżgura li l-post tax-xogħol huwa ħieles mid-dħaħen tat-tabakk;
 8. Jistieden lill-Istati Membri biex, fi żmien sentejn, jintroduċu projbizzjoni mingħajr restrizzjonijiet fuq it-tipjip fil-postijiet tax-xogħol kollha fil-maġhluq, inklużi stabbiliment ta' l-ikel, u fil-bini pubbliċi fil-maġhluq u fil-mezzi ta' trasport pubbliċi maġhluqa kollha fl-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni, fil-każ li l-għanijiet imsemmija ma jintlaħqux mill-Istati Membri kollha, biex sa l-2011 tippreżenta proposta lill-Parlament u lill-Kunsill dwar regoli dwar il-protezzjoni ta' persuni li ma jpejpu fil-qasam tal-ħarsien fuq il-post tax-xogħol u b'dan jiġu rikonoxxuti d-dispożizzjonijiet nazzjonali eżistenti ta' l-Istati Membri;
 9. Jistieden lill-Istati Membri li introduċew projbizzjoni sħiħa fuq it-tipjip f'postijiet pubbliċi, fi ħwienet tax-xorb u firistoranti biex joħolqu u jiffirmaw karta volontarja li tiddikjara "żona Ewropea ħielsa mit-tipjip", biex b'hekk tinħoloq xpruna ta' Stati Membri li diġà adottaw projbizzjoni sħiħa fuq it-tipjip fuq il-bażi ta' sħubija volontarja, u jistieden lill-membri tal-karta biex eventualment jikkunsidraw jagħtu status leġiżlattiv lill-din il- karta volontarja permezz tal-proċedura ta' koperazzjoni msaħħa;
 10. Jistieden lill-Istati Membri biex fi żmien sentejn jipprojbixxu t-tipjip fil-grawnds fejn jilagħbu t-tfal;

(1) ĠU C 304 E, 1.12.2005, p. 264.

(2) Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi (ĠU L 196, 16.8.1967, p. 1).

(3) Direttiva 2004/37/KE tal-parlament ewropew u l-kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati ma' l-esposizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50).

(4) Direttiva 89/391/KEE tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal rapport dwar l-ispejjeż imġarrba mis-sistemi tas-saħħa nazzjonali u l-ekonomija ta' l-Unjoni Ewropea b'riżultat tat-tipjip u l-effetti tat-tniġġis mid-dħaħen tat-tabakk;
12. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta, sa l-2008 jekk huwa possibbli, għal emenda tad-Direttiva 2001/37/KE⁽¹⁾ dwar il-prodotti tat-tabakk, li għallinqas tkun tinkludi dan li ġej:
 - projbizzjoni immedjata tas-sustanzi addittivi li jsaħħu l-ivvizzjar,
 - projbizzjoni immedjata fuq l-addittivi kollha li minn data tossikoloġika eżistenti ntwera li jikkawżaw il-kanċer, li huma mutaġeniċi, jew tossiċi għar-riproduzzjoni fiha nnifisha jew fil-proċess ta' tmermir ikkawżat mis-sħana (pyrolysis) (ħruq f'temperatura ta' 600/950° celsius),
 - introduzzjoni ta' proċedura dettaljata ta' reġistrazzjoni, evalwazzjoni u awtorizzazzjoni għall-addittivi tat-tabakk, u tikkettar komplut fuq il-pakkett ta' l-addittivi kollha tat-tabakk,
 - projbizzjoni awtomatika tas-sustanzi addittivi kollha li għalihom l-importaturi tal-prodotti tat-tabakk ma jipprovdex informazzjoni sħiħa sa tmiem l-2008 (inklużi listi ta' l-ingredjenti kollha bl-isem tad-ditta u t-tip, flimkien ma' data dwar il-kwantitajiet u tossikoloġika),
 - obbligu għall-produtturi li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku d-data tossikoloġika kollha dwar l-addittivi u s-sustanzi fid-dħaħen tat-tabakk, inklużi dawk li jiġu prodotti mill-ħruq tat-tabakk (data pubblika u data interna),
 - tfassil ta' elenku komprensiv ta' sustanzi addittivi tat-tabakk u sustanzi fid-dħaħen tat-tabakk u l-forniment ta' informazzjoni tal-konsumaturi dwarhom,
 - introduzzjoni ta' sistema ta' ffinanzjar li timponi fuq il-produtturi ta' prodotti derivati mit-tabakk l-ispejjeż kollha marbuta ma' l-iżvilupp u ż-żamma ta' strutturi ta' evalwazzjoni u monitoraġġ (per eżempju, laboratorji indipendenti, persunal u studji xjentifiċi),
 - applikazzjoni tar-responsabilità għall-prodott fuq il-produtturi u introduzzjoni ta' responsabilità tal-produtturi għall-iffinanzjar ta' l-ispejjeż tas-saħħa kollha li joriġinaw mill-konsum tat-tabakk;
13. Jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa miżuri oħra fl-UE kollha lejn Ewropa ħielsa mid-dħaħen tat-tipjip, u sabiex tappoġġja strateġija komprensiva ta' kontroll tal-konsum tat-tabakk u ta' waqfien mit-tipjip u sabiex teżamina aktar miżuri ma' l-UE kollha lejn Ewropa ħielsa mid-duħħan tat-tabakk, bħal pereżempju:
 - projbizzjoni fl-UE kollha fuq l-użu tat-tabakk fil-preżenża tal-minorenni fit-trasport privat,
 - projbizzjoni fl-UE kollha ta' bejgħ ta' prodotti tat-tabakk lil żgħażagħ ta' taħt it-18-il sena,
 - li l-għoti ta' permess għall-installazzjoni ta' magni għall-bejgħ tas-sigaretti isir biss jekk dawn ma jkunux aċċessibbli għall-minorenni,
 - it-tneħħija ta' prodotti tat-tabakk minn sistemi self-service fil-ħwienet ta' bejgħ bl-imnut,
 - projbizzjoni tal-bejgħ minn distanza (p.e. permezz ta' l-internet) ta' prodotti tat-tabakk liż-żgħażagħ taħt it-18-il sena;
 - promozzjoni ta' miżuri preventivi u kampanji kontra t-tipjip għaż-żgħażagħ,
 - projbizzjoni tar-riklamar bl-internet ta' prodotti tat-tabakk,
 - l-inkoraġġiment biex l-Istati Membri jdaħħlu tassazzjoni li ma tkunx suġġetta għall-inflazzjoni fuq il-prodotti kollha tat-tabakk,
 - livell minimu għoli ta' tassazzjoni fl-UE kollha fuq il-prodotti tat-tabakk,
 - kontrolli aktar ibsin fuq il-kuntrabandu tat-tabakk;

(¹) Direttiva 2001/37/KE tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jirrelataw mal-manifattura, preżentazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk (ĠU L 194, 18.7.2001, p. 26).

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

14. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinvestiga liema miżuri fiskali jistgħu jgħinu biex jonqos il-konsum tat-tabakk, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh, u jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel rakkomandazzjoni lill-Istati Membri fuq il-bażi ta' din l-investigazzjoni;
15. Jistieden lill-Istati Membri kollha biex ma jkomplux iħajru x-xiri ta' prodotti tat-tabakk f'pajjiżhom billi jżommu rati baxxi ta' tassazzjoni;
16. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni ta' l-Italja li tipprojbixxi t-trasport kollu ta' sigaretti bla tikketta, bħala mod ta' kif jingħeleb il-kuntrabandu u biex tiffaċilita d-determinazzjoni ta' l-orijini;
17. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti biex tiġi emendata d-Direttiva 2001/37/KE sabiex jitneħħa r-rekwiżit li fuq il-pakketti tas-sigaretti jkun hemm tagħrif dwar il-qatran, in-nikotina u l-monossidu karboniku, li bħalissa jipprovdi lil min ipejje b'paragun li jqarraq;
18. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti biex tiġi emendata d-Direttiva 2001/37/KE sabiex tinkludi ġabra ġdida ta' twissijiet bl-istampi li jkunu akbar u aktar qawwija u jkunu obligatorji fuq il-prodotti tat-tabakk kollha li jinbiegħu fl-Unjoni Ewropea, u biex twissijiet bħal dawn ikunu jidhru fuq iż-żewġ naħat tal-pakketti tat-tabakk; iqis li t-twissijiet kollha għandu jkollhom ukoll dettalji ċari ta' kuntatti li jgħinu lil min ipejje biex jaqta' t-tipjip, bħal xi numru tat-telefon bla hłas relevanti jew xi websajt relevanti;
19. B'mod partikolari, jistieden lill-Kummissjoni biex tirrakkomanda l-inklużjoni ta' twissija dwar rabta bejn it-tipjip u t-telf tal-vista fir-reviżjoni tagħha tad-Direttiva 2001/37/KE, minħabba li bosta studji xjentifiċi reċenti pproduċew evidenza b'saħħitha u konsistenti li t-tipjip jikkawża t-telf tal-vista permezz tad-deġenerazzjoni tal-makula marbuta ma' l-età; twissijiet bħal dawn għandhom jidhru fil-lista ta' twissijiet għall-użu ta' prodotti tat-tabakk bi stampi grafiċi xierqa sabiex jiġi appoġġjat dan il-messaġġ;
20. Jistieden lill-Istati Membri biex jgħinu lil min ikun irid jaqta' t-tipjip permezz ta' miżuri ta' appoġġ, per eżempju interventi għall-waqfien mit-tipjip bħal ma huma:
- aċċess akbar għat-terapija għall-waqfien mit-tipjip — kemm farmakoloġiċi (per eżempju, it-terapija għas-sostituzzjoni tan-nikotina) kif ukoll komportamentali (l-għoti tal-pariri) — permezz ta' l-għoti ta' rimborż u interventi minn fornituri tal-kura tas-saħħa;
 - prezzijiet aktar raġonevoli tal-prodotti għall-waqfien mit-tipjip (per eżempju, il-prodotti għas-sostituzzjoni tan-nikotina) permezz ta' rata mnaqqsa tal-VAT;
21. Jiġbed l-attenzjoni li skond l-istrategġija Ewropea tad-WHO ta' l-2004 dwar il-politika għall-waqfien mit-tipjip, l-għoti tal-pariri b'mod intensiv minn tabib għal aktar minn 10 minuti għandu l-ogħla rata ta' suċċess biex dak li jkun jaqta' s-sigaretti għat-tul; jistieden għalhekk lill-Istati Membri biex idaħħlu l-għoti tal-pariri għat-temma tad-dipendenza min-nikotina fis-sistema nazzjonali għall-kura tas-saħħa billi jħajru u jħarrġu lill-professjonisti tal-kura primarja sabiex jintervjenu u jistaqsu lill-pazjenti b'mod sistematiku dwar it-tipjip, u biex jingħatalhom rimborż għal dan l-għoti ta' pariri b'mod intensiv;
22. Jistieden lill-Istati Membri biex imexxu kampanji ta' informazzjoni u ta' edukazzjoni dwar l-istili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, imfassla għall-etajiet u l-gruppi soċjali kollha sabiex in-nies jibdeu ikunu responsabli għalihom infushom u, fejn ikun il-każ, għal uliedhom;
23. Iqis li miżuri bħal dawn għall-waqfien mit-tipjip għandhom jiżguraw li min ipejje, l-aktar iż-żgħażaġh u dawk li ma tantx huma ekonomikament komdi, ikollu aċċess għall-prodotti u għal trattamenti għall-waqfien mit-tipjip, inkluż għoti ta' pariri, bi prezzijiet raġonevoli, sabiex ikun żgurat li ma jkunx hemm differenzi għal dawk il-membri tas-soċjetà li jkollhom xi żvantaġġi u b'hekk jaqtgħu qalbhom milli jużawhom;
24. Iqis li t-tagħrif dwar kif taqta' t-tipjip, inklużi n-numri tat-telefon bla hłas jew xi indirizz ta' websajt, għandhom jidhru b'mod ċar fil-ħwienet kollha fejn jinbiegħu l-prodotti tat-tabakk;

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli timplimenta miżuri ta' appoġġ fil-livell ta' l-UE, bħal pereżempju miżuri ta' ħolqien ta' kuxjenza; iqis li l-iżvilupp tal-ħiliet tat-tobba u ta' ħaddiema oħra fil-kura tas-saħħa għandu jkun qasam importanti, u wieħed ta' prijorità;
26. Jistieden lill-Kummissjoni biex b'mod urġenti tinvestiga r-riskji tas-saħħa assoċjati mal-konsum tas-'snus' u l-impatt tiegħu fuq il-konsum tas-sigaretti;
27. Jitlob, bħala parti mill-awtorità tal-baġit, li f'dan il-kuntest, jiġi ggarantit kompletament l-iffinanzjar ta' kampanji simili ta' ħolqien ta' kuxjenza, li bħalissa huma ffinanzjati mill-fond Komunitarju tat-tabakk, anki wara d-data ta' skadenza tiegħu;
28. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jinkludu l-kontroll tat-tabakk bħala prijorità ewlenija fil-ħidma tagħhom dwar is-saħħa u l-iżvilupp u biex jaħdmu ma' pajjiżi bi dħul baxx biex jiġi żgurat li l-finanzjament u l-għajjnuna teknika meħtieġa jsiru disponibbli sabiex sħab l-UE mill-ACP ikunu jistgħu jikkonformaw ma' l-obbligi tagħhom skond il-FCTC; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex dejjem tħallas fil-pront l-impenji finanzjarji kollha marbuta ma' l-FCTC u ma' l-inizjattivi relatati mas-sistema tan-NU;
29. Jistieden lill-Italja u lir-Repubblika Ċeka biex jirratifikaw l-FCTC malajr kemm ji sta' jkun;
30. Jikkundanna n-nuqqas ta' kunsiderazzjoni muri minn xi Membri u persunal tal-Parlament Ewropew għar-restrizzjonijiet fuq it-tipjip fil-Parlament Ewropew, per eżempju, billi jpejpu fit-turġien jew fil-bar miftuħ tal-Membri fi Strasburgu;
31. Jistieden lill-Bureau tiegħu, billi jappella għall-funzjoni tiegħu bħala entità li tagħti l-eżempju, biex jiddikjara projbizzjoni tat-tipjip mingħajr eżenzjonijiet fil-kmamar kollha tal-Parlament Ewropew b'effett immedjat; jitlob biex isir infurzar rigoruż ta' din il-projbizzjoni;
32. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TA(2007)0472

Turkija**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar ir-rapport perjodiku ta' l-2004 u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-progress tat-Turkija lejn l-adeżjoni ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Settembru 2005 dwar il-ftuħ tan-negożjati mat-Turkija ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2006 dwar il-progress tat-Turkija lejn l-adeżjoni ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-16 ta' Marzu 2006 dwar id-dokument tal-Kummissjoni ta' l-2005 dwar l-istrategġja għat-tkabbir ⁽⁴⁾ u tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istrategġja għat-Tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2006-2007 ⁽⁵⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 226 E, 15.9.2005, p. 189.

⁽²⁾ ĠU C227 E, 21.9.2006, p. 163.

⁽³⁾ ĠU C 306 E, 15.12.2006, p.284.

⁽⁴⁾ ĠU C 291 E, 30.11.2006, p. 402. Testi.

⁽⁵⁾ Testi Adottati, P6_TA(2006)0568.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

- wara li kkunsidra l-Qafas ta' Negozjar għat-Turkija tat-3 ta' Ottubru 2005,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/35/KE tat-23 ta' Jannar 2006 dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kundizzjonijiet li hemm fil-Ftehim ta' Sħubija mat-Turkija⁽¹⁾ ("is-Sħubija ta' l-Adeżjoni"),
 - wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni ta' l-2006 dwar il-Progress fin-negozjati mat-Turkija (SEC (2006)1390),
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istrateġija ta' tkabbir u l-isfidi ewlenin 2006-2007 (COM(2006)0649),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103 (2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi n-negozjati għal sħubija mat-Turkija nfetħu fit-3 ta' Ottubru 2005 wara l-approvazzjoni mill-Kunsill tal-Qafas ta' Negozjar, u billi l-bidu ta' dawn in-negozjati huwa l-punt ta' tluq ta' proċess dejjiemi u li m'għandux limitu ta' żmien,
- B. billi t-Turkija impenjat ruħha li twettaq riformi u li tfittex relazzjonijiet tajba mal-ġirien u l-allinjament progressiv ma' l-UE, u billi dawn l-isforzi għandhom jitqiesu bħala opportunità għat-Turkija stess biex timmodernizza ruħha,
- C. billi l-konformità sħiħa mal-kriterji ta' Kopenhagen għadha l-bażi għall-adeżjoni ma' l-UE, kif ukoll għall-kapaċità ta' l-integrazzjoni ta' l-Unjoni, b'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2006.
- D. billi t-Turkija għadha ma implimentatx kompletament id-dispożizzjonijiet skond il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija u l-Protokoll Addizzjonali tiegħu,
- E. billi wara mewġa impressjonanti ta' riformi li kienu ġew introdotti bejn l-2002 u l-2004, ir-ritmu tar-riformi fit-Turkija issa naqas; billi fis-17 ta' April 2007 l-Gvern Tork adotta l-Programm għall-Allinjament ma' l-Acquis ta' l-UE 2007-2013', billi fil-31 ta' Awwissu 2007 l-gvern Tork il-ġdid ressaq il-programm tiegħu, li jinkludi t-tisħiħ ta' l-ekonomija, it-tfassil ta' kostituzzjoni ġdida u l-aċċellerazzjoni tar-riformi meħtieġa sabiex it-Turkija toqrob lejn l-UE,
1. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex fir-rapport perjodiku tagħha tidentifika dawk it-temi li jridu jiġu indirizzati mit-Turkija bħala prijorità, filwaqt li tiffoka fuq il-kisba tal-prijoritajiet għall-futur qarib u fuq żmien medju stipulati fil-Ftehim ta' Sħubija ta' Adeżjoni, u sabiex tagħti attenzjoni partikulari għat-temi msemmija fir-riżoluzzjoni; jistenna li l-Kummissjoni tuża l-mezzi tagħha kollha xierqa sabiex tappoġġja b'mod effiċjenti l-proċess ta' riforma, u jfakkar lit-Turkija li r-rispett lejn l-impenji tagħha fi ħdan il-kalendarju stipulat mill-Ftehim ta' Sħubija ta' Adeżjoni huwa ta' importanza kbira għall-kredibilità tagħha;
 2. Jifraħ lit-Turkija talli organizzat elezzjonijiet ħielsa u ekwi, kif ikkonfermaw il-Missjoni ta' Evalwazzjoni Elettorali ta' l-OSCE/Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem u delegazzjoni ta' l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill ta' l-Ewropa; jilqa' b'sodisfazzjon li l-elezzjoni ta' Assemblea Kbira Nazzjonali Torka, li tirrappreżenta lir-reġjuni kollha u li kabret il-parteċipazzjoni tan-nisa, u jinkuraġġixxi lid-deputati eletti ġodda sabiex jimpenjaw ruħhom iżjed favur it-tisħiħ tad-demokrazija fit-Turkija;
 3. Jilqa' l-elezzjoni tal-President il-ġdid bħala sinjal tas-saħħa tad-demokrazija tat-Turkija; jitlob lill-President Abdullah Gül biex iħeġġeġ il-pluraliżmu u l-unità tal-poplu Tork fi stat sekulari fil-proċess għal riformi diffiċli imma bżonnjużi;

(¹) ĠU L 22, 26.1.2006, p.34.

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

4. Jistenna li l-Gvern Tork il-ġdid, li jgawdi minn mandat b'saħħtu u fiduċja mill-poplu, biex iħaffef il-proċess ta' riformi sabiex jissodisfa l-impenji ddefiniti fil-Ftehim ta' Sħubija ta' Adeżjoni; jinkuraġġixxi l-gvern sabiex ifittex kunsens wiesa' fil-Parlament Tork u fis-soċjetà ċivili Torka dwar kwistjonijiet kostituzzjonali u istituzzjonali; ifakkar li l-iżvilupp tat-Turkija fi stat demokratiku u prosperu msejjes fuq l-istat tad-dritt flimkien ma' l-applikazzjoni uniformi ta' normi legali huwa ta' importanza strateġika għat-Turkija, għas-soċjetà tagħha u għall-UE; jilqa' f'dan ir-rigward l-impenn tal-gvern il-ġdid biex iħeġġeġ il-proċess ta' riforma fix-xhur u s-snin li ġejjin;
5. Jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-gvern il-ġdid Tork biex jadotta kostituzzjoni ġdida u ċivili li trid tiproteġi d-drittijiet tal-bniedem fundamentali u l-libertajiet fundamentali; jenfasizza l-bżonn li jiġi żgurat li l-kostituzzjoni l-ġdida tistabbilixxi sistema ta' kontrolli u bilanċi li jggarantixxu l-karattru demokratiku u sekulari ta' l-Istat Tork; jitlob lill-partijiet kollha biex jappoġġjaw proċess kostituzzjonali miftuħ u kunsenswali; ifakkar f'dan il-kuntest ir-rakkomandazzjoni bikrija tiegħu dwar il-limitu elettorali; jisħaq li pjanijiet kostituzzjonali m'għandhomx jippostponu riformi li huma fil-bżonn b'mod urġenti, speċjalment dwar l-Artikolu 301 tal-Kodiċi Penali;
6. Jilqa' b'sodisfazzjon l-iżvilupp ekonomiku pożittiv li sar fit-Turkija f'dawn l-aħħar snin; madankollu iqis li huwa importanti ħafna li jiżdied l-impjeg u li tkun żviluppata strateġija ta' riforma li ssaħħa il-koeżjoni soċjali tas-soċjetà Torka;
7. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi magħmula mill-gvern Tork sabiex jiġi konformi ma' l-acquis ta' l-UE, u jappoġġja l-ftuħ ta' negozjati dwar il-kapitolu ta' l-enerġija malli l-preparazzjonijiet tekniċi jkunu lesti; iħeġġeġ lit-Turkija biex tissieħeb, bħala membru sħiħ, mal-Komunità ta' l-Enerġija Ewropea, u sabiex ikun hemm tisħiħ ulterjuri tal-koperazzjoni fl-enerġija bejn l-UE u t-Turkija, bil-ħsieb li tissaħħa is-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija, u jiġi appoġġjat l-użu ta' riżorsi ta' enerġija li jiġġeddu u l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika; jenfasizza l-importanza tat-Turkija bħala "hub" ta' tranżitu għad-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-gass lejn l-UE; jenfasizza li l-proġetti ta' l-enerġija li jinvolvu lit-Turkija fin-Nofsinhar tal-Kawkasu għandhom ikunu miftuħa għall-pajjiżi kollha ta' dak ir-reġjun, li jagħmlu parti mill-politika ta' viċinat ta' l-UE;
8. Jinnota li l-pożizzjoni geo-strateġika tat-Turkija fir-reġjun u l-irwol tagħha fit-trasport u fil-loġistika se jsiru aktar importanti fis-snin li ġejjin; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tohrög rapport speċifiku dwar l-aħħar żviluppi u l-isfidi tal-ġejjieni;
9. Huwa mħasseb dwar il-fatt li l-Forzi Armati Torok kemm-il darba ndaħlu fil-proċess politiku; jenfasizza li jinħtieġu aktar sforzi li jiżguraw li jkun hemm kontroll ċivili sħiħ u effettiv fuq il-forzi militari; jenfasizza li t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġija nazzjonali dwar is-sigurtà għandhom ikunu mmoniterjati mill-awtoritajiet ċivili; jappella li jitwaqqaf kontroll parlamentarju sħiħ fuq il-politika militari u tad-difiża u ta' l-ispejjeż kollha relatati; barra minn hekk jitlob għal supervizzjoni parlamentari fuq is-servizzi sigriet, il-ġendarmerija u l-pulizija tal-pajjiż;
10. Jilqa' b'sodisfazzjon id-Djalogu dwar is-Soċjetà Ċivili bejn l-UE u t-Turkija, u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tagħti rapport dwar il-ħidma li saret f'dan il-qafas; jenfasizza l-importanza ta' iżjed kuntatti bejn is-soċjetajiet ċivili fit-Turkija u fl-UE; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi appoġġ immirat għas-soċjetà ċivili, sabiex tkun aktar preżenti f'reġjuni differenti tat-Turkija u sabiex f'dan il-kuntest tagħti attenzjoni partikolari lix-Xlokk; jitlob lill-gvern il-ġdid Tork sabiex, fil-proċess ta' riforma, jinvolvi b'aktar intensità lis-soċjetà ċivili Torka, minħabba l-importanza tagħha fit-tmexxija 'l quddiem tad-demokrazija fit-Turkija;
11. Jirreferi għar-riżoluzzjoni tiegħu ta' hawn fuq tas-27 ta' Settembru 2006 dwar it-Turkija, l-aktar għal dawk il-paragrafi tiegħu dwar ir-riformi meħtieġa sabiex jittejbu l-ħidma tas-setgħat ġudizzjarji u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem, il-ħarsien tad-drittijiet tan-nisa, l-implimentazzjoni ta' politika ta' tolleranza-zero għat-tortura, u l-ħarsien tad-drittijiet kulturali, reliġjużi u ta' minoranzi; jistenna, qabel jevalwa l-progress magħmul fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi, ir-riżultati tal-monitoraġġ intensifikat tal-kriterji politiċi mħabbra mill-Kummissjoni fl-aħħar strateġija tagħha dwar it-tkabbir; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippubblika dawk ir-riżultati fir-rapport li jmiss tal-progress tagħha;
12. Iħeġġeġ lill-gvern il-ġdid Tork sabiex jimplimenta bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet skond il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija u l-Protokoll Addizzjonali tiegħu; ifakkar li n-nuqqas taż-żamma ma' l-impenji tat-Turkija kif imsemmija fil-Ftehim ta' Sħubija ta' Adeżjoni se jkompli jolqot b'mod serju l-proċess tan-negozjati;

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

13. Jilmenta l-fatt li għadd ta' persuni għadhom għaddejnin minn prosekuzzjoni skond l-Artikolu 301 tal-Kodiċi Penali; jikkundanna bis-sħiħ il-kundanna reċenti ta' Saris Seropyan u Arat Dink skond dan l-Artikolu; u jhegġegħ lill-gvern u lill-parlament li għadu kif ġie elett biex jiżguraw li jitneħħew id-dispożizzjonijiet kollha tal-Kodiċi Penali li jippermettu restrizzjonijiet arbitrarji ta' l-espressjoni ta' opinjonijiet mhux vjolenti u li jiġu ggarantiti l-libertà ta' l-espressjoni u l-libertà ta' l-istampa; iqis dan bħala l-oġġla prijorità għall-gvern il-ġdid;

14. Jenfasizza l-ħtieġa li mingħajr dewmien tiġi adottata Liġi dwar il-Fundazzjonijiet li tindirizza l-inċertezza legali li bħalissa hemm fir-rigward tal-minoranzi reliġjużi u li tistabbilixxi qafas legali ċar li jippermettilhom li jeżerċitaw it-twenmin tagħhom b'mod ħieles billi tħallihom, fost l-oħrajn, li jkunu sidien ta' proprjetà u li jħarrġu lill-kleru tagħhom; jingħaqad mat-tħassib muri mill-Kunsill ta' l-24 ta' Lulju 2007 dwar id-deċizzjoni riċenti tal-Qorti tal-Kassazzjoni Torka fir-rigward tal-Patrijarkat Ekumeniku; ihegġegħ lill-gvern il-ġdid Tork sabiex ibiddel l-istrateġija tiegħu lejn il-minoranzi reliġjużi ħalli tkun konformi mal-prinċipji tal-libertà reliġjuża kif definit mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tqajjem dawn il-problemi mal-gvern il-ġdid; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tindika kif l-Istrument ta' Qabel is-Sħubija stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006⁽¹⁾ jista' jintuża għall-ħarsien tal-wirt Kristjan;

15. Jikkundanna bil-qawwi l-qtil ta' Hrant Dink, tal-qassis Kristjan Andrea Santoro u ta' tliet Insara f'Malatya, l-attakk terroristiku f'Ankara, u l-atti l-oħra kollha ta' vjolenza immotivati b'mod politiku jew reliġjuż; jistenna li l-awtoritajiet Tork jinvestigaw fis-sħiħ dawn il-każijiet u jressqu quddiem il-ġustizzja lil dawk kollha responsabbli; jenfasizza l-ħtieġa urġenti ta' ġlieda effiċjenti kontra kull tip ta' estremiżmu u vjolenza u sabiex dawn jiġu pprojbiti fil-livelli kollha tal-ħajja pubblika fit-Turkija; jistieden lill-Gvern Tork sabiex iżid il-protezzjoni ta' dawn il-gruppi, minoranzi jew individwi li jħossuhom esposti għal theddid u diskriminazzjoni;

16. Jistieden lill-gvern il-ġdid biex jieħu miżuri konkreti sabiex jiżgura li d-drittijiet sħaħ tat-trade unions ikunu rrispettati b'konformità ma' l-istandards Ewropej u ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għax-Xogħol; jinkuraġġih sabiex jappoġġja l-intensifikazzjoni tad-djalogu soċjali bejn l-għaqdiet ta' dawk li jħaddmu u t-trejdjunjins; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tqajjem din il-kwistjoni mal-gvern il-ġdid;

17. Jilqa' l-fatt li għadd kunsiderevoli ta' nisa fit-Turkija għandhom pożizzjonijiet importanti fl-ekonomija u fid-dinja akkademika, u li ġew eletti aktar nisa fil-parlament Tork milli kien hemm qabel; jenfasizza li l-aċċessibilità għall-edukazzjoni għan-nisa, it-trattament ugwali u l-emanċipazzjoni ekonomika tagħhom huma importanti ħafna għal aktar tkabbir ekonomiku u prosperità fit-Turkija; jisgħobbih li vjolazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, u b'mod partikolari l-hekk imsejħa "reati relatati ma' l-unur", jibqgħu kwistjonijiet ta' tħassib serju; għalhekk ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tisħaq mal-gvern il-ġdid fuq il-bżonn li jsaħħaħ l-isforzi tiegħu biex jegħleb il-vjolenza u Prattiki diskriminatorji kontra n-nisa, u jisħaq li dawk l-isforzi għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, kampanja pubblika sostenibbli u l-għoti ta' iżjed protezzjoni għal nisa li jsibu ruħhom f'diffikultà;

18. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' strateġija komprensiva għall-iżvilupp soċjoekonomiku tax-Xlokk tat-Turkija; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tindika l-mod li bih l-Istrument ta' Qabel l-Adeżjoni jista' jintuża sabiex jappoġġja sforzi li jridu jsiru mill-gvern il-ġdid tat-Turkija sabiex jiżviluppa x-Xlokk tal-pajjiż, u sabiex tikkoordina din l-għajnuna flimkien ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra;

19. Jinsab imħasseb dwar il-konsegwenzi tal-problemi soċjali, ekoloġiċi, kulturali u ġeopolitiċi tal-Proġett Tork għall-Anatolja tax-Xlokk, li jinvolvi proġetti ta' lqugħ għall-ilma li se jkollhom impatt dirett fuq il-provvista ta' l-ilma tal-pajjiżi ġirien; jistieden lill-Kummissjoni biex timmoniterja mill-qrib, fir-rapport regolari tagħha, l-iżvilupp tal-koperazzjoni rigward l-ilma transkonfinali f'konformità ma' konvenzjonijiet internazzjonali, direttivi dwar il-ħarsien tan-natura u ta' l-ambjent, u d-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma⁽²⁾, u biex tippromwovi l-applikazzjoni ta' l-istandards ambjentali ta' l-UE għall-imminar fuq skala kbira u l-proġetti ta' l-ilqugħ ta' l-ilma;

20. Ihegġegħ lill-gvern il-ġdid biex iniedi inizjattiva politika favur soluzzjoni dejjiema għall-kwistjoni Kurda, u biex jaħdem bl-involviment kostruttiv tar-rappreżentanti li għadhom kif ġew eletti fl-Assemblea Ġenerali Kbira tat-Turkija, u tas-sindki eletti u tas-soċjetà ċivili fix-Xlokk, għal titjib sinifikanti fil-ħajja soċjali, ekonomika u kulturali; jilqa' l-inizjattiva tal-President Gül li jżur ix-Xlokk tat-Turkija għall-ewwel darba;

(¹) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82.

(²) Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2007

21. Jikkundanna bil-qawwi l-vjolenza mwettqa fit-Turkija mill-Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan (PKK) u minn gruppi terroristiċi oħra; jesprimi s-solidarjetà tiegħu mat-Turkija fil-ġlieda tagħha kontra t-terroriżmu u jirrepeti l-appell tiegħu lill-PKK biex jiddikjara u jirrispetta waqfien mill-ġlied immedjat; jenfasizza l-ħtieġa li titkompli l-ġlieda kontra t-terroriżmu b'mod li hu proporzjonat għat-theddida imposta u b'impenn sħiħ lejn l-osservanza ta' l-istrumenti u l-istandards legali internazzjonali; enfasizza li ma jista' jkun hemm qatt ġustifikazzjoni għal kwalunkwe vjolenza tat-tip li twettqet kontra n-nies ċivili;
 22. Jinsab imħasseb sew minħabba l-konsegwenzi ta' azzjoni militari possibbli bejn il-fruntieri mit-truppi Torok fit-Tramuntana ta' l-Iraq; jitlob lit-Turkija sabiex iżżomm lura milli tieħu passi unilaterali li jivvolaw it-territorju Iraqin u biex tfttex li tagħmel sforzi favur soluzzjoni paċifika; jitlob lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex iżidu l-isforzi diplomatiċi sabiex jevitaw milli tiżdied il-vjolenza li tnaqqas l-istabilità tar-reġjun sħiħ;
 23. Jagħti importanza kbira lill-impenn tat-Turkija għal relazzjonijiet tajba mal-ġirien li jkunu konformi mar-rekwiżiti stipulati fil-Qafas ta' Negozjar; itenni l-istennija tiegħu li t-Turkija tiegħaf minn kwalunkwe imblokk ekonomiku u għeluq ta' fruntieri u tibqa' lura minn theddidiet jew attivitajiet militari li għandhom it-tendenza li joħlqu tensjoni fir-rigward tal-pajjiżi ġirien; itenni l-appell tiegħu lit-Turkija biex tieħu sehem fi sforzi serji u intensivi għar-riżoluzzjoni ta' tilwim li għadu għaddej mal-ġirien kollha tagħha, skond il-Karta tan-NU u konvenzjonijiet internazzjonali oħra rilevanti; u inkluża diskussjoni onesta u miftuħa dwar avvenimenti passati; itenni l-appell tiegħu lill-Gvernijiet tat-Turkija u ta' l-Armenja sabiex jibdew proċess ta' rikonċiljazzjoni għall-preżent u għall-passat, u jitlob lill-Kummissjoni biex tiffaċilita r-ikonċiljazzjoni Torka-Armenja filwaqt li jittieħed vantaġġ mill-koperazzjoni reġjonali maħsuba fil-Politika ta' Viċinat Ewropea u fil-Politika dwar is-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed;
 24. Jiddispjaċih li ma sar l-ebda progress sostanzjali sabiex jintlaħaq ftehim komprensiv dwar il-kwistjoni ta' Ċipru; itenni l-appell tiegħu liż-żewġ naħat sabiex jadottaw attitudni kostruttiva sabiex jintlaħaq ftehim komprensiv fi ħdan il-qafas tan-NU, ibbażat fuq il-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-UE; f'dan ir-rigward, ifakkar fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu li ddikjaraw li l-irtirar tal-forzi Torok għandhom jiffaċilitaw in-negozjar ta' ftehim;
 25. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien ta' strument ta' appoġġ finanzjarju li jinkuraġġixxi l-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Ċiprijotta Torka; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tirrapporta speċifikament fuq l-implimentazzjoni u l-effettività ta' dak l-istrument;
 26. Jenfasizza l-importanza tal-potenzjal tat-Turkija fir-rigward tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed, in-Nofsinar tal-Kawkasu u r-reġjun ta' l-Ażja Ċentrali biex iġġib l-istabilità, il-governanza demokratika, il-kunfidenza reċiproka u l-prosperità f'dawk ir-reġjuni, b'mod partikolari permezz ta' proġetti ta' koperazzjoni reġjonali; jisħaq fuq l-irwol tat-Turkija fil-Lvant Nofsani; jistieden lill-Kummissjoni sabiex issaħħaħ il-koperazzjoni tagħha mal-gvern Tork fir-rigward tal-politika ta' l-UE li tikkonċerna dawk ir-reġjuni;
 27. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar it-talba għal segwitu għall-istudju ta' impatt li kien ġie ppreżentat fl-2004 u jitlob sabiex dan jingħatalu fl-2007;
 28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-parlamenti u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri u lill-Gvern u l-Parlament tat-Turkija.
-

MINUTI

(2008/C 263 E/04)

PROĊEDURI TAS-SEDUTI

IPPRESIEDA: Diana WALLIS

*Viċi-President***1. Ftuħ tas-Seduta**

Ħin tal-ftuħ tas-seduta: 10.00.

2. Attivitajiet ta' l-Ombudsman Ewropew (2006) (dibattitu)

Rapport dwar ir-rapport annwali dwar l-attivitajiet ta' l-Ombudsman Ewropew fl-2006 [2007/2131(INI)] — Kumitat għall-Petizzjonijiet.
Rapporteur: Luciana Sbarbati (A6-0301/2007)

Tkellem Nikiforos Diamandouros (Ombudsman).

Luciana Sbarbati ippreżentat ir-rapport.

Tkellem Margot Wallström (Viċi President tal-Kummissjoni).

Tkellmu: Manolis Mavrommatis fisem il-grupp PPE-DE, Alexandra Dobolyi fisem il-grupp PSE, Anneli Jäätteenmäki fisem il-grupp ALDE, Mieczysław Edmund Janowski fisem il-grupp UEN, Margrete Auken fisem il-grupp Verts/ALE, Dimitrios Papadimoulis fisem il-grupp GUE/NGL, Luca Romagnoli fisem il-grupp ITS, Robert Atkins, Maria Matsouka, Marios Matsakis, Ryszard Czarnecki, Eva-Britt Svensson, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Proinsias De Rossa, Leopold Józef Rutowicz, Mairead McGuinness, Inés Ayala Sender, Simon Busuttill, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Roberta Alma Anastase, Andrzej Jan Szejna, Nikiforos Diamandouros u Margot Wallström.

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 7.16 tal- Minuti ta' 25.10.2007.**(Ħin li fih ġiet sospiża s-seduta sa ma sar il-ħin għall-votazzjonijiet: 11.20 Ħin li fih tkomplet is-seduta: 11.30)*

IPPRESIEDA: Hans-Gert PÖTTERING

*President***3. Tikketta ta' oriġini (dikjarazzjoni bil-miktub)**

Id-dikjarazzjoni 75/2007 ippreżentata mill-Membri Joseph Daul, Enrique Barón Crespo, Graham Watson, Heide Rühle u Eugenijus Maldeikis dwar it-tikketta ta' oriġini ġiet iffirmata mill-maġġoranza tal-Membri tal-Parlament. B'riżultat ta' dan, skond l-Artikolu 116(4) tar-Regoli ta' Proċedura, se tiġi ppreżentata lid-destinatarji u ppubblikata flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji fit-Testi Adottati tas-sessjoni ta' 11.12.2007.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

4. Dikjarazzjoni tal-President

Il-President għamel din id-dikjarazzjoni:

Il-Konferenza tal-Presidenti ħadet deċiżjoni unanimità, li qed ngħaddilkom, waqt li prinċipalment qed nindirizza ruħi lill-Kunsill.

Waqt il-konsultazzjonijiet relattivi għall-proposta tal-Kummissjoni dwar il-tibdil tar-regolament rigward il-finanzjament tal-partiti politiċi fil-livell Ewropew, il-Kumitat tar-rappreżentanti permanenti ddeċieda lbieraħ li jintroduċi diviżjoni fil-proposta tal-Kummissjoni u biex issir deċiżjoni dwar il-modifiki meħtieġa fir-regolament finanzjarju f'att separat, bi qbil mal-bażi ġuridika fis-seħħ biex timmodifika r-regolament imsemmi.

Dan ifisser li ċerti aspetti essenzjali ta' din il-proċedura leġislattiva se jitneħħew mill-kodeċiżjoni tal-Parlament Ewropew, u li l-Kummissjoni, kontra l-konvinzjonijiet proprji tagħha, trid tippreżenta proposta ġdida, li fuqha l-Qorti ta' l-Awdituri trid tkun għal darb'oħra kkonsultata.

Il-Parlament Ewropew jitlob lill-Kunsill biex iqis mill-ġdid din id-deċiżjoni. Il-modifiki għal regolament fuq il-partijiet proposti mill-Kummissjoni huma meħtieġa biex jingħelbu d-diffikultajiet prattiċi li deheru waqt l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament. Dawn il-modifiki jippermettu wkoll li l-fondazzjonijiet politiċi jkomplu jkunu appoġġjati fil-livell Ewropew, li jikkontribwixxu b'mod importanti fit-twaqqif ta' bażijiet ta' kuxjenza politika pubblika. Għal dan il-għan, huwa indispensabbli li r-regolament propost jidħol fis-seħħ b'mod rapidu.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali adotta fit-22 ta' Ottubru rapport li esprima l-volontà li jintlaħaq kompromess mal-Kunsill bil-ħsieb li jippermetti adożżjoni rapida tar-regolament propost.

Fil-ħidma li jtfassal l-att ġudizzjarju, ir-rappreżentanti permanenti rrifjutaw dawn l-isforzi. Id-diviżjoni ta' l-att ġuridiku mhux meħtieġa f'sens ġuridiku, terġa' tqis id-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni, tillimita d-drittijiet tal-Parlament u twassal għal riskju ta' dewmien konsiderevoli.

Fisem il-Konferenza tal-Presidenti, nitlob lill-Kunsill biex jirrettifika flivell ministerjali d-deċiżjoni tar-rappreżentanti permanenti.

Tkellmu: Jo Leinen, President tal-Kumitat AFCO, u Margot Wallström (Viċi President tal-Kummissjoni).

5. Premju Sakharov 2007 (ħatra ta' rebbieħ)

Il-President ħabbar li, fil-laqgħa tiegħu tal-lum, il-Konferenza tal-Presidenti proċediet bl-unanimità dwar il-ħatra ta' l-avukat Sudaniż tad-drittijiet tal-bniedem Salih Mahmoud Osman bħala rebbieħ tal-Premju Sakharov 2007.

L-għoti tal-Premju se jseħħ it-Tlieta 11 ta' Diċembru fi Strasburgu.

*
* *
*

Il-President ħabbar ukoll li l-Konferenza tal-Presidenti ddeċidiet bl-unanimità li tfakkar fil-ħidma tal-ġurnalista Russa Anna Politkovskaya waqt il-laqgħa li jmiss.

6. Merħba uffiċjali

Il-President, fisem il-Parlament, ta merħba lill-membri tad-delegazzjoni tal-Majlisi Oli tar-Repubblika tat-Taġikistan, immexxija minn Makhkamboy Azimovich Makhmudov, li ħadu posthom fil-gallarija uffiċjali.

7. Ħin tal-votazzjonijiet

Ir-riżultati ddettaljati tal-votazzjonijiet (emendi, votazzjonijiet separati u votazzjonijiet maqsumin, eċċ) jidhru fl-Anness 'Riżultati tal-Votazzjonijiet', mehmuż mal-Minuti.

7.1. Abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea — Sena Finanzjarja 2008 (votazzjoni)

- Abbozz ta' emendi u proposti ta' modifika dwar il-krediti tat-taqsimi III ta' l-abbozz tal-baġit ġenerali għall-2008 li jikkonċernaw il-Kummissjoni
- Abbozz ta' emendi għat-taqsimiet I, II, IV, V, VI, VII, VIII, IX ta' l-abbozz tal-baġit ġenerali għas-Sena Finanzjarja 2008 fir-rigward tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti ta' l-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni, il-Medjatur Ewropew, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

(Maġġoranza kwalifikata meħtieġa għall-abbozzi ta' l-emendi li jaħsbu għal infiq mhux obbligatorju; maġġoranza sempliċi meħtieġa għall-proposti ta' modifika li jaħsbu għal infiq obbligatorju)

L-abbozzi ta' l-emendi u l-proposti għall-modifiki adottati jidhru fl-anness mat-Testi adottati.

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 1)

Interventi:

- qabel il-votazzjoni, Kyösti Virrankoski (rapporteur) indika l-aġġustamenti ta' karatteristika teknika ma' l-emendi 990, 24, 989 u 1043, minflok il-kummenti ma' l-emenda 1133. Huwa preċiżza wkoll li l-kummenti ma' l-emenda 634 ma japplikawx għall-emendi 1018, 934, 938 u 940. Huwa rrakkomanda wkoll ir-rifjut ta' l-emenda 752 favur l-emenda 610, it-trasferiment tar-riserva ta' l-emenda 752 fl-emenda 610, u r-rifjut ta' l-emenda 1044 favur l-emenda 32;
- waqt il-votazzjoni, Kyösti Virrankoski rrakkomanda it-tressiq għall-votazzjoni tal-kummenti dwar l-emenda 822 u wettaq xi preċiżjonijiet dwar ir-riserva ta' l-emendi 938 u 1043; huwa talab li l-emenda 610 titressaq għall-votazzjoni qabel l-emenda 752; huwa intervjena wkoll dwar l-emendi 753 u 990;
- Véronique De Keyser u Christopher Heaton-Harris ikkummentaw dwar l-emendi 231 u 21;
- László Surján indika li l-verżjoni bil-Ġermaniż ta' l-emenda 951 hija awtentika;
- qabel il-votazzjoni tat-Taqsimi I (Parlament Ewropew), Ville Itälä (rapporteur) indika ċerti aġġustamenti ta' karatteristika teknika ma' l-emendi 1094, 1004 u 1013.

7.2. Abbozz tal-baġit ġenerali 2008 (taqsima III), ittra ta' rettifika Nru 1/2008 (votazzjoni)

Rapport dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008, Taqsima III — Kummissjoni (C6-0287/2007 — 2007/2019(BUD)) u Ittra ta' emenda Nru 1/2008 (13659/2007 — C6-0341/2007) għall-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008 — Kumitat għall-Baġit.

Rapporteur: Kyösti Virrankoski (A6-0397/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 2)

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata (P6_TA(2007)0473)

7.3. Abbozz tal-baġit ġenerali 2008 (taqsimiet I, II, IV, V, VII, VIII, IX) (votazzjoni)

Rapport dwar l-Abbozz tal-baġit ġenerali għall-eżerċizzju 2008, Taqsima I, Parlament Ewropew, Taqsima II, Kunsill, Taqsima IV, Qorti tal-Ġustizzja, Taqsima V, Qorti tal-Awdituri, Taqsima VI, Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, Taqsima VII, Kumitat tar-Regġuni, Taqsima VII, Medjatur Ewropew, Taqsima IX, Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data [C6-0288/2007 — 2007/2019B(BUD)] — Kumitat għall-Baġit.
Rapporteur: Ville Itälä (A6-0394/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 3)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata (P6_TA(2007)0474)

7.4. Rikonoxximent u superviżjoni ta' sentenzi sospiżi, sanzjonijiet alternattivi u sentenzi kondizzjonali * (Artikolu 131 tar-Regoli ta' Proċedura) (votazzjoni)

Rapport dwar l-inizjattiva tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża bil-ħsieb ta' l-adozzjoni mill-Kunsill ta' Deċiżjoni Kwadru dwar ir-rikonoxximent u s-superviżjoni ta' sentenzi sospiżi, sanzjonijiet alternattivi u sentenzi kondizzjonali [06480/2007 — C6-0129/2007 — 2007/0807(CNS)] — Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern.
Rapporteur: Maria da Assunção Esteves (A6-0356/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 4)

INIZJATTIVA, EMENDI u ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata b'votazzjoni unika (P6_TA(2007)0475)

Tkellmu:

— Maria da Assunção Esteves (rapporteur) preżentat emenda orali ma' l-emenda 2, li ġiet aċċettata.

7.5. Ordni ta' nfużzar Ewropew u t-trasferiment ta' persuni li ngħataw sentenza * (votazzjoni)

Rapport dwar l-abbozz ta' deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li dawn jiġu infużzati fl-Unjoni Ewropea (Konsultazzjoni mill-ġdid) [09688/2007 — C6-0209/2007 — 2005/0805(CNS)] — Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern.
Rapporteur: Ioannis Varvitsiotis (A6-0362/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 5)

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

38. Jerġa' jgħib kif kien l-abbozz preliminari tal-baġit fir-rigward tat-tnaqqis li sar mill-Kunsill għall-appropriazzjonijiet u l-listi ta' l-istaff fl-intestatura 5; ipoġġi EUR 49 miljun friżerva sakemm jiġu pprovduti d-dejta u l-istudji hawn fuq imsemmija; jixtieq iżomm u jiżviluppa djalogu interistituzzjonali kostruttiv fir-rigward ta' l-isforzi kontinwi biex jittejjbu l-prattiki amministrattivi fl-istituzzjonijiet Ewropej; jenfasizza l-importanza ta' reklutaġġ adegwat mit-12-il Stat Membru ġdid; huwa tal-fehma li, fir-rigward tat-tkabbir, dokumenti ta' relevanza għal diskussjonijiet u deċiżjonijiet, bħal, pereżempju, evalwazzjonijiet ta' l-impatt, għandhom ikunu disponibbli fil-lingwi kollha neċessarji, minħabba li daww id-dokumenti huma għodda għat-tfassil aħjar tal-liġijiet; f'dan ir-rigward ifakkar li l-Kumitat għall-Baġit tiegħu nieda, permezz ta' żewġ studji, proċess biex janalizza l-oġettivi tar-riforma amministrattiva tal-Kummissjoni, li jiffoka fuq l-introduzzjoni ta' bbaġitjar ibbażat fuq l-attività (ABB) u mmaniġjar ibbażat fuq l-attività (ABM), l-introduzzjoni ta' ċiklu ta' pjanar strateġiku u l-allokazzjoni tan-nefqa amministrattiva relatata;

39. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport dwar benchmarks ma' persunal f'organizzazzjonijiet internazzjonali oħra bħala segwitu għar-rapport tagħha dwar l-ippjanar u l-ottimizzar tar-riżorsi umani; barra minn hekk jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta linji gwida biex tiffaċilita l-iffinanzjar ta' infrastruttura pubblika taħt sħubijiet pubbliċi-privati (PPP);

40. Dwar il-proġetti pilota, jipproponi firxa ta' proġetti innovattivi li jindirizzaw l-isfidi ta' politika attwali fl-UE;

41. Dwar l-azzjonijiet preparatorji, jipproponi firxa ta' inizjattivi li għandhom iwittu t-triq għal azzjonijiet futuri li jtejjbu l-kapaċità ta' l-Unjoni Ewropea biex tindirizza l-bżonnijiet reali ta' ċittadini tagħha;

*
* * *

42. Jieħu nota ta' l-opinjonijiet li ttehed vot dwarhom fil-kumitati speċjalizzati kif inhuma inklużi fir-rapport A6-0397/2007;

43. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u l-annessi tagħha, flimkien ma' l-emendi u l-modifikazzjonijiet proposti għat-Taqsima III ta' l-abbozz tal-baġit ġenerali, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra kkonċernati;

ANNEX

STQARRIJET KONĠUNTI MIFTIEHMA FIL-LAQGĦA TA' KONĊILJAZZJONI TAT-13 TA' LULJU 2007

1. Il-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni u l-programmi għall-Iżvilupp Rurali bejn l-2007 u l-2013

"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jagħtu l-akbar importanza lill-approvazzjoni rapida mill-Kummissjoni tal-programmi u l-proġetti operattivi ppreżentati mill-Istati Membri frabta mal-programmi ġodda tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni għall-perjodu 2007-2013, kif ukoll għall-programmi ffinanzjati skond l-iżvilupp rurali.

Biex tkun evitata l-esperjenza tal-passat matul il-bidu tal-perjodu ta' l-ipprogrammar 2000-2006, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill se jwettqu monitorjar b'mod aktar rigoruż u fuq bażi regolari tal-proċess ta' approvazzjoni tal-programmi u l-proġetti operattivi bil-għan li tinkiseb aktar effiċjenza u amministrazzjoni aħjar. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni hija mitluba tkompli tipprovdri b'mod regolari għodda ta' monitorjar speċifiċi, inkluża "flow chart", matul il-proċedura baġitarja."

2. Reklutaġġ marbut mat-tkabbir ta' l-2004 u ta' l-2007

"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jinnotaw bi tħassib l-okkupazzjoni baxxa tal-postijiet fil-livell tal-Maniġment tan-Nofs, il-proporzjon xi ftit għoli tal-postijiet permanenti okkupati minn aġenti temporanji u n-nuqqas ta' għadd suffiċjenti ta' kompetizzjonijiet adattati.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jinsistu li għandhom isiru l-isforzi kollha mill-istituzzjonijiet u b'mod speċifiku mill-EPPO biex ikun assigurat li tittieħed l-azzjoni meħtieġa biex tkun irranġata s-sitwazzjoni u biex jitħaffef il-proċess kollu biex jimtlew il-postijiet mogħtija mill-awtorità għall-baġit ma' l-uffiċjali. Il-kriterji għandhom ikunu kif stipulat fl-Artikolu 27 tar-Regolament għall-Persunal u biex tinkiseb l-bażi ta' proporzjon ġeografiku l-usa' possibbli malajr kemm jista' jkun.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom l-intenzjoni li jkomplu josservaw mill-qrib il-proċess kontinwu tar-reklutaġġ. Għal dan il-għan, huma jitolbu lil kull istituzzjoni u lill-EPPO biex darbtejn fis-sena jipprovdu informazzjoni lill-awtorità għall-baġit dwar il-qagħda ta' l-affarijiet rigward ir-reklutaġġ b'rabta mat-tkabbir ta' l-2004 u ta' l-2007.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lis-Segretarji Ġenerali ta' l-istituzzjonijiet biex jippreżentaw rapport dwar il-progress miksub fil-qasam, kif ġej:

- rigward li jimtlew il-postijiet mogħtija fil-baġits 2004-07 sa l-aħħar ta' Jannar 2008;
- rigward li jimtlew il-postijiet mogħtija fl-2008 sal-15 ta' Ġunju 2008 u sal-31 ta' Ottubru 2008."

3. Dħul assenjat

"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jemmnu li ż-żieda tat-trasparenza fil-qasam tal-baġit hija parti mill-immuniġġjar finanzjarju fis-sod tal-fondi ta' l-UE.

F'dan il-kuntest, huma jitolbu lill-Kummissjoni u lill-istituzzjonijiet l-oħra biex jipprovdu dokumentazzjoni xierqa, fil-ħin u dettaljata dwar id-dħul assenjat, li tkopri l-implimentazzjoni attwali u t-tbassir sa fejn hu possibbli, biex takkumpanja l-Abbozz Preliminari tal-Baġit. Il-Kummissjoni se tippovdi informazzjoni xierqa dwar id-dħul assenjat b'rabta mal-fondi trasferiti għall-baġit li jmiss u meta jkun disponibbli t-trasferimenti ta' l-appropriazzjonijiet; dan se jinvolvi tibdil fil-format u l-kontenut tad-dokumentazzjoni kurrenti u ma' jippreġudikax id-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu mill-awtorità għall-baġit.

Huma jagħtu importanza kbira lit-tweġiq ta' l-immonitorjar tad-dħul assenjat, speċjalment ta' dawk relatati ma' l-aġenziji tal-Komunità, u jitolbu lill-Kummissjoni biex tirrapporta b'mod regolari dwar it-tweġiq tagħhom, b'mod partikolari fuq il-bażi ta' dokument speċifiku qabel l-ewwel qari tal-baġit. Huma jistiednu lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti xierqa li jippermettu monitorjar u kontroll effettiv tad-dħul assenjat fil-kuntest tar-reviżjoni li ġejja tar-Regolament Finanzjarju (KE,Euratom) Nru 2343/2002 għall-aġenziji tal-Komunità.

Il-Kummissjoni hija mistiedna tirrapporta dwar it-titjib magħmul mhux aktar tard mill-bidu tal-proċedura baġitarja li ġejja. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser ikompli jagħtu attenzjoni mill-viċin lill-immuniġġjar tad-dħul assenjat u jistennew li jsir titjib rapidu f'dan il-qasam."

4. Aġenziji deċentralizzati

"Rigward il-ħolqien jew il-modifika ta' l-iskop ta' korp li jaqa' taħt l-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju, iż-żewġ friegħi ta' l-awtorità għall-baġit jitolbu lill-Kummissjoni biex tinformahom fil-ħin dwar il-proċedura leġiżlattiva kontinwa biex tagħtihom is-setgħa li jwettqu l-prerogattivi tagħhom skond il-Punt 47 ta' l-IIA.

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jitolbu aktar trasparenza frabta ma' l-aġenziji deċentralizzati, bil-għan li jimmonitorjaw aħjar l-iżvilupp tagħhom. Il-Kummissjoni se tidentifika għal kull intestatura n-nefqa għall-aġenziji, inkluż l-evoluzzjoni tagħha matul il-perjodu 2007-2013.

Huma jiftakru fl-istqarrija konġunta tagħhom dwar l-aġenziji tal-Komunità adottata fit-18 ta' April 2007, speċjalment il-punt 4 tagħha, u jistiednu lill-Kummissjoni biex tippovdi lista ta' l-aġenziji li se tevalwa inkluż skeda dettaljata għal din il-proċedura u spjegazzjoni dettaljata tal-kriterji wżati għall-għażla ta' l-aġenziji u sabiex tippreżenta r-riżultati kull sena mhux aktar tard mit-trilogu ta' Ottubru.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

Biex tippermetti lill-awtorità baġitarja tikseb stampa ċara u komprensiva ta' l-evalwazzjonijiet li diġà saru, il-Kummissjoni għandha tagħti l-lista ta' l-aġenziji li diġà kienu għew evalwati u sommarju qasir tas-sejbiet ewlenin ta' dawn l-evalwazzjonijiet.

Huma jfakkru wkoll li l-istqarrija konġunta tat-18 ta' April 2007 msemmija hawn fuq, li l-Kummissjoni kienet mistiedna tipprovdi fl-istess ħin ma' kull Abbozz Preliminari tal-Baġit, dokument ta' ħidma li jkopri lill-aġenziji Komunitarji kollha.

Biex jinkiseb dan, l-aġenziji deċentralizzati huma mitluba jipprovdu informazzjoni dettaljata, kull sena, li tiġi inkluża ma' l-abbozzi ta' l-estimi tagħhom għas-sena baġitarja li jkun imiss. Dan għandu jinkludi aġġornament tal-pjan tal-politika dwar l-persunal tagħhom, b'informazzjoni dwar l-għadd ta' aġenti permanenti u temporanji koperti mill-pjanijiet ta' l-istabbiliment u dwar il-persunal estern (aġenti b'kuntratt) għas-snin $n-1$, n u $n+1$; il-programm ta' ħidma ta' l-aġenzija u l-informazzjoni dwar il-kontenut tal-baġit tagħhom, fejn jintwerew d-dettalji ta' l-intestaturi 1 u 2.

Għandhom jagħmlu disponibbli wkoll l-estimi u l-indikaturi bħall-kera jew il-valur stmat tal-bini, l-istatut tal-persunal u xi privileġġi mogħtija lill-aġenziji mill-Istati Membri li jospitaw.

Barra minn hekk, l-aġenziji għandhom jipprovdu, sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Marzu ta' kull sena n , stima ta' dak li jibqa' żejjed fl-operat mis-sena $n-1$, li jrid jintradd lura lill-baġit tal-Komunità fis-sena n , biex l-informazzjoni li diġà hija disponibbli dwar dak li jibqa' żejjed fis-sena $n-2$, tkun sħiħa.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni biex tipproċedi għall-ġabra ta' l-informazzjoni kollha msemmija hawn fuq, fil-ħin dovut għal kull APB u biex tiġbor l-informazzjoni nieqsa għal din is-sena."

5. Aġenziji eżekuttivi

"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jilqgħu l-isforzi kollha biex tittejjeb l-effiċjenza fil-metodi użati mill-Kummissjoni Ewropea biex timplimenta l-politiki u l-programmu ta' l-UE.

Il-ħolqien ta' aġenziji eżekuttivi jista' jikkostitwixxi kontribut għal din l-effiċjenza, imma biss jekk dan il-metodu jirrispetta b'mod sħiħ il-prinċipju ta' l-immaniġġjar finanzjarju sod u trasparenza totali. Dan ifisser li aġenziji bħal dawn m'għandhomx, la issa u lanqas fil-ġejjieni, iwasslu għal żieda fis-sehem ta' l-ispiża amministrattiva. Għaldaqstant, il-prinċipju li l-postijiet ikunu ffriżati kif spjegat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002, bħala riżultat ta' riorganizzazzjoni bħal din tal-ħidmiet, irid jinżamm b'mod rigoruż. Kwalunkwe proposta għall-ħolqien ta' aġenzija eżekuttiva għal għandha tkun ibbażata fuq analiżi komprensiva tal-qligħ meta mqabbel man-nefqa. Il-linji tar-responsabbiltà u tal-kontabilità għandhom ikunu stabbiliti b'mod ċar fil-proposta.

L-awtorità għall-baġit irid ikollha l-informazzjoni meħtieġa kollha biex tgħinna tosserva mill-qrib l-implimentazzjoni ta' dan il-prinċipju kemm issa kif ukoll fil-ġejjieni. L-informazzjoni fir-rapport finanzjarju speċifiku għall-aġenzija eżekuttiva għandha għaldaqstant tkopri:

- ir-riżorsi rigward l-appropriazzjonijiet u l-persunal li jkunu meħtieġa biex titmexxa l-aġenzija eżekuttiva, bin-nefqa għall-persunal (uffiċjali permanenti u temporanji u l-aġenti b'kuntratt) u l-infiq amministrattiv ieħor murija b'mod imqassam;
- il-pjanijiet dwar l-issekondar ta' l-uffiċjali mill-Kummissjoni lill-aġenzija eżekuttiva;
- riżorsi amministrattivi mehluġin billi jkunu trasferiti kompiti mid-dipartimenti tal-Kummissjoni lill-aġenzija eżekuttiva u r-riallokazzjoni tar-riżorsi umani; b'mod partikolari n-numru ta' persunal (inkluż persunal estern) assenjat għal kull ħidma rilevanti fil-Kummissjoni, in-numru ta' dan il-persunal li ser ikun trasferit lil aġenzija proposta għal għandha jew imkabbra, in-numru ta' postijiet tal-Kummissjoni li ser ikunu ffriżati bħala konsegwenza u n-numru ta' persunal tal-Kummissjoni li ser ikun propost li jkun trasferit għal kompiti oħrajn;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- d. it-tqassim mill-ġdid konsekuttiv tal-persunal fi ħdan il-pjan ta' l-istabbiliment tal-Kummissjoni;
- e. il-vantaġġi li jkunu delegati l-ħidmiet ta' implimentazzjoni lil aġenzija esekuttiva kontra l-immaniġġjar b'mod dirett mis-servizzi tal-Kummissjoni: kull tqabbil bejn ix-xenarju ta' "L-immaniġġjar b'mod dirett mis-servizzi tal-Kummissjoni" ma' xenarju ta' "aġenzija esekuttiva" jkun ibbażat fuq ir-riżorsi wżati biex ikun(u) implimentat(i) l-programm(i) eżistenti u x-xejra kurrenti tiegħu (tagħhom) sabiex ikun hemm bażi soda u fattwali għat-tqabbil: għal programmi ġodda jew li qed jespandu l-evoluzzjoni tal-pakkett finanzjarju relatat li għandu jkun immaniġġjat mill-aġenzija se jitqies ukoll;
- f. abbozz ta' pjan ta' l-istabbiliment għal kull grad u għal kull kategorija kif ukoll stima fuq bażi soda ta' l-għadd ta' l-aġenti b'kuntratt maħsub u bbaġitjati b'mod proviżorju;
- g. spjegazzjoni mqasma ċara u dettaljata dwar l-atturi kollha involuti fil-programm ta' implimentazzjoni inkluż is-sehem li jibqa' tal-pakkett tal-programm operattiv li huma se jkunu responsabbli għall-implimentazzjoni tiegħu (il-Kummissjoni, l-aġenziji esekuttivi, l-Uffiċċji ta' Għajnuna Teknika li baqa', l-Istati Membri, l-aġenziji nazzjonali, eċċ.)

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni biex, qabel tiddeċiedi li toħloq aġenzija ġdida jew li testendi l-mandat ta' aġenzija eżistenti, tforni informazzjoni sħiħa u dettaljata dwar il-livelli tal-persunal u kif qed ikunu utilizzati biex tagħti l-kapaċità lill-awtorità baġitarja li tevalwa li n-nefqa amministrattiva għall-implimentazzjoni ta' programm tabilħaqq ma żdieditx.

Wieħed għandu jiftakar li d-deċiżjoni finali dwar il-persunal tibqa' kwistjoni fidejn l-awtorità baġitarja."

Stqarrija tal-Kummissjoni dwar id-dħul assenjat

"Il-Kummissjoni tfakkar li l-irkuprar ta' l-ammonti li tħallsu bi żball huwa għodda vitali għall-immaniġġjar finanzjarju sod; dawn l-ammonti għandhom jitqiesu fil-perspettiva ta' implimentazzjoni sħiħa tal-programmi deċiżi skond il-qafas finanzjarju multiannwali.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li m'huwiex possibbli li ttipprovi lill-Awtorità Baġitarja tbassir dwar id-dħul assenjat barra minn dak li diġà huwa inkluż fl-Abbozz Preliminari tal-Baġit."

P6_TA(2007)0474

Abbozz tal-baġit ġenerali 2008 (Taqsimiet I, II, IV, V, VI, VII, VIII u IX)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008, Taqsima I — Parlament Ewropew, Taqsima II — Kunsill, Taqsima IV — Qorti tal-Ġustizzja, Taqsima V — Qorti ta' l-Awdituri, Taqsima VI — Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, Taqsima VII — Kumitat tar-Reġjuni, Taqsima VIII — Ombudsman Ewropew, Taqsima IX — Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (C6-0288/2007 — 2007/2019B(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 272 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/597/KE, Euratom tad-29 ta' Settembru 2000 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej⁽¹⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 253, 7.10.2000, p. 42.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u t-titjib fil-proċedura tal-baġit ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-punt 26 tagħha,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Marzu 2007 dwar il-linji gwida għall-proċedura tal-baġit 2008 — Taqsimiet II, IV, V, VI, VII, VIII u IX — u dwar l-abbozz preliminari ta' l-estimi (Taqsimi I) għall-proċedura tal-baġit 2008 ⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar l-estimi tad-dħul u ta' l-infiq tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2008 ⁽⁵⁾,
 - wara li kkunsidra l-abbozz preliminari ta' baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008 preżentat mill-Kummissjoni fit-2 ta' Mejju 2007 (SEC(2007)0500),
 - wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008, li l-Kunsill stabilixxa fit-13 ta' Lulju 2007 (C6-0288/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 69 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, u tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A6-0394/2007),
- A. billi l-2008 hija t-tieni sena tal-qafas finanzjarju l-ġdid (2007-2013), li għalih il-limitu ta' l-intestatura 5 (Nefqa Amministrattiva) ġie stabbilit għal EUR 7 457 miljun bil-prezzijiet attwali,
- B. billi l-Abbozz Preliminari tal-Baġit (PDB) ta' l-istituzzjonijiet kollha ħalla marġni ta' EUR 121 285 164 taħt l-intestatura 5 tal-qafas finanzjarju għas-sena finanzjarja 2008,
- C. billi wara d-deċiżjoni tal-Kunsill l-abbozz tal-baġit (DB) ħalla marġni ta' EUR 266 755 254 taħt il-limitu ta' l-intestatura 5 għall-2008,

Qafas ġenerali

1. Jagħraf li l-istituzzjonijiet, wara l-ewwel qari tal-Kunsill, għamli l-isforz li jnaqqsu xi wħud mill-ispejjeż taġġhom tas-soltu biex jibbilanċjaw il-ħtiġijiet assoluti taġġhom; iqis li dan l-eżerċizzju kkontribwixxa biex jiġi mfassal baġit għal dawk li jħallsu t-taxxi fl-UE kif mitlub fir-risoluzzjoni tal-linji ta' gwida; iħeġġeġ bil-ħerqa lill-istituzzjonijiet biex ikomplu f'din it-triq sabiex terġa' tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet Ewropej u fl-Ewropa;

2. Jinnota li l-biċċa l-kbira taż-żieda 'l fuq mil-limiti tar-rata ta' l-inflazzjoni hija minħabba l-ispiża tal-bini; jesprimi t-tħassib tiegħu għas-snin li ġejjin dwar il-konsistenza tan-nefqa relatata mal-bini jekk ma tkunx sorveljata mill-qrib mill-istituzzjonijiet; jistieden lill-istituzzjonijiet biex jinfurmaw lill-Awtorità Baġitarja regolarment bl-evoluzzjoni tal-proġetti differenti taġġhom u biex jissorveljaw kif jixraq l-espansjoni taġġhom; jitlob li, minħabba d-dħul fis-seħħ ta' l-Istatut tal-Membri fl-2009, għandu jitressaq pjan aġġornat ta' investment fil-proprietà għat-tliet snin li ġejjin, inklużi l-ispejjeż għar-ristrutturar, lill-Awtorità Baġitarja sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2008;

⁽¹⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

⁽²⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 172, 18.6.1999, p. 1. 1. Ftehim kif emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni Nru 2005/708/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 269, ta' l-14.10.2005, p. 24).

⁽⁴⁾ *Testi Adottati* ta' din id-data, P6_TA(2007)0099.

⁽⁵⁾ *Testi Adottati* ta' din id-data, P6_TA(2007)0237.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

3. Għalhekk iddeċieda li jillimita ż-żieda fil-baġit ta' l-2008 għal 6.92%; iddeċieda li jħalli marġni taħt il-limitu ta' l-intestatura 5; jirrakkomanda li jerġgħu jingħataw lura EUR 8 180 945 mill-EUR 22 127 359 mnaqqsa mill-Kunsill mill-baġit ta' l-istituzzjonijiet l-oħra (eskluża l-Kummissjoni), jiġifieri, li jerġgħu jingħataw lura 37% wara l-analiżi tat-talbiet speċifiċi u l-bżonnijiet ta' kull istituzzjoni; iqis li din l-istrateġija hija t-tweġiba għall-bżonnijiet ta' l-istituzzjonijiet fl-effiċjenza u tissalvagwardja s-sostenibilità tal-baġits tagħhom;
4. Jistieden, fil-kuntest tat-tħassib ġenerali dwar l-ambjent, lill-istituzzjonijiet kollha, inkluża l-Kummissjoni, biex jisfruttaw modi differenti, flimkien ma' l-Istati Membri li jospitaw, biex isir pjan għal trasport pubbliku aktar effiċjenti, inklużi postijiet ta' informazzjoni dwar il-mobilità interna, informazzjoni fuq l-intranet dwar l-iskedi tal-ħin sabiex iħajjar lill-istaff ta' l-istituzzjonijiet Ewropej biex juża t-trasport pubbliku jew ir-roti mingħajr periklu;
5. Jirrikonoxxi l-isforzi li saru mill-Parlament fis-sentejn li għaddeu biex jimplimenta eżerċizzju ta' rilokazzjoni; jiddispaċi li ħafna istituzzjonijiet oħra m'humiex qegħdin jimplimentaw politika effettiva ta' rilokazzjoni; jistenna li għal dawn l-istituzzjonijiet, ir-rilokazzjoni ssir parti integrali mill-eżerċizzju baġitarju tagħhom fis-snin li ġejjin;
6. Jinnota li fl-2006 il-Parlament kien talab informazzjoni aktar preċiża mill-istituzzjonijiet l-oħra dwar ir-rendiment u l-ispejjeż tal-ħidmiet ewlenin tagħhom sabiex jiġġustifikaw b'mod iktar trasparenti jekk il-fondi addizzjonali ħallewx riżultati jew le; jinnota li f'it wisq mill-istituzzjonijiet qegħdin jagħtu dawn ir-rapporti informattivi dwar l-attivitajiet; jitlob lill-istituzzjonijiet konċernati kollha biex jagħtu din l-informazzjoni sa l-ewwel ġimgħa ta' Settembru ta' kull sena;

Taqsimi I — Il-Parlament Ewropew*Kummenti ġenerali*

7. Ifakkar li l-2008 hija l-aħħar sena sħiħa ta' din il-leġiżlatura u l-aħħar sena qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-Istatut tal-Membri l-ġodda; iqis li dan għandu jiġi kkunsidrat minħabba l-ħtiġijiet finanzjarji tal-ġejjieni;
8. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Bureau, għall-ewwel darba, għamel talbiet ġodda fl-ittra ta' emenda tiegħu li huma anqas mil-limitu impost minnu stess ta' 20% ta' l-intestatura 5 (jiġifieri 19.87%) iżda li jinkludu żieda fl-estimi ta' EUR 45.6 miljun; jinnota l-fatt li l-Bureau fi ħsiebu jniedi għadd ta' proġetti ġodda li m'humiex marbuta direttament ma' l-attivitajiet ċentrali tal-Parlament; iqis li minħabba n-nuqqas ta' flessibilità li teżisti fil-baġit amministrattiv, l-iżvilupp ta' proġetti ġodda għandu jsir b'mod prudenti filwaqt li titqies id-disponibilità limitata tar-riżorsi finanzjarji u l-perspettivi mill-2009 'l quddiem; ihegġegħ lill-amministrazzjoni u l-Bureau biex jirriflettu fuq il-bżonnijiet reali u fuq l-istituzzjoni f'termini amministrattivi u politiki u biex ifittxu mezzi biex inaqqsu l-ispejjeż attwali tal-ħidmiet li jwettqu; itenni li dak li nkiteb hawn fuq m'huwiex xi limitazzjoni tad-dritt tal-Parlament li juża l-limitu kollu ta' 20% fl-2008 u fis-snin ta' wara, jekk ikun meħtieġ u ġustifikabbli li jsir hekk;
9. Jissuġġerixxi li ssir diskussjoni wiesgħa fuq livell ta' esperti dwar l-istorja ta' l-Ewropa u l-interpretazzjoni tagħha qabel ma tinholq Dar l-Istorja Ewropea;
10. Jilqa' l-pjan il-ġdid ta' rilokazzjoni propost mis-Segretarju Ġenerali li jolqot 58 impjeg; iqis li dan huwa pass fit-triq it-tajba biex jitwettqu l-ħtiġijiet il-ġodda u fl-istess ħin biex il-pjan ta' organizzazzjoni jibqa' stabbli għall-ġejjieni; ihegġegħ lis-Segretarju Ġenerali biex ikompli bl-azzjonijiet tiegħu u bl-analiżi ulterjuri sabiex il-ħidmiet ikunu razzjonalizzati aħjar u fl-istess ħin biex ikun hemm kontroll fuq l-ispejjeż ta' l-esternalizzazzjoni;
11. Jiddeċiedi, skond ir-riżoluzzjoni tas-7 ta' Ġunju 2007 msemmija hawn fuq dwar l-estimi tal-Parlament għall-2008, li jnaqqas għadd ta' linji baġitarji, l-aktar dawk li kienu għoljin iżżejjed fl-2006; jinnota li l-kapitoli 10 u 12 u t-titolu 4 m'humiex affettwati minn dan it-tnaqqis;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

12. Jirrikonoxxi li l-proposti l-ġodda damu ma ġew ippreżentati u fiġġu d-deċiżjoni tas-sessjoni plenarja li għandhom iżommu mar-rata ta' l-inflazzjoni ħliet meta l-inizjattivi l-ġodda jkunu ġew issostanzjati kif jixraq; iddeċieda li jistabbilixxi l-livell finali tal-baġit tal-Parlament għal EUR 1 452 517 167 li jikkorrispondu għal żieda ta' 3,9% fuq il-baġit ta' l-2007 u 19,48% ta' l-intestatura 5;

13. Jinnota li xi drabi, u għal raġunijiet differenti, l-Istituzzjonijiet kellhom jixtru jew jikru propjetà bi prezz li, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, kien jidher li hu oġġla mill-prezz tas-suq; jixtieq ikompli jinvestiga f'kuntest interistituzzjonali dwar kif jistgħu jitjiebu l-kundizzjonijiet ta' l-appalt pubbliku għax-xiri jew kiri tal-bini, kif ukoll għax-xogħlijiet fuq il-bini, mill-istituzzjonijiet ta' l-UE, l-aktar biex jitnaqqas il-prezz tax-xiri jew kiri ta' propjetà kif ukoll ta' l-ispejjeż għar-ristrutturazzjoni, u biex tinkiseb il-flessibilità meħtieġa ħalli jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' kartell jew ta' monopolju;

14. Jikkonferma l-impenn tiegħu biex il-liġijiet jifasslu aħjar bħala prijorità għall-attivitajiet ewlenin tal-Parlament u jappoġġja d-deċiżjonijiet li ttieħdu għal dan il-għan; iħeġġeġ lis-Segretarju Ġenerali biex ikompli bl-isforzi tiegħu għat-tisħiħ tal-kompetenza tal-Parlament biex il-liġijiet jifasslu aħjar;

Titjib fl-għajmuna lill-Membri

15. Iqis li ż-żamma tad-diversità lingwistika tal-Membri tal-Parlament Ewropew hija waħda mill-isfidi l-aktar importanti għall-amministrazzjoni; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan il-kuntest, il-proġett pilota li huwa p-programmat li jtnieda fl-2008 bħala twegħiba għat-talbiet rikorrenti tal-Membri għal assistenza lingwistika kemm bħala individwi kif ukoll waqt il-laqgħat mhux uffiċjali marbuta mal-ħidma leġiżlattiva;

16. Għalhekk jiddeċiedi li jillimita l-allokkazzjoni globali għall-proġett pilota għal EUR 4 miljun u, fl-istess ħin, li jqiegħed EUR 2 miljun fir-riżerva sabiex iġiegħel lill-amministrazzjoni tagħti prijorità għal appoġġ lingwistiku iktar effiċjenti għall-Membri waqt il-laqgħat uffiċjali; din ir-riżerva ta' EUR 2 miljun ma taffett-wax il-proġett pilota;

17. Itenni li s-servizz ta' l-interpretazzjoni u l-ispejjeż marbuta mal-laqgħat għandhom ikunu sfruttati bl-aktar mod effiċjenti; iqis li t-tagħmir għas-sistema ta' votazzjoni elettronika fis-swali kollha tal-laqgħat huwa mod kif jista' jiġi sfruttat aħjar l-użu tal-faċilitajiet ta' l-interpretazzjoni;

18. Jistieden lill-Bureau biex jikkonsulta mal-gruppi politiċi dwar kif għandhom isiru t-tagħmir u r-rijor-ganizzazzjoni tas-swali għal-laqgħat WIC 100 u WIC 200 fi Strasburgu qabel ma jieħu xi deċiżjoni oħra dwar dawn l-affarijiet;

19. Ifakkar li l-iskop tal-kodiċi ta' kondotta dwar il-multilingwiżmu huwa biex jingħata l-aħjar servizz ta' kwalità lill-Membri fi ħdan il-limitu ta' l-approprijazzjonijiet attwali; iħeġġeġ lill-amministrazzjoni biex tinforza tassew il-kodiċi ta' kondotta dwar il-multilingwiżmu sabiex jiġu evitati n-nuqqasijiet, l-użu irresponsabbli jew l-użu ħażin tas-servizzi lingwistiċi; Jiddispijaċih, madankollu, dwar in-nuqqas ta' flessibilità biex jiġu tradotti dokumenti importanti f'xi perjodu tassew diffiċli; jistieden lill-amministrazzjoni biex tagħmel kull sforz sabiex tiggarrantixxi servizz ta' traduzzjoni ta' kwalità għolja skond ir-rekwiżiti speċifiċi tal-Parlament f'termini ta' kwalità, skadenzi u kunfidenzjalità, biex tipprovi l-mezzi xierqa u biex tiżgura li s-servizz tat-traduzzjoni jkun organizzat biżżejjed biex jiġu evitati n-nuqqasijiet u għalhekk iż-żieda fl-ispejjeż, b'mod partikolari meta l-iskadenzi għad-deċiżjonijiet ikunu f'fissati mit-Trattat;

20. Jirrikonoxxi l-ħtieġa u l-utilità li, fi ħdan il-Librerija tal-Parlament attwali, jiġi żviluppat servizz analitiku għall-Membri individwali li jipprovi dokumenti analitiċi marbuta ma' l-attività parlamentari tagħhom;

21. Jieħu nota tal-proposta biex jinħoloq Artikolu 323 ġdid għar-*"relazzjonijiet mal-Parlamenti ta' pajjiżi terzi u l-appoġġ għad-demokrazija parlamentari"* b'ammont ta' EUR 360 000 biex l-attivitajiet tal-Parlament jiġu differenzjati skond iż-żona ġeografika; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-għadd ta' delegazzjonijiet u assembleji fil-baġit tal-Parlament, b'mod partikolari minħabba l-fatt li l-impatt finanzjarju tagħhom m'hu-wiex identifikat b'mod ċar fil-baġit billi ma jinkludix biss l-approprijazzjonijiet skond il-punti eżistenti iżda wkoll l-ispejjeż marbuta ma' l-interpretazzjoni u ma' l-appoġġ tekniku u loġistiku; jistieden lill-amministrazzjoni biex tressaq proposta biex ittejjeb it-trasparenza ta' din it-tip ta' attività;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

22. Iqis li l-Presidenzi tal-Parlament u tal-Kunsill għandhom iqisu l-opinjoni taċ-ċittadini ta' l-UE dwar it-tifrix ġeografiku tal-Parlament bejn it-tliet postijiet tax-xogħol u l-ispejjeż u l-konsegwenzi ambjentali marbuta miegħu;

23. Fir-rigward ta' l-għajnuna parlamentari, jistieden lill-amministrazzjoni biex issaħħaħ is-sistema ta' kontroll intern sabiex tiżgura li r-reklutaġġ ta' l-assistenti tal-Membri jkun ċar u trasparenti, filwaqt li jkun garantit li jitħarsu r-regolamenti fiskali u soċjali (salarji u drittijiet tas-sigurtà soċjali, eċċ);

24. Jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposta ġdida għal statut ta' l-assistenti li jggarantixxi l-libertà ta' l-għażla u l-flessibilità meħtieġa għall-Membri fir-rigward tat-tul tal-kuntratti kif ukoll tas-salarji minn naħa waħda u ta' l-uniformità u s-sigurtà fir-rigward tas-sistema fiskali, tad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà soċjali u ta' l-assigurazzjoni medika għall-assistenti min-naħa l-oħra;

Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej

25. Iddeċieda, f'din il-fażi tal-proċedura baġitarja, sakemm tkun adottata l-bażi legali għall-iffinanzjar tal-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej, li tinholq intestatura ġdida (403, "Kontribuzzjonijiet għall-fondazzjonijiet politiċi Ewropej") b'allokazzjoni ta' EUR 5 miljun fir-riżerva u b'nota *pro memoria* ("p.m.");

Programm ta' Apprendistat tal-Parlament Ewropew

26. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħidma tas-Segretarjat bil-għan li tkun evalwata l-introduzzjoni ta' Programm ta' Apprendistat tal-PE u jstieden lill-Bureau biex jipproċedi bil-ħidma ta' tħejji meħtieġa għall-ħames postijiet disponibbli; jstieden lill-amministrazzjoni biex il-proċeduri tagħha ta' l-appalt ikunu jinkludu, bħala wieħed mill-kriterji ta' l-għotja, l-impjeg ta' apprendisti f'kumpaniji li jittgħu l-offerti;

Għal Parlament Favur l-Ambjent

27. Jiddispaċih li, aktar minn ħames snin wara li beda l-proċess ta' l-EMAS fil-proċedura baġitarja, ir-reġistrazzjoni ta' l-EMAS għadha pendenti u l-impatt fuq l-ambjent kif ukoll l-iffrankar tal-flus u l-investimenti marbuta ma' l-implimentazzjoni tiegħu għadhom m'humiex magħrufa; jstieden lill-amministrazzjoni biex tippovdi t-tagħrif imsemmi hawn fuq, kif mitlub qabel fil-paragrafu 37 tar-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Marzu 2007 msemmija hawn fuq u l-paragrafu 31 tar-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2007 msemmija hawn fuq u biex tressqu quddiem il-kumitati rilevanti u korpi oħra; barra minn hekk, jitlob lill-amministrazzjoni biex tagħmel rapport dwar it-tnaqqis tal-konsum ta' l-enerġija li kellu jseħħ minħabba t-tnaqqis fl-użu tal-kondizzjonaturi ta' l-arja matul is-sajf, u biex tippreżenta pjan ta' azzjoni għat-tnaqqis u l-kumpens ta' l-emissjonijiet ta' CO₂ kkawżati mill-attivitajiet tal-Parlament, l-aktar fir-rigward ta' l-ivvjaġġar u l-bini, u biex jitnaqqas l-użu ta' l-ilma, tal-karta u ta' riżorsi oħra; f'dan ir-rigward jstieden lill-amministrazzjoni biex tippreżenta rapport ta' l-esperti dwar l-użu possibbli ta' panels fotovoltajċi jew li jużaw l-enerġija tax-xemx għall-produzzjoni ta' l-enerġija fuq il-bjut u mal-ħitan tal-bini tal-Parlament;

28. Jitlob lill-amministrazzjoni biex iġġedded il-flotta ta' karozzi tagħha billi tixtri jew tikri vetturi li jniġġsu anqas minn dawk attwali, bħall-karozzi ibridi, fuq il-bażi tal-preżentazzjoni ta' u biex tressaq il-pjan ta' azzjoni rilevanti li jinkludi l-impatt finanzjarju ta' deċiżjoni bħal din;

29. Jitlob lill-amministrazzjoni biex tnaqqas l-għadd ta' missjonijiet ta' l-istaff u biex tħeġġeġ lill-istaff biex, waqt li jkun qiegħed jivvjaġġa bejn it-tliet postijiet tax-xogħol, juża l-aktar mezzi ta' trasport li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;;

Politika ta' l-Infommazzjoni

30. Itenni r-rieda tiegħu li jkollu politika ta' informazzjoni qawwija li tinvolvi l-gruppi politiċi u li tkun qrib iċ-ċittadini Ewropej; iqis li dan jista' jinkiseb bit-tisħiħ tal-midja lokali u reġjonali, bil-ftuħ mill-aktar fis taċ-Ċentru tal-Viżitaturi fi Brussell u biż-żieda fil-flessibilità ta' l-użu tal-gruppi tal-viżitaturi; dwar ta' l-aħħar, ifakkar li r-rimborż ibbażat fuq l-ispejjeż reali, fi ħdan limitu li jrid jiġi definit, jiżgura t-trasparenza sħiħa tal-programm; jstieden, għal dan il-għan, lill-Kwesturi biex jeżaminaw mill-ġdid ir-regoli attwali;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

31. Jistieden lill-Bureau biex jiddeċiedi dwar programm għall-kampanja ta' l-elezzjoni li ġeja li jkoll il-ħtieġa ta' kuntatt mill-qrib bejn il-Membri u ċ-ċittadini ta' l-UE; itenni s-sehem ta' l-Uffiċċji ta' l-Infurmazzjoni f'dan ir-rigward, kif ukoll tal-midja lokali u reġjonali, sabiex jiżied l-għarfien taċ-ċittadini ta' l-UE dwar l-attivitajiet tal-Parlament; jitlob lill-amministrazzjoni biex issaħħaħ l-azzjonijiet favur il-midja lokali u reġjonali fl-uffiċċji esterni, inkluż l-involviment tal-Membri; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, li jirċievi l-programm annwali tal-ħidma tagħhom għall-2008 sa Diċembru ta' l-2007 sabiex ir-riżerva tkun tista' tintuża minn Jannar;

32. Jistieden lill-Kummissjoni biex tuża l-approprijazzjonijiet allokatu għall-informazzjoni għal kull xorta ta' tagħrif, fosthom ukoll għall-ħtiġijiet tal-minoranzi parlamentari biex jgħaddu tagħrif lill-pubbliku;

33. Jiddispaċiħ li mhux qiegħda tingħata informazzjoni biżżejjed lill-Awtorità Baġitarja dwar il-progress li sar s'issa fuq il-prototip tal-WebTV, l-aktar billi l-politika ta' l-informazzjoni, inkluż il-WebTV, qiegħda titqies bħala prijorità għall-2008; jiddeċiedi li jżomm EUR 9 miljun fir-riżerva għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni sakemm il-prototip jittressaq għall-approvazzjoni ta' l-Awtorità Baġitarja;

34. Jistenna l-prototip tal-WebTV; ifakkar li l-kundizzjoni li diġa sar qbil dwarha fil-proċedura baġitarja ta' qabel u fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2006 dwar il-Baġit ta' l-2007 (Taqsimiet I, II, IV, V, VI, VII, VIII(A) u VIII(B))⁽¹⁾ għall-iffinanzjar ta' dan il-proġett hija l-approvazzjoni tal-prototip;

Sigurtà

35. Jaqsam, ma' l-amministrazzjoni, it-tħassib li s-sigurtà hija kwistjoni importanti; jinnota, madankollu, li l-amministrazzjoni mhijiex fil-qagħda li tindika l-għadd eżatt ta' persuni li jkunu fil-bini tal-Parlament minħabba li xi wħud minnhom ma jużawx il-kard tagħhom biex jiftħu l-grada; konsegwentement jistieden lill-amministrazzjoni biex tiżgura li l-istaff jirrispetta r-regoli u jistieden lill-Kwesturi biex iqisu mill-ġdid l-użu ta' kards elettroniċi għall-Membri, li jippermettu l-implimentazzjoni ta' faċilitajiet ġodda differenti, bħall-firem elettroniċi;

36. Jenfasizza l-fatt li s-sigurtà għall-Membri u l-istaff madwar il-bini tal-Parlament fi Brussell mhijiex assigurata tajjeb wara l-ħinijiet normali tax-xogħol; jistieden lill-amministrazzjoni biex tinsisti ma' l-awtoritajiet Belġjani biex il-qagħda titjeb;

Pjan ta' Organizzazzjoni

37. Jappoġġa l-ħolqien ta' żewġ Direttorati Ġenerali ġodda għall-Interpretazzjoni u għall-Appoġġ ta' l-Innovazzjoni Teknoloġika; iqis li dan se jtejjeb is-servizz għall-Membri u għall-unitajiet differenti ta' l-amministrazzjoni;

38. Iqis li l-proposta dwar l-istaff, imressqa mis-Segretarju Ġenerali, inkluż il-ħolqien ta' impjegi ġodda, impjegi li jridu jiġu rilokati u xi tibdiliet u trasformazzjonijiet, tirrifletti t-tħassib tal-Parlament biex iż-żieda tal-pjan ta' organizzazzjoni tiegħu tiġi limitata biss għal proġetti ġodda jew għal kompetenzi speċifiċi; jinnota li l-għadd ta' impjegi rilokati jilhq u l-mira annwali ta' 1 % stabbilita fir-riżoluzzjoni ta' l-estimi; jitlob li jkun mgħarrf regolament dwar l-implimentazzjoni tal-pjan tal-politika tar- rilokazzjoni; barra minn hekk, jirrikonoxxi li l-proposta mressqa għandha impatt finanzjarju marġinali fuq il-baġit ta' l-2008;

39. Għalhekk iddeċieda li japprova l-modifiki tal-miżuri tal-pjan ta' organizzazzjoni propost mis-Segretarju Ġenerali bħala pakkett kif ġej:

— rilaxx mir-riżervi għall-ħolqien ta' 16-il impjeg ġdid mitluba fl-estimi u l-approprijazzjonijiet rispettivi tagħhom; dan jikkonċerna disa' AD5 u seba' AST3, fosthom impjeg temporanju wieħed għas-sitt Kwes-tur,

— jagħmel l-approprijazzjonijiet meħtieġa disponibbli għall-ħolqien ta' ħames AD5 għas-servizz analitiku fi ħdan il-Librerija u żewġ AD16 għall-ħolqien tad-Direttorati Ġenerali l-ġodda,

(¹) ĠU C 313 E, 20.12.2006, p. 415.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- il-bidla ta' 35 AST (10 AST1, 10 AST2, 5 AST3, 5 AST4 u 5 AST5) għal AD5 li tqiegħdu fir-riżerva,
- promozzjoni waħda *ad personam* (AD14 għal AD15),
- il-bidla ta' 25 AST6 għal AD5 u ta' AST1 wieħed għal AD5,
- il-miżuri ta' l-għoti ta' grad ġdid ta' 23 impjeg permanenti (2 AD12 għal AD15, 11-il AD12 għal AD7, 4 AST11 għal AST3, 3 AST11 għal AST1 u 3 AST6 għal AST1);

40. Iddeċieda li jirrilaxxa mir-riżerva l-448 promozzjoni għas-segretarjat tal-Parlament mitluba mill-amministrazzjoni fil-kuntest ta' l-Artikolu 6 tar-Regolamenti ta' l-Istaff għal staff permanenti u temporanju u l-approprijazzjonijiet korrispondenti tagħhom; rigward staff permanenti, dan jikkonċerna 2 AD13 għal AD14, 45 AD12 għal AD13, 25 AD11 għal AD12; 10 AD7 għal AD8, 3 AD6 għal AD7, 165 AD5 għal AD6, 50 AST7 għal AST8, 65 AST4 għal AST5, 65 AST1 għal AST2 u, rigward l-istaff temporanju, AD12 wieħed għal AD13, 2 AD10 għal AD11, AST2 wieħed għal AST3, 2 AST1 għal AST2, 12-il AST1 għal AST3;

41. Bl-istess mod iddeċieda li jikkonferma 74 promozzjoni mitluba mill-gruppi politiċi: AD12 wieħed għal AD13, 6 AD11 għal AD12, 4 AD10 għal AD11, 2 AD9 għal AD10, 4 AD8 għal AD9, 3 AD7 għal AD8, 7 AD6 għal AD7, 8 AD5 għal AD6, 3 AST10 għal AST11, 9 AST8 għal AST9, 9 AST7 għal AST8, 3 AST6 għal AST7, 2 AST5 għal AST6, 2 AST4 għal AST5, AST3 wieħed għal AST4, 2 AST2 għal AST3, 8 AST1 għal AST2;

42. Jiġbed l-attenzjoni li l-eżerċitar ta' l-iskrutinju demokratiku fuq il-Kummissjoni huwa wieħed mid-doveri ewlenin tal-Parlament u jitlob lill-Bureau u lill-amministrazzjoni biex jallokaw il-postijiet tal-komitoloġija meħtieġa għal din il-ħidma, filwaqt li jitqiesu r-responsabilitajiet il-ġodda tal-Parlament fil-qasam ta' l-affarijiet barranin u tal-programmi dwar il-politika għall-iżvilupp; barra minn hekk, jisħaq fuq l-importanza li jissaħħu l-ħiliet amministrattivi tal-Parlament fir-rigward tas-setgħat ġodda tiegħu ta' skrutinju demokratiku fuq l-istrumenti ta' assistenza esterna; għalhekk jitlob lis-Segretarju Ġenerali biex jirriloka żewġ impjeġi AD, wieħed lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-ieħor lill-Kumitat għall-Iżvilupp, matul l-2008, hekk kif jitbattal post tax-xoġħol fxi wieħed mid-dipartimenti li ġew identifikati bħala "prijoritajiet negattivi";

43. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Bureau li jstabbilixxi linji ta' gwida għar-reklutaġġ li jqisu l-persuni b'diżabilità, fosthom *stagiaires* u staff interim u/jew b'kuntratt temporanju, kif iddikjarat fil-Kodiċi tal-Prattika Tajba għall-Impjeg ta' Persuni b'Diżabilità; jilqa' b'sodisfazzjon ukoll l-inizjattiva li ħadet l-amministrazzjoni dwar il-programm ta' taħriġ għall-persuni b'diżabilità; huwa tal-fehma li, sabiex tkun iffaċilitata l-integrazzjoni tagħhom fl-amministrazzjoni tal-Parlament, l-amministrazzjoni għandha tqis li taħtar "koordinatur għall-persuni b'diżabilità";

44. Iddeċieda li jdaħħal 2 postijiet għal-Librerija fir-riżerva, sabiex l-amministrazzjoni tkun immotivata biex toħloq Sistema ta' l-Immaniġġjar ta' l-Għerf li tkun interna u komprensiva;

Kwistjonijiet varji

45. Jinnota l-proposta li saret mill-Bureau biex ikun allokata ammont ta' EUR 100 000 għall-Fondazzjoni Sakharov bħala sussidju għall-attivitatiet dwar id-drittijiet tal-bniedem; se jivverifika jekk l-għotja lill-Fondazzjoni Sakharov f'Moska, wara d-deċiżjoni meħuda mill-Bureau fl-10 ta' Ottubru 2007 li jaqbel fil-prinċipju ma' l-abbozz tal-konvenzjoni, hijiex jagħmel għotja lill-Fondazzjoni Sakharov f'Moska hija konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari mal-possibilità li għandu l-Parlament li jagħmel għotjiet biex ikopru attivitatiet ta' informazzjoni (Artikolu 108(4) tar-Regolament Finanzjarju);

Taqsimha IV — Il-Qorti tal-Ġustizzja

46. Jenfasizza l-fatt li ż-żieda fil-baġit hija l-aktar minħabba t-trasferiment tal-Palais il-ġdid; iqis li l-impatt finanzjarju tiegħu huwa sostanzjali għaliel fil-baġit ta' l-2008 u għandu jibqa' bħala eċċezzjoni; jenfasizza li skond il-Qafas Finanzjarju Plurijennali, il-marġni fl-intestatura 5 se jkun limitat fl-2009; għalhekk jistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja biex twettaq eżerċizzju dettaljat u bir-reqqa sabiex tillimita t-tkabbir tagħha fl-2009;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

47. Jaqbel mal-Qorti tal-Ġustizzja biex titnaqqas il-kontribuzzjoni tagħha għall-kiri/xiri tal-Palais il-ġdid b'EUR 4 miljun, permezz ta' l-antiċipazzjoni ta' dan l-ammont mill-baġit ta' l-2007;
48. Iddeċieda bi qbil mal-Qorti tal-Ġustizzja li jerġa' jistabbilixxi t-tnaqqis standard għal livell ta' 3.7%; għalhekk reġa' stabbilixxa l-approprijazzjonijiet korrispondenti;
49. Iddeċieda dwar il-miżuri li ġejjin għall-pjan ta' organizzazzjoni:
- il-ħolqien ta' 9 impjegi temporanji AD10 biex jissaħħu l-Kabinetti ta' l-Avukati Ġenerali u tal-President tat-Tribunal tas-Servizz Ċivili,
 - il-ħolqien ta' AD5 wieħed biex jiġi reklutat avukat sabiex ilaħħaq maż-żieda fix-xogħol marbut mal-"protezzjoni tad-data" u ta' AST3 wieħed għall-implimentazzjoni tal-proġett tas-softwer interistituzzjonali SAP;
50. Żied l-approprijazzjonijiet li saru disponibbli mill-Kunsill fl-abbozz tal-baġit b'EUR 3 102 000 EUR li jirrappreżentaw żieda ta' 8.03% fuq il-baġit ta' l-2007;

Taqsim V — Il-Qorti ta' l-Awdituri

51. Iddeċieda bi qbil mal-Qorti ta' l-Awdituri li jerġa' jistabbilixxi t-tnaqqis standard għal livell ta' 4.82%; għalhekk reġa' stabbilixxa l-approprijazzjonijiet korrispondenti;
52. Iddeċieda dwar il-miżuri li ġejjin tal-pjan ta' organizzazzjoni:
- il-ħolqien ta' żewġ AST1 għad-Diviżjoni tar-Riżorsi Umani wara d-deċiżjoni li din tissaħħa fi żmien sentejn,
 - il-ħolqien ta' AD5 wieħed għall-implimentazzjoni tal-proġett tas-softwer il-ġdid SAP u ta' AD5 wieħed għall-pjan għad-dokumentazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-miżuri,
 - AD12T wieħed jinżel għal AD11T sabiex jiġi limitat l-impatt finanzjarju tal-miżuri tal-pjan ta' organizzazzjoni,
 - AD12T wieħed isir AD14T u tliet AST3 permanenti fid-Diviżjoni ta' l-IT isiru AD5;
53. Reġa' stabbilixxa kif kienet l-approprijazzjoni marbuta max-xogħol ta' tiswija meħtieġ mil-liġi tas-saħħa u s-sigurtà ta' l-Istat tal-Lussemburgu u r-rinnovament tas-sala għal-laqgħat tal-Qorti; iqis li dawn l-ispejjeż huma ta' natura eċċezzjonali u ma jistgħux jiġġeddu fil-baġit ta' l-2009;
54. Żied l-approprijazzjonijiet li saru disponibbli mill-Kunsill fl-abbozz tal-baġit b' EUR 3 261 204 li jirrappreżentaw żieda ta' 9.65% fuq il-baġit ta' l-2007;

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni

55. Jiddispjaċih li f'dan l-istadju tal-proċedura baġitarja ż-żewġ kumitati ma kinux fil-qagħda li jressqu l-ftehma l-ġdida ta' koperazzjoni tagħhom; ifakkar fid-deċiżjoni meħuda fir-riżoluzzjoni ta' l-14 ta' Diċembru 2006 dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 kif modifikata mill-Kunsill (it-taqsimiet kollha)⁽¹⁾ li din il-ftehma kienet mistennija li titressaq sa Lulju 2007; għaldaqstant iddeċieda li fil-Kapitolu 10 0 ("Approprijazzjonijiet Proviżorji") jiddaħħal 10% tal-baġit ta' l-2007 ta' l-ispiża tas-Servizz Konġunt; huwa lest li jirrilaxxa l-approprijazzjonijiet mir-riżerva hekk kif il-ftehma ġdida ta' koperazzjoni tiġi ffinalizzata;
56. Jinsisti fuq ir-rieda tiegħu li jżomm din il-ftehma ta' koperazzjoni, li hija eżempju ta' koperazzjoni interistituzzjonali tajba u żżid l-effiċjenza taż-żewġ entitajiet permezz ta' kompetenza aħjar fil-ħidmiet loġistiċi u tekniċi u l-possibilità li s-servizzi ta' l-attività ċentrali tan-negozju jiffrankaw il-ħidmiet ta' kuljum relatati mal-ġestjoni;

⁽¹⁾ Testi Adottati ta' dik id-data, P6_TA(2006)0570.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

Taqsimha VI — Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

57. Iddeċieda bi qbil mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew biex it-tnaqqis standard jibqa' fuq il-livell ta' 4 %;

58. Jaqbel mal-Kunsill dwar it-talba għal titjib fl-iżvilupp tal-karriera skond l-Artikolu 6 tar-Regolamenti ta' l-Istaff u l-Artikoli 6, 9 u 10 ta' l-Anness XIII tiegħu; ifakkar li l-Artikolu 47(1) tar-Regolament Finanzjarju joffri flessibilità ta' 10 % tal-pjan ta' organizzazzjoni fil-każ ta' sitwazzjonijiet mhux previsti u għalhekk m'għandux jintuża bħala għodda prinċipali għall-promozzjoni ta' l-istaff;

59. Iddeċieda fuq il-ħolqien ta' ħames impjegji permanenti ġodda (4 AD5 u AST3 wieħed);

60. Żied l-approprijazzjonijiet li saru disponibbli mill-Kunsill fl-abbozz tal-baġit b'EUR 546 178 li jirrappreżentaw żieda ta' 1.82 % fuq il-baġit ta' l-2007;

Taqsimha VII — Il-Kumitat tar-Reġjuni

61. Iddeċieda bi qbil mal-Kumitat tar-Reġjuni li jerġa' jistabbilixxi t-tnaqqis standard fuq il-livell ta' 4 %; għalhekk reġa' stabbilixxa l-approprijazzjonijiet korrispondenti;

62. Iddeċieda dwar il-miżuri li ġejjin tal-pjan ta' organizzazzjoni:

— il-konferma ta' 15-il AD relatati mat-tkabbir tal-Bulgarija u r-Rumanija kif miftiehem mill-Kunsill fl-abbozz tal-baġit tiegħu (AD9 wieħed u 14-il AD5),

— il-ħolqien ta' 10 impjegji permanenti ġodda bħala AST relatati mat-tkabbir tar-Rumanija u l-Bulgarija (5 AST3 u 5 AST1); lest jeżamina l-possibilità li jinħolqu 7 impjegji oħra bħala AST fil-ġejjieni minħabba dan it-tkabbir,

— il-ħolqien ta' post ġdid ta' Direttur permezz tal-promozzjoni ta' post ta' AD14 għal AD15 li hu disponibbli fl-Unità għall-Komunikazzjoni, l-Istampa u l-Protokoll;

63. Żied l-approprijazzjonijiet li saru disponibbli mill-Kunsill fl-abbozz tal-baġit b'EUR 1 054 962 li jirrappreżentaw żieda ta' 6.12 %, inklużi l-ispejjeż relatati mat-tkabbir, fuq il-baġit ta' l-2007;

Taqsimha VIII — L-Ombudsman

64. Żied l-approprijazzjonijiet li saru disponibbli mill-Kunsill fl-abbozz tal-baġit b'EUR 142 230 li jirrappreżentaw żieda ta' 4.36 % fuq il-baġit ta' l-2007, skond il-prijoritajiet definiti mill-Ombudsman;

Taqsimha IX - Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

65. Jaqbel mal-Kunsill biex ma japplikax tnaqqis standard;

66. Iddeċieda dwar il-ħolqien ta' l-erba' impjegji mitluba u ffinanzjati għal sitt xhur kif ġej:

— il-konferma ta' tliet impjegji bħala AD li kien hemm qbil dwarhom mill-Kunsill fl-abbozz tal-baġit tiegħu (2 AD7 u AD9 wieħed),

— il-ħolqien ta' impjegj ieħor bħala AST3 minflok AST9;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

67. Żied l-approprijazzjonijiet li saru disponibbli mill-Kunsill fl-abbozz tal-baġit b'EUR 83 058 biex iżomm il-livell tiegħu ta' żvilupp, li jirrappreżentaw żieda ta' 7.10 % fuq il-baġit ta' l-2007;

*
* *

68. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni flimkien ma' l-emendi għal Taqsimiet I, II, IV, V, VI, VII, VIII u IX ta' l-abbozz tal-baġit ġenerali lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-istituzzjonijiet l-oħra u l-korpi kkonċernati.

P6_TA(2007)0475

Rikonoxximent u superviżjoni ta' sentenzi sospiżi, sanzjonijiet alternattivi u sentenzi kondizzjonali *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar l-inizjattiva tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża bil-ħsieb li tiġi adottata Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent u s-superviżjoni ta' sentenzi sospiżi, sanzjonijiet alternattivi u sentenzi kondizzjonali (6480/2007 — C6-0129/2007 — 2007/0807(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża (6480/2007) ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 31(1)(a) u (c) u l-Artikolu 34(2)(b) tat-Trattat UE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat UE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0129/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 93 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0356/2007),
1. Japprova l-inizjattiva tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża kif emendata;
 2. Jitlob lill-Kunsill sabiex jemenda t-test f'dan is-sens;
 3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jistieden lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-inizjattiva tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża b'mod sostanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni, u lill-gvernijiet tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża.

⁽¹⁾ ĠU C 147, 30.6.2007, p.1.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

TEST PROPOST MIR-REPUBBLIKA FEDERALI
TAL-ĠERMANJA U MIR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA

EMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 1

Titolu

Inizjattiva tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża bil-ħsieb li tiġi adottata Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent **u** s-superviżjoni ta' sentenzi sospiżi, sanzjonijiet alternattivi u sentenzi kondizzjonali

Inizjattiva tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża bil-ħsieb li tiġi adottata Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent, is-superviżjoni **u l-eżekuzzjoni** ta' sentenzi sospiżi, sanzjonijiet alternattivi u sentenzi kondizzjonali

Emenda 2

Premessa 5

(5) Din id-Deċiżjoni Kwadru tirrispetta d-drittijiet fundamentali u taderixxi mal-prinċipji rikonoxxuti fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li huma wkoll espressi fil-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, speċjalment fil-Kapitolu VI tagħha. L-ebda dispożizzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandha tiġi interpretata bħala li tirrifjuta li tirrikonoxxi sentenza u/jew tissorvelja miżura sospensiva jew sanzjoni alternattiva jekk ikun hemm indikazzjonijiet objettivi li l-miżura sospensiva jew is-sanzjoni alternattiva kienet imposta **biex tikkastiga persuna minħabba s-sess, ir-razza, ir-reliġjon, l-orijini etnika, in-nazzjonalità, il-lingwa, il-konvinzjonijiet politiċi jew l-orjentazzjoni sesswali tagħha jew li din il-persuna tsta' tkun żvantaġġata għal waħda minn dawn ir-raġunijiet.**

(5) Din id-Deċiżjoni Kwadru tirrispetta d-drittijiet fundamentali u taderixxi mal-prinċipji rikonoxxuti fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li huma wkoll espressi fil-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, speċjalment fil-Kapitolu VI tagħha. L-ebda dispożizzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandha tiġi interpretata bħala li tirrifjuta li tirrikonoxxi sentenza u/jew tissorvelja miżura sospensiva jew sanzjoni alternattiva jekk ikun hemm indikazzjonijiet objettivi li l-miżura sospensiva jew is-sanzjoni alternattiva kienet imposta **bi ksar ċar tad-drittijiet fundamentali stipulati fit-trattati ta' l-Unjoni Ewropea.**

Emenda 3

Premessa 6

(6) Din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandhiex twaqqaf lil ebda Stat Membru milli japplika r-regoli kostituzzjonali tiegħu rigward id-dritt għal proċess xieraq, il-libertà ta' assoċjazzjoni, il-libertà ta' l-istampa u l-libertà ta' l-espressjoni f'medja oħra.

(6) Din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandhiex twaqqaf lil ebda Stat Membru milli japplika r-regoli kostituzzjonali tiegħu rigward id-dritt għal proċess xieraq, il-libertà ta' assoċjazzjoni, il-libertà ta' l-istampa u l-libertà ta' l-espressjoni f'medja oħra, **u b'mod ġenerali kull regola li tikkonċerna d-drittijiet fundamentali li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha mhux inkompatibbli mal-mod kif il-miżuri huma implimentati.**

Emenda 4

Premessa 8

(8) L-għan tar-rikonoxximent reċiproku u s-superviżjoni ta' sentenzi sospiżi, sanzjonijiet alternattivi u sentenzi kondizzjonali fl-Istat ta' esekuzzjoni hu li jitjiebu l-prospetti biex persuna sentenzjata tiġi integrata mill-ġdid fis-soċjetà, billi din tkun tista' tippreserva r-rabtiet familjari, lingwistiċi, kulturali u oħrajn, iżda wkoll biex jitjieb il-monitoraġġ tal-konformità mal-miżuri sospensivi u s-sanzjonijiet alternattivi, bil-ħsieb li ma tħallix li jkun hemm reċidività, u b'hekk ikun qed jittieħed kont debitu tal-protezzjoni tal-vittmi.

(8) L-għan tar-rikonoxximent reċiproku u s-superviżjoni ta' sentenzi sospiżi, sanzjonijiet alternattivi u sentenzi kondizzjonali fl-Istat ta' esekuzzjoni hu li jitjiebu l-prospetti biex persuna sentenzjata tiġi integrata mill-ġdid fis-soċjetà, billi din tkun tista' tippreserva r-rabtiet familjari, lingwistiċi, kulturali u oħrajn, iżda wkoll biex jitjieb il-monitoraġġ tal-konformità mal-miżuri sospensivi u s-sanzjonijiet alternattivi, bil-ħsieb li ma tħallix li jkun hemm reċidività, u b'hekk ikun qed jittieħed kont debitu tal-protezzjoni tal-vittmi **u l-ħarsien tas-soċjetà b'mod ġenerali.**

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

TEST PROPOST MIR-REPUBBLIKA FEDERALI
TAL-ĠERMANJA U MIR-REPUBBLIKA FRANĊIŻAEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 5

Premessa 9

(9) Biex ikun żgurat l-iskambju effettiv ta' informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti għas-sospensjoni ta' sentenzi, l-Istati Membri huma mħeġġa jinkludu fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom dispożizzjonijiet li jippermettulhom jieħdu r-responsabbiltà għas-superviżjoni ta' miżuri sospensivi u sanzjonijiet alternattivi li għandhom jiġu dokumentati fir-reġistri nazzjonali tagħhom.

(9) Biex ikun żgurat l-iskambju effettiv ta' informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti għas-sospensjoni ta' sentenzi, l-Istati Membri huma mħeġġa jinkludu fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom dispożizzjonijiet li jippermettulhom jieħdu r-responsabbiltà għas-superviżjoni ta' miżuri sospensivi, sanzjonijiet alternattivi u **sentenzi kondizzjonali** li għandhom jiġu dokumentati fir-reġistri nazzjonali tagħhom.

Emenda 6

Artikolu 1, paragrafu 1

1. **L-objettiv ta'** din id-Deċiżjoni Kwadru **hu, bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata** r-riintegrazzjoni soċjali ta' persuni sentenzjati **u li tit-tjeb** il-protezzjoni tal-vittmi, **li tistabbilixxi r-regoli skond liema Stat Membru jissorvelja** miżuri sospensivi imposti **abbażi ta' sentenza, li nħarġet fi Stat Membru ieħor, jew sanzjonijiet alternattivi li jinsabu f'tali sentenza u jieħu d-deċiżjonijiet l-oħrajn kollha relatati ma' l-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza, safejn dan jaqa' fl-ambitu tal-kompetenza tiegħu.**

1. Din id-Deċiżjoni Kwadru **tfittex li tiffaċilita** r-riintegrazzjoni soċjali ta' persuni sentenzjati, **li ttejjeb** il-protezzjoni tal-vittmi **u tas-soċjetà u sabiex tiffaċilita l-applikazzjoni ta' sentenzi sospiżi, sanzjonijiet alternattivi u sentenzi kondizzjonali adegwati fil-każ ta' trasgressuri li mħumiex residenti fl-Istat li qed jagħti s-sentenza. Bil-għan li tilħaq dawn l-objettivi, din id-Deċiżjoni Kwadru tistabbilixxi regoli li fuqhom l-Istat Membru li fih il-persuna s-sentenzjata għandha r-residenza legali jew ordinarja tagħha għandu jirrikonoxxi s-sentenzi mogħtija fi Stat Membru ieħor u jissorvelja u jesegwixxi s-sentenzi sospiżi, is-sanzjonijiet alternattivi u s-sentenzi kondizzjonali.**

Emenda 7

Artikolu 1, paragrafu 2

2. Din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tapplika biss għar-rikonnoxximent ta' sentenzi u t-trasferiment tar-responsabbiltà għas-superviżjoni ta' **miżuri sospensivi u** sanzjonijiet alternattivi u d-deċiżjonijiet **ġudizzjarji** l-oħrajn kollha previsti f'din id-Deċiżjoni Kwadru. Din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandhiex tapplika għall-esekuzzjoni ta' sentenzi f'każijiet kriminali li jimponu sentenzi jew miżuri ta' kustodja li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2007/.../ĠAI. Ir-rikonnoxximent u l-esekuzzjoni ta' penali finanzjarji u ordnijiet ta' konfiska huma rregolati mill-istrumenti ġuridiċi applikabbli bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI ta' l-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonnoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji u d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonnoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska.

2. Din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tapplika biss għar-rikonnoxximent ta' sentenzi u t-trasferiment tar-responsabbiltà għas-superviżjoni **u l-esekuzzjoni ta' sentenzi sospiżi,** sanzjonijiet alternattivi **u sentenzi kondizzjonali,** u **għad**-deċiżjonijiet **sussegwenti** l-oħrajn kollha previsti f'din id-Deċiżjoni Kwadru. Din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandhiex tapplika għall-esekuzzjoni ta' sentenzi f'każijiet kriminali li jimponu sentenzi jew miżuri ta' kustodja li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2007/.../ĠAI. Ir-rikonnoxximent u l-esekuzzjoni ta' penali finanzjarji u ordnijiet ta' konfiska huma rregolati mill-istrumenti ġuridiċi applikabbli bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI ta' l-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonnoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji u d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonnoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska.

Emenda 8

Artikolu 2, punt (b)(ii)

(ii) meta tiġi skontata parti mis-sentenza ta' kustodja jew il-miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà (rilaxx kondizzjonali / libertà kondizzjonata);

(ii) meta tiġi skontata parti mis-sentenza ta' kustodja jew il-miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà (**deċiżjoni ta'** rilaxx kondizzjonali/libertà kondizzjonata), **bl-impożizzjoni ta' miżura sospensiva waħda jew aktar;**

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

TEST PROPOST MIR-REPUBBLIKA FEDERALI
TAL-ĠERMANJA U MIR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA

EMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 9

Artikolu 2, punt (c)

- | | |
|--|--|
| <p>(c) "sanzjoni alternattiva" għandha tfisser obbligu jew struzzjoni, imposta bħala sanzjoni indipendenti, li mhix sentenza ta' kustodja, miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà jew penali finanzjarja;</p> | <p>(c) "sanzjoni alternattiva" għandha tfisser obbligu jew struzzjoni, imposta bħala sanzjoni awtonoma, li ma tikkostitwixxix ċaħda ta' libertà jew tinvolvi l-ħlas ta' somma ta' flus;</p> |
|--|--|

Emenda 10

Artikolu 2, punt (d)

- | | |
|--|--|
| <p>(d) "sentenza kondizzjonali" għandha tfisser deċiżjoni minn qorti fejn l-impożizzjoni ta' sentenza tkun ġiet sospiża kondizzjonalment bl-impożizzjoni ta' miżura sospensiva waħda jew aktar;</p> | <p>(d) "sentenza kondizzjonali" għandha tfisser deċiżjoni minn qorti fejn l-impożizzjoni ta' sentenza tkun ġiet sospiża kondizzjonalment flimkien ma' l-impożizzjoni ta' miżura sospensiva waħda jew aktar;</p> |
|--|--|

Emenda 11

Artikolu 2, punt (g)

- | | |
|---|--|
| <p>(g) "Stat ta' esekuzzjoni" għandha tfisser l-Istat Membru li fih il-miżuri sospensivi u s-sanzjonijiet alternattivi jingħataw superviżjoni u li fih jittieħdu d-deċiżjonijiet kollha relatati ma' l-esekuzzjoni tas-sentenza, safejn ikun assuma l-kompetenza biex jagħmel dan.</p> | <p>(g) "Stat ta' esekuzzjoni" għandha tfisser l-Istat Membru li fih il-miżuri ta' sospensjoni u s-sanzjonijiet alternattivi jingħataw superviżjoni u li fih jittieħdu d-deċiżjonijiet kollha relatati ma' l-esekuzzjoni ta' sentenzi sospiżi, sanzjonijiet alternattivi u sentenzi kondizzjonali, wara li tittieħed deċiżjoni skond l-Artikolu 7.</p> |
|---|--|

Emenda 12

Artikolu 2, punt (g a) (ġdid)

- (ga) **'residenza legali u ordinarja' tfisser il-post li l-individwu kkonċernat ikun stabbilixxa bħala ċ-ċentru permanenti ta' l-interessi tiegħu, li jrid jiġi ddeterminat billi jitqiesu l-fatti kollha rilevanti.**

Emenda 13

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika **l-obbligu** ta' rispett lejn id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif affermati fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika **d-dmir** ta' rispett lejn id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif affermati fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea **u fil-kostituzzjonijiet ta' l-Istati Membri.**

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

TEST PROPOST MIR-REPUBBLIKA FEDERALI
TAL-ĠERMANJA U MIR-REPUBBLIKA FRANĊIŻAEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 14

Artikolu 4, paragrafu 1

1. Kull Stat Membru għandu jinforma lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill liema awtorità jew awtoritajiet **għudizzjarji**, taħt il-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu, huma kompetenti biex jaġixxu skond din id-Deċiżjoni Kwadru, fis-sitwazzjoni fejn dak l-Istat Membru jkun l-Istat emittenti jew l-Istat ta' esekuzzjoni.

1. Kull Stat Membru għandu jinforma lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill liema awtorità jew awtoritajiet, taħt il-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu, huma kompetenti biex jaġixxu skond din id-Deċiżjoni Kwadru, fis-sitwazzjoni fejn dak l-Istat Membru jkun l-Istat emittenti jew l-Istat ta' esekuzzjoni. **Lista ta' l-awtoritajiet kompetenti għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.**

Emenda 15

Artikolu 5, paragrafu 1, parti introduttorja

1. Sentenza li fiha waħda jew aktar mill-miżuri sospensivi jew **sanzjonijiet alternattivi** li ġejjin tista' tiġi trasferita lejn Stat Membru ieħor, li fih il-persuna sentenzjata hi legalment u ordinarjament residenti, għall-fini tar-rikonoxximent u s-supervizzjoni ta' dawk il-miżuri **u sanzjonijiet**:

1. Sentenza **jew deċiżjoni ta' libertà kundizzjonata** li fiha waħda jew aktar mill-miżuri ta' sospensjoni, **obbligi** jew **istruzzjonijiet** li ġejjin tista' tiġi trasferita lejn Stat Membru ieħor, li fih il-persuna sentenzjata hi legalment u ordinarjament residenti, għall-fini tar-rikonoxximent u s-supervizzjoni ta' dawk il-miżuri **jew obbligi jew istruzzjonijiet. Iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 6 jista', għal raġunijiet ta' supervizzjoni, jinkludi waħda jew aktar mill-miżuri ta' sospensjoni jew obbligi jew l-istruzzjonijiet li jkun hemm fis-sentenza:**

Emenda 16

Artikolu 5, paragrafu 1, punt (a)

(a) obbligu tal-persuna sentenzjata biex tinforma lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni dwar kwalunkwe bidla ta' residenza;

(a) obbligu tal-persuna sentenzjata biex tinforma lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni dwar kwalunkwe bidla ta' residenza **jew ta' post tax-xogħol jew ta' studju;**

Emenda 17

Artikolu 5, paragrafu 1, punt (b)

(b) obbligu biex ma **tħallix jew ma** tidħolx f'ċertu lokalitajiet fl-Istat emittenti jew ta' esekuzzjoni mingħajr permess, u ordnijiet oħra marbuta mat-tip ta' ħajja, residenza, edukazzjoni u taħriġ, attività professjonali jew attivitajiet ta' passatemp;

(b) obbligu biex ma tidħolx f'ċertu lokalitajiet fl-Istat emittenti jew ta' esekuzzjoni mingħajr permess, u ordnijiet oħra marbuta mat-tip ta' ħajja, residenza, edukazzjoni u taħriġ, attività professjonali jew attivitajiet ta' passatemp;

Emenda 18

Artikolu 5, paragrafu 1, punt (e)

(e) obbligu biex tikkumpensa għall-preġudizzju kkawżat mir-reat;

(e) obbligu biex tikkumpensa għall-preġudizzju kkawżat mir-reat **u biex tinnotifika lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni li dan l-obbligu għie sodisfatt;**

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

TEST PROPOST MIR-REPUBBLIKA FEDERALI
TAL-ĠERMANJA U MIR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA

EMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 19

Artikolu 5, paragrafu 1a (ġdid)

1a. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru, il-persuna fil-kawża trid tinstema' qabel tingħata s-sentenza jew id-deċiżjoni ta' libertà kundizzjonata.

Emenda 20

Artikolu 5, paragrafu 3

3. Barra l-miżuri u s-sanzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 6 għandu jinkludi biss dawk il-miżuri jew **sanzjonijiet** kif notifikati mill-Istat ta' eżekuzzjoni kkonċernat skond il-paragrafu 2.

3. Barra l-miżuri u s-sanzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 6 għandu jinkludi biss dawk il-miżuri **ta' sospensjoni** jew **obbligi jew istruzzjonijiet** kif notifikati mill-Istat ta' eżekuzzjoni kkonċernat skond il-paragrafu 2.

Emenda 21

Artikolu 6, paragrafu 1

1. **Is-sentenza jew kopja ċċertifikata tiegħu, flimkien ma'** ċertifikat, li l-forma standard tiegħu qed tiġi stabbilita fl-Anness I, għandhom jintbagħtu, mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti direttament lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni permezz ta' kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub taħt kondizzjonijiet li jippermettu lill-Istat ta' eżekuzzjoni jistabbilixxi l-awtentiċità tagħhom. L-oriġinal tas-sentenza, jew kopja ċċertifikata tiegħu, u l-oriġinal taċ-ċertifikat, għandhom jintbagħtu lill-Istat ta' eżekuzzjoni jekk dan jitlob hekk. Il-komunikazzjonijiet uffiċjali kollha għandhom isiru wkoll direttament bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti msemmija.

1. Iċ-ċertifikat, li l-format standard tiegħu qed tiġi stabbilita fl-Anness I, **flimkien mas-sentenza (jew kopja ċċertifikata tagħha) u jekk relevanti, id-deċiżjoni ta' libertà kundizzjonata,** għandhom jintbagħtu, mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti direttament lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni permezz ta' kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub taħt kondizzjonijiet li jippermettu lill-Istat ta' eżekuzzjoni jistabbilixxi l-awtentiċità tagħhom. L-oriġinal tas-sentenza, jew kopja ċċertifikata tiegħu, u l-oriġinal taċ-ċertifikat, għandhom jintbagħtu lill-Istat ta' eżekuzzjoni jekk dan jitlob hekk. Il-komunikazzjonijiet uffiċjali kollha għandhom isiru wkoll direttament bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti msemmija.

Emenda 22

Artikolu 6, paragrafu 3

3. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti għandu jibgħat is-sentenza flimkien maċ-ċertifikat lil Stat ta' eżekuzzjoni wieħed biss fi kwalunkwe mument determinat.

3. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti għandha tibgħat is-sentenza flimkien maċ-ċertifikat **(u kwalunkwe deċiżjoni ta' libertà kundizzjonata)** lil Stat ta' eżekuzzjoni wieħed biss fi kwalunkwe mument determinat.

Emenda 23

Artikolu 6, paragrafu 5

5. Meta awtorità ġudizzjarja fl-Istat ta' eżekuzzjoni li tirċievi sentenza flimkien ma' ċertifikat ma jkollhiex il-kompetenza li tirrikonoxxiha, hija għandha, ex officio, tibgħat is-sentenza flimkien maċ-ċertifikat lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti. Dik l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tinforma minnufih lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti, bi kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub, li s-sentenza u ċ-ċertifikat intbagħtu lilha.

5. Meta awtorità ġudizzjarja fl-Istat ta' eżekuzzjoni li tirċievi sentenza flimkien ma' ċertifikat **(u kwalunkwe deċiżjoni ta' libertà kundizzjonata)** ma jkollhiex il-kompetenza li tirrikonoxxiha, hija għandha, ex officio, tibgħat is-sentenza flimkien maċ-ċertifikat lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti. Dik l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tinforma minnufih lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti, bi kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub, li s-sentenza u ċ-ċertifikat intbagħtu lilha.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

TEST PROPOST MIR-REPUBBLIKA FEDERALI
TAL-ĠERMANJA U MIR-REPUBBLIKA FRANĊIŻAEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 24

Artikolu 7, paragrafu 1

1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandha tirrikonoxxi s-sentenza mibgħuta skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6 u immedjatament tieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-superviżjoni tal-miżuri sospensivi **u s-sanzjonijiet alternattivi**, sakemm din ma tiddeċidix li tinvoka waħda mir-raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent u **tieħu f'idejha s-superviżjoni** tas-sentenza msemmija fl-Artikolu 9.

1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandha tirrikonoxxi s-sentenza mibgħuta skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6 u immedjatament tieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-superviżjoni tal-miżuri sospensivi **u l-obbligi u l-istruzzjonijiet li jikkostitwixxu s-sanzjoni alternattiva**, sakemm din ma tiddeċidix li tinvoka waħda mir-raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent u **tas-superviżjoni** tas-sentenza msemmija fl-Artikolu 9.

Emenda 25

Artikolu 7, paragrafu 2

2. Jekk **in-natura jew** it-tul ta' żmien tal-miżuri sospensivi jew sanzjonijiet alternattivi **huma** inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet statutorji ta' l-Istat ta' esekuzzjoni, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti f'dak l-Istat tista' **tadattahom** b'mod konformi mal-miżuri sospensivi u s-sanzjonijiet alternattivi li huma previsti, taħt il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni, għal reati **ta' l-istess tip**. Il-miżura sospensiva adattata jew is-sanzjoni alternattiva, għandha tikkorrispondi kemm jista' jkun ma' dik imposta fl-Istat emittenti.

2. Jekk it-tul ta' żmien tal-miżuri sospensivi jew sanzjonijiet alternattivi huwa inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet statutorji ta' l-Istat ta' esekuzzjoni, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti f'dak l-Istat tista' **tadattah** b'mod konformi mal-miżuri sospensivi u **l-obbligi u l-istruzzjonijiet li jikkostitwixxu** s-sanzjonijiet alternattivi **eżistenti** li huma previsti, taħt il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni, għal reati **simili**. Il-miżura sospensiva adattata jew is-sanzjoni alternattiva, għandha tikkorrispondi kemm jista' jkun ma' dik imposta fl-Istat emittenti.

Emenda 26

Artikolu 7, paragrafu 3 a (ġdid)

3a. Jekk miżuri sospensivi jew sanzjonijiet alternattivi jiġu adattati skond il-paragrafu 2, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandha tinnotifika bla dewmien lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti. Wara li tirċievi tali notifika l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti tista' tiddeċiedi li tirrevoka ċ-ċertifikat u s-sentenza (kif ukoll, jekk ikun il-każ, id-deċiżjoni ta' libertà kundizzjonata). F'dawn il-każijiet, għandu jkun garantit id-dritt tas-smigħ lill-persuna sentenzjata.

Emenda 27

Artikolu 9, paragrafu 1, parti introduttorja

1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni tista' tiċħad li tirrikonoxxi s-sentenza u tassumi r-responsabbiltà għas-superviżjoni ta' miżuri sospensivi u sanzjonijiet alternattivi jekk:

1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni tista' tiċħad li tirrikonoxxi s-sentenza (**jew, jekk ikun il-każ, id-deċiżjoni ta' libertà kundizzjonata**) u tassumi r-responsabbiltà għas-superviżjoni ta' miżuri sospensivi u sanzjonijiet alternattivi jekk:

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

TEST PROPOST MIR-REPUBBLIKA FEDERALI
TAL-ĠERMANJA U MIR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA

EMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 28

Artikolu 9, paragrafu 1, punt (a)

- | | |
|---|---|
| <p>(a) iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 6 mhux komplet jew b'mod ċar ma jaqbilx mas-sentenza u ma hux ikkometat jew ikkorreġut f'terminu raġonevoli stabbilit mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni;</p> | <p>(a) iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 6 mhux komplet jew b'mod ċar ma jaqbilx mas-sentenza jew id-deċiżjoni ta' libertà kundizzjonata u ma hux ikkometat jew ikkorreġut f'terminu raġonevoli stabbilit mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni;</p> |
|---|---|

Emenda 29

Artikolu 9, paragrafu 1, punt (b)

- | | |
|--|--|
| <p>(b) il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5 ma jintlaħqux;</p> | <p>(b) il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5 ma jintlaħqux (inkluż, iżda mhux limitat, għar-rekwiżit ta' residenza legali u ordinarja fl-Istat ta' esekuzzjoni);</p> |
|--|--|

Emenda 30

Artikolu 9, paragrafu 1, punt (e)

- | | |
|--|---|
| <p>(e) il-prosekuzzjoni, jew l-esekuzzjoni ta' sentenza, hija diġà preskritta taħt il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni u tirrigwarda att li jaqa' fil-kompetenza ta' l-Istat ta' esekuzzjoni skond id-dritt nazzjonali tiegħu;</p> | <p>(e) is-sentenza, hija diġà preskritta taħt il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni;</p> |
|--|---|

Emenda 31

Artikolu 9, paragrafu 1, punt (i)

- | | |
|---|---|
| <p>(i) is-sentenza ttiprovdi għal trattament mediku/terapewtiku li, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7(2), l-Istat ta' esekuzzjoni ma jkunx jista' jagħmel superviżjoni tiegħu minħabba s-sistema legali jew tal-kura tas-saħħa tiegħu; jew</p> | <p>(i) is-sentenza jew possibilmment id-deċiżjoni ta' libertà kundizzjonata ttiprovdi għal trattament mediku/terapewtiku li, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7(2), l-Istat ta' esekuzzjoni ma jkunx jista' jagħmel superviżjoni tiegħu minħabba s-sistema tal-kura tas-saħħa tiegħu; jew</p> |
|---|---|

Emenda 32

Artikolu 9, paragrafu 1, punt (j)

- | | |
|---|------------------------|
| <p>(j) fil-każ imsemmi fl-Artikolu 13(1), ma jista' jintlaħaq l-ebda ftehim dwar l-adattament ta' miżuri sospensivi jew sanzjonijiet alternattivi.</p> | <p>imħassar</p> |
|---|------------------------|

Emenda 33

Artikolu 9, paragrafu 1, punt (j a) (ġdid)

- (ja) **iċ-ċertifikat jew sentenza jinkludu miżuri li mhumiex immniżzla jew aċċettati skond l-Artikolu 5(1) u (2) ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.**

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

TEST PROPOST MIR-REPUBBLIKA FEDERALI
TAL-ĠERMANJA U MIR-REPUBBLIKA FRANĊIŻAEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 34

Artikolu 9, paragrafu 2

2. Qabel ma l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni tiddeċiedi, fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, **li tirrifjuta** li tirrikonoxxi s-sentenza u tassumi r-responsabbiltà għas-superviżjoni tal-miżuri sospensivi u s-sanzjonijiet alternattivi, hi għandha tikkomunika, b'mezzi xierqa, ma' l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti u, skond kif meħtieġ, titlob lil ta' l-aħħar iforni immedjatament l-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa.

2. Qabel ma l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni tiddeċiedi, fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1 **(a), (b), (c), (h) u (i)**, li **ma** tirrikonoxxix is-sentenza **(jew, jekk ikun il-każ, id-deċiżjoni ta' libertà kundizzjonata)** u tassumi r-responsabbiltà għas-superviżjoni tal-miżuri sospensivi u s-sanzjonijiet alternattivi, hi għandha tikkomunika, b'mezzi xierqa, ma' l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti u, skond kif meħtieġ, titlob lil ta' l-aħħar iforni immedjatament l-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa.

Emenda 35

Artikolu 10, paragrafu 1

1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandha tiddeċiedi, fi żmien **għaxart ijiem** wara li tirċievi s-sentenza u ċ-ċertifikat, jekk tirrikonoxxix je le s-sentenza u tassumi r-responsabbiltà għas-superviżjoni tal-miżuri sospensivi u s-sanzjonijiet alternattivi. Hi għandha tinforma immedjatament lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti bid-deċiżjoni tagħha, bi kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub. Għandhom jingħataw raġunijiet għaliex hi tkun ċaħdet li tirrikonoxxi s-sentenza u għaliex tkun irrifjutat li tassumi r-responsabbiltà għas-superviżjoni.

1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandha tiddeċiedi, fi żmien **tletin jum** wara li tirċievi s-sentenza u ċ-ċertifikat, jekk tirrikonoxxix je le s-sentenza u tassumi r-responsabbiltà għas-superviżjoni tal-miżuri sospensivi u s-sanzjonijiet alternattivi. Hi għandha tinforma immedjatament lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti bid-deċiżjoni tagħha, bi kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub. Għandhom jingħataw raġunijiet għaliex hi tkun ċaħdet li tirrikonoxxi s-sentenza u għaliex tkun irrifjutat li tassumi r-responsabbiltà għas-superviżjoni.

Emenda 36

Artikolu 10, paragrafu 2

2. Jekk, f'każ **speċifiku**, ma jkunx possibbli għall-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni li tikkonforma mal-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1, hi għandha minnufih tinforma lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti, bi kwalunkwe mezz li tagħżel, waqt li tagħti r-raġunijiet għad-dewmien u tindika kemm biħsiebha tieħu biex toħroġ deċiżjoni finali.

2. Jekk, f'każ **eċċezzjonali**, ma jkunx possibbli għall-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni li tikkonforma mal-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1, hi għandha minnufih tinforma lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti, bi kwalunkwe mezz li tagħżel, waqt li tagħti r-raġunijiet għad-dewmien u tindika kemm biħsiebha tieħu biex toħroġ deċiżjoni finali.

Emenda 37

Artikolu 11

Is-superviżjoni ta' miżuri sospensivi u sanzjonijiet alternattivi għandhom ikunu rregolati mil-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni.

Is-superviżjoni ta' miżuri sospensivi u **ta' l-obbligi u l-istruzzjonijiet li jikkostitwixxu** sanzjonijiet alternattivi għandhom ikunu rregolati mil-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni.

Emenda 38

Artikolu 12, paragrafu 1

1. L-awtorità **ġudizzjarja** kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandu jkollha l-ġurisdizzjoni li tieħu d-deċiżjonijiet kollha sussegwenti rigward is-sentenza sospiża, is-sanzjoni alternattiva **jew**

1. L-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandu jkollha l-ġurisdizzjoni li tieħu d-deċiżjonijiet kollha sussegwenti rigward is-sentenza sospiża, is-sanzjoni alternattiva, is-sentenza kondizzjonali **jew il-libertà kundizzjonata**, bħall-modifika ta' miżuri sospensivi, ir-revoka tas-sospensjoni, l-issentenzjar fil-każ ta' sentenza kondizzjonali, **jew ir-revoka jew l-iskadenza**

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

TEST PROPOST MIR-REPUBBLIKA FEDERALI
TAL-ĠERMANJA U MIR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA

EMENDI
TAL-PARLAMENT

is-sentenza kondizzjonali, bħall-modifika ta' miżuri sospensivi, ir-revoka tas-sospensjoni, l-issentenzjar fil-każ ta' sentenza kondizzjonali, jew **remissjoni**. Il-liġi ta' l-Istat ta' eseguzzjoni għandha tapplika għad-deċiżjonijiet imsemmija preċedentement u għall-konsegwenzi sussegwenti kollha tas-sentenza.

tagħha. Il-liġi ta' l-Istat ta' eseguzzjoni għandha tapplika għad-deċiżjonijiet imsemmija preċedentement u għall-konsegwenzi sussegwenti kollha tas-sentenza.

Emenda 39

Artikolu 12, paragrafu 2

2. L-awtorità **ġudizzjarja** kompetenti fl-Istat emittenti tista' tirriżerva l-kompetenza li tiegħu d-deċiżjonijiet sussegwenti kollha dwar is-sentenzi kondizzjonali. F'dan il-każ il-liġi ta' l-Istat emittenti għandha tapplika għall-konsegwenzi sussegwenti kollha tas-sentenza.

2. L-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti tista' tirriżerva l-kompetenza li tiegħu d-deċiżjonijiet sussegwenti kollha dwar is-sentenzi kondizzjonali. F'dan il-każ il-liġi ta' l-Istat emittenti għandha tapplika **għad-deċiżjonijiet kollha msemmija fil-paragrafu 1** u għall-konsegwenzi sussegwenti kollha tas-sentenza.

Emenda 40

Artikolu 12, paragrafu 3

3. Meta jkun qed **jitrasoni** din id-Deċiżjoni Kwadru, **kull Stat Membru jista' jindika li bħala Stat ta' eseguzzjoni jista', f'każi individwali, jirrifjuta** li jassumi r-responsabbiltà prevista fil-paragrafu 1. F'dawn il-każijiet, id-deċiżjoni għandha tittieħed u n-notifika tiġi effettwata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10. Dan m'għandux jaffettwa l-obbligu stabbilit fl-Artikolu 7(1).

3. Meta jkun qed **jadotta** din id-Deċiżjoni Kwadru **jew sussegwentement fil-mument tat-traspożizzjoni u permezz ta' dikjarazzjoni mogħtija lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, kull Stat Membru jista' jindika li, bħala Stat ta' eseguzzjoni u fil-kategoriji ta' każijiet li jridu jiġi speċifikati minn dak l-Istat Membru, jirrifjuta** li jassumi r-responsabbiltà prevista fil-paragrafu 1. F'dawn il-każijiet, id-deċiżjoni għandha tittieħed (**flimkien ma' raġunijiet mogħtija**) u n-notifika tiġi effettwata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10. Dan m'għandux jaffettwa l-obbligu stabbilit fl-Artikolu 7(1). **Dik id-dikjarazzjoni minn Stat Membru tista' tiġi rtirata fi kwalunkwe ħin. Id-dikjarazzjonijiet jew l-irtirar tagħhom għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.**

Emenda 41

Artikolu 13

Artikolu 13

imħassar

Konsultazzjonijiet bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti

1. **Jekk l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' eseguzzjoni bi ħsiebha tagħmel adattamenti kif previst fl-Artikolu 7(2) u (3), hi għandha l-ewwel tikkonsulta lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti dwar il-miżuri sospensivi adatti jew s-sanzjoni alternattiva.**

2. **Meta tgħaddi s-sentenza u ċ-ċertifikat kif previst fl-Artikolu 6, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti tista' tirrinunzja għall-konsultazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1. F'dak il-każ, kull adattament li jkun sar mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' eseguzzjoni skond l-Artikolu 7(2) u (3) għandu sussegwentement jiġi nnotifikat lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' l-Istat emittenti.**

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

TEST PROPOST MIR-REPUBBLIKA FEDERALI
TAL-ĠERMANJA U MIR-REPUBBLIKA FRANĊIŻAEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 42

Artikolu 14, titolu

Obbligi ta' l-awtoritajiet involuti fejn l-Istat ta' esekuzzjoni għandu ġurisdizzjoni fir-rigward tad-deċiżjonijiet **ulterjuri** kollha

Obbligi ta' l-awtoritajiet involuti fejn l-Istat ta' esekuzzjoni għandu ġurisdizzjoni fir-rigward tad-deċiżjonijiet **sussegwenti** kollha

Emenda 43

Artikolu 14, paragrafu 1, punt (a)

(a) il-modifika tal-miżuri sospensivi **jew is-sanzjoni alternattiva**;

(a) **sanzjonijiet alternattivi u** modifika tal-miżuri sospensivi;

Emenda 44

Artikolu 14, paragrafu 1, punt (b)

(b) ir-revoka tas-**sospensjoni tas-sentenza**;

(b) ir-revoka tas-**sentenza sospiża u tas-sentenza kondizzjonali**;

Emenda 45

Artikolu 14, paragrafu 1, punt (c)

(c) **l-impożizzjoni ta' sentenza** fil-każ ta' sentenza kondizzjonali;

(c) **l-ġhoti ta' sentenza** fil-każ ta' sentenza kondizzjonali;

Emenda 46

Artikolu 14, paragrafu 1, punt (d)

(d) l-iskadenza tal-**miżuri sospensivi** jew is-sanzjoni alternattiva.

(d) l-iskadenza tas-**sentenzi sospiżi, sentenzi kondizzjonali** jew is-sanzjoni alternattiva.

Emenda 47

Artikolu 14, paragrafu 1 a (ġdid)

(1a) Fil-każijiet meta jiġu rrevokati sentenzi sospiżi, sentenzi kondizzjonali u sanzjonijiet alternattivi, l-Istat ta' esekuzzjoni għandu jkun responsabbli li jesegwixxi s-sentenza ta' kustodja imposta, ħlief fil-każijiet skond l-Artikolu 12(2) u (3).

Emenda 48

Artikolu 14, paragrafu 2

2. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti għandha tinforma minnufih lill-awtorità ġudizzjarja fl-Istat li jis-sentenzja, bi kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub, b'kull ċirkostanza jew sejba li, fl-opinjoni tagħha, tista' twassal għar-revoka tas-sospensjoni tas-sentenza jew modifika tal-miżuri sospensivi jew tas-sanzjoni alternattiva.

2. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti għandha tinforma minnufih lill-awtorità ġudizzjarja fl-Istat li jis-sentenzja, bi kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub, b'kull ċirkostanza jew sejba li, fl-opinjoni tagħha, tista' twassal għar-revoka tas-sospensjoni tas-sentenza **jew tas-sentenza kondizzjonali** jew modifika tal-miżuri sospensivi jew **l-obbligi jew l-istruzzjonijiet li jikkostitwixxu** sanzjoni alternattiva.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

TEST PROPOST MIR-REPUBBLIKA FEDERALI
TAL-ĠERMANJA U MIR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA

EMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 49

Artikolu 14, paragrafu 2a (ġdid)

2a. Fil-każ ta' sentenza kondizzjonali jew f'każ ta' revoka tas-sospensjoni tas-sentenza, il-persuna trid tiġi mismugħa mill-awtoritajiet ġudizzjarji qabel ma tiġi ssentenzjata, sabiex ikun żgurat li jiġi rrispettat il-prinċipju fundamentali tas-smiġh tal-konvenut.

Emenda 50

Artikolu 15, titolu

Obbligi ta' l-awtoritajiet involuti fejn l-Istat ta' eseguzzjoni għandu ġurisdizzjoni fir-rigward tad-deċiżjonijiet **ulterjuri** kollha

Obbligi ta' l-awtoritajiet involuti fejn l-Istat emittenti għandu ġurisdizzjoni fir-rigward tad-deċiżjonijiet **sussegwenti** kollha

Emenda 51

Artikolu 15, paragrafu 1, parti introduttorja

1. Jekk l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti għandha ġurisdizzjoni fir-rigward tad-deċiżjonijiet **ulterjuri** kollha skond l-Artikolu 12(2) u (3), l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' eseguzzjoni għandha minnufih tinnotifikaha dwar:

1. Jekk l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti għandha ġurisdizzjoni fir-rigward tad-deċiżjonijiet **sussegwenti** kollha skond l-Artikolu 12(2) u (3), l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' eseguzzjoni għandha minnufih tinnotifikaha dwar:

Emenda 52

Artikolu 15, paragrafu 1, punt (a)

(a) **kwalunkwe** ksur ta' miżura sospensiva jew sanzjoni alternattiva; u

(a) ksur ta' miżura sospensiva jew **ta' l-obbligi u l-istruzzjonijiet li jikkostitwixxu** sanzjoni alternattiva; u

Emenda 53

Artikolu 15, paragrafu 1, punt (b)(i)

(i) tista' twassal għall-modifika tal-miżuri sospensivi jew is-sanzjonijiet alternattivi,

(i) tista' twassal għall-modifika tal-miżuri sospensivi jew **ta' l-obbligi u l-istruzzjonijiet li jikkostitwixxu** sanzjonijiet alternattivi,

Emenda 54

Artikolu 15, paragrafu 1, punt (b)(ii)

(ii) hi rilevanti **għall-impożizzjoni ta' sentenza** fil-każ ta' sentenza kondizzjonali, jew

(ii) hi rilevanti **għall-għoti ta' sentenza** fil-każ ta' sentenza kondizzjonali, jew

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

TEST PROPOST MIR-REPUBBLIKA FEDERALI
TAL-ĠERMANJA U MIR-REPUBBLIKA FRANĊIŻAEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 55

Artikolu 15, paragrafu 1, punt (b)(iii)

(iii) jistgħu jirriżultaw frevoka tas-sospensjoni tas-sentenza.

(iii) tista' tirriżulta frevoka tas-sospensjoni tas-sentenza **u tas-sentenza kondizzjonali**.

Emenda 56

Artikolu 15, paragrafu 3

3. Qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar **l-impożizzjoni ta' sentenza** fil-każ ta' sentenza kondizzjonali jew dwar ir-revoka ta' sospensjoni ta' sentenza, il-persuna sentenzjata għandha **tingħata smigħ ġudizzjarju. Jekk ikun il-każ, din il-ħtieġa tista' tiġi sodisfatta skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000 dwar l-Assistenza Reċiproka f'Affarijiet Kriminali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.**

3. Qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar **l-ġhoti ta' sentenza** fil-każ ta' sentenza kondizzjonali jew dwar ir-revoka ta' sospensjoni ta' sentenza, il-persuna sentenzjata għandha **tiġi mismugħa mill-awtoritajiet ġudizzjarji sabiex ikun żgurat li jiġi rrispettat il-prinċipju fundamentali tas-smigħ tal-konvenut.**

Emenda 57

Artikolu 15, paragrafu 4, punt (a)

(a) il-modifika tal-miżuri sospensivi jew is-sanzjoni alternattiva;

(a) il-modifika tal-miżuri sospensivi jew **ta' l-obbligi jew l-istruzzjonijiet li jikkostitwixxu** sanzjoni alternattiva;

Emenda 58

Artikolu 15, paragrafu 4, punt (b)

(b) ir-revoka tas-sospensjoni tas-sentenza;

(b) ir-revoka tas-sospensjoni tas-sentenza **u tas-sentenza kondizzjonali**;

Emenda 59

Artikolu 15, paragrafu 4, punt (c)

(c) **l-impożizzjoni ta' sentenza** fil-każ ta' sentenza kondizzjonali;(c) **l-ġhoti ta' sentenza** fil-każ ta' sentenza kondizzjonali;

Emenda 60

Artikolu 15, paragrafu 4, punt (d)

(d) l-iskadenza tal-**miżuri sospensivi** jew is-sanzjoni alternattiva.(d) l-iskadenza ta' **sentenza sospiża, sentenza kondizzjonali** jew sanzjoni alternattiva.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

TEST PROPOST MIR-REPUBBLIKA FEDERALI
TAL-ĠERMANJA U MIR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA

EMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 61

Artikolu 15, paragrafu 4 a (ġdid)

4a. Kwalunkwe modifika ta' miżura sospensiva jew ta' l-obbligi jew istruzzjonijiet li jikkostitwixxu sanzjonijiet alternattivi mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' l-Istat emittenti trid titwettaq filwaqt li jitqies kif jixraq l-Artikolu 5. Fil-każ ta' modifika l-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni tista' tagħżel li tiegħu deċiżjoni ġdida skond l-Artikolu 7(2) jew l-Artikolu 9(1)(i).

Emenda 62

Artikolu 15, paragrafu 5

5. Fil-każ ta' impożizzjoni ta' sentenza jew revoka ta' sospensjoni ta' sentenza, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' l-Istat emittenti għandha fl-istess ħin tinforma lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni **jekk għandhiex il-ħsieb tibgħat lill-Istat ta' esekuzzjoni:**

5. Fil-każ ta' impożizzjoni ta' sentenza jew revoka ta' sospensjoni ta' sentenza, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' l-Istat emittenti għandha fl-istess ħin tinforma lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni **li m'hemmx aktar il-ħtieġa ta' sorveljanza tal-miżuri sospensivi.**

Emenda 63

Artikolu 15, paragrafu 5, punt (a)

(a) **sentenza u ċertifikat kif previst fid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2007/.../ĠAI għall-fini li jieħu fuqu r-responsabbiltà għall-infurzar tal-miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà; jew** **imħassar**

Emenda 64

Artikolu 15, paragrafu 5, punt (b)

(b) **mandat ta' arrest Ewropew għall-fini taċ-ċediment tal-persuna sentenzjata skond id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri.** **imħassar**

Emenda 65

Artikolu 15, paragrafu 6

6. **Jekk l-obbligu biex jiġu esegwiti l-miżuri ta' sospensjoni jew is-sanzjonijiet alternattivi jkun skada, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni għandha ttemm il-miżuri ordnati hekk kif hi tkun ġiet debitament infurmata mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti.**

6. **Meta tiġi nnotifikata dwar il-fatt mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti skond il-paragrafu 5, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni għandha ttemm is-superviżjoni u l-esekuzzjoni tal-miżuri sospensivi.**

Emenda 66

Artikolu 16, titolu

Amnestija u maħfra

Amnestija, maħfra **u reviżjoni tas-sentenza**

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

TEST PROPOST MIR-REPUBBLIKA FEDERALI
TAL-ĠERMANJA U MIR-REPUBBLIKA FRANĊIŻAEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 67

Artikolu 16, paragrafu 1 a (ġdid)

L-Istat emittenti biss jista' jieħu deċiżjoni dwar talbiet għar-reviżjoni ta' sentenzi li jinvolvu sentenzi sospiżi, sanzjonijiet alternattivi u sentenzi kondizzjonali li s-superviżjoni u l-esekuzzjoni tagħhom huma koperti minn din id-Deċiżjoni Kwadru.

Emenda 68

Artikolu 17

Jekk il-persuna sentenzjata tħalli l-Istat ta' esekuzzjoni **u tistabilixxi r-residenza legali u ordinarja tagħha fi Stat Membru ieħor**, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni għandha tittrasferixxi l-ġurisdizzjoni fir-rigward tas-superviżjoni tal-miżuri ta' sospensjoni u s-sanzjonijiet alternattivi u fir-rigward tad-deċiżjonijiet ulterjuri kollha rigward l-esekuzzjoni tas-sentenza lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' l-Istat emittenti.

Jekk il-persuna sentenzjata tħalli l-Istat ta' esekuzzjoni **jew ma tibqax ikollha residenza legali u ordinarja fl-Istat ta' esekuzzjoni**, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni għandha tittrasferixxi l-ġurisdizzjoni fir-rigward tas-superviżjoni tal-miżuri ta' sospensjoni u **ta' l-obbligi jew istruzzjonijiet li jikkostitwixxu** sanzjonijiet alternattivi u fir-rigward tad-deċiżjonijiet ulterjuri kollha rigward l-esekuzzjoni tas-sentenza (**jew jekk ikun il-każ id-deċiżjoni ta' libertà kundizzjonata**) lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' l-Istat emittenti.

Emenda 69

Artikolu 17, paragrafu 1 a (ġdid)

It-trasferiment ta' ġurisdizzjoni msemmi fparagrafu 1 irid isir ukoll jekk l-Istat emittenti jagħmel talba għal dan lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni, għar-raġuni li proċeduri kriminali ulterjuri kontra l-persuna jkunu qed iseħħu fl-Istat emittenti.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

P6_TA(2007)0476

Kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi fi kwistjonijiet kriminali li jimponu pieni ta' ħabs jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li dawn is-sentenzi jkunu infurzati fl-Unjoni Ewropea (9688/2007 — C6-0209/2007 — 2005/0805(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni — konsultazzjoni mġedda)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (9688/2007),
 - wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja, u r-Renju ta' l-Iżvezja (7307/2005) ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Ġunju 2006 ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 31(1)(a) u 34(2)(b) tat-Trattat ta' l-UE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat ta' l-UE, skond liema artikolu reġa' ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0209/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 93, 51 u 55(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0362/2007),
1. Japprova l-abbozz tal-Kunsill kif emendat;
 2. Jitlob lill-Kunsill sabiex konsegwentement ibiddel it-test tiegħu;
 3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jistieden lill-Kunsill sabiex jikkonsulta lill-Parlament mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-abbozz b'mod sostanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

TEST PROPOST
MILL-KUNSILL

EMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 1

Premessa 2 a (ġdida)

(2a) Id-drittijiet proċedurali fil-proċessi kriminali huma element kruċjali li jiżguraw fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri fil-koperazzjoni ġudizzjarja, u minkejja l-isforzi tal-Presidenza Ġermaniża, s'issa għadu ma ntlaħaqx ftehim wara t-tressiq ta' abbozz ta' Deċiżjoni ta' Qafas dwar drittijiet proċedurali mill-Kummissjoni u approvat mill-Parlament Ewropew fl-ewwel qari ⁽¹⁾;

⁽¹⁾ ĠU C 33 E, 9.2.2006, p. 159.

⁽¹⁾ ĠU C 150, 21.6.2005, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 300 E, 9.12.2006, p.201.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

P6_TA(2007)0477

Ftehim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Madagaskar fil-qasam tas-sajd *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-25 ta' Ottubru 2007 dwar il-proposta emendata għal regolament tal-Kunsill li li jirrigwarda l-konklużjoni tal-Ftehim tas-Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Madagaskar (COM(2007)0428 — C6-0064/2007 — 2007/0006(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta emendata għal regolament tal-Kunsill (COM(2007)0428),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 37 u l-Artikolu 300(2) tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3) l-ewwwl subparagrafu tat-Trattat KE, skond liema Artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0064/2007),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 83 (7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjoniġiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp u tal-Kumitat għall-Baġit (A6-0405/2007),

1. Japprova l-proposta emendata tar-Regolament tal-Kunsill hekk kif emendata u japprova l-konklużjoni tal-Ftehim;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Madagaskar.

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI
MILL-PARLAMENT

Emenda 1

Premessa 2 a (ġdida)

(2a) Huwa importanti li titjeb l-informazzjoni pprovduta lill-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni għal dan il-għan għandha tibgħat il-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt imsemmi fl-Artikolu 9 tal-ftehim.

Emenda 3

Artikolu 3 a (ġdid)

Artikolu 3 a

Kull sena l-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati tal-programm settorjali plurijennali deskritt fl-Artikolu 7 tal-Protokoll.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI
MILL-PARLAMENT

Emenda 4
Artikolu 3 b (ġdid)

Artikolu 3 b

Matul l-aħħar sena tal-validità tal-Protokoll u qabel ma jiġi konkluż ieħor li jġeddu, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni tal-ftehim u dwar il-kundizzjonijiet li bihom il-ftehim ġie implimentat.

Emenda 5
Artikolu 3 c (ġdid)

Artikolu 3 c

Fuq il-bażi tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 3b u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill għandu jagħti lill-Kummissjoni, jekk ikun il-każ, mandat ta' negozjar għall-adozzjoni ta' protokoll ġdid.

Emenda 6
Artikolu 3 d (ġdid)

Artikolu 3 d

Il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew il-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt imsemmi fl-Artikolu 9 tal-ftehim.

P6_TA(2007)0478

Ftehim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Możambik fil-qasam tas-sajd *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-25 ta' Ottubru 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jirrigwarda l-konklużjoni tal-Ftehim tas-Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Możambik (COM(2007)0472 — C6-0284/2007 — 2007/0170(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Kunsill (COM(2007)0472),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 37 u l-Artikolu 300(2) tat-Trattat KE,

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE skond liema Artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0284/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp u tal-Kumitat għall-Baġit (A6-0404/2007),
1. Japprova l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill kif emendata u japprova l-konklużjoni tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Możambik.

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
MILL-PARLAMENT

Emenda 1

Premessa 2 a (ġdida)

(2a) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità Ewropea għandha tintuża għall-iżvilupp tal-popolazzjonijiet kostali li jgħixu mis-sajd u fuq il-ħolqien ta' impriżi industrijali żgħar ta' l-iffriżar u l-ipproċessar tal-ħut fuq livell lokali;

Emenda 2

Premessa 2 b (ġdida)

(2 b) Huwa importanti li titjieb l-informazzjoni pprovduta lill-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni għal dan il-għan għandha tibgħat il-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt imsemmi fl-Artikolu 9 tal-ftehim.

Emenda 4

*Artikolu 3 a (ġdid)***Artikolu 3a**

Kull sena l-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati tal-programm settorjali plurijennali deskritt fl-Artikolu 7 tal-Protokoll.

Emenda 5

*Artikolu 3 b (ġdid)***Artikolu 3 b**

Il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew il-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt imsemmi fl-Artikolu 9 tal-ftehim.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI
MILL-PARLAMENT

Emenda 6
Artikolu 3 c (ġdid)

Artikolu 3 c

Matul l-aħħar sena tal-validità tal-Protokoll u qabel ma jiġi konkluż ieħor li jġeddu, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni tal-ftehim u dwar il-kundizzjonijiet li bihom il-ftehim ġie implimentat.

Emenda 7
Artikolu 3 d (ġdid)

Artikolu 3 d

Fuq il-bażi tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 3c u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill għandu jagħti lill-Kummissjoni, jekk ikun il-każ, mandat ta' negozjar għall-adozzjoni ta' protokoll ġdid.

P6_TA(2007)0479

Reġistri tal-kummerċ għal għanijiet ta' statistika *II**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri tal-kummerċ għal għanijiet ta' statistika u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93 (7656/5/2007 — C6-0218/2007 — 2005/0032(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (7656/5/2007 — C6-0218/2007),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari⁽¹⁾ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)0112),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomondazzjoni għat-tieni qari tal-Komitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij (A6-0353/2007),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 127.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

P6_TC2-COD(2005)0032

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fil-25 ta' Ottubru 2007 bil-ħsieb li jiġi adottat ir-Regolament (KE) Nru .../2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet ta' l-istatistika u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari jaqbel ma' l-att legi-lattiv finali, r-Regolament (KE) Nru 177/2008.)

P6_TA(2007)0480**Prezzijiet ta' l-ikel li qed jogħlew**

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar prezzijiet ta' l-għalf u ta' l-ikel li qed jogħlew

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 33 tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-26 ta' Settembru 2007 ⁽¹⁾ dwar it-twarrib ta' l-art għas-sena 2008,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-prezzijiet globali taċ-ċereali żdiedu b'mod drammatiku fl-aħħar xhur u l-ħażniet pubbliċi u privati taċ-ċereali waqgħu għall-inqas livell tagħhom f'40 sena,
- B. billi l-aħħar stimi jissuġġerixxu li fl-2007 l-ħsad taċ-ċereali ta' l-UE-27 se jkun madwar 8 miljun tunnellata inqasmill-2006,
- C. billi l-ħsad ta' l-2006 kien biss 265,5 miljun tunnellata, li jħalli biss miljun tunnellata f'intervent għall-2007,
- D. billi l-provvista globali taċ-ċereali ġiet affettwata minn kundizzjonijiet ħarxa tat-temp, notevolment in-nixfa u l-għargħar, li probabilmnt huma marbuta mal-bidla fil-klima,
- E. billi fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri hu impossibbli li wieħed jiddixxerni rabta diretta u fit-tul bejn iż-żieda fil-prezzijiet ta' ċerti prodotti u d-domanda għal bijofjuwil, iżda, xorta waħda għandu jkun enfazzat li f'pajjiżi bħall-Istati Uniti politika attiva biex ikun promoss it-tkabbir tal-qamharrun biex ikun prodott il-bjoetanol qed ikollha effett dirett fuq il-prezzijiet ta' l-għalf u ta' l-ikel, liema effett ġie rikonnoxxut mill-Organizzazzjoni tal-Koperazzjoni Ekonomika u ta' l-Iżvilupp (OECD),
- F. billi l-istudju ta' l-OECD ppubblikat f'Settembru 2007 dwar l-impatt tal-produzzjoni ta' bijofjuwil fuq is-sigurtà u l-bijodiversità ta' l-ikel fid-dinja javża li l-kompetizzjoni għall-art u r-riżorsi bejn il-produzzjoni ta' l-ikel u ta' l-għalf, min-naħa l-waħda, u l-fjuwil, min-naħa l-oħra, tista' żżid l-prezzijiet ta' l-ikel sa tali punt li l-aċċess għall-ikel għall-ifqar popli u reġjuni jkun mhedded,

⁽¹⁾ Testi Adottati, P6_TA(2007)0411.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- G. billi d-domanda globali għall-ikel qed tikber iktar mill-provvista, mhux l-inqas minħabba li d-dħul qed jizzied f'ekonomiji emerġenti bħall-Indja u ċ-Ċina u, flimkien ma' popolazzjonijiet li qed jikbru, dan qed jgħolli d-domanda, speċjalment għal-laħam u għall-prodotti tal-ħalib, u għaldaqstant anke għall-għalf,
- H. billi n-nuqqas ta' sigurtà ta' l-ikel għadu realtà għal aktar minn 854 miljun persuna, li madwar 820 miljun minnhom qegħdin fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw,
- I. billi l-prezzijiet ta' l-ikel bl-innut ma laħħqux ma' l-għoli tal-ħajja, u l-prezzijiet tal-prodotti meta jitilqu mir-razzett ma laħħqux mal-prezzijiet tal-bejgħ bl-innut,
- J. billi kumpaniji ewlenin tal-bejgħ bl-ingrossa u numru żgħir ta' bejjiegħa kbar bl-innut li qed joperaw fl-UE għandhom qawwa konsiderevoli biex jiffissaw prezzijiet għal prodotti ta' l-ikel, u billi l-konċentrazzjoni tagħhom hi tali li tammonta għal pożizzjoni dominanti vis-à-vis il-produtturi,
- K. billi l-ispiża dejjem tikber ta' l-għalf kompost qed tgħolli l-ispejjeż tal-produzzjoni għas-settur tal-bhej-
jem,
- L. billi matul dawn l-aħħar 15-il sena l-Politika Agrikola Komuni (CAP) diġà kellha bidla drammatika bħala reazzjoni għal pressjoni mis-soċjetà Ewropea u l-ekonomija tagħha li qed tevolve, u billi s-separazzjoni qed tippovdi l-opportunità lill-bdiewa biex jirrispondu għas-sinjali tas-suq,
- M. billi l-Artikolu 33 tat-Trattat KE jistipula li l-oġġettivi tal-CAP jinkludu li tiġi żgurata d-disponibilità tal-provvisti u li jiġi żgurat li l-provvisti jaslu għand il-konsumaturi bi prezzijiet raġjonevoli,

Twarrir ta' l-art

1. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċizzjoni reċenti tal-Kunsill tal-Ministri ta' l-Agricoltura ta' l-UE li jadottaw il-proposta tal-Kummissjoni li jiġu sospiżi l-obbligi dwar it-twarrir ta' l-art għall-2008 ⁽¹⁾;
2. Jinnota l-istimi tal-Kummissjoni li din il-miżura se tillibera madwar 2,9 miljun ettaru għall-produzzjoni taċ-ċereali u żżid il-ħsad tas-sena d-dieħla b'madwar 10 miljun tunnellata;
3. Jiddispaċiħ għall-fatt li l-Kunsill m'adottax l-emendi tal-Parlament li ppruvaw jissospendu t-twarrir għas-sena 2009 wkoll, u jistenna li din il-kwistjoni tiġi indirizzata fil-verifika imminenti ta' l-Istat tal-CAP;

Il-produzzjoni u l-bejgħ bl-innut ta' l-ikel

4. Jinnota l-kumment riċenti tal-Kummissarju Fischer Boel li l-prezzijiet tal-laħam u tal-prodotti tal-laħam jistgħu jogħlew b'massimu ta' 30 % fl-2008 minħabba spejjeż ogħla ta' l-għalf;
5. Jinnota li l-prezzijiet ogħla tal-ħalib fl-2007 jirrappreżentaw żieda żgħira iżda li kienet meħtieġa b'mod urġenti għall-bdiewa li jrabbu bhejjem għall-ħalib, iżda li dawn il-prezzijiet huma problematiċi għall-konsumaturi u jagħmluha aktar diffiċli li tinkiseb il-provvista ta' prodotti tal-ħalib li hi meħtieġa, pereżempju mill-iskejjel u l-ispitarijiet;
6. Jistieden lill-Kummissjoni, bħala kwistjoni ta' urġenza, biex tipproponi żieda temporanja fil-kwoti tal-ħalib sabiex il-prezzijiet fis-suq intern ikunu stabbli;
7. Jinnota bi tħassib li l-produtturi Ewropej tat-tjur qed ikollhom iħallsu minn 40 % sa 60 % iktar għall-għalf minn dak li kienu jħallsu sena ilu, speċjalment minħabba li l-għalf huwa responsabbli għal madwar 60 % ta' l-ispejjeż totali tagħhom;

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1107/2007 tas- 26 ta' Settembru 2007 b'deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jstabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jstabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa fir-rigward ta' l-art imwarrba, għall-2008 (ĠU L253, 28.9.2007, p. 1).

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

8. Jenfasizza bl-aktar mod qawwi possibbli li l-ispiża tal-materja prima hija komponent relattivament żgħir fl-ispiża totali ta' ħafna prodotti ta' l-ikel, speċjalment l-ikel proċessat, u li, anke wara ż-żidiet riċenti fil-prezzijiet taċ-ċereali, l-ispiża taċ-ċereali hija responsabbli għal inqas minn 10 % tal-prezz ta' ħobża mibju-għa bl-immnut fir-Renju Unit u inqas minn 5 % ta' dak ta' 'baguette' fi Franza;

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex janalizzaw id-diskrepanzi bejn il-prezzijiet tal-prodotti meta jitilqu mir-razzett u l-prezzijiet mitluba mill-bejgiegħa ewlenin tal-prodotti bl-immnut; jirrimarka, b'mod partikulari, li l-Kummissjoni għandha tinvestiga l-effetti ta' konċentrazzjoni fis-settur tal-bejgħ bl-immnut, li huwa ta' żvantaġġ għal produtturi żgħar, intrapriżi żgħar u l-konsumaturi, u tuża l-miżuri legali kollha li għandha disponibbli jekk jiġu identifikati abbużi ta' pożizzjoni dominanti fis-suq;

10. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tawtorizza pagamenti diretti bil-quddiem lill-bdiewa li jrabbu l-bhejjem, speċjalment lil dawk affettwati minn epidemiji (e.g. bluetongue), minħabba li huma jistgħu iħabbtu wiċċhom ma' problemi serji ta' likwidità bħala riżultat ta' prezzijiet ogħla ta' l-għalf;

Bijofjuwils

11. Jenfasizza li huwa biss proporzjon żgħir ħafna tal-produzzjoni taċ-ċereali ta' l-UE li qiegħed attwalment jintuża għall-produzzjoni tal-bijofjuwil, u li biex jintlaħqu l-miri tal-bijofjuwil ta' l-UE fl-2020, xorta jkun hemm bżonn li tintuża biss 15 % tar-raba' ta' l-UE;

12. Jinnota li l-erja ta' l-art ta' l-UE għall-uċuh tar-raba' għall-enerġija żdiedet għaxar darbiet, għal 2.84 miljun ettaru, mill-2004;

13. Jenfasizza li l-bijofjuwils huma fil-preżent l-uniku sostitut għall-fjuwils fossili li hu disponibbli fis-suq fuq skala kbira u, għall-kuntrarju tal-fjuwils fossili, jista' jiġġedded u jista' jwassal għal tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra;

14. Jinnota li meta tintuża tunnellata ta' ċereali fl-UE għall-produzzjoni tal-bjoetanol, sa 40 % tagħha terġa' lura fis-settur ta' l-għalf tal-bhejjem fil-forma ta' prodotti sekondarji;

15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, madankollu, biex jagħmlu iktar biex jippromwov u l-użu u l-produzzjoni ta' bjoenerġija tat-tieni ġenerazzjoni, li tinvolvi l-ipproċessar tad-demel u tal-materjali ta' l-iskart agrikolu, minflok prodotti agrikoli primarji;

16. Jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq evalwazzjoni ta' l-impatt ambjentali u tas-sigurtà ta' l-ikel li tqis il-kompetizzjoni eżistenti għall-art u r-riżorsi bejn il-produzzjoni ta' l-ikel u dik tal-fjuwil ibbażat fuq il-pjanti, u li jeżamina l-impatt tal-bidla fil-klima u miżuri possibbli biex jiġi evitat it-tnaqqir ulterjuri tar-riżorsi għall-produzzjoni ta' l-ikel;

Importazzjonijiet u esportazzjonijiet

17. Jinnota bi tħassib serju li l-ispiża ta' l-għalf kompost żdiedet b' EUR 75 għal kull tunnellata u qed tkompli tiżdied minħabba nuqqas akut ta' ċereali għall-għalf, u li dan jirrappreżenta spiża addizzjonali ta' EUR 10 biljun għall-industrija tal-bhejjem ta' l-UE;

18. Jinnota t-tħabbira magħmula mill-Kummissjoni fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri ta' l-Agrikoltura f'Settembru 2007 ta' l-intenzjoni li tiġi fformulata proposta biex jitneħħew id-dazji fuq l-importazzjoni ta' ċereali għall-2008, bħala mezz biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni diffiċli fis-settur tal-bhejjem, speċjalment fdak tal-laħam tal-majjal;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

19. Jirrimarka li tali deċiżjonijiet jistgħu fil-fatt idgħajfu l-pożizzjoni tan-negożjar ta' l-UE fir-rigward ta' l-aċċess għas-suq fin-negożjati tad-WTO;
20. Jenfasizza li din id-deċiżjoni m'għandix isservi ta' preċedent għal setturi oħra, bħal dak tar-ross;
21. Jiċħad kwalunkwe ċaqliq biex jiġu imposti kwoti u tariffi fuq l-esportazzjoni tal-produzzjoni agrikola ta' l-UE;
22. Jitlob li l-operaturi ta' pajjiżi terzi jiġu soġġetti għall-istess kontrolli stretti bħall-produtturi ta' l-UE;
23. Jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq eżekizzju ta' evalwazzjoni tal-possibilità ta' miżuri dwar l-immaniġġjar tal-provvista u s-sigurtà ta' l-ikel li jistgħu jevitaw instabilità estrema ulterjuri tal-prezzijiet ta' l-għalf u l-ikel u l-kompetizzjoni mhux sostenibbli bejn il-produzzjoni ta' l-ikel u tal-fjuwil;

Nuqqas ta' sigurtà globali ta' l-ikel

24. Hu konxju mill-fatt li t-tnaqqis fil-ħażniet globali ta' l-ikel ikollu impatt serju u partikolari fuq pajjiżi bi dħul baxx u b'defiċit ta' ikel f'dawk il-partijiet tad-dinja li qed jiżviluppaw, b'kont totali ta' l-importazzjonijiet taċ-ċereali għal dawn il-pajjiżi li hu previst li jżied b'mod kunsiderevoli — għall-ogħla ammont li qatt ġie rreġistrat, ta' USD28 biljun fl-2007/2008, jew żieda ta' bejn wieħed u ieħor 14 fil-mija fuq il-livell diġà għoli tas-sena l-oħra;
25. Jinnota li, b'mod ġenerali, fl-2007/2008, il-pajjiżi li qed jiżviluppaw se jonfqu rekord ta' \$52 biljun fuq l-importazzjonijiet taċ-ċereali;
26. Jistieden lill-Kummissjoni biex tanalizza sew l-effetti tan-nuqqas ta' provvista ta' ċereali u żrieragħ taż-żejt fuq l-aktar produtturi u konsumaturi ta' l-ikel vulnerabbli fl-UE u fil-pajjiżi terzi inklużi l-proposti għal strumenti u miżuri li jevitaw tfixkil tal-provvista ta' l-ikel u l-effetti inflazzjonarji fuq żidiet ulterjuri tal-prezz;
27. Jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq analiżi dettaljata tax-xejriet globali tas-suq, inkluża d-domanda akbar għall-ikel fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, sabiex jiġi kkunsidrat, bħala parti mill-Verifika ta' l-Istat tal-CAP, il-ħolqien ta' mekkaniżmi permanenti biex tiġi garantita provvista adegwata tas-suq fil-ġejjieni;
28. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiggarantixxi agrikoltura sostenibbli li tkun kapaċi tikkontribwixxi għall-iffrankar sinifikanti ta' l-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra u tiggarantixxi s-sovranià ta' l-ikel għall-Istati Membri;

*

* *

29. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TA(2007)0481

Miżura Speċjali 2007 għall-Iraq**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Miżura Speċjali 2007 għall-Iraq**

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp ⁽¹⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- wara li kkunsidra l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Miżura Speċjali 2007 għall-Iraq (CMT-2007-2245),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2007 mill-kumitat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 35(1) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-kumitat ta' ġestjoni tad-DCI",
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 8 tad-deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li jstabbilixxi l-proċeduri għat-tħaddim tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni (!),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 81 tar-Regoli ta' Proċedura,
- A. billi, fit-8 ta' Ottubru 2007, il-kumitat ta' ġestjoni tad-DCI ivvota favur l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Miżura Speċjali għall-2007 għall-Iraq (CMT-2007-2245),
- B. billi, skond l-Artikolu 7(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/EC u skond il-Punt 1 tal-Ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-proċeduri għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/EC (?), il-Parlament Ewropew irċieva l-abbozz tal-miżura ta' implimentazzjoni li tressqet lill-kumitat ta' ġestjoni tad-DCI u r-riżultati tal-votazzjoni,
- C. billi l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 jistipula li "l-oġġettiv primarju u ewlieni tal-koperazzjoni taħt dan ir-Regolament għandu jkun l-eliminazzjoni tal-faqar fil-pajjiżi u r-reġjuni msieħba fil-kuntest ta' l-iżvilupp sostenibbli",
- D. billi l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 jistipula li l-miżuri msemmija fl-Artikolu 1 (1) (?) għandhom jiffasslu sabiex jissodisfaw il-kriterji ta' l-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) stabbiliti mill-Kumitat ta' l-assistenza għall-Iżvilupp ta' l-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u Żvilupp Ekonomiku [OECD/DAC],
- E. billi, fir-rapport tagħha 'Direttivi dwar-irappurtar fir-rigward tas-Sistema ta' rappurtaġġ tal-Kreditur ta' l-2002', l-OECD/DAC tiddefinixxi l-ODA bħala flussi finanzjarji lejn pajjiżi elenkati fil-lista ta' min jirċievi l-ODA għal-liema, fost affarijiet oħra, 'kull transazzjoni tiġi amministrata permezz tal-promozzjoni ta' l-iżvilupp ekonomiku u tal-benesseri tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw bħala l-oġġettivi ewlieni tagħha',
- F. billi fl-Artikolu 23(1) u (3), ta' tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 rispettivament jistipulaw li (Artikolu 23(1)) fil-każ ta' ħtiġijiet jew ċirkostanzi mhux previsti u debitament ġustifikati relatati ma' diżastri naturali, konflitti jew kriżijiet ċivili, u li ma jstgħux jiġu ffinanzjati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 jew ir-Regolament (KE) Nru 1257/96, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri speċjali mhux previsti fid-dokumenti ta' strateġija jew fil-programmi indikattivi pluriennali (minn hawn 'il quddiem imsejja "miżuri speċjali"), li "il-miżuri speċjali jstgħu jintużaw ukoll sabiex jiffinanzjaw miżuri li jiffaċilitaw it-transizzjoni mill-għajnuna ta' emerġenza għal operazzjonijiet ta' żvilupp fit-tul, inklużi dawk li għandhom l-għan li jħejju lill-popolazzjoni għal kriżijiet rikorrenti", u li (Artikolu 23(2)) "fejn l-ispiża ta' dawn il-miżuri taqbeż EUR 10000000, il-Kummissjoni għandha tadottahom skond il-proċedura ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 35(2)",

1. Huwa tal-fehma li l-abbozz tal-Miżura Speċjali għall-Iraq għall-2007, l-Għanijiet ta' l-Iżvilupp tal-Millennju (MDGs) m'humiex ippreżentati b'mod ċar bħala prijorità ewlenija; jikkunsidra li dan ma jikkonformax ma' l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) 1905/2006 li fih hemm stipulata l-kisba ta' l-MDGs bħala wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-koperazzjoni skond l-Istrument ta' Koperazzjoni ta' l-Iżvilupp (DCI);

(!) ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11.

(?) Ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-proċeduri għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni (ĠU L 256, 10.10.2000, p. 19).

(?) L-Artikolu 1(1): "Il-Komunità għandha tiffinanzja miżuri mmirati bħala appoġġ għall-koperazzjoni ma' pajjiżi, terri-torji u reġjuni (...)".

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

2. Huwa tal-fehma li fl-abbozz tal-Miżura Speċjali għall-Iraq għall-2007, il-Kummissjoni qiegħda tmur lil hinn mis-setgħat ta' implimentazzjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 billi għażlet bħala wieħed mill-oqsma ta' interventzjoni "l-Istudju ta' Fattibilità għaż-Żona tal-Gass Akkas", li l-objettiv ġenerali tiegħu hu li "jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet għall-esplorazzjoni taż-Żona tal-Gass Akkas fil-punent ta' l-Iraq bl-iskop li l-produzzjoni minnha tmur fin-network Sirjan tal-pajpijiet tal-gass", u aktar minn hekk "biex jekk ikun possibbli, dan il-proġett ikun integrat mal-ħidma tal-Proġett Ewropew-Għarbi tas-Suq tal-Gass fil-Maxriq"; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li "l-istudju ser jikkunsidra l-interess tal-futur tal-ġirien tal-Maxriq u l-interess ta' l-UE sabiex il-produzzjoni mill-bjar tiġi integrata fis-suq tal-gass Euro-Maxriq", u li "din l-integrazzjoni ser tiftaħ suq potenzjali kbir għall-produzzjoni taż-żona tal-gass ta' Akkas u li ser tippermetti l-ewwel integrazzjoni tal-gass naturali ta' l-Iraq mas-suq reġjunali u Ewropew", u għalhekk jikkunsidra li dan l-objettiv m'huwiex konformi ma' l-Artikolu 2(1) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006, fis-sens li l-objettiv primarju tal-Miżura Speċjali m'huwiex il-qerda tal-faqar u li l-objettivi ddikjarati ma jissodisfawx l-kriterji ta' l-ODA stabbiliti mill-OECD/DAC;

3. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tirtira jew temenda l-abbozz tad-deċiżjoni li tistabbilixxi Miżura Speċjali għall-Iraq, u biex tressaq abbozz ta' deċiżjoni ġdid lill-kumitat ta' ġestjoni tad-DCI li jikkonforma b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fil-kumitat ta' ġestjoni tad-DCI, u lill-parlamenti u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

P6_TA(2007)0482

Relazzjonijiet UE-Serbja**Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u s-Serbja (2007/2126(INI))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal rakkomandazzjoni lill-Kunsill imressqa minn Jelko Kacin fisem il-Grupp ALDE dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u s-Serbja (B6-0202/2007),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Settembru 2005 dwar id-difiża tal-multietniċità fil-Vojvodina ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-Rapport tat-2 ta' Marzu 2005 dwar il-missjoni ta' ġbir ta' fatti mid-delegazzjoni tiegħu ad hoc fil-Vojvodina u f'Belgrad,
- wara li kkunsidra t-twaqqif tar-Repubblika tas-Serbja bħala s-suċċessur ta' l-Unjoni Statali bejn is-Serbja u l-Montenegro wara referendum fil-Montenegro fil-21 ta' Mejju 2006 li ffavurixxa l-indipendenza,
- wara li kkunsidra l-kostituzzjoni l-ġdida Serba adottata b'referendum popolari fit-28-29 ta' Ottubru 2006,
- wara li kkunsidra r-Rapport ta' Progress tal-Kummissjoni għall-2006 dwar is-Serbja, tat-8 ta' Novembru 2006 (SEC(2006)1389),

⁽¹⁾ ĠU C 227 E, 21.9.2006, p. 620.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- wara li kkunsidra l-adeżjoni tas-Serbja mas-Sħubija għall-Paċi (Partnership for Peace) tan-NATO fl-14 ta' Diċembru 2006,
 - wara li kkunsidra r-riżultat ta' l-elezzjonijiet parlamentari Serbi tal-21 ta' Jannar 2007,
 - wara li kkunsidra s-sentenza tas-26 ta' Frar 2007 tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (ICJ) fil-każ tal-Bożnja u Herżegovina kontra s-Serbja u l-Montenegro,
 - wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 405/2006 tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-Kostituzzjoni tas-Serbja, mogħtija fid-19 ta' Marzu 2007,
 - wara li kkunsidra t-twaqqif ta' gvern ġdid f'Belgrad fil-15 ta' Mejju 2007,
 - wara li kkunsidra l-ħames objettivi prinċipali tal-gvern il-ġdid Serb, ippreżentati fil-15 ta' Mejju 2007,
 - wara li kkunsidra n-negozjati bejn l-UE u s-Serbja dwar l-Assoċjazzjoni u l-Istabilizzazzjoni (SAA) li nbdeu mill-ġdid fit-13 ta' Ġunju 2007,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet dwar il-Balkani tal-Punent mill-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali tat-12 ta' Frar u tat-18 ta' Ġunju 2007,
 - wara li kkunsidra r-rapport tat-18 ta' Ġunju 2007 ppreżentat mill-Kap Prosekutur tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għall-ex-Jugożlavia (ICTY) lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-koperazzjoni tas-Serbja ma' l-ICTY,
 - wara li kkunsidra l-iskambju ta' opinjonijiet mal-Kap Prosekutur ta' l-ICTY fil-laqgħa tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Parlament tas-26 ta' Ġunju 2007,
 - wara li kkunsidra l-ftehim bejn l-UE u s-Serbja għall-infurzar xieraq tad-drittijiet ta' proprjetà sabiex tintlaħaq kemm l-istabilità politika kif ukoll dik ekonomika,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 114(3) u l-Artikolu 90 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0325/2007),
- A. billi l-futur tas-Serbja jinsab fl-Unjoni Ewropea,
- B. billi s-Serbja hija fattur importanti għall-istabilità u l-prospertà fir-reġjun, bil-prospett ta' adeżjoni ma' l-UE jipprovdi inċentiv ewlieni għar-riforma,
- C. billi s-Serbja hija firmatarja ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kummerċ Ħieles ta' l-Ewropa Ċentrali (CEFTA) u dan l-aħħar lestiet in-negozjati tekniċi li għandhom x'jaqsmu ma' l-SAA; billi l-adeżjoni tas-Serbja mad-WTO tista' tiġi ffinalizzata qabel l-2008,
- D. billi sebgħin fil-mija ta' dawk is-Serbi li vvutaw huma favur adeżjoni ma' l-UE u żewġ terzi taċ-ċittadini vvutaw għal partiti li jagħmlu parti mill-kamp demokratiku,
- E. billi s-Serbja għandha gvern ġdid li huwa favur l-Ewropa u favur ir-riformi,
- F. billi s-suċċess tal-ftuħ mill-ġdid tan-negozjati dwar l-SAA min-naħa tas-Serbja jista' jservi bħala eżempju ulterjuri tal-bidliet pożittivi fil-Balkani tal-Punent, influwenzati, inter alia, mill-UE,

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- G. billi saru u għandhom jibqgħu jsiru sforzi ġodda u ġenwini biex tiġi meġhluha d-diviżjonijiet u l-attitudnijiet tal-passat u biex jitħeġġeġ ġejjieni Ewropew għaċ-ċittadini tas-Serbja, ,
- H. billi fl-2006 l-ekonomija Serba wriet tkabbir qawwi (madwar 5.8 %) u volum dejjem jikber ta' investiment dirett barrani; billi, madankollu, jibqa' t-tħassib dwar id-defiċit tal-kont kurrenti, li qed ikompli jikber, u dwar ir-rata għolja ta' qgħad (madwar 20.9 % fl-2006),
- I. billi l-korruzzjoni għadha problema serja fis-Serbja, u billi fl-Indiċi tal-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni ta' l-2006 ta' Trasparenza Internazzjonali, is-Serbja kellha l-punteġġ medju ta' 3.0 (fuq skala li tvarja minn 0, li tfisser "korrott ħafna" sa 10, li tfisser "nadif ħafna"),
- J. billi tnejn mis-sitt maħrubin akkużati b'delitti tal-gwerra u mfittxija mill-ICTY ġew arrestati riċentement u ttrasferiti lejn l-Aja u erbgħa minnhom għadhom ma nqabdux, inklużi Ratko Mladić u Radovan Karadžić,
- K. billi l-pubbliku Serb mhux infurmat biżżejjed dwar il-livell tad-delitti mwettqa fil-gwerer riċenti, speċjalment f' Srebrenica,
- L. billi l-gwerer fil-Jugożlavja biddlu b'mod profond in-nisġa soċjali tas-Serbja u wasslu, inter alia, għall-emigrazzjoni ta' ħafna mill-aħjar politiċi u intellettuali u għall-influss ta' refuġjati u persuni li ġew spustati internament (IDPs), flimkien mar-ritorn ta' veterani trawmatizzati mill-vjolenza tad-disgħinijiet,
- M. billi d-diżintegrazzjoni tal-Jugożlavja kellha konsegwenzi devastanti f'termini ta' mwiet u ta' tbatija umana, u għaldaqstant ir-rikonċiljazzjoni interetnika saret ta' l-akbar importanza biex tkun garantita l-istabilità fir-reġjun,
1. Jemmen li s-Serbja jixirqilha tifħir speċjali għar-riżoluzzjoni paċifika ta' serje ta' sfidi diffiċli matul l-aħħar sena, inklużi x-xoljiment ta' l-Unjoni Statali bejn is-Serbja u l-Montenegro, elezzjonijiet parlamentari ġusti u ħielsa u t-twaqqif ta' gvern ġdid b'politika favur l-Ewropa,
 2. Jilqa' it-tlestija tan-negozjati tekniċi dwar SAA bejn il-Gvern Serb u l-UE wara waqfa ta' tlettax-il xahar; jinkoraġġixxi liż-żewġ naħat biex jagħmlu l-arranġamenti kollha meħtieġa sabiex jiġi evitat dewmien tekniċu qabel fil-perjodu ta' l-interim bejn il-bidu u l-iffirmar ta' l-SAA, sabiex l-iffirmar ikun jista' jseħħ qabel it-tmiem ta' l-2007; jikkunsidra l-iffirmar ta' l-SAA bħala pass importanti fit-triq lejn l-adeżjoni ma' l-UE;
 3. Jilqa' b'sodisfazzjon ix-xewqa tal-Gvern Serb li jikkopera ma' l-ICTY, liema koperazzjoni twitti t-triq għal koperazzjoni ulterjuri ma' l-UE, iżda jinsisti li din il-koperazzjoni malajr għandha twassal għal aktar riżultati;
 4. Jinnota l-preżentazzjoni li saret mill-Kap Prosekutur ta' l-ICTY, Carla del Ponte, lill-Kunsill dwar Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni ta' l-UE, li ltaqa' fil-Lussemburgu fil-15 ta'Ottubru 2007; jitlob lis-Serbja biex issolvi l-kwistjonijiet li għadhom miftuħa rigward il-koperazzjoni sħiħa ma' l-ICTY b'rabta maż-żjara li ser tagħmel dalwaqt f'Belgrad is-Sra Del Ponte; jitlob lill-Kummissjoni, meta dawn il-kwistjonijiet jiġu solvuti, biex tinizjala l-SAA mingħajr aktar dewmien;
 5. Jifraħ lis-Serbja għall-progress reċenti tagħha fil-koperazzjoni ma' l-ICTY, li għamilha possibbli li n-negozjati SAA jkomplu u li l-Prosekutur Ewlieni ta' l-ICTY, Carla Del Ponte tagħti evalwazzjoni pożittiva rigward il-koperazzjoni tas-Serbja mat-Tribunal; jilqa' b'sodisfazzjon l-arrest u t-trasferiment lejn l-Aja ta' Zdravko Tolimir u Vlastimir Đorđević, l-assigurazzjoni tal-Prim Ministru Koštunica lil Carla Del Ponte li "aktar arresti huma probabbli" (inkluż l-arrest ta' l-ex-Ġeneral Serb Božnjaku Ratko Mladić), u l-ħolqien ta' strutturi ġodda mmirati li jiċċentralizzaw l-attivitàjiet kollha biex jinqabdu l-maħruba, inkluż it-titjib fit-trasparenza tal-Kunsill tas-Sigurtà Nazzjonali; jilqa' b'sodisfazzjon il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet tas-Serbja, tal-Bożnja Heržegovina u tal-Montenegro fl-iffaċilitar tat-trasferimenti riċenti lejn l-Aja;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

6. Ifakkar lis-Serbja li l-firma ta' l-SAA hija bil-kundizzjoni li jkun hemm koperazzjoni sħiħa ma' l-ICTY, u li dan għandu jwassal għall-arrest u t-trasferiment ta' l-akkużati kollha li fadal, filwaqt li jinnota li l-arresti reċenti huma prova li l-awtoritajiet Serbi huma kapaċi jsibu u jaqbd u lill-kriminali akkużati b'delitti tal-gwerra; jenfasizza li koperazzjoni sħiħa ma' l-ICTY mhix biss obbligu internazzjonali iżda wkoll pass fundamentali lejn il-kisba ta' rikonċiljazzjoni dejjiema fir-reġjun; għal dan il-għan, jistieden lill-parlament Serb sabiex iwettaq l-obbligi tiegħu li jirriżultaw mis-sentenza msemmija hawn fuq ta' l-ICJ u jadotta dikjarazzjoni li tiddeunzja l-ġenoċidju ta' Srebrenica;
7. Jemmen, meta jitqies l-għeluq ippanat ta' l-ICTY, li attwalment jipprevedi l-għeluq tal-proċessi sa l-2008, li jkun meħtieġ li tiġi kkunsidrata l-estensjoni tal-mandat ta' l-ICTY jekk il-kriminali tal-gwerra li huma akkużati jkollhom jiġu arrestati wara din id-data;
8. Jinnota li l-ftehim ta' kompromess milħuqa fil-Kunsill Ewropew li seħħ fi Brussell fil-21 u 22 ta' Ġunju 2007 wittiet it-triq għal bażi legali mġedda għall-Unjoni Ewropea qabel l-2009, u li dan joħloq il-kuntest istituzzjonali meħtieġ għal tkabbir fil-gejjienu u jippermetti lill-UE u lis-Serbja biex b'mod dinamiku jmxexxu l-proċess ta' adeżjoni fuq il-bażi ta' l-iżvilupp u l-merti tas-Serbja;
9. Huwa tal-fehma li riżoluzzjoni tal-kwistjoni dwar l-istatus tal-Kosovo se tikkonsolida l-istabilità fil-Balkani tal-Punent kif ukoll tiffaċilita l-integrazzjoni tar-reġjun fl-Unjoni Ewropea;
10. Jinnota b'sodisfazzjon li s-Serbja għamlet progress ekonomiku sinifikattiv sa mill-2000, b'rata medja annwali ta' tkabbir ta' 5%; jinnota, madankollu, li skond l-evalwazzjoni ta' l-IMF, dan ma wassalx għal tnaqqis fil-faqar jew fir-rata għolja ta' qgħad (li hi aktar minn 20%); jemmen li hija sfida ewlenija għall-gvern il-ġdid li jindirizza dawn il-problemi; għaldaqstant jistieden lill-gvern Serb biex jimpenja ruħu b'aktar qawwa għall-ħolqien ta' l-impjiegi u għat-taffija tal-faqar u biex jadotta miżuri konkreti mmirati lejn żvilupp ekonomiku aktar ibbilanċjat fid-distretti kollha tal-pajjiż, filwaqt li tingħata attenzjoni partikulari lill-partijiet inqas żviluppati tax-Xlokk u tal-Lvant tal-pajjiż; more balanced economic development in all districts of the country, with particular attention being paid to underdeveloped south-eastern and eastern parts of the country;
11. Jemmen li l-iżvilupp ulterjuri ta' l-istrutturi u l-proċeduri amministrattivi jista' jżid il-fiduċja fl-istat tad-dritt, isahha l-ekonomija tas-suq u jinkoraġġixxi t-tkabbir ekonomiku fis-Serbja; jistieden lill-awtoritajiet Serbi biex itejbu l-ambjent ekonomiku għall-investment barrani u t-trasparenza fir-relazzjonijiet kummerċjali;
12. Jinnota b'sodisfazzjon li s-Serbja għandha kostituzzjoni ġdida li tinkludi dispożizzjonijiet pożittivi fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem; jinnota, madankollu, li jeħtieġ li l-qafas legali għall-protezzjoni tal-minoranzi jittejjeb aktar; jinsab imħasseb dwar dispożizzjonijiet problematiċi li jirrigwardjaw, inter alia, il-proċedura għall-ħatra, l-għoti ta' promozzjoni u t-tneħħija ta' mħallfin u prosekturi u n-nuqqas ta' konsultazzjoni pubblika xierqa jew dibattitu parlamentari xieraq matul il-proċess ta' abbozzar; jistieden lill-awtoritajiet Serbi sabiex jikkunsidraw it-tisħiħ ta' l-ambitu tad-deċentralizzazzjoni territorjali b'mod partikolari vis-à-vis l-Vojvodina;
13. Jenfasizza l-importanza li jkun żgurat li l-għajjuna ta' l-UE tingħata b'mod li jqis l-istruttura attwali territorjali u amministrattiva tas-Serbja u l-kompożizzjoni etnika u r-relazzjonijiet tradizzjonali ekonomiċi u kulturali fi ħdan it-territorji konċernati, bl-involvement sħiħ ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali; Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Kumitat kompetenti jimmoniterjaw mill-qrib l-organizzazzjoni tar-reġjuni tal-livell NUTS 2 fis-Serbja;
14. Ifaħħar lis-Serbja għall-kisba ta' aktar trasparenza fl-operat tal-gvern u tal-parlament u għall-kapaċità amministrattiva tajba tagħha; jifraħ lis-Serbja għall-adozzjoni tal-Liġi dwar il-Baġit għall-2007 u għall-ħatra ta' Ombudsman u ta' Kummissarju għall-Infurmazzjoni Pubblika; ta' Gvernatur tal-Bank Nazzjonali tas-Serbja u tal-membri tal-Kunsill ta' l-Istituzzjoni tal-Verifika ta' l-Istat; jiddispaċih li n-nomina ta' mħallfin għall-Qorti Kostituzzjonali għadha pendenti;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

15. Jemmen fermament li kwistjoni ewlenija marbuta mad-drittijiet tal-bniedem hija li jinstabu soluzzjonijiet dejjiema għar-refuġjati u għall- IDPs, speċjalment minħabba li s-Serbja għadha tospita numru kbir ta' refuġjati, l-aktar mill-Kroazja u parzjament mill-Bożnja Herżegovina, u IDPs mill-Kosovo; jiddispijaċih ħafna li ma ntlaħqitx l-iskadenza ta' l-aħħar ta' l-2006 biex jiġu solvuti l-kwistjonijiet kollha li għadhom pendenti, liema skadenza kienet prevista mid-Dikjarazzjoni ta' Sarajevo dwar ir-ritorn tar-refuġjati u l-kumpens għall-proprjeta', iffirmata fil-31 ta' Jannar 2005 mill-Kroazja, il-Bożnja Herżegovina u s-Serbja u l-Montenegro, u jiddispijaċih ukoll li sar ftit progress minn dak iż-żmien;
16. Għaldaqstant jistieden lill-Gvern Serb biex ikompli fl-isforzi tiegħu biex jimplimenta d-Dikjarazzjoni ta' Sarajevo, anke billi jadotta qafas legali ċar li jkun ikopri, inter alia, id-dritt tar-ritorn lejn il-post ta' l-oriġini u d-dritt tal-kumpens għall-proprjeta'; ihegġegħ lill-UE, l-Istati Membri tagħha u l-komunità internazzjonali biex jibqgħu impenjati għad-difiża tad-drittijiet tar-refuġjati, u biex jipprovdu appoġġ kontinwu lill-pajjiżi kkonċernati, anke billi jallokaw riżorsi finanzjarji suffiċjenti għal dan il-għan; jenfasizza li l-integrazzjoni jew ir-ristabiliment ta' l-IDPs u r-refuġjati m'għandux ibiddel sinifikatament il-bilanċ etniku oriġinali ta' żona jew reġjun; f'dan ir-rigward, jiġbed l-attenzjoni għall-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Kunsill ta' l-Ewropa ta' l-1 ta' Frar 1995 dwar il-Ħarsien tal-Minoranzi;
17. Jirrikonoxxi l-progress li sar fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni, li reċentement wassal għal ħafna arresti prominenti, filwaqt li jinnota li l-korruzzjoni, partikolarment fil-pulizija u fil-ġudikatura, għadha problema serja, u li l-investigazzjonijiet uffiċjali dwar il-korruzzjoni spiss jidhru li huma motivati politikament; jirrimarka li l-korruzzjoni hija ostakolu ewlieni biex jiġi mħajjar aktar investmenti barrani, u jistieden lill-gvern Serb sabiex jimplimenta strateġija komprensiva għal kontra l-korruzzjoni; jikkunsidra li huwa meħtieġ li titkompla l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata;
18. Jilqa' b'sodisfazzjon it-tlestija tat-trasferiment tal-kompetenzi għall-ħarsien tal-fruntieri statali mingħand l-armata għal għand il-pulizija bħala pass ewlieni lejn l-ilħuq ta' l-istandards ta' l-UE; ihegġegħ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jinkoraġġixxu aktar lill-gvern Serb sabiex iwettaq riforma sostanzjali tal-pulizija, is-servizzi tas-sigurtà u l-armata, inklużi miżuri li jipprovdu kontroll ċivili akbar fuq l-armata; jikkunsidra li r-riforma tal-pulizija għandha tikkunsidra l-bżonn ta' forzi tal-pulizija li jtkellmu bil-lingwa tal-minoranza f'reġjuni abitati minn popolazzjonijiet kbar minoritarji;
19. Jemmen li l-promozzjoni ta' l-istat tad-dritt u l-implimentazzjoni stretta tad-dispożizzjonijiet legali għandhom ikunu waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-gvern; jilqa' b'sodisfazzjon il-miżuri ta' riforma ġudizzjarja meħuda s'issa iżda jenfasizza l-bżonn li dan il-proċess jitkompla, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħeffa tal-proċessi, il-ħarsien tax-xhieda, il-prevenzjoni tal-korruzzjoni, u l-indipendenza ta' l-imħallfin; jiddispijaċih li l-Qorti Kostituzzjonali mhijiex topera, u jinnota li dan ma jgħinx l-iżvilupp tad-demokrazzija u tal-leġiżlazzjoni demokratika fis-Serbja;
20. Jilqa' b'sodisfazzjon it-tmim tal-proċess krimimali dwar il-qtil tal-Prim Ministru Zoran Đinđić u jappoġġja l-inizjattiva reċenti mill-prosekuzzjoni speċjali sabiex jinkixfu l-motivazzjonijiet politiċi wara l-qtil;
21. Jilqa' b'sodisfazzjon ix-xogħol tal-Prosekutur Serb għad-Delitti tal-Gwerra iżda jesprimi dispijaċir li l-proċessi domestiċi dwar id-delitti tal-gwerra huma mdgħajfa minn nuqqas ta' trasparenza u rieda politika biex jinstabu wkoll dawk li taw l-ordnijiet u mhux biss min wettaqhom; jemmen li s-sentenza imposta mill-qorti Serba għad-delitti tal-gwerra fuq erba' membri tal-grupp paramilitari, l-Iskorpjuni, għall-eżekuzzjoni ta' sitt Musulmani minn Srebrenica ma kenitx tirrifletti n-natura faħxija tad-delitt; jinnota li l-President Serbjan wera d-dispijaċir tiegħu fil-pubbliku li s-sentenzi imposti kienu qosra;
22. Jemmen li ċ-ċittadini tas-Serbja huma intitolati li jkunu jafu l-verità dwar il-politiki riċenti ta' gwerra u ġenoċidju li twettqu f'isimhom, u li jkollhom għarfien dwar dawk li wettqu d-delitti tal-gwerra; jemmen li s-Serbja għandha tikkonfronta b'mod onest il-passat reċenti tagħha biex timxi 'l quddiem u li r-rikonoxximent tal-passat huwa parti integrali mit-triq tar-rikonċiljazzjoni mal-ġirien tas-Serbja; jistieden lill-gvern biex jiftaħ mill-ġdid il-Kummissjoni għall-Verità u r-Rikonċiljazzjoni stabbilita fl-2001, b'mod partikolari biex jithegġegħ ambjent pożittiv f'dawk il-partijiet tal-pajjiż li kienu affettwati l-aktar mill-kunflitt interetniku; ihegġegħ lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi inizzjattivi li jiffaċilitaw il-kuntatt bejn il-popli fir-reġjun u sabiex talloka propozzjon akbar ta' fondi għal dan il-għan;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

23. Jilqa' b'sodisfazzjon l-apoloġija tal-President Serb liċ-ċittadini Kroati għad-delitti tal-gwerra mwettqa fisem is-Serbja matul il-gwerra riċenti; jikkunsidra dik l-apoloġija bħala espressjoni ta' maturità politika u tmexxija demokratika kbira u bħala prova konkreta tad-determinazzjoni tal-gvern attwali li jattwa politika ta' ħbiberija u koperazzjoni mal-pajjiżi ġirien tiegħu;
24. Jemmen li r-rikonċiljazzjoni u l-ġustizzja huma indispensabbli għall-istabilità u l-iżvilupp tal-pajjiżi kollha fir-reġjun kif ukoll għall-integrazzjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea; iħeġġeġ lill-pajjiżi ġirien tas-Serbja biex isegwu dan il-mudell u jikkundannaw kwalunkwe manifestazzjoni ta' intolleranza etnika u razziżmu li jseħħu fit-territorji tagħhom;
25. Jemmen li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jibdew u jappoġġjaw programmi mmirati lejn il-provvista ta' servizzi ta' pariri għal problemi psikosoċjali, iffukati primarjament iżda mhux esklussivament fuq nisa u tfal trawmatizzati mill-esperjenzi tagħhom qabel u matul il-gwerra;
26. Jilqa' b'sodisfazzjon il-koperazzjoni reċenti bejn Belgrad u Priština fit-tiftix ta' persuni li għebu wara l-kunflitt tal-Kosovo, b'mod partikolari l-isforzi konġunti li sehew dan l-aħħar fid-distrett ta' Raška; jistieden lill-Gvern Serb biex joħroġ rapport pubbliku dwar Mačkatica;
27. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jallokaw riżorsi finanzjarji suffiċjenti lill-Kummissjoni Internazzjonali Għall-Persuni li Għebu (ICMP) biex din l-organizzazzjoni tkun tista' tlesti xogħolha, li hu li sa l-2010 tidentifika l-persuni kollha li għebu mit-territorju ta' l-ex-Jugożlavja; jemmen li x-xogħol ta' l-ICMP jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-proċess ta' verità, ġustizzja u rikonċiljazzjoni fir-reġjun;
28. Jinnota li skond servej imwettaq fl-2004 mill-Aġenzija għall-Kummerċjalizzazzjoni Strateġika għall-Għaqda ta' l-Istudanti tas-Serbja, 70 % ta' l-istudenti universitarji Serbi qatt ma siefru; jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattivi biex l-istudenti Serbi jinghatawlihom opportunitajiet ta' studju fil-pajjiżi ta' l-UE; jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu mezzi ġodda ta' interazzjoni mal-poplu Serb;
29. Jinnota li s-Serbja tikkontribwixxi b'mod attiv għall-koperazzjoni reġjonali u għar-relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien permezz tas-sħubija fghadd ta' inizjattivi reġjonali bħall-Patt ta' l-Istabilità/Kunsill għall-Koperazzjoni Reġjonali u s-CEFTA; jistieden lis-Serbja biex iżżomm rwol responsabbli fir-reġjun; jenfasizza li hu fl-aħjar interessi tas-Serbja li tiżviluppa u iżżomm relazzjonijiet tajba mas-sħab reġjonali tagħha, li ttejjeb il-koperazzjoni transkonfinali effettiva, filwaqt li tutilizza b'mod sħiħ il-potenzjal tal-minoranzi nazzjonali fiż-żoni tal-fruntieri, u li tipparteċipa b'mod attiv fi proġetti infrastrutturali bilaterali, reġjonali u Ewropej; itenni li l-futur tal-pajjiżi kollha fir-reġjun jinsab fl-UE;
30. Iħeġġeġ lill-Gvern Serb biex jippromwovi relazzjonijiet tajba tal-viċinat maż-żewġ entitajiet kostitwenti tal-Bożnja Herzegovina;
31. Iħeġġeġ lill-Gvern Serb biex ikompli d-djalogu mal-ġirien Ewropej tiegħu fix-Xlokk dwar kwistjonijiet marbuta mal-fruntieri, minħabba li d-demarkazzjonijiet territorjali bejn is-Serbja u l-Kroazja u bejn is-Serbja u l-Bożnja-Herzegovina għad iridu jiġu stabbiliti;
32. Ifaħħar lis-Serbja għar-relazzjonijiet interetniċi mtejba, b'mod partikolari f'Vojvodina, fejn kien hemm tnaqqis, għalkemm mhux waqfa totali, fl-inċidenti interetniċi; jistieden lill-awtoritajiet Serbi biex jieħdu aktar miżuri biex jippromwovu l-iżvilupp tal-minoranzi nazzjonali fil-Vojvodina multietnika, jippromwovu l-koeżistenza paċifika bejniethom u jiżguraw li l-pulizija, il-ġudikatura u korpi statali oħra jaġixxu fuq bażi etnikament newtrali u, sabiex tinbena l-fiducia meħtieġa f'dawn l-istituzzjonijiet fost il-popolazzjoni, jiżguraw li l-istaff ta' dawk l-awtoritajiet jirrifletti b'mod xieraq il-kompożizzjoni etnika barra minn hekk, jistieden lill-awtoritajiet Serbi biex jimmaniġġjaw b'attenzjoni kwalunkwe influżi ta' potenzjali ta' refuġjati sabiex ma jħarbutux il-bilanċ etniku, kulturali, reliġjuż, ekonomiku u politiku tar-reġjun, biex b'hekk jiżguraw suċċess fl-integrazzjoni tagħhom f'ambjent multikulturali; jenfasizza l-importanza fundamentali ta' programmi mmirati għat-tkattir tat-tolleranza bejn il-komunitajiet, b'mod partikolari f'Vojvodina; huwa tal-fehma li finanzjament mill-UE huwa meħtieġ ukoll għal dawn il-programmi;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

33. Jinnota b'sodisfazzjon li partiti etniċi Albaniżi mill-wied ta' Preševo pparteċipaw fl-elezzjonijiet riċenti għall-ewwel darba f'għaxar snin u li l-minoranzi huma rrappreżentati kemm fil-fergħa leġislattiva u kif ukoll f'dik eżekuttiva tal-poter; jemma li s-Sandžak għadu reġjun li jjanqal tħassib partikolari u jistieden lill-gvern sabiex jaħdem mal-partijiet involuti fil-politika lokali bil-għan li jtfasslu politiki sabiex ikomplu jtnaqqsu r-radikalizzazzjoni u l-firdiet fil-komunità;
34. Jilqa' b'sodisfazzjon l-allokazzjoni ta' fondi fil-baġit 2007 għal proġetti marbuta direttament ma' l-Għaxar Snin ta' l-Inklużjoni tar-Roma; huwa mħasseb, madankollu, dwar in-nuqqas ġenerali ta' approċċ sistematiku ta' politika lejn it-titjib tal-ħajjiet u tal-kundizzjonijiet ta' l-għajxien tar-Roma, inklużi l-IDPs u dawk li rritornaw, u dwar diskriminazzjoni persistenti kontra l-komunità tar-Roma;
35. Jistieden lill-gvern Serb biex jimplementa b'mod sħiħ il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-implimentazzjoni ta' l-Għaxar Snin ta' l-Inklużjoni tar-Roma, kemm finanzjarjament u kif ukoll istituzzjonalment, sabiex jtfasslu soluzzjonijiet prattiċi u sostenibbli għall-komunità tar-Roma; ifakkar lis-Serbja li l-adozzjoni ta' leġislazzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni u r-ripatrijazzjoni sostenibbli tan-nies Roma li għadhom qed jgħixu f'kampijiet huma fost il-prijoritajiet tas-Sħubija Ewropea mas-Serbja;
36. Jieħu nota tat-twaqqif ta' Aġenzija għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Drittijiet tal-Minoranzi, li huwa responsabbli għaliha l-Prim Ministru, li ssostitwixxiet dak li qabel kien il-Ministeru ta' l-Unjoni Statali għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Drittijiet tal-Minoranzi; jistieden lill-Prim Ministru biex jattwa politika koerenti u attiva għall-minoranzi u biex jiżgura li d-drittijiet tal-bniedem u dawk tal-minoranzi jkunu prijorità fuq l-aġenda tal-Gvern; jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kostituzzjoni l-ġdida Serba tagħti bażi kostituzzjonali lill-Kunsilli Nazzjonali tal-minoranzi etniċi u jitlob l-adozzjoni ta' leġislazzjoni ġdida biex tkun ipprovduta regolamentazzjoni aħjar għall-istatus, il-ħidma u l-ħatra ta' dawn il-Kunsilli; jistenna b'ħerqa li tali leġislazzjoni tipprovidi qafas legali mtejjeb għall-ħarsien tad-drittijiet tal-minoranzi u l-integrazzjoni tal-minoranzi nazzjonali kollha fl-istrutturi statali;
37. Jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni ta' strateġija nazzjonali komprensiva għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, iżda jħeġġeġ lill-Gvern Serb biex ikun aktar strett fil-prosekuzzjoni tal-każijiet u biex jiżgura li t-traffikanti jieħdu u jservu sentenzi ta' ħabs konsistenti man-natura tar-reat;
38. Jemma li t-trasformazzjoni tar-Radju Televiżjoni tas-Serbja (RTS) f'servizz pubbliku tirrappreżenta pass 'il quddiem, iżda jiġbed l-attenzjoni għan-nuqqas ta' dibattitu pubbliku dwar it-tibdil fil-Liġi tax-Xandir u n-nuqqasijiet fil-proċedura biex jinħatru l-membri tal-bord ta' l-RTS; jiġbed l-attenzjoni wkoll għall-ħtieġa li jiġu mfassla regoli li huma demokratiċi b'mod sħiħ li jirregolaw l-allokazzjoni ta' konċessjonijiet tax-xandir tar-radju u tat-televixin, u li jaħsbu b'mod partikolari għall-possibilità li wieħed jappella mid-deċiżjonijiet ta' l-awtorità konċessjonarja; jesprimi dispjaċir profund li ma kien hemm l-ebda progress fir-riżoluzzjoni ta' każi li jinvolvu qtil ta' ġurnalisti u jiddeplora l-attentat riċenti ta' qtil ta' ġurnalist prominenti li jinvestiga d-delitti tal-gwerra u l-kriminalità organizzata; jitlob li l-awtoritajiet rilevanti jaqdbu lil min wettaq ir-reat u jinvestigaw id-delitt bir-reqqa;
39. Jinnota l-eżistenza ta' settur żviluppat sew ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi u jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi mill-awtoritajiet sabiex jikkonsultaw mas-settur ċivili, b'mod partikolari l-memorandum speċjali għall-koperazzjoni ffirmat bejn l-Uffiċċju Serb għall-Integrazzjoni Ewropea u l-NGOs u l-Kunsill għar-Relazzjonijiet mas-Soċjetà Ċivili mwaqqaf mill-President tas-Serbja, u l-Kunsill għall-Politika Barranija, imwaqqaf mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin Serb, kif ukoll l-inklużjoni ta' rappreżentanti ta' NGOs fil-Kunsill għall-Integrazzjoni Ewropea ta' l-istat ippresedut mill-Prim Ministru; jistieden lill-parlament Serb sabiex jadotta leġislazzjoni biex titjeb is-sitwazzjoni legali għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;
40. Jikkundanna l-malafama pubblika ta' partijiet involuti fis-soċjetà ċivika li jikkritikaw lill-gvern jew li jiġbdu l-attenzjoni għal kwistjonijiet sensitivi bħad-delitti tal-gwerra; jiddeplora s-sensjela riċenti ta' attacchi motivati politikament u jwissi dwar il-prevalenza li qed tiżded ta' diskors ta' mibegħda fil-midja u fil-politika kontra attivisti għad-drittijiet tal-bniedem, ġurnalisti, u politiċi;
41. Jilqa' b'sodisfazzjon l-iffirmar tal-ftehimiet dwar il-ħruġ malajr tal-viżi u r-rijammissjoni fit-18 ta' Settembru 2007 u jħeġġeġ lill-Kunsill biex jiżgura li dawn jidħlu fis-seħħ sa tmiem l-2007; jilqa' b'sodisfazzjoni l-adozzjoni tal-Liġi dwar id-Dokumenti ta' l-Ivvaġġar u jinnota li bħalissa qed ikunu adottati liġijiet

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

dwar il-kenn, il-fruntieri statali u l-barranin; jistieden lill-Kunsill, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, biex jistabbilixxi pjan direzzjonali konkret għall-moviment mingħajr viżi u biex jadotta miżuri ta' appoġġ mfassla biex jiżiedu l-opportunitajiet ta' vvaġġar għal proporzjon akbar ta' ċittadini, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh; jenfasizza l-importanza tal-mobilità għall-iżvilupp politiku u ekonomiku tas-Serbja, minħabba li l-mobilità taġhti lin-nies l-opportunità li jiksbu esperjenza diretta ta' l-UE u tiffaċilita l-proċess ta' integrazzjoni Ewropea tas-Serbja; jitlob parteċipazzjoni akbar fit-tagħlim tul il-ħajja u l-proġetti ta' skambju kulturali; jistieden lill-Kunsill sabiex jikkunsidra t-twaqqif ta' sistema komuni għall-immaniġġjar ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi b'mod li l-konsulati li l-aktar ikollhom xogħol jithaffilhom il-piż u sabiex jiġi żgurati li l-applikazzjonijiet jiġu pproċessati fi żmien skadenzi raġjonevoli;

42. Huwa tal-fehma li r-riforma tas-sistema edukattiva mhijiex biss neċessità iżda anki l-unika mod għas-Serbja biex tiżviluppa sistema ġdida ta' valuri għall-ġenerazzjonijiet li huma iżgħar fil-proċess ta' demokratizzazzjoni attwali;

43. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kollha sabiex jagħmlu sforz konġunt sabiex iżidu l-viżibilità ta' l-UE fis-Serbja, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tevita aktar dewmien fl-impjegar ta' staff għall-uffiċċju tad-delegazzjoni tagħha, inklużi esperti biex jiġu mmaniġġjati l-fondi IPA (Strument ta' assistenza pre-adeżjoni);

44. Jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u s-Sottokumitat tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem biex ikompli jsegwu mill-qrib is-sitwazzjoni fil-Vojvodina, b'segwitu għall-konklużjonijiet milħuqa fir-rapport tal-missjoni tal-ġbir ta' fatti mid-delegazzjoni ad hoc tiegħu li ttwettqet f'Vojvodina

45. Jistieden lill-awtoritajiet Serbi biex jadottaw, bħala kwistjoni ta' urġenza, liġijiet dwar ir-restituzzjoni konformi ma' dawk ta' pajjiżi oħra, li meta jkun xieraq jipprovdu għal kumpens reali ta' l-ispiża minflok bonds tal-gvern;

46. Jistieden lill-Istati Membri l-ġodda sabiex ikollhom rwol attiv fit-triq tas-Serbja lejn l-UE, b'mod li jippermetti lis-Serbja tibbenefika mill-esperjenza tagħhom ta' riformi;

47. Jistieden lill-awtoritajiet Serbi biex ikompli bl-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-istandards ambjentali ta' l-UE u biex jimplimentaw u jinfurzaw il-leġiżlazzjoni adottata;

48. Jilqa' b'sodisfazzjon is-sħubija tas-Serbja fis-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku; jistieden lill-Kunsill biex iżid il-programmi ta' ġemellaġġ u ta' għajnuna teknika, b'mod partikolari dawk immirati lejn iż-żgħażaġh;

49. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u tas-Serbja.

P6_TA(2007)0483

Relazzjonijiet UE — Afrika

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar is-sitwazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Afrika (2007/2002(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni mfassal fis-Laqgħa Għolja bejn l-Afrika u l-Ewropa fil-Kajr fit-3 u l-4 ta' April 2000, taħt il-patroċinju ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Unità Afrikana u l-UE,
- wara li kkunsidra l-Pjan Strateġiku 2004-2007 tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Afrikana (AUC), adottat fis-7 ta' Lulju 2004, fit-tielet Laqgħa Għolja tal-Kapijiet ta' l-Istati u l-Gvernijiet Afrikani f'Addis Ababa, l-Etjopja,

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- wara li kkunsidra l-“Punti Prinċipali ta’ l-Istrateġija Konġunta bejn l-UE u l-Afrika” kif approvati mit-8 Laqgħa Ministerjali tat-Trojka bejn l-UE u l-Afrika tal-15 ta’ Meju 2007 fi Brussell,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tas-27 ta’ Ġunju 2007, intitolata “Mill-Kajr għal Liżbona — L-Isħubija Strateġika bejn l-UE u l-Afrika” (COM(2007)0357),
- wara li kkunsidra d-Dokument Konġunt tas-Segretarjat tal-Kummissjoni/Kunsill tas-27 ta’ Ġunju 2007, intitolat “Lil hinn minn Liżbona: it-tħaddim ta’ l-isħubija strateġika ta’ bejn l-UE u l-Afrika” (SEC(2007)0856),
- wara li kkunsidra l-Pjan Strateġiku 2006-2010 “Afrika Waħda, Vuċi Waħda” tal-Parlament Panafrikan (PAP), adottat f’Novembru 2005,
- wara li kkunsidra d-Dokument ta’ Ħidma dwar Viżjoni Komuni għall-Unjoni Afrikana (UA) — L-istrateġija ta’ l-UE għall-AUC,
- wara li kkunsidra l-Ftehma ta’ Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta’ Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (ACP), fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, iffirmit f’Cotonou fit-23 ta’ Ġunju 2000⁽¹⁾, kif emendat bil-Ftehma li temenda l-Ftehma ta’ Sħubija, iffirmita fil-Belt tal-Lussemburgu fil-25 ta’ Ġunju 2005⁽²⁾ (‘il-Ftehma ta’ Cotonou’),
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument finanzjarju għall-koperazzjoni fl-iżvilupp⁽³⁾ (Strument għall-Koperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI)),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta’ Ottubru 2005, bit-titlu “Strateġija ta’ l-UE għall-Afrika: Lejn patt Ewro-Afrikan biex jiġi aċċellerat l-iżvilupp ta’ l-Afrika” (COM(2005)0489),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta’ Novembru 2005, dwar strateġija ta’ żvilupp għall-Afrika⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni (GAERC) tal-21 u t-22 ta’ Novembru 2005, dwar l-Istrateġija ta’ l-UE għall-Afrika,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-ħames Laqgħa Ministerjali tat-Trojkas ta’ l-Afrika u ta’ l-UE f’Bamako, fil-Mali, fit-2 ta’ Diċembru 2005,
- wara li kkunsidra t-test “L-UE u l-Afrika: lejn sħubija strateġika”, adottat mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu fil-15 u s-16 ta’ Diċembru 2005, fi Brussell,
- wara li kkunsidra r-rapport dwar il-Progress Konġunt mill-Kummissjoni u s-Segretarjat Ġenerali tal-GAERC dwar l-implimentazzjoni ta’ l-Istrateġija ta’ l-UE għall-Afrika tat-12 ta’ Ottubru 2006,
- wara li kkunsidra r-riżultati u l-konklużjonijiet tal-konsultazzjoni ta’ l-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili Afrikani dwar Strateġija Konġunta UA/UE għall-Iżvilupp ta’ l-Afrika organizzata mill-AUC f’Accra, il-Ghana, bejn is-26 u t-28 ta’ Marzu 2007,

⁽¹⁾ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

⁽²⁾ ĠU L 209, 11.8.2005, p.27.

⁽³⁾ ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41.

⁽⁴⁾ ĠU C 280 E, 18.11.2006, p. 475.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri f'laqgħa fi ħdan il-Kunsill, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni dwar Politika ta' Żvilupp ta' l-Unjoni Ewropea: 'Il-Kunsens Ewropew', iffirmata fl-20 ta' Diċembru 2005 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-Rapporti suċċessivi dwar l-Iżvilupp tal-Bniedem imfassla mill-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (NU),
 - war li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-12 ta' April 2005 dwar l-irwol ta' l-Unjoni Ewropea fil-kisba ta' l-Objettivi tal-Millennju għall-Iżvilupp (MDGs) ⁽²⁾ u ta' l-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-Objettivi tal-Millennju għall-Iżvilupp — il-bilanċ intermedju ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' April 2005, bit-titlu "Aċċellerazzjoni tal-progress lejn l-Objettivi tal-Millennju għall-Iżvilupp — Il-kontribut ta' l-Unjoni Ewropea" (COM(2005)0132),
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Millennju tan-NU tat-8 ta' Settembru 2000, li tistipula l-Objettivi tal-Millennju għall-Iżvilupp (MDGs) bħala kriterji stabbiliti b'mod konġunt mill-komunità internazzjonali għall-eliminazzjoni tal-faqar,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni Internazzjonali dwar l-Intervenzjoni u s-Sovrenità ta' l-Istati, bit-titlu "Ir-Responsabilità għall-Protezzjoni" ta' Diċembru 2001,
 - wara li kkunsidra il-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo għat-Tħaddim tal-Qafas tal-Politika Kontinentali għas-Saħħa u d-Drittijiet Sesswali u Riproduttivi 2007-2010 adottat mis-Sessjoni Speċjali tal-Konferenza tal-Ministru tas-Saħħa ta' l-UA li saret bejn it-18 u t-22 ta' Settembru 2006 f'Maputo, fil-Możambik,
 - wara li kkunsidra l-appell għal Azzjoni Aċċelerata lejn l-Aċċess Universali għas-Servizzi li jirrigwardaw l-HIV, l-AIDS, it-Tuberkulożi u l-Malarja fl-Afrika, adottata waqt is-Laqgħa Għolja Speċjali ta' l-UA dwar l-HIV u l-AIDS, it-Tuberkulożi u l-Malarja li saret bejn it-2 u l-4 ta' Mejju 2006, f'Abuja, fin-Niġerja,
 - wara li kkunsidra r-Raba' Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma II tal-Grupp Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima (IPCC) bit-titlu "Impatti, Adattament u Vulnerabilità",
 - wara li kkunsidra r-Rapport ta' l-2005 dwar l-Evalwazzjoni ta' l-Ekosistema tal-Millennju, li stħarreġ l-użu u l-isfruttament ta' sensiela ta' riżorsi naturali tal-pjaneta,
 - wara li kkunsidra r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika dwar l-Istrateġija Konġunta bejn l-UE u l-Afrika li għet organizzata fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea u ta' l-AUC miċ-Ċentru Ewropew għall-Immaniġġjar tal-Politika għall-Iżvilupp,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 177 sa 181 tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra r-Regola 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat dwar l-Iżvilupp u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0375/2007),
- A. Billi mis-sena 2000 il-kuntest internazzjonali evolva ħafna, minħabba ż-żjieda fl-isfidi globali bħalma huma s-sigurtà u l-migrazzjoni tal-bniedem, il-bidla fil-klima u d-deżertifikazzjoni, l-immaniġġjar sostenibbli tal-beni pubbliċi, il-għlieda kontra l-faqar u l-pandemiji, il-ħolqien ta' l-UA u t-tkabbir ta' l-UE,

(1) ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1.

(2) ĠU C 33 E, 9.2.2006, p. 311.

(3) Testi Adottati, P6_TA(2007)0274.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- B. Billi fil-Ħames Laqgħa Ministerjali tat-Trojka ta' l-Afrika u ta' l-UE fit-2 ta' Diċembru 2005, f'Bamako, in-naħa Afrikana laqgħet l-Istrateġija ta' l-UE għall-Afrika 2005 u ż-żewġ naħat qablu li jittrasformawha fi Strateġija konġunta bejn l-Afrika u l-UE li tirrifletti l-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tal-popli tagħhom, u li jiżviluppaw pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tagħha,
- C. Billi, fid-Dokument ta' Ħidma msemmi hawn fuq dwar Viżjoni Komuni għall-istrateġija UA-UE, il-Kunsill Eżekuttiv ta' l-UA jinnota li "għandu jkun ċar li l-oġettiv ta' strateġija konġunta ma jstax ikun il-validazzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-UE għall-Afrika eżistenti iżda li tohrōg strateġija konġunta ġdida li tista' tirrifletti l-aspirazzjonijiet amalgamati taż-żewġ naħat",
- D. Billi, għaldaqstant, l-iskop ta' l-istrateġija konġunta għandu jkun li tiġi żviluppata viżjoni politika komuni u approċċi prattiċi għall-isħubija futura bejn l-UE u l-Afrika, ibbażata fuq ir-rispett reċiproku, l-interessi u l-valuri komuni u l-prinċipju tas-sjieda,
- E. Billi l-volontà miż-żewġ naħat li jirridefinixxu l-isħubija konġunta tidher li ġeja minn għarfien li qed jikber li l-Afrika u l-UE mhux bilfors għadhom l-imsieħba ppreferuti ta' xulxin,
- F. Billi r-Rapport Konġunt ta' Progress imsemmi hawn fuq dwar l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-UE għall-Afrika ma kienx tfassal fuq il-bażi ta' evalwazzjoni esterna indipendenti,
- G. Billi l-Afrika huwa l-kontinent l-aktar fqir tad-dinja u l-unika wieħed fejn il-faqar żdied f'dawn l-aħħar 25 sena,
- H. Billi l-firmatarji tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kajr hawn fuq msemmi "jiddeploraw il-fatt intollerabbli li aktar min nofs l-Afrikani qed jgħixu f'faqar assolut u jaqblu li jintensifikaw il-ġlieda kontra l-faqar, li r-responsabilità ewlenija sabiex jittaffa l-faqar taqa' fuq kull pajjiż u fuq it-territorju tiegħu, iżda dan ma jnaqqasx l-importanza tad-dimensjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra l-faqar",
- I. Billi fl-2006 il-Parlament Ewropew stabilixxa delegazzjoni ad-hoc għar-relazzjonijiet mal-PAP u fl-2007 il-PAP stabbilixxa kumitat ad-hoc għar-relazzjonijiet mal-Parlament Ewropew,
- J. Billi l-parlamenti fiż-żewġ Unjonijiet, bħala partijiet interessati primarji fil-proċess ta' żvilupp, għandhom inkunu involuti b'mod attiv fl-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni li jaffetwaw il-popolazzjonijiet li jirrappreżentaw,
- K. Billi l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi Afrikani huma membri fil-grupp ACP u huma firmatarji tal-Ftehma ta' Cotonou,
- L. Billi l-Afrika tinsisti li tiġi trattata bħala waħda u li tiġi appoġġjata fil-proċess ta' integrazzjoni pan-Afrikana, inklużi l-Afrika ta' Fuq, l-Afrika tas-Sub-Sahara u l-Afrika t'Isfel, u billi l-UA waqqfet il-programm strateġiku tagħha stess għall-iżvilupp ta' l-Afrika,
- M. Billi fis-Laqgħa Għolja Dinjija dwar l-Iżvilupp Sostenibbli f'Johannesburg fl-2002, il-gvernijiet qablu li l-governanza tajba għandha tkun ibbażata fuq politiki ambjentali, soċjali u ekonomiċi sodi; istituzzjonijiet demokratiċi li jirrispondu għall-ħtiġijiet tan-nies kollha; id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt; miżuri kontra l-korruzzjoni; ugwajlanza bejn il-ġeneri; u klima favorevoli għall-investment,
- N. Billi huwa kruċjali li jkun hemm approċċ olistiku lejn id-drittijiet tal-bniedem fl-istrateġija konġunta, inklużi d-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali,
- O. Billi l-istituzzjonijiet ta' l-UA ġew imwaqqfa biss pjuttost riċentement u għad m'għandhomx l-istess livell ta' integrazzjoni, organizzazzjoni u effiċjenza bħall-istituzzjonijiet ta' l-UE,

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- P. Billi l-effettività u r-responsabbilizzazzjoni reċiproka jeħtieġu riżorsi finanzjarji fit-tul u li jistgħu jitbas-sru, kalendarji ċari u r-rispett ta' l-impenji miż-żewġ naħat,
- Q. Billi l-katina ta' responsabilità spiss tgħaddi direttament mill-eżekuttivi nazzjonali għall-imsieħba fl-iżvilupp, u b'hekk iddur madwar kull xorta ta' approvazzjoni parlamentari fir-rigward tal-ftehimiet internazzjonali (u konsultazzjoni tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali),
- R. Billi ftit li xejn huwa l-kontribut storiku ta' l-Afrika għall-kawżiet tal-bidla fil-klima, filwaqt li, bħala kontinent, se jsofri l-aktar konsegwenzi qawwija (stimi tal-proġett ta' l-IPCC jbasru li bejn 70 u 250 miljun ruħ fl-Afrika se jsofru minn nuqqas ta' ilma sa l-2020, u li f'xi pajjiżi l-produzzjoni agrikola li tiddependi mill-ilma tax-xita se tonqos b'50 % sa l-istess sena,
- S. Billi t-tnaqqis tar-riżorsi naturali fl-Afrika huwa theddida serja għat-tnaqqis tal-faqar u għall-ilħuq ta' l-MDGs,
- T. Billi l-Afrika tippovdi firxa wiesgħa ta' servizzi ta' ekosistemi lid-dinja, inkluż il-ħżin tal-karbonju mill-foresti tropikali tagħha, mingħajr ma tirċievi ebda kumpens għal dan,

Il-proċess, l-istruttura u l-prinċipji ta' l-istrateġija konġunta

Proċess u struttura

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-punti ewlenin tat-Trojka tal-15 ta' Mejju 2007 bħala l-ewwel sforz konġunt lejn strateġija konġunta;
2. Jiddeplora l-fatt li l-Istrateġija ta' l-UE ta' l-2005 għall-Afrika fuq imsemmija ġiet adottata mingħajr konsultazzjoni dettaljata ma' l-istituzzjonijiet ta' l-UA u l-gvernijiet u l-parlamenti Afrikani, u mingħajr l-ebda involviment tas-soċjetà ċivili u ta' l-awtoritajiet lokali Ewropej u Afrikani; f'dan ir-rigward jinnota li din l-istrateġija tiddetermina s-suġġetti ewlenin indirizzati mill-istrateġija konġunta l-għdida proposta, u b'hekk tirriskja li tħalli barra kwistjonijiet oħra importanti għall-iżvilupp sostenibbli fl-Afrika; jittama li l-istrateġija l-għdida proposta se toħroġ mill-konsultazzjoni fil-fond ma' l-istituzzjonijiet ta' l-UA;
3. Jiddispaċiħ li l-iskadenzi stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Kunsill ta' l-UE, mill-AUC u mill-Kunsill Eżekuttiv ta' l-UA għall-istabbiliment u l-adozzjoni ta' l-istrateġija konġunta wasslu għal limitazzjonijiet serji fil-proċess; jinnota l-isfida li tkun żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa mill-parlamenti u jenfazizza li l-atturi mhux statali u l-awtoritajiet lokali jridu b'urġenza jinvolvu ruħhom u jitqiesu fl-istadji kollha ta' l-adozzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' l-istrateġija konġunta, peress li l-Laqgħa Għolja ta' Liżbona għandha titqies bħala punt deċiżiv fi proċess itwal u miftuħ;
4. Jilqa' b'sodisfazzjon l-asserzjoni tal-Kummissjoni li "Huwa ovvju li l-Parlament għandu rwol importanti f'dan il-proċess", il-wiegħda tal-Kummissjoni "li żżomm lill-Parlament infurmat b'mod regolari dwar il-progress li jkun sar fil-preparazzjoni ta' l-Istrateġija Konġunta" u l-inkuraġġiment tal-Kummissjoni mogħti lill-Parlament "biex jjiehu sehem fid-dibattiti, u biex tabilħaqq jjiehu l-inizjattiva"; madankollu jinnota li l-iskeda għan-negozjati huja ffsata mill-Kummissjoni Ewropea u mill-AUC u għaldaqstant jistenna li l-Kummissjoni Ewropea u l-AUC jieħdu passi attivi sabiex jinvolvu lill-Parlament Ewropew u lill-PAP fil-proċess tat-thejjiġa ta' l-istrateġija konġunta u fl-istadji ta' adoxxjoni u ta' implimentazzjoni tagħha;

Prinċipji u viżjoni komuni

5. Jaqbel ma' l-istqarrija ta' viżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv ta' l-UA: "L-Afrika u l-Ewropa għandhom viżjoni komuni ta' żvilupp, paċi, sigurtà u prosperità li tpoġġi n-nies fiċ-ċentru ta' l-isforzi tagħhom. Il-viżjoni hija mmexxija permezz ta' sħubija bbażata fuq rispett reċiproku, interess komuni u għan komuni li jimpenja liż-żewġ reġjuni biex japprofondixxu l-integrazzjoni reġjonali bħala mezz biex jinkiseb żvilupp ekonomiku u soċjali. Huma għandhom viżjoni komuni wkoll ta' demokrazija mtejjba, governanza tajba u drittijiet tal-bniedem bħala valuri universali għall-promozzjoni ta' l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-koperazzjoni f'kuntest li jirrispetta s-solidarjetà u l-indiviżibilità taż-żewġ kontinenti";

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

6. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-ghajjnuna umanitarja hija waħda mill-mezzi disponibbli għall-komunità internazzjonali sabiex tgħin fil-ħarsien ta' popolazzjonijiet mhedda u jisħaq li l-UE ma tixtieqx tibqa' ma turix reazzjoni għall-ksur tal-liġi umanitarja internazzjonali (IHL); jappella għal dibattitu politiku profund mill-Istati Membri u mill-istituzzjonijiet ta' l-UE dwar id-dritt — jekk mhux id-dmir — ta' intervenzjoni f'każ ta' ksur serju ta' l-IHL u/jew tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jitqiesu wkoll il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport tal-Kummissjoni Internazzjonali hawn fuq imsemmi dwar l-Intervenzjoni u s-Sovrenità ta' l-Istati, bit-titlu "Ir-Responsabilità għall-Protezzjoni";
7. Jenfasizza li l-prinċipji u l-viżjoni komuni għandhom jinkludu wkoll ir-rispett għall-istat tad-dritt, kif ukoll id-demokrazija parteċipatorja, il-pluraliżmu u l-libertajiet fundamentali, li kollha kemm huma rikonoxxuti fid-Dikjarazzjoni tal-Kajr hawn fuq imsemmija;
8. Jilqa' b'sodisfazzjon l-oġġettivi elenkati fil-punti ewlenin tat-Trojka hawn fuq msemmija tal-15 ta' Mejju 2007: (i) sħubija politika bejn l-UE u l-Afrika, (ii) il-promozzjoni kontinwa tal-paċi, is-sigurtà, l-iżvilupp sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem u integrazzjoni reġjonali u kontinentali fl-Afrika sabiex jinkisbu l-MDGs, (iii) l-indizzar komuni ta' l-isfidi globali u (iv) "sħubija ffukata fuq il-persuni"; jinsisti li dawn l-oġġettivi għandhom jirriflettu b'mod fidil il-prijoritajiet espressi mill-Afrikan u jirrimarka li minkejja kollox l-iżvilupp huwa l-oġġettiv prijoritarju ewlieni ta' l-istrateġija;
9. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiċċara kif l-istrateġija l-ġdida se tirrifletti fuq id-Dokumenti Strateġiċi tal-Pajjiżi (CSPs) u fuq il-Programmi Indikattivi Nazzjonali u Reġjonali skond il-Ftehim ta' Cotonou u kif l-elementi ġodda li jistgħu joħorġu mill-istabbiliment ta' l-istrateġija konġunta l-ġdida f'Diċembru 2007 se jinfluenzaw dawn id-dokumenti strateġiċi u programmi indikattivi;
10. Jişghobbih li l-kontribut tal-Kummissjoni u tal-Kunsill għall-istrateġija ma japprovax waħda mit-talbiet ewlenin ta' l-Afrika li l-Afrika titqies bħala waħda; f'dan ir-rigward jiġbed l-attenzjoni li fil-livell tad-djalogu u n-negożjati politiċi għandu jkun applikat approċċ "kontinent-għal-kontinent", mingħajr, madankollu, ma jfixxkel l-approċċ iddifferenzjat fil-livell ta' l-implimentazzjoni tal-politika; jitlob lill-istituzzjonijiet ta' l-UE sabiex jadattaw l-istrumenti tagħhom ta' koperazzjoni għall-iżvilupp għal dan il-bżonn politiku ġdid ta' l-UA, u sabiex jappoġġjaw bis-sħiħ il-proċess ta' integrazzjoni politika u ekonomika ta' l-Afrika fuq livell kontinentali;
11. Isejjaħ lill-istituzzjonijiet ta' l-UE sabiex joħolqu pakkett finanzjarju Pan-Afrikani ġdid li jkun program-mabbli u li jista' jitbassar mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF), l-istrumenti tematiċi tad-DCI u l-fondi ta' l-Istrument Ewropew tal-Politika tal-Viċinanzi (ENPI), sabiex tiġi ffinanzjata u appoġġjata l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija konġunta ġdida;
12. Jiddispaċih għall-fatt li l-istrateġija konġunta ma tagħmel l-ebda referenza għall-Pjan Strateġiku 2004-2007 ta' l-AUC hawn fuq imsemmi, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex tidderiġi l-azzjonijiet li tipproponi, biex tappoġġja b'mod politiku, finanzjarju, loġistiku, tekniku u f'termini ta' riżorsi umani, lill-istituzzjonijiet ta' l-UA u l-inizjattivi u l-prijoritajiet li huma jfasslu, minflok tipproponi inizjattivi ġodda bbażati fuq id-donatur u strutturi paralleli;
13. Isostni li r-responsabilità hija meħtieġa miż-żewġ naħat, f'termini ta' kontribuzzjoni, djalogu u responsabilità reċiproka; f'dan ir-rigward, jinsisti li l-istrateġija konġunta għandha tqis ukoll il-fatt li l-imsieħba huma ugwali f'termini ta' drittijiet u responsabilitajiet iżda mhux rigward il-livell ta' integrazzjoni tagħhom u d-disponibilità u l-livell ta' żvilupp tar-riżorsi finanzjarji, tekniċi u umani, u li l-istrateġija għandha tiġi implimentata b'mod realistiku, u li b'riżultat ta' dan huwa meħtieġ li l-"isħubija" u s-"sjieda" jiġu definiti fil-kuntest ta' din ir-realtà;

Struttura: l-erba' oqsma ta' prijorità biex issir azzjoni

14. Jinsisti li l-iżvilupp ġust u sostenibbli u l-eradikazzjoni tal-faqar għandhom ikunu impenn komuni u l-ogħla oġġettiv tal-koperazzjoni bejn l-UE u l-Afrika u l-bażi għal kwalunkwe taħlita ta' politika, u jenfasizza l-irwol ċentrali ta' l-MDGs, li jipprovdou qafas miftiehem b'mod globali għal dan l-oġġettiv;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

15. Huwa ta' l-opinjoni li l-istrategġija konġunta trid ukoll tenfasizza l-irwol tan-nisa, taż-żgħażaġh, u ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċessi ta' żvilupp ta' l-Afrika;

16. Isejjaħ lill-Kummissjoni sabiex tiżgura l-koerenza bejn din l-istrategġija l-ġdida u l-politiki Ewropej l-oħra li jista' jkollhom impatt negattiv fil-promozzjoni ta' sħubija strateġika ġdida bejn l-UE u l-Afrika, b'mod partikulari il-politiki kummerċjali, ambjentali, ta' migrazzjoni u tal-biedja; jinsisti li d-djalogu politiku bejn l-UE u l-Afrika għandu jkopri dawn il-kwistjonijiet;

Paċi u sigurtà

17. Jiffavorixxi approċċ komprensiv għall-kunflitti u għas-sitwazzjonijiet ta' kunflitti, ibbażat fuq il-kunċett tar-responsabilità għall-protezzjoni u inklużi l-prevenzjoni ta' kunflitti, ir-riżoluzzjoni, l-immaniġġjar u r-rikostruzzjoni;

18. Huwa konvint li l-paċi hija ferm importanti bħala l-ewwel pass lejn l-iżvilupp politiku, ekonomiku u soċjali, u li l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u ekwitabbli huwa prekundizzjoni meħtieġa għall-paċi dejjiema;

19. Huwa ta' l-opinjoni li l-prevenzjoni tal-kunflitt hija wkoll prekundizzjoni meħtieġa għall-paċi dejjiema u jappella għal strategġija komuni bejn l-UA u l-UE sabiex tindirizza l-kawżi strutturali tal-kunflitti billi tibda titħaddem politika ta' żvilupp sostenibbli, sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet bażiċi tal-popolazzjoni Afrikana u sabiex tiġġieled il-qgħad u l-inġustizzji soċjali u ekonomiċi;

20. Ifakkar li s-sitwazzjoni ta' Stati fraġli trid tiġi indirizzata b'approċċ li jkun sensitiv għall-kunflitti u li jqis il-promozzjoni tas-sigurtà tal-bniedem, li jindirizza l-ekonomija politika tal-kunflitti u l-għejjun ta' l-inugwaljanza u tad-diskriminazzjoni, sabiex jintlaħqu paċi u sigurtà sostenibbli; jappella għal koerenza akbar tal-politiki ta' l-UE, eżempju billi timplimenta l-impenji attwali tagħha li tikkontrolla l-kummerċ ta' l-armi iżda wkoll billi tgħolli l-istejtus tal-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-UE dwar l-Esportazzjoni ta' l-Armi għal Pożizzjoni Komuni tas-CFSP li torbot legalment u billi tħaffef l-implimentazzjoni ta' l-Istrategġija ta' l-UE biex tiġġieled l-Akkumulazzjoni u t-Traffikar Illegali ta' l-Armi Żgħar u Ħfief (SALW); f'dan il-kuntest, jenfasizza dwar kemm huwa importanti li l-kunflitti jiġu evitati aktar milli solvuti; jappella biex tingħata għajnuna internazzjonali għall-finijiet li jiġu stabbiliti ċentri reġjonali ta' monitoraġġ fuq bażi ġeografika li jkunu kapaċi jintebħu b'kull taħżin fit-tensjonijiet bejn il-gruppi etniċi, reliġjużi jew ta' lingwa, u jiġbdu l-attenzjoni tal-komunità internazzjonali lejn sitwazzjonijiet fl-Afrika li jkunu jistgħu jsiru vjolenti;

21. Jistieden lill-Kummissjoni u lid-delegazzjonijiet tagħha sabiex ikunu partikolarment pronti u sabiex iwissu lill-komunità internazzjonali minn kmieni dwar sitwazzjonijiet li jinvolvu tensjoni etnika u reliġjuża fil-kontinent;

22. Iqis li l-Kodiċi ta' Kondotta attwali ta' l-UE dwar l-Esportazzjoni ta' l-Armi jeħtieġ li jsir aktar strett sabiex jiġġieled il-proliferazzjoni ta' l-SALW, li jżommu għaddejnin il-kunflitti mimlijin qtil f'hafta pajjiżi li qed jiżviluppaw; iqis li l-istrategġija konġunta se tkabbar il-ġlieda kontra t-traffikar ta' l-armi;

23. Jirrikonoxxi li l-Istati li diġà huma fraġli se jkunu taħt aktar stress b'riżultat tal-bidla fi-klima; jisħaq, fir-rigward tas-sħubijiet dwar il-bidla fil-klima u dwar l-enerġija bejn l-UE u l-Afrika, il-ħtieġa li jiġi żviluppat approċċ komprensiv għall-adattament għall-bidla fil-klima fejn jidħlu l-implikazzjonijiet ta' sigurtà tagħha, inklużi ż-żjeda fil-prevenzjoni tad-diżastri, governanza mtejba u prevenzjoni tal-kunflitti;

24. Jaqbel li hemm bżonn li l-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika tissaħħaħ u jħeġġeġ lil mekkaniżmi ċivili oħra biex jikkontribwixxu għaliha b'finanzjar flessibbli u sostenibbli akbar; jenfasizza li l-politika ta' żvilupp hija waħda mill-istrumenti ewlenin għall-indirizzar ta' l-għeruq tan-nuqqas ta' sigurtà iżda li m'għandiex tiġi subordinata għall-politika ta' sigurtà; jirrimarka, f'dan ir-rigward, li l-kriterji stabbiliti mill-Kumitat ta' l-Għajnuna għall-Iżvilupp ta' l-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni Ekonomika u għall-Iżvilupp (OECD/DAC) għall-eliġibilità bħala Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) fil-preżent huma wesgħin wisq sabiex jipprevjenu li ċerti tipi ta' nfiq jiġu assenjati lil ħtiġijiet li ma jkunux dawk strettament relatati mal-ġlieda kontra l-faqar, u l-għoti ta' għajnuna ġenwina, u jenfasizza li l-EDF mhuwiex sors adegwat għall-irkupru fil-ġejjieni tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

25. Jenfasizza l-importanza ta' demokrazija sostenibbli, inkluża l-governanza tajba u elezzjonijiet demokratiċi, li jridu jinkludu appoġġ għall-bini ta' kapaċità parlamentari, u b'mod partikulari titħeġġeġ il-koperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew, il-PAP u l-parlamenti reġjonali Afrikani, u l-appoġġ għall-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili, u l-involvement ta' l-awtoritajiet lokali fid-djalogu politiku, speċjalment fit-trawwim ta' koperazzjoni u skambji bejn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Afrikana u Ewropea;

26. F'dan il-kuntest, jappella għat-tisħiħ ta' l-attivitajiet ta' osservazzjoni ta' elezzjonijiet mwettqa kemm mill-UE u mill-UA, kif ukoll minn entitajiet reġjonali Afrikani oħra, u jenfasizza l-ħtieġa għal aktar koperazzjoni fost dawn il-missjonijiet ta' osservazzjoni ta' elezzjonijiet;

27. Jenfasizza l-importanza ta' kontroll demokratiku tal-forzi armati; f'dan il-kuntest, jistieden lill-UE sabiex tħaffef l-isforzi tagħha fil-qasam tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (SSR), l-aktar billi timplimenta bis-sħiħ id-dokumenti kunċettwali tal-Kummissjoni u tal-Kunsill dwar l-SSR;

28. Jappella għall-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet fl-istrateġija konġunta biex tiġi indirizzata l-impunità; f'dan ir-rigward, jappella sabiex is-sistemi legali u ġuridiċi ta' l-Afrika u l-mekkaniżmi tagħhom ta' monitoraġġ jissaħħu b'konformità mad-drittijiet tal-bniedem, sabiex ikunu jistgħu jitressqu l-qorti fl-Afrika stess dawk responsabbli minn reati serji kontra l-umanità; jiġbed l-attenzjoni għall-progress sinifikanti mwettaq wara t-twaqqif ta' ġurisdizzjoni internazzjonali;

29. Jistieden lill-atturi kollha involuti fit-tħeġġiġ tal-paċi u s-sigurtà fl-Afrika sabiex jadottaw perspettiva tal-ġeneru u sabiex iżidu r-rappreżentanza tan-nisa fil-livelli kollha ta' teħid ta' deċiżjonijiet ta' sitwazzjonijiet ta' riżoluzzjoni ta' kunflitt, inkluż fil-missjonijiet kollha ċivili u militari għaż-żamma tal-paċi; iħeġġeġ lill-Istati Membri tan-NU sabiex jimplimentaw bis-sħiħ ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (S/RES/1325) tal-31 ta' Ottubru 2000;

30. Jinkuraġġixxi l-ħidma favur definizzjoni tan-NU dwar ir-riżorsi tal-kunflitti, sabiex jiġu miġġielda aħjar l-ekonomiji tal-gwerra;

31. Jappella sabiex is-sensittività għall-kunflitti tiddaħħal fl-oġġettivi kollha ta' l-istrateġija konġunta: mhux biss fi kwistjonijiet ta' paċi u sigurtà, iżda wkoll fil-kummerċ, fl-immaniġġjar tar-riżorsi naturali, fil-bidla fil-klima u fi kwistjonijiet oħra ewlenin ta' żvilupp;

32. Jappella għall-inklużjoni fl-istrateġija komuni ta' impenn sabiex ikun hemm qbil dwar azzjoni internazzjonali sabiex tindirizza l-kummerċ illegali fir-riżorsi naturali bħala determinant tal-kunflitt, inkluża definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi 'riżorsi ta' kunflitt'; jappella għall-ħatra ta' grupp ta' esperti sabiex jiżviluppaw approċċi multilaterali għal din il-kwistjoni;

Il-Governanza, inklużi d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, u responsabilità reċiproka

33. Ifakkar li l-kunċett ta' governanza, u l-indikaturi li jintużaw sabiex jevalwawha, ma jistax jiġi impost minn atturi esterni, iżda għandu jiġi żviluppat fi sħubija ma' atturi lokali u bbażat fuq valuri komuni u standards rikonoxxuti internazzjonalment;

34. Jenfasizza l-importanza tal-governanza tajba u ta' l-elezzjonijiet demokratiċi; jappella għal appoġġ akbar għall-azzjonijiet ta' bini ta' kapaċità mmirati għall-membri parlamentari u għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-aktar bil-għan li jkun żgurat il-kontroll tal-baġit u biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni;

35. Itenni l-appoġġ tiegħu għat-talba ta' l-Assemblea Parlamentari Konġunta ACP-UE (JPA), li ġiet espressa fid-9 sessjoni tagħha f'April 2005, sabiex proporzjon xieraq ta' l-appropriazzjonijiet ta' l-EDF jintużaw għall-edukazzjoni parlamentari u għat-taħriġ ta' parlamentari u mexxejja politiċi, ekonomiċi u soċjali, fl-interessi ta' tisħiħ sostenibbli ta' governanza tajba, ta' l-istat tad-dritt, ta' l-istrutturi demokratiċi, u ta' l-interazzjoni bejn il-gvern u l-oppożizzjoni f'demokraziji pluralistiċi bbażati fuq elezzjonijiet ħielsa; huwa tal-fehma li dawn il-fondi għandhom jintużaw għat-twaqqif ta' kulleġġi ta' amministrazzjoni pubblika u għall-edukazzjoni politika tal-membri tal-parlament, ta' l-awtoritajiet lokali u ta' dawk li jinsabu f'pożizzjonijiet ta' responsabilità f'partiti u assoċjazzjonijiet politiċi;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

36. Jaqbel li t-tisħiħ tal-governanza fil-pajjiżi Afrikani huwa prijorità; madankollu jinnota li l-governanza trid tittejjeb fuq iż-żewġ naħat — fuq in-naħa Ewropea l-aktar fir-rigward tal-governanza u r-responsabilità fir-rigward ta' l-impenji ta' għajnuna u koordinazzjoni aħjar bejn id-donaturi bil-ħsieb li jitqiesu aktar l-hekk imsejħa 'orfni ta' l-għajnuna'; jenfasizza li l-parlamenti nazzjonali u kontinentali, l-atturi mhux statali u l-awtoritajiet lokali għandhom irwol importanti f'dan il-qasam;
37. Jilqa' t-tnejja ta' djalogu f'Settembru 2007 bejn l-UE u l-UA dwar id-drittijiet tal-bniedem, u jittama li maż-żmien dan iżviluppa fi pjattaforma effettiva li tindirizza l-kwistjonijiet urġenti tal-pajjiżi individwali u li, fl-istess ħin, tipprovdi l-opportunità għall-UE u għall-imsieħba Afrikani biex jidentifikaw l-oqsma ta' tħas-sib komuni u biex jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom fil-Kunsill għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u fentitajiet oħra tan-NU;
38. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill li huwa għandu jirċievi b'mod regolari informazzjoni dwar il-kontenut u r-riżultati tad-djalogi u konsultazzjonijiet ta' l-UE ma' pajjiżi terzi dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'fokus speċjali fuq id-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u l-UA;
39. Jenfasizza l-irwol ta' l-entitajiet interparlamentari bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti Afrikani — bħall-JPA ta' l-ACP-UE u l-JPA ta' l-Euromed — fit-tisħiħ tal-paċi u s-sigurtà, il-governanza tajba u d-demokrazija, kif ukoll billi jkunu pjattaformi effettivi għall-koperazzjoni u sabiex jindirizzaw kwistjonijiet ta' interess komuni;
40. Jappella għal djalogu permanenti bejn l-UE u l-Afrika dwar governanza u t-twaqqif ta' pjattaformi ta' djalogu fuq diversi livelli, sabiex id-djalogu ma jiġix imwaqqaf f'każ ta' nuqqas ta' qbil jew kriżi politika;
41. Jenfasizza li l-NGOs huma atturi ta' żvilupp fihom infushom, u jagħtu kontributi sinifikattivi foqsmha bħall-governanza, il-paċi u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti, l-għoti ta' servizzi soċjali, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tnaqqis tal-faqar, u t-trasferiment ta' l-għarfien; jenfasizza li l-prinċipju tal-konsultazzjoni ma' l-NGOs fit-tfassil tal-politiki u fil-proċessi ta' implimentazzjoni kif ukoll fl-iffissar ta' l-aġenda għall-iżvilupp, għandu jiġi rrispettat mill-isħubija ta' bejn l-UE u l-Afrika;
42. Jappella għal aktar appoġġ għall-inizjattivi Afrikani eżistenti, bħalma huwa l-Mekkaniżmu Afrikan ta' Evalwazzjoni Inter Pares (APRM), li huwa l-aktar sforz serju s-issa mill-mexxejja Afrikani sabiex itejbu l-governanza fil-kontinent, u d-diversi strumenti mwaqqfa mill-UA, li għandhom iżidu s-sjeda Afrikana tal-proċess;
43. Jesprimi tħassib serju minħabba li l-profilu ta' governanza' żviluppata mill-Kummissjoni għall-kull pajjiż ta' l-ACP, li se jiġġwidaw l-ipprogrammar għall-għajnuna għall-iżvilupp fir-rigward tat-EUR 2 700 000 000 ta' fondi addizzjonali skond l-għaxar EDF, ġew ippreparati mingħajr l-ebda element parteċipatorju; jirrimarka li l-eliġibilità ta' pajjiżi beneficijarji għal fondi ulterjuri għet invaluatata fuq il-bażi ta' sett ta' kriterji li jikkonċernaw kwistjonijiet bħall-migrazzjoni, il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, u kriterju wieħed biss kien marbut direttament ma' l-MDGs; jesprimi d-diżappunt tiegħu għall-fatt li l-profilu tal-Kummissjoni jirriskjaw li jneħħu kull sinifikat tal-proċess APRM u li jkun biss wara li jkun mitmum l-ipprogrammar tal-finanzjamenti ulterjuri li l-Kummissjoni tipproponi li tnedi "Forum Governattiv", li jkun barra l-proċess ta' l-APRM, u li "sabiex ikun iffaċilitat appoġġ aktar effettiv għall-arkitettura ta' governanza Pan-Afrikana (...) l-UE tesplora mogħdijiet ġodda sabiex tikseb finanzjamenti mill-Komunità u mill-Istati Membri"; isejjaħ lill-Kummissjoni sabiex tikkonsulta u tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-segwitu u l-implimentazzjoni ta' dawn il-fondi sabiex ikun żgurat li dawn jiġu allokati għall-inizjattivi ta' governanza, b'mod li jkunu ta' appoġġ għall-aġenda ta' governanza ta' l-UA u għall-proċess ta' l-APRM;
44. Jinsisti li r-responsabilità reċiproka tfisser ukoll li l-UE trid tindirizza l-inkoerenza tagħha fid-diversi ftehimiet ta' koperazzjoni u strument finanzjarji ta' l-UE kif ukoll il-problema tan-nuqqas ta' armonizzazzjoni bejn id-diversi atturi ta' l-UE (l-Istati Membri, il-Kummissjoni u s-servizzi differenti tagħha) u li l-istituzzjonijiet ta' l-UE għandhom jirrapportaw espliċitament fl-evalwazzjonijiet tagħhom tal-progress magħmul fir-rigward tal-koerenza tal-politiki interni u esterni;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

45. Jinsisti li, bħala parti mir-relazzjonijiet imsemmija hawn fuq, l-imsieħba Afrikani u ta' l-UE għandhom it-tnejn li huma jirrikonoxxu l-obbligi tagħhom li jirrispettaw, jiproteġu u jħaddnu l-obbligi ta' drittijiet tal-bniedem fl-iżvilupp internazzjonali u l-politiki u prattiki ta' investment tagħhom;
46. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex ikompli jaħdmu fuq il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp relatati ma' politiki oħra ta' l-UE bħalma huma l-kummerċ, l-agrikultura, is-sajd, il-migrazzjoni ('brain drain'), il-kummerċ fl-armi, eċċ;
47. Jisħaq dwar l-importanza ta' l-iskrutinju parlamentari tad-dokumenti strateġiċi ġeografiċi; għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Kunsill li jgħaddi l-abbozz tad-Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiżi (CSPs) ta' l-ACP lill-JPA ta' l-ACP-UE 'għall-informazzjoni', iżda jinnota li dan huwa biss l-ewwel pass u li l-parlamenti għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw skrutinju sħiħ fuq dawn id-dokumenti ta' programmar;
48. Jinnota li sħubija msaħħa bejn l-UE u l-Afrika għandha tinvolvi s-sostenn ta' l-iżvilupp ta' l-irwol ta' l-Afrika fix-xena globali u l-ħolqien ta' alleanzi Euro-Afrikani dwar kwistjonijiet bħall-bidla fil-klima u d-deżertifikazzjoni, il-kummerċ u l-governanza ta' l-arkitettura ta' żvilupp internazzjonali, inklużi l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali;
49. Jinnota li għandu jkun hemm koerenza bejn l-aspetti kollha ta' l-isħubija UE-Afrika u li l-oġġettivi ta' l-Isħubija Enerġetika għandhom ikunu żviluppanti b'konformità ma' l-oġġettivi ta' l-Isħubija dwar il-Governanza Demokratika u l-Isħubijiet dwar il-Paċi u s-Sigurtà;
50. Ihegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-AUC sabiex jużaw il-programm ta' appoġġ għall-UA sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-parlamenti Afrikani, l-awtoritajiet lokali u ta' l-atturi mhux statali għad-djalogu politiku li jseħħ fl-UA u sabiex jallokaw parti mill-EUR 55 000 000 specifkament għat-tisħiħ tal-PAP;
51. Jaqbel mal-PAP dwar il-fatt li hemm hteieġa urġenti li jissaħħu l-irwol u l-kapaċitajiet, inkluża l-awtonomija finanzjarja, tal-Qorti tal-Ġustizzja Afrikana u tal-Kummissjoni Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli, u sabiex jiżdied in-numru ta' l-istati membri ta' l-UA li jirratifikaw il-Protokoll dwar it-twaqqif tal-Qorti, u dwar l-għan tiegħu li jagħti aċċess dirett għalih lill-individwi u lill-NGOs, u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-AUC sabiex tressaq proposti li jistgħu jgħinu sabiex jiżguraw li din il-hteieġa essenzjali tintlaħaq;
52. Jenfasizza li hemm hteieġa qawwija li d-drittijiet tal-bniedem jiġu inklużi fl-organi kollha ta' l-UA sabiex jiġi żgurat li jittieħed vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet kollha biex jiġi indirzzat l-ksur kollu tad-drittijiet tal-bniedem;
53. Jitlob li fl-istrateġija konġunta jiddaħħlu punti t'azzjoni fl-oqsma tal-promozzjoni tal-konsolidazzjoni tal-paċi u tal-ġustizzja internazzjonali u fil-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali b'konformità mal-liġi internazzjonali, li jiddikjaraw li l-UE u l-Istati Membri tagħha se jagħmlu sforzi sabiex jaqsmu ma' l-Istati Afrikani l-esperjenza tagħhom fl-adozzjoni ta' arranġamenti meħtieġa sabiex jaderixxu ma' l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, u għalhekk jipprovdu għajnuna teknika u jstabilixxu koperazzjoni mill-qrib bil-ħsieb li tipprovdi l-emendi leġiżlattivi u kostituzzjonali meħtieġa għall-adeżjoni għall-Istatut ta' Ruma, u għall-implimentazzjoni tiegħu;
54. Jenfasizza li l-isħubijiet maħsuba sabiex isaħħu l-governanza fuq il-livell lokali u nazzjonali għandhom jinkludu l-bini ta' kapaċitajiet li jqisu l-aspetti tal-bidla fil-klima fil-proċessi nazzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet, li jsaħħu l-parteċipazzjoni fin-negozjati internazzjonali dwar il-klima u fl-istituzzjonijiet multi-laterali, u li jtejbu l-immaniġġjar tar-riskju u l-istrateġiji ta' prevenzjoni tad-diżastri;

Tkabbir ekonomiku, kummerċ u integrazzjoni reġjonali

55. Jenfasizza li l-għajnuna għall-iżvilupp hija kundizzjoni meħtieġa iżda insuffiċjenti għall-ġlieda kontra l-faqar, u li biss bi żvilupp ekwu u sostenibbli jista' pajjiż jibda tiela it-taraġ ta' l-iżvilupp u l-poplu tiegħu bil-mod jegħleb il-faqar, bil-kundizzjoni li t-tkabbir ikun marbut mal-politiki soċjali u ambjentali domestiċi u internazzjonali tajbin;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

56. Jemmen li strateġija konġunta bejn l-UE u l-Afrika għandha tkun ibbażata fuq politika ta' żvilupp sostenibbli li tqis il-ħtieġa reali tal-popolazzjoni Afrikana u li għandha l-għan li tiggarrantixxi dħul diċenti għall-bdiewa ż-żgħar, li titkabbar il-produzzjoni lokali, li tiggarrantixxi s-sigurtà ta' l-ikel u ta' l-għajxien rurali u li tibni swieq domestiċi u reġjonali sabiex jiġi miġġieled il-faqar fl-Afrika;

57. Iqis li l-istrateġija konġunta għandha tqis l-impatt ferm qerriedi tal-bidla fil-klima fuq pajjiżi Afrikani u għaldaqstant jistieden lill-UA u lill-UE sabiex fil-qofol tagħha jpoġġu l-bidla fil-klima;

58. Jirrikonoxxi l-potenzjal ta' investimenti pubbliċi u privati barranin fit-trawwim ta' l-iżvilupp; jitlob li jkun hemm strateġija konġunta li tinkludi miżuri ta' għajjuna u bini ta' kapaċitajiet li tippermetti lill-pajjiżi Afrikani jiżviluppaw klima attraenti għall-investment;

59. Jiddeplora l-fatt li — filwaqt li t-tnaqqis tal-faqar u l-kisba ta' l-MDGs sa' l-2015 jibqgħu, kif xieraq, l-ewwel prijorità — il-punti ewlenin tat-Trojka hawn fuq imsemmija tal-15 ta' Mejju 2007 ma fihomx proposti konkreti sabiex jipromwovu t-tkabbir permezz tal-promozzjoni ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u ta' investment barrani dirett, drittijiet imsaħħa ta' proprjetà, u t-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi;

60. Ihegġegħ lill-UE sabiex tiżgura li organizzazzjonijiet ta' self bħall-Bank Ewropew għall-Investment (BEI) u ċ-Ċentru għall-Iżvilupp ta' l-Intrapriżi (CDE), jassistu lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fl-Afrika, u li jirrispettaw il-prinċipji stabbiliti fl-Evalwazzjoni tal-Bank Dinji dwar l-Industriji Estrattivi ta' l-2004 li tikkonċerna l-governanza tajba fl-isfruttar tar-riżorsi naturali; iqis li għandha tingħata aktar attenzjoni għas-settur informali, u li l-prattika tal-mikrofinanzjament għandha tkun estiża u promossa bil-ħsieb li ssir ukoll strument għat-tisħiħ ta' l-irwol tan-nisa u għall-integrazzjoni soċjali tagħhom;

61. Jenfasizza li l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ hija waħda mill-aktar inċentivi effettivi għat-tkabbir ekonomiku u għall-progress politiku u soċjali; iqisha bħala indispensabbli għat-tnaqqis tal-faqar u bħala katalist importanti għal żvilupp sostenibbli madwar id-dinja;

62. Jirrimarka li l-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (EPAs) iridu jkunu mfasla u negozjati bħala ftehimiet ta' żvilupp daqs-kemm huma l-ftehimiet kummerċjali, li jfisser li jridu jkunu bbażati fuq il-prinċipji ta' asimmetrija favur ir-reġjuni ta' l-ACP, appoġġ għall-integrazzjoni reġjonali ta' l-ACP, it-twaqqif ta' qafas sod u affidabbli għall-promozzjoni tal-kummerċ u ta' l-investment fir-reġjuni ta' l-ACP, u t-twaqqif u l-konsolidazzjoni ta' swieq reġjonali qabel kwalunkwe ftuħ tas-swieq għall-UE; għalhekk, jitlob lill-Kummissjoni biex fejn ikun hemm bżonn ma tiftaħx swieq sakemm ma jintlaħqux livelli konkreti ta' żvilupp u biex issib soluzzjonijiet filwaqt li tkompli n-negozjati;

63. Jirrikonoxxi li l-EPAs jistgħu jsiru strument iktar importanti għall-kummerċ Afrikan u għall-integrazzjoni reġjonali, sakemm il-kontenut tagħhom jaqbel bis-sħiħ ma' l-oġġettivi tal-politika ta' żvilupp, u biss bil-kundizzjoni li jkunu "favur l-iżvilupp", li jippermettu eżenzjonijiet u perjodi ta' tranżizzjoni twal fejn ikun hemm bżonn sabiex il-produtturi domestiċi u l-industriji jadattaw għas-sitwazzjonijiet ġodda tas-sug;

64. Jemmen li l-istrateġija konġunta għandha tinkuraġġixxi d-djalogu filwaqt li jiġi eżaminat il-livell ta' koerenza bejn l-EPAs u l-Ftehma ta' Kummerċ mat-Tramuntana ta' l-Afrika, sabiex it-tnejn jistgħu jsiru sisien ta' l-integrazzjoni kontinentali Afrikana;

65. Jappella għal approċċ divrenzjat ibbażat fuq id-diversifikazzjoni li tkun ta' sostenn għall-aħjar Prattiki eżistenti li jiggarrantixxu kundizzjonijiet diċenti ta' xogħol fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, bħalma huma daww tal-moviment internazzjonali tal-kummerċ ġust, li tappoġġja l-komunitajiet ekonomiċi reġjonali (RECs) eżistenti fl-Afrika u li tippermetti li l-integrazzjoni Pan-Afrikana ssegwi r-ritmu u l-aġenda tagħha nnifisha; jenfasizza li huwa ferm meħtieġ li jissaħħaħ il-kummerċ bejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw ('South-South'), flimkien mal-promozzjoni ta' l-integrazzjoni reġjonali u ż-żamma ta' livelli għoljin ta' investment kemm minn ġo l-Afrika, kif ukoll minn barra l-Afrika; fid-dawl ta' dan, jenfasizza l-ħtieġa ta' aktar appoġġ tekniku li jista' jwassal sabiex titkabbar il-kapaċità ta' l-Afrika li tipproduċi prodotti u servizzi aktar varjati;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

66. Jinsisti li l-RECs għandhom ikunu l-pilastri tal-proċess ta' integrazzjoni Afrikana u l-istabbiliment ta' suq pan-Afrikani, u m'għandhomx ikunu jittrattaw direttament ma' l-Ewropa biss; jinsisti wkoll li l-EPAs m'għandhomx idgħajfu l-aġenda ta' integrazzjoni reġjonali ta' l-Afrika, iżda li għandhom ikunu strumenti għall-integrazzjoni u l-kummerċ min-Nofsinarhar għan-Nofsinarhar; għalhekk jistieden lill-UE sabiex tirrispetta l-proċess ta' integrazzjoni ta' l-Afrika, kif iddeterminat mit-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Afrikana ta' Ġunju 1991 (it-Trattat ta' Abuja), li pprova għat-twaqqif tal-Komunità Ekonomika Afrikana permezz ta' proċess gradwali, miksub b'koordinazzjoni, armonizzazzjoni u integrazzjoni progressiva ta' l-attivitajiet ta' RECs eżistenti u futuri fl-Afrika;

67. Jinnota li l-faqar fl-Afrika huwa fenomenu l-biċċa l-kbira rurali — 'il fuq minn 70 % ta' l-ifqar nies fl-Afrika jiddependu mill-agrikoltura għall-ikel u l-ghajien tagħhom — iżda, minkejja dan l-għajna għall-agrikoltura qed tonqos; għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon kull inizjattiva ulterjura sabiex jtkabbar il-bini ta' kapaċità fis-settur agrikolu Afrikani, per eżempju billi jkun ta' sostenn għall-banek ta' żrieragħ u għar-riċerka fid-diversifikazzjoni ta' l-uċuh tar-raba'; u jappella għal esportazzjonijiet lokali ta' valur miżjud li jkunu konformi ma' l-inizjattiva 'Kollox Ħlief Armi';

68. Ifakkar fl-importanza tal-governanza tajba u tat-trasparenza fl-isfruttar ta' riżorsi naturali għall-iżvilupp; jiġbed l-attenzjoni li l-qasam tar-riżorsi jista' biss isir forza għall-iżvilupp sostenibbli jekk l-effetti soċjali u ambjentali negattivi tiegħu jitnaqqsu kemm jista' jkun u jekk il-benefiċċji u n-nefqa tiegħu jiġu maqsuma b'mod ġust fost il-popolazzjoni; jistieden lill-imsieħba kollha ta' l-UE, dawk Afrikani u imsieħba oħra bħaċ-Ċina, sabiex jirdupjaw l-isforzi tagħhom sabiex jintlahdu dawn l-għanijiet; jistieden lill-pajjiżi Afrikani sabiex jiżguraw li d-dħul jintuża wkoll sabiex issir diversifikazzjoni fl-ekonomija u sabiex jiżviluppaw attivitajiet ekonomiċi fuq livell aktar għoli fil-katina ta' produzzjoni, u 'l bogħod minn sempliċement l-isfruttar ta' riżorsi naturali;

69. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni sabiex tnedi sħubija UE-Afrikana dwar l-enerġija, filwaqt li jirrikonoxxi li dħul użat sew minn sorsi ta' enerġija sostenibbli jista' jintuża bħala mutur għat-tkabbir ekonomiku u għall-iżvilupp; jenfasizza li l-fokus primarju tas-sħubija għandu jkun il-provvista ta' enerġija bi prezz li jintlaħaq, sabiex jitnaqqas il-faqar, ibbażat fuq l-effiċjenza u fuq sorsi ta' enerġija li jiġġeddu, u mhux li tkun żgurata l-provvista ta' l-enerġija għall-Ewropa;

70. Jenfasizza li l-kisba ta' tkabbir ekonomiku għal żmien fit-tul u għall-iżvilupp, teħtieġ strateġija komprensiva għat-treġġiegħ lura tat-tnaqqis li qed iseħħ tar-riżorsi naturali ta' l-Afrika; jisħaq l-aktar fuq il-ħtieġa urġenti li tintemm id-deforestazzjoni li qed isseħ u li jitnehew l-inċentivi li jinkuraġġixxu l-qerda tal-foresti; f'dan il-kuntest, jistieden lill-UE sabiex, fl-iskema għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet (ETS) ta' l-UE, tintroduċi krediti tal-karbonju għall-foresti tropikali u għall-użu ta' l-art u sabiex tinċentivizza l-irkupru ta' ekosistemi degradati;

Investiment fin-nies

71. Jinnota li l-prijorità ta' l-Afrika fi kwalunkwe sħubija hija ffukata fuq l-iżvilupp soċjoekonomiku ta' niesha;

72. Ifakkar li l-oġġettivi għall-iżvilupp mhux se jinkisbu jekk ma jitwettqux l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-mara; jinnota li f'dokumenti ta' politika ewlenin l-UE tenniet l-impenn tagħha lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u li l-AU innifisha ħadet impenji ambizzjużi f'dan il-qasam, li għandhom jiffurmaw il-bażi għall-isħubija; għalhekk jisħaq li l-istrateġija konġunta għandha tikkontribwixxi għall-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneri u għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi u konkreti mmirati biex isaħħu l-irwol tan-nisa;

73. Ifakkar li s-saħħa hija waħda mill-aktar muturi importanti għall-iżvilupp ekonomiku u li r-rata tal-mortalità tat-tfal b'mod partikolari hija indikatur importanti ħafna tal-povertà; għalhekk, jenfasizza l-importanza li t-tfal jiġu protetti mill-mard, b'mod partikolari minn dawk il-mardiet li jistgħu jiġu evitati permezz ta' vaċċini ġodda jew li mhumiex użati biżżejjed;

74. Jisħaq l-importanza li jitħarsu l-bniet u li titqajjem kuxjenza dwar iż-żwiġijiet kmieni, l-istupri, il-fastidju sesswali fl-iskejjel u l-vulnerabilità tal-bniet għall-HIV/AIDS;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

75. Jenfasizza li hemm bżonn li l-impenji internazzjonali attwali lejn l-edukazzjoni u s-saħħa għall-kulħadd jiġi integrat b'mod espliċitu fl-istrateġija konġunta; jinnota li s-saħħa u l-edukazzjoni għandhom ikunu fiċ-ċentru ta' kwalunkwe strateġija għall-iżvilupp li tiffavurixxi l-fqar u li għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-aċċess għas-servizzi, speċjalment għan-nisa, t-tfal, il-gruppi dgħajfin u l-persuni b'diżabilitajiet;

76. Iqis li d-dgħufija tas-sistemi għas-saħħa, inkluż minħabba l-kriżi tar-riżorsi umani, li hija xkiel ewlieni għall-kisba ta' l-MDGs relatati mas-saħħa, u jisħaq li t-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa għandu jkun element essenzjali ta' l-istrateġija konġunta, inkluż ir-rikonoxximent ta' l-irwol importanti li għandhom dawk li jipprovdu kura tas-saħħa imma li mhumiex entitajiet statali, bħall-organizzazzjonijiet ibbażati f'komunità, fl-appoġġ għall-forniment tas-servizzi għas-saħħa, b'mod partikulari fl-inħawi fejn l-aċċess hu diffiċli u fost il-popolazzjonijiet l-aktar marġinalizzati u vulnerabbli;

77. Jinnota li 63% tan-nies kollha fid-dinja infettati bl-HIV jgħixu fl-Afrika, u li f'numru ta' pajjiżi Afrikani, il-medja ta' l-għomor tal-ħajja qed taqa' b'mod drammatiku bħala riżultat tal-pandemija ta' l-AIDS; jisħaq għalhekk li l-aċċess universali għas-servizzi għall-kura ta' l-HIV/AIDS, tat-tuberkolożi u tal-malarja, b'mod partikulari aċċess universali għall-mezzi ta' prevenzjoni, trattament, kura u appoġġ, fl-Afrika għandu jkun inkluż fl-istrateġija konġunta peress li dan il-mard għandu impatt enormi fuq l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' l-Afrika;

78. Jisħaq li n-nisa u l-bniet huma partikolarment vulnerabbli għal infezzjonijiet trażmessi sesswalment, inklużi l-HIV/AIDS, u kumplikazzjonijiet relatati mat-tqala li jirriżultaw f'mortalità materna u neonatali għolja; jitlob għalhekk li jiġu inklużi s-Saħħa u d-Drittijiet Sesswali u Riproduttivi (SRHR) fl-istrateġija konġunta b'mod konformi mal-Pjan ta' Azzjoni msemmi hawn fuq dwar it-Tħaddim tal-Qafas tal-Politika Kontinentali għas-Saħħa u d-Drittijiet Sesswali u Riproduttivi 2007-2010;

79. Jinnota li l-iffalsifikar ta' prodotti mediċinali fl-Afrika (li prinċipalment jikkonċerna kundizzjonijiet fatali bħall-malarja, it-tuberkolożi u l-HIV/AIDS) huwa pjaga dejjem tikber, u jhedded il-ħajja ta' miljuni ta' nies; iħeġġeġ lill-UE u lill-pajjiżi kkonċernati biex jidher azzjoni (b'mod partikulari miżuri legali u penali) biex tiġi miġġielda dik il-pjaga;

80. Jisħaq li għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-popolazzjonijiet vulnerabbli, bħall-persuni li ġew spustjati ġo pajjiżhom stess u r-refuġjati; jisħaq għalhekk li s-servizzi għas-saħħa, inklużi servizzi li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa riproduttiva u l-provvisti, għandhom jingħataw ukoll waqt kriżijiet umanitarji;

81. Jisħaq l-importanza li jissaħħaħ l-appoġġ għan-NEPAD (Sħubija Ġdida għall-Iżvilupp ta' l-Afrika) bħala l-inizjattiva Afrikana ewlenija għall-iżvilupp sostenibbli;

82. Jinsisti li l-agrikoltura u s-sigurtà ta' l-ikel għandhom ikunu ta' importanza assoluta fl-istrateġija konġunta, u jisħaq li l-politiki ta' l-UE, inkluża l-politika ta' sussidji, m'għandhomx jagħmlu ħsara lill-qasam ta' l-agrikoltura u jipperikolaw is-sigurtà ta' l-ikel ta' l-Afrika; għalhekk jitlob biex l-istrateġija tappoġġja l-kompetittività u l-produttività miżjuda tal-qasam ta' l-agrikoltura Afrikana, anke fil-kuntest taċ-Ċiklu ta' Doha għall-Iżvilupp; iħeġġeġ ulterjorment lill-UE biex toffri appoġġ finanzjarju għall-Programm Agrikolu Komprensiv għall-Afrika adottat mill-AU u n-NEPAD;

83. Jenfasizza, anke f'relazzjoni mad-deżertifikazzjoni, li hi fenomenu inkwetanti u li dejjem se jgħall-għar, il-bżonn li jiġu appoġġjati metodi ta' agrikoltura sostenibbli; iffakkar, f'dan ir-rigward, li biex it-tkabbir ikollu l-effett li jnaqqas il-faqar, hemm bżonn li jkun ġeneralizzat, orjentat lejn il-proprietarji ż-żgħar u li jirriżulta f'opportunitajiet għax-xogħol akbar;

84. Jinsisti li l-kwistjoni tad-deżertifikazzjoni u l-aċċess għall-ilma għal kulhaff għandhom ikunu ta' importanza assoluta fl-istrateġija konġunta; juri tħassib partikolari dwar l-implikazzjoni negattivi multipli tad-deżertifikazzjoni fuq, fost l-oħrajn, is-sigurtà ta' l-ikel, il-migrazzjoni, ir-refuġjati u l-persuni li ġew spustjati ġo pajjiżhom stess;

85. Jirrimarka li l-Afrika hi l-kontinent li qed jibassar se jbati l-aktar l-effetti tal-bidla fil-klima, għalhekk iħeġġeġ lill-UE, lill-AU u lill-Istati Membri tagħhom, u kif ukoll l-investituri u l-atturi kummerċjali, biex jirrikonoxxu r-responsabilità għall-bidla fil-klima u jistiedinhom biex jiżviluppaw strateġija għall-iżvilupp li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent sabiex is-sitwazzjoni tinqaleb, inkluż qafas finanzjarju għall-adattament ambjentali; jistieden ulterjorment lill-UE biex toffri appoġġ finanzjarju għall-Pjan ta' Azzjoni għall-Inizjattiva

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

għall-Ambjent tan-NEPAD u d-deċiżjonijiet operazzjonali tagħha adottati mill-Konferenza Ministerjali Afrikana dwar l-Ambjent (AMCEN) fi Brazzaville, il-Kongo, fl-2006, u approvata mit-tmien Laqgħa Għolja ta' l-AU f'Addis Ababa, l-Etjopja, f'Janar 2007;

86. Jilqa' bi pjaċir l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tniehed sħubija bejn l-UE u l-Afrika dwar il-bidla fil-klima u biex tniehed Alleanza Globali kontra l-Bidla fil-Klima; f'dan il-kuntest jisħaq li l-UE trid tqiegħed fondi sinifikanti għad-dispożizzjoni għal miżuri ta' adattament fil-pajjiżi Afrikani; jisħaq ukoll li l-adattament ma jridx jiġi trattat biss bħala kwistjoni umanitarja; jenfasizza li t-tnaqqis tar-riskji u l-miżuri għal reżistenza għall-impatt klimatiku jridu jiġu integrati fl-aġenda ta' żvilupp prijoritarju, inkluż fid-dokumenti ta' strateġija għat-tnaqqis tal-faqar u fid-dokumenti ta' strateġija skond il-pajjiż;

87. Jitlob biex l-istrateġija konġunta tindirizza l-kawżi li huma l-għeruq tal-migrazzjoni u biex tagħti attenzjoni partikulari għad-drittijiet u l-integrazzjoni tal-migranti u għall-kwistjoni tal-ħarba ta' l-aħjar imħuħ, partikularment fis-settur tas-saħħa, billi jiġu proposti soluzzjonijiet prattiċi għal migrazzjoni ċirkolari ta' suċċess; jenfasizza li l-limitazzjoni tal-migrazzjoni lejn l-UE m'għandiex titqies la bħala kundizzjoni għall-ghajjuna u lanqas bħala strateġija ta' żvilupp;

88. Jikkunsidra li l-kultura hija fattur fundamentali għal djalogu interkulturali u għal fehim interreliġjuż, għal sensazzjoni ta' identità nazzjonali u reġjonali, għal bażi soċjali b'saħħitha u bħala pedament żgur għas-solidarjetà fost il-popli u bejnithom, u li għalhekk aġenda għall-iżvilupp sostenibbli trid tinkludi l-kultura;

89. Iqis li, ladarba f'numru ta' pajjiżi Afrikani d-dejn għadu piż tqil li jkollu effett kuntrarju fuq kwalunkwe sforz ta' żvilupp, kull każ ta' tnaqqis tad-dejn għandu jiġi kkunsidrat individwalment u għandu jseħħ bil-kundizzjoni li jkun hemm politiki ekonomiċi u governanza msaħħa, li jkun hemm immaniġġjar tad-dejn u b'mod partikulari li jiġi żgurat li d-djun ma jiġux sistematikament imġedda minn oħrajn li jsejfu;

90. Jirrikonoxxi l-utilità u r-relevanza ta' appoġġ baġitarju, li b'mod partikulari jippermetti li jittejbu s-servizzi soċjali bażiċi, waqt li, fl-istess ħin, jgħin biex tissaħħaħ l-istruttura tal-pajjiżi Afrikani; jitlob, madankollu, għal prudenza fl-għoti ta' ghajjuna fil-forma ta' appoġġ baġitarju; jinsisti li l-appoġġ baġitarju jiġi trattat b'mod separat għal kull pajjiż, skond is-sitwazzjoni partikulari tiegħu u jinsisti li dan m'huwiex xieraq għal Stati fraġli jew pajjiżi li jinsabu f'kunflitt; jitlob li jitwaqqfu indikaturi għall-iżvilupp uman u soċjali, għall-ibbaġitarju skond il-ġeneri u għall-edukazzjoni u s-saħħa; f'dan ir-rigward, jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli tħejji l-proposta tagħha ta' "kuntratt MDG" ma' dawk li huma intenzjonati li jkunu l-benefiċjarji ta' l-appoġġ baġitarju; jinsisti li l-appoġġ baġitarju għandu jkun akkumpanjat bit-tisħiħ tal-kapaċità tal-parlamenti, tal-qrati nazzjonali ta' l-awdituri, ta' l-awtoritajiet lokali u tas-soċjetà ċivili li jiskrutinjaw il-proċess, sabiex jiġi evitat li s-servizzi soċjali bażiċi jkollhom nuqqas ta' riżorsi; jipproponi li l-appoġġ baġitarju m'għandux jissostitwixxi l-appoġġ għal ċertu setturi fundamentali għall-iżvilupp bħall-edukazzjoni u s-saħħa jew għal setturi li hemm ir-riskju li jiġu marġinalizzati mill-gvernijiet li jirċivuh;

91. Jisħaq li l-iżvilupp sostenibbli huwa possibbli biss jekk jirrapreżenta żvilupp għal kulħadd, inklużi n-nisa u l-gruppi minoritarji u/jew vulnerabbli;

92. Jisħaq l-impjanza li l-UE tagħti l-appoġġ tagħha għal strateġiji mmirati biex isaħħu l-irwol tan-nisa, inkluż permezz ta' appoġġ għall-mikrokreditu, u kif ukoll għall-programmi għas-saħħa sesswali u riproduttiva, li huma kruċjali fil-ġlieda kontra l-HIV/AIDS;

Implimentazzjoni u monitoraġġ

93. Isejjaħ lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill sabiex jibgħat ir-rapporti ta' progress kollha dwar l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija għall-Afrika lill-Parlament Ewropew ukoll; jitlob ukoll informazzjoni dwar il-ħruġ u l-użu tat-EUR 2.7 biljun f'fondi addizzjonali taħt l-għaxar EDF allokati għall-'inizjattivi' ta' governanza żviluppanti mill-Kummissjoni għal kull pajjiż ACP;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

94. Jitlob lill-Kummissjoni tindika kif id-disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp intuża u ġie pprogrammat mill-ġdid biex jippermetti l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-UE għall-Afrika; jitlob li jkun hemm evalwazzjoni indipendenti għall-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija; jitlob lill-Kummissjoni biex tipproponi mekkaniżmu konġunt għall-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' strateġija ġdida konġunta kemm fuq bażi teknika u kemm fuq bażi politika, inklużi l-istrumenti finanzjarji kollha ta' l-UE għall-iżvilupp fl-istadji kollha;
95. Jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni ta' l-UE u ta' l-AU li jagħmlu abbozz ta' pjan ta' azzjoni għall-ewwel perjodu ta' l-istrateġija konġunta; jiġbed l-attenzjoni li dan il-pjan għandu jinkludi ffinanzjar konkret u indikaturi li jistgħu jitkejlu fil-livelli kollha ta' l-implimentazzjoni (lokali, reġjonali u kontinentali) u fl-istrumenti ta' koperazzjoni finanzjarja rilevanti kollha, li jagħmlu l-monitoraġġ aktar faċli u trasparenti; jenfasizza li l-monitoraġġ parlamentari, ta' l-awtoritajiet lokali u tas-soċjetà ċivili għandu jkun parti mill-proċess ta' monitoraġġ uffiċjali;
96. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li kwalunkwe qafas ta' monitoraġġ jinkludi l-monitoraġġ ta' impenji eżistenti mill-AU u l-UE, bħall-MDGs, il-Ftehim ta' Cotonou imsemmija hawn fuq, l-Appell ta' Abuja għal Azzjoni Aċċelerata msemmija hawn fuq, id-Dikjarazzjoni Universali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;
97. Jitlob li l-istrateġija konġunta tinkludi referenza espliċita għal strateġija komunikattiva, biex tinbena kuxjenza pubblika dwar dak li qed jagħmlu l-gvernijiet u biex tiġi pprovduta l-possibilita ta' reazzjoni biex ikun żgurat li gvernijiet ikollhom kuntatt dirett mal-bżonnijiet tal-kostitwenti tagħhom dwar dawn il-politiki;
98. Jinkoraġġixxi l-ħolqien, bħala parti mill-istrateġija konġunta, ta' spazju politiku għal djalogu ġenwin u effettiv bejn iċ-ċittadini, permezz ta' fondi xierqa u garanziji għal indipendenza politika, u biex twaqqaf mekkaniżmu li permezz tiegħu, is-soċjetà ċivili u l-parteċipanti mhux statali jistgħu jikkontribwixxu fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet mill-gvern, liema mekkaniżmu jista' iżomm lill-awtoritajiet responsabbli vis-a-vis l-poplu;
99. Jistieden lill-Kummissjoni biex tindika kif se tiffinanzja l-istrateġija l-ġdida u l-programm ta' azzjoni tagħha; jiġbed l-attenzjoni li l-10 Fond ta' l-Iżvilupp Ewropew, il-programm Ġeografiku għall-Afrika ta' Isfel u l-programmi tematiċi tad-DCI u l-ENPI huma l-uniċi fondi ewlenin disponibbli għall-implimentazzjoni ta' l-istrateġija konġunta; ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tiżgura koerenza fl-implimentazzjoni ta' dawn l-istrumenti ta' koperazzjoni u ta' l-istrateġija konġunta; jitlob lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-PAP waqt l-istadji kollha tal-proċess (l-ipprogrammar, l-identifikar, l-istima, l-iffinanzjar, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni);
100. Jitlob li l-ewwel pjan ta' azzjoni jinkludi pakkett finanzjarju speċifiku għall-istituzzjonijiet pan-Afrikan, attivitajiet li għandhom ikunu implimentati fuq livell pan-Afrikan u s-sħubijiet il-ġodda (inizjattivi ta' Liżbona); jinsisti wkoll li l-parlamenti nazzjonali, reġjonali u ta' madwar il-kontinent jiġu kkunsidrati b'mod espliċitu bħala benefiċjarji ta' l-għajnuna;
101. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kunsill waqqaf grupp ta' ħidma ad hoc ma' esperti mill-Istati Membri interessati biex jikkoordina l-pożizzjonijiet ta' l-Istati Membri dwar il-kwistjonijiet koperti mill-istrateġija konġunta u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jirrapportaw fuq bażi regolari lill-Parlament Ewropew dwar l-attivitajiet tal-grupp ta' ħidma;
102. Jaffirma, bħala istituzzjonijiet importanti ta' governanza, li kemm il-PAP kif ukoll il-Parlament Ewropew għandhom ikunu parteċipanti kruċjali fl-istrateġija konġunta ta' segwitu u li l-awtoritajiet lokali u l-parteċipanti mhux statali, bħal dawk involuti fl-ECOSOC ta' l-AU u l-kontroparti ta' l-UE tagħha l-ECOSOC għandhom ikollhom irwol;
103. Jinsab determinat għalhekk li jimmonitorja mill-qrib, flimkien mal-PAP, l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija konġunta u l-programmi ta' azzjoni; jitlob għalhekk it-twaqqif ta' delegazzjoni parlamentari konġunta bejn il-Parlament Ewropew u l-PAP bħala forum biex il-kwistjonijiet li qed jaffetwaw ir-relazzjonijiet bejn il-popli ta' l-UE u ta' l-Afrika jiġu diskussi b'mod demokratiku;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

104. Jinsab determinat, flimkien ma' l-organizzazzjonijiet pan-Afrikani, li jiżgura koerenza bejn il-politika tal-koperazzjoni għall-iżvilupp u oqsma oħra tal-politika ta' l-UE li kellhom impatt fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Afrika;

105. Jikkunsidra li l-iskrutinju parlamentari u l-approvazzjoni ta' pakketti ta' għajjnuna għall-iżvilupp għandhom ikunu rekwiżit għall-ħruġ ta' fondi;

106. Jiddeċiedi li jorganizza, flimkien mal-PAP, attività Parlamentari Konġunta li tippreċedi t-tieni Laqgħa Għolja bejn l-UE u l-Afrika ppjanata li ssir f'Diċembru 2007 f'Liżbona;

*
* *
*

107. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri, lill-Kummissjoni ta' l-AU, lill-Kunsill Eżekuttiv ta' l-AU, lill-PAP, lill-Kunsill tal-Ministri ta' l-ACP u lill-JPA ta' l-ACP-UE.

P6_TA(2007)0484

Projbizzjoni tal-munizzjon kollu tat-tip cluster

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar "Lejn trattat dinji għall-projbizzjoni tal-munizzjon kollu tat-tip cluster"

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-effetti ta' ħsara ta' xi tipi ta' armamenti konvenzjonali (mini ta' l-art u munizzjon tat-tip cluster, munizzjon ta' l-uranju b'inqas radjuattività, granati tal-fosfru, fdalijiet tal-gwerra li ma splodewx (ERW)) użati kemm mill-Istati u kif ukoll minn organizzazzjonijiet mhux marbuta ma' l-Istat,
- wara li kkunsidra b'mod partikulari r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Novembru 2006 dwar il-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni ta' l-Armi Bijoloġiċi, cluster bombs u armi konvenzjonali, ⁽¹⁾ li titlob lill-UE sabiex tappoġġja l-inizjattiva biex titfassal konvenzjoni komprensiva u effettiva biex ikun ipprojbit il-munizzjon tat-tip cluster fid-dinja kollha,
- wara li kkunsidra l-Protokoll V tat-28 ta' Novembru 2003, dwar Fdalijiet Splussivi tal-Gwerra għall-Konvenzjoni tan-NU dwar Ċerti Armamenti Konvenzjonali (CCW) ('Protokol V fuq ERW), u filwaqt li jilqa' b'sodisfazzjon id-dħul fis-seħħ tiegħu fit-12 ta' Novembru 2006,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Oslo adottata fit-22-23 ta' Frar 2007 minn grupp ta' Stati, Organizzazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar, il-Koalizzjoni għall-Munizzjon tat-tip Cluster u organizzazzjonijiet umanitarji oħra, li ftiehem li sa l-2008 jinħoloq strument internazzjonali li jorbot legalment li jipprojbixxi l-użu, il-manifattura, it-trasferiment u l-ħażna ta' munizzjon tat-tip cluster li jikkawża ħsara inaċċettabbli lill-popolazzjoni ċivili ("il-Proċess ta' Oslo"),
- wara li ikkunsidra l-abbozz ta' mandat għal negozjati CCW dwar il-munizzjon tat-tip cluster ippreżentat mill-Ġermanja fisem l-Unjoni Ewropea lill-Grupp ta' Esperti tal-Gvern tas-CCW,

⁽¹⁾ ĠU C 314 E, 21.12.2006, p.327.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/528/PESK tat-23 ta' Lulju 2007 li, fi ħdan il-qafas ta' l-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà⁽¹⁾, tappoġġa lill-konvenzjoni dwar il-projbizzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' ċerti armamenti konvenzjonali li jistgħu jitqiesu li jikkawżaw wisq ħsara jew li għandhom effetti indiskriminatorji,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni ġdida meħuda minn-NU dwar il-munizzjon tat-tip cluster fil-laqgħa tal-Prinċipali tan-NU fis-17 ta' Settembru 2007, fejn in-NU stiednet lill-Istati Membri biex "jitrattaw min-nufih l-effetti orribbli umanitarji, fuq id-drittijiet tal-bniedem u fuq l-iżvilupp tal-munizzjon tat-tip cluster billi jiżviluppaw strument li jorbot legalment tal-liġi umanitarja internazzjonali li: jipprojbixxi l-użu, l-iżvilupp, il-manifattura, il-ħażna u t-trasferiment ta' munizzjon tat-tip cluster li jikkawża ħsara inaċċettabbli lill-popolazzjoni ċivili; li jirrikjedi l-qerda tal-ħażniet attwali ta' dak il-munizzjon; u li jaħseb għat-tneħħija, l-edukazzjoni dwar ir-riskji u attivitajiet oħra ta' mitigazzjoni tar-riskji, għall-ghajjnuna lill-vittmi, għall-ghajjnuna u l-koperazzjoni, u għal miżuri ta' trasparenza" u iddikjarat li "sakemm ikun adottat trattat bħal dan, in-NU tistieden lill-Istati biex ifasslu miżuri nazzjonali biex jitwaqqfu minnufih l-użu u t-trasferiment tal-munizzjon kollu tat-tip cluster";
 - wara li kkunsidra u filwaqt li jilqa' b'sodisfazzjon il-"Koalizzjoni kontra l-Munizzjon tat-tip Cluster" magħmula minn madwar 200 organizzazzjoni mhux governattiva speċjalizzata,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi "fdalijiet splussivi tal-gwerra" (ERW) tirreferi għal munizzjon li ma splodiex, li kien ikkargat, iffusjat, armat jew b'xi mod ieħor imħejji għall-użu u użat f'kunflitti armati u li kellu jisplodi iżda ma splodiex,
- B. billi l-frażi "munizzjon tat-tip cluster" tirreferi għal sistemi ta' armamenti li jintefgħu mill-ajru u li jiġu separati mill-art,
- C. billi l-munizzjon tat-tip cluster, anke l-iktar tip modern, għandu rata ta' falliment għolja immens, għaliex spiss ma jisplodix ma' l-impatt u għalhekk jibqa' ta' periklu għall-komunitajiet għal ħafna żmien wara li l-kunflitt ikun intemm; billi ħafna tipi ta' munizzjon tat-tip cluster huma mgħammra bi f'usijiet sensitivi li jieħdu ma' l-anqas kuntatt fiżiku, ħafna anqas mill-mini splussivi maħsuba biex joqtlu persunal militari,
- D. billi l-munizzjon tat-tip cluster ħafna drabi m'huwiex preċiż, jintuża kwantità kbira minnu kemm f'żoni rurali kif ukoll f'żoni urbani u jkopri żona wiesgħa wara li jintefa', u b'hekk jipproduċi ammonti kbar ta' ERW,
- E. billi l-munizzjon tat-tip cluster spiss ma jiddiskriminax għaliex min jużah ma jistax jiddistingwi bejn il-persunal militari u l-popolazzjoni ċivili; billi kien dokumentat li 98 % mill-vittmi ta' dan il-munizzjon huma mill-popolazzjoni ċivili,
- F. billi l-munizzjon tat-tip cluster għandu konsegwenzi umanitarji serji, għall-komunitajiet vulnerabbli u għall-ħaddiema li jagħtu għajjnuna umanitarja, u billi r-rata ta' l-imwiet u tal-korrimenti, speċjalment fost it-tfal, li huma attratti mid-daqs żgħir u mill-kuluri ta' dawn l-armamenti, hija għolja,
- G. billi t-tipi kollha ta' tagħmir li ma jistax jiġi mmanipulat għandhom fil-mira tagħhom il-persunal responsabbli għal operazzjonijiet umanitarji tat-tneħħija tal-mini,
- H. billi l-munizzjon tat-tip cluster li ma jisplodix għandu effett detrimentali fuq l-iżvilupp u r-rikostruzzjoni, filwaqt li t-tneħħija ta' munizzjon li ma splodiex ma tippermettix l-aċċess għat-toroq, għall-bini u għall-infrastruttura kritika kif ukoll l-użu ta' art agrikola, u għaldaqstant ixkekkel in-negozju u l-komunikazzjonijiet lokali u taffettwa is-sigurtà tal-provvista ta' l-ikel, u tista' tostakola l-provvediment ta' għajjnuna umanitarja,
- I. billi l-pajjiżi magħrufa li kienu affettwati mill-munizzjon tat-tip cluster jinkludu wħud mill-ifqar pajjiżi tad-dinja, u billi ta' spiss fdawn il-pajjiżi l-ifqar nies ikunu l-vittmi ewlenin,

(¹) ĠU L 194, 26.7.2007, p.11.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- J. billi hemm evidenza li l-munizzjon tat-tip cluster jinħażen faktar minn 15-il Stat Membru ta' l-UE u huwa mmanifatturat f'mhux inqas minn 10 Stati Membru ta' l-UE,
- K. billi l-"liġi Mahoux" li tipprojbixxi l-iffinanzjar, il-manifattura, l-użu u l-ħażna ta' munizzjon tat-tip cluster, kienet adottata mill-Belġju fis-26 ta' April 2007,
1. Jerġa' jafferma l-ħtieġa li tissaħħaħ il-liġi umanitarja internazzjonali (IHL) billi tapplika għall-munizzjon tat-tip cluster, u li tiġi adottata malajr fl-livell internazzjonali projbizzjoni komprensiva fuq l-użu, il-manifattura, it-trasferiment u l-ħażna ta' munizzjon tat-tip cluster, u għalhekk jappoġġja bil-qawwa il-Proċess ta' Oslo;
 2. Jitlob moratorju immedjat fuq l-użu, l-investiment, il-ħażna, il-manifattura, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' munizzjon tat-tip cluster, inklużi munizzjon tat-tip cluster li jintefa' mill-ajru u bombi żgħar (submunition) sparati permezz ta' missili, rokits, u projettili ta' l-artillerija, sakemm jiġi nnegozjat trattat internazzjonali li jorbot biex ikunu pprojbiti l-manifattura, il-ħażna, l-esportazzjoni u l-użu ta' dawn l-armamenti;
 3. Jistieden lill-Istati Membri kollha ta' l-UE biex jadottaw miżuri nazzjonali li jipprojbixxu bis-sħiħ l-użu, il-manifattura, l-esportazzjoni u l-ħażna ta' bombi tat-tip cluster;
 4. Jistieden lill-Istati kollha li użaw munizzjon tat-tip cluster u armamenti simili li jħallu fdalijiet splussivi tal-gwerra, sabiex jaċċettaw ir-responsabilità għat-tneħħija ta' dan il-munizzjon, u b'mod partikulari biex iżommu rekords eżatti ta' fejn intuża munizzjon bħal dan, sabiex ikun jista' jitneħħa wara l-kunflitti; jikkunsidra li rekords bħal dawn għandhom jintużaw biex jingħataw twissijiet ċari ta' żoni perikolużi lill-popolazzjonijiet lokali u lill-ħaddiema li jagħtu għajnuma umanitarja skond il-Protokoll V dwar l-ERW;
 5. Jinsisti li t-truppi ta' l-Istati Membri ta' l-UE fl-ebda ċirkustanza jew kundizzjoni m'għandhom jużaw xi tip ta' munizzjon tat-tip cluster sakemm jiġi innegozjat ftehim internazzjonali dwar ir-regolazzjoni, ir-restrizzjoni jew il-projbizzjoni ta' dawn l-armamenti;
 6. Jenfasizza r-responsabilità ta' Stat li jkollu kontroll ta' territorju li jagħti twissijiet, u li jieħu miżuri għall-ħarsien tal-popolazzjoni ċivili, anke permezz ta' l-edukazzjoni, u li jagħti informazzjoni speċjali dwar l-għajnuma lill-vittmi ta' l-ERW;
 7. Jistieden lill-Istati Membri ta' l-UE kollha li użaw il-munizzjon tat-tip cluster biex jipprovdu l-għajnuma lill-popolazzjonijiet affettwati;
 8. Jistieden lill-Kummissjoni biex iżżid b'urġenza l-għajnuma finanzjarja lill-komunitajiet u lill-individwi affettwati minn munizzjon tat-tip cluster li ma splodiex, permezz ta' l-istrumenti kollha disponibbli;
 9. Iħeġġeġ lill-istati kollha li m'humiex firmatarji għall-Protokoll V dwar l-ERW biex jiffirmawh u jirratifikawh, u biex jirrispettaw it-tifsira tiegħu waqt il-perjodu interim;
 10. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi mill-Presidenza tal-Kunsill u mill-Istati Membri ta' l-UE biex jistabbilixxu mandat għan-negozjar ta' protokoll ġdid għas-CCW li jittratta l-problemi umanitarji kollha marbuta ma' l-użu ta' munizzjon tat-tip cluster, u jiddispaċih li s'issa għadu ma sar l-ebda progress reali;
 11. Jitlob lill-Kunsill biex jadotta pożizzjoni komuni biex l-Istati Membri kollha ta' l-UE jimpenjaw ruhom biex jinkiseb mandat b'saħtu għal negożjati fis-CCW u biex jappoġġja b'mod attiv il-Proċess ta' Oslo;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

12. Jiġbed l-attenzjoni li biex kwalunkwe strument internazzjonali jkun effettiv, dan irid jinkludi talanqas id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- a) projbizzjoni fuq l-użu, il-manifattura, l-iffinanzjar, it-trasferiment u l-ħażna ta' munizzjon tat-tip cluster;
- b) projbizzjoni fuq għajjnuna lil kulmin juża, jimmanifattura, jittrasferixxi jew jaħżen munizzjon tat-tip cluster;
- c) obbligu li jinqerdu l-ħażniet ta' munizzjon tat-tip cluster f'perjodu ta' żmien speċifikat, li għandu jkun qasir kemm jista' jkun;
- d) obbligu li jiġu mmarkati, imdawra u mnaddfa ż-żoni kontaminati mill-aktar fis possibbli, iżda mhux aktar tard minn skadenza speċifikata, u li tiġi stabbilita u tinżamm kapaċità effettiva biex jittieħdu dawn l-azzjonijiet; obbligu li tingħata l-għajjnuna permezz ta' mmarkar u iżolament u twissijiet oħra, flimkien ma' edukazzjoni dwar ir-riskji u tindif taż-żoni affetwati; l-utenti ta' munizzjon tat-tip cluster għandu jkollhom obbligi speċjali biex jipprovdur għajjnuna bħal din, inkluż il-provvediment ta' informazzjoni f'waqtha u dettaljata dwar l-użu;
- e) obbligu li tingħata għajjnuna lill-vittmi, pereżempju bl-implimentazzjoni tal-ġbir ta' data, il-kura medika ta' emerġenza u kontinwa, ir-rijabilitazzjoni fiżika, l-appoġġ psikoloġiku, l-inklużjoni soċjali, l-inklużjoni u/jew ir-reintegrazzjoni ekonomika, l-appoġġ legali u liġijiet u politiki dwar id-diżabilitajiet;

13. Jirrakkomanda li l-Parlament Ewropew ikun irrappreżentat fil-konferenzi li se jsiru dalwaqt fil-qafas tal-Proċess ta' Oslo;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija u ta' Sigurta' Komuni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri ta' l-UE, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU u lill-"Koalizzjoni kontra l-Munizzjon tat-tip Cluster".

P6_TA(2007)0485

Produzzjoni ta' l-opju għal skopijiet mediċi fl-Afganistan

Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar il-produzzjoni ta' l-opju għal skopijiet mediċi fl-Afganistan (2007/2125(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal rakkomandazzjoni lill-Kunsill imressqa fisem il-Grupp ALDE dwar il-produzzjoni ta' l-opju għal skopijiet mediċi fl-Afganistan (B6-0187/2007),
- having regard to r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Afganistan, li l-aktar waħda riċenti minnhom kienet dik tat-18 ta' Jannar 2006 ⁽¹⁾;
- wara li kkunsidra r-rapport ta' l-Uffiċju tan-NU dwar id-Drogi u l-Kriminalità (UNODC) /Bank Dinji ta' l-2006 dwar 'L-Industrija tad-Droga ta' l-Afganistan',
- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali ta' l-2007 maħruġ mill-UNODC f'Ġunju 2007

(¹) ĠU C 287 E, 24.11.2006, p 176.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 2005/25 tat-22 ta' Lulju 2005 tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU (ECOSOC) dwar it-trattament adegwat ta' l-uġiġħ bl-użu ta' analġeżiċi li fihom l-opju, li tiddiskuti l-vijabilità ta' mekkaniżmu possibbli ta' assistenza li jiffaċilitatali trattament, ir-Riżoluzzjoni 2004/40 tal-21 ta' Lulju 2004 ta' l-ECOSOC dwar linji gwida għal trattament farmakoloġiku megħjun b'mod psiko-soċjali ta' persuni dipendenti fuq l-opjojdi, ir- Riżoluzzjoni 2005/26 ta' l-ECOSOC tat-22 ta' Lulju 2005 dwar id-domanda u l-provvista ta' opjati wżati sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet mediċi u xjentifiċi, lir-Riżoluzzjoni 58.22 tal-25 ta' Mejju 2005 ta' l-Assemblea Dinjija tas-Saħħa (WHA) dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-kanċer, ir-Riżoluzzjoni 55.14 tad-WHA tat-18 ta' Mejju 2002 dwar l-iżgurar ta' l-aċċessibilità ta' mediċini essenzjali, u r-rakkomandazzjonijiet finali tat-12-il Konferenza Internazzjonali ta' Awtoritajiet li Jirregolaw id-Drogi, li saret f'Seoul bejn it-3 u s-6 ta' April 2006, fejn ir-regolaturi ġew imħeġġa jaħdmu għal aċċess aħjar għal analġeżiċi narkotiċi;
 - wara li kkunsidra r-rapporti tal-missjonijiet tad-delegazzjoni ad hoc tiegħu fl-Afganistan, f'Lulju 2005, u l-missjoni ta' osservazzjoni ta' l-elezzjoni tiegħu f'Settembru 2005;
 - wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Missjoni ta' l-UE ta' Osservazzjoni ta' l-Elezzjoni ta' l-elezzjonijiet parlamentari u provinċjali li saru fit-18 ta' Settembru 2005;
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 114(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0341/2007);
- A. billi l-politiki internazzjonali dwar id-drogi huma msejsa fuq il-konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-1961, l-1971 u l-1988 li jipprojbixxu, b'mod partikulari, il-produzzjoni, it-traffikar, il-bejgħ u l-konsum ta' firxa sħiħa ta' sustanzi lil hinn minn skopijiet mediċi jew xjentifiċi,
- B. billi r-rapport tal-UNODC bit-titolu "Afganistan: Stħarriġ dwar l-Opju 2006" jenfasizza li l-inħawi li jintużaw għat-ktabbir illeċitu tax-xaħxieħ laħqu livelli rekord ta' madwar 6,100 tunnellata fis-sena 2006, żieda ta' kważi 50 % fuq il-figura tas-sena 2004,
- C. billi l-Istrateġija Nazzjonali Afgana għall-Kontroll tad-Drogi adottata f'Jannar ta' l-2006 indirizzat it-tnaqqis fil-provvista u fid-domanda, modi ta' għixien alternattivi u t-tiħih ta' l-istituzzjonijiet tal-gvern, u billi l-Ministeru ta' Kontra n-Narkotiċi, stabbilit bl-appoġġ ta' flus ta' l-UE, huwa l-aġenzija ewlenija għat-twettiq ta' l-istrateġija.
- D. billi fl-1 ta' Awwissu 2006, il-Gvern ta' l-Afganistan waqqaf Kumitat għar-Regolamentazzjoni tad-Drogi, liema kumitat jinkludi fih uffiċjali mill-Ministeri ta' Kontra n-Narkotiċi, tas-Saħħa u tal-Finanzi, sabiex jirregolaw il-liċenzjar, il-bejgħ, it-tqassim, l-importazzjoni u l-esportazzjoni tad-drogi kollha bi skopijiet leċiti fil-pajjiż,
- E. billi l-EU għandha tagħmel aktar sabiex ikun hemm tnaqqis drastiku fil-produzzjoni ta' l-opju (billi tipparteċipa fit-Fond Fiduċjarju Kontra n-Narkotiċi u l-Fond ta' Rendiment Tajjeb) minħabba li — skond l-Istħarriġ Annwali tal-UNODC ta' l-2007 dwar l-Opju fl-Afganistan — il-produzzjoni ta' l-opju fl-Afganistan issa laħqet livell għdid tal-biżà, li huwa darbtejn ta' l-ammont prodott sentejn ilu biss; billi l-Afganistan Prattikament sar il-fornitur esklussiv ta' l-aktar droga qattela tad-dinja, b'93 % tas-suq dinji ta' l-opjati, minkejja li ta' min jinnota li n-numru ta' provinċji ħielsa mill-opju aktar milli rdoppja, minn 6 fl-2006 għal 13 fl-2007 minħabba skemi li rnexxew li jappoġġjaw għixien alternattiv u anki minħabba l-espansjoni tas-sigurtà fit-Tramuntana, u kif ukoll bis-saħħa ta' programm biex titqajjem kuxjenza inkluż sistema ta' ppremjar għall-dawk li jkollhom rendiment tajjeb, u li 50 % tal-ħasda totali Afgana ta' l-opju tiġi mill-provinċja ta' Helmand,
- F. billi l-Bank Dinji u l-Fond Monetarju jistmaw li kważi 40 % tal-PGD ta' l-Afganistan huwa relatat ma' l-opju, u billi l-UNODC jistma li 3.3 miljun persuna (minn popolazzjoni ta' aktar minn 31 miljun) huma involuti fis-settur tax-xaħxieħ, li jipproduċu dħul ta' USD 1,965 kull sena għal kull familja,

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- G. billi fl-2007 il-valur tal-ħasda ta' l-opju kien jammonta għal US\$ 1 biljun, jew 13 % tal-PGD leċitu ta' l-Afganistan ta' USD 7.5 biljun, u billi l-valur potenzjali totali tal-ħasda ta' l-opju tal-pajjiż fl-2007 għall-bdiewa, sidien ta' laboratorji u traffikanti Afgan jilħaq mal-USD 3.1 biljun, li jirrappreżenta kważi nofs il-PGD leċitu tal-pajjiż, jew 32 % ta' l-ekonomija totali inkluż is-settur ta' l-opju,
- H. billi l-inċentiv għall-bdiewa Afgani li jipproduċu l-opjati huwa prinċipalment wieħed finanzjarju u billi l-opjati liċenzjati jkollhom jipproduċu — sabiex ikunu ekonomikament attraenti — dħul akbar minn dak li jiġi mill-opjati llegali,
- I. billi l-Unjoni Ewropea għadha l-akbar donatur fir-rigward ta' sforzi li għandhom l-għan li jnaqqsu l-provvista ta' l-opju permezz ta' proġetti li jippromwovu mezzi ta' għixien alternattivi — li huma meħtieġa ħafna sabiex jikkumplementaw d-dieta nazzjonali — sabiex jieħdu post il-prodotti illeċiti,
- J. jiġbed l-attenzjoni għar-rikonoxximent tal-Kummissjoni, kif stipulat fid-Dokument tal-KE ta' Strateġija tal-Pajjiż dwar l-Afganistan (2007 — 2013), li l-ekonomija dejjem tikber ta' l-opju u l-periklu ta' "ħtif ta' l-istat" minn narko-interessi hi theddida kritika għall-iżvilupp, il-bini ta' l-istat u s-sigurtà fl-Afganistan,
- K. billi jeżistu allegazzjonijiet sostanzjali li l-insurgenti, is-sinjuri tal-gwerra ("warlords"), it-Taliban u l-gruppi terroristiċi qed jiksbu l-biċċa l-kbira tal-fondi tagħhom min-negozju tan-narkotiċi illeċiti,
- L. billi fil-25 ta' Ġunju 2007, il-Kunsill Senlis, "think tank" internazzjonali dwar is-sigurtà u l-iżvilupp, ippreżenta Dossier Tekniku dettaljat dwar il-mod ta' kif proġett "Poppy for Medicine" msejjes fl-irħula jista' jaħdem fl-Afganistan, inkluż Sistema Integrata ta' Kontroll Soċjali, il-produzzjoni ta' mediċini Afgani fil-livell ta' l-irħula, id-diversifikazzjoni ekonomika obbligatorja u l-iżvilupp rurali ġenerali,
- M. jinnota li l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) indikat li 10 pajjiżi jikkunsmaw 80 % ta' l-opjati legali li huma disponibbli madwar id-dinja, u li l-180 stat li jibqa' jinkludu l-maġġoranza tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma 80 % tal-popolazzjoni tad-dinja; jinnota wkoll li l-Bord Internazzjonali għall-Kontroll tan-Narkotiċi (INCB) staqsa lill-komunita internazzjonali sabiex tippromwovi l-preskrizzjoni ta' analġeżiċi, speċjalment f'pajjiżi foqra minħabba li huwa rapporti nuqqas ta' trattament sever f'aktar minn 150 pajjiż fejn kważi ħadd minn dawg li jeħtieġ trattament mhu qed jirċevih, u fi 30 pajjiż ieħor, fejn in-nuqqas ta' trattament suffiċjenti huwa aktar prevalenti jew m'hemmx data disponibbli,
- N. ifakkar li l-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni tan-NU ta' l-1961 tistipula kundizzjonijiet li jirregolaw il-kultivazzjoni, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' l-opju taħt is-superviżjoni ta' aġenzija governattiva, u jinsisti li l-Gvern Afgan għandu jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet, speċjalment fir-rigward tal-provinċji fin-Nofsinhar tal-pajjiż, fejn hemm kultivazzjoni eċċessiva ta' l-opju,
- O. billi l-INCB sqarr li hemm provvista globali eċċessiva ta' opjati għall-finijiet mediċi, anke jekk din l-ewalwazzjoni ma' tqisx id-domanda potenzjali,
- P. billi skond ir-rapport imħejji mill-Bord Internazzjonali għall-Kontroll tan-Narkotiċi hemm provvista globali eċċessiva ta' opjati għall-finijiet mediċi,
- Q. billi l-kostituzzjoni Afgana tistipula li "l-istat għandu jipprojbixxi kull tip ta' kultivazzjoni u kutrabandu ta' narkotiċi", u billi il-liġi Afgana ta' l-2005 ta' kontra n-narkotiċi tipprovdi li eventwalment ikun hemm il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' sustanzi kontrollati fl-Afganistan,
- R. konvint li, għall-promozzjoni u t-tisħiħ tal-paċi u tas-sigurtà fl-Afganistan, il-preżenza internazzjonali jeħtieġ tiġi kumplementata minn koperazzjoni ċivili dejjem akbar, sabiex jitrawmu l-progress soċjo-politiku u l-iżvilupp ekonomiku, u wkoll sabiex jintrebħu "l-qlub u l-imħuħ" tal-popolazzjoni lokali;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- S. jikkunsidra, għal darba oħra, il-prezz għoli ħafna u n-nuqqasijiet serji f'termini ta' effettività, ta' strateġija ta' kontra n-narkotiċi li ma tqisx id-diversità reġjonali, soċjali u ekonomika ta' l-Afganistan rurali meta tiżviluppa u tikkonċentra miżuri dwar l-eradikazzjoni u mezzi alternattivi ta' għajxien, u strateġija li tkun ibbażata biss fuq l-eredikazzjoni,
- T. billi l-promozzjoni ta' proċess ta' bini ta' istituzzjonijiet, id-demokratizzazzjoni u l-affermazzjoni ta' l-istat tad-dritt, sistema tajba tal-ġustizzja u r-rispett għad-drittijiet tal-binedem u d-drittijiet fundamentali jistgħu iseħħu biss permezz ta' politiki li ma jimponux soluzzjonijiet vjolenti bħall-qerda mġegħla tal-prodotti, fuq dawk li fihom infushom huma prattiki mhux vjolenti;
- U. billi l-ġlieda kontra l-produzzjoni tad-droga fl-Afganistan għandha tirrifletti approċċ differenzjat lokalità b'lokalità, billi l-isforzi kontra n-narkotiċi li jsiru kontra l-bdiewa jridu jkunu limitati bir-reqqa għal żoni fejn mezzi t'għajxien legali jkunu possibbli (postijiet fejn l-aċċess għall-art u l-ilma jkun aħjar, fejn ikun hemm prossimita' għas-swieq u fejn il-proporzjon art/abitant ikun ogħla), u billi l-programmi ta' mezzi ta' għajxien alternattivi jridu jiffokaw b'mod speċjali fuq l-ifqar reġjuni li jkollhom riżorsi limitati, li wara kolloxx huma l-iżjed dipendenti fuq l-opju,
- V. billi d-Dokument ta' Strateġija tal-Pajjiż għall-perjodu 2007-2013 jiffoka b'mod xieraq fuq l-iżvilupp rurali u l-governanza, iżda jeħtieġ li jkun hemm iżjed enfasi fuq ir-riforma tal-ministeri Afgani responsabbli mill-kontroll fuq il-produzzjoni tad-droga, b'mod partikulari l-Ministeru għall-Intern,
1. Jindirizza r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lill-Kunsill:
 - a) li jopponi, fil-qafas ta' programmi integrati għall-iżvilupp, li wieħed juża l-fumigazzjoni bħala mezz ta' kif jinqered ix-xaħxieħ fl-Afganistan;
 - b) li jelabora u jippreżenta lill-Gvern Afgan, fil-qafas ta' programmi għat-tnaqqis tal-provvista illeċita sponsorjati mill-UE, pjan u strateġija komprensivi maħsuba biex jikkontrollaw il-produzzjoni tad-droga fl-Afganistan, billi tittejjeb il-governanza u tiġi missielta l-korruzzjoni fl-ogħla livelli ta' l-amministrazzjoni Afgana (b'attenzjoni speċjali fuq il-Ministeru għall-Intern), permezz ta' l-istrumenti legali internazzjonali eżistenti; li jiffoka l-azzjoni kontra t-traffikanti ewlenin fil-post; itejbu l-iżvilupp rurali komprensiv, partikularment fl-ifqar żoni u f'dawk li għadhom ma jipproduċux l-opju fuq skala kbira; jimpenjaw ruħhom fl-eradikazzjoni manwali bir-reqqa u b'mod selettiv; u jikkunsidra l-possibilità ta' proġetti pilota għall-konverżjoni ta' skala żgħira ta' partijiet mit-tkabbir illeċitu attwali tax-xaħxieħ f'għelieqi għall-produzzjoni ta' analġeżiċi legali msejsa fuq l-opju; li l-produzzjoni għandha tkun soġġetta għal sorveljanza stretta fuq il-post li mbagħad għandha tkun ikkomplementata b'monitoraġġ minn organizzazzjoni internazzjonali, bħall-UNDCP, li tissorvelja dik il-produzzjoni u tevita kwalunkwe żvijar illeċitu tal-prodott lejn swieq, illegali, oħra bħas-suq ta' l-eroina,
 - c) li joffri l-ghajjnuna tiegħu fid-diskussjoni tal-possibilitajiet u l-fattibilità ta' proġett pilota xjentifiku bl-isem "Poppy for Medicine" li ser jinvestiga aktar dwar kif il-liċenzjar jista' jagħti kontribut sabiex jittaffa l-faqar, kontribut għad-diversifikazzjoni ta' l-ekonomija rurali, l-iżvilupp ġenerali u aktar sigurtà, u kif dan jista' jsir parti b'suċċess mill-isforzi multilaterali għall-Afganistan, filwaqt li jiġi żgurat li jkun hemm mekkaniżmu fis-seħħ sabiex jiġu esklużi dawk ir-reġjuni fejn il-kisbiet reċenti tat-twaqqif ta' l-istat tad-dritt u l-qerda jew it-tnaqqis sussegwenti tal-kultivazzjoni jistgħu jiġu pperikolati faċilment;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u għall-informazzjoni, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u tar-Repubblika Islamika ta' l-Afganistan.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

P6_TA(2007)0486

Green Paper dwar titjib fl-effiċjenza ta' l-infurzar tas-sentenzi fl-Unjoni Ewropea: is-sekwestru tal-kontijiet bankarji**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar il-Green Paper dwar titjib fl-effiċjenza ta' l-infurzar tas-sentenzi fl-Unjoni Ewropea: is-sekwestru tal-kontijiet bankarji (2007/2026 (INI))***Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Green Paper dwar titjib fl-effiċjenza ta' l-infurzar tas-sentenzi fl-Unjoni Ewropea: is-sekwestru tal-kontijiet bankarji (COM(2006)0618),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0371/2007),
- A. billi l-mod ta' ħlas mingħajr l-użu ta' kontanti u l-pagamenti transkonfinali għamlu progress determinanti u fl-isfond tas-SEPA (Żona Waħdanija ta' Ħlas bl-Euro) huma destinati li jinfirxu b'mod aktar wiesgħa.
- B. billi kważi l-Istati Membri kollha għandhom arranġamenti għall-eżekuzzjoni ta' miżuri ta' sekwestru, imma s-sistemi legali u r-rekwiżiti proċedurali differenti ifissru li l-eżekuzzjoni tagħhom ma' l-UE kollha tista' ssir biss permezz ta' proċeduri kumplikati u twal li jippermettu lid-debitori li jittrasferixxu flushom f'kontijiet barranin,
- C. billi proċedura unika Ewropea għall-każijiet transkonfinali tkun ta' benefiċċju għal dawk li jkollhom tilwim legali pendenti f'bosta pajjiżi u għall-istituzzjonijiet bankarji li jirċievu ordnijiet minn diversi Stati Membri,
- D. billi kreditur għandu jkun f'qagħda li jikkumbatti l-possibilità li d-debitur tiegħu eventwalment għal bosta drabi jittrasferixxi flus fuq kontijiet barranin,
1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni, permezz tal-Green Paper, ħadet l-inizjattiva ta' introduzzjoni ta' proċedura transkonfinali Ewropea biex jiġu ggarantiti d-depożiti fil-banek.
 2. jissuġġerixxi li, meta jsiru aktar studji, tinġabar wkoll data statistika sabiex jitkejjel kemm huma fil-fatt dawk il-każijiet li fihom id-debituri jevadu il-miżuri eżekuttivi meħuda kontribom, u b'hekk tingħata indikazzjoni aktar eżatta dwar l-espedjenza tal-miżuri proposti;
 3. Jiffavorixxi l-introduzzjoni ta' sistema uniformi Ewropea li tkun indipendenti mir-regoli ta' eżekuzzjoni nazzjonali rispettivi u li tkun addizzjonali għalihom;
 4. Iqis li proċedura Ewropea awtonoma, koerenti u faċli għall-użu, għas-sekwestru ta' kontijiet bankarji, soġġetta għal salvagwardji proċedurali stretti, hija preferibbli minn armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-Istati Membri;
 5. Jenfasizza li din il-proċedura għandha tapplika biss għall-każijiet transkonfinali;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

6. Jenfasizza li r-regolamentazzjoni għandha tkun limitata għass-sekwestru ta' kontijiet u l-iffriżar temporanju ta' depożiti fil-banek, u taħt l-ebda ċirkostanza m'għandha testendi għas-sodisfazzjoni tal-kreditur;
7. Huwa tal-fehma li bħala kompetenza leġislattiva għal proċedura bħal din għandu jiġi kkunsidrat l-Artikolu 65, punt c, tat-Trattat KE;
8. Jinnota li l-introduzzjoni ta' proċedura bħal din għandha tkun tista' tinbeda qabel ma jibdew il-proċeduri ewlenin;
9. Jinnota li din hija sempliċement proċedura sommarja li teħtieġ li l-kreditur jagħti prova kredibbli tal-mertu tal-pretensjoni tiegħu u juri li l-każ tiegħu huwa urġenti u li l-jeddijiet tiegħu huma mhedda;
10. Huwa tal-fehma li ordnijiet għandhom iservu biex jiffriżaw il-kontjiet, mhux biex jittrasferixxu fondi, sakemm ikun hemm ordni sussegwenti mill-qorti fl-Istat Membru fejn jinżamm il-kont, li permezz tiegħu għandha tiġi solvuta kull kwistkoni dwar il-prijorità tat-talbiet; huwa ta' l-opinjoni li assi li jaqbżu l-ammont tat-talbiet ta' kreditu, inklużi l-ispejjeż, m'għandhomx jiġu ffriżati;
11. Huwa tal-fehma li hija meħtieġa stqarrija dwar ir-raġunijiet għall-ordni, pereżempju, minħabba r-riskju li l-assi jogħsfru; jinnota li għandu jkun hemm salvagwardji biex jiġi evitat li l-ordnijiet ikopru aktar kontijiet milli jkun meħtieġ;
12. Huwa tal-fehma li għandu jkun hemm bilanċ meqjus bejn id-drittijiet tal-kredituri li jirkupraw id-djun u l-forniment ta' protezzjoni xierqa tal-konvenut;
13. Huwa tal-fehma li fejn kreditur jagħmel li jiġi sekwestrat kont tal-bank mingħajr raġunti tajba, ikun xieraq li huwa ikun responsabbli mill-ħsara li tirriżulta lid-debitur;
14. Jemmen li għandha tingħata informazzjoni biżżejjed biex jiġi identifikat kont, anki jekk dan ikun ifisser li l-banek ikollhom jagħmlu tfittxija fuq l-isem u l-indirizz, liema tfittxija għandha ssir b'kawtela;
15. Iqis li huwa xieraq li tiġi eżaminata l-kwistjoni ta' rimborż ta' l-ispejjeż imġarrba mill-banek fl-iproċessar ta' sekwestru ta' kontijiet;
16. Huwa ta' l-opinjoni li l-kreditur għandu jkun obligat li jagħti bidu għall-proċess prinċipali fi żmien perjodu definit;
17. Huwa tal-fehma li għandha tkun permessa estensjoni jekk il-proċeduri legali ikunu għadhom ma nġhalqux b'mod aħħari, kemm-il darba l-proċeduri jitmexxew bid-diliġenza meħtieġa;
18. Huwa tal-fehma li s-sekwestru ta' kontijiet tal-bank jeħtieġ li jkun suġġett għal limitu kwantitattiv sabiex jiġi evitat li ħafna flus jiġu ffriżati għall-benefiċċju tal-kreditur u sabiex jiġi protett id-debitur;
19. Jisħaq, b' mod partikolari, dwar il-ħtieġa li d-debitur jiġi mħares fis-sens li għandha tiġi evitata ħsara lir-reputazzjoni tiegħu mingħajr ġustifikazzjoni u li għandu jkun iggarantit dak li huwa meħtieġ għall-għixien tiegħu;
20. Jikkunsidra neċessarju bħala miżura għall-protezzjoni tad-debitur u biex jiġi evitat abbuż min-naħa tal-kreditur, li sakemm ma jkunx hemm titolu eżekuttiv mhux appellabbli, il-kreditur għandu jipprovdri garanzija, f'ammont li għandu jkun imsejjes fuq is-somma li għandha tiġi ffriżata;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

21. Jopponi limitu ta' eżenzjoni standard ma' l-UE kollha u jqis li għandu jitħalla fidejn id-debitur li jinvoka il-limitu nazzjonali rispettiv dwar ammonti eżentati mis-sekwestru;
22. Jemmen li d-debitur għandu jkollu l-jedd li jappella u jwaqqaf is-sekwestru billi jipprovi garanzija; b'mod partikolari, fil-każ ta' appell jew talba ta' annullament tad-deċiżjoni tas-sekwestru, il-konvenut ma jistax jitpoġġa f'sitwazzjoni żvantaġġata għal dak li għandu x'jaqsam mal-kriterji u t-tul tal-proċess;
23. Huwa tal-fehma li kontijiet ta' fiduċjarji għandhom ikunu mħarsa b'mod speċjali mis-sekwestri; jikkunsidra li għandu jkun possibbli s-sekwestru ta' kontijiet konġunti suġġett għal garanziji u salvagwardji adegwati fir-rigward tad-drittijiet ta' partijiet terzi apparti d-debitur;
24. Jenfasizza li fir-rigward ta' għoti ta' ordni ta' sekwestru għandu jkun żgurat li jinħolqu standards uniformi ma' l-Unjoni Ewropea għall-komunikazzjoni bejn il-qrati u l-banek (pereżempju, permezz ta' l-użu ta' formoli standardizzati);
25. huwa ta' l-opinjoni li ordnijiet ta' sekwestru għandhom jiġu trażmessi b'mod li jiggarantixxi li jiġu notifikati lill-bank sa l-ewwel jum wara li jintbgħatu u li jiġu proċessati fi żmien 24 siegħa mill-identifikazzjoni tal-kont; jemmen li l-bank għandu jkun meħtieġ li javża b'mod uffiċjali lill-awtoritajiet eżekuttivi u lill-kreditur dwar il-fatt jekk il-fondi tad-debitur ġewx imblukkati; jemmen li l-bank għandu wkoll ikun meħtieġ li jinforma uffiċjalment lid-debitur meta l-ordni ta' sekwestru tidħol fis-seħħ; iqis li jkun tajjeb li jkunu disponibbli avviżi ta' notifika formali standardizzati, disponibbli għal-lingwi uffiċjali kollha ta' l-UE, u b'hekk tiġi eliminata jew titnaqqas il-ħtieġa għal traduzzjonijiet mfassla għal kull każ speċifiku;
26. Huwa ta' l-opinjoni li l-att legali meħtieġ għall-iskopijiet ta' hawn fuq jista' jkun meħtieġ li jieħu l-forma ta' regolament;
27. Jistieden lill-Kummissjoni biex, qabel ma tippreżenta proposta, tiċċara l-kwistjonijiet miftuħa, u f'partijiet minnhom diffiċli, permezz ta' studji fil-fond u estensivi, u b'mod partikolari billi twettaq valutazzjoni dwar l-impatt tal-leġiżlazzjoni;
28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TA(2007)0487

L-attivitajiet ta' l-Ombudsman Ewropew fis-sena 2006

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar ir-rapport annwali li jikkonċerna l-attivitajiet ta' l-Ombudsman Ewropew fis-sena 2006 (2007/2131(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-rapport annwali rigward l-attivitajiet ta' l-Ombudsman Ewropew fl-2006,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 195, 230 u 232 tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 43 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 94/262/KEFA, KE, Euratom, tad-9 ta' Marzu 1994, rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq ta' l-obbligi ta' l-Ombudsman ⁽¹⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15. Deċiżjoni emendata bid-Deċiżjoni 2002/262/KE, KEFA, Euratom, (ĠU L 92, 9.4.2002, p. 13).

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2001 dwar il-modifika ta' l-Artikolu 3 ta' l-Istatut ta' l-Ombudsman ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-ftehim ta' qafas dwar il-koperazzjoni li ġie konkluż bejn il-Parlament Ewropew u l-Ombudsman fil-15 ta' Marzu 2006, u li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' April 2006,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ottubru 2005 dwar 'Setgħa li jkunu adottati u trasmessi komunikazzjonijiet lill-Ombudsman Ewropew u awtorità lill-impjegati ċivili li jidhru quddiem l-Ombudsman Ewropew (SEC(2005)1227),
 - wara li kkunsidra l-ittra ta' l-Ombudsman tal-11 ta' Lulju 2006 indirizzata lill-President tal-Parlament Ewropew, bil-għan li tippromwovi l-proċedura ta' reviżjoni ta' l-istatut ta' l-Ombudsman,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 195(2), it-tieni u t-tielet sentenzi, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A6-0301/2007),
- A. billi r-rapport annwali dwar l-attivitajiet ta' l-Ombudsman Ewropew fis-sena 2006 ġie ppreżentat uffiċjalment lill-President tal-Parlament Ewropew fit-12 Marzu 2007 u billi l-Ombudsman, Is-Sur Nikiforos Diamandouros, ippreżenta r-rapport tiegħu lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fit-2 Mejju 2007 fi Brussell,
- B. billi l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jistipula li "kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi trattat b'mod imparzjali, b'mod ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni",
- C. billi l-Artikolu 195(1) tat-Trattat KE u l-Artikolu 43 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jistipulaw li 'kull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju tagħha reġistrat fi Stat Membru għandhom id-dritt li jirrikorru għand l-Ombudsman Ewropew f'każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet, tal-korpi jew ta' l-aġenziji ta' l-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea meta tkun qed taġixxi fl-irwol ġudizzjarju tagħha',
- D. billi, fil-kuntest taż-żieda tad-demokrazija parteċipatorja fl-Ewropa u ta' komunikazzjoni aħjar ta' l-Unjoni Ewropea liċ-ċittadini tagħha, huwa essenzjali li ċ-ċittadini jirċievu risposti immedjati u sostanzjali għall-mistoqsijiet, l-ilmenti u l-petizzjonijiet tagħhom mill-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej, u billi huwa essenzjali li dawk l-istituzzjonijiet u korpi jirċievu r-riżorsi meħtieġa tal-baġit biex jiżguraw li ċ-ċittadini jirċievu tali tweġibiet fil-ħin u jkunu sostanzjali,
- E. E billi, minkejja li għaddiet leġislatura mill-adozzjoni tar-risoluzzjoni tas-6 ta' Settembru 2001, li fiha l-Parlament approva l-Kodiċi ta' l-Ombudsman Ewropew dwar il-Prattiki Tajba fl-Amministrazzjoni u minkejja li l-leġislatura segwenti għaddiet diġà nofs it-terminu tagħha, l-istituzzjonijiet prinċipali l-oħra ta' l-Unjoni għadhom ma laqgħux l-istedina, li qed issir b'ċertu enfasi, biex iġibu l-prassi tagħhom f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-istess kodiċi,
- F. billi fl-2006 in-numru ta' ilmenti stabbilizza ruħu fil-livell diġà għoli ta' l-2004, aktar minn tliet kwarti ta' tali ilmenti għadhom qed ikunu barra mill-kompetenza ta' l-Ombudsman l-aktar għaliex mhux qed jitressqu kontra istituzzjoni jew entità tal-Komunità,
- G. billi l-95 każ (jiġifieri 26 % tal-każijiet eżaminati) l-investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman ma sabux amministrazzjoni ħażina,

⁽¹⁾ ĠU C 72 E, 21.3.2002, p. 336.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- H. billi l-attivitajiet ta' l-Ombudsman u tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandhom jibqgħu separati u, bħala regola ġenerali, sabiex ikunu evitati kunflitti f'dak li jirrigwarda l-prerogattivi tagħhom, għandhom jinkludu rinviġi reċiproċi tal-fajls rispettivi tagħhom b'effett definittiv,
- I. billi fl-2006 kien hemm tnaqqis sinifikanti fin-numru ta' każijiet ta' amministrazzjoni ħażina li ssovw bonarjament, kif ukoll żieda daqstant sinifikanti ta' investigazzjonijiet li nġhalqu b'kumment kritiku, u rata aktar baxxa ta' aċċettazzjoni ta' l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet ta' l-Ombudsman mill-istituzzjonijiet u entitajiet ta' l-Unjoni Ewropea,
- J. billi la l-kummenti kritiċi fid-deċiżjonijiet li għalqu każijiet bla rimedju ta' amministrazzjoni ħażina, u lanqas ir-rakkomandazzjonijiet jew ir-rapporti speċjali ta' l-Ombudsman m'għandhom effett vinkolanti, peress li l-poteri tiegħu ma jestendux għall-għoti ta' rimedju dirett ta' każijiet ta' amministrazzjoni ħażina, imma huma intenzjonati biex jinkoraġġixxu l-awtoregolamentazzjoni fl-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni Ewropea,
- K. billi t-tressiq ta' rapport speċjali lill-Parlament Ewropew jibqa' l-mezz aħħari ta' l-Ombudsman sabiex jieħu azzjoni meta istituzzjoni tirrifjuta li tikkonforma ma' rakkomandazzjoni ta' l-Ombudsman,
- L. billi mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Nizza il-Parlament gawda mill-istess dritt bħall-Istati Membri, il-Kunsill u l-Kummissjoni biex iressaq azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-bażi ta' inkompetenza, ksur ta' rekwiżit essenzjali ta' proċedura, ksur tat-Trattat KE jew ta' kwalunkwe liġi relatata ma' l-applikazzjoni tiegħu, jew użu ħażin ta' poteri,
- M. billi, fl-2006 l-Ombudsman għamel użu għaqli mill-poteri tiegħu, meta ppreżenta lill-Parlament żewġ rapporti speċjali⁽¹⁾ wara ċ-ċaħda, min-naħa tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ta' l-abbozz ta' rakkomandazzjoni relevanti,
- N. N billi l-approċċ il-ġdid ta' l-Ombudsman fir-rigward tal-Kummissjoni, li jikkonsisti fil-promozzjoni ta' kultura ta' servizz bħala parti integrata tal-prattiki ta' amministrazzjoni tajba u rimedju importanti sabiex azzjonijiet jew imġieba żbaljati jkunu korretti, għandu jkun imwettaq b'mod miftuħ fuq bażi kunsenswali,
- O. billi l-kummenti kritiċi magħmula mill-Ombudsman Ewropew rigward il-41 każ ta' amministrazzjoni ħażina msemmija fir-rapport ta' l-2006 (osservazzjonijiet kritiċi, rakkomandazzjonijiet u rapporti speċjali) jistgħu jservu bħala bażi sabiex fil-futur tkun evitata r-ripetizzjoni ta' żbalji u tħaddim ħażin billi jittieħdu u jiġu implimentati miżuri xierqa mill-istituzzjonijiet u minn korpi oħra ta' l-UE,
- P. billi l-koperazzjoni volontarja stabbilita mill-Ombudsman fin-Network Ewropea ta' l-Ombudsman ħadmet għal aktar minn għaxar snin bħala sistema flessibbli għall-iskambju ta' informazzjoni u ta' l-aħjar prattika u bħala mezz sabiex isiru lmenti lill-Ombudsman u lill-korpi simili oħra li huma l-aktar kapaċi jindirizzawhom,
- Q. billi l-irwol ta' l-Ombudsman bħala tutur taċ-ċittadin Ewropew żviluppa wara aktar minn għaxar snin ta' attività, wara l-ħolqien ta' l-Uffiċċju tiegħu, grazzi għall-indipendenza tiegħu u għall-iskrutinju fuq it-trasparenza ta' l-operat tiegħu, mwettaq b'mod demokratiku mill-Parlament Ewropew,
- R. billi l-Ombudsman iddikjara li għandu l-volontà li juża l-poteri tiegħu ta' inizjattiva proprja meta jsir ilment lill-Ombudsman minn ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti barra l-UE li foqsmha oħra jkunu fl-ambitù tal-mandat tiegħu,

⁽¹⁾ Rapport Speċjali mill-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew wara l-abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropew fir-rigward ta' l-ilmenti 1487/2005/GG u Rapport Speċjali mill-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew wara l-abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropew fir-rigward ta' l-ilmenti 289/2005/(WP)GG.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- S. billi fit-30 ta' Novembru 2006 l-Ombudsman u l-Kontrollur tal-Protezzjoni tad-Data iffirmaw Memorandum ta' Ftehim rigward il-koperazzjoni u l-modalitajiet ta' l-eżerċizzju tal-poteri rispettivi tagħhom,
- T. billi fost il-prinċipji kardinali ta' l-integrazzjoni Ewropea hemm dak ta' l-ugwaljanza demokratika taċ-ċittadini Ewropej kollha, mingħajr diskriminazzjoni fuq bażi ta' nazzjonalità jew lingwa, u li r-rapporti għadhom numerużi min-naħa taċ-ċittadini, ta' l-assoċjazzjonijiet jew l-impriżi li ma kisbux l-informazzjoni mitluba fil-lingwa tagħhom rigward proċedura komunitarja ta' appalt jew ta' kompetizzjoni,
- U. billi f'Lulju 2006 l-Ombudsman tenna t-talba tiegħu biex jikseb emendament ta' l-Istatut ta' l-Ombudsman u billi waħda mit-talbiet tiegħu, rigward l-emenda ta' l-Artikolu 3 ta' l-Istatut diġà kienet approvata mill-Parlament Ewropew fuq il-bażi tar-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2001 msemmija hawn fuq,
1. Japprova r-rapport annwali għall-2006 ippreżentat mill-Ombudsman Ewropew u japprova il-forma li fih ġie ppreżentat, fejn ġew ikkombinati sommarju ta' l-attivitajiet tas-sena u flimkien ma' analiżi tematika tad-deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman u tal-problemi imqajjma fil-fażijiet differenti tal-proċedura; madankollu jistieden lill-Ombudsman sabiex jintroduċi bidliet tekniċi sabiex il-qari tal-kapitli varji, bħal tabelli għall-istatistika u sommarji għas-sezzjoni analitika jkun aktar faċli;
 2. Jistieden sabiex l-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej kollha jingħataw r-riżorsi meħtieġa tal-baġit sabiex jiżguraw li ċ-ċittadini jirċievu tweġibiet immedjati u sostantivi għall-mistoqsijiet, l-ilmenti u l-petizzjonijiet tagħhom;
 3. Jikkunsidra li l-Ombudsman kompli jeżerċita l-poteri tiegħu b'mod bilanċjat u dinamiku, kemm f'dak li jirrigwarda l-eżaminazzjoni u t-trattament ta' l-ilmenti, kif ukoll it-tmexxija u l-konklużjoni ta' l-investigazzjonijiet, u fiż-żamma ta' relazzjonijiet kostruttivi ma' l-istituzzjonijiet u l-entitajiet ta' l-Unjoni Ewropea u t-tweġiġ liċ-ċittadini sabiex jisħqu fuq id-drittijiet tagħhom quddiem l-amministrazzjoni pubblika Komunitarja;
 4. Jinkoraġġixxi lill-Ombudsman Ewropew sabiex ikompli bl-isforzi tiegħu u jippromwovi l-attivitajiet tiegħu b'mod effettiv u flessibbli sabiex f'għajnejn iċ-ċittadin huwa jkun jirrappreżenta l-gwardjan ta' amministrazzjoni tajba fl-istituzzjonijiet Ewropej;
 5. Jenfasizza li l-oġettiv prinċipali ta' l-intervent ta' l-Ombudsman huwa li jilħaq riżoluzzjoni amikevoli bejn ir-rikorrent u l-istituzzjoni, biex b'hekk jevita kawża fil-qrati;
 6. Jaqbel li t-terminu 'amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet jew entitajiet tal-Komunità' għandu jkun interpretat b'mod wiesa' biex jinkludi mhux biss atti amministrattivi illegali jew ksur ta' regoli jew prinċipji legali mandatorji, imma jinkludi wkoll, bħala eżempju, każijiet fejn l-awtoritajiet amministrattivi tgħażżnu, kienu negliġenti jew urew nuqqas ta' trasparenza jew kiseru prinċipji oħra ta' amministrazzjoni tajba;
 7. Jinkoraġġixxi lill-Ombudsman sabiex ikompli jippromwovi kultura ġenwina ta' servizz bħala komponent integrali ta' Prattika amministrattiva tajba sabiex jiżgura li l-amministrazzjoni pubblika ta' l-Unjoni Ewropea tkun immirata lejn il-ftuħ u d-djalogu mal-membri tal-pubbliku li jużaw is-servizzi tagħhom, jirri-konoxxu u jiskużaw ruħhom għal żbalji u jfittxu soluzzjonijiet sodisfaċenti għal ilmenti;
 8. Jikkunsidra li mhux biżżejjed li wħud mill-istituzzjonijiet jew entitajiet Komunitarji oħra, primarjament il-Kummissjoni u l-Kunsill, adottaw kodiċijiet separati ta' mġieba amministrattiva tajba: fil-każ tal-Kummissjoni, il-kodiċi tat-13 ta' Settembru 2000 għar-relazzjonijiet ta' l-istaff tagħha mal-pubbliku, u fil-każ tal-Kunsill, il-kodiċi tal-25 ta' Ġunju 2001 għar-relazzjoni professjonali ta' l-istaff tiegħu mal-pubbliku;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

9. Jinnota li l-Kodiċi Ewropew ta' Mgieba Amministrattiva Tajba' propost mill-Ombudsman Ewropew u approvat mill-Parlament Ewropew fis-6 ta' Settembru 2001 jkopri l-istaff ta' l-istituzzjonijiet u l-entitajiet Komunitarji kollha, u b'differenza mill-kodiċijiet l-oħra, ġie aġġornat regolament u ppubblikat fuq il-website ta' l-Ombudsman;
10. Jenfasizza li l-effikazja tiegħu ġiet spjegata *erga omnes* lill-President tal-Parlament mill-Ombudsman b'ittra tal-11 ta' Marzu 2002 li ġiet ukoll ippublikata fuq il-website ta' l-Ombudsman; għalhekk jikkunsidra li ebda kodiċi ieħor applikabbli f'ambitu ristrett ma jista jissostitwixxi jew jidderoga mill-kodiċi ta' mġieba "Ewropew";
11. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet kollha sabiex jikkoperaw b'mod kostruttiv ma' l-Ombudsman fil-fażijiet kollha tal-proċeduri, u sabiex jonoraw soluzzjonijiet amikevoli, ikun hemm segwitu għall-kummenti kritiċi, u japplikaw l-abbozzi ta' rakkomandazzjoni tiegħu;
12. Jinkuraġġixxi lill-Ombudsman sabiex kull sena jagħmel lista ta' l-aħjar Prattiki amministrattivi u lista ta' dawk li ma jikkonformawx mad-deċiżjonijiet tiegħu, u biex jippreżenta studju dwar ir-riżultat tal-kummenti kritiċi;
13. Iħeġġeġ lil dawk suġġetti ta' kummenti kritiċi sabiex jirrispettaw u jikkunsidraw dawk il-kummenti fl-azzjonijiet futuri tagħhom, sabiex ikunu evitati kwalunkwe każijiet ta' inkonsistenza bejn id-dikjarazzjonijiet uffiċjali u l-azzjonijiet jew in-nuqqas amministrattivi;
14. Ifakkar lill-istituzzjonijiet u lill-entitajiet komunitarji kollha dwar l-obbligi tagħhom skond ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 rigward l-aċċess mill-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni⁽¹⁾, li għandu jkun applikat b'mod effettiv minn ta' l-inqas sabiex il-proposta ta' reviżjoni li bħalissa qed tiġi eżaminata, tkun kredibbli, kif ukoll dawk li joħorġu mid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta' l-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data⁽²⁾;
15. Jerġa' jistieden lill-Kummissjoni sabiex tuża b'mod tajjeb il-poteri ta' diskrezzjoni tagħha biex tagħti bidu għal proċedura ta' ksur skond l-Artikolu 226 tat-Trattat KE jew biex tipproponi penali skond l-Artikolu 228 tat-Trattat KE, filwaqt li tevita b'attenzjoni kbira dewmien jew nuqqas ta' azzjoni li mhux ġustifikata, li huma inkompatibbli mal-poteri tal-Kummissjoni għas-sorveġjanza ta' l-applikazzjoni tal-Liġi Komunitarja;
16. Jikkunsidra li, jekk istituzzjoni tirrifjuta li ssegwi rakkomandazzjoni f'rapport speċjali ta' l-Ombudsman minkejja li l-Parlament kien approva dik ir-rakkomandazzjoni, il-Parlament jista', b'mod leġittimu, juża l-poteri tiegħu biex iressaq azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja rigward att jew nuqqas li kien suġġett ta' rakkomandazzjoni ta' l-Ombudsman;
17. Jistieden lill-istituzzjonijiet u l-entitajiet Komunitarji kollha kif ukoll lir-rappreżentanti permanenti ta' l-Istati Membri sabiex jikkoperaw biex ikun hemm trasparenza u rispett tar-regoli ta' amministrazzjoni tajba msemmija f'dan ir-rapport, mingħajr ma jittgħu r-responsabbiltà fuq iċ-ċentri ta' poter, bħall-Presidenza tal-Kunsill jew ta' Kunsill Superjuri ta' l-Iskejjel Ewropej, li huwa diffiċli li jiġu kkontrollati mill-Ombudsman;
18. Jitlob lill-Uffiċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal sabiex jassigura r-rispett effettiv u sħiħ tar-regoli u l-prattiki stabbiliti fir-rigward tat-trasparenza tal-proċeduri tal-kompetizzjonijiet, partikolarment f'dak li jirrigwarda l-aċċess tal-kandidati għal informazzjoni li tirrigwardhom dwar l-eżamijiet ikkoreġuti, dwar l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni lingwistika u sabiex ma jaharbox mir-responsabbiltajiet tagħhom billi jirrifera għad-deċiżjonijiet meħuda mil-bordijiet ta' l-għażla;

(¹) ĠU L 145, 31.5.2001, p.43.

(²) ĠU L 281, 23.11.1995, p.31. Direttiva kif emendata mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

19. Jilqa' tajjeb id-dikjarazzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew dwar l-intenzjoni tiegħu li jittratta l-attivitajiet ta' self tal-Bank Ewropew għall-Investment (BEI) barra l-UE billi juża l-poteri tiegħu ta' inkjesta, u jinnota li l-Ombudsman se jkollu bżonn jevalwa u jiżgura l-kapaċità interna li jaffronta l-ilmenti f'dak ir-rigward;
20. Jistieden lill-Ombudsman sabiex jikkunsidra l-konklużjoni ta' Memorandum ta' Ftehim mal-Bank Ewropew ta' l-Investment (BEI) dwar il-metodi ta' koperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet f'dak li jirrigwarda l-eżerċizzju tal-poteri ta' l-Ombudsman li jinvestiga lmenti rigward każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-BEI, u huwa tal-fehma li l-BEI huwa l-aħjar pożizzjoni biex b'mod attiv jinforma liċ-ċittadini affettwati mill-proġetti ffinanzjati mill-Bank dwar il-possibilità li jsir ilment lill-Ombudsman, inkluż fil-każ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti barra l-UE;
21. Jilqa' l-fatt li l-Ombudsman jista' jmxxi inkjesti rigward l-imġieba ta' korpi li qed joperaw taħt it-tielet pilastru ta' l-UE,
22. Jinnota li l-Ombudsman ippreżenta żewġ rapporti speċjali hawn fuq imsemmija, li minnhom wieħed diġà kellu effett utli u l-ieħor se jiġi eżaminat fil-Parlament; jappoġġa l-konklużjonijiet indirizzati mill-Ombudsman lill-Presidenza tal-Kunsill rigward il-ħtieġa li jkunu applikati regoli konsistenti dwar il-lingwi użati mill-Presidenzi tal-Kunsill u dwar il-ħtieġa li jkun iċċarat l-istatus tal-Presidenza bħala parti mill-Kunsill bħala istituzzjoni;
23. Kieku jilqa' l-issikkar tal-proċeduri parlamentari interni sabiex fil-futur jiggarantixxu pproċessar mhaf-fef tar-rapport annwali ta' l-Ombudsman mill-Kumitat Parlamentari għall-Petizzjonijiet;
24. Iħeġġeġ lill-Ombudsman sabiex jippreżenta lill-Parlament it-talbiet li jqis xierqa biex jittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni bejn is-servizzi reċiproki u tissaħħaħ il-koperazzjoni, fil-qafas stabbilit mill-Artikolu 1 tal-Ftehim ta' Qafas dwar il-koperazzjoni tal-15 ta' Marzu 2006, b'referenza partikolari għas-settur tal-komunikazzjoni, ta' l-informazzjoni teknoloġika u tat-traduzzjoni;
25. Jinsab kuntent li nżammu relazzjonijiet kostruttivi mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament, kemm fir-rigward tal-parteċipazzjoni ta' l-Ombudsman fil-laqgħat tal-Kumitat kif ukoll fir-rigward tar-rispett reċiprodu tal-kompetenzi u l-prerogattivi; għalhekk jistieden lill-Ombudsman sabiex jippreżenta, fil-ħin, lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, il-pożizzjoni tiegħu dwar l-investigazzjonijiet l-aktar importanti, mibdiya mill-uffiċju tiegħu, sabiex jintlaħqu sinerġiji utli;
26. Jikkonferma l-parir favorevoli tiegħu, li esprima fl-2001, dwar it-talba għall-emendament ta' l-Istatut ta' l-Ombudsman fir-rigward ta' l-aċċess għad-dokumenti u s-smieġh tax-xhieda, billi jilqa' l-prinċipju li t-tibdil mitlub sussegwentement iservi sabiex ikunu ċċarati l-poteri ta' l-Ombudsman, fid-dawl ta' l-eżiġenzi li dejjem qed jikbru fil-qadi ta' dmirijietu u l-fatt li fil-prattika, l-istituzzjonijiet prinċipali Ewropej diġà aċċettaw il-biċċa l-kbira minnhom;
27. Jenfasizza li dawn il-bidliet m'għandhomx jaffettwaw il-bażi u n-natura ta' l-irwol ta' l-Ombudsman bħala gwardjan ta' l-interessi taċ-ċittadin fir-rigward ta' l-amministrazzjoni pubblika ta' l-Unjoni Ewropea;
28. Jirrikonoxxi l-kontribut utli tan-Network Ewropew ta' l-Ombudsman, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, fl-iżgurar ta' rimedji extra-ġudizzjarji;
29. Jinkoraġġixxi l-konsultazzjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, b'mod konġunt man-Network Ewropew ta' l-Ombudsman, sabiex ikunu risolti l-kwistjonijiet li diġà ġew trattati bħala suġġett ta' petizzjonijiet;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

30. Jilqa' l-partiċipazzjoni li dejjem qed tikber tal-midja fl-ippubblikar tal-ħidma ta' l-Ombudsman, u jfaħħar l-istrateġija ta' komunikazzjoni adottata mill-Ombudsman bl-użu ta' mezzi varji biex iċ-ċittadin ikun infurmat u titqajjem kuxjenza, billi jkun hemm għajnuna fl-istabbilizzazzjoni ta' varjetà ta' forom ta' djalogu sabiex iċ-ċittadini jressqu aktar qrib ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni Ewropea, li għalhekk, fuq medda ta' żmien, għandha twassal għal aktar għarfien tad-drittijiet ta' iċ-ċittadini u tal-kompetenzi tal-Komunità, kif ukoll għal aktar fehim ta' l-ambitu ta' kompetenza ta' l-Ombudsman;

31. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Ombudsman Ewropew, lill-gvernijiet u lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-Ombudsman tagħhom u lill-korpi kompetenti simili.

P6_TA(2007)0488

Iran

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar l-Iran

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Iran, b'mod partikolari dawk dwar id-drittijiet tal-bniedem,
 - wara li kkunsidra l-Istqarrija Universali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li għalihom kollha l-Iran huwa stat kontraenti,
 - wara li kkunsidra d-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u l-Iran,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-President tiegħu dwar it-tħaġġir sal-mewt ta' raġel fl-Iran u d-Dikjarazzjoni tal-Presidenza ta' l-UE u d-dikjarazzjoni tal-Kummissarju Ferrero-Waldner dwar it-tħaġġir sal-mewt tas-Sur Jafar Kiani,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjonijiet mill-Presidenza f'isem l-UE tal-25 ta' Mejju 2007 u tat-3 ta' Awwissu 2007 dwar il-kundanna għall-mewt ta' Sian Paymard, il-kundanni għall-mewt ta' Adnan Has-sanpour u Abdolvahed "Hiva" Botimar, l-eżekuzzjoni imminenti tas-Sur Behnam Zare u l-kundanna għall-mewt tas-Sur Ali Mahin Torabi,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi s-sitwazzjoni fir-Repubblika Islamika ta' l-Iran rigward l-eżerċizzju tad-drittijiet ċivili u l-libertajiet politiċi marret għall-aġar f'dawn l-aħħar sentejn, b'mod partikolari mill-elezzjonijiet presidenzjali ta' Ġunju 2005 'l hawn, minkejja l-fatt li l-Iran impenja ruħu biex jippromwovi u jghares id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali skond l-istrumenti internazzjonali varji f'dan il-qasam,
- B. billi n-numru ta' eżekuzzjonijiet fl-Iran, inkluż dawk ta' minorenni u omosesswali, ta' sikwit imwettqa fil-pubbliku bil-forka jew bit-tħaġġir, żdied b'mod drammatiku, u tella' n-numru ta' eżekuzzjonijiet irreġistrati mill-bidu ta' l-2007 għal ta' l-inqas 244⁽¹⁾, numru li jaqbeż il-177 eżekuzzjoni rreġistrata fl-2006,
- C. billi l-Assemblea Ġenerali tan-NU, tul it-62 sessjoni tagħha fl-2007, se tivvota fuq riżoluzzjoni li ssejjaħ għal moratorju globali fuq l-eżekuzzjonijiet, li għandu jkun introdott bħala pass lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt,

⁽¹⁾ Sors: Amnesty International kif kien irreġistrat sat-18 t'Ottubru 2007.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- D. billi riċentement, għall-ewwel darba, ġurnalisti — Adnan Hassanpour u Abdolvahed Botimar — kienu kkundannati għall-mewt,
- E. billi għadha mifruxa l-prattika tat-tortura u t-trattament ħażin tal-primunieri, il-primunierija f'ċellel wahid-hom, id-detenzjoni klandestina, l-applikazzjoni ta' kastigi krudili, inumani u degradanti u l-impunità ta' l-aġenti ta' l-istat,
- F. billi hemm numru dejjem jikber ta' intelletwali li qed ikunu arrestati u billi riċentement il-mewġa ta' ripressjoni kienet estiża għal persuni b'ċittadinanza doppja, li jiffaċċjaw l-iktar akkużi serji ta' kollaborazzjoni ma' qawwiet barranin jew spjunaġġ,
- G. billi diversi attivisti li huma parti mill-moviment għad-drittijiet tan-nisa qed ikunu, jew kienu, imħarrka għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-kampanja 'miljun firma', kampanja bl-għan li tikseb ir-revoka ta' liġijiet li jiddiskriminaw kontra n-nisa u li tippjana li tissottometti dawk il-miljun firem quddiem il-Parlament Nazzjonali (Majlis),
- H. billi l-Iran għadu mhux stat kontraenti tal-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa tan-NU,
- I. billi f'Ġunju 2007 l-awtoritajiet Iranjani riċentement ħadu azzjoni ripressiva ħarxa kontra żewġ organizzazzjonijiet ta' l-istudenti f'Tehran; billi dan irriżulta f'arrest, għalkemm numru minn dawn l-istudenti kienu sussegwentement illiberati bi pleġġ; billi barra minn hekk l-Assoċjazzjoni ta' Alunni ta' l-Iran kienet magħluqa, bi ksur tal-liġi Iranjana u ta' l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem dwar id-dritt li wieħed jissieħeb f'xi għaqda,
- J. billi wara l-introduzzjoni tal-linji gwida ta' proċedura għall-pubblikazzjoni mill-Ministeru tal-Kultura u l-Gwida Islamika ssaħħet iċ-ċensura, il-ġurnalisti qed ikunu dejjem aktar ippersegwitati u mitfugħa l-ħabs, waqt li fl-istess ħin il-mezzi tax-xandir qed jingħalqu b'mod regolari mill-awtoritajiet,
- K. billi r-ripressjoni tal-moviment trejdjunjistiku żdiedet, bl-arrest ta' mexxejja magħrufa bħal Mansour Osanlou, il-president tas-Sindakat tal-Ħaddiema tal-Kumpannija tal-Karozzi tal-Linja ta' Tehran u s-Subborgi (SWTBC), u l-vice tiegħu, Ebrahim Madadi, kif ukoll Mahmoud Salehi, l-ex president ta' l-Għaqda tal-Furnara,
- L. billi l-minoranzi qed ikunu dejjem aktar diskriminati u ppersegwitati minħabba r-reliġjon jew l-oriġini etnika tagħhom, b'mod partikulari fir-reġjuni tal-fruntieri (Kurdistan, Khuzestan, Sistan-Baluchistan, Azerbajġan), u billi dan jinkludi l-issuktar tad-detenzjoni tagħhom u l-kundanni għall-mewt ta' uħud mill-membri tagħhom,
- M. billi l-membri tal-komunitajiet reliġjużi tal-Baha'i ma jistgħux jeżerċitaw il-fidi, huma esposti għall-persekuzzjoni iebsa u huma mċaħħda minn kważi kull dritt ċivili (eż. dritt għall-propjetà, aċċess għall-edukazzjoni oġhla) u billi s-siti reliġjużi tagħhom qed ikunu vvandalizzati,
- N. billi l-Iranjani li fittxew l-ażil u li ntbagħtu lura lejn l-Iran minn pajjiżi terzi ikunu friskju serju ta' persekuzzjoni, kif deher mill-każ riċenti ta' Rasool Ali Mezrea, membru ta' l-Organizzazzjoni għall-Liberazzjoni Al Ahwaz li kien mhedded bl-eżekuzzjoni wara li ntbagħt lura b'mod sfurzat mis-Sirja, minkejja l-istatus tiegħu ta' rifuġjat rikonoxxut mill-UNHCR,
1. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar id-deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran tul dawn l-aħħar snin; jappella lill-awtoritajiet Iranjani biex jonoraw l-obbligi tagħhom skond l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-istrumenti relatati rratifikati mill-Iran billi jippromwovu l-valuri universali u jagħtu lil kullħadd id-dritt li jeżerċita d-drittijiet ċivili u l-libertajiet politiċi;
2. Jikkundanna bil-qawwa l-eżekuzzjoni permezz tat-tħaġġir tas-Sur Jafar Kiani fil-5 ta' Lulju 2007 fir-rahil ta' Aghchekand (Provinċja ta' Qazvin) u jitlob lill-awtoritajiet Iranjani biex jimplementaw il-moratorju li ddikjaraw fuq it-tħaġġir; jitlob bil-qawwa li l-Kodiċi Penali Islamiku ta' l-Iran ikun irrifurmat biex jitneħħa t-tħaġġir;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

3. Jinsab imħasseb ħafna dwar iż-żieda drammatika fir-ripressjoni tal-movimenti tas-soċjetà ċivili fl-Iran tul din l-aħħar sena; jitlob lill-awtoritajiet Iranjani biex iġibu fit-tmiem ir-ripressjoni ħarxa kontra d-difensuri tad-drittijiet tan-nisa, l-ttivistu tal-kampanja għall-'miljun firma', il-movimenti ta' l-istudenti, id-difensuri tad-drittijiet tal-minoranzi, l-intelletwali, l-għalliema, il-ġurnalisti, il-bloggisti u t-trejdjunjonisti;
4. Ifakkar lill-Gvern ta' l-Iran fl-obbligi tiegħu, bħala firmatarju tal-Pattijiet Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, biex iħares id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, b'mod partikulari l-libertà ta' l-opinjoni, u jitlob li jinħelsu l-priġunieri tal-kuxjenza kollha;
5. Huwa xxukjat minn numru dejjem jiżdied ta' eżekuzzjonijiet irreġistrati, b'ħafna minnhom ikun ġew soġġetti għal proċessi ġuridiċi inġusti;
6. Jitlob lill-Iran biex jirrispetta bis-sħiħ il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali tiegħu u biex jagħti d-dritt għal proċess ġust lill-individwi kollha, b'mod partikulari billi jippermettilhom l-aċċess għal avukat mill-bidu tal-proċess ġuridiku; iħeġġeġ biex tingħata għajnuna medika xierqa bla kundizzjonijiet lil dawk il-priġunieri li saħħithom mhix tajba;
7. Jikkundanna bil-qawwa l-kundanni għall-mewt u l-eżekuzzjonijiet fl-Iran, b'mod partikulari dawk imposti u/jew imwettqa fuq delinkwenti żgħażaġh u minorenni, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet Iranjani biex jirrispettaw is-salvagwardji legali rikonoxxuti internazzjonalment rigward il-minorenni bħall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tan-NU;
8. Jitlob lill-awtoritajiet Iranjani biex jimplementaw il-projbizzjoni fuq it-tortura li kienet imħabbra mill-Kap tal-Ġudikatura f'April 2004;
9. Jitlob lill-Parlament Iranjan biex jemenda l-Liġi ta' l-Istampa u l-Kodiċi Penali u biex jagħmilhom konformi mal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, u b'mod partikulari biex jirrevoka d-dispożizzjonijiet kriminali kollha li jittrattaw l-espressjoni ta' opinjonijiet b'mod paċifiku, inkluż fl-istampa;
10. Jitlob li l-ħafna organi ta' l-istampa li kienu mġiegħla jagħlqu jew ġew iċċensurati jiġu permessi jaħdmu skond ir-regoli stabbiliti tal-libertà ta' l-istampa;
11. Jitlob lill-awtoritajiet Iranjani biex iħaffu l-proċess ta' investigazzjoni fl-imwiet suspettużi u l-qtal ta' intelletwali u attivisti politiċi, biex l-awturi allegati jittellgħu quddiem qorti;
12. Jappella lill-membri tal-Majlis biex urġentement jemendaw il-Kodiċi Penali sabiex jittrasformaw il-moratorju fuq it-tgaġġir fi projbizzjoni definittiva, u biex jadottaw leġiżlazzjoni li tagħmel illegali l-eżekuzzjoni ta' delinkwenti żgħażaġh u l-impożizzjoni tal-piena tal-mewt għall-atti omosesswali jew adulterju;
13. Jitlob lill-awtoritajiet Iranjani biex jimplementaw is-salvagwardji kollha meħtieġa f'każijiet ta' piena tal-mewt u biex jillimitaw l-ambitu ta' reati li għalihom tapplika, bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt; jistieden lill-poplu Iranjan biex jappoġġja l-kampanja bit-titolu 'Inwaqqfu l-Piena tal-Mewt: id-Dinja tiddeċiedi' mibdiya mill-Koalizzjoni Dinjija kontra l-Piena tal-Mewt (WCADP) u organizzazzjonijiet non governattivi oħra;
14. Jitlob lill-awtoritajiet Iranjani biex jirrispettaw is-salvagwardji legali rikonoxxuti fir-rigward ta' persuni minn minoranzi reliġjużi, kemm jekk huma rikonoxxuti uffiċjalment u kemm jekk le; jikkundanna n-nuqqas ta' rispett attwali tad-drittijiet tal-minoranzi u jitlob li l-minoranzi jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet kollha mogħtija mill-Kostituzzjoni Iranjani u l-liġi internazzjonali; jitlob ukoll lill-awtoritajiet biex jeliminaw kull forma ta' diskriminazzjoni għal raġunijiet reliġjużi jew etniċi kontra persuni minn minoranzi, bħall-Kurdi, l-Ażeri, l-Għarab, il-'Baluchis' u l-Baha'i; b'mod partikulari jitlob li titneħħa l-projbizzjoni *de facto* fuq il-prattika tal-fidi Baha'i;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

15. Jitlob lill-awtortajiet Iranjani biex jeħilsu mingħajr kundizzjonijiet lill-priġunieri tal-kuzjenza kollha, b'mod partikulari il-ġurnalisti Emadeddin Baghi, Ako Kurdnasab, Ejlal Ghavami, Mohammad Sadegh Kaboudvand, Said Matinpour, Adnan Hassanpour, Abdolvahed Botimar, Kaveh Javanmard u Mohammad Hassan Fallahieh, it-trejdjunjonisti Mansour Osanlou, Ebrahim Madadi u Mahmoud Salehi, u l-istudenti Ehsan Mansouri, Majid Tavakoli u Ahmad Ghassaban; tikkundanna l-arrest u l-priġunija tad-difensur tad-drittijiet tal-bniedem, it-Tabib Sohrab Razzaghi fl-24 ta' Ottubru 2007, u teżiġi li jiġi mehluq immedjatement u mingħajr kundizzjonijiet;
16. Ihegġegħ lill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti biex tivvota fuq riżoluzzjoni li b'mod espliċitu u deċiżiv tikkundanna l-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fl-Iran u biex tadotta miżuri urġenti biex twaqqaf il-mewġa reċenti ta' eżekuzzjonijiet fl-Iran;
17. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jissorveljaw mill-qrib l-iżviluppi fl-Iran u biex iqajmu każijiet konkreti ta' abbuż tad-drittijiet tal-bniedem; jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jippreżentaw rapporti dwar l-immonitorjar tal-qagħda fl-Iran;
18. Jipproponi li jerġa' jibda d-Djalogu bejn l-UE u l-Iran dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li ilu wieqaf minn Ġunju 2004;
19. Itenni l-apoġġ tiegħu għal dawk l-organizzazzjonijiet u l-individwi kollha fl-Iran li jfittxu d-djalogu fil-ġlieda tagħhom għad-drittijiet demokratiċi;
20. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tagħmel mill-aħjar biex tappoġġja l-iskambji akkademiċi, soċjoekonomiċi, kulturali u tas-soċjetà ċivili bejn l-Ewropa u l-Iran fl-interess ta' djalogu miftuħ, b'mod partikulari permezz ta' Strument ġdid għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem;
21. Jitlob lill-Istati Membri ta' l-UE sabiex ma jkeċċux lil persuni Iranjani li qed ifittxu kenn, fosthom dawk li huma ppersegwitati fuq il-bażi ta' l-orjentazzjoni sesswali tagħhom, u jitlob lill-Greċja biex ma tibgħatx lil Mohammad Hassan Talebi, Mohammad Hossein Jaafari u Vahid Shokoohi Nia lura lejn l-Iran;
22. Jagħi istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tas-CFSP, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kunsill tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Kap tal-Qorti Suprema Statali ta' l-Iran u lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika Islamika ta' l-Iran.

P6_TA(2007)0489

Pakistan**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar il-Pakistan**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Pakistan, b'mod partikulari r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2007 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Ftehma ta' Koperazzjoni ta' l-24 ta' Novembru 2001 bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Pakistan dwar Sħubija u Żvilupp,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-24 ta' Mejju 2007 dwar il-Kashmir ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ Testi Adottati P6_TA(2007)0351.

⁽²⁾ Testi Adottati P6_TA(2007)0214.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- A. billi Benazir Bhutto, il-President għal Ħajjitha tal-Partit tal-Poplu tal-Pakistan (PPP) irritornat fil-Pakistan fit-18 ta' Ottubru 2007; billi r-ritorn tas-Sinjura Bhutto f'Karachi kien immarkat b'attakk orribbli ta' bomba fejn mietu iktar minn 130 persuna u ndarbu iktar minn 500 persuna; u billi l-klima diġà fraġli ta' qabel l-elezzjoni fil-Pakistan sahnat iktar minħabba dan l-attakk,
- B. billi falla wkoll attentat minn Nawaz Sharif, il-President tal-Lega Musulmana tal-Pakistan, biex jirritorna fil-Pakistan, minħabba li hu kien imġiegħel iħalli l-pajjiż immedjatament kif wasal,
- C. billi hemm sinjali ċari ta' militarizzazzjoni tal-Pakistan u ta' irwol dejjem jikber tas-servizzi sigrieti, li qed ikomplu jeżerċitaw influwenza konsiderevoli ħafna fuq il-politika, il-gvern u l-ekonomija tal-Pakistan,
- D. billi l-leġiżlatura parlamentari ta' bħalissa tispiċċa fil-15 ta' Novembru 2007 u l-elezzjonijiet ġenerali ġew imħabbra fil-Pakistan għal nofs Jannar 2008,
- E. billi biex terġa' tiddaħħal id-demokrazija hemm bżonn li l-poter ikun trasferit lura lil gvern ċivili,
- F. billi fis-17 ta' Ottubru 2007 l-Qorti Suprema tal-Pakistan kompliet tisma' l-kwistjoni dwar jekk il-ħatra tal-President Musharraf hijiex konformi mal-Kostituzzjoni, u mistennija tgħaddi l-ġudizzju tagħha dal-waqt,
- G. billi l-Unjoni Ewropea tipprovdi finanzjament sinifikanti lill-Pakistan biex jittaffa l-faqar, għas-saħħa u għall-edukazzjoni pubblika,
1. Jikkundanna bil-qawwa l-attakk b'bomba suwiċida kontra l-mexxej ta' l-oppożizzjoni u n-nies ċivili; jitlob lill-gvern tal-Pakistan biex jieħu passi immedjati biex jagħmel investigazzjoni bir-reqqa u indipendenti dwar dan l-attakk sabiex daww kollha responsabbli jitressqu quddiem il-ġustizzja;
 2. Jestendi l-ikbar simpatija tiegħu lill-poplu tal-Pakistan u speċjalment lill-familji ta' daww kollha maqtula u midruba b'dan l-att ta' min jistmellu;
 3. Jafferma mill-ġdid is-solidarjetà tiegħu mal-poplu tal-Pakistan li jaqsam l-oġġettivi ta' governanza demokratika u regoli trasparenti u ta' responsabilità u li jaġixxi b'kuraġġ u determinazzjoni quddiem vjo-lenza terroristika u kriminali;
 4. Iħeġġeġ lill-Pakistan biex josserva l-prinċipji mħaddna fil-Ftehma ta' Koperazzjoni fuq imsemmija, b'mod partikulari l-klawsola tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem;
 5. Jikkundanna bil-qawwa t-tluq sfurzati tal-Prim Ministru preċedenti Nawaz Sharif lejn l-Għarabja Sawdija fl-10 ta' Settembru 2007 minkejja sentenza tal-Qorti Suprema tal-Pakistan li tippermetti r-ritorn tiegħu fil-Pakistan;
 6. Jitlob lill-gvern tal-Pakistan, bħala kundizzjoni minn qabel għal elezzjonijiet demokratiċi, biex jippermetti r-ritorn tal-mexxejja politiċi kollha biex jiġġieldu l-forzi estremisti fil-pajjiż u jikkontribwixxu biex jiġi stabbilit gvern leġittimu permezz ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti, li jieħu post id-dittatorjat militari attwali;
 7. Itenni t-talba tiegħu li l-gvern proviżorju li se jkun hemm irid ikun newtrali u jerġa' jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li l-kompożizzjoni tal-gvern proviżorju hi deċiża mill-President Musharraf waħdu;
 8. Jiddeplora xi proċeduri reċenti tal-Qorti Superjuri fil-Pakistan li jagħtu lok għal tħassib serju dwar in-nuqqas ta' l-istat tad-dritt; jistieden lill-gvern tal-Pakistan biex ma jindaħalx politikament u biex jirrispetta l-indipendenza tal-ġudikatura;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

9. Jiddeplora n-nuqqas tal-President Musharraf milli jħalli postu bħala Kap tal-Persunal ta' l-Armata qabel ma joħroġ bħala kandidat u jkun elett president, kif kien qabel li jagħmel f'wegħda lill-UE; itenni t-talba tiegħu li għandu jagħmel hekk qabel ma jieħu l-kariga; jinnota li n-nuqqas tiegħu li jaġixxi kellu effett negattiv fuq il-kredibilità tal-Presidenza fil-Pakistan;
10. Jikkundanna l-arrest arbitrarju ta' membri ta' l-oppożizzjoni meta huma kkritikaw lill-President Musharraf u jħeġġeġ lill-gvern biex jaċċetta u jimplementa d-direttiva tal-Qorti Suprema biex jieqaf l-għejbien ta' avversarji politiċi;
11. Iħeġġeġ li l-Pakistan jirritorna għal gvern demokratiku billi jkun hemm elezzjonijiet ħielsa, ġusti u trasparenti f'Janar 2008 u jwissi kontra l-impożizzjoni ta' l-istat ta' emerġenza jew ta' miżuri oħra biex titrażżan il-libertà tal-kelma, ta' assoċjazzjoni, ta' assemblea jew ta' moviment; iħeġġeġ lill-gvern tal-Pakistan biex jipprovdi lill-partijiet kollha aċċess ugwali għall-midja;
12. Iħeġġeġ lill-Pakistan biex jieħu azzjoni immedjata biex jirrestrinġi l-influwenza ta' l-armata fis-soċjetà kollha kemm hi; jistieden lill-Gvern Pakistan biex jirrispetta tranżizzjoni għal stat ċivili u biex isaħħaħ l-istituzzjonijiet demokratiċi bħala l-uniku mod possibbli biex ikun hemm risposta għall-isfidi fis-soċjetà tal-Pakistan; jerġa' jħeġġeġ lill-gvern biex jillimita l-irwol u l-influwenza ta' l-armata u ta' gruppi oħra armati u biex jirritorna s-setgħa lill-istituzzjonijiet demokratiċi;
13. Hu mħasseb dwar ir-rapporti ta' oppressjoni kontinwa ta' minoritajiet reliġjużi bħal Kristjani, Buddisti, Hindus, Sikhs u Ahmadis u l-użu ta' liġijiet dwar id-dagħa kontrihom;
14. Jistieden lill-gvern tal-Pakistan biex jieħu azzjoni immedjata biex iwaqqaf tali repressjonijiet ibbażati fuq ir-reliġjon u biex jiżgura l-integrità u s-sikurezza tal-minoritajiet kollha billi jingħataw protezzjoni legali u politika ġenwina u effettiva; jistieden lill-Pakistan biex jirrifirma l-liġijiet dwar id-dagħa, li huma użati ħażin b'mod wiesa'; iħeġġeġ lill-gvern tal-Pakistan biex jipprovdi protezzjoni xierqa għall-avukati u għal dawk li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem li jiffaċċjaw theddid minħabba li jkun qad jiddefendu lil dawk akkużati b'dagħa; iħeġġeġ lill-gvern tal-Pakistan biex jipprovdi protezzjoni xierqa lill-komunitajiet reliġjużi vulnerabbli u komunitajiet oħra f'minoranza li jiffaċċjaw theddid ta' konverżjoni sfurzata u intimidazzjoni vjolenti minn estremisti;
15. Jistieden lill-awtoritajiet Pakistani biex jirrevokaw l-Ordinanzi Hudood, li wasslu għall-priġunerija ta' mijiet ta' nisa;
16. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-UE se tagħmel monitoraġġ ta' l-elezzjonijiet parlamentari fil-Pakistan u li l-Parlament se jipparteċipa fil-missjoni ta' osservatur; hu mħasseb dwar il-possibilità li n-nisa Pakistani ma jkunux jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-proċess demokratiku minħabba li tkun meħtieġa kwalifika akkademika bħala kundizzjoni minn qabel biex wieħed joħroġ għall-elezzjoni, li se teskludi 70% tan-nisa Pakistani; jitlob li titneħħa din ir-restrizzjoni;
17. Jirrikonoxxi l-isforzi li l-Pakistan qed jagħmel biex jirreżisti l-qawmien ta' gruppi terroristiċi; juri dispjaċir li l-fteħima li ntlaħqet biex ikun evitat iktar konflitt fit-Tramuntana ta' Waziristan ma kinitx suċċess; jistieden lill-gvern biex jiġġieled il-vjolenza mill-ġdid relatata mar-ribelljoni permezz ta' miżuri proporzjonati u biex jimponi l-istat tad-dritt u jestendi drittijiet ċivili u politiċi għal din iż-żona;
18. Jitlob, b'attenzjoni partikulari għar-ribelljoni kontinwa f'Balochistan, li l-armata ma tappoġġjax partiti Islamiċi sabiex jiġu miġġielda l-forzi Baloch sekulari u Pashtun moderati; jitlob ukoll għar-rilaxx tal-priġunieri politiċi kollha, inklużi dawk taħt il-kustodja ta' aġenziji ta' intelliġenza li tmur kontra l-liġi;
19. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess universali għall-edukazzjoni pubblika u monitoraġġ effettiv tal-madrassas biex ikun evitat il-kontroll minn estremisti; jistieden lill-gvern tal-Pakistan biex jimplementa l-wegħda preċedenti tiegħu fir-rigward ta' attendenza ta' studenti barranin fil-madrassas;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

20. Jitlob lill-Istati Membri biex jirrispettaw il-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-UE dwar l-Esportazzjonijiet ta' Armi;
21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvern tal-Pakistan.

P6_TA(2007)0490**Sudan****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar is-Sudan***Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu ta' qabel dwar il-qagħda fid-Darfur, b'mod partikulari r-riżoluzzjoni tas-27 ta' Settembru 2007 ⁽¹⁾;
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni ta' l-Assemblea Parlamentari Konġunta bejn l-ACP u l-UE dwar il-qagħda fid-Darfur, adottata f'Wiesbaden fit-28 ta' Ġunju 2007,
 - wara li kkunsidra l-Kunsens ta' Tripli dwar il-Proċess Politiku għad-Darfur, adottat fi Tripli fit-28 u d-29 ta' April 2007,
 - wara li kkunsidra d-deċiżjoni ta' l-Unjoni Afrikana (UA) ta' April 2004 li twaqqaf il-Missjoni ta' l-Unjoni Afrikana fis-Sudan (AMIS),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 1706 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU li tipproponi forza taż-żamma tal-paċi ta' 22,000 ruħ għad-Darfur,
 - wara li kkunsidra l-Istatut tal-Qorti Kriminali Internazzjonali rigward il-missjonijiet internazzjonali taż-żamma tal-paċi,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 1778 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tal-25 ta' Settembru 2007, li tipprovdi li tintbagħat preżenza internazzjonali multi-dimensjonali fiċ-Ċad tal-Lvant u fir-Repubblika Afrikana Ċentrali (CAR) li tikkonsisti minn missjoni tan-NU (MINURCAT), forza tal-pulizija taċ-Ċad imħarrġa min-NU u operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea (EUFOR),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Reġoli tal-Poċedura,
- A. billi fit-30 ta' Settembru 2007, forzi mhux identifikati attakkaw bażi ta' l-Unjoni Afrikana (UA) f'Hasakanita, fid-Darfur tan-Nofsinhar, u qatlu 10 membri tal-forza taż-żamma tal-paċi ta' l-UA u tal-pulizija ċivili, u mill-inqas tmien membri oħra ta' l-istaff mill-Missjoni ta' l-Unjoni Afrikana fis-Sudan (AMIS) sfaw feruti gravi u madwar 40 persuna baqgħu ma nsatbux, skond stqarrijiet ta' l-UA,
- B. billi dan kien l-agħar każ ta' telfa ta' ħajja li seħħ sa issa fil-forza ta' l-UA li għandha nuqqas ta' riżorsi,

⁽¹⁾ Testi Adottati, P6_TA(2007)0419.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- C. billi ż-żieda fil-vjolenza fin-Nofsinhar tad-Darfur fl-aħħar ġimgħat wasslet għall-qtil ta' tliet sewwieqa tal-Programm Dinji għall-Ikel (WFP) u wasslet biex il-grupp Médecins Sans Frontières ineħħi l-istaff tiegħu mill-belt ta' Muhajiriya u b'hekk ħafna nies li kienu sfurzati jħallu djarhom baqgħu mingħajr kura medika;
- D. billi l-forza ta' l-AMIS fid-Darfur bħalissa hija magħmula minn madwar 7000 suldat u pulizija ċivili, u kważi hija l-unika forza fid-Darfur li ttiprovdi protezzjoni ċivili; billi operazzjoni ibrida ta' l-UA u n-NU ta' 26,000 membru, UNAMID, ġiet awtorizzata f'Lulju 2007 u għandha ma ntbagħtitx,
- E. billi l-missjoni ta' l-AMIS kienet li tissorvelja l-Ftehim ta' Paċi għad-Darfur u diversi ftehimiet oħra ta' waqfien mill-ġlied,
- F. billi l-attakki fuq l-istaff ta' l-AMIS żdiedu dan l-aħħar u, minn meta l-forza ntbagħtet fl-2004, aktar minn 25 suldat u membru ta' l-istaff inqatlu u għexieren sfaw midruba,
- G. billi minn wara l-falliment tal-Ftehim ta' Paċi għad-Darfur żdiedu l-illegalità u n-nuqqas ta' sigurtà,
- H. billi l-forza UNAMID, mhux bħall-osservaturi ta' l-UA bħalissa, hija awtorizzata li tintervjeni b'mod attiv biex issalva l-ħajjiet,
- I. billi se jkun hemm b'żonn ta' sena jew aktar qabel mal-missjoni taż-żamma tal-paċi tilħaq is-saħħa sħiħa tagħha,
1. Jinsab immnikket u xxukkjat bl-imwiet vjolenti u bis-serq madwar il-bliet ta' Haskanita u Muhajiriya,
 2. Jikkundanna bis-sħiħ il-qtil ta' 10 membri tal-forza taż-żamma tal-paċi ta' l-UA fid-Darfur, u jqis li dan huwa krimini tal-gwerra li għandu jiġi investigat fil-pront mill-UA u min-NU;
 3. Jiddeplora n-nuqqas ta' sigurtà li dejjem qed jaggrava fir-reġjun, kif deher minn dawn l-atti vjolenti u kif ġie rrapportat mid-Darfur minn osservaturi internazzjonali u NGOs;
 4. Jitlob li jieqfu immedjatament l-ostilitajiet u l-attakki fuq l-AMIS, fuq il-persuni ċivili u fuq l-aġenziji umanitarji, l-istaff u l-assi tagħhom u l-konvojs li jwasslu l-għajjnuna;
 5. Jitlob lill-Gvern tas-Sudan u lill-gruppi ribelli biex jikkoperaw b'mod sħiħ ma' inkjesta indipendenti dwar l-attakk ikrah ġo Haskanita u biex iressqu lil kull min kien involut quddiem il-qorti;
 6. Jenfasizza li jrid jiġi stabbilit x'għara minn daww il-membri tal-forza taż-żamma tal-paċi li għadhom ma nstabux, u jitlob li l-grupp responsabbli mill-attakk immedjatament jagħti kont ta' fejn jinsabu;
 7. Jiddeplora l-fatt li l-attakk seħħ fil-mument meta l-UA u n-NU qed jagħmlu sforz massimu biex ikompli t-taħditiet dwar il-paċi fid-Darfur fil-Libja fis-27 ta' Ottubru ta' din is-sena; iħeġġeġ li tintbagħat forza ta' l-UNAMID fid-Darfur biex tgħin sabiex jintemm il-kunflitt tad-Darfur;
 8. Jenfasizza li l-iġijiet konvenzjonali dwar il-gwerra jipprojbixxu l-attakki kontra l-istaff u l-oġġetti involuti fil-missjonijiet internazzjonali taż-żamma tal-paċi, sakemm dawn ma jkunux involuti direttament fl-ostilitajiet;
 9. Jilqa' b' sodisfazzjon il-fatt li l-Gvern tas-Sudan aċċetta l-forza UNAMID fit-12 ta' Ġunju 2007; ifakkar, madankollu, li l-Gvern tas-Sudan qabel kien ħa impenji lil ma wettaqx biex jagħti l-permess lill-forza ibrida li tidħol fis-Sudan; jitlob li l-forza UNAMID tintbagħat malajr, b'mandat li jħalliha tippoteġi l-persuni ċivili b'mod effiċjenti, u jitlob lin-NU biex iwettqu l-impenn tagħhom u jipprovdu t-truppi li ġew imwiegħda;

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

10. Ifakkar lill-Gvern tas-Sudan li huwa għandu l-akbar sehem fir-responsabilità għas-sigurtà interna u li m'għandux jaħrab minn din ir-responsabilità u jħalliha fidejn il-komunità internazzjonali;
11. Jitlob lill-Istati Membri ta' l-UE u lin-NU biex jimmobilizzaw, mingħajr aktar dewmien, appoġġ politiku, finanzjarju, loġistiku u tekniku, flimkien ma' tipi oħra ta' appoġġ fosthom staff speċjalizzat għall-AMIS u għall-UNAMID, sabiex l-intervent jitlesta fwaqtu sa l-aħħar ta' Diċembru 2007; iħeġġeġ lill-Gvern tas-Sudan biex jaċċetta l-appoġġ u t-truppi min-nazzjonijiet kollha u biex jagħmel l-aħjar tiegħu biex jiffaċilita t-twettiq tal-mandati tagħhom;
12. Jenfasizza li t-truppi tan-naħat kollha u l-istaff, il-vetturi u l-assi tagħhom għandhom ikunu jingħarfu mill-ħaddiema ta' l-għajnuna umanitarja sabiex tiġi żgurata n-newtralità stretta tagħhom u jiġu evitati l-attakki militari;
13. Jitlob lill-Kummissjoni biex iżżomm lill-Parlament infurmat dwar kwalunkwe progress magħmul dwar l-użu xieraq ta' l-għajnuna finanzjarja tagħha lill-AMIS u b'mod partikulari l-ħlas ta' salarji u allowances ta' kuljum lis-soldati ta' l-AMIS;
14. Jitlob lill-UE, lin-NU u lill-UA biex jingħaqdu fl-isforzi tagħhom biex isolvu l-kufliet fid-Darfur u biex jagħtu prijorità lil proċess komprensiv ta' paċi permezz ta' djalogu politiku mal-partijiet kollha konċernati;
15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri ta' l-UE, lill-Gvern u lill-Parlament tas-Sudan, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Kaprijiet ta' l-Istat u tal-Gvern tal-Lega Għarbija, lill-gvernijiet tal-pajjiżi ta' l-ACP, lill-Assemblea Parlamentari Konġunta bejn l-ACP u l-UE u lill-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Afrikana.

P6_TA(2007)0491

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-25 ta' Ottubru 2007 dwar il-Kumpanija Privata Ewropea u l-Erbatax-il Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji dwar it-trasferiment tas-sede tal-kumpanija

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 192 u 232 tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 2005,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar 'L-Immodernizzar tal-Liġijiet tal-Kumpaniji u t-Titjib tal-Governanza tal-Kumpaniji — fl-Unjoni Ewropea — Pjan biex nimxu 'l quddiem(COM(2003) 0284),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-4 ta' Lulju 2006 dwar żviluppi riċenti u prospettivi rigward il-liġi tal-kumpaniji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Frar 2007 dwar l-istatut tal-kumpanija privata Ewropea ⁽²⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 303 E, 13.12.2006, p.114.

⁽²⁾ Testi Adottati, P6_TA(2007)0023.

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2007

- wara li kkunsidra l-Mistoqsija Orali tiegħu O-0042/07 ppreżentata mill-kumitat tiegħu għall-Affarijiet Legali dwar l-istat attwali fil-proċedimenti leġiżlattivi fuq l-Istatut tal-kumpanija Privata Ewropea' u l-“Erbatax-il Direttiva tal-Liġi tal-Kumpaniji”,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni rilevanti tal-Kummissjoni li saret fis-seduta plenarja kurrenti,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 39(5) u 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-qafas regolatorju ta' l-UE għal-liġi tal-kumpaniji u t-governanza tal-kumpaniji hemm bżonn li jiġi adattat sabiex jikkunsidra it-tendenza dejjem tiżdied li kumpaniji Ewropej joperaw b'mod transkonfinali ġewwa l-UE u ta' l-integrazzjoni kontinwa tas-swieq Ewropej,
1. Jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni li se tippreżenta proposta leġiżlattiva dwar l-Istatut tal-Kumpanija Privata Ewropea sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2008;
 2. Jilqa' din it-tħabbira tal-Kummissjoni b'mod partikulari fid-dawl tar-riżoluzzjoni tal-Parlament ta' l-1 ta' Frar 2007 u ta' l-Artikolu 192 tat-Trattat dwar talbiet mill-Parlament lill-Kummissjoni għat-tressiq ta' kwalunkwe proposta leġiżlattiva xierqa;
 3. Jenfasizza li jippretendi li din il-proposta leġiżlattiva tkun formalment inkluża fil-Programm ta' Leġiżlazzjoni u ta' Ħidma għall-2008;
 4. Jafda li l-Kummissjoni ma tonqosx milli taġixxi u li se tippreżenta proposta qabel sa l-iskadenza tat-30 ta' Ġunju 2008 kif imħabbar;
 5. Jiddispijaċi li l-Kummissjoni, wara dewmien konsiderevoli, issa nformat lill-Parlament li m'għandhiex l-intenzjoni li tagħmel proposta leġiżlattiva għall-Erbatax-il Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji rigward it-Trasferiment tas-Sede,
 6. Jirriserva d-dritt, madankollu, li jieħu azzjoni ulterjuri fir-rigward tal-kwistjoni tat-trasferiment transkonfinali tas-sede tal-kumpaniji;
 7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.
-